# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 345

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 63

16 ta' Ottubru 2020


Werrej

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

SESSJONI 2018–2019

Dati tas-seduti: 22-25 ta' Ottubru 2018

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 324, 27.9.2019.*

*It-testi adottati tal-24 ta' Ottubru 2018 rigward il-kwittanzi għall-baġit tal-2016 ġew ippublikati fil-ĠU L 331, 28.12.2018.*

TESTI ADOTTATI

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**


2020/C 345/01 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar ir-rwol tal-Parteċipazzjoni Finanzjarja tal-Impjegati fil-ħolqien tal-impjiegi u fir-riattivazzjoni tal-persuni qiegħda (2018/2053(INI)) . . . . . 2


**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**


2020/C 345/02 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 × MON 810 (MON-ØØ6Ø3-6 × MON-ØØ81Ø-6) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (D058360/01 – 2018/2872(RSP)) . . . . . 8

2020/C 345/03 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn, tlieta jew erbgħa mill-eventi uniċi MON 87427, MON 89034, 1507, MON 88017 u 59122, u tħassir tad-Deċiżjoni 2011/366/UE (D058361/01 – 2018/2873(RSP)) . . . . . 13


MT

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**


2020/C 345/04 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE – L-irkupru ta' flus u assi minn pajjiżi terzi f'każijiet ta' frodi (2018/2006(INI)) . . . 19

2020/C 345/05 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar iż-żieda fil-vjolenza neofaxxista fl-Ewropa (2018/2869(RSP)) . . . 22

2020/C 345/06 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar it-trattament xieraq tal-annimali, l-użu tal-antimikrobiċi u l-impatt ambjentali tat-trobbija industrijali tat-tiġieġa tas-simna (2018/2858(RSP)) . . . 28

2020/C 345/07 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima 2018 f'Katowice, il-Polonja (COP24) (2018/2598(RSP)) . . . 32

2020/C 345/08 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar l-14-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (COP14) (2018/2791(RSP)) . . . 45

2020/C 345/09 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-politiki tal-impjieg u soċjali taż-żona tal-euro (2018/2034(INI)) . . . 49

2020/C 345/10 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar l-użu tad-data tal-utenti ta' Facebook minn Cambridge Analytica u l-impatt fuq il-protezzjoni tad-data (2018/2855(RSP)) . . . 58

2020/C 345/11 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-qtil tal-ġurnalist Jamal Khashoggi fil-konsulat Sawdi f'Istanbul (2018/2885(RSP)). . . . 67

2020/C 345/12 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar is-sitwazzjoni fil-Baħar ta' Azov (2018/2870(RSP)) . . . 71

2020/C 345/13 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela (2018/2891(RSP)) . . . 74

2020/C 345/14 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tad-diplomi (2018/2838(RSP)) . . . 78

2020/C 345/15 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-varar tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi fl-Unjoni Ewropea: wasal iż-żmien li naġixxu! (2018/2023(INI)) . . . 80

2020/C 345/16 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar l-isfruttar tal-globalizzazzjoni: aspetti kummerċjali (2018/2005(INI)) . . . 86


---

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**


2020/C 345/17 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar it-talba għal konsultazzjoni dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' Alfonso Luigi Marra (2018/2058(IMM)) . . . 98

2020/C 345/18 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Manolis Kefalogiannis (2017/2133(IMM)) . . . . . . . . . . 101

2020/C 345/19 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 216/2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (14463/2017 – C8-0412/2018 – 2017/0039(APP)) . . . . . . . . . . 103

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

2020/C 345/20 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Steeve Briois (2018/2075(IMM)) . . . . . . . . . . 104

2020/C 345/21 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Sophie Montel (2018/2076(IMM)) . . . . . . . . . . 106

2020/C 345/22 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Georgios Kyrtsos (2018/2041(IMM)) . . . . . . . . . . 108

---

III *Atti preparatorji*

**IL-PARLAMENT EWROPEW**

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

2020/C 345/23 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12389/2017 – C8-0173/2018 – 2017/0169(NLE)) . . . . . . 110

2020/C 345/24 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Mauritius dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12396/2017 – C8-0177/2018 – 2017/0167(NLE)) . . . . . . . . . . 111

2020/C 345/25 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Antigua u Barbuda li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u Antigua u Barbuda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12383/2017 – C8-0174/2018 – 2017/0171(NLE)) . . . . . . . . . . 112

2020/C 345/26 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12393/2017 – C8-0176/2018 – 2017/0176(NLE)) . . . . . . 113

2020/C 345/27 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Barbados li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u Barbados dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12386/2017– C8-0175/2018 – 2017/0179(NLE)) . . . . . . . . . . 114

2020/C 345/28 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12399/2017 – C8-0172/2018 – 2017/0168(NLE)) . . . . . . 115

2020/C 345/29 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni ppreżentata mill-Portugall – EGF/2018/002 PT/Norte – Centro – Lisboa wearing apparel) (COM(2018)0621 – C8-0399/2018 – 2018/2223(BUD)) . . . . . . . . . . . . . 116

2020/C 345/30 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għall-ħatra tad-Direttur Amministrattiv tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (N8-0100/2018 – C8-0423/2018 – 2018/0903(NLE)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 120

2020/C 345/31 Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għall-ħatra ta' Viċi Direttur Amministrattiv tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (N8-0101/2018 – C8-0424/2018 – 2018/0904(NLE)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 121

2020/C 345/32 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni) (COM(2017)0753 – C8-0019/2018 – 2017/0332(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . 122

2020/C 345/33 P8_TA(2018)0398

Ir-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u r-riżorsi għall-investiment għat-tkabbir u l-impjiegi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u li jikkoreġi dak ir-Regolament fir-rigward tar-riżorsi għall-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi (COM(2018)0498 – C8-0307/2018 – 2018/0265(COD))

P8_TC1-COD(2018)0265

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u tar-riżorsi għall-għan tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 198

2020/C 345/34 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-allinjament tal-obbligi ta' rapportar fil-qasam tal-politika ambjentali u b'hekk jemenda d-Direttivi 86/278/KEE, 2002/49/KE, 2004/35/KE, 2007/2/KE, 2009/147/KE u 2010/63/UE, ir-Regolamenti (KE) Nru 166/2006 u (UE) Nru 995/2010, u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u (KE) Nru 2173/2005 (COM(2018)0381 – C8-0244/2018 – 2018/0205(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 199

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

2020/C 345/35 Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019 (11737/2018 – C8-0410/2018 – 2018/2046(BUD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 221

| | | |
|---|---|---|
| 2020/C 345/36 | Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar appoġġ għal riformi strutturali fi Stati Membri (COM(2017)0826 – C8-0432/2017 – 2017/0336(COD)) | 234 |
| 2020/C 345/37 | Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-varar fl-Irlanda tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika (11265/2018 – C8-0388/2018 – 2018/0808(CNS)) | 235 |
| 2020/C 345/38 | Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-varar fl-Irlanda tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar id-DNA (11282/2018 – C8-0389/2018 – 2018/0809(CNS)) | 236 |
| 2020/C 345/39 | Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-varar fil-Kroazja tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika (11284/2018 – C8-0390/2018 – 2018/0810(CNS)) | 237 |
| 2020/C 345/40 | Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-24 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent (COM(2018)0340 – C8-0218/2018 – 2018/0172(COD)) | 238 |
| 2020/C 345/41 | P8_TA(2018)0412<br><br>L-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntieri ***I<br><br>Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntieri, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (COM(2016)0882 – C8-0533/2016 – 2016/0408(COD))<br><br>P8_TC1-COD(2016)0408<br><br>Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 | 284 |
| 2020/C 345/42 | P8_TA(2018)0413<br><br>L-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ***I<br><br>Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (COM(2016)0883 – C8-0530/2016 – 2016/0409(COD))<br><br>P8_TC1-COD(2016)0409<br><br>Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE | 285 |

2020/C 345/43 P8_TA(2018)0414

L-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment (COM(2016)0881 – C8-0532/2016 – 2016/0407(COD))

P8_TC1-COD(2016)0407

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'soġġorn illegali . . . . . . . . . . . 286

2020/C 345/44 Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 92/83/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (COM(2018)0334 – C8-0269/2018 – 2018/0173(CNS)) . 288

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

2020/C 345/45 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-importazzjoni ta' beni kulturali (COM(2017)0375 – C8-0227/2017 – 2017/0158(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 290

2020/C 345/46 P8_TA(2018)0420

L-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju, u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (COM(2014)0557 – C8-0142/2014 – 2014/0256(COD))

P8_TC1-COD(2014)0256

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, ir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku u d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 334

2020/C 345/47 P8_TA(2018)0421

Prodotti mediċinali veterinarji ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti mediċinali veterinarji (COM(2014)0558 – C8-0164/2014 – 2014/0257(COD))

P8_TC1-COD(2014)0257

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 335

2020/C 345/48 P8_TA(2018)0422

Il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf medikat ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf medikat u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/167/KEE (COM(2014)0556 – C8-0143/2014 – 2014/0255(COD))

P8_TC1-COD(2014)0255

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf medikat, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/167/KEE . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 336

2020/C 345/49 P8_TA(2018)0423

Il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (COM(2017)0275 – C8-0171/2017 – 2017/0114(COD))

P8_TC1-COD(2017)0114

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 337

2020/C 345/50 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija (COM(2017)0653 – C8-0393/2017 – 2017/0291(COD)) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 374

2020/C 345/51 Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (COM(2018)0149 – C8-0126/2018 – 2018/0074(COD) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 419

2020/C 345/52 P8_TA(2018)0426

Il-post tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fir-rigward tal-post tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea (COM(2017)0734 – C8-0420/2017 – 2017/0326(COD))

P8_TC1-COD(2017)0326

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (EU) Nru 1093/2010 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fir-rigward tal-post tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 452

2020/C 345/53 P8_TA(2018)0427

Il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (COM(2017)0735 – C8-0421/2017 – 2017/0328(COD))

P8_TC1-COD(2017)0328

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini . . . . . . 456

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att)

Emendi tal-Parlament:

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.

# IL-PARLAMENT EWROPEW

SESSJONI 2018–2019

Dati tas-seduti: 22-25 ta' Ottubru 2018

*Il-Minuti ta' din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 324, 27.9.2019.*

*It-testi adottati tal-24 ta' Ottubru 2018 rigward il-kwittanzi għall-baġit tal-2016 ġew ippublikati fil-ĠU L 331, 28.12.2018.*

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2018)0400

## Ir-rwol tal-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fil-ħolqien tal-impjiegi u fir-riattivazzjoni tal-persuni qiegħda

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar ir-rwol tal-Parteċipazzjoni Finanzjarja tal-Impjegati fil-ħolqien tal-impjiegi u fir-riattivazzjoni tal-persuni qiegħda (2018/2053(INI))**

(2020/C 345/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jirrikjedi lill-UE tippromwovi livell għoli ta' impjiegi, tiggarantixxi protezzjoni soċjali xierqa, tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali kif ukoll tiżgura livell għoli ta' edukazzjoni, taħriġ u protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 2015 dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Ġunju 2016 bl-isem "Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva" (COM(2016)0356),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu 2014 bl-isem "Il-Finanzjament fit-Tul tal-Ekonomija Ewropea" (COM(2014)0168),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2012 bl-isem "Pjan ta' Azzjoni: Id-dritt soċjetarju Ewropew u l-governanza korporattiva – qafas legali modern għal azzjonisti aktar impenjati u kumpaniji sostenibbli" (COM(2012)0740),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2012 bl-isem "Att dwar is-Suq Uniku II – Flimkien għal tkabbir ġdid" (COM(2012)0573),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 bl-isem "Ewropa 2020: strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol [1],

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 2008 bl-isem "Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir – Att dwar in-Negozji ż-Żgħar" għall-Ewropa (COM(2008)0394) u l-Programmi ta' Ħidma tal-Kummissjoni tal-2008 u l-2009,

[1] ĠU L 307, 18.11.2008, p. 11.

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Marzu 2006 bl-isem "L-implimentazzjoni tal-Programm Komunitarju ta' Liżbona għat-Tkabbir u l-Impjiegi: Trasferiment tan-Negozji – Kontinwità bis-saħħa ta' bidu ġdid" (COM(2006)0117),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2002 bl-isem "Qafas għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati" (COM(2002)0364) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-5 ta' Ġunju 2003 ([1]) dwarha,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) tal-21 ta' Ottubru 2010 dwar il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fl-Ewropa,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2013 dwar informazzjoni lill-ħaddiema u konsultazzjoni tal-ħaddiema, antiċipazzjoni u ġestjoni tar-ristrutturar ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Jannar 2014 dwar il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fir-rikavat tal-kumpaniji ([3]), u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (2013/2127(INI)),

— wara li kkunsidra l-istudju mitlub mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali tal-Parlament bl-isem "Il-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati fir-rikavat tal-kumpaniji", li ġie ppubblikat f'Settembru 2012,

— wara li kkunsidra r-Rieżami ta' Nofs it-Terminu tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali COM(2017)0292, ippubblikat fit-8 ta' Ġunju 2017,

— wara li kkunsidra l-proġett pilota tal-Kummissjoni bl-isem il-"Promozzjoni tas-sjieda u l-parteċipazzjoni tal-impjegati", li l-verżjoni finali tiegħu ġiet ippubblikata fl-2014,

— wara li kkunsidra r-Rapport PEPPER IV, bl-isem "Benchmarking of employee participation in profits and enterprise results in the member and candidate Countries of the European Union" (Benchmarking tal-parteċipazzjoni tal-impjegati fil-profitti u r-riżultati tal-intrapriżi fil-pajjiżi membri u kandidati tal-Unjoni Ewropea), li ġie ppubblikat f'Ottubru 2009 mill-Università Ħielsa ta' Berlin,

— wara li kkunsidra r-Rapport PEPPER III, bl-isem "Promotion of employee participation in profits and enterprise results in the New Member and Candidate Countries of the European Union" (Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-impjegati fil-profitti u r-riżultati tal-intrapriżi fil-pajjiżi membri ġodda u dawk kandidati tal-Unjoni Ewropea), li ġie ppubblikat f'Ġunju 2006 mill-Università Ħielsa ta' Berlin,

— wara li kkunsidra r-rapport tat-18 ta' Diċembru 2003 tal-grupp ta' livell għoli ta' esperti indipendenti dwar ostakoli transnazzjonali għat-tkabbir tal-parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati f'intrapriżi transnazzjonali,

— wara li kkunsidra r-Rapport PEPPER II, bl-isem "Promotion of participation by employed persons in profits and enterprise results (including equity participation) in Member States" (Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni mill-persuni impjegati fil-profitti u r-riżultati tal-intrapriżi (inkluża l-parteċipazzjoni fil-kapital) fl-Istati Membri), li ġie ppubblikat mill-Kummissjoni f'Jannar 1997 (COM(1996)0697),

— wara li kkunsidra r-Rapport PEPPER I, bl-isem "Promotion of employee participation in profits and enterprise results" (Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-impjegati fil-profitti u r-riżultati tal-intrapriżi), li ġie ppubblikat f'Marzu 1991 mill-Kummissjoni u l-Istitut Universitarju Ewropew,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A8-0293/2018),

A. billi hemm diversi mudelli ta' parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati (EFP) li minnhom jista' jagħżel min iħaddem: qsim tal-profitti, pjanijiet ta' sjieda ta' ishma għall-impjegati, sjieda ta' ishma għall-ħaddiema f'mudelli kooperattivi u pjanijiet ta' sjieda ta' stokks għall-impjegati (ESOPs);

B. billi l-aktar mudell tal-EFP xieraq fil-parti l-kbira jrid jintgħażel b'attenzjoni mill-kumpanija individwali u l-ħaddiema tagħha filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-kuntest speċifiku tar-regoli ta' tassazzjoni nazzjonali u settorjali, u fil-biċċa l-kbira jiddependi fuq id-daqs, l-attività u l-istatus tal-kumpanija, speċjalment jekk din tkun elenkata; billi mhuwiex xieraq li jiġi żviluppat mudell komprensiv "wieħed tajjeb għal kulħadd" għall-EFP fil-livell tal-UE;

([1]) ĠU C 68 E, 18.3.2004, p. 429.
([2]) ĠU C 440, 30.12.2015, p. 23.
([3]) ĠU C 482, 23.12.2016, p. 41.

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

C. billi, skont id-data mill-Istħarriġ Ewropew tal-Kumpaniji tal-2013 ([1]), l-iskemi tal-EFP jistgħu jvarjaw ħafna skont il-karatteristiċi tal-kumpanija; billi 62 % tal-istabbilimenti Ewropej jużaw xi forma ta' paga varjabbli, bil-kondiviżjoni tal-profitti fi 30 % tal-każijiet u bil-paga marbuta mal-prestazzjoni tal-grupp f'25 % tal-każijiet; billi skemi ta' sjieda ta' ishma qed jintużaw minn 5 % tal-istabbilimenti; billi dawn l-iskemi EFP huma aktar prevalenti fis-settur privat milli fis-settur pubbliku (b'xi eċċezzjonijiet nazzjonali) kif ukoll f'ċerti setturi ekonomiċi, b'mod partikolari t-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjonijiet, il-finanzi, l-assigurazzjoni u l-konsulenza; billi huwa aktar probabbli li kumpaniji akbar jużaw dawn l-iskemi EFP minn intrapriżi żgħar u medji, u dawn l-iskemi huma wkoll ħafna aktar komuni f'kumpaniji ta' kapital barrani jew multinazzjonali u f'kumpaniji li jinstabu f'reġjuni ekonomikament ([2]) ċentrali jew avvanzati;

D. billi l-ESOPs huma forma ta' EFP li jużaw entità intermedja kapaċi teżerċita drittijiet tal-vot jew forom oħra ta' governanza f'isem l-impegati, li jistgħu jagħżluhom fuq bażi volontarja;

E. billi l-iskemi tal-EFP li jinvolvu lill-ħaddiema f'konsultazzjoni jew fit-teħid ta' deċiżjonijiet urew ([3]) li huma ta' benefiċċju kemm għall-impjegati kif ukoll għall-kumpanija inkluż f'termini ta' governanza sostenibbli, trasparenza, djalogu soċjali, rispett reċiproku bejn l-impjegati u min iħaddem, u aspetti oħra bħar-reklutaġġ, iż-żamma, il-motivazzjoni, is-sodisfazzjoni fl-impjieg u l-iżvilupp tal-ħiliet, kif ukoll il-prestazzjoni globali u l-profittabbiltà;

F. billi l-parteċipazzjoni tal-impjegati fit-teħid tad-deċiżjonijiet tista' ttejjeb il-prestazzjoni organizzazzjonali u l-kwalità tal-ħajja tax-xogħol tal-impjegati, u billi tista' taġixxi bħala għodda għall-innovazzjoni fuq il-post tax-xogħol ([4]) biex tippromwovi sens ta' sjieda, ittejjeb il-fluss tal-informazzjoni fil-kumpanija u ttejjeb il-livelli ta' fiduċja bejn min iħaddem u l-impjegati;

G. billi l-iskemi tal-EFP jista' jkollhom impatti pożittivi fuq l-ekonomija tal-Istati Membri minħabba li jappoġġaw lill-kumpaniji inkluż lill-SMEs u s-suq tax-xogħol; billi l-parteċipazzjoni finanzjarja tal-ħaddiema fil-kumpanija tagħhom tista' tikkontribwixxi għas-sodisfazzjon fl-impjieg, is-sens ta' sjieda, ir-rispett reċiproku bejn min iħaddem u l-impjegati u għall-prestazzjoni globali, u tista' tgħin lill-impjegati jsibu opportunitajiet f'pajjiżhom;

H. billi, fil-kuntest tal-iżvilupp tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU), l-EFP tista' tikkontribwixxi għall-objettivi tas-CMU ta' tkabbir inklużiv u ta' trasparenza fl-attività ekonomika; billi l-EFP, jekk tkun marbuta ma' taħriġ għal parteċipanti pprovdut mill-kumpaniji u mill-Istati Membri, tista' ttejjeb l-edukazzjoni finanzjarja fost iċ-ċittadini tal-UE, u b'hekk potenzjalment tnaqqas ir-riluttanza tagħhom li jinvestu, u potenzjalment iżżid l-investiment fil-livell tal-konsumatur;

I. billi l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi u l-Istrateġija Ewropa 2020 jistabbilixxu l-prijoritajiet biex itejbu l-kwalità tal-impjiegi u jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar; billi ż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-impjegati fir-riżultati finanzjarji tal-kumpaniji u l-offerta ta' kumpens aħjar jistgħu jgħinu biex jintlaħqu dawn l-għanijiet;

J. billi l-EFP trid timxi id f'id ma' livell għoli ta' informazzjoni, taħriġ u konsultazzjoni tal-impjegati sabiex dawn ikunu kompletament konxji tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-iskemi ta' parteċipazzjoni finanzjarja li jistgħu jissieħbu fihom u għalhekk ikunu jistgħu jagħmlu valutazzjoni kompletament infurmata tal-vantaġġi u r-riskji potenzjali ta' dawn l-iskemi, bħal fil-każ ta' falliment tal-kumpanija;

K. billi permezz tal-EFP, id-djalogu soċjali msaħħaħ u t-teħid tad-deċiżjonijiet strateġiċi, min iħaddem jista' jinvesti f'opportunitajiet għall-iżvilupp tal-forza tax-xogħol tagħhom, u għaldaqstant jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u l-iżgurar ta' livell għoli ta' taħriġ;

L. billi bl-involviment tal-impjegati fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, skont l-ispeċifiċità tal-iskema, l-EFP tista', f'xi każijiet, tgħin lill-kumpaniji, inklużi l-SMEs, fir-rigward tar-ristrutturar u tal-kontinwità tan-negozju billi tindirizza s-suċċessjoni tal-kumpanija u l-problemi ta' tiġdid ġenerazzjonali, pereżempju f'negozji tal-familja;

---

([1]) It-Tielet Stħarriġ Ewropew tal-Kumpanniji, Eurofound, 2013.
([2]) Changes in remuneration and reward systems (Tibdil f'sistemi ta' remunerazzjoni u ta' kumpens), Eurofound, 2016.
([3]) Stħarriġ ekonomiku annwali tas-sjieda ta' ishma għall-impjegati f'pajjiżi Ewropej.
([4]) Workplace Innovation in European companies (Innovazzjoni fuq il-post tax-xogħol fil-kumpaniji Ewropej), Eurofound 2016.

M. billi ta' min jikkunsidra li l-EFP għandha elementi pożittivi u negattivi;

N. billi l-EFP iġġorr xi riskji finanzjarji, imma tista' taġixxi wkoll bħala ammortizzatur, filwaqt li tippermetti bonuses jew kumpens ieħor u tiżgura li l-ħaddiema jkollhom portafoll ta' ishma mfaddla; billi l-ESOPs b'mod partikolari jistgħu jkunu eżempju ta' mudell ta' akkwiżizzjoni ta' kumpaniji mhux elenkati mill-impjegati fejn il-proċess ta' akkwiżizzjoni prijoritarja jista' jippermetti lill-impjegati jkunu jistgħu potenzjalment jissalvagwardjaw l-impjiegi tagħhom stess meta jkun hemm il-possibbiltà ta' akkwist minn kumpaniji oħra;

O. billi għalhekk huma meħtieġa miżuri sabiex l-impjegati jiġu protetti u jiġi evitat li jiffaċċjaw riskji bħal pereżempju li jitilfu kemm l-impjieg tagħhom kif ukoll il-kapital investit meta min iħaddimhom jintlaqat minn kriżi; billi l-EFP ma tistax tintuża biex jitnaqqsu id-drittijiet soċjali u dawk tal-impjieg akkwistati mill-impjegati, ma tridx tieħu post il-paga bażika normali, forom oħra ta' remunerazzjoni jew kontribuzzjonijiet għal skemi ta' pensjoni, u ma tridx tkun mod li bih jiġu ttrasferiti r-riskji fuq il-ħaddiem jew biex ma tkunx rispettata l-liġi tax-xogħol;

P. billi l-parteċipazzjoni tal-impjegati fl-EFP għandha tibqa' volontarja, partikolarment fl-SMEs, filwaqt li ma għandhiex taffettwa l-mobbiltà tagħhom fis-suq tax-xogħol, id-drittijiet tas-sigurtà soċjali jew id-drittijiet tagħhom li jieħdu azzjoni kollettiva; billi l-impjegati għandu għalhekk ikollhom aċċess f'kull ħin għal tagħrif dwar is-sitwazzjoni ekonomika tal-kumpanija, bl-eċċezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħha u ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva, u jkunu informati bil-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull skema tal-EFP disponibbli;

Q. billi l-inċentivi fiskali huma elementi ewlenin sabiex tiġi promossa EFP li tista' tħalli l-frott tagħha fuq medda ta' żmien medju sa twil, meta jitqies li l-pajjiżi li għandhom tradizzjoni twila ta' parteċipazzjoni finanzjarja tal-impjegati għandhom ukoll l-aktar sjieda żviluppata għall-impjegati u l-ogħla benefiċċji fiskali;

R. billi politiki tal-impjieg proattivi, bħall-appoġġ għall-impjieg indipendenti ġenwin u l-intraprenditorija regolari u soċjali, huma għodda kruċjali biex in-nies qiegħda jerġgħu jiġu integrati fis-suq tax-xogħol, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni tal-Intraprenditorija Ewropew adottat f'Jannar 2013;

S. billi l-Fond Soċjali Ewropew attwali jippromwovi l-intraprenditorija soċjali u l-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà u l-FSE Plus li jmiss għandu jkompli jagħmel dan; billi l-EFP tista' tagħti kontribut siewi għall-iżvilupp tal-ekonomija soċjali u ta' solidarjetà billi, pereżempju, tagħmel l-investiment jew il-finanzjament aktar aċċessibbli;

T. billi l-EFP tista' tikkomplementa l-programmi tal-UE maħsuba biex itejbu l-aċċess għall-kapital, speċjalment għall-SMEs, bħall-programm COSME, il-programm InnovFin, il-programm Ewropa Kreattiva u l-fondi strutturali u ta' investiment Ewropej;

U. billi l-EFP tista' tkun għodda komplementari għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni li jgħin lill-persuni li tilfu l-impjieg tagħhom wara bidliet strutturali kbar ikkawżati mill-globalizzazzjoni jew mill-kriżi ekonomika u finanzjarja, fir-rigward tal-iżvilupp mill-ġdid tal-ħiliet, ta' taħriġ, ta' għajnuna għall-impjieg indipendenti, għall-ħolqien ta' intrapriżi u għall-irkupru ta' intrapriżi mill-impjegati;

V. billi l-linji gwida tal-UE għall-EFP jistgħu jgħinu lill-Istati Membri jiżviluppaw oqfsa għall-iskemi tal-EFP li jistgħu potenzjalment iwasslu għal benefiċċji kemm għal min iħaddem kif ukoll għall-impjegati u wkoll biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika dwar l-EFP;

1. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra rakkomandazzjonijiet xierqa biex tħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-kumpaniji, partikolarment l-SMEs, jiżviluppaw u joffru skemi tal-EFP għall-benefiċċju u fl-interess kemm tal-impjegati kif ukoll tal-kumpaniji; jenfasizza li dawn l-iskemi għandhom:

— jipproteġu s-sigurtà tad-dħul tal-ħaddiema,

— ma jisfruttawx lill-ħaddiema f'sitwazzjoni ta' kriżi,

— ma jittrasferux ir-riskju intraprenditorjali fuq il-ħaddiema;

— jiggarantixxu livell għoli ta' protezzjoni għall-investimenti tal-ħaddiema;

2. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu inċentivi mhux obbligatorji, inklużi inċentivi tat-taxxa li ma jipprevalux fuq ir-regoli tat-taxxa nazzjonali, f'konformità mal-prinċipji tal-aħjar prattika, meta jkunu qed jippromwovu skemi ta' sjieda għall-impjegati fost il-kumpaniji u l-impjegati, fl-istess waqt jappoġġaw l-ogħla standards ta' protezzjoni soċjali għall-impjegati u jissalvagwardjaw id-dritt tagħhom għal azzjoni kollettiva;

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

3. Jissottolinja l-fatt li l-EFP għandha tiġi inkorporata f'sistema li tinvolvi lill-ħaddiema, pereżempju fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-kumpanija, inkluż permezz tar-rappreżentanti tal-ħaddiema, u li l-EFP ma għandhiex tkun sostitut għal paga ġusta u deċenti, u lanqas m'għandha tkun alternattiva għall-pensjonijiet pubbliċi jew għal skemi ta' pensjonijiet miftiehma kollettivament;

4. Jistieden lill-Kummissjoni timplimenta l-"pjan ta' azzjoni b'ħames punti" inkluż fir-rapport finali tal-proġett pilota għall-promozzjoni tas-sjieda u l-parteċipazzjoni tal-impjegati mill-2014;

5. Jirrikonoxxi r-rabta bejn il-miżuri leġiżlattivi fil-livell nazzjonali li jiffavorixxu skemi tal-EFP u l-għadd ta' kumpaniji u impjegati li jużawhom;

6. Jenfasizza l-ostakli transnazzjonali li jiġu iffaċċjati kemm mill-kumpaniji li joffru dawn l-iskemi f'diversi Stati Membri, kif ukoll mill-impjegati, jiġifieri d-diskrepanzi fil-leġiżlazzjoni u r-riskji tat-tassazzjoni doppja li jistgħu jiġġeneraw spejjeż amministrattivi sostanzjali u jaffettwaw il-libertà ta' moviment tal-ħaddiema, aspett importanti biex jinqered il-qgħad u jittejbu l-konverġenza u l-integrazzjoni fost l-Istati Membri;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu s-sensibilizzazzjoni kif ġie rrakkomandat fir-rapport finali tal-proġett pilota għall-promozzjoni tas-sjieda u l-parteċipazzjoni tal-impjegati mill-2014, jikkapitalizzaw fuq is-sejbiet tal-proġetti ta' riċerka u jħeġġu t-trasferibbiltà transfruntiera tal-aħjar prattiki, u jipproponu sett ta' mudelli ta' appoġġ sempliċi, elementari u bażiċi;

8. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu siti web apposta li jkunu jinkludu ftehimiet mudell ta' qsim fil-profitti għall-SMEs u l-VSEs biex jagħevolaw l-implimentazzjoni, kif ukoll informazzjoni dwar ir-riskji marbuta u materjal rilevanti ieħor; jistieden barra minn hekk lill-Kummissjoni tkompli tiġbor id-data dwar l-użu u l-firxa tal-iskemi ta' parteċipazzjoni finanzjarja, kif ukoll teżamina l-impatt tal-parteċipazzjoni finanzjarja fuq l-operat tal-kumpanija, il-kwalità tax-xogħol u ż-żamma tal-impjiegi tagħha, bl-għajnuna tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol;

9. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jassistu lill-kumpaniji li juru interess fl-EFP b'soluzzjonijiet u miżuri ta' appoġġ speċifiċi biex jevitaw spejjeż amministrattivi u ta' żvilupp eċċessivi marbuta mal-implimentazzjoni tal-EFP, speċjalment fl-SMEs, u biex jinkoraġġixxu lill-operaturi tal-esternalizzazzjoni bħall-banek u fondi ta' investiment biex jipproponu skemi sempliċi tal-EFP adattati apposta għal din it-tip ta' kumpanija, filwaqt li jiżguraw li l-intermedjarji ma jiħdux vantaġġ mill-iżgħar kumpaniji, u li ma jkunx hemm spejjeż moħbija;

10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-istati Membri jippromwovu l-edukazzjoni finanzjarja sabiex jissaħħu l-kapaċitajiet taċ-ċittadini tal-UE f'dan ir-rigward u titqajjem sensibilizzazzjoni dwar l-implikazzjonijiet tal-EFP;

11. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu ruħhom fil-bidu tal-proċess mas-sħab soċjali, mal-organizzazzjonijiet u ma' partijiet ikkonċernati oħra dwar is-sjieda tal-ishma tal-impjegati sabiex ifasslu l-aktar oqfsa tal-EFP xierqa, u meta skema tal-EFP titqies rilevanti, jinnegozjawha fuq bażi ta' kull impjant b'mod individwali, filwaqt li jikkunsidraw id-daqs, it-tip ta' kumpanija, il-forza tax-xogħol u s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha, iżda anki l-leġiżlazzjoni u l-prattiki nazzjonali;

12. Jirrakkomanda li l-iskemi u l-għodod ta' tfaddil tal-pagi jkunu nnegozjati fil-livell ta' kull fergħa, sabiex ftehimiet standard li jkunu jistgħu jiġu applikati direttament u faċilment ikunu magħmula disponibbli għall-SMEs u l-VSEs;

13. Jenfasizza li l-EFP għandha tkun miftuħa għall-impjegati kollha fuq bażi nondiskriminatorja, irrispettivament mill-età, il-ġeneru, in-nazzjonalità, l-arranġamenti tax-xogħol full-time / part-time, eċċ.;

14. Iżid jgħid li d-differenzazzjoni bejn l-impjegati tista' tiġi ġġustifikata sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet u l-interessi differenti tal-impjegati, bħal pjanijiet ta' ishma ristretti li jkunu limitati għad-diriġenti;

15. Jikkunsidra li l-ESOPs għandhom jippermettu wkoll li l-impjegati jużaw il-kont tal-ESOP għal ekwità oħra għajr dik ta' min attwalment iħaddimhom, sabiex b'hekk jiġi mmitigat ir-riskju ta' konċentrazzjoni, b'mod partikolari għal SMEs;

16. Ifakkar li d-deċiżjoni ta’ sħubija ma’ skemi tal-EFP għandha tkun għalkollox volontarja, li jfisser li ma għandha tittieħed ebda azzjoni kontra impjegati li jiddeċiedu li ma jingħaqdux u meta jkun hemm qbil, il-parteċipazzjoni tagħhom għandha tkun ibbażata fuq taħriġ xieraq u l-kunsens infurmat tal-impjegati, li jkollhom għarfien sħiħ tal-intitolamenti, l-obbligi u r-riskji, tas-sitwazzjoni tal-kumpanija, tal-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta’ kull skema, u tal-effetti tat-tassazzjoni meta jissieħbu mal-iskema u tal-kundizzjonijiet li japplikaw meta huma jitilqu l-kumpanija jew l-iskema;

17. Jikkunsidra li l-EFP m’għandhiex tissostitwixxi jew tnaqqas ir-remunerazzjoni ta’ bażi normali jew xi forma oħra ta’ kontribuzzjoni bħall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali, iżda trid tkun komplementarja għad-drittijiet soċjali u kuntrattwali kollha, u din tkun prekundizzjoni biex tiġi implimentata EFP;

18. Jemmen li għandhom jiġu żviluppati aktar rabtiet bejn l-EFP u l-ekonomija soċjali, speċjalment permezz ta’ programmi bħall-Ewropa Kreattiva, li toffri mikrokrediti sa EUR 25 000 lil kumpaniji żgħar u negozji soċjali;

19. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jikkunsidraw l-evoluzzjoni u l-bidla rapida tas-suq tax-xogħol u l-isfidi konsegwenti li jirrigwardaw il-ħiliet, id-diġitalizzazzjoni, l-awtomatizzazzjoni, l-inugwaljanzi fil-ġid u l-qtugħ tas-sigurtà soċjali, kif ukoll il-ħolqien kontinwu ta’ opportunitajiet ġodda li jappoġġaw u jipproteġu lill-ħaddiema u jippermettulhom jadattaw u jiżviluppaw professjonalment u personalment;

20. Jenfasizza r-rwol importanti li jista’ jkollha l-EFP fl-iżvilupp tal-intraprenditorjat u l-kultura tal-intraprenditorija billi tiffaċilita r-riċerka u l-aċċess għall-kapital, l-aktar għan-negozji ġodda;

21. Jenfasizza li għalkemm il-mikrointrapriżi għandhom rwol importanti fl-ekonomija tal-parti l-kbira tal-Istati Membri tal-UE, għadha ma ġiet implimentata l-ebda miżura ta’ appoġġ għas-sjieda tal-ishma tal-impjegati;

22. Jilqa’ l-inizjattivi mmexxija mid-direttorati ġenerali tal-Kummissjoni, bħad-DĠ EMPL, FISMA u GROW, li jappoġġaw l-impjiegi, l-SMEs u l-unjoni tas-swieq kapitali, u jitlob approċċ ikkoordinat biex ir-riżorsi disponibbli jintużaw bl-aħjar mod, filwaqt li jfakkar li l-benefiċjarju aħħari huwa ċ-ċittadin Ewropew;

23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0416

## Tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 × MON 810

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 × MON 810 (MON-ØØ6Ø3-6 × MON-ØØ81Ø-6) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (D058360/01 – 2018/2872(RSP))**

(2020/C 345/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 × MON 810 (MON-ØØ6Ø3-6 × MON-ØØ81Ø-6) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (D058360/01,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 11(3) u 23(3) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-votazzjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali msemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, tal-11 ta' Settembru 2018, li matulha ma ngħatat ebda opinjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni adottata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) fl-24 ta' Jannar 2018, u ppubblikata fis-26 ta' Frar 2018 ([3]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (COM(2017)0085, COD(2017)0035),

---

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

([2]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

([3]) Opinjoni xjentifika dwar applikazzjoni minn Monsanto (applikazzjoni EFSA-GMO-RX-007) — Valutazzjoni tal-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 x MON810 għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 (applikazzjoni EFSA-GMO-RX-007). EFSA Journal 2018; 16(2):5163: https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2018.5163

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu li joġġezzjonaw l-awtorizzazzjoni ta' organiżmi ġenetikament modifikati ([1]),

([1]) — Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq għall-kultivazzjoni, skont id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' prodott tal-qamħirrum (Zea mays L., linja 1507) ġenetikament modifikat għar-reżistenza għal ċerti organiżmi ta' ħsara lepidopterani (ĠU C 482, 23.12.2016, p. 110).
— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2015 dwar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2279 tal-4 ta' Diċembru 2015 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 × T25 (ĠU C 399, 24.11.2017, p. 71).
— Riżoluzzjoni tat-3 ta' Frar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti minn, fażola tas-sojja ġenetikament modifikata MON 87705 × MON 89788 (ĠU C 35, 31.1.2018, p. 19).
— Riżoluzzjoni tat-3 ta' Frar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti minn, fażola tas-sojja modifikata ġenetikament MON 87708 × MON 89788 (ĠU C 35, 31.1.2018, p. 17).
— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mis-sojja ġenetikament modifikata FG72 (MST-FGØ72-2) (ĠU C 35, 31.1.2018, p. 15).
— Riżoluzzjoni tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 × MIR162 × MIR604 × GA21, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jgħaqqad tnejn jew tlieta minn dawk l-eventi (ĠU C 86, 6.3.2018, p. 108).
— Riżoluzzjoni tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tqegħid fis-suq ta' qronfla mmodifikata ġenetikament (*Dianthus caryophyllus L.*, linja SHD-27531-4) (ĠU C 86, 6.3.2018, p. 111).
— Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq għall-kultivazzjoni ta' żerriegħa ta' qamħirrum ġenetikament modifikat MON 810 (ĠU C 215, 19.6.2018, p. 76).
— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti ta' qamħirrum ġenetikament modifikat MON 810 (ĠU C 215, 19.6.2018, p. 80).
— Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni fis-suq għall-kultivazzjoni ta' żerriegħa ta' qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 (ĠU C 215, 19.6.2018, p. 70).
— Riżoluzzjoni tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni fis-suq għall-kultivazzjoni ta' żerriegħa ta' qamħirrum ġenetikament modifikat 1507 (ĠU C 215, 19.6.2018, p. 73).
— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew ikunu prodotti minn qoton ġenetikament modifikat 281-24-236 × 3006-210-23 × MON 88913 (ĠU C 215, 19.6.2018, p. 83).
— Riżoluzzjoni tal-5 ta' April 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 × 59122 × MIR604 × 1507 × GA21, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jgħaqqad tnejn, tlieta jew erbgħa mill-eventi Bt11, 59122, MIR604, 1507 u GA21, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (ĠU C 298, 23.8.2018, p. 34).
— Riżoluzzjoni tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat DAS-40278-9, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU C 307, 30.8.2018, p. 71).
— Riżoluzzjoni tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew ikunu prodotti minn qoton ġenetikament modifikat GHB119 (BCS-GHØØ5-8) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 307, 30.8.2018, p. 67).
— Riżoluzzjoni tat-13 ta' Settembru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat DAS-68416-4, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU C 337, 20.9.2018, p. 54).
— Riżoluzzjoni tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat FG72 × A5547-127, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU C 346, 27.9.2018, p. 55).
— Riżoluzzjoni tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat DAS-44406-6, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU C 346, 27.9.2018, p. 60).
— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 1507 (DAS-Ø15Ø7-1) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU C 346, 27.9.2018, p. 122).

**L-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018**

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106(2) u (3) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi, fl-20 ta’ Ottubru 2016, Monsanto Europe N.V./S.A., ippreżentat applikazzjoni lill-Kummissjoni, skont l-Artikoli 11 u 23 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni tal-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 × MON 810 għall-użu fl-ikel u l-għalf;

B. billi, fl-24 ta’ Jannar 2018, l-EFSA adottat opinjoni favorevoli [1] skont l-Artikoli 6 u 18 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, fejn ikkonkludiet li l-applikazzjoni għat-tiġdid ma kienx fiha evidenza għal perikli ġodda, esponiment modifikat jew inċertezzi xjentifiċi li jbiddlu l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni tar-riskju oriġinali dwar il-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 × MON 810, adottata mill-EFSA fl-2005 [2];

C. billi l-EFSA, skont l-opinjoni xjentifika tagħha, ma wettqitx tiftix sistematiku għal-letteratura tagħha stess, iżda sempliċement ivvalutat it-tiftix tal-letteratura mwettaq mill-applikant, u fuq din il-bażi kkonkludiet li ma ġiet identifikata l-ebda pubblikazzjoni ġdida li tqajjem tħassib dwar is-sikurezza;

— Riżoluzzjoni tal-24 ta’ Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta’ prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 305423 × 40-3-2 (DP-3Ø5423-1 × MON-Ø4Ø32-6), skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU C 346, 27.9.2018, p. 127).
— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta’ Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta’ prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-kolza ġenetikament modifikata MON 88302 ×Ms8 x Rf3 (MON-883Ø2-9 × ACSBNØØ5-8 × ACS-BNØØ3-6), MON 88302 x Ms8 (MON-883Ø2-9 × ACSBNØØ5-8) u MON 88302 x Rf3 (MON-883Ø2-9 × ACS-BNØØ3-6) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (ĠU C 346, 27.9.2018, p. 133).
— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta’ Marzu 2018 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta’ prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 59122 (DAS-59122-7) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2018)0051).
— Riżoluzzjoni tal-1 ta’ Marzu 2018 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta’ prodotti li fihom, jikkonsistu, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × NK603 (MON-87427-7 × MON-89Ø34-3 × MON-ØØ6Ø3-6) u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn mill-eventi MON 87427, MON 89034 u NK603 u li tħassar id-Deċiżjoni 2010/420/UE (Testi adottati, P8_TA (2018)0052).
— Riżoluzzjoni tat-3 ta’ Mejju 2018 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta’ prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-pitrava zokkrija ġenetikament modifikata H7-1 (KM-ØØØH71-4) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2018)0197).
— Riżoluzzjoni tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta’ prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat GA21 (MON-ØØØ21-9) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2018)0221).
— Riżoluzzjoni tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta’ prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 1507 × 59122 × MON 810 × NK603, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn jew tlieta mill-eventi uniċi 1507, 59122, MON 810 u NK603, u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2009/815/KE, 2010/428/UE u 2010/432/UE skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (Testi adottati, P8_TA(2018)0222).

[1] Opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tal-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 × MON 810 għat-tiġdid tal-awtorizzazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 (applikazzjoni EFSA-GMO-RX-007). EFSA Journal 2018; 16(2):5163: https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/epdf/10.2903/j.efsa.2018.5163

[2] Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar Organiżmi Ġenetikament Modifikati dwar applikazzjoni [Referenza EFSA EFSA-G-MO-UK-2004-01) għat-tqegħid fis-suq ta’ qamħirrum ġenetikament modifikat tolleranti għall-glifosat u reżistenti għall-insetti NK603 × MON 810, għall-użu fl-ikel u l-għalf, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 minn Monsanto. EFSA Journal (2005) 309, 1-22: https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/pdf/10.2903/j.efsa.2005.309

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

D. billi l-EFSA adottat l-opinjoni tagħha bis-suppożizzjoni li s-sekwenza tad-DNA taż-żewġ eventi fil-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 x MON 810 hija identika għas-sekwenza tal-eventi li ġew ivvalutati oriġinarjament; billi l-applikant ma pprovda l-ebda data li tappoġġa dik l-ipoteżi;

E. billi l-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 × MON 810 jesprimi proteina li tagħti tolleranza għall-erbiċidi tal-glifosat; billi fl-20 ta' Marzu 2015, l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer – l-aġenzija speċjalizzata dwar il-kanċer tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa – ikklassifikat il-glifosat bħala probabbilment karċinoġeniku għall-bniedem ([1]);

F. billi l-awtorizzazzjoni tal-importazzjoni tal-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 × MON 810 fl-Unjoni għandha twassal għal żieda fil-kultivazzjoni tiegħu x'imkien ieħor, bħal fl-Arġentina, il-Brażil, il-Kanada, il-Kolombja, il-Ġappun, il-Filippini, l-Afrika t'Isfel u l-Urugwaj, u għal żieda korrispondenti fl-użu ta' erbiċidi li fihom il-glifosat;

G. billi l-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 x MON 810 jesprimi l-proteina Cry1Ab, li hija proteina tat-tip Bt (li hija derivata mill-*Bacillus thuringiensis*) li tikkonferixxi reżistenza għal ċerti pesti insetti lepidotteri (*Ostrinia nubilalis, Sesamia spp.*);

H. billi l-pjanti ġenetikament modifikati Bt jesprimu t-tossina insettiċida f'kull ċellola tul ħajjithom, anke fil-partijiet li jittieklu mill-bnedmin u mill-annimali; billi l-esperimenti fl-għalf tal-annimali juru li l-pjanti ġenetikament modifikati Bt jista' jkollhom effetti tossiċi ([2]); billi ntwera li t-tossina Bt fi pjanti ġenetikament modifikati hija differenti ħafna mit-tossina Bt li teżisti b'mod naturali ([3]);

I. billi għad hemm tħassib dwar il-possibbiltà ta' evoluzzjoni tar-reżistenza għall-proteina Cry1Ab fil-pesti lepidotteri fil-mira, li tista' twassal għal prattiki mibdula ta' kontroll tal-pesti fil-pajjiżi fejn tiġi kkultivata;

J. billi, matul il-perjodu ta' konsultazzjoni ta' tliet xhur, l-Istati Membri ressqu ħafna kummenti kritiċi; billi dawk il-kummenti jirreferu għal, *inter alia*: nuqqas ta' informazzjoni fir-rigward ta' linji użati bħalissa; data nieqsa, eż. rigward il-potenzjal għat-trasferiment orizzontali tal-ġeni tal-eventi MON 810 u NK603; reviżjoni nieqsa tal-letteratura; ġenerazzjoni ta' data parzjalment skaduta; u approċċ frammentat għall-monitoraġġ ambjentali, inkluż il-fatt li l-persistenza tal-proteini Cry irrilaxxati fl-ambjent ma ġietx immonitorjata, ma kienet twettqet l-ebda analiżi tal-esponiment tal-ambjent għat-tossina Cry u li l-okkorrenza tat-teosinte bħala qarib selvaġġ tal-qamħirrum fl-Ewropa kienet ġiet injorata ([4]);

K. billi minkejja dan it-tħassib, ma kienx meħtieġ pjan ta' monitoraġġ għal wara t-tqegħid fis-suq; billi l-monitoraġġ ambjentali ta' wara t-tqegħid fis-suq speċifiku għal kull każ ma tqiesx li kien meħtieġ;

---

([1]) IARC Monographs Volume 112: evalwazzjoni ta' ħames insettiċidi u erbiċidi bl-organofosfat, l-20 ta' Marzu 2015: http://monographs.iarc.fr/ENG/Monographs/vol112/mono112.pdf

([2]) Ara pereżempju, El-Shamei Z.S., Gab-Alla A.A., Shatta A.A., Moussa E.A., Rayan A.M., *Histopathological Changes in Some Organs of Male Rats Fed on Genetically Modified Corn* (Ajeeb Y.G.). *Journal of American Science*, 2012, 8(9), pp. 1117-1123: https://www.researchgate.net/publication/235256452_Histopathological_Changes_in_Some_Organs_of_Male_Rats_Fed_on_Genetically_Modified_Corn_Ajeeb_YG

([3]) Székács A., Darvas B., *Comparative aspects of Cry Toxin Usage in Insect Control*, fi: Ihavaya I., Palli S.R., Horowitz A.R. (eds), Advanced Technologies for Managing Insect Pests, Dordrecht, Netherlands, Springer, 2012, pp. 195–230: https://link.springer.com/chapter/10.1007/978-94-007-4497-4_10

([4]) Ara r-Reġistru tal-EFSA tal-Mistoqsijiet, Anness G għall-Mistoqsija Nru EFSA-Q-2017-00028 - disponibbli online fuq: http://registerofquestions.efsa.europa.eu/roqFrontend/ListOfQuestionsNoLogin?1&panel=ALL

L. billi l-votazzjoni tal-11 ta' Settembru 2018 fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali, imsemmija fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, ma rriżultat fl-ebda opinjoni; billi 13-il Stat Membru vvutaw kontra, filwaqt li 11 biss ivvutaw favur, u erbgħa astjenew;

M. billi, kemm fil-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha għall-proposta leġiżlattiva ppreżentata fit-22 ta' April 2015 li temenda r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 fir-rigward tal-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-użu ta' ikel u għalf modifikat ġenetikament fit-territorju tagħhom kif ukoll fil-memorandum ta' spjegazzjoni dwar il-proposta leġiżlattiva ppreżentata fl-14 ta' Frar 2017 li temenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011, il-Kummissjoni ddeplorat il-fatt li, sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, id-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni ġew adottati mill-Kummissjoni mingħajr l-appoġġ tal-opinjonijiet tal-kumitat tal-Istati Membri u li r-ritorn tad-dossier lill-Kummissjoni għad-deċiżjoni finali, li hi verament l-eċċezzjoni għall-proċedura kollha, saret in-norma għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni ta' ikel u għalf ġenetikament modifikat; billi l-President tal-Kummissjoni Jean-Claude Juncker diversi drabi ddeplora din il-prattika bħala waħda li mhijiex demokratika ([1]);

N. billi, fit-28 ta' Ottubru 2015, il-Parlament ċaħad fl-ewwel qari ([2]) l-proposta leġiżlattiva tat-22 ta' April 2015 li temenda r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u talab lill-Kummissjoni tirtiraha u tressaq proposta ġdida;

1. Iqis li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jisboq is-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003;

2. Iqis li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni mhijiex konsistenti mad-dritt tal-Unjoni billi mhijiex kompatibbli mal-għan tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 li, skont il-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), huwa li jipprovdi l-bażi biex, fir-rigward ta' ikel u għalf ġenetikament modifikati, jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-ħajja u s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, u l-interessi tal-ambjent u tal-konsumaturi, filwaqt li jiżgura l-funzjonament effettiv tas-suq intern;

3. Jitlob lill-Kummissjoni tirtira l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha;

4. Jistieden lill-Kummissjoni tissospendi kwalunkwe deċiżjoni ta' implimentazzjoni rigward l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' organiżmi ġenetikament modifikati sa ma l-proċedura ta' awtorizzazzjoni tkun ġiet riveduta b'tali mod li tindirizza n-nuqqasijiet tal-proċedura attwali, li wriet li mhix adegwata;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

([1]) Pereżempju, fid-Dikjarazzjoni Inawgurali fis-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew inkluża fil-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss (Strasburgu, il-15 ta' Lulju 2014), jew fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2016 (Strasburgu, l-14 ta' Settembru 2016).

([2]) ĠU C 355, 20.10.2017, p. 165.

([3]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

**L-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0417

## Awtorizzazzjoni għall-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta’ Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta’ prodotti li fihom, jikkonsistu, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn, tlieta jew erbgħa mill-eventi uniċi MON 87427, MON 89034, 1507, MON 88017 u 59122, u tħassir tad-Deċiżjoni 2011/366/UE (D058361/01 – 2018/2873(RSP))**

(2020/C 345/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta’ prodotti li fihom, jikkonsistu, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn, tlieta jew erbgħa mill-eventi uniċi MON 87427, MON 89034, 1507, MON 88017 u 59122, u tħassir tad-Deċiżjoni 2011/366/UE (D058361/01,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Settembru 2003 dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat ([1]), u b’mod partikolari l-Artikoli 7(3) u 19(3) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-votazzjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali msemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, tal-11 ta’ Settembru 2018, li matulha ma ngħatat ebda opinjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni adottata mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) fit-28 ta’ Ġunju 2017, u ppubblikata fl-1 ta’ Awwissu 2017 ([3]),

— wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni (COM(2017)0085, COD(2017)0035),

---

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
([3]) Opinjoni xjentifika dwar l-applikazzjoni EFSA-GMO-BE-2013-118 għal awtorizzazzjoni ta’ qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 u s-sottokombinazzjonijiet indipendentement mill-oriġini tagħhom, għal użi ta’ ikel u għalf, importat u pproċessat, li tressqet skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 mill-Monsanto Company, EFSA Journal, Volum 15, Ħarġa 8: https://efsa.onlinelibrary.wiley.com/doi/full/10.2903/j.efsa.2017.4921

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu li joġġezzjonaw l-awtorizzazzjoni ta' organiżmi ġenetikament modifikati ([1]),

---

([1]) — Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Jannar 2014 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq għall-kultivazzjoni, skont id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' prodott tal-qamħirrum (Zea mays L., il-linja 1507) ġenetikament modifikat għar-reżistenza għal ċerti organiżmi ta' ħsara lepidopterani (ĠU C 482, 23.12.2016, p. 110).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2015 dwar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2279 tal-4 ta' Diċembru 2015 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom il-qamħirrum ġenetikament modifikat NK603 × T25 (ĠU C 399, 24.11.2017, p. 71).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti minn, qamħirrum modifikat ġenetikament MON 87705 × MON 89788 (ĠU C 35, 31.1.2018, p. 19).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu minn, jew li jkunu prodotti minn, fażola tas-sojja modifikata ġenetikament MON 87708 × MON 89788 (ĠU C 35, 31.1.2018, p. 17).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Frar 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mis-sojja ġenetikament modifikata FG72 (MST-FGØ72-2) (ĠU C 35, 31.1.2018, p. 15).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti milll-qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 × MIR162 × MIR604 × GA21, u qamħirrun ġenetikament modifikat li jgħaqqad tnejn jew tlieta mill-events (ĠU C 86, 6.3.2018, p. 108).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tqegħid fis-suq ta' qronfla mmodifikata ġenetikament (*Dianthus caryophyllus L.*, linja SHD-27531-4) (ĠU C 86, 6.3.2018, p. 111).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq għall-kultivazzjoni ta' żerriegħa ta' qamħirrum ġenetikament modifikat MON 810 (ĠU C 215, 19.6.2018, p. 76).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti ta' qamħirrum ġenetikament modifikat MON 810 (ĠU C 215, 19.6.2018, p. 80).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni fis-suq għall-kultivazzjoni ta' żerriegħa ta' qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 (ĠU C 215, 19.6.2018, p. 70).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni fis-suq għall-kultivazzjoni ta' żerriegħa ta' qamħirrum ġenetikament modifikat 1507 (ĠU C 215, 19.6.2018, p. 73).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew ikunu prodotti minn qoton ġenetikament modifikat 281-24-236 × 3006-210-23 × MON 88913 (ĠU C 215, 19.6.2018, p. 83).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat Bt11 × 59122 × MIR604 × 1507 × GA21, u qamħirrun ġenetikament modifikat li jgħaqqad tnejn, tlieta jew erbgħa mill-events Bt11, 59122, MIR604, 1507 u GA21, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (ĠU C 298, 23.8.2018, p. 34).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat DAS-40278-9, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU C 307, 30.8.2018, p. 71).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Mejju 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew ikunu prodotti minn qoton ġenetikament modifikat GHB119 (BCS-GHØØ5-8) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 307, 30.8.2018, p. 67).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata DAS-68416-4, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU C 337, 20.9.2018, p. 54).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata FG72 × A5547-127, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU C 346, 27.9.2018, p. 55).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata DAS-44406-6, skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU C 346, 27.9.2018, p. 60).

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 1507 (DAS-Ø15Ø7-1) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU C 346, 27.9.2018, p. 122).

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106(2) u (3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, fis-26 ta' Novembru 2013, Monsanto Europe S.A./N.V> ressqet, f'isem il-Monsanto Company, applikazzjoni bi qbil mal-Artikoli 5 u 17 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, għat-tqegħid fis-suq ta' ikel, ingredjenti tal-ikel u għalf li fihom, jikkonsistu minn jew li huma prodotti minn qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 ("l-applikazzjoni") lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Belġju; billi l-applikazzjoni kienet tkopri wkoll it-tqegħid fis-suq tal-prodotti li fihom jew li jikkonsistu minn qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 għal użi oħra għajr għall-ikel u l-għalf, bl-eċċezzjoni tal-kultivazzjoni;

B. billi barra minn hekk l-applikazzjoni kienet tkopri it-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn jew li huma prodotti minn 25 sottokombinazzjoni ta' events ta' trasformazzjoni uniċi li jikkostitwixxu l-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122; billi tnax minn dawn is-sottokombinazzjonijiet diġà ġew awtorizzati; billi d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza l-qamħirrum, tkopri 14-il sottokombinazzjoni;

C. billi l-Monsanto Europe S.A./N.V., bħala d-detentur tal-awtorizzazzjoni għal waħda mit-12-il sottokombinazzjonijiet diġà awtorizzati, is-sottokombinazzjoni MON 89034 × MON 88017, talbet li l-Kummissjoni tħassar id-Deċiżjoni 2011/366/UE u tinkorpora din id-Deċiżjoni fl-ambitu tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni; billi din it-talba ġiet milqugħa; billi l-leġittimità ta' tali proposta hija dubjuża;

---

— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-fażola tas-sojja ġenetikament modifikata 305423 x 40-3-2 (DP-3Ø5423-1 × MON-Ø4Ø32-6) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (ĠU C 346, 27.9.2018, p. 127).
— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-kolza ġenetikament modifikata MON 88302 x Ms8 x Rf3 (MON-883Ø2-9 × ACSBNØØ5-8 × ACS-BNØØ3-6), MON 88302 x Ms8 (MON-883Ø2-9 × ACSBNØØ5-8) u MON 88302 x Rf3 (MON-883Ø2-9 × ACS-BNØØ3-6) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (ĠU C 346, 27.9.2018, p. 133).
— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Marzu 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 59122 (DAS-59122-7) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2018)0051).
— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-1 ta' Marzu 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × NK603 (MON-87427-7 × MON-89Ø34-3 × MON-ØØ6Ø3-6) u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn mill-eventi MON 87427, MON 89034 u NK603 u li tħassar id-Deċiżjoni 2010/420/UE (Testi adottati, P8_TA(2018)0052).
— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-3 ta' Mejju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' ikel u għalf li huma prodotti mill-pitrava zokkrija ġenetikament modifikata H7-1 (KM-ØØØH71-4) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament (Testi adottati, P8_TA(2018)0197).
— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni għall-introduzzjoni fis-suq ta' prodotti li fihom, jikkonsistu minn, jew li huma prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat GA21 (MON-ØØØ21-9) skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat, (Testi adottati, P8_TA(2018)0221).
— Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li jkun fihom, ikunu jikkonsistu, jew li jkunu prodotti mill-qamħirrum ġenetikament modifikat 1507 × 59122 × MON 810 × NK603, u qamħirrum ġenetikament modifikat li jikkombina tnejn jew tlieta mill-eventi uniċi 1507, 59122, MON 810 u NK603, u li tħassar id-Deċiżjonijiet 2009/815/KE, 2010/428/UE u 2010/432/UE skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel u għalf ġenetikament modifikat (Testi adottati, P8_TA(2018)0222).

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

D. billi fit-28 ta' Ġunju 2017, l-EFSA adottat opinjoni favorevoli b'konformità mal-Artikoli 6 u 18 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 ([1]), b'rabta mal-qamħirrum tal-kumbinazzjoni tal-ħames events flimkien, is-sottokombinazzjonijiet evalwati preċedentement u l-bqija tas-sottokombinazzjonijiet;

E. billi l-EFSA tirrikonoxxi li ma tressqet l-ebda data speċifika għal kull waħda mill-14-il sottokombinazzjoni; billi ħafna minnhom għadhom ma ġewx maħluqa; billi madankollu l-EFSA tikkonkludi li s-sottokombinazzjonijiet kollha huma "mistennija li jkunu sikuri bħall-qamħirrum tal-kumbinazzjoni tal-ħames events flimkien";

F. billi ma twettaq l-ebda ttestjar tossikoloġiku, u ma ġie fornut l-ebda studju fuq l-annimali dwar ikel/għalf derivat minn qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427, MON 89034, 1507, MON 88017 u 59122, jew għal kull waħda mis-sottokombinazzjonijiet ([2]);

G. billi tnejn mill-varjetajiet ta' qamħirrum interessati kienu jesprimu proteini li jagħtu tolleranza għall-erbiċida glufosinat tal-ammonju ([3]); billi l-glufosinat huwa klassifikat bħala tossiku għar-riproduzzjoni u għalhekk jaqa' taħt il-kriterji ta' esklużjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1107/2009; billi l-approvazzjoni tal-glufosinat skadiet fil-31 ta' Lulju 2018 ([4]);

H. billi tnejn mill-varjetajiet ta' qamħirrum interessati kienu jesprimu proteini li joffru tolleranza għall-erbiċidi glifosati; billi fl-20 ta' Marzu 2015, l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer – l-aġenzija speċjalizzata dwar il-kanċer tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa – ikklassifikat il-glifosat bħala probabbilment karċinoġeniku għall-bnedmin ([5]);

I. billi l-awtorizzazzjoni tal-importazzjoni tal-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427, MON 89034, 1507, MON 88017 u 59122 fl-Unjoni suppost li għandha twassal għal żieda fil-kultivazzjoni tiegħu x'imkien ieħor, bħal fil-Messiku u fil-Korea t'Isfel, u għal żieda korrispondenti fl-użu ta' erbiċidi li fihom il-glifosat;

J. billi erbgħa mill-varjetajiet ta' qamħirrum interessati li jesprimu proteini Cry, li huma proteini Bt (derivati mill-*Bacillus thuringiensis*) li jagħtu reżistenza għal ċerti pesti lepidopteri u koleotteri rispettivament;

---

([1]) Bord EFSA GMO (Bord tal-EFSA dwar l-Organiżmi Ġenetikament Modifikati), 2017. Opinjoni xjentifika dwar l-applikazzjoni EFSA-GMO-BE-2013-118 għal awtorizzazzjoni ta' qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 u s-sottokombinazzjonijiet indipendentement mill-oriġini tagħhom, għal użi ta' ikel u għalf, importat u pproċessat, li tressqet skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 mill-Monsanto Company EFSA Journal 2017; 15(8):4921, p. 32: https://doi.org/10.2903/j.efsa.2017.4921

([2]) Kif ikkonfermat fl-opinjoni tal-EFSA msemmija aktar kmieni (EFSA Journal 2017; 15(8):4921).

([3]) il-qamħirrum MON-87427-7 jesprimi l-proteina CP4 EPSPS li tikkonferixxi tolleranza għall-erbiċidi bbażati fuq il-glifosat; il-qamħirrum MON-89Ø34-3 jesprimi l-proteini Cry1A.105 u Cry2Ab2 li jagħtu protezzjoni kontra ċerti pesti lepidopteri; il-qamħirrum DAS-Ø15Ø7-1 jesprimi l-proteina Cry1F li tagħti protezzjoni kontra ċerti pesti lepidopteri u l-proteina PAT, li tagħti t-tolleranza għall-erbiċidi tal-glufosinat tal-ammonju; il-qamħirrum MON-88Ø17-3 jesprimi l-proteina Cry3Bb1 li tagħti protezzjoni kontra ċerti pesti koleotteri, u l-proteina CP4 EPSPS, li tagħti t-tolleranza għall-erbiċidi bbażati fuq il-glifosat; Il-qamħirrum DAS-59122-7 jesprimi l-proteini Cry34Ab1 u Cry35Ab1 li jagħtu protezzjoni kontra ċerti pesti koleotteri u l-proteina PAT, li tagħti t-tolleranza għall-erbiċidi tal-glufosinat tal-ammonju.

([4]) http://ec.europa.eu/food/plant/pesticides/eu-pesticides-database/public/?event=activesubstance.detail&language=EN&selectedID=1436

([5]) IARC Monographs Volume 112: evalwazzjoni ta' ħames insettiċidi u erbiċidi bl-organofosfat, l-20 ta' Marzu 2015: http://monographs.iarc.fr/ENG/Monographs/vol112/mono112.pdf

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

K. billi l-pjanti Bt ġenetikament modifikati jesprimu t-tossina insettiċida f'kull ċellola matul ħajjithom, anke fil-partijiet li jittieklu mill-bnedmin u mill-annimali; billi l-esperimenti fl-għalf tal-annimali juru li l-pjanti Bt ġenetikament modifikati jista' jkollhom effetti tossiċi ([1]); billi ntwera li t-tossina Bt fi pjanti ġenetikament modifikati hija differenti ħafna mit-tossina Bt ([2]) li teżisti b'mod naturali;

L. billi għad hemm tħassib dwar il-possibbiltà ta' evoluzzjoni ta' reżistenzi għall-proteini Cry fil-pesti fil-mira, li tista' twassal għal tibdil fil-prattiki ta' kontroll tal-pesti fil-pajjiżi fejn tiġi kkultivata;

M. billi, matul il-perjodu ta' konsultazzjoni ta' tliet xhur, l-Istati Membri ressqu ħafna kummenti kritiċi; billi dawk il-kummenti jirreferu għal, inter alia: disinji ta' ttestjar foqra, nuqqas ta' testijiet, pereżempju fir-rigward tal-valutazzjoni nutrizzjonali, jew in-nuqqas ta' kwalunkwe studju dwar l-ikel fuq 90 jum għar-rodituri; nuqqas ta' data jew mhux suffiċjenti pereżmpju dwar l-effetti mhux intenzjonali assoċjati mal-kombinazzjoni tal-events, jew rigward il-potenzjal ta' interazzjonijiet tat-tmien proteini, li jistgħu jwasslu għal effetti mhux intenzjonali; suppożizzjonijiet ħżiena mill-applikant, pereżempju fir-rigward tad-degradazzjoni ta' DNA inġestit b'mod orali matul il-passaġġ tiegħu fil-passaġġ gastrointestinali; valutazzjoni tar-riskju ambjentali mhux kompluta, u pjan ta' monitoraġġ ambjentali mhux suffiċjenti ([3]);

N. billi riċerka indipendenti wkoll tqajjem tħassib dwar lakuni kbar fil-valutazzjoni komparattiva, diskrepanzi serji fir-rigward ta' nuqqas ta' valutazzjoni tossikoloġika, dwar il-valutazzjoni inkonklużiva fir-rigward tal-allerġeniċità, in-nuqqas ta' kunsiderazzjoni tal-effetti kombinattorjali, u valutazzjoni tar-riskju ambjentali żbaljata ([4]);

O. billi, minkejja dan it-tħassib kollu, l-EFSA ma kkunsidrat li hemm bżonn ta' kwalunkwe monitoraġġ ta' wara t-tqegħid fis-suq ta' ikel/għalf derivat mill-qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427, MON 89034, 1507, MON 88017 u 59122 u s-sottokombinazzjonijiet tiegħu;

P. billi l-votazzjoni tal-11 ta' Settembru 2018 fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina tal-Ikel u s-Saħħa tal-Annimali, imsemmija fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, ma wasslet għall-ebda opinjoni; billi 14-il Stat Membru vvutaw kontra, filwaqt li 11 biss ivvutaw favur, u tlieta astjenew;

Q. billi, kemm fil-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha għall-proposta leġiżlattiva ppreżentata fit-22 ta' April 2015 li temenda r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 fir-rigward tal-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-użu ta' ikel u għalf modifikat ġenetikament fit-territorju tagħhom kif ukoll fil-memorandum ta' spjegazzjoni dwar il-proposta leġiżlattiva ppreżentata fl-14 ta' Frar 2017 li temenda r-Regolament (UE) Nru 182/2011, il-Kummissjoni ddeplorat il-fatt li, sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, id-deċiżjonijiet ta' awtorizzazzjoni ġew adottati mill-Kummissjoni mingħajr l-appoġġ tal-opinjonijiet tal-kumitat tal-Istati Membri u li r-ritorn tad-dossier lill-Kummissjoni għad-deċiżjoni finali, li hi verament l-eċċezzjoni għall-proċedura kollha, saret in-norma għat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-awtorizzazzjoni ta' ikel u għalf ġenetikament modifikat; billi l-President tal-Kummissjoni Jean-Claude Juncker diversi drabi ddeplora din il-prattika bħala waħda li mhijiex demokratika ([5]);

---

([1]) Ara pereżempju, El-Shamei Z.S., Gab-Alla A.A., Shatta A.A., Moussa E.A., Rayan A.M., *Histopathological Changes in Some Organs of Male Rats Fed on Genetically Modified Corn (Ajeeb YG), Journal of American Science,* 2012; 8(9), pp. 1117-1123: https://www.researchgate.net/publication/235256452_Histopathological_Changes_in_Some_Organs_of_Male_Rats_Fed_on_Genetically_Modified_Corn_Ajeeb_YG

([2]) Székács A., Darvas B.., *Comparative aspects of Cry Toxin Usage in Insect Control,* f': Ishaaya I., Palli S.R., Horowitz A.R. (eds.), *Advanced Technologies for Managing Insect Pests,* Dordrecht, Netherlands, Springer, 2012; pp. 195-230: https://link.springer.com/chapter/10.1007/978-94-007-4497-4_10

([3]) Ara r-Reġistru ta' Mistoqsijiet tal-EFSA, Anness G għall-Mistoqsija Nru EFSA-Q-2013-00926 disponibbli onlajn fuq: http://registerofquestions.efsa.europa.eu/roqFrontend/ListOfQuestionsNoLogin?1

([4]) Bauer-Panskus, A, Then, C, kumment ta' Testbiotech dwar "Opinjoni xjentifika dwar l-applikazzjoni EFSA-GMO-BE-2013-118 għal awtorizzazzjoni ta' qamħirrum ġenetikament modifikat MON 87427 × MON 89034 × 1507 × MON 88017 × 59122 u s-sottokombinazzjonijiet indipendentement mill-oriġini tagħhom, għal użi ta' ikel u għalf, importat u pproċessat, li tressqet skont ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 mill-Monsanto Company" disponibbli fuq: https://www.testbiotech.org/sites/default/files/Testbiotech_Comment_Maize%20MON%2087427%20x%20MON%2089034%20x%201507%20x%20MON%2088017%20x%2059122.pdf

([5]) Pereżempju, fid-Dikjarazzjoni Inawgurali fis-sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew inkluża fil-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss (Strasburgu, il-15 ta' Lulju 2014), jew fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni 2016 (Strasburgu, l-14 ta' Settembru 2016).

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

R. billi, fit-28 ta' Ottubru 2015, il-Parlament ċaħad fl-ewwel qari ([1]) l-proposta leġiżlattiva tat-22 ta' April 2015 li temenda r-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u talab lill-Kummissjoni tirtiraha u tressaq proposta ġdida;

1. Iqis li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni jisboq is-setgħat ta' implimentazzjoni previsti fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003;

2. Iqis li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni mhijiex konsistenti mad-dritt tal-Unjoni billi mhijiex kompatibbli mal-għan tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 li, skont il-prinċipji ġenerali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), huwa li jipprovdi l-bażi biex, fir-rigward ta' ikel u għalf ġenetikament modifikati, jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-ħajja u s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, u l-interessi tal-ambjent u tal-konsumaturi, filwaqt li jiżgura l-funzjonament effettiv tas-suq intern;

3. Iqis, b'mod aktar speċifiku, li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni imur kontra l-prinċipji tal-liġi ġenerali dwar l-ikel, kif imniżżel fir-Regolament (KE) Nru 178/2002, biex ikunu approvati varjetajiet li għalihom ma kienet provduta ebda data dwar is-sikurezza, lanqas biss ma ġew ittestjati, jew li lanqas biss għadhom ma ġew maħluqa;

4. Jitlob lill-Kummissjoni tirtira l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tagħha;

5. Jistieden lill-Kummissjoni tissospendi kwalunkwe deċiżjoni ta' implimentazzjoni rigward l-applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni ta' organiżmi ġenetikament modifikati sa ma l-proċedura ta' awtorizzazzjoni tkun ġiet riveduta b'tali mod li tindirizza n-nuqqasijiet tal-proċedura attwali, li wriet li mhix adegwata;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

([1]) ĠU C 355, 20.10.2017, p. 165.
([2]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

P8_TA(2018)0419

# Il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE – L-irkupru ta' flus u assi minn pajjiżi terzi f'każijiet ta' frodi

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE – L-irkupru ta' flus u assi minn pajjiżi terzi f'każijiet ta' frodi (2018/2006(INI))**

(2020/C 345/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-tmintax-il rapport tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) dwar is-sena 2017,

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") ([2]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' April 2016 dwar pjan ta' azzjoni dwar il-VAT: Lejn żona unika tal-VAT fl-UE – Iż-żmien biex niddeċiedu(COM(2016)0148),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-3 ta' Settembru 2018 intitolat "Id-29 Rapport Annwali dwar il-Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea – Ġlieda kontra l-frodi – 2017" (COM(2018)0553) u d-dokumenti ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjawh (SWD(2018)0381 sa 0386),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet u inizjattivi li għandhom jittieħdu (rapport finali) ([5]) (riżoluzzjoni CRIM) u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Ottubru 2016 dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u segwitu għar-riżoluzzjoni CRIM ([6]),

— wara li kkunsidra r-rapport speċjali Nru 470 tal-Ewrobarometru,

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar il-ġlieda kontra l-frodi doganali u l-protezzjoni tar-riżorsi proprji tal-UE (O-000066/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A8-0298/2018),

A. billi l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE jenħtieġ li tkun element ewlieni tal-politika tal-UE li għandha l-għan li żżid il-fiduċja taċ-ċittadini billi tiżgura li flushom jintużaw b'mod xieraq u effettiv;

---

([1]) ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29.
([2]) ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1.
([3]) ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.
([4]) ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.
([5]) ĠU C 208, 10.6.2016, p. 89.
([6]) ĠU C 215, 19.6.2018, p. 96.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

B. billi d-diversità fis-sistemi legali u amministrattivi fl-Istati Membri tippreżenta ambjent diffiċli għall-ġlieda kontra l-frodi, u fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni uniformi fil-livell Ewropew biex tiġġieled kontra l-kriminalità organizzata;

C. billi l-Artikolu 325(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jiddikjara li l-"Istati Membri għandhom jieħdu l-istess miżuri sabiex jikkumbattu l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni bħalma jieħdu sabiex jikkumbattu l-frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tagħhom stess";

D. billi d-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea [1] tintroduċi standards minimi tal-UE dwar l-iffriżar ta' proprjetà bil-ħsieb ta' konfiska sussegwenti possibbli u dwar il-konfiska ta' proprjetà fi kwistjonijiet kriminali;

E. billi l-proposta tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2016 għal regolament dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska (2016/0412(COD)) tintroduċi mezzi ta' kooperazzjoni standardizzati fost l-Istati Membri;

F. billi l-ebda wieħed minn dawn l-istrumenti ma jista' japplika għal pajjiżi terzi;

G. billi r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939, u b'mod partikolari l-Artikolu 104 tiegħu, jipprevedi mezzi ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi;

H. billi l-Artikolu 3(4) tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-flus, it-Tiftix, is-Sekwestru u l-Konfiska tar-Rikavat minn Attività Kriminali u dwar il-Finanzjament tat-Terroriżmu (CETS Nru 198) jiddikjara li: Kull Parti għandha tadotta dawk il-miżuri leġiżlattivi jew miżuri oħra skont il-bżonn biex tirrikjedi li, fir-rigward ta' reat jew reati serji kif definiti mil-liġi nazzjonali, awtur ta' reat juri l-oriġini tar-rikavati allegati jew ta' proprjetà oħra soġġetta għal konfiska sal-punt li tali rekwiżit ikun konsistenti mal-prinċipji tal-liġi domestika tiegħu;

I. billi fil-livell reġjonali u globali n-NU u l-Kunsill tal-Ewropa żviluppaw diversi konvenzjonijiet u mekkaniżmi b'rabta mal-konfiska u l-irkupru tal-assi, jiġifieri l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni tal-31 ta' Ottubru 2003, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali tal-15 ta' Novembru 2000, il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-flus, it-Tiftix, is-Sekwestru u l-Konfiska tar-Rikavat minn Attività Kriminali u dwar il-Finanzjament tat-Terroriżmu tas-16 ta' Mejju 2005, u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-Flus, it-Tiftix, is-Sekwestru u l-Konfiska tar-Rikavat minn Attività Kriminali tat-8 ta' Novembru 1990; billi, madankollu, għal diversi raġunijiet dawn l-istrumenti mhux dejjem jippermettu rkupru effettiv u f'waqtu tal-assi misruqa;

J. billi din il-kwistjoni ġiet indikata mill-UE bħala waħda mill-prijoritajiet tal-politika estera u ta' sigurtà komuni; billi proġetti pilota u preparatorji qed jiġu implimentati f'dan ir-rigward;

K. billi skont l-Artikoli 1, 3 u 14 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi [2], l-OLAF għandu mandat li jinvestiga kull fejn jintefqu flus l-UE, inkluż f'pajjiżi mhux tal-UE li jirċievu assistenza mingħandha;

L. billi, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-OLAF jista' jidħol f'arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva ma' awtoritajiet kompetenti f'pajjiżi terzi, wara koordinazzjoni minn qabel mas-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni u mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna;

1. Jenfasizza l-problema attwali ta' fondi tal-UE mitlufa minħabba każijiet ta' frodi li jinvolvu fondi li qed jiġu trasferiti lil pajjiżi terzi;

2. Jisħaq fuq il-ħtieġa, għall-finijiet tal-prevenzjoni, li jiġu evitati trasferimenti ta' fondi permezz ta' intermedjarji finanzjarji li joperaw f'ġurisdizzjonijiet mhux trasparenti u mhux kooperattivi;

3. Jenfasizza bi tħassib li l-fondi minn pajjiżi terzi jistgħu wkoll jiġu trasferiti b'mod frodulenti lejn l-UE; jissottolinja li r-riżultat tal-Azzjoni Preparatorja ffinanzjata mill-UE dwar l-appoġġ għall-pajjiżi tar-Rebbiegħa Għarbija biex jiġi implimentat l-irkupru tal-assi mwettqa mill-Istitut Interreġjonali ta' Riċerka tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kriminalità u l-Ġustizzja (UNICRI) għandu jwassal għal programm tal-UE permanenti u usa' għall-implimentazzjoni tal-irkupru tal-assi;

---

(1) ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39.
(2) ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1.

4. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-iżborż tal-fondi jiġi marbut mal-pubblikazzjoni ta' data dwar is-sjieda benefiċjarja, sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru tal-assi f'każ ta' frodi;

5. Jissottolinja li, sfortunatament, s'issa l-UE kkonkludiet biss ftehimiet dwar l-assistenza legali reċiproka ma' ftit pajjiżi terzi, bħall-Ġappun, in-Norveġja, l-Liechtenstein u l-Istati Uniti,, minkejja l-fatt li huwa suspettat li l-fondi huma wkoll trasferiti lejn ġurisdizzjonijiet oħra; jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ l-isforzi biex jintlaħqu ftehimiet ma' pajjiżi terzi li jirċievu finanzjament mill-UE;

6. Jiddispjaċih għall-fatt li bosta Stati Membri attwalment iridu jiddependu fuq ftehimiet bilaterali u li ma hemm l-ebda approċċ tal-UE għal din il-kwistjoni serja; jisħaq, għalhekk, fuq il-ħtieġa għal approċċ aktar unifikat;

7. Jitlob lill-UE tavvanza fl-applikazzjoni tagħha għas-sħubija tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa malajr kemm jista' jkun, u żżomm lill-Parlament aġġornat dwar din il-kwistjoni;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tkun aktar ħarxa fil-pożizzjoni tagħha fi ftehimiet iffirmati ma' pajjiżi terzi billi żżid klawżoli kontra l-frodi; jiddispjaċih għall-fatt li ma hemm l-ebda data dwar l-ammont ta' fondi tal-UE mitlufa kull sena minħabba każijiet frodulenti marbuta ma' trasferiment ta' flus lil pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni tikkalkula l-ammont ta' fondi tal-UE li ntilfu;

9. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tar-riskju tal-liġijiet tal-UE li jiffaċilitaw it-trasferiment illegali ta' flus barra mill-UE, u tneħħi l-punti sensittivi f'dawk il-liġijiet;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi metodu standardizzat ta' ġbir ta' data, li jkun identiku għall-Istati Membri kollha, biex jippermetti li jiġi identifikat it-trasferiment ta' assi frodulenti lil pajjiżi terzi, bil-għan li tinħoloq bażi ta' data ċentrali tal-UE malajr kemm jista' jkun; jissottolinja li diġà jeżisti mekkaniżmu bħal dan biex jiġġieled il-ħasil tal-flus, u li dan il-mekkaniżmu jista' jiġi estiż;

11. Jissottolinja li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-flus, it-Tiftix, is-Sekwestru u l-Konfiska tar-Rikavat minn Attività Kriminali u dwar il-Finanzjament tat-Terroriżmu tas-16 ta' Mejju 2005 u l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħasil tal-Flus, it-Tiftix, is-Sekwestru u l-Konfiska tar-Rikavat minn Attività Kriminali tat-8 ta' Novembru 1990 jikkostitwixxu strumenti importanti li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi relatati mal-iffriżar u l-irkupru tal-assi; jilqa' l-konklużjoni b'suċċess tan-negozjati dwar il-proposta għal regolament dwar ir-rikonoxximent reċiproku ta' ordnijiet ta' ffriżar u ta' konfiska, u jinnota li l-elementi ewlenin tagħha jistgħu jiffurmaw bażi utli għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-kuntest ta' konvenzjonijiet internazzjonali u ftehimiet bilaterali li l-UE hija parti minnhom;

12. Jiddispjaċih għall-fatt li mhux l-Istati Membri kollha tal-UE qablu li jkunu parti mill-UPPE; jisħaq fuq l-importanza li l-UPPE jsir il-protagonist ewlieni ta' kwalunkwe mekkaniżmu futur għall-irkupru fil-pajjiżi terzi, u li dan jirrikjedi li jkun rikonoxxut għal dan l-iskop bħala awtorità kompetenti, skont l-Artikolu 104 tar-Regolament dwar l-UPPE, fit-trattati eżistenti u futuri dwar l-assistenza legali reċiproka u l-irkupru tal-assi, b'mod partikolari l-Konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa u tan-NU;

13. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0428

# Żieda fil-vjolenza neofaxxista fl-Ewropa

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar iż-żieda fil-vjolenza neofaxxista fl-Ewropa (2018/2869(RSP))**

(2020/C 345/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra r-rapport, tad-9 ta' Mejju 2017, tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar forom kontemporanji ta' razziżmu, diskriminazzjoni razzjali, ksenofobija u intolleranza relatata,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 71/179 tad-19 ta' Diċembru 2016 tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-ġlieda kontra l-glorifikazzjoni tan-Naziżmu, in-neo-Naziżmu u l-prattiki l-oħra li jikkontribwixxu biex ikebbsu forom kontemporanji ta' razziżmu, diskriminazzjoni razzjali, ksenofobija u intolleranza relatata,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha u l-Protokoll Nru 12 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 3, 6 u 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 [1] li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi tar-razza u tal-oriġini etnika (id-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 2008 dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali [2],

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità [3],

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej [4],

— wara li kkunsidra l-ħolqien f'Ġunju 2016 tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-UE dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-30 ta' Settembru 2014 dwar il-ġlieda kontra l-manifestazzjonijiet tan-neo-Naziżmu u tal-estremiżmu tal-lemin,

— wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Prattika tal-UE dwar id-Diżinformazzjoni,

— wara li kkunsidra il-Kodiċi ta' Kondotta għall-Ġlieda kontra d-Diskors ta' Mibegħda Illegali Online,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi, skont l-Artikolu 2 tat-TUE, "l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi"; billi dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri kollha;

B. billi n-nuqqas ta' azzjoni serja fil-konfront tal-gruppi neo-Faxxisti u neo-Nazisti ppermetta l-qawmien ksenofobu li hemm bħalissa fl-Ewropa;

---

(1) ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.
(2) ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55.
(3) ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57.
(4) ĠU L 317, 4.11.2014, p. 1.

C. billi l-gruppi u l-partiti politiċi apertament neo-Faxxisti, neo-Nazisti u ksenofobi qegħdin jinċitaw il-mibegħda u l-vjolenza fis-soċjetà, b'hekk ifakkruna x'kienu kapaċi jagħmlu fil-passat;

D. billi t-tixrid ta' diskors ta' mibegħda online spiss iwassal għal żieda fil-vjolenza, inkluż minn gruppi neo-Faxxisti;

E. billi l-gruppi neo-Faxxisti qatlu eluf ta' nies ta' kull xorta, bħal rifuġjati u immigranti, minoranzi etniċi u reliġjużi, persuni LGBTQI, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, attivisti, politiċi u membri tal-korp tal-pulizija;

F. billi l-gruppi neo-Faxxisti jużaw u jabbużaw mill-istrumenti demokratiċi tagħna biex ixerrdu l-mibegħda u l-vjolenza;

G. billi, skont ir-rapport ta' Europol, il-Kummissjarju tal-UE għas-Sigurtà, Sir Julian King, fit-22 ta' Marzu 2017, f'intervent tiegħu fl-okkażjoni ta' avveniment ta' kommemorazzjoni tal-attakki ta' Brussell tal-2016, enfasizza t-theddida dejjem akbar tal-estremiżmu vjolenti tal-lemin u stqarr li huwa ma kienx jaf bi Stat Membru tal-UE wieħed li mhuwiex milqut b'xi mod jew ieħor minn dan il-fenomenu, u semma speċifikament l-attakki fin-Norveġja fl-2011, l-assassinju tal-Membru Parlamentari tar-Renju Unit, Jo Cox, u l-attakki fuq iċ-ċentri tal-asil u l-moskej fl-Ewropa kollha biex jisħaq fuq dak li hu wissa bħala theddida "inqas irrapportata" għas-sigurtà; billi l-gruppi neo-Faxxisti u neo-Nazisti jimmanifestaw ruħhom f'diversi forom; billi l-maġġor parti ta' dawn il-gruppi teskludi lil ċerti individwi jew gruppi mis-soċjetà; billi dawn l-organizzazzjonijiet ta' spiss jużaw lingwaġġ aggressiv lejn gruppi minoritarji u jipprovaw jiġġustifikaw dan billi jinvokaw il-prinċipju tal-libertà tal-espressjoni; billi d-dritt għal-libertà tal-kelma mhuwiex assolut;

H. billi l-Artikolu 30 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem jgħid b'mod ċar li xejn f'din id-dikjarazzjoni "ma jista' jkun mifhum li jagħti lil xi Stat, għaqda jew persuna l-jedd li jagħmel xi ħidma jew li jwettaq xi għemil bil-għan li jeqred xi jeddijiet jew libertajiet li huma mxandra hawnhekk";

I. billi l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali tafferma li l-Istati Partijiet jikkundannaw il-propaganda kollha u l-organizzazzjonijiet kollha li jissejsu fuq ideat jew teoriji ta' superjorità ta' razza jew grupp ta' persuni ta' kulur jew oriġini etnika;

J. billi l-promozzjoni tal-Faxxiżmu hija pprojbita f'bosta Stati Membri skont il-liġijiet nazzjonali tagħhom;

K. billi r-rapport TESAT 2018 tal-Europol irreġistra kważi d-doppju fl-għadd ta' individwi arrestati minħabba reati ta' estremiżmu tal-lemin fl-2017;

L. billi fit-22 ta' Lulju 2011, inqatlu 77 ruħ u ndarbu 151 fl-attakki fin-Norveġja;

M. billi fis-16 ta' Ġunju 2016 Jo Cox, Membru tal-Parlament tar-Renju Unit, ġiet brutalment assassinata f'Birstall, ir-Renju Unit;

N. billi, skont ir-rapport TESAT 2018 tal-Europol, ħames attakki terroristiċi li ġew sfrattati, li fallew jew li rnexxielhom iseħħu attribwiti lil individwi tal-lemin estrem ġew irrappurtati fl-2017 ([1]) fir-Renju Unit;

O. billi fil-21 ta' Settembru 2018 Eleonora Forenza, Membru tal-Parlament Ewropew, u l-assistent tagħha Antonio Perillo ġew attakkati wara dimostrazzjoni anti-Faxxista f'Bari, l-Italja;

P. billi s-servizz ta' intelligence Franċiż esprima tħassib dwar in-numru li qed jiżdied ta' membri tal-forzi militari u tal-infurzar tal-liġi li qed jingħaqdu ma' gruppi vjolenti tal-lemin estrem ([2]);

([1]) https://www.europol.europa.eu/activities-services/main-reports/european-union-terrorism-situation-and-trend-report-2018-tesat-2018

([2]) https://www.mediapart.fr/journal/france/090418/forces-de-l-ordre-liees-l-ultra-droite-violente-la-dgsi-s-inquiete?onglet=full

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

Q. billi, f'rapport ippubblikat fil-15 ta' Mejju 2018 ([1]), il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razziżmu u l-Intolleranza (ECRI), stabbilita mill-Kunsill tal-Ewropa, stqarret li tinsab allarmata minħabba ż-żieda fl-estremiżmu tal-lemin u n-neo-Faxxiżmu fil-Kroazja;

R. billi fil-Polonja, waqt dimostrazzjoni f'Novembru 2017, ritratti ta' sitt Membri tal-Parlament Ewropew, li ħadu pożizzjoni favur it-tolleranza, l-istat tad-dritt u valuri Ewropej oħra, ġew imdendla minn forka improvviżata fi pjazza pubblika fil-belt tan-Nofsinhar ta' Katowice, minn membri tal-moviment Pollakk tal-lemin estrem ONR (Kamp Radikali Nazzjonali); billi investigazzjoni għadha għaddejja, iżda s'issa għadhom ma tressqu l-ebda akkużi kontra xi ħadd mis-suspettati, anki jekk il-ġrajja ġiet irrapportata f'diversi mezzi tax-xandir, anke b'filmati;

S. billi, f'Novembru 2017, biex jiġi mmarkat jum l-indipendenza tal-Polonja, organizzazzjonijiet tal-lemin estrem organizzaw dimostrazzjoni kbira f'Varsavja, li ġabret aktar minn 60 000 ruħ; billi d-dimostranti kienu qed iżommu strixxuni ksenofobiċi bi slogans bħal "Ewropa bajda ta' nazzjonijiet aħwa", inklużi xi wħud li juru l-"falanga", simbolu Faxxista mit-tletinijiet;

T. billi l-proċess tal-partit neo-Nazista Żerniq tad-Deheb, fuq akkużi li huwa organizzazzjoni kriminali u ħati tal-assassinju ta' Pavlos Fyssas, fost delitti oħrajn, inkluż attentat ta' omiċidju, għadu għaddej fil-Greċja;

U. billi, fil-21 ta' Settembru 2018, l-attivista LGBTQI Zak Kostopoulos ġie assassinat brutalment fiċ-ċentru ta' Ateni; billi wieħed mill-akkużati huwa, allegatament, marbut ma' forzi tal-lemin estrem; billi jeħtieġ li ssir investigazzjoni sħiħa biex dawk responsabbli għall-maltrattament u għall-mewt tiegħu jkunu jistgħu jitressqu quddiem il-ġustizzja;

V. billi Taljan ġie kkundannat għal 12-il sena priġunerija talli spara fuq sitt migranti Afrikani u ferihom waqt attakk immotivat minn raġunijiet razzisti f'Macerata, belt fl-Italja ċentrali;

W. billi seba' membri ta' grupp "viġilanti" tal-lemin estrem li ġew arrestati f'Chemnitz f'nofs Settembru 2018 minħabba disturbi tal-ordni pubbliku dan l-aħħar ittellgħu l-qorti talli huma ssuspettati li ffurmaw organizzazzjoni terroristika taħt l-isem Revoluzzjoni Chemnitz; billi, skont il-prosekuturi federali, l-inkwirenti kienu bidlu minn akkużi kriminali għal akkużi terroristiċi, wara li eżaminaw il-komunikazzjonijiet interni ta' dan il-grupp;

X. billi fi Franza, fis-7 ta' Diċembru 2017, ħames membri tal-moviment Génération identitaire ġew ikkundannati għal inċitament tal-mibegħda razzjali u reliġjuża; billi xi individwi marbuta ma' gruppi tal-lemin estrem, fosthom Action française, kienu qegħdin jippjanaw attentat terroristiku kontra għadd ta' politiċi Franċiżi u moskej matul l-elezzjonijiet presidenzjali tal-2017; billi, fl-24 ta' Ġunju 2018, għaxar membri tal-grupp tal-lemin estrem Action des forces opérationnelles (AFO) ġew arrestati talli ppjanaw sensiela ta' attakki kontra membri tal-komunità Musulmana; billi, fl-14 ta' Settembru 2018, żewġ ex skinheads instabu ħatja tal-omiċidju ta' Clément Méric, student żagħżugħ u attivista anti-Faxxista li nqatel f'Ġunju 2013;

Y. billi fi Spanja, 12-il membru tal-organizzazzjoni neo-Nazista Hogar Social Madrid qegħdin jiġu investigati bħalissa għal inċitament tal-mibegħda; billi xi membri tal-gruppi Faxxisti Spanjoli Falange, Alianza Nacional u Democracia Nacional ġew arrestati u kkundannati mill-Qorti Suprema Spanjola wara li attakkaw iċ-Ċentru Kulturali Blanquerna ta' Madrid matul iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Nazzjonali Katalan fl-2013; billi, fl-2016, l-NGO antirazzista SOS Racismo ddokumentat 309 każijiet ta' vjolenza ksenofoba; billi l-president ta' din l-organizzazzjoni rċieva theddidiet ta' mewt wara li rrapporta dawn il-każijiet u kkundanna n-nuqqas ta' mekkaniżmi effikaċi biex dawn id-delitti jiġu ddenunzjati;

Z. billi 19-il persuna ġew akkużati mill-Fundación Nacional Francisco Franco, entità li tigglorifika dittatura u d-delitti tagħha, u mill-familja Franco, b'bosta reati li jafu jammontaw għal 13-il sena priġunerija wara li wettqu azzjoni paċifika u simbolika billi fetħu żewġ strixxuni kbar mid-dar sinjorili ta' Pazo de Meirás biex jitolbu lill-awtoritajiet pubbliċi jintervjenu ħalli din il-proprjetà terġa' tgħaddi fil-pussess tal-poplu Galizjan;

AA. billi d-deċiżjoni tal-Kungress tad-Deputati Spanjol li jadotta mozzjoni biex il-fdalijiet ta' Francisco Franco jitneħħew minn fejn jinsabu midfuna bħalissa fil-mafkar tal-gwerra magħruf bħala Valle de los Caídos, li sar post ta' pellegrinaġġ għal-lemin estrem; billi s-simboli jew il-monumenti kollha li fadal li jeżaltaw il-kolp ta' stat militari, il-gwerra ċivili u d-dittatura ta' Franco għandhom effettivament jitneħħew, u billi dawk ma jistgħux jitneħħew għandha ssirilhom il-kuntestwalizzazzjoni u l-interpretazzjoni xierqa, ħalli jkunu jistgħu jikkontribwixxu għall-kuxjenza pubblika u u għat-tfakkir tal-imgħoddi;

([1]) https://rm.coe.int/fifth-report-on-croatia/16808b57be

AB. billi l-Moviment ta' Reżistenza Nordika (NMR), organizzazzjoni neo-Nazista, jorganizza regolarment manifestazzjonijiet fl-Iskandinavja kollha, li fihom ikantaw slogans u jxejru l-bnadar ħodor u bojod tal-organizzazzjoni; billi diversi membri tal-NMR ġew ikkundannati minħabba attakki vjolenti fil-konfront tal-popolazzjoni ċivili u tal-pulizija; billi l-bosta attakki bi ħruq doluż kontra ċ-ċentri ta' akkoljenza tar-rifuġjati wassal biex il-Gvern Żvediż jaħbi, fl-2015, il-post tal-binjiet iddestinati għall-alloġġ tar-rifuġjati;

AC. billi, kull sena, fis-16 ta' Marzu, eluf ta' nies jinġabru f'Riga għal Jum il-Leġjun Latvjan biex jagħtu ġieħ lil-Latvjani li servew fil-Waffen-SS;

AD. billi, mill-bidu tal-2018, il-grupp C14 u gruppi oħra tal-lemin estrem fl-Ukrajna, bħall-Milizzja Nazzjonali affiljata mal-Azov, is-Settur tal-Lemin, Karpatska Sich u oħrajn, attakkaw kemm-il darba lil gruppi Rom, kif ukoll dimostrazzjonijiet anti-Faxxisti, laqgħat tal-kunsilli lokali, avveniment imtella' minn Amnesty International, wirjiet tal-arti, avvenimenti LGBTQI, u attivisti favur id-drittijiet tan-nisa u l-ambjent;

1. Jikkundanna u jiddeplora bil-qawwa l-attakki terroristiċi, l-assassinji, il-vjolenza psikoloġika, l-attakki fiżiċi vjolenti u l-marċijiet li seħħew f'diversi Stati Membri tal-UE minn organizzazzjonijiet neo-Faxxisti u neo-Nazisti;

2. Jinsab ferm imħasseb bin-normalizzazzjoni dejjem akbar tal-Faxxiżmu, tar-razziżmu, tal-ksenofobija u ta' forom oħra ta' intolleranza fi ħdan l-Unjoni Ewropea, u huwa inkwetat bir-rapporti ta' kollużjoni, f'ċerti Stati Membri, bejn il-mexxejja politiċi, il-partiti politiċi u l-korpi tal-infurzar tal-liġi man-neo-Faxxisti u n-neo-Nazisti;

3. Jinsab partikolarment inkwetat dwar il-vjolenza neo-Faxxista li qed tolqot lis-soċjetà kollha kemm hi u li għandha fil-mira tagħha minoranzi partikolari bħalma huma l-Ewropej is-suwed / il-persuni ta' nisel Afrikan, il-Lhud, il-Musulmani, ir-Rom, iċ-ċittadin ta' pajjiżi terzi, il-persuni LGBTI u l-persuni b'diżabbiltà;

4. Jikkundanna bil-qawwa l-attakki vjolenti kollha minn gruppi neo-Faxxisti kontra politiċi u membri ta' partiti politiċi, kif irrappurtat f'xi Stati Membri; u b'mod partikolari l-attakk reċenti mill-iskwadri Faxxisti ta' CasaPound fuq Eleonora Forenza, Membru tal-Parlament Ewropew, l-assistent tagħha, Antonio Perillo, u oħrajn li ħadu sehem f'dimostrazzjoni anti-Faxxista fil-21 ta' Settembru 2018 f'Bari, l-Italja;

5. Jinsab profondament imħasseb dwar l-impunità li biha l-gruppi neo-Faxxisti u neo-Nazisti qed joperaw f'xi Stati Membri u jenfasizza li dan is-sens ta' impunità huwa waħda mir-raġunijiet li jispjegaw għaliex l-azzjonijiet vjolenti minn ċerti organizzazzjonijiet tal-lemin estrem żdiedu b'mod allarmanti;

6. Jirrikonoxxi t-tendenza preokkupanti tal-gruppi neo-Faxxisti u neo-Nazisti li jużaw il-midja soċjali u l-internet biex jorganizzaw attivitajiet u jfasslu strateġiji fl-Unjoni Ewropea kollha;

7. Jiddeplora l-fatt li f'xi Stati Membri x-xandir pubbliku sar eżempju ta' propaganda min-naħa ta' partit politiku uniku, liema propaganda spiss teskludi l-oppożizzjoni u l-gruppi minoritarji mis-soċjetà u saħansitra tinċita l-vjolenza;

8. Ifakkar li l-ideoloġija Faxxista u l-intolleranza huma dejjem assoċjati ma' attakk fuq id-demokrazija stess;

9. Jistieden lill-Istati Membri jikkundannaw u jissanzjonaw mingħajr eżitazzjoni d-delitti ta' mibegħda, id-diskors ta' mibegħda u t-tfigħ ta' ħtija fuq min ma ħaqqux min-naħa tal-politiċi u tal-uffiċjali pubbliċi fil-livelli kollha u fuq kull tip ta' midja, peress li dawn l-atti jinnormalizzaw u jsaħħu direttament il-mibegħda u l-vjolenza fis-soċjetà;

10. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu aktar miżuri biex jimpedixxu, jikkundannaw u jiġġieldu d-diskors ta' mibegħda u d-delitti ta' mibegħda;

11. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-kumpaniji tal-midja soċjali jiġġieldu t-tixrid tar-razziżmu, tal-Faxxiżmu u tal-ksenofobija fuq l-internet, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili fuq livell nazzjonali u fuq livell internazzjonali;

12. Jistieden lill-Istati Membri jinvestigaw id-delitti ta' mibegħda u jieħdu passi legali fil-konfront tal-awturi tagħhom kif ukoll jikkondividu l-aħjar prattiki għall-identifikazzjoni u l-investigazzjoni tad-delitti ta' mibegħda, inklużi dawk motivati speċifikament mid-diversi forom ta' ksenofobija;

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

13. Jistieden lill-Istati Membri jippjanaw u jipprevedu appoġġ adegwat għall-vittmi ta' delitti razzisti jew ksenofobi u delitti ta' mibegħda, kif ukoll il-protezzjoni tax-xhieda kollha kontra l-awturi ta' tali delitti;

14. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu unitajiet tal-pulizija speċjalizzati fil-ġlieda kontra r-reati ta' mibegħda; jistieden lill-forzi tal-pulizija jiżguraw li l-persunal tagħhom ma jkunx involut f'xi forma ta' atti razzisti, ksenofobi jew diskriminatorji kif ukoll li kwalunkwe att kommess ta' dan it-tip jiġi investigat u li dawk responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja;

15. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi appell għall-monitoraġġ u r-rappurtar min-naħa tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-konfront tad-diskors ta' mibegħda u d-delitti ta' mibegħda fl-Istati Membri;

16. Jappoġġa, ifaħħar u jitlob il-protezzjoni tal-gruppi komunitarji u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jiġġieldu kontra l-Faxxiżmu, ir-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza;

17. Jitlob li jkun hemm leġiżlazzjoni konsolidata tal-UE kontra d-diskriminazzjoni, inklużi t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti kif ukoll il-ħolqien ta' leġiżlazzjoni ġdida, inkluża d-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali;

18. Ifakkar li d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali, li l-iskadenza għall-implimentazzjoni tagħha kienet Novembru 2010, tipprevedi bażi ġuridika biex jiġu imposti penali fuq persuni ġuridiċi li jinċitaw pubblikament il-vjolenza jew il-mibegħda kontra grupp minoritarju, bħall-esklużjoni mid-dritt għal benefiċċji pubbliċi, l-iskwalifika mill-eżerċizzju ta' attivitajiet kummerċjali, it-tqegħid taħt superviżjoni ġudizzjarja jew il-ħruġ ta' ordni ta' stralċ;

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni taġġorna r-rapport tagħha tal-2014 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill imsemmija hawn fuq u tiftaħ proċedimenti ta' ksur kontra dawk l-Istati Membri li ma kkonformawx mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni;

20. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jissalvagwardjaw il-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet tal-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill, jiġġieldu kontra l-organizzazzjonijiet li jxerrdu id-diskors ta' mibegħda u l-vjolenza fl-ispazju pubbliku u online u jipprojbixxu b'mod konkret lill-gruppi neo-Nazisti u neo-Faxxisti kif ukoll kull fondazzjoni jew assoċjazzjoni oħra li jfaħħru u jigglorifikaw in-Naziżmu u l-Faxxiżmu, fir-rispett tal-ordinament ġuridiku nazzjonali u l-kompetenza nazzjonali fil-qasam;

21. Jitlob li jkun hemm kooperazzjoni sħiħa u f'ħinha bejn il-korpi tal-infurzar tal-liġi, l-aġenziji tal-intelligence, il-ġudikatura u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-ġlieda kontra l-Faxxiżmu, ir-razziżmu, il-ksenofobija u forom oħra ta' intolleranza;

22. Jistieden lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġlieda kontra l-manifestazzjonijiet tal-neo-Naziżmu u l-estremiżmu tal-lemin;

23. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu taħriġ intern obbligatorju, ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem u orjentat lejn is-servizz għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi u għall-uffiċjali fis-sistema ġudizzjarja fil-livelli kollha;

24. Jistieden lill-Istati Membri jikkonċentraw fuq il-prevenzjoni permezz tal-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattiki;

25. Jistieden lill-Istati Membri u lill-federazzjonijiet sportivi nazzjonali, b'mod partikolari l-klabbs tal-futbol, jiġġieldu l-pjaga tar-razziżmu, tal-Faxxiżmu u tal-ksenofobija fl-istadiums u fil-kultura sportiva billi jikkundannaw u jissanzjonaw lil dawk responsabbli u jippromwovu attivitajiet edukattivi pożittivi li jkollhom fil-mira s-sapporters żgħażagħ b'kooperazzjoni mal-iskejjel u mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili;

26. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jipprovdu taħriġ lil dawk li jaħdmu fix-xandir pubbliku u fil-midja biex jissensibilizzawhom dwar l-isfidi u d-diskriminazzjoni li jħabbtu wiċċhom magħhom il-vittmi tal-gruppi neo-Faxxisti u neo-Nazisti;

27. Jistieden lill-Istati Membri jdaħħlu fis-seħħ "programmi ta' ħruġ" nazzjonali biex tingħata għajnuna lill-persuni li joħorġu mill-gruppi neo-Faxxisti u neo-Nazisti vjolenti; jissottolinja li tali programmi għandhom imorru ferm lil hinn minn interventi individwali u għandhom jinvolvu appoġġ fit-tul għal dawk li qed jitħabtu biex isibu impjieg, jirrilokaw jew jiżviluppaw netwerks soċjali ġodda u sikuri;

28. Jenfasizza li waħda mill-prekundizzjonijiet biex tali delitti ma jitħallewx iseħħu fil-futur hija li dak li jkun ikun konxju minn dak li ġara fil-passat u li dan l-għarfien jiżvolġi rwol importanti fl-edukazzjoni tal-ġenerazzjonijiet iż-żgħar;

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

29. Jistieden lill-Istati Membri jikkundannaw u jiġġieldu l-forma kollha taċ-ċaħda tal-Olokawst, inklużi l-banalizzazzjoni u l-minimizzazzjoni tad-delitti mwettqa min-Nazisti u mill-kollaboraturi tagħhom; jirrimarka li l-verità dwar l-Olokawst ma tridx tiġi banalizzata fit-taħdit politiku u medjatiku;

30. Jitlob li titrawwem kultura komuni ta’ kommemorazzjoni li topponi d-delitti Faxxisti tal-imgħoddi; jinsab profondament inkwetat dwar il-fatt li l-ġenerazzjonijiet iż-żgħar fl-Ewropa u fi bnadi oħra kulma jmur qed iħossuhom dejjem inqas ikkonċernati dwar l-istorja tal-Faxxiżmu u għaldaqstant jinsabu f’sogru li jsiru indifferenti għal theddid ġdid;

31. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jippromwovu l-edukazzjoni permezz tal-kultura tradizzjonali dwar id-diversità tas-soċjetà tagħna u dwar l-istorja komuni tagħna, inklużi l-atroċitajiet tat-Tieni Gwerra Dinjija, bħall-Olokawst, u d-diżumanizzazzjoni sistematika tal-vittmi fuq numru ta’ snin;

32. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlament tal-Istati Membri, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, kif ukoll lin-Nazzjonijiet Uniti.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0429

# It-trattament xieraq tal-annimali, l-użu tal-antimikrobiċi u l-impatt ambjentali tat-trobbija industrijali tat-tiġieġa tas-simna

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar it-trattament xieraq tal-annimali, l-użu tal-antimikrobiċi u l-impatt ambjentali tat-trobbija industrijali tat-tiġieġa tas-simna (2018/2858(RSP))**

(2020/C 345/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2007/43/KE tat-28 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam ([1]) ("Direttiva dwar il-Brojlers"),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2015 dwar strateġija ġdida għall-benessri tal-annimali għall-2016-2020 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE "Saħħa Waħda" kontra r-Reżistenza għall-Antimikrobiċi tal-2017,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 2012 dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Protezzjoni u l-Benessri tal-Annimali 2012-2015 (COM(2012)0006),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-13 ta' April 2018 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2007/43/KE u l-effetti tagħha fuq il-benessri tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam, kif ukoll l-iżvilupp ta' indikaturi tal-benessri (COM(2018)0181),

— wara li kkunsidra l-istudju mill-Kummissjoni tal-21 ta' Novembru 2017 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2007/43/KE u l-iżvilupp ta' indikaturi tal-benessri,

— wara li kkunsidra l-ftehim ([3]) dwar ir-Regolament dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji milħuq fil-5 ta' Ġunju 2018,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trasmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([4]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([5]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Ħarsien ta' Annimali miżmuma għal Skopijiet ta' Biedja u d-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-istess suġġett ([6]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/302 tal-15 ta' Frar 2017 li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT), skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għat-trobbija intensiva tat-tjur jew tal-ħnieżer ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-UE hija produttur globali ewlieni tat-tiġieġ tas-simna, b'madwar 7 biljun minnhom li jinqatlu għal finijiet alimentari; billi s-settur tat-tjur, li jipproduċi skont il-prinċipju Ewropew "mill-għalqa sal-platt", jimpjega aktar minn kwart ta' miljun ruħ, bi 23 000 farm tat-tiġieġ tas-simna fl-Ewropa;

---

([1]) ĠU L 182, 12.7.2007, p. 19.
([2]) ĠU C 366, 27.10.2017, p. 149.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2018)0421.
([4]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.
([5]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.
([6]) ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23.
([7]) ĠU L 43, 21.2.2017, p. 231.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

B. billi d-Direttiva 2007/43/KE (id-Direttiva dwar il-Brojlers) tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam; billi huwa importanti li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-produtturi jirrispettaw dawn ir-regoli u jsegwu spezzjonijiet regolari f'dan il-qasam;

C. billi skont l-istudju tal-Kummissjoni tal-21 ta' Novembru 2017 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2007/43/KE, 34 % tat-tiġieġ tas-simna jinżammu f'densitajiet ta' ħażna ta' 33 kg/m$^2$ bi qbil mar-regola ġenerali, 40 % jinżammu f'densitajiet ta' ħażna ta' bejn 34-39 kg/m$^2$ u 26 % jinżammu fl-ogħla densità (sa 42 kg/m$^2$) permessa mid-direttiva;

D. billi l-infurzar tad-Direttiva dwar il-Brojlers mhuwiex uniformi u r-rapport ta' implimentazzjoni reċenti tal-Kummissjoni wera li l-infurzar huwa, fl-aktar termini pożittivi possibbli, inkonsistenti fost l-Istati Membri;

E. billi użu żejjed ta' mediċini veterinarji antimikrobiċi, speċjalment bħala promoturi ta' tkabbir u għal metafilassi u profilassi, huwa wieħed mill-fatturi ewlenin li jinfluwenzaw l-iżvilupp ta' batterji b'reżistenza antimikrobika b'mod globali; billi n-nuqqas ta' trattament xieraq ikkawżat mid-densitajiet tal-ħażna għoljin jew mill-istress tas-sħana jista' jwassal għal żbilanċi immunoloġiċi u jagħmel lit-tiġieġ tas-simna aktar suxxettibbli għall-mard;

F. billi l-preżenza ta' varjetajiet żoonotiċi ta' *Campylobacter spp*. u *Salmonella spp*. reżistenti għal diversi mediċini fil-farms tat-tiġieġ tas-simna u fil-laħam tat-tiġieġ tas-simna tikkostitwixxi theddida dejjem ikbar għas-saħħa pubblika, kif irrappurtat mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u miċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC);

G. billi r-regoli dwar it-trattament xieraq tal-annimali għandhom jiġu aġġornati abbażi ta' sejbiet xjentifiċi ġodda u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-kompetittività fuq perjodu twil tat-trobbija agrikola tal-bhejjem; billi l-użu ta' sistemi tal-biedja bi trattament aktar xieraq jista' jtejjeb ir-riżultati tas-saħħa u tat-trattament xieraq tal-annimali, u b'hekk jikkontribwixxi għal tnaqqis fil-ħtieġa ta' antimikrobiċi, filwaqt li jkompli jipprovdi prodotti b'livell għoli ta' kwalità;

H. billi l-opinjoni xjentifika tal-2010 tal-EFSA dwar l-influwenza ta' parametri ġenetiċi fuq it-trattament xieraq u r-reżistenza għall-istress tat-tiġieġ tas-simna kummerċjali wriet li l-għażla ġenetika bbażata fuq ir-rati ta' tkabbir tat-tiġieġ tas-simna tista' tikkomprometti s-saħħa u t-trattament xieraq ta' dawn l-annimali;

I. billi ċ-ċittadini Ewropej għandhom interess kbir fit-trattament xieraq tal-annimali u jixtiequ jkunu jistgħu jagħmlu għażliet aktar infurmati bħala konsumaturi;

J. billi l-iktar Ewrobarometru speċjali reċenti dwar it-trattament xieraq tal-annimali juri li aktar minn 50 % taċ-ċittadini Ewropej ifittxu informazzjoni dwar il-metodu ta' produzzjoni meta jixtru prodotti tal-annimali u jaf ikunu lesti jħallsu aktar għal livell ogħla ta' trattament xieraq tal-annimali; billi 'l fuq minn 80 % taċ-ċittadini Ewropej iridu li jissaħħaħ it-trattament xieraq tal-annimali fil-farms fl-UE;

K. billi 25 % mil-laħam tas-sider tat-tjur li jiġi kkunsmat fl-UE huwa importat minn pajjiżi terzi b'leġiżlazzjoni inqas stretta dwar it-trattament xieraq tal-annimali; billi l-biċċa l-kbira tal-laħam tat-tjur importat jintuża fis-servizzi tal-ikel jew fl-ipproċessar tal-ikel, fejn l-informazzjoni dwar l-oriġini u t-tikkettar tal-laħam mhumiex obbligatorji;

L. billi t-Tajlandja, il-Brażil, u l-Ukrajna, li flimkien jammontaw għal 90 % tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, kollha ġew soġġetti għal awditi mid-DĠ SANTE tal-Kummissjoni, li wrew li jeżistu defiċjenzi sinifikanti fil-proċess tal-produzzjoni u fir-rispett għal-leġiżlazzjoni tal-UE; billi l-bdiewa tal-UE, kif ukoll l-NGOs, esprimew tħassib dwar l-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-importazzjonijiet ta' laħam tat-tiġieġ prodott b'mod irħis u ta' tikkettar qarrieqi ta' laħam tat-tiġieġ ipproċessat fl-Unjoni Ewropea, iżda li joriġina minn pajjiżi terzi;

1. Jirrikonoxxi l-eżiti tar-rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2007/43/KE u l-effetti tagħha fuq il-benessri tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam li jindika li żewġ terzi biss mill-Istati Membri implimentaw kif suppost id-direttiva; jinsab imħasseb dwar il-predominanza, kif muri fir-rapport, ta' densitajiet ta' ħażna ogħla f'ħafna postijiet mir-regola ġenerali ta' 33 kg/m$^2$;

2. Jinsab imħasseb dwar iż-żieda ta' aġenti żoonotiċi reżistenti għal diversi mediċini li jinsabu tipikament fit-trobbija tat-tiġieġ tas-simna, bħal *Campylobacter spp*., *Salmonella spp*. u *E. coli*;

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

3. Jirrikonoxxi l-isforzi li kienu diġà saru mill-bdiewa dwar it-trattament xieraq tat-tiġieġ tas-simna fl-Istati Membri varji fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Brojlers u b'mod partikolari minn dawk li jkunu qed jieħdu sehem fi skemi volontarji;

4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw implimentazzjoni armonizzata u infurzar sħiħ tad-Direttiva 2007/43/KE f'termini ta' speċifikazzjonijiet u sikurezza tal-bini biex jiġu żgurati l-objettivi tad-direttiva;

5. Jenfasizza li kompetizzjoni inġusta twassal għal kundizzjonijiet tal-kummerċ mhux ugwali, peress li dawk li ma jikkonformawx mar-regoli jistgħu joffru prezzijiet aktar baxxi minn dawk li jirrispettaw ir-regoli;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura indikaturi tat-trattament xieraq tal-annimali armonizzati li huma robusti u li jistgħu jitkejlu għat-tiġieġ tas-simna u l-istokk ġenitur, inkluża gwida għall-aħjar prattiki disponibbli għall-imfaqas;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw il-problema tan-nirien fil-binjiet fejn jinżammu t-tjur billi jippromwovu l-aħjar prattiki; jistieden lill-Istati Membri jipprevedu b'mod sħiħ il-korsijiet ta' taħriġ xierqa u suffiċjenti għal min irabbi, kif stabbilit fid-Direttiva 2007/43/KE;

8. Jistieden lill-EFSA tfassal opinjoni dwar il-prevalenza u l-fatturi ta' riskju għal *Campylobacter spp.*, *Salmonella spp.* u *E. coli* b' potenzjal żoonetiku reżistenti għall-antimikrobiċi;

9. Jilqa' l-ftehim dwar ir-Regolament dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji milħuq fil-5 ta' Ġunju 2018; jilqa' d-dispożizzjonijiet stabbiliti biex ikun ristrett l-użu ta' antibijotiċi għall-metafilassi u l-profilassi; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar miżuri preventivi u l-opinjoni xjentifika konġunta tal-EMA/EFSA [1] li titlob: l-użu ta' stokk għat-trobbija li jikber b'mod aktar b'saħħtu u bil-mod, densitajiet ta' ħażna li ma jżidux ir-riskju ta' mard, gruppi iżgħar, iżolament ta' annimali morda (l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2016/429), u implimentazzjoni ta' liġijiet eżistenti dwar it-trattament xieraq; jemmen li r-regolament jiffaċilita l-azzjoni tant meħtieġa dwar ir-reżistenza antimikrobika (AMR) u jistimola l-innovazzjoni fil-qasam tal-mediċina veterinarja; iqis li s-settur Ewropew tat-tjur u l-awtoritajiet nazzjonali qed jieħdu inizjattivi biex inaqqsu l-użu tal-antibijotiċi permezz tal-modernizzazzjoni tal-farms tat-tjur;

10. Jenfasizza li t-titjib tat-tekniki tat-trobbija tal-annimali jwassal għal kwalità ta' ħajja aħjar għat-tjur u jnaqqas il-ħtieġa tal-użu ta' antimikrobiċi; eżempji ta' dan it-titjib huma li jiġu pprovduti dawl naturali, arja nadifa u aktar spazju, u li titnaqqas l-ammonijaka; ifakkar lill-Kummissjoni fid-dikjarazzjoni stipulata fl-Istrateġija dwar is-Saħħa tal-Annimali u l-promozzjoni sinifikanti li l-prevenzjoni hija aħjar mill-kura;

11. Jenfasizza li t-trattament xieraq tal-annimali jservi minnu nnifsu ta' miżura preventiva, li jikkontribwixxi fit-tnaqqis tar-riskju li l-annimal jimrad u b'hekk jitnaqqas l-użu tal-antimikrobiċi u jintlaħqu riżultati tal-produzzjoni li jkunu ta' spiss ogħla; jinnota li l-użu ħażin tal-antimikrobiċi jista' jagħmilhom ineffettivi, li konsegwentement ikun ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem;

12. Jistieden lill-Kummissjoni żżid ir-riċerkau l-aħjar prattiki fir-rigward tal-AMR u tiżgura li l-miżuri preventivi bħas-sorveljanza tal-mard u l-kontrolli fuqhom jitwettqu b'mod effettiv mill-Istati Membri;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi politiki biex tinkoraġġixxi l-użu ta' sistemi ta' trobbija alternattivi għat-tiġieġ tas-simna, kif ukoll ta' razez tradizzjonali u/jew tas-simna li jippermettu livell ogħla ta' trattament xieraq;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tfassal pjan direzzjonali biex tappoġġa l-produzzjoni tal-laħam tat-tjur kompetittiva u sostenibbli, u trobbija li tiżgura trattament aktar xieraq għat-tiġieġ tas-simna;

15. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-kontrolli mwettqa fil-fruntieri ta' laħam tat-tjur importat minn pajjiżi terzi biex tiżgura li dawn l-importazzjonijiet jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar it-trattament xieraq tal-annimali, is-sikurezza tal-ikel u l-ambjent;

---

(1) Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju tal-EMA (CVMP) u l-Bord tal-EFSA dwar Perikoli Bijoloġiċi (BIOHAZ), 2016. *EMA and EFSA Joint Scientific Opinion on measures to reduce the need to use antimicrobial agents in animal husbandry in the European Union, and the resulting impacts on food safety (Opinjoni Xjentifika Konġunta tal-EMA u l-EFSA dwar miżuri biex jitnaqqas il-bżonn li jintużaw aġenti antimikrobiċi fit-trobbija tal-annimali fl-Unjoni Ewropea, u l-impatti li jirriżultaw fuq is-sikurezza tal-ikel.)*

16. Jenfasizza li żdiedu l-importazzjonijiet ta' laħam tat-tiġieġ minn pajjiżi li għandhom standards ambjentali, soċjali, ta' sikurezza tal-ikel u ta' trattament xieraq tal-annimali iktar baxxi; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-laħam tat-tiġieġ, il-prodotti u l-preparazzjonijiet tal-laħam importati jkunu ġew prodotti bi qbil mal-istandards ambjentali, soċjali, tas-sikurezza tal-ikel u tat-trattament xieraq tal-annimali tal-Unjoni sabiex jiġu garantiti kundizzjonijiet ekwi għall-produtturi tal-UE;

17. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi leġiżlazzjoni dwar it-tikkettar obbligatorju tal-oriġini ta' laħam importat fi prodotti pproċessati tal-UE fis-servizzi tal-bejgħ bl-imnut, tal-catering u tal-ikel, sabiex il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati;

18. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi metodu tal-UE ta' mmarkar tal-produzzjoni għat-tiġieġ tas-simna simili għall-metodu eżistenti tal-UE għall-bajd, sabiex jittejbu t-trasparenza u l-komunikazzjoni lill-konsumaturi dwar it-trattament xieraq tal-annimali fil-produzzjoni agrikola;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0430

# Il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima 2018 f'Katowice, il-Polonja (COP24)

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima 2018 f'Katowice, il-Polonja (COP24) (2018/2598(RSP))

(2020/C 345/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u l-Protokoll ta' Kjoto anness magħha,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi, id-Deċiżjoni 1/CP.21, il-21 Konferenza tal-Partijiet (COP21) għall-UNFCCC u l-11-il Konferenza tal-Partijiet li serviet bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (CMP11) li saru f'Pariġi, Franza, bejn it-30 ta' Novembru u l-11 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra t-18-il Konferenza tal-Partijiet (COP18) għall-UNFCCC u t-8 Konferenza tal-Partijiet li serviet bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (CMP8), li saru f'Doha, il-Qatar, mis-26 ta' Novembru sat-8 ta' Diċembru 2012, u l-adozzjoni ta' emenda għall-Protokoll li tistabbilixxi t-tieni perjodu ta' impenn fil-qafas tal-Protokoll ta' Kjoto li beda fl-1 ta' Jannar 2013 u jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020,

— wara li kkunsidra l-iffirmar tal-Ftehim ta' Pariġi fil-kwartieri ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fi New York – li nfetaħ fit-22 ta' April 2016 u baqa' miftuħ sal-21 ta' April 2017 – u li 195 Stat iffirmaw il-Ftehim filwaqt li 175 Stat iddepożitaw l-istrumenti għar-ratifika tiegħu,

— wara li kkunsidra t-23 Konferenza tal-Partijiet (COP23) għall-UNFCCC u t-13-il sessjoni tal-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (CMP13), kif ukoll it-Tieni Sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet li serviet bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi (CMA2), li saret f'Bonn, il-Ġermanja, bejn l-4 ta' Novembru u s-16 ta' Novembru 2017,

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2018 dwar id-diplomazija dwar il-klima ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2017 dwar il-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima 2017 f'Bonn, il-Ġermanja (COP23) ([2]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2016 bit-titlu "L-aċċelerazzjoni tat-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju" (COM(2016)0500),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-15 ta' Frar 2016, tat-30 ta' Settembru 2016, tat-23 ta' Ġunju 2017 u tat-22 ta' Marzu 2018,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2017, tas-26 ta' Frar 2018 u tad-9 ta' Ottubru 2018,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1541 tas-17 ta' Lulju 2017 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Emenda ta' Kigali għall-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu ([3]),

— wara li kkunsidra l-Kontributi Previsti Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (INDCs) tal-UE u l-Istati Membri tagħha, ippreżentati lill-UNFCCC fis-6 ta' Marzu 2015 mil-Latvja u l-Kummissjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Ħames Rapport ta' Valutazzjoni (AR5) tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), ir-Rapport ta' Sinteżi tiegħu u r-Rapport Speċjali tal-IPCC bit-titlu "Global Warming of 1.5 °C",

([1]) Testi adottati, P8_TA(2018)0280.
([2]) ĠU C 346, 27.9.2018, p. 70.
([3]) ĠU L 236, 14.9.2017, p. 1.

— wara li kkunsidra t-tmien Rapport ta' Sinteżi tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP) ta' Novembru 2017 bit-titlu "The Emissions Gap Report 2017" kif ukoll l-"Adaptation Gap Report" għall-2017, it-tielet wieħed tiegħu,

— wara li kkunsidra l-"Global Energy & $CO_2$ Status Report 2017" tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija (WMO) ta' Marzu 2018 dwar l-istat tal-klima globali fl-2017 u t-13-il "Greenhouse Gas Bulletin" tad-WMO tat-30 ta' Ottubru 2017,

— wara li kkunsidra l-"Global Risks Report 2018" tal-Forum Ekonomiku Dinji ([1]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-5 ta' Marzu 2018 tal-Green Growth Group, iffirmata minn 14-il ministru tal-ambjent u l-klima tal-UE, dwar il-finanzjament tal-azzjoni klimatika tal-UE u t-tisħiħ tal-infiq u l-integrazzjoni tal-klima fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) li jmiss ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport ippubblikat miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni f'Novembru 2017 bit-titlu "$CO_2$ – An operational anthropogenic $CO_2$ emissions monitoring and verification support capacity" ([3]),

— wara li kkunsidra id-Dikjarazzjoni ta' Fairbanks adottata mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-Istati Artiċi fl-10 Laqgħa Ministerjali tal-Kunsill tal-Artiku, li saret f'Fairbanks, l-Alaska, bejn l-10 u l-11 ta' Mejju 2017,

— wara li kkunsidra l-ewwel edizzjoni tal-One Planet Summit, li saret f'Pariġi fit-12 ta' Diċembru 2017, u t-12-il impenn adottati f'din l-okkażjoni,

— wara li kkunsidra l-enċiklika tal-Papa Franġisku "*Laudato Si'*",

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Meseberg tad-19 ta' Ġunju 2018,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Ftehim ta' Pariġi daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016 u billi – sal-11 ta' Ottubru 2018 – 181 mill-197 Parti għall-Konvenzjoni ddepożitaw l-istrumenti ta' ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni tagħhom man-NU;

B. billi fis-6 ta' Marzu 2015, l-UE ppreżentat l-INDC tal-UE u tal-Istati Membri tagħha lill-UNFCCC, u b'hekk impenjat ruħha favur mira vinkolanti ta' mill-inqas 40 % tnaqqis intern fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990;

C. billi l-impenji meħuda s'issa mill-firmatarji tal-Ftehim ta' Pariġi mhux se jkunu biżżejjed biex tintlaħaq il-mira komuni; billi l-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC) attwali ppreżentat mill-UE u l-Istati Membri tagħha mhuwiex konformi mal-miri stabbiliti fil-Ftehim ta' Pariġi u għalhekk jeħtieġ jiġi rivedut;

D. billi l-elementi essenzjali tal-leġiżlazzjoni tal-UE li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-NDC tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli u d-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija, ġew konklużi b'livell ogħla ta' ambizzjoni, b'tali mod li l-UE tnaqqas il-gassijiet serra b'mill-inqas 45 % sal-2030; billi bi tnaqqis ta' 45 % sal-2030, l-UE xorta mhijiex tagħti kontribut tajjeb biżżejjed biex jintlaħqu l-miri tal-Ftehim ta' Pariġi u l-mira ta' "emissjonijiet żero" stabbilita għal nofs is-seklu;

E. billi t-trasparenza fil-kejl tal-emissjonijiet hija kruċjali biex isir progress sinifikanti lejn tnaqqis globali ġust fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra;

F. billi, wara li ċ-ċifri baqgħu stabbli għal tliet snin, fl-2017 kien hemm żieda fl-emissjonijiet tal-karbonju globali u tal-UE; billi din iż-żieda mhix mifruxa b'mod uniformi madwar id-dinja;

---

([1]) http://www3.weforum.org/docs/WEF_GRR18_Report.pdf
([2]) http://www.bmub.bund.de/fileadmin/Daten_BMU/Download_PDF/Europa___International/green_growth_group_financing_clima-te_action_bf.pdf
([3]) http://copernicus.eu/news/report-operational-anthropogenic-co2-emissions-monitoring

G. billi l-frekwenza kbira ta' episodji ta' temp estrem u rekords tat-temperatura fl-2017 iżidu l-urġenza ta' azzjoni klimatika fil-livell globali;

H. billi politika ambizzjuża li ttaffi t-tibdil fil-klima tista' toħloq tkabbir u impjiegi; billi, madankollu, xi setturi speċifiċi jkunu vulnerabbli għar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju jekk l-ambizzjoni ma tkunx komparabbli fi swieq oħra; billi, għaldaqstant, hemm bżonn protezzjoni xierqa kontra l-emissjonijiet tal-karbonju biex jitħarsu l-impjiegi f'dawn is-setturi;

I. billi t-tibdil fil-klima huwa multiplikatur ta' għadd ta' theddidiet oħra li jaffettwaw b'mod sproporzjonat lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw; billi n-nixfiet u episodji oħra ta' temp aħrax jiddegradaw u jeqirdu r-riżorsi li l-foqra jiddependu direttament fuqhom għall-għajxien tagħhom, jipprovokaw aktar kompetizzjoni għar-riżorsi li jifdal u b'hekk jikkontribwixxu għal kriżijiet umanitarji, tensjoni, spostament furzat, radikalizzazzjoni u kunflitti; billi hemm evidenza li t-tibdil fil-klima kellu sehem fl-inkwiet u t-tixrid tal-vjolenza fil-Lvant Nofsani, fis-Saħel u fil-Qarn tal-Afrika, b'riperkussjonijiet ferm lil hinn minn dawn ir-reġjuni;

J. billi r-rapport tal-IPCC dwar iż-żieda ta' 1.5 °C fit-temperatura jkompli juri li l-impatt ta' żieda bħal din x'aktarx ikun ferm inqas gravi minn dak ta' żieda ta' 2 °C;

K. billi s-suċċess tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fit-tul jirrikjedi azzjoni ħafna aktar b'saħħitha, partikolarment min-naħa tal-pajjiżi żviluppati, biex tiġi abbandunata l-ekonomija tal-karbonju u jitrawwem tkabbir intelliġenti fil-livell klimatiku, inkluż fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; billi jridu jsiru sforzi kontinwi biex jissaħħaħ l-appoġġ mogħti lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw mil-lat finanzjarju, teknoloġiku u ta' bini tal-kapaċità;

L. billi l-fatt li l-emittenti l-kbar mhumiex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħhom f'konformità mal-azzjoni meħtieġa biex iż-żieda fit-temperatura medja globali tiġi limitata għal 1.5 °C jew 2 °C tiggrava l-kobor u l-ispejjeż diġà enormi tal-adattamenti meħtieġa għat-tibdil fil-klima, b'konsegwenzi partikolarment serji għall-pajjiżi l-inqas żviluppati (LDCs) u għall-istati gżejjer żgħar li qed jiżviluppaw (SIDS); billi l-inizjattivi kollha tal-LDCs u l-SIDS biex joħorġu twissijiet bikrin u informazzjoni dwar ir-riskji għandhom jingħataw appoġġ;

M. billi d-diskrepanza dejjem akbar bejn il-ħtiġijiet u l-isforzi ta' adattament trid tiġi affrontata b'urġenza permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni u adattament ferm aktar b'saħħithom;

N. billi huwa inaċċettabbli li l-ispejjeż tal-adattament iħallas għalihom min ibatihom, u dawk li għandhom ir-responsabbiltà ewlenija għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra jeħtieġ jerfgħu l-biċċa l-kbira tal-piż globali;

O. billi l-Artikolu 7 tal-Ftehim ta' Pariġi jistabbilixxi mira globali għall-adattament u din il-mira issa trid tiġi implimentata mingħajr aktar dewmien; billi l-pjanijiet ta' adattament nazzjonali (NAPs) għandu jkollhom rwol importanti;

P. billi l-foresti jikkontribwixxu sostanzjalment għall-mitigazzjoni u l-adattament għat-tibdil fil-klima; billi d-deforestazzjoni tirrappreżenta kważi 20 % tal-emissjonijiet globali ta' gassijiet serra u hija kkawżata partikolarment mill-espansjoni tat-trobbija tal-bhejjem u l-produzzjoni tas-sojja u taż-żejt tal-palm fuq skala industrijali, anke għas-suq tal-UE; billi l-UE għandha tnaqqas il-kontribut indirett tagħha għad-deforestazzjoni ("embodied deforestation"), li hi responsabbiltà tagħha wkoll;

Q. billi l-art hija riżorsa skarsa u l-użu tagħha għall-produzzjoni ta' materja prima tal-bijokarburanti konvenzjonali u tal-ewwel ġenerazzjoni jista' jiggrava l-insigurtà tal-ikel u jeqred l-għajxien ta' persuni foqra fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, partikolarment permezz tal-ħtif tal-art, l-ispostament furzat, it-tniġġis u l-ksur tad-drittijiet tal-popli indiġeni; billi l-kumpens għal emissjonijiet ta' karbonju u l-iskemi ta' riforestazzjoni jistgħu wkoll jikkawżaw ħsara bħal din jekk ma jkunux imfassla u implimentati tajjeb;

1. Ifakkar li t-tibdil fil-klima, bħala kawża u multiplikatur ta’ riskji oħra, huwa fost l-aktar sfidi urġenti għall-umanità, u li l-Istati u l-atturi kollha madwar id-dinja jeħtieġ jagħmlu l-almu tagħhom biex jiġġildulu permezz ta’ azzjoni individwali b’saħħitha; jissottolinja wkoll li kooperazzjoni internazzjonali f’waqtha, solidarjetà, kif ukoll impenn konsistenti u persistenti għal azzjoni konġunta jikkostitwixxu l-unika soluzzjoni li tissodisfa r-responsabbiltà kollettiva li tiġi ppreservata l-pjaneta kollha u l-bijodiversità tagħha għall-ġenerazzjonijiet tal-lum u tal-futur; jenfasizza li l-UE lesta tkompli r-rwol ta’ tmexxija tagħha f’dan l-isforz globali, filwaqt li tiżgura żvilupp ekonomiku sostenibbli b’livell baxx ta’ gassijiet serra li jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija, kif ukoll għal vantaġġ kompetittiv għall-industriji Ewropej u ħolqien ta’ impjiegi;

***Bażi xjentifika għall-azzjoni klimatika***

2. Jirrimarka li d-WMO kkonfermat li l-2015, l-2016 u l-2017 kienu l-aktar tliet snin sħan li qatt ġew dokumentati, u li wasslu għal tisħin qawwi ħafna fl-Artiku b’riperkussjonijiet fit-tul għal-livelli globali tal-baħar u x-xejriet tat-temp madwar id-dinja;

3. Iqis li l-impatt profond u x’aktarx irriversibbli ta’ żieda ta’ 2 °C fit-temperaturi globali jista’ jiġi evitat jekk tiġi segwita l-mira aktar ambizzjuża ta’ 1,5 °C, iżda dan ikun jirrikjedi li l-gassijiet serra jinżlu fil-livell ta’ “emissjonijiet żero” sa mhux aktar tard mill-2050; jissottolinja li s-soluzzjonijiet teknoloġiċi meħtieġa huma disponibbli u qed isiru dejjem aktar kompetittivi mil-lat ta’ prezzijiet u li l-politiki kollha tal-UE għandhom ikunu allinjati mill-qrib mal-miri fit-tul tal-Ftehim ta’ Pariġi u jiġu analizzati regolarment biex jibqgħu jirriflettu dawn l-objettivi; jistenna bil-ħerqa, għalhekk, ir-riżultati tar-rapport speċjali tal-IPCC għall-2018 dwar l-impatti ta’ tisħin globali ta’ 1.5 °C ’il fuq mil-livelli preindustrijali;

4. Jissottolinja li, skont id-WHO, it-tibdil fil-klima jaffettwa l-fatturi determinanti għas-saħħa mil-lat soċjali u ambjentali – arja nadifa, ilma tajjeb għax-xorb, ikel biżżejjed u kenn sigur – u li bejn l-2030 u l-2050 huma mistennija mal- 250 000 mewt addizzjonali fis-sena minħabba nutrizzjoni ħażina, il-malarja, id-dijarea u l-istress mis-sħana; jinnota li temperaturi tal-arja għoljin ħafna jikkontribwixxu direttament għal imwiet minn mard kardjovaskulari u respiratorju, partikolarment fost l-anzjani; jirrikonoxxi li t-tibdil fil-klima huwa katalizzatur għall-kunflitti; iqis li l-implimentazzjoni sħiħa tal-impenji tal-Ftehim ta’ Pariġi tikkontribwixxi bil-kbir għat-tisħiħ tal-paċi u s-sigurtà fil-livell Ewropew u internazzjonali;

***Ir-ratifika tal-Ftehim ta’ Pariġi u l-implimentazzjoni tal-impenji***

5. Jilqa’ l-pass mgħaġġel – bħal qatt qabel – li bih ġie ratifikat il-Ftehim ta’ Pariġi, kif ukoll il-mobilizzazzjoni globali u d-determinazzjoni tal-atturi kemm statali kif ukoll mhux statali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa u rapida tiegħu, kif espress fl-impenji meħuda f’avvenimenti globali ewlenin bħas-summit dwar il-klima tal-Amerka ta’ Fuq li sar f’Chicago bejn l-4 u s-6 ta’ Diċembru 2017, il-One Planet Summit li sar f’Pariġi fit-12 ta’ Diċembru 2017 u l-Global Climate Action Summit li sar f’San Francisco bejn it-12 u l-14 ta’ Settembru 2018;

6. Jenfasizza li l-NDCs attwali jillimitaw it-tisħin globali għal żieda ta’ madwar 3,2 °C ([1]) fit-temperatura u lanqas biss jersqu qrib iż-2 °C; jistieden lill-Partijiet kollha jikkontribwixxu b’mod kostruttiv għall-proċess li se jiġi attwat lejn l-2020 meta jridu jiġu aġġornati l-NDCs, u jistedinhom jiżguraw li l-NDCs tagħhom jirriflettu l-mira fit-tul tal-Ftehim ta’ Pariġi li ż-żieda fit-temperatura globali tinżamm ferm taħt iż-2 °C ’il fuq mil-livelli preindustrijali, u jagħmlu sforzi biex jillimitaw iż-żieda saħansitra aktar, jiġifieri għal 1,5 °C; jirrikonoxxi li l-impenji attwali, inkluż dak meħud mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, mhumiex biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim; jenfasizza, għalhekk, li l-emissjonijiet globali ta’ gassijiet serra għandhom jilħqu l-ogħla livell tagħhom mill-aktar fis u li l-partijiet kollha, speċjalment l-UE u n-nazzjonijiet kollha tal-G20, jeħtieġ iżidu l-isforzi tagħhom u jaġġornaw l-NDCs sal-2020 abbażi tad-Djalogu ta’ Talanoa tal-2018 biex jingħalaq id-distakk li fadal lejn dak l-objettiv;

7. Iqis li, jekk ekonomiji kbar oħra jonqsu milli jieħdu impenji komparabbli ma’ dawk tal-UE fil-qasam tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra, id-dispożizzjonijiet dwar ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju se jkollhom jibqgħu fis-seħħ, partikolarment dawk immirati lejn setturi b’riskju għoli ta’ rilokazzjoni ta’ emissjonijiet tal-karbonju, sabiex tiġi żgurata l-kompetittività globali tal-industrija Ewropea;

([1]) UNEP, “The Emissions Gap Report 2017 – The emissions gap and its implications”, p. 18

8. Jiddispjaċih li fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi terzi li ħadu impenji fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi, id-dibattitu dwar iż-żieda fil-kontribut tagħhom għadu qed jibda, u bil-mod ħafna; jitlob lill-Kummissjoni, għalhekk, tirrazzjonalizza l-kunsiderazzjonijiet tal-UE biex iżżid l-impenn tagħha u tagħmel aktar sforzi sabiex timmotiva lis-sħab l-oħrajn jagħmlu l-istess;

9. Jenfasizza l-importanza li l-politika klimatika tal-UE tkun waħda ambizzjuża biex l-Unjoni tkun sieħeb kredibbli u affidabbli fil-livell globali, li l-UE żżomm rwol ta' tmexxija fil-qasam tat-tibdil fil-klima u li l-Ftehim ta' Pariġi jiġi rispettat; jilqa' l-qbil li waslu għalih il-Parlament Ewropew u l-Kunsill biex il-miri għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija jiżdiedu għal 32 % u 32.5 % rispettivament sal-2030, li mistenni jirriżulta fi tnaqqis ta' aktar minn 45 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn hawn u l-2030; jilqa', għalhekk, il-kummenti tal-Kummissjoni dwar l-aġġornament tal-NDC tal-UE biex tiġi kkunsidrata din l-ambizzjoni ogħla u tiżdied il-mira tat-tnaqqis tal-emissjonijiet sal-2030; jistieden lill-Kummissjoni biex, sa tmiem l-2018, tħejji strateġija ambizzjuża għal "emissjonijiet żero" sa nofs is-seklu għall-UE, permezz ta' perkors kosteffikaċi biex tintlaħaq il-mira ekwivalenti adottata fil-Ftehim ta' Pariġi u biex, mhux aktar tard mill-2050, l-Unjoni jkollha ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, f'konformità ma' sehem ġust mill-baġit globali tal-karbonju li jifdal; jappoġġja l-aġġornament tal-NDC tal-Unjoni b'mira ta' 55 % tnaqqis fl-ekonomija kollha f'dak li għandu x'jaqsam ma' emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-Unjoni sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990;

10. Jilqa' l-aħbar mogħtija mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-ħsieb li jiġi organizzat Summit dwar il-Klima f'Settembru 2019 fil-marġni tal-74 Assemblea Ġenerali biex l-azzjoni klimatika titħaffef b'tali mod li jintlaħqu l-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u, b'mod partikolari, tiġi promossa żieda fl-ambizzjoni tal-impenji klimatiċi; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jappoġġjaw dan l-isforz billi juru impenn u rieda politika li jtejbu l-impenji tagħhom, u jaħdmu biex il-Partijiet l-oħra jagħtu kontribut b'saħħtu;

11. Jiddispjaċih li l-President tal-Istati Uniti Donald Trump ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jirtira lill-Istati Uniti mill-Ftehim ta' Pariġi, u jqis li dan hu pass lura; jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-Partijiet ewlenin kollha kkonfermaw l-impenn tagħhom għall-Ftehim ta' Pariġi minn meta l-President Trump ħabbar l-intenzjoni tiegħu; jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-mobilizzazzjoni kontinwa favur l-azzjoni klimatika mmexxija minn stati kbar, bliet, universitajiet u atturi mhux statali oħrajn fl-Istati Uniti bil-kampanja "We Are Still In";

12. Jinsisti li, partikolarment wara dak li ħabbar il-President Trump, huwa importanti li jkun hemm dispożizzjonijiet xierqa kontra r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u li min iġib l-aqwa riżultati jingħata kwoti mingħajr ħlas kif miftiehem fid-Direttiva ETS; jitlob lill-Kummissjoni teżamina l-effikaċja u l-legalità ta' miżuri addizzjonali biex tipproteġi l-industrija f'riskju ta' rilokazzjoni ta' emissjonijiet tal-karbonju, pereżempju aġġustament tat-taxxa fuq il-karbonju fil-fruntieri u tariffi fuq il-konsum, b'mod partikolari fir-rigward ta' prodotti li jkunu ġejjin minn pajjiżi li ma jirrispettawx l-impenji meħuda fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi;

13. Jilqa' d-dħul fis-seħħ tal-Emenda ta' Kigali għall-Protokoll ta' Montreal fl-1 ta' Jannar 2019, issa li 27 Parti – inklużi seba' Stati Membri – diġà ddepożitaw l-istrumenti ta' ratifika tagħhom; jistieden lill-Partijiet kollha għall-Protokoll ta' Montreal – speċjalment dawk l-Istati Membri li għadhom ma ppreżentawx l-istrumenti ta' ratifika tagħhom – jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex jirratifikawh bla dewmien bħala kontribut essenzjali biex jiġi implimentat il-Ftehim ta' Pariġi u jintlaħqu l-miri tal-klima u l-enerġija għal nofs it-terminu u fit-tul;

14. Jilqa' r-ratifika tal-Emenda ta' Doha għall-Protokoll ta' Kjoto mill-Istati Membri kollha u d-depożizzjoni tar-ratifika konġunta min-naħa tal-Unjoni fil-21 ta' Diċembru 2017; jemmen li dan il-pass se jkun ta' vantaġġ importanti biex in-negozjati dwar il-klima tal-2018 jiġu konklużi b'suċċess u, bis-saħħa ta' sforzi kollaborattivi, jista' verament inaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra;

15. Jissottolinja l-fatt li l-implimentazzjoni u l-ambizzjoni ta' qabel l-2020 kienu punt kruċjali waqt in-negozjati tal-COP23; jilqa' d-deċiżjoni li jsiru żewġ eżerċizzji ta' valutazzjoni matul il-COPs fl-2018 u l-2019; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jħejju kontributi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet sal-2020 u jippreżentawhom fil-valutazzjoni ta' qabel l-2020 fil-COP24; iqis li dawn huma passi importanti lejn l-objettiv li tiżdied l-ambizzjoni għall-perjodu ta' wara l-2020 min-naħa tal-Partijiet kollha u għalhekk jistenna bil-ħerqa r-riżultat tal-ewwel eżerċizzju ta' valutazzjoni f'Katowice li għandu jieħu l-forma ta' Deċiżjoni COP li tikkonferma mill-ġdid l-impenn biex l-ambizzjoni tal-Partijiet għall-2030 tiżdied b'tali mod li, sal-2020, l-NDCs jiġu allinjati mal-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi;

16. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw strateġiji u attivitajiet ta’ komunikazzjoni biex jiżdied l-appoġġ politiku u pubbliku għall-azzjoni klimatika u titqajjem kuxjenza dwar il-benefiċċji kollaterali tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, bħat-titjib fil-kwalità tal-arja u tas-saħħa pubblika, il-konservazzjoni tar-riżorsi naturali, it-tkabbir ekonomiku u ż-żieda fl-impjiegi, aktar sigurtà fl-enerġija u tnaqqis fl-ispejjeż tal-importazzjoni tal-enerġija kif ukoll vantaġġi fil-kompetizzjoni internazzjonali permezz tal-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku; jissottolinja li għandha tingħata attenzjoni għall-interkonnessjonijiet bejn it-tibdil fil-klima u l-inġustizzja soċjali, il-migrazzjoni, l-instabbiltà, il-faqar u l-fatt li l-azzjoni globali dwar il-klima tista’ tikkontribwixxi bil-kbir biex tinstab soluzzjoni għal dawn il-kwistjonijiet;

17. Jenfasizza s-sinerġiji li jeżistu bejn il-Ftehim ta’ Pariġi, l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Qafas ta’ Sendai u l-Aġenda ta’ Azzjoni ta’ Addis Ababa (Finanzjament għall-Iżvilupp) kif ukoll Konvenzjonijiet ta’ Rio oħrajn, peress li dawn huma passi ’l quddiem importanti u interkonnessi biex jiġi żgurat li l-qerda tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli jkunu jistgħu jiġu indirizzati fl-istess ħin;

***Il-COP24 f’Katowice***

18. Jirrikonoxxi s-suċċess li kellhom il-Presidenzi tal-COP22 u l-COP23 fit-tħejjija konġunta tad-disinn tad-Djalogu ta’ Talanoa 2018 li ġie approvat b’mod wiesa’ mill-Partijiet u varat f’Jannar 2018; jistenna bil-ħerqa l-ewwel riżultati tiegħu matul il-COP24 u l-konklużjonijiet politiċi sussegwenti sabiex l-ambizzjoni kollettiva tkun tirrifletti l-miri fit-tul tal-Ftehim ta’ Pariġi sal-2020; japprezza li d-Djalogu ta’ Talanoa mhuwiex limitat għal diskussjonijiet fost il-gvernijiet nazzjonali, iżda jippermetti lil firxa ta’ partijiet ikkonċernati – inklużi r-reġjuni, l-ibliet u r-rappreżentanti eletti tagħhom – iġibu għall-attenzjoni ta’ dawk li jfasslu l-politika nazzjonali u globali kwistjonijiet ta’ azzjoni klimatika importanti; jilqa’ d-Djalogi ta’ Talanoa dwar l-Ibliet u r-Reġjuni u jħares ’il quddiem lejn aktar djalogi fl-Ewropa; jistenna bil-ħerqa l-input tal-atturi mhux statali u jistieden lill-Partijiet kollha jippreżentaw il-kontributi tagħhom fil-ħin sabiex ikunu faċilitati t-taħditiet politiċi f’Katowice;

19. Jirrikonoxxi wkoll li minkejja l-progress kollu li sar dwar il-Programm ta’ Ħidma ta’ Azzjoni ta’ Pariġi (Ġabra ta’ Regoli) matul il-COP23, għad fadal sfidi sinifikanti sabiex dan jitwettaq u jittieħdu deċiżjonijiet konkreti fil-COP24; jitlob li titlesta l-ħidma preparatorja kollha meħtieġa qabel is-summit sabiex tiġi finalizzata l-Ġabra ta’ Regoli, li hija tal-akbar importanza għall-implimentazzjoni f’waqtha tal-Ftehim ta’ Pariġi;

20. Jappoġġja Ġabra ta’ Regoli li tirrikjedi livell għoli ta’ trasparenza u regoli robusti u vinkolanti għall-Partijiet kollha sabiex il-progress jitkejjel b’mod preċiż u tinbena aktar fiduċja fost il-Partijiet involuti fil-proċess internazzjonali; jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-fatt li xi Partijiet għadhom mhumiex lesti jaħdmu favur trasparenza sħiħa fil-kejl tal-emissjonijiet; jistieden lill-ekonomiji l-kbar kollha jieħdu l-inizjattiva fin-negozjati dwar il-Ġabra ta’ Regoli u jippromwovu rekwiżiti vinkolanti għas-sistemi ta’ monitoraġġ u verifika, fosthom data u stimi affidabbli u f’waqthom dwar l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra;

21. Jisħaq fuq l-importanza li l-Ġabra ta’ Regoli tkun komplementata minn data atmosferika msejsa fuq l-osservazzjoni biex tiżdied l-affidabbiltà u l-preċiżjoni tar-rapportar; jistieden lill-Kummissjoni, lill-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA), lill-Organizzazzjoni Ewropea għall-Esplojtazzjoni ta’ Satelliti Meteoroloġiċi (EUMETSAT), liċ-Ċentru Ewropew għall-Previżjonijiet Metereoloġiċi fuq Perjodu Medju (ECMWF), lill-infrastruttura Ewropea tar-riċerka dwar Sistema Integrata għall-Osservazzjoni tal-Karbonju (ICOS), lill-aġenziji inkarigati mill-inventarju u ċ-ċentri ta’ riċerka nazzjonali, kif ukoll atturi ewlenin oħra, jiżviluppaw kapaċità operattiva li tista’ tipproduċi informazzjoni dwar emissjonijiet antropoġeniċi bl-użu ta’ data satellitari u bir-rekwiżiti meħtieġa, inkluża kostellazzjoni ta’ satelliti;

22. Jenfasizza l-importanza li l-UE titkellem b’vuċi waħda u magħquda fil-COP24 f’Katowice sabiex jiġu żgurati l-poter politiku u l-kredibbiltà tagħha; iħeġġeġ lill-Istati Membri kollha jappoġġjaw il-mandat tal-UE fin-negozjati u f’laqgħat bilaterali ma’ atturi oħra;

23. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jdaħħlu l-azzjoni klimatika fuq l-aġenda ta’ fora internazzjonali importanti tan-NU, kif ukoll fil-G7 u l-G20, u jfittxu sħubijiet multilaterali dwar kwistjonijiet speċifiċi b’rabta mal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Pariġi u l-SDGs;

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

***Ftuħ, inklużività u trasparenza***

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżommu u jsaħħu s-sħubiji strateġiċi ma' pajjiżi żviluppati kif ukoll ma' ekonomiji emerġenti sabiex jiġi stabbilit grupp ta' mexxejja fil-qasam tal-klima fis-snin li ġejjin u tintwera aktar solidarjetà lejn stati vulnerabbli; jappoġġja l-impenn kontinwu u attiv tal-UE fil-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Kbira (HAC) u l-pajjiżi membri tagħha biex tingħata viżibbiltà lid-determinazzjoni tagħhom biex l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi tkun waħda sinifikattiva, permezz tal-konklużjoni ta' Ġabra ta' Regoli robusta fl-2018 u s-suċċess tad-Djalogu ta' Talanoa fil-COP24;

25. Jenfasizza li, biex jintlaħaq l-objettiv tal-limitazzjoni taż-żieda fit-temperatura medja globali għal 1.5 °C, hemm bżonn parteċipazzjoni effettiva min-naħa tal-partijiet kollha, li jirrikjedi li tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' interessi akkwiżiti jew kunfliġġenti; itenni l-appoġġ tiegħu, f'dan il-kuntest, għall-inizjattiva meħuda mill-gvernijiet li jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-popolazzjoni dinjija li jintroduċu politika speċifika dwar il-kunflitti ta' interess fil-qafas tal-UNFCCC; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom b'mod kostruttiv f'dan il-proċess mingħajr ma jikkompromettu l-għanijiet u l-objettivi tal-UNFCCC u tal-Ftehim ta' Pariġi;

26. Jissottolinja li 80 % tal-persuni spostati minħabba t-tibdil fil-klima huma nisa, li ġeneralment jintlaqtu aktar mit-tibdil fil-klima mill-irġiel – u jġorru piż akbar – iżda ma jkunux involuti daqshom fit-teħid ta' deċiżjonijiet importanti dwar l-azzjoni klimatika; jenfasizza, għalhekk, li l-emanċipazzjoni tan-nisa, kif ukoll it-tmexxija u l-parteċipazzjoni sħiħa u ugwali tagħhom f'fora internazzjonali bħall-UNFCCC u fl-azzjoni klimatika fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, huma fundamentali għas-suċċess u l-effikaċja ta' azzjoni bħal din; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jintegraw il-perspettiva tas-sessi fil-politiki dwar il-klima, u jippromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa indiġeni u d-difensuri tad-drittijiet tan-nisa fil-qafas tal-UNFCCC;

27. Jilqa' d-deċiżjoni tal-COP23 biex il-Fond għall-Adattament ikompli jaqdi l-Ftehim ta' Pariġi; jirrikonoxxi l-importanza tal-Fond għall-komunitajiet li huma l-aktar vulnerabbli għat-tibdil fil-klima u għalhekk jilqa' l-impenn il-ġdid meħud mill-Istati Membri biex jikkontribwixxu USD 93 miljun lill-Fond;

28. Jirrikonoxxi li l-UE u l-Istati Membri tagħha huma l-akbar fornitur ta' fondi pubbliċi għall-klima; jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-impenji attwali meħuda mill-pajjiżi żviluppati għadhom 'il bogħod mill-mira kollettiva tagħhom ta' USD 100 biljun fis-sena; jenfasizza l-importanza li l-Partijiet żviluppati kollha jirrispettaw il-kontributi li wegħdu għal dan l-objettiv, għax il-finanzjament fuq terminu twil huwa deċiżiv biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw ikunu jistgħu jilħqu l-miri tagħhom dwar l-adattament u l-mitigazzjoni;

29. Jenfasizza li l-baġit tal-UE għandu jkun konsistenti mal-impenji internazzjonali tagħha dwar l-iżvilupp sostenibbli u mal-miri fuq perjodu medju u fit-tul relatati mal-klima u l-enerġija u li l-baġit m'għandux ikun kontroproduttiv għal dawn il-miri jew jostakola l-implimentazzjoni tagħhom; jinnota bi tħassib li l-mira ta' 20 % tal-infiq totali tal-UE intiż għal azzjoni klimatika x'aktarx li ma tintlaħaqx u għalhekk jitlob azzjoni korrettiva; jissottolinja wkoll li l-miri relatati mal-klima u l-enerġija għandhom ikunu fil-qalba tad-diskussjonijiet politiċi dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) ta' wara l-2020 mill-bidu nett sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi meħtieġa biex jintlaħqu jkunu disponibbli; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li jżid l-infiq attwali relatat mal-klima minn 20 % għal 30 % mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-2027; iqis li l-infiq tal-QFP kollu li fadal għandu jkun konformi mal-Ftehim ta' Pariġi u mhux kontroproduttiv għall-isforzi klimatiċi;

30. Jitlob l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-finanzi pubbliċi tal-UE speċifiku u awtomatiku li jipprovdi appoġġ addizzjonali u adegwat għat-twettiq tas-sehem ġust tal-UE tal-finanzjament internazzjonali tal-għan klimatiku b'valur ta' USD 100 biljun;

***Ir-rwol tal-atturi mhux statali***

31. Ifakkar li l-Ftehim ta' Pariġi jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-governanza f'diversi livelli fil-politiki dwar il-klima u l-ħtieġa li r-reġjuni, il-bliet u l-atturi mhux statali jkunu involuti;

32. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għall-mobilizzazzjoni globali akbar ta' firxa dejjem usa' ta' atturi mhux statali impenjati favur azzjoni klimatika b'riżultati konkreti u li jistgħu jitkejlu; jenfasizza r-rwol kruċjali tas-soċjetà ċivili, tas-settur privat u tal-gvernijiet sottostatali, li jagħtu spinta u jmexxu l-opinjoni pubblika u l-azzjoni fil-livell tal-Istati; jistieden lill-UE, lill-Istati Membri u lill-Partijiet kollha jistimulaw, jiffaċilitaw u jimpenjaw ruħhom fi djalogu kompletament trasparenti ma' atturi mhux statali, li jinsabu dejjem aktar fuq quddiem nett fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, kif ukoll ma' atturi sottonazzjonali, b'mod partikolari fejn ir-relazzjonijiet tal-UE mal-gvernijiet nazzjonali fil-qasam tal-politika dwar il-klima jkunu ddeterjoraw; ifaħħar, f'dan il-kuntest, il-wegħda magħmula matul il-COP23 minn 25 belt pijuniera, li jirrappreżentaw 150 miljun ċittadin, biex isiru bliet b'emissjonijiet żero netti sal-2050;

33. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ aktar ir-relazzjonijiet tagħha mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, sabiex titjieb il-kooperazzjoni tematika u settorjali bejn il-bliet u r-reġjuni kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha sabiex jiġu żviluppati inizjattivi ta' adattament u reżiljenza, u biex jissaħħu l-mudelli ta' żvilupp sostenibbli u l-pjanijiet ta' tnaqqis ta' emissjonijiet f'setturi ewlenin bħalma huma l-enerġija, l-industrija, it-teknoloġija, l-agrikoltura u t-trasport kemm fiż-żoni urbani u kemm f'dawk rurali, eż. permezz ta' programmi ta' ġemellaġġ, permezz tal-Programm dwar il-Kooperazzjoni Urbana Internazzjonali, permezz tal-appoġġ għal pjattaformi bħalma huma l-Patt tas-Sindki u billi jinbnew fora ġodda għall-iskambju tal-aħjar prattiki; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jagħtu l-appoġġ tagħhom lill-isforzi li jsiru mill-atturi reġjonali u lokali biex jintroduċu kontributi stabbiliti fil-livell reġjonali u lokali (simili għall-NDCs) fejn l-ambizzjoni fil-qasam tal-klima tista' tiżdied permezz ta' dan il-proċess;

34. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi miri konkreti ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2050 għas-setturi kollha fil-proposta tagħha għall-istrateġija tal-UE sa nofs is-seklu tal-emissjonijiet żero netti u tistabbilixxi perkors ċar dwar kif għandhom jintlaħqu dawn il-miri, inklużi miri konkreti għall-2035, l-2040 u l-2045; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi proposti dwar kif jista' jissaħħaħ l-assorbiment mill-bjar f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, sabiex tintlaħaq il-mira ta' emissjonijiet żero netti ta' gassijiet serra fl-UE sa mhux aktar tard mill-2050, u dik ta' emissjonijiet negattivi ftit wara; jitlob li din l-istrateġija tiżgura distribuzzjoni ġusta tal-isforz bejn is-setturi, tinkludi mekkaniżmu biex tinkorpora r-riżultati tal-analiżi globali ta' kull ħames snin, u tieħu kont tal-konstatazzjonijiet tar-Rapport Speċjali tal-IPCC li jmiss, ir-rakkomandazzjonijiet u l-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, u l-opinjonijiet ta' atturi mhux statali bħall-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili u s-settur privat;

35. Jissottolinja li l-istrateġija fit-tul tal-UE għandha titqies bħala opportunità biex jiġu stabbiliti prijoritajiet strateġiċi futuri għal ekonomija tal-UE moderna u ekoloġika li tagħmel użu sħiħ mill-potenzjal tal-progress teknoloġiku, iżżomm livell għoli ta' sigurtà soċjali kif ukoll standards għoljin għall-konsumatur, u tkun ta' benefiċċju għall-industrija u s-soċjetà ċivili, partikolarment fuq medda twila ta' żmien;

36. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw strateġiji u programmi li jindirizzaw it-tranżizzjoni fi ħdan is-setturi kkawżata mid-dekarbonizzazzjoni u mill-iżviluppi teknoloġiċi u jippermettu l-iskambju ta' għarfien u prattiki tajbin bejn ir-reġjuni milquta, il-ħaddiema u n-negozji kif ukoll biex jagħtu appoġġ lir-reġjuni u lill-ħaddiema ħalli jgħinuhom iħejju ruħhom għal bidliet strutturali, biex b'mod attiv ifittxu potenzjal ekonomiku ġdid u jiżviluppaw politiki ta' pożizzjoni strateġika sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta għal ekonomija b'emissjonijiet żero netti fl-Ewropa;

37. Iqis li sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-NDCs mal-impenji fl-ekonomija kollha meħtieġa mill-Ftehim ta' Pariġi, il-Partijiet għandhom jinkludu l-emissjonijiet mit-trasport internazzjonali bil-baħar u bl-ajru, jaqblu fuq miżuri fil-livell internazzjonali, reġjonali u nazzjonali biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet minn dawn is-setturi, u jimplimentawhom;

***Sforzi komprensivi fis-setturi kollha***

38. Jilqa' l-iżvilupp kostanti ta' skemi għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet u, speċifikament fiċ-Ċina, it-tnedija fuq skala nazzjonali tal-fażi inizjali tal-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet li tkopri s-settur tal-enerġija; jilqa' wkoll il-ftehim dwar ir-rabta bejn l-ETS tal-UE u dik Żvizzera ffirmat fi tmiem l-2017 u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tesplora aktar tali rabtiet u forom oħra ta' kooperazzjoni mas-swieq tal-karbonju ta' stati u reġjuni terzi, kif ukoll biex tistimula l-ħolqien ta' aktar swieq tal-karbonju u tipi oħra ta' mekkaniżmi tal-ipprezzar tal-karbonju li ser jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet globali, iġibu aktar effiċjenza u ffrankar ta' spejjeż u jnaqqsu r-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju billi joħolqu kundizzjonijiet ekwi fil-livell globali; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi salvagwardji biex jiġi żgurat li kull rabta mal-EU ETS tkompli twettaq kontributi ta' mitigazzjoni addizzjonali u permanenti u ma timminax l-impenji tal-Unjoni relatati mal-emissjonijiet interni tal-gassijiet serra;

39. Jiddispjaċih li t-trasport huwa l-uniku settur li ra żieda fl-emissjonijiet sa mill-1990; jenfasizza li dan mhuwiex kompatibbli ma' żvilupp sostenibbli fit-tul, li minflok jirrikjedi tnaqqis fl-emissjonijiet mis-setturi kollha tas-soċjetà b'rata akbar u aktar mgħaġġla; ifakkar li s-settur tat-trasport jeħtieġ li jkun kompletament dekarbonizzat sal-2050;

40. Jesprimi d-diżappunt qawwi tiegħu għall-proposta tal-Kummissjoni dwar l-istandards tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għal wara l-2020 rigward il-karozzi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali ħfief, peress li mhijiex konformi mal-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi;

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

41. Jesprimi tħassib dwar il-livell ta' ambizzjoni tal-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA) tal-ICAO meta titqies il-ħidma li għaddejja dwar l-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati (SARPs) maħsuba biex jimplimentaw l-iskema mill-2019; jopponi bil-qawwa l-isforzi biex il-CORSIA tiġi imposta fuq it-titjiriet fl-Ewropa u tieħu preċedenza fuq il-liġijiet u l-indipendenza tal-UE fil-proċess deċiżjonali; jenfasizza li dilwizzjoni ulterjuri tal-abbozz tas-SARPs tal-CORSIA mhijiex aċċettabbli; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu l-almu tagħhom biex isaħħu d-dispożizzjonijiet tas-sistema CORSIA u, b'hekk, l-impatt futur tagħha;

42. Ifakkar Regolament (UE) 2017/2392 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE biex jitkomplew il-limitazzjonijiet attwali tal-kamp ta' applikazzjoni fl-attivitajiet tal-avjazzjoni u ssir il-preparazzjoni biex tiġi implimentata miżura globali bbażata fuq is-suq mill-2021 ([1]),, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(7) tiegħu li jgħid b'mod ċar li, bħala koleġiżlaturi, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill huma l-uniċi istituzzjonijiet li jiddeċiedu dwar kwalunkwe emenda futura tad-Direttiva ETS; jistieden lill-Istati Membri, fl-ispirtu tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jissottomettu riżerva formali fir-rigward tas-SARPs tal-CORSIA li fiha jiddikjaraw li l-implimentazzjoni tal-CORSIA u l-parteċipazzjoni fil-fażijiet volontarji tagħha jirrikjedu l-ftehim minn qabel tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew;

43. Ifakkar li l-Unjoni estendiet id-deroga għal titjiriet barra ż-ŻEE li għandhom ikunu eżentati mill-EU ETS sal-2024 sabiex tiffaċilita l-proċess tal-ICAO għal soluzzjoni globali għall-emissjonijiet mill-avjazzjoni; jenfasizza, madankollu, li kwalunkwe emenda ulterjuri tal-leġiżlazzjoni għandha ssir biss jekk tkun konsistenti mal-impenn tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-setturi ekonomiċi kollha, li ma jipprevedix l-użu ta' krediti ta' kumpens wara l-2020;

44. Jilqa' b'sodisfazzjon li, fl-avjazzjoni, l-EU ETS diġà kisbet tnaqqis/kumpens ta' madwar 100 miljun tunnellata ta' $CO_2$;

45. Ifakkar li l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mit-tbaħħir huma previsti li se jiżdiedu minn 50 % għal 250 % minn issa sal-2050 u li diġà jeżistu mezzi tekniċi biex jitnaqqsu l-emissjonijiet mill-bastimenti; jilqa' l-ftehim dwar l-Istrateġija inizjali tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-vapuri matul it-72 sessjoni tal-Kumitat għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marittimu tal-OMI f'April 2018, bħala l-ewwel pass biex is-settur jikkontribwixxi għat-twettiq tal-objettiv dwar it-temperatura fil-Ftehim ta' Pariġi; jistieden l-OMI sabiex tilħaq ftehim malajr dwar il-miżuri ġodda obbligatorji ta' tnaqqis tal-emissjonijiet meħtieġa biex jintlaħqu l-miri, u jenfasizza l-importanza u l-ħtieġa urġenti li dawk jiġu implimentati qabel l-2023; jenfasizza li huma meħtieġa aktar miżuri u azzjonijiet biex jiġu indirizzati l-emissjonijiet marittimi u jitlob lill-UE u lill-Istati Membri, għalhekk, iwettqu monitoraġġ mill-qrib tal-impatt u l-implimentazzjoni tal-ftehim tal-OMI u jikkunsidraw azzjoni addizzjonali tal-UE sabiex jiġi żgurat li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-bastimenti f'konformità mal-mira tat-temperatura fil-Ftehim ta' Pariġi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinkludi t-trasport internazzjonali bil-baħar fl-istrateġija futura tagħha għad-dekarbonizzazzjoni għall-2050 biex id-deċiżjonijiet ta' investiment tal-UE jiġu orjentati lejn fjuwils mingħajr karbonju u teknoloġiji ta' propulsjoni fis-settur tat-trasport bil-baħar;

46. Jinnota li d-deforestazzjoni u d-degradazzjoni tal-foresti huma responsabbli għal 20 % tal-emissjonijiet dinjija ta' gassijiet serra; jenfasizza r-rwol importanti tal-foresti u l-artijiet mistagħdra fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima għaliex dawn jipprovdu potenzjal għoli ta' qbid tal-karbonju; jirrimarka li l-bjar naturali ta' assorbiment u r-riservi tal-karbonju fl-UE u fid-dinja għandhom jiġu kkonservati u mtejba fuq medda twila ta' żmien, u li d-daqs globali tal-foresti fid-dinja, kif ukoll il-kapaċitajiet ta' adattament u ta' reżiljenza tagħhom għat-tibdil fil-klima, jeħtieġ li jiżdiedu aktar sabiex jintlaħaq l-għan fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi; jenfasizza aktar il-ħtieġa ta' sforzi ta' mitigazzjoni ffukati fuq is-settur tal-foresti tropikali, l-ewwel nett billi jiġu indirizzati l-kawżi sottostanti tat-telf tal-foresti u tat-tibdil fil-klima;

***Ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima permezz tal-adattament***

47. Jistieden lill-Kummissjoni tirrevedi l-istrateġija ta' adattament tal-UE peress li l-azzjoni ta' adattament hija neċessità inevitabbli għall-pajjiżi kollha jekk iridu jnaqqsu l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u jisfruttaw bis-sħiħ l-opportunitajiet ta' tkabbir reżiljenti għall-klima u ta' żvilupp sostenibbli;

48. Iqis il-funzjonament tal-pjattaforma tal-komunitajiet lokali u tal-popli indiġeni bħala wieħed mis-suċċessi tal-COP23 u pass ieħor importanti fit-twettiq tad-deċiżjonijiet ta' Pariġi; jemmen li l-pjattaforma se tiffaċilita l-iskambju effettiv tal-esperjenzi u tal-aħjar prattiki fi sforzi u strateġiji ta' adattament;

([1]) ĠU L 350, 29.12.2017, p. 7.

49. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati sistemi u għodod pubbliċi, trasparenti u faċli għall-utent li jirreġistraw il-progress u l-effikaċja tal-pjanijiet u l-azzjonijiet ta' adattament nazzjonali;

***Id-diplomazija dwar il-klima***

50. Jappoġġja bis-sħiħ it-tkomplija u t-tisħiħ ulterjuri tal-politika tal-Unjoni ta' komunikazzjoni u ta' diplomazija dwar il-klima, li hija essenzjali biex tingħata viżibbiltà lill-azzjoni klimatika fil-pajjiżi sħab u fl-opinjoni pubblika globali; jappella biex ir-riżorsi umani u finanzjarji fis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Kummissjoni jiġu allokati b'mod li jirrifletti aħjar l-impenn b'saħħtu u miżjud fid-diplomazija dwar il-klima; jinsisti fuq il-bżonn li tiġi żviluppata strateġija komprensiva għad-diplomazija dwar il-klima tal-UE u li l-klima tiġi integrata fl-oqsma kollha tal-azzjoni esterna tal-UE, inklużi l-kummerċ, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, l-għajnuna umanitarja, is-sigurtà u d-difiża;

51. Jenfasizza l-approfondiment tal-implikazzjonijiet tat-tibdil fil-klima għas-sigurtà internazzjonali u għall-istabbiltà reġjonali li jirriżultaw mid-degradazzjoni ambjentali, mit-telf ta' mezzi ta' għajxien, mill-ispostament ta' persuni minħabba l-klima u minn forom assoċjati ta' taqlib fejn it-tibdil fil-klima jista' sikwit jitqies bħala multiplikatur tat-theddid; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri jaħdmu mas-sħab tagħhom madwar id-dinja biex jifhmu aħjar, jintegraw, jantiċipaw u jimmaniġġjaw l-effetti destabbilizzanti tat-tibdil fil-klima; jenfasizza, għalhekk, l-importanza tal-integrazzjoni tad-diplomazija dwar il-klima fil-politiki tal-UE dwar il-prevenzjoni tal-kunflitti;

52. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jniedu alleanzi ambizzjużi ħafna biex jagħtu eżempju fil-qasam tal-integrazzjoni tal-azzjoni dwar il-klima madwar kwistjonijiet ta' politika barranija differenti fosthom il-kummerċ, il-migrazzjoni internazzjonali, ir-riforma tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, il-paċi u s-sigurtà;

53. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra d-dimensjoni tat-tibdil fil-klima fil-ftehimiet internazzjonali dwar il-kummerċ u l-investiment billi tagħmel ir-ratifika u l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi kundizzjoni għal ftehimiet kummerċjali futuri; jistieden lill-Kummissjoni twettaq valutazzjoni komprensiva tal-konsistenza tal-ftehimiet eżistenti mal-Ftehim ta' Pariġi;

***L-industrija u l-kompetittività***

54. Jenfasizza li t-tibdil fil-klima huwa, fuq kollox, sfida tas-soċjetà u li l-għlieda kontrih għandha għalhekk tibqa' waħda mill-prinċipji ta' gwida tal-politiki u l-azzjonijiet tal-UE, inkluż fil-qasam tal-industrija, l-enerġija, ir-riċerka u t-teknoloġiji diġitali;

55. Jilqa' l-isforzi taċ-ċittadini, in-negozji u l-industriji Ewropej biex jissodisfaw l-obbligi tal-Ftehim ta' Pariġi, u l-progress li għamlu s'issa f'dan ir-rigward; iħeġġiġhom jistabbilixxu ambizzjonijiet ogħla u jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet li jirriżultaw mill-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jlaħħqu mal-iżviluppi teknoloġiċi;

56. Jenfasizza li qafas ġuridiku stabbli u prevedibbli u sinjali ċari ta' politika kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell internazzjonali jiffaċilitaw u jsaħħu l-investiment relatat mal-klima; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-proposti leġiżlattivi tal-Pakkett dwar "Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha" għat-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE, ir-responsabbilizzazzjoni taċ-ċittadini u l-istabbiliment ta' miri konformi mal-impenji tal-UE fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi u l-mekkaniżmu ta' reviżjoni ta' ħames snin tiegħu;

57. Jilqa' l-fatt li diversi pajjiżi fejn jinsabu l-kompetituri maġġuri tal-industriji intensivi fl-enerġija tal-UE qegħdin jintroduċu mekkaniżmi ta' negozjar ta' kwoti tal-karbonju jew mekkaniżmi ta' pprezzar oħrajn; jinkoraġġixxi pajjiżi oħra jagħmlu bħalhom;

58. Jenfasizza l-importanza li jiżdied l-għadd ta' impjiegi ta' kwalità u ħaddiema tas-sengħa fl-industrija tal-UE biex jiġu xprunati l-innovazzjoni u t-tranżizzjoni sostenibbli tagħha; jappella għal proċess olistiku u inklussiv biex tiġi żviluppata viżjoni għal mudell alternattiv ta' negozju f'reġjuni b'livell għoli ta' faħam u karbonju u b'perċentwal għoli ta' ħaddiema f'setturi li huma dipendenti fuq il-karbonju, sabiex tiġi ffaċilitata trasformazzjoni sostenibbli għal industriji u servizzi li jkunu qed jiffjorixxu filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-patrimonju, il-wirt u l-ħiliet tal-forza tax-xogħol disponibbli; jissottolinja r-rwol importanti tal-Istati Membri fit-tħaffif tar-riformi li jistgħu jwasslu għal tranżizzjoni ġusta tal-forza tax-xogħol f'dawk ir-reġjuni; ifakkar li l-appoġġ finanzjarju addizzjonali tal-UE jaqdi rwol indispensabbli f'dan ir-rigward;

***Il-politika tal-enerġija***

59. Ifakkar li l-investiment fl-enerġija rinnovabbli fl-UE qed jonqos; jisħaq, għalhekk, fuq l-importanza tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, kif ukoll għas-sigurtà tal-enerġija u l-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-faqar enerġetiku sabiex b’hekk jiġu protetti u megħjuna familji foqra u vulnerabbli; jappella għal promozzjoni globali ta’ miżuri ta’ effiċjenza enerġetika u ffrankar enerġetiku u l-iżvilupp ta’ enerġija rinnovabbli kif ukoll l-iskjerament effikaċi tagħhom (pereżempju billi jiġu stimulati l-awtoproduzzjoni u l-konsum ta’ sorsi ta’ enerġija rinnovabbli);

60. Ifakkar li l-prijoritizzazzjoni tal-effiċjenza enerġetika, anki permezz tal-prinċipju ta’ prevalenza tal-effiċjenza enerġetika, u t-tmexxija globali fl-enerġija rinnovabbli, huma tnejn mill-għanijiet ewlenin tal-Unjoni tal-Enerġija tal-UE; jenfasizza l-importanza ta’ leġiżlazzjoni ambizzjuża fil-qafas tal-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa biex jintlaħqu dawk l-għanijiet, kif ukoll tal-istrateġija futura għal nofs is-seklu għall-implimentazzjoni effikaċi, fil-politiki tal-UE, tal-impenji meħuda fil-qafas tal-Ftehim ta’ Pariġi biex titrażżan iż-żieda fit-temperaturi globali medji għal ferm inqas minn 2 °C, bil-għan ulterjuri li tinżamm taħt il-1,5 °C;

61. Jissottolinja l-importanza li jiġu żviluppati teknoloġiji għall-ħżin tal-enerġija, grilji intelliġenti u rispons tad-domanda li jistgħu jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-iskjerament effikaċi tal-enerġija rinnovabbli fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u s-setturi tat-tisħin u t-tkessiħ tad-djar;

62. Jistieden lill-UE tisħaq mal-komunità internazzjonali ħalli din tadotta miżuri konkreti mingħajr dewmien, inkluża skeda ta’ żmien, għall-eliminazzjoni progressiva ta’ sussidji li huma ta’ ħsara għall-ambjent, ixekklu l-kompetizzjoni, jiskoraġġixxu l-kooperazzjoni internazzjonali u jostakolaw l-innovazzjoni;

***Ir-riċerka, l-innovazzjoni, it-teknoloġiji diġitali u l-politika spazjali***

63. Jissottolinja l-fatt li t-tkomplija u t-tisħiħ tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-oqsma tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, il-politiki tal-adattament, l-effiċjenza fir-riżorsi, l-emissjonijiet sostenibbli b’emissjonijiet baxxi u emissjonijiet żero, l-użu sostenibbli ta’ materja prima sekondarja (“ekonomija ċirkolari”) u l-ġbir tad-data dwar it-tibdil fil-klima huma essenzjali għal ġlieda kosteffikaċi kontra t-tibdil fil-klima u jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili; jappella, għalhekk, għal impenji globali biex tingħata spinta u attenzjoni lill-investiment f’dawn l-oqsma; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata prijorità lill-finanzjament għal proġetti tal-enerġija sostenibbli, taħt il-programm il-ġdid Orizzont Ewropa, fid-dawl tal-impenji tal-Unjoni fi ħdan l-Unjoni tal-Enerġija u dawk meħuda fil-qafas tal-Ftehim ta’ Pariġi;

64. Jenfasizza li l-SDGs jirrappreżentaw bidla radikali fil-politiki internazzjonali dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp u li l-UE impenjat ruħha li timplimentahom kemm fil-politiki interni tagħha kif ukoll f’dawk esterni; jenfasizza, f’konformità mad-dimensjoni esterna tal-SDGs, il-ħtieġa li jiġu esplorati metodi differenti biex il-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-ekonomiji emerġenti jiġu megħjuna fit-tranżizzjoni tal-enerġija tagħhom permezz, fost l-oħrajn, ta’ miżuri għall-bini tal-kapaċità, għajnuna fit-tnaqqis tal-kostijiet kapitali ta’ proġetti li jirrigwardaw l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, it-trasferiment tat-teknoloġija u soluzzjonijiet għall-iżvilupp ta’ bliet intelliġenti u komunitajiet remoti u rurali, biex b’hekk jiġu megħjuna jwettqu l-impenji tagħhom meħuda fil-qafas tal-Ftehim ta’ Pariġi; jilqa’, f’dan ir-rigward, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli li għadu kif inħoloq;

65. Ifakkar li r-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività huma fost il-ħames pilastri tal-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija tal-UE; jinnota li l-UE hija determinata li jibqa’ jkollha rwol ta’ tmexxija f’dawn l-oqsma, filwaqt li fl-istess ħin tiżviluppa kooperazzjoni xjentifika mill-qrib mas-sħab internazzjonali; jisħaq fuq l-importanza tal-bini u ż-żamma ta’ kapaċità ta’ innovazzjoni b’saħħitha kemm fil-pajjiżi żviluppati kif ukoll f’dawk emerġenti għall-varar ta’ teknoloġiji tal-enerġija nodfa u sostenibbli;

66. Ifakkar ir-rwol fundamentali tat-teknoloġiji diġitali fl-appoġġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija u, b’mod partikolari, fit-titjib tal-effiċjenza u l-iffrankar tal-enerġija; jenfasizza l-benefiċċji klimatiċi li d-diġitalizzazzjoni tal-industrija Ewropea tista’ ġġib permezz tal-użu effiċjenti tar-riżorsi u tat-tnaqqis tal-intensità tal-materjali, u permezz tat-tisħiħ tal-forza tax-xogħol attwali;

67. Jemmen bis-sħiħ li l-programmi spazjali tal-Unjoni għandhom jitfasslu b'tali mod li jiżguraw li jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għal strateġiji ta' mitigazzjoni; ifakkar, f'dan il-kuntest, ir-rwol partikolari tas-sistema Copernicus u l-bżonn li tinkludi servizz ta' monitoraġġ tas-$CO_2$; jenfasizza l-importanza li tinżamm il-politika ta' aċċess bla ħlas, totali u miftuħ għad-data, peress li dan huwa essenzjali għall-komunità xjentifika u fuqu hija bbażata l-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam;

***L-azzjoni klimatika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw***

68. Jinsisti fuq il-ħtieġa li tinżamm miftuħa l-possibbiltà li t-tisħin dinji jiġi limitat għal 1,5 °C u fuq id-dmir tal-emittenti l-kbar, inkluża l-UE, li jżidu malajr l-isforzi ta' mitigazzjoni tagħhom, li jistgħu jiġġeneraw benefiċċji konnessi sinifikanti fil-livell ta' żvilupp, kif ukoll biex iżidu b'mod sostanzjali l-appoġġ tagħhom għal azzjoni klimatika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

69. Jissottolinja li huwa importanti li jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod infurmat mil-lat tal-klima u li dan jiġi appoġġjat permezz tat-titjib tas-servizzi klimatiċi li għandhom rilevanza speċjali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jitlob li dan isir objettiv sinifikanti ta' riċerka ffinanzjata mill-UE u li jsiru sforzi kbar min-naħa tal-UE biex jiġi ffaċilitat it-trasferiment tat-teknoloġija lejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jappella għal dikjarazzjoni tad-WTO dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u t-tibdil fil-klima, simili għal dik dwar il-ftehim TRIPS u s-saħħa pubblika adottata f'Doha fl-2001;

70. Ifakkar fl-impenn tal-pajjiżi żviluppati li jipprovdu finanzjament ġdid u addizzjonali – li jilħaq il-USD 100 biljun fis-sena sal-2020 – għall-azzjoni klimatika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' żieda kontinwa u kontabbiltà aktar stretta tal-isforz finanzjarju, anki billi tingħata attenzjoni għar-rekwiżit li l-finanzjament ikun ġdid u addizzjonali u billi jiġu inklużi biss l-ekwivalenti tal-għotja ta' self, ikkalkulati bl-użu tal-metodu maqbul fil-Kumitat għall-Għajnuna fl-Iżvilupp tal-OECD; jirrakkomanda li l-Istati Membri tal-UE jsegwu l-prattiki żviluppati mill-Kummissjoni għall-użu tal-markaturi ta' Rio għal għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp b'objettiv klimatiku;

71. Jistieden lill-UE tikkonforma mal-prinċipju tal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp (PCD), kif minqux fl-Artikolu 208 tat-TFUE, peress li dan jikkostitwixxi aspett fundamentali tal-kontribut tal-UE għall-Ftehim ta' Pariġi; jappella lill-UE, għaldaqstant, tiżgura konsistenza bejn il-politiki tagħha fl-oqsma tal-iżvilupp, il-kummerċ, l-agrikoltura, l-enerġija u l-klima;

72. Ifakkar li t-tibdil fil-klima għandu effetti kemm diretti kif ukoll indiretti fuq il-produttività agrikola; itenni l-appell tiegħu għal bidla trasformattiva fil-mod kif nipproduċu u nikkunsmaw ikel lejn prattiki agroekoloġiċi, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Għarfien, Xjenzi u Teknoloġiji Agrikoli għall-Iżvilupp (IAASTD) u r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-dritt għall-ikel; ifaħħar l-inizjattivi meħuda mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) biex issaħħaħ l-agroekoloġija ħalli jintlaħqu l-SDGs; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jadattaw il-politika ta' żvilupp tagħhom skont dawn il-linji, inkluż fis-sezzjoni tal-investiment agrikolu tal-EFSD;

73. Jenfasizza li ż-żieda kontinwa fl-emissjonijiet ta' $CO_2$ marbuta mat-trasport u l-kummerċ timmina l-effikaċja tal-istrateġija tal-UE dwar it-tibdil fil-klima; jinnota li l-promozzjoni tal-iżvilupp ibbażat fuq l-esportazzjoni, inkluż permezz ta' agrikoltura industrijali orjentata lejn l-esportazzjoni, hija diffiċli biex tiġi rrikonċiljata mal-importanza tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima;

74. Jemmen li l-UE għandha tħares lejn modi kif jiġu introdotti kontrolli fil-kummerċ u l-konsum ta' komoditajiet ta' riskju għall-foresti bħalma huma s-sojja, iż-żejt tal-palm, l-ewkaliptu, iċ-ċanga, il-ġilda u l-kawkaw, filwaqt li jitqiesu t-tagħlimiet miksuba mill-Pjan ta' Azzjoni FLEGT u r-Regolament tal-Injam u mill-miżuri tal-UE biex jiġu rregolati katini oħra ta' provvista sabiex tintemm jew tiġi evitata ħsara serja; jinnota li l-elementi għas-suċċess ta' dawn l-isforzi jinkludu l-infurzar tat-traċċabbiltà u rekwiżiti obbligatorji ta' diliġenza dovuta tul il-katina tal-provvista kollha;

75. Jistieden lill-Bank Ewropew tal-Investiment itemm is-self għal proġetti ta' fjuwils fossili u jitlob lill-Istati Membri tal-UE jtemmu l-garanziji kollha ta' kreditu għall-esportazzjoni għal proġetti ta' fjuwils fossili; jappella għal garanziji pubbliċi speċifiċi favur l-investimenti ekoloġiċi u tikketti u vantaġġi fiskali għall-fondi tal-investimenti ekoloġiċi u għall-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi;

76. Jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni tal-għan dinji dwar l-adattament u tal-mobilizzazzjoni ta' fondi maġġuri ġodda għall-adattament fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jitlob li l-UE u l-Istati Membri tagħha jimpenjaw ruħhom għal żieda sinifikanti fil-finanzjament li jipprovdu għall-adattament; jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' progress anke fil-kwistjoni ta' telf u ħsara, li għaliha għandhom jiġu pprovduti riżorsi addizzjonali permezz ta' sorsi innovattivi ta' finanzi pubbliċi billi jintuża l-Mekkaniżmu Internazzjonali ta' Varsavja;

77. Jenfasizza l-ħtieġa ta' proġetti minn isfel għal fuq u mmexxija lokalment li jilħqu persuni u komunitajiet partikolarment vulnerabbli; jinnota li l-enfasi attwali fuq operazzjonijiet ta' taħlit u garanziji biex jiġi ffaċilitat l-investiment privat tiffavorixxi proġetti fuq skala kbira u jappella għal bilanċ xieraq fl-użu tal-fondi ta' assistenza;

78. Jinnota li l-industrija tal-avjazzjoni tiddependi ħafna fuq il-kumpens għal emissjonijiet ta' karbonju u li l-kumpens forestali huwa diffiċli li jitkejjel u impossibbli li jiġi ggarantit; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li l- CORSIA u proġetti oħra bl-ebda mod ma jagħmlu ħsara lis-sigurtà alimentari, lid-drittijiet tal-art, lid-drittijiet tal-popli indiġeni jew lill-bijodiversità, u li dan il-prinċipju ta' kunsens ħieles u infurmat minn qabel ikun rispettat;

### *Ir-rwol tal-Parlament Ewropew*

79. Jemmen, peress li jrid jagħti l-kunsens tiegħu għal ftehimiet internazzjonali u għandu rwol ewlieni fl-implimentazzjoni interna tal-Ftehim ta' Pariġi bħala koleġiżlatur, li hu jeħtieġ ikun parti integrali mid-delegazzjoni tal-UE; jistenna, għalhekk, li jitħalla jattendi l-laqgħat ta' koordinament tal-UE f'Katowice u li jkollu garanzija ta' aċċess għad-dokumenti preparatorji kollha malli jinfetħu n-negozjati;

o

o o

80. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lis-Segretarjat tal-UNFCCC, bit-talba li r-riżoluzzjoni tkun iċċirkolata lill-Partijiet Kontraenti kollha li mhumiex membri tal-UE.

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0431

# L-14-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (COP14)

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta’ Ottubru 2018 dwar l-14-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (COP14) (2018/2791(RSP))**

(2020/C 345/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta’ Frar 2016 dwar ir-rieżami ta’ nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta’ Novembru 2017 dwar Pjan ta’ Azzjoni għan-natura, in-nies u l-ekonomija ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-20 ta’ Mejju 2015 intitolat “Il-qagħda tan-natura fl-Unjoni Ewropea: Rapport dwar l-istatus u x-xejriet għat-tipi ta’ ħabitats u għall-ispeċijiet li jkopru d-Direttiva tal-Għasafar u d-Direttiva tal-Ħabitats għall-perjodu 2007-2012 bħalma jeżiġi l-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Ħabitats u bħalma jeżiġi l-Artikolu 12 tad-Direttiva tal-Għasafar” (COM(2015)0219),

— wara li kkunsidra l-mistoqsijiet imressqa lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar l-14-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (COP14) (O-000115/2018 – B8-0413/2018 u O-000116/2018 – B8-0414/2018),

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi l-istqarrija tal-missjoni tal-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011-2020, adottata mill-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika (KDB), hija li tittieħed azzjoni effettiva u urġenti biex jitwaqqaf it-telf tal-bijodiversità (il-varjetà straordinarja tal-ekosistemi, l-ispeċijiet u r-riżorsi ġenetiċi li aħna mdawrin bihom) sabiex jiġi żgurat li sal-2020 l-ekosistemi jkunu reżistenti u jibqgħu jipprovdu servizzi essenzjali, u b’hekk jiżguraw il-varjetà tal-ħajja tal-pjaneta u jikkontribwixxu għall-benessri tal-bniedem u l-eliminazzjoni tal-faqar;

B. billi l-Viżjoni 2050 adottata fil-qafas tal-KDB hija dik ta’ “għajxien f’armonija man-natura” fejn “sal-2050, il-bijodiversità tkun apprezzata, ikkonservata, restawrata u użata bi ħsieb, filwaqt li jiġu ppreservati s-servizzi ekosistemiċi, tiġi sostnuta pjaneta b’saħħitha u jinġiebu benefiċċji essenzjali għal kulħadd” [traduzzjoni mhux uffiċjali];

C. billi l-Viżjoni 2050 hija appoġġata minn ħames għanijiet ġenerali: (a) li jiġu indirizzati l-kawżi li jwasslu għat-telf tal-bijodiversità billi din tiġi integrata fl-ambiti kollha tal-gvern u tas-soċjetà; (b) li jitnaqqsu l-pressjonijiet diretti fuq il-bijodiversità u jiġi promoss l-użu sostenibbli; (c) li jittejjeb l-istatus tal-bijodiversità billi jitħarsu l-ekosistemi, l-ispeċijiet u d-diversità ġenetika; (d) li jissaħħu l-benefiċċji għal kulħadd mill-bijodiversità u mis-servizzi ekosistemiċi; u (e) li tissaħħaħ l-implimentazzjoni permezz tal-ippjanar parteċipattiv, il-ġestjoni tal-għarfien u l-bini tal-kapaċitajiet;

D. billi l-Protokoll ta’ Nagoya dwar l-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji għandu l-għan li jiżgura li l-benefiċċji li jirriżultaw mill-użu tar-riżorsi ġenetiċi jiġu kondiviżi b’mod ġust u ekwu;

E. billi l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità 2020 għandha l-għan li twaqqaf it-telf tal-bijodiversità u tas-servizzi ekosistemiċi fl-UE u li tgħin biex jitwaqqaf it-telf globali tal-bijodiversità sal-2020, fid-dawl tal-valur intrinsiku tal-bijodiversità u l-kontribut essenzjali tas-servizzi ekosistemiċi għall-benessri tal-bniedem u għall-prosperità ekonomika;

---

([1]) ĠU C 35, 31.1.2018, p. 2.
([2]) ĠU C 356, 4.10.2018, p. 38.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

F. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha adottaw l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) li jakkumpanjawha, li jappellaw għat-trasformazzjoni tad-dinja tagħna u l-protezzjoni tal-pjaneta tagħna, inkluża l-ħajja fuq l-art u taħt l-ilma, u impenjaw ruħhom favur l-implimentazzjoni sħiħa tagħhom;

G. billi d-deterjorament tal-ekosistemi jfisser telf soċjali u ekonomiku enormi għall-UE;

***Rimarki ġenerali***

1. Jinnota bi tħassib li l-Miri tal-Bijodiversità ta' Aichi għall-2020 mhumiex ser jintlaħqu bit-trajettorja preżenti tat-telf tal-bijodiversità u jistieden lill-Partijiet kollha għall-KDB u lil dawk kollha interessati fil-KDB jintensifikaw l-isforzi tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'dan ir-rigward, jimpenjaw ruħhom fi sforzi immedjati, sostanzjali u addizzjonali fil-konservazzjoni tal-bijodiversità sabiex il-miri tal-UE jintlaħqu;

2. Jenfasizza li l-protezzjoni tal-bijodiversità globali hija sfida essenzjali u għalhekk tikkostitwixxi interess strateġiku tal-UE li għandu jirċievi l-ogħla attenzjoni politika; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvolvu ruħhom b'mod attiv, speċjalment permezz tal-istrumenti esterni tagħhom, mal-pajjiżi terzi favur il-promozzjoni u t-tisħiħ tal-miżuri u tal-governanza għall-konservazzjoni tal-bijodiversità, b'mod partikolari fil-ftehimiet multilaterali kollha;

3. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' reġim ta' governanza komprensiv li jindirizza l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità u tas-servizzi ekosistemiċi; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jibqgħu impenjati bil-qawwi biex ikomplu jsaħħu l-KDB u biex jassumu rwol ta' tmexxija fit-tħejjija għall-qafas ta' wara l-2020, b'mod partikolari bi tħejjija għall-erbatax u l-ħmistax-il laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet, u jistedinhom jistabbilixxu b'mod trasparenti l-viżjonijiet u l-prijoritajiet tagħhom għall-qafas globali tal-bijodiversità ta' wara l-2020;

4. Ifakkar li l-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità jirfdu l-kisba tal-maġġor parti tal-SDGs u huma essenzjali biex jinkisbu l-objettivi ta' politika tal-UE relatati, fost l-oħrajn, mal-ambjent, is-sikurezza tal-ikel, il-mitigazzjoni u l-adattament b'rabta mat-tibdil fil-klima, is-saħħa, it-tnaqqis tar-riskji ta' diżastri u l-migrazzjoni;

5. Ifakkar li l-preservazzjoni tal-l-bijodiversità u tal-ekosistemi hija intrinsikament sinerġistika u tikkostitwixxi element ċentrali tal-iżvilupp sostenibbli; jisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi adottata l-integrazzjoni tal-bijodiversità u li tittejjeb il-koerenza tal-politika ambjentali fil-politiki interni u esterni kollha tal-UE u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiffaċilitaw dan l-approċċ, anki fir-rigward tal-impenn tagħhom li jimplimentaw bis-sħiħ l-SDGs sal-2030;

6. Jemmen li huwa ta' importanza kruċjali li jiġu indirizzati l-kawżi ewlenin tat-telf u d-deterjorament tal-bijodiversità b'approċċ strateġiku fit-tul u li jiġu żviluppati u implimentati deċiżjonijiet u miżuri effettivi li jvarjaw mill-identifikazzjoni u l-konservazzjoni taż-żoni protetti abbażi tas-sensittività ta' dawk iż-żoni, il-preżenza ta' speċijiet fil-periklu jew lakuni identifikati fl-għarfien u/jew il-ġestjoni effettiva, sal-limitazzjoni tat-telf tal-bijodiversità u l-impatti negattivi fuq it-territorji u l-għajxien tal-komunitajiet indiġeni u lokali, ir-restawr tal-ekosistemi u s-servizzi tagħhom anki barra ż-żoni protetti, l-integrazzjoni tal-bijodiversità f'setturi oħra bħall-agrikoltura, il-forestrija, l-ippjanar tal-użu tal-art, il-kooperazzjoni għall-iżvilupp, ir-riċerka u l-innovazzjoni, it-trasport, l-estrazzjoni bil-minjieri u s-saħħa, u l-eliminazzjoni tas-sussidji perversi; iqis ukoll li huwa essenzjali li jiġu limitati t-telf tal-bijodiversità u l-impatt negattiv ta' tali telf fuq l-art u fuq il-mezzi ta' għajxien tal-komunitajiet lokali u indiġeni;

***L-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni u tal-Pjan Strateġiku għall-Bijodiversità 2011-2020***

7. Ifakkar li l-COP14 fl-Eġittu timmarka l-ħamsa u għoxrin sena mid-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni; iqis, għalhekk, li huwa tal-akbar importanza li jiżdiedu l-isforzi fl-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku attwali għall-Bijodiversità 2011-2020, li ssir enfasi fuq il-kisba tal-Miri tal-Bijodiversità ta' Aichi u tal-elementi ċentrali tal-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess u l-Qsim tal-Benefiċċji u li ssir ħidma fuq pjan strateġiku u mekkaniżmu ta' implimentazzjoni ambizzjużi għal wara l-2020, bil-ħsieb li jiġi żviluppat xenarju għall-2050 li jqis sfidi ġodda fil-qasam tal-bijodiversità, f'konformità mal-Aġenda 2030 u l-SDGs;

8. Jenfasizza r-rwol tal-Miri tal-Bijodiversità ta' Aichi fil-kisba tal-Aġenda 2030 u tal-SDGs, b'mod partikolari l-SDG 14 (il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-oċeani, l-ibħra u r-riżorsi tal-baħar) u l-SDG 15 (il-protezzjoni tal-ekosistemi terrestri, il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, il-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni, il-waqfien u t-treġġigħ lura tad-degradazzjoni tal-art u l-waqfien tat-telf tal-bijodiversità);

9. Jinnota bi tħassib li, skont valutazzjonijiet ([1]) tal-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet u tat-tipi ta' ħabitats ta' interess għall-konservazzjoni fl-UE, huma biss 7 % tal-ispeċijiet tal-baħar u 9 % tat-tipi ta' ħabitats tal-baħar li juru "status ta' konservazzjoni favorevoli", filwaqt li 27 % tal-valutazzjonijiet tal-ispeċijiet u 66 % tal-valutazzjonijiet tat-tipi ta' ħabitats juru "status ta' konservazzjoni sfavorevoli";

***Il-qafas globali tal-bijodiversità ta' wara l-2020***

10. Iħeġġeġ sabiex jittieħdu passi li jqawwu l-ambizzjoni u jtejbu l-funzjonament tal-qafas globali tal-bijodiversità ta' wara l-2020; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirsistu b'mod attiv favur l-iżvilupp ta' miri ċari, kwantitattivi u miżurabbli, b'indikaturi tal-prestazzjoni, strumenti mtejbin ta' traċċar, proċessi ta' impenn u mekkaniżmi ta' rieżami u rappurtar bi standards komuni, li jirriflettu l-mekkaniżmi tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, sabiex jitjiebu t-trasparenza u r-responsabbiltà għall-Partijiet u l-effettività ġenerali tal-qafas globali tal-bijodiversità li jmiss;

11. Jenfasizza li hemm bżonn qafas internazzjonali aktar b'saħħtu biex titħares il-bijodiversità globali, biex jitwaqqaf id-deterjorament attwali tagħha u biex kemm jista' jkun tiġi restawrata; jemmen li tali qafas għandu jkun ibbażat fuq miri u fuq impenji volontarji, li jinkludu kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali, bl-appoġġ ta' kontributi lokali u reġjonali, u strumenti oħra xierqa, impenji finanzjarji u garanziji ta' bini ta' kapaċitajiet aqwa, kif ukoll mekkaniżmu ta' rieżami ta' kull ħames snin, b'enfasi fuq governanza aħjar taż-żoni protetti u miżuri ta' konservazzjoni aktar effettivi, kif ukoll trajettorja dejjem aktar ambizzjuża;

12. Jenfasizza l-importanza li jiġi minimizzat id-dewmien li jista' jinqala' bejn l-adozzjoni tal-qafas globali tal-bijodiversità ta' wara l-2020 u t-traspożizzjoni tiegħu fil-miri nazzjonali tal-bijodiversità, sabiex jiġi evitat dewmien fit-teħid ta' azzjonijiet konkreti maħsuba biex iwaqqfu t-telf tal-bijodiversità;

***Kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u finanzjament***

13. Jissottolinja l-fatt li t-tkabbir ekonomiku jista' biss jiffaċilita l-iżvilupp sostenibbli jekk ikun diżakkoppjat mid-degradazzjoni tal-bijodiversità u l-kapaċità tan-natura li tikkontribwixxi għall-benessri tal-bniedem, u jisħaq fuq l-importanza tat-tisħiħ tas-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura biex jgħinu lis-soċjetajiet jindirizzaw sfidi kumplessi b'aspetti soċjali u ekonomiċi b'mod kompletament sostenibbli;

14. Jenfasizza l-ħtieġa ta' finanzjament suffiċjenti għall-bijodiversità; jissottolinja l-fatt li l-prova tar-reżistenza tal-bijodiversità u l-possibbiltà ta' allokazzjoni ta' fondi għall-bijodiversità fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss ikollhom effett sinifikanti u pożittiv fuq il-kisba tal-Viżjoni 2050;

15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-ħolqien ta' mekkaniżmi finanzjarji internazzjonali ġodda għall-konservazzjoni tal-bijodiversità marbuta mal-KDB u jenfasizza l-importanza ta' inizjattivi ta' finanzjament privat f'dan ir-rigward;

16. Jisħaq fuq l-importanza li jiżdiedu l-investimenti bil-għan li jiġu onorati l-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi sabiex jitnaqqsu l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq il-bijodiversità u sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-politiki ta' mitigazzjoni u adattament b'rabta mat-tibdil fil-klima u dawk tal-bijodiversità;

***Il-forestrija u l-agrikoltura***

17. Jilqa' l-fatt li r-rakkomandazzjoni 10.2.g (XXI/1) għad-deċiżjoni tal-COP14 issemmi l-potenzjal tal-forestrija u tal-agrikoltura; jissottolinja l-fatt li l-attivitajiet agrikoli u l-preservazzjoni tal-bijodiversità huma marbutin mill-qrib ma' xulxin; jenfasizza l-fatt li l-agrikoltura u l-forestrija sostenibbli jikkontribwixxu bil-kbir għall-varjetà tal-ispeċijiet, il-ħabitats u l-ekosistemi u jnaqqsu l-effetti tat-tibdil fil-klima;

---

([1]) Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-Servizzi Ekosistemiċi, "The Regional Assessment Report on Biodiversity and Ecosystem Services for Europe and Central Asia" ("Ir-rapport ta' valutazzjoni reġjonali dwar il-bijodiversità u s-servizzi ekosistemiċi għall-Ewropa u l-Asja Ċentrali"), 2018.

18. Jinnota, madankollu, l-impatt negattiv tal-agrikoltura intensiva fuq il-bijodiversità, b'mod partikolari fir-rigward tad-deforestazzjoni u l-użu tal-pestiċidi; ifakkar fit-tnaqqis allarmanti ta' dakkara li huma fundamentali għall-funzjonament tajjeb tal-ekosistemi; jistieden lill-Partijiet jidħlu għal impenji b'saħħithom favur l-agrikoltura u l-forestrija sostenibbli, inkluż li jappoġġaw ir-rekwiżiti għall-promozzjoni ta' approċċi agroekoloġiċi u għall-eliminazzjoni progressiva tal-prodotti fitosanitarji dannużi kif ukoll dawk l-istrateġiji li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħamrija u tal-ħabitats;

***L-innovazzjoni***

19. Jilqa' l-fatt li l-iżvilupp teknoloġiku jissemma fir-rakkomandazzjoni 10.2.h (XXI/1); ifakkar fl-importanza tal-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Viżjoni 2050 u jistieden lill-Partijiet jiffukaw b'mod partikolari fuq ir-rabtiet bejn il-preservazzjoni tal-bijodiversità u l-benefiċċji għas-saħħa tal-bniedem u għall-benessri ekonomiku u jikkoordinaw il-miżuri għall-ġbir tad-data;

***Il-bini tal-kapaċitajiet, is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-involviment tal-atturi kollha***

20. Jenfasizza li l-bini tal-kapaċitajiet u s-sensibilizzazzjoni, fost l-oħrajn rigward il-valuri tal-bijodiversità u tas-servizzi ekosistemiċi, huma kruċjali għal implimentazzjoni b'suċċess; jilqa', għalhekk, il-fatt li, fid-deċiżjoni XIII/23 u fir-rakkomandazzjoni XXI/1, il-COP13 adottat pjan ta' azzjoni fuq terminu qasir (2017-2022) biex ittejjeb u tappoġġa l-bini tal-kapaċitajiet kif ukoll l-istrateġija ta' komunikazzjoni tagħha, u jistieden lill-COP14 telabora aktar fuq dawn il-kwistjonijiet ewlenin;

21. Jisħaq fuq l-importanza ta' proċess komprensiv u parteċipattiv għat-tiswir tal-qafas ta' wara l-2020;

22. Jilqa' l-fatt li l-kampanji ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku huma kkunsidrati fir-rakkomandazzjoni XXI/1 għat-tħejjija tal-COP14 u jistieden lill-Partijiet jippromwovu s-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u l-involviment tad-diversi partijiet ikkonċernati biex jiżguraw soluzzjonijiet imfassla apposta mal-komunitajiet lokali u l-popli indiġeni bil-għan li jrawmu l-użu sostenibbli tal-artijiet għal aktar bijodiversità ħalli d-differenzi reġjonali tal-pajsaġġi u tal-ħabitats ikunu rispettati bis-sħiħ;

23. Jilqa' l-intenzjoni li jiġi segwit b'mod attiv approċċ bl-involviment tad-diversi partijiet ikkonċernati, inklużi l-atturi reġjonali u dawk lokali, li huwa fundamentali għall-valorizzazzjoni, il-protezzjoni, il-konservazzjoni, l-użu sostenibbli u r-restawr tal-bijodiversità u jissottolinja li t-titjib fl-involviment mal-livelli u s-setturi ta' governanza u bejniethom, kif ukoll il-pjattaformi kummerċjali dwar il-bijodiversità, joħolqu opportunitajiet għall-implimentazzjoni mtejba tal-miri tal-bijodiversità u għall-integrazzjoni tal-objettivi tal-bijodiversità f'politiki oħra;

o

o o

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

P8_TA(2018)0432

# Politiki soċjali u tal-impjiegi taż-żona tal-euro

## Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta’ Ottubru 2018 dwar il-politiki tal-impjieg u soċjali taż-żona tal-euro (2018/2034(INI))

(2020/C 345/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 3 u 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra l-White Paper tal-Kummissjoni tas-16 ta’ Frar 2012 bit-titolu “Aġenda għal Pensjonijiet Adegwati, Sikuri u Sostenibbli” (COM(2012)0055),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 9, 145, 148, 149, 152, 153, 174 u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta’ April 2016 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet ([1]),

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari t-Titolu IV (Solidarjetà) tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabbiltà,

— wara li kkunsidra l-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-NU, b’mod partikolari l-għanijiet Nri 1, 3, 4, 5, 8, 10 u 13,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Ħames Presidenti tat-22 ta’ Ġunju 2015 dwar “Nikkompletaw l-Unjoni Ekonomika u Monetarja tal-Ewropa”,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta’ Mejju 2018 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro ([2]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta’ Diċembru 2015 dwar il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni ta’ żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta’ Mejju 2018 dwar is-Semestru Ewropew 2018 – Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi (COM(2018)0400),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Novembru 2017 bit-titolu “Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2018” (COM(2017)0690),

— wara li kkunsidra l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi mill-Kummissjoni u mill-Kunsill tat-22 ta’ Novembru 2017 li jakkumpanja l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Novembru 2017 dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2018 (COM(2017)0674),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Novembru 2017 għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għal-linji politiċi dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (COM(2017)0677), u l-pożizzjoni tal-Parlament dwarha tad-19 ta’ April 2018 ([3]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Novembru 2017 għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro (COM(2017)0770),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Novembru 2017 bit-titolu “Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta’ Twissija 2018” (COM(2017)0771),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Novembru 2017 bit-titolu “Abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji għall-2018: Valutazzjoni Globali” (COM(2017)0800),

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.
([2]) ĠU C 179, 25.5.2018, p. 1.
([3]) Testi adottati, P8_TA(2018)0181.

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta’ April 2017 bit-titolu “L-istabbiliment tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali” (COM(2017)0250),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta’ April 2017 bit-titolu “Inizjattiva ta’ appoġġ għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw li jaħdmu” (COM(2017)0252),

— wara li kkunsidra d-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tas-26 ta’ April 2017 bit-titolu “Taking stock of the 2013 Recommendation on ‘Investing in children: breaking the cycle of disadvantage’” (Rendikont tar-Rakkomandazzjoni tal-2013 dwar “L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ”) (SWD(2017)0258),

— wara li kkunsidra l-Impenn Strateġiku għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2016-2019 u l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2011-2020 u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2011 dwar il-Patt Ewropew ([1]),

— wara li kkunsidra l-miri ta’ Barċellona dwar il-kura tat-tfal tal-2002, jiġifieri li sal-2010 tiġi pprovduta kura tat-tfal mill-inqas lil 90 % tat-tfal bejn it-tliet snin u l-età obbligatorja tal-iskola u mill-inqas lil 33 % tat-tfal taħt it-tliet snin,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta’ Ottubru 2016 bit-titolu “Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ: tliet snin wara” (COM(2016)0646),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-14 ta’ Settembru 2016 għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (COM(2016)0604),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta’ Settembru 2016 bit-titolu “It-Tisħiħ tal-Investimenti Ewropej għall-impjieg u t-tkabbir: Lejn it-tieni fażi tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi u pjan ġdid ta’ Investiment Estern għall-Ewropa” (COM(2016)0581),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta’ Ġunju 2016 bit-titolu “Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa: Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività” (COM(2016)0381),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta’ Ġunju 2016 bl-isem “Aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva” (COM(2016)0356),

— wara li kkunsidra l-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari ([2]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta’ Ġunju 2016 bit-titolu “L-Ewropa tinvesti mill-ġdid – Rendikont tal-Pjan ta’ Investiment għall-Ewropa u l-passi li jmiss” (COM(2016)0359),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta’ Marzu 2016 dwar it-tnedija ta’ konsultazzjoni dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (COM(2016)0127) u l-annessi tagħha,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta’ Settembru 2018 dwar il-mezzi possibbli ta’ reintegrazzjoni tal-ħaddiema li qed jirkupraw minn korriment u mard f’impjieg ta’ kwalità ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta’ Marzu 2018 dwar is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika: aspetti soċjali u tal-impjieg fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2018 ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta’ Novembru 2017 dwar il-ġlieda kontra l-inugwaljanzi bħala xprun biex tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi ([5]),

(1) ĠU C 155, 25.5.2011, p. 10.
(2) Id-Direttivi (UE) 2018/849,(UE) 2018/850,(UE) 2018/851 u (UE) 2018/852.
(3) Testi adottati, P8_TA(2018)0325.
(4) Testi adottati, P8_TA(2018)0078.
(5) ĠU C 356, 4.10.2018, p. 89.

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2017 dwar il-politiki ekonomiċi taż-żona tal-euro ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar il-politiki dwar l-introjtu minimu bħala għodda biex jiġi ttrattat il-faqar ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2017 dwar aġenda ġdida għall-ħiliet għall-Ewropa ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Jannar 2017 dwar Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Mejju 2016 dwar il-faqar: perspettiva tas-sessi ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2015 dwar il-Qafas Strateġiku tal-Unjoni Ewropea dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2014-2020 ([6]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-2018 tal-Kummissjoni dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet: l-adegwatezza tad-dħul attwali u futur fix-xjuħija fl-UE,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "The 2018 Ageing Report: Economic and Budgetary Projections for the EU Member States (2016-2070)" (Ir-Rapport tal-2018 dwar it-Tixjiħ: Projezzjonijiet Ekonomiċi u Baġitarji għall-Istati Membri tal-UE (2016-2070)),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-2 ta' Frar 2016 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Pjattaforma Ewropea biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-prevenzjoni u l-iskoraġġiment ta' xogħol mhux iddikjarat ([7]),

— wara li kkunsidra l-Karta Soċjali Ewropea riveduta u l-Proċess ta' Turin, li tnieda fl-2014 u li għandu l-għan li jsaħħaħ is-sistema tat-trattat tal-Karta Soċjali Ewropea fi ħdan il-Kunsill tal-Ewropa u fir-relazzjoni tiegħu mad-dritt tal-Unjoni Ewropea ([8]),

— wara li kkunsidra l-osservazzjonijiet konklużivi tar-rapport tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà dwar ir-rapport inizjali tal-Unjoni Ewropea (Settembru 2015),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 5/2017 tal-Qorti tal-Awdituri ta' Marzu 2017 bit-titolu: "Il-qgħad fost iż-żgħażagħ – il-politiki tal-UE għamlu differenza? Valutazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ",

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A8-0329/2018),

A. billi f'Ġunju 2018, ir-rata tal-qgħad aġġustata skont l-istaġun fiż-żona tal-euro kienet ta' 8,3 %, li naqset minn 9,0 % f'Ġunju 2017, u hija l-anqas rata rreġistrata fiż-żona tal-euro minn Diċembru 2008; billi d-differenza fir-rati tal-qgħad fost l-Istati Membri taż-żona tal-euro hija sinifikanti, meta wieħed iqis li l-anqas rati tal-qgħad f'Ġunju 2018 kienu rreġistrati f'Malta (3,9 %) u fil-Ġermanja (3,4 %), filwaqt li l-ogħla rati ta' qgħad – li għadhom kwistjonijiet ta' tħassib – kienu osservati fil-Greċja (20,2 % f'April 2018) u fi Spanja (15,2 %), li r-rati ta' impjieg tagħhom kienu 57,8 % u 65,5 % rispettivament;

B. billi f'Ġunju 2018, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fiż-żona tal-euro kienet ta' 16,9 % meta mqabbla ma' 18,9 % f'Ġunju 2017; filwaqt li din ir-rata, minkejja li kontinwament qiegħda tonqos, għadha għolja b'mod mhux aċċettabbli, u hija d-doppju tal-medja tal-qgħad totali, b'madwar żagħżagħ minn kull tlieta jinsab qiegħed f'ċerti pajjiżi; billi r-responsabbiltà primarja għall-indirizzar tal-qgħad fost iż-żgħażagħ hija tal-Istati Membri f'termini tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' oqfsa regolatorji tas-suq tax-xogħol, sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ u politiki attivi tas-suq tax-xogħol sabiex jiżguraw, fost oħrajn, il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' xogħol deċenti b'pagi deċenti;

---

([1]) ĠU C 346, 27.9.2018, p. 200.
([2]) ĠU C 346, 27.9.2018, p. 156.
([3]) ĠU C 337, 20.9.2018, p. 135.
([4]) ĠU C 242, 10.7.2018, p. 24.
([5]) ĠU C 76, 28.2.2018, p. 93.
([6]) ĠU C 366, 27.10.2017, p. 117.
([7]) ĠU C 35, 31.1.2018, p. 157.
([8]) https://www.coe.int/en/web/turin-european-social-charter/turin-process

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

C. billi d-differenza fir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Istati Membri taż-żona tal-euro hija sinifikanti wkoll, peress li l-anqas rati ta' qgħad fiż-żona tal-euro f'Ġunju 2018 kienu rreġistrati f'Malta (5,5 %) u fil-Ġermanja (6,2 %) filwaqt li l-ogħla rati kienu rreġistrati fil-Greċja (42,3 % f'April 2018), fi Spanja (34,1 %) u fl-Italja (32,6 %);

D. billi Stati Membri oħrajn qegħdin jaffaċċjaw sfidi strutturali fis-suq tax-xogħol bħall-parteċipazzjoni baxxa, u n-nuqqas ta' tlaqqigħ tal-ħiliet u tal-kwalifiki; billi hemm ħtieġa li dejjem qed tiżdied ta' miżuri konkreti għall-integrazzjoni jew l-integrazzjoni mill-ġdid ta' forza tax-xogħol inattiva sabiex jintlaħqu d-domandi tas-suq tax-xogħol;

E. billi r-rata ta' impjieg totali fiż-żona tal-euro fl-2017 kienet ta' 71,0 %, filwaqt li r-rata ta' impjieg għan-nisa kienet ta' 65,4 %; billi l-mira tal-Unjoni Ewropea skont l-Istrateġija Ewropa 2020 hija li tinkiseb rata ta' impjieg ta' mill-inqas 75 % għall-persuni ta' bejn 20 u 64 sena, inkluż bl-involviment akbar tan-nisa, ta' ħaddiema akbar fl-età u ta' integrazzjoni aħjar tal-migranti fil-forza tax-xogħol; billi r-rata ta' impjieg fiż-żona tal-euro sal-aħħar tal-2016 qabżet l-ogħla livell ta' qabel il-kriżi, u żdiedet b'1,5 % fit-tieni kwart tal-2018 meta mqabbla mal-istess kwart tas-sena ta' qabel; billi, madankollu, hija għadha ma laħqitx il-livelli rreġistrati għaxar snin ilu f'xi Stati Membri, meta wieħed jikkunsidra li fil-pajjiżi tal-Lvant dan jista' jiġi attribwit għal tnaqqis fit-tul fil-popolazzjoni globali aktar milli għal żviluppi fis-suq tax-xogħol; billi t-tendenza ta' tnaqqis fis-sigħat maħduma għal kull persuna impjegata minħabba, fost oħrajn, xogħol part-time furzat, għadha inkwetanti, bi tnaqqis żgħir (0,3 %) fl-2017 meta mqabbel mas-sena preċedenti u li għadha f'livell ta' madwar 3,0 % inqas minn dak fl-2008 ([1]);

F. billi s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol taffettwa b'mod partikolari lin-nisa, lill-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet, liż-żgħażagħ u lill-persuni akbar fl-età, lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni li ġejjin minn kuntest ta' migrazzjoni, li għandhom probabbiltà akbar li jkunu impjegati f'xogħol part-time u temporanju, li għadhom jippersistu flimkien ma' forom mhux standard u atipiċi ta' impjieg u impjieg indipendenti fittizju; billi, fl-2017, ir-rata ta' impjieg ta' dawk li għandhom bejn il-55 u l-64 sena fl-UE kienet ta' 57 %, 10 punti perċentwali inqas mir-rata ta' impjieg ġenerali, b'diskrepanza bejn is-sessi ta' 13-il punt perċentwali – 3 punti ogħla miċ-ċifra korrispondenti għall-popolazzjoni totali fl-età tax-xogħol; billi d-demografija tipprevedi għadd dejjem jikber ta' ħaddiema akbar fl-età;

G. billi l-aċċess universali għal kura tas-saħħa ta' kwalità huwa bżonn bażiku li jrid ikun żgurat u investit mill-Istati Membri;

H. billi fl-2016, il-perċentwal ta' persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali fiż-żona tal-euro kien ta' 23,1 %, ċifra li għadha ogħla miċ-ċifra tal-2009, u r-rata ta' faqar fost dawk li jaħdmu kienet ta' 9,5 %; billi għad hemm 118-il miljun ċittadin Ewropew li jinsabu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, miljun persuna aktar mil-livell ta' qabel il-kriżi; billi l-mira tal-Ewropa 2020 li r-riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali jitnaqqas b'20 miljun relattiv għall-parametru referenzjarju tal-2008 għadha pjuttost 'il bogħod milli tinkiseb; billi filwaqt li r-rati ta' deprivazzjoni materjali qed jonqsu, ir-rati monetarji u ta' dawk f'riskju ta' faqar qed jiżdiedu;

I. billi fiż-żona tal-euro r-rata tal-qgħad fit-tul qed tonqos (minn 5 % fl-2016 għal 4,4 % fl-2017), iżda billi għadha tammonta għal 48,5 % tal-qgħad totali, li huwa għoli b'mod inaċċettabbli;

J. billi skont ir-rieżami annwali tal-2018 tal-Iżviluppi fl-Impjieg u dawk Soċjali fl-Ewropa (ESDE), il-pass tat-tkabbir ristrett fil-produttività għal kull persuna impjegata li qed jaffettwa t-tkabbir fil-pagi huwa marbut ma' fatturi bħas-sehem ogħla ta' impjiegi part-time u l-għadd aktar baxx ta' sigħat maħduma;

K. billi r-rata tal-impjiegi part-time u temporanji fiż-żona tal-euro baqgħet stabbli mill-2013, minkejja li tirrappreżenta proporzjon għoli tal-impjiegi totali, u billi fl-2017 ix-xogħol part-time kien jammonta għal 21,2 % tal-kuntratti kollha; billi l-perċentwal tal-impjiegi part-time fost in-nisa (31,4 %) huwa ogħla b'mod sinifikanti minn fost l-irġiel (8,2 %), fenomenu li jista' jkollu riperkussjonijiet sinifikanti għall-introjtu u l-intitolamenti ta' protezzjoni soċjali; billi fl-2016 iż-żgħażagħ kellhom bil-bosta l-ogħla sehem ta' kuntratti temporanji – 43,8 % tal-impjegati kollha li għandhom bejn il-15 u l-24 sena;

---

([1]) http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=en&pubId=8030&furtherPubs=yes

L. billi l-adegwatezza tal-pensjonijiet għadha sfida, peress li r-riskju ta' esklużjoni soċjali qed jiżdied bl-età, filwaqt li d-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi ta' 37 % għadha tippreżenta sfida għall-bosta nisa anzjani, filwaqt li żżid ir-riskju tagħhom ta' faqar u esklużjoni soċjali; billi l-intitolamenti tal-pensjoni tal-persuni f'impjieg mhux standard u f'impjieg indipendenti huma aktar baxxi minn dawk għall-impjegati;

M. billi l-aċċess għal servizzi soċjali, bħas-servizzi għall-indukrar tat-tfal, tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul, kif ukoll servizzi affordabbli li jappoġġaw il-mobbiltà, għandhom impatt sinifikanti fuq l-adegwatezza tal-introjtu, b'mod partikolari għall-persuni b'introjtu baxx jew li jiddependu fuq il-protezzjoni soċjali;

1. Jinnota li filwaqt li l-kundizzjonijiet ekonomiċi fiż-żona tal-euro huma attwalment favorevoli u l-impjieg ġenerali dejjem qed jikber, l-irkupru ekonomiku mhuwiex imqassam b'mod ekwu fiż-żona tal-euro, u għad hemm lok għal ħafna titjib f'termini tal-konverġenza ekonomika, tal-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-qgħad fit-tul, l-iżbilanċi bejn is-sessi, il-ġlieda kontra s-segmentazzjoni u l-inugwaljanzi tas-suq tax-xogħol, speċjalment dawk marbuta ma' gruppi vulnerabbli, u f'termini ta' tnaqqis tal-għadd ta' persuni li jaħdmu taħt il-livell ta' kwalifika tagħhom, tal-faqar b'mod ġenerali u tal-faqar fost dawk li jaħdmu, b'mod partikolari l-qerda tal-faqar fost it-tfal, u t-trawwim tal-produttività u ż-żidiet fil-pagi; jinnota li l-inugwaljanzi fl-introjtu kienu jkunu ogħla mingħajr l-effetti ridistributtivi tat-trasferimenti soċjali, li fl-2015 naqqsu l-perċentwal ta' persuni f'riskju ta' faqar b'madwar terz (33,7 %); jilmenta dwar il-fatt, madankollu, li l-impatti tagħhom ma kinux biżżejjed u jvarjaw bil-kbir fost l-Istati Membri, bit-tnaqqis tal-inugwaljanza fl-introjtu b'aktar minn 20 % fil-Belġju, fil-Finlandja u fl-Irlanda, iżda b'inqas minn 10 % fl-Estonja, fil-Greċja, fl-Italja, fil-Latvja u fil-Portugall;

2. Jenfasizza li t-tgawdija tad-drittijiet soċjali u sistema ta' protezzjoni soċjali li tiffunzjona sew, hija effiċjenti u li tipprovdi protezzjoni adegwata lill-ħaddiema kollha, irrispettivament mit-tip tar-relazzjoni ta' impjieg, kuntratt jew forma ta' impjieg tagħhom, huma prekundizzjonijiet importanti, flimkien ma' politiki attivi u sostenibbli tas-suq tax-xogħol, għat-tnaqqis tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, b'mod partikolari għal dawk l-aktar vulnerabbli, billi jiżguraw swieq tax-xogħol nazzjonali inklużivi u jsaħħu r-reżiljenza u l-kompetittività tal-ekonomija taż-żona tal-euro kollha;

3. Jilqa' ż-żieda fl-appoġġ finanzjarju, permezz tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (SRSP), għall-Istati Membri biex isegwu r-riformi tagħhom għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità biex tingħata spinta lill-impjiegi, għat-tnaqqis tal-qgħad b'enfasi fuq l-indirizzar tal-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ, u dwar l-objettiv ta' żidiet fil-pagi; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jitkabbar l-ambitu tal-SRSP biex ikopri l-pajjiżi li l-munita tagħhom mhijiex l-euro, bil-għan li titrawwem il-konverġenza ekonomika u soċjali fl-UE;

4. Jieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs) tal-Kummissjoni tal-2018 bħala parti importanti tal-proċess tas-Semestru Ewropew, u jilqa' l-attenzjoni speċjali mogħtija fihom għall-isfidi soċjali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura koerenza bejn CSRs soċjali u ekonomiċi u tirrispetta l-klawsola ta' flessibbiltà fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, kif iddikjarat fil-Pożizzjoni miftiehma b'mod komuni tal-Kunsill dwar il-Flessibbiltà fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir; jinnota bi tħassib li 50 % biss tas-CSRs għall-2017 kienu implimentati b'mod sħiħ jew parzjalment, u għaldaqstant, jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jżidu l-isforzi tagħhom biex jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma li ġejjin:

— il-faqar u l-esklużjoni soċjali, inkluż il-faqar fost it-tfal u dawk li jaħdmu, speċjalment fost il-grupp vulnerabbli,

— il-qgħad fit-tul u fost iż-żgħażagħ, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol [1];

— l-inugwaljanzi fl-introjtu,

— iż-żieda fil-pagi,

— il-ġlieda kontra t-tluq bikri mill-iskola u l-għadd kbir ta' persuni barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs),

— l-edukazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET),

— is-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistemi tal-pensjonijiet,

— il-kura tas-saħħa, inkluż il-kura fit-tul,

(1) ĠU C 67, 20.2.2016, p. 1.

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

— impjiegi siguri u adattabbli

— il-bilanċi bejn is-sessi, b’mod partikolari l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u d-diskrepanzi fil-pagi u fil-pensjonijiet bejn is-sessi;

5. Jenfasizza, għalhekk, li l-ħolqien ta’ impjiegi ta’ kwalità, aċċess ugwali għall-protezzjoni soċjali, irrispettivament mir-relazzjoni tal-impjieg jew it-tip ta’ kuntratt, u ż-żidiet fil-pagi għandhom impatt sinifikanti fuq it-tnaqqis tal-inugwaljanzi, ir-riskju ta’ faqar u l-esklużjoni soċjali, u jgħinu biex jittejbu l-istandards tal-għajxien u jappoġġaw l-irkupru ekonomiku; jenfasizza li r-riformi tal-Istati Membri, kif rakkomandati mill-Kummissjoni permezz tas-CSRs, għandhom għalhekk jiffokaw b’mod partikolari fuq politiki li jżidu l-potenzjal tal-produttività u tat-tkabbir sostenibbli, jappoġġaw il-ħolqien ta’ impjiegi ta’ kwalità u jnaqqsu l-inugwaljanzi u l-faqar, speċjalment il-faqar fost it-tfal; iħeġġeġ il-ħolqien ta’ forom ta’ impjiegi b’terminu ta’ żmien indeterminat, filwaqt li tiġi żgurata l-adattabbiltà, jiġi promoss suq tax-xogħol inklużiv u jiġi żgurat bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

6. Jilqa’ l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta’ Marzu 2018 dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR) (COM(2018)0130), li tallinja l-Pilastru maċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew billi jirrifletti l-prijoritajiet tal-EPSR fl-analiżi tal-miżuri meħuda u l-progress li sar fil-livell nazzjonali; jenfasizza li l-għanijiet u l-impenji soċjali tal-UE għandhom ikunu prijorità fuq l-istess livell tal-għanijiet ekonomiċi tagħha; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu d-drittijiet soċjali billi jimplimentaw l-EPSR b’tali mod li tinbena dimensjoni soċjali reali għall-UE (permezz ta’ leġiżlazzjoni, mekkaniżmi ta’ tfassil ta’ politika u strumenti finanzjarji pprovduti fil-livell xieraq);

7. Jinnota li s-swieq tax-xogħol ta’ pajjiżi fiż-żona tal-euro huma differenti b’mod sinifikanti, li jikkostitwixxi sfida għall-funzjonament xieraq tagħhom; jappella, għaldaqstant, għalkemm mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta’ sussidjarjetà, għal politiki u riformi tas-suq tax-xogħol imfassla sew li joħolqu impjiegi ta’ kwalità, jippromwovu opportunitajiet indaqs, trattament ugwali tal-ħaddiema, u l-ekonomija soċjali u solidali, jiffaċilitaw l-aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali, jiffaċilitaw il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, jerġgħu jintegraw lil dawk qiegħda u jindirizzaw l-inugwaljanzi u l-iżbilanċi bejn is-sessi; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki soċjali u ekonomiċi f’konformità mal-prinċipji tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta’ Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol [1], speċifikament billi jiżguraw l-għoti ta’ għajnuna ta’ introjtu adegwat, swieq tax-xogħol aċċessibbli u aċċess għal servizzi ta’ kwalità, elementi li kollha kemm huma jitqiesu bħala fundamentali għal eżiti sostenibbli;

8. Jissottolinja l-bżonn li jiżdiedu r-rati ta’ impjieg u jiġi promoss il-ħolqien ta’ impjiegi deċenti, b’mod partikolari fost dawk li ilhom qiegħda għal żmien twil, il-ħaddiema b’ħiliet baxxi, il-ħaddiema żgħażagħ u dawk akbar fl-età, in-nisa, il-migranti, il-persuni b’diżabbiltà, il-minoranzi u l-komunitajiet marġinalizzati bħar-Rom, sabiex tinkiseb il-mira tal-Ewropa 2020 ta’ rata ta’ impjieg ta’ mill-inqas 75 % u biex jittaffa r-riskju ta’ faqar, b’mod speċjali l-faqar fost it-tfal u fost dawk li jaħdmu, u l-esklużjoni soċjali li dawn il-persuni jaffaċċjaw; jissottolinja l-ħtieġa li jitnaqqas l-għadd ta’ persuni li qegħdin jesperjenzaw il-faqar sabiex tinkiseb il-mira tal-Ewropa 2020 li l-faqar jitnaqqas b’20 miljun persuna; jissottolinja l-ħtieġa li jitnaqqas il-faqar fost it-tfal permezz tal-implimentazzjoni ta’ Garanzija għat-Tfal fl-UE kollha;

9. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw azzjonijiet u strateġiji f’konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali biex jindirizzaw il-ħtiġijiet soċjali ta’ dawk li għalihom is-suq tax-xogħol huwa inaċċessibbli, b’mod partikolari dawk li jaffaċċjaw deprivazzjoni estrema bħall-persuni mingħajr dar, it-tfal u ż-żgħażagħ u dawk b’kundizzjonijiet tas-saħħa kroniċi fiżiċi u mentali;

10. Jappella għal strateġiji nazzjonali u koordinazzjoni fil-livell tal-UE li jiġġieldu kontra t-tixjiħ fis-swieq tax-xogħol bħala risposta għal għadd dejjem jikber ta’ ħaddiema ta’ età akbar fil-forza tax-xogħol tal-UE, inkluża s-sensibilizzazzjoni dwar id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol [2], allinjament tar-regolamenti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali mal-għanijiet ta’ impjieg sostenibbli, filwaqt li jitqiesu r-riskji okkupazzjonali ġodda u emerġenti, l-għoti ta’ aċċess għall-opportunitajiet ta’ tagħlim tul il-ħajja u politiki mtejba li jappoġġaw ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja;

(1) ĠU L 307, 18.11.2008, p. 11.
(2) ĠU L 303, 2.12.2000, p. 16.

11. Jistieden lill-Istati Membri taż-żona tal-euro jieħdu vantaġġ sħiħ tal-prospettiva ekonomika pożittiva u jwettqu riformi fis-suq tax-xogħol li jiffukaw fuq il-ħolqien tax-xogħol u li jrawmu forom ta' impjiegi li jkunu prevedibbli, siguri, b'terminu ta' żmien indeterminat u ġuridikament ċerti li jiddeskrivu t-termini u l-kundizzjonijiet tal-impjieg, jipprevjenu u jiġġieldu kontra l-impjiegi indipendenti fittizji u billi jiżguraw protezzjoni soċjali adegwata, irrispettivament mir-relazzjoni ta' impjieg jew it-tip ta' kuntratt; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jimplimentaw ir-rakkomandazzjoni proposta tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali u biex il-persuni f'impjieg mhux standard jiġu mħeġġa jirreġistraw fi skemi ta' protezzjoni soċjali; jenfasizza l-importanza tan-negozjati li għaddejjin dwar id-direttiva dwar kundizzjonijiet tax-xogħol prevedibbli u trasparenti;

12. Jistieden lill-Istati Membri jinvestu fis-servizzi tal-kura tul iċ-ċiklu tal-ħajja, ikomplu jsegwu u jiżviluppaw miri tal-kura għall-anzjani u għall-persuni dipendenti, bil-għan li jilħqu l-miri ta' Barċellona dwar il-kura tat-tfal tal-2002; jemmen li l-għoti ta' servizzi tal-kura fil-familja ma għandux ikollux impatt negattiv fuq il-benefiċċji soċjali jew tal-pensjoni; jistieden lill-Istati Membri, f'dan il-kuntest, jiżguraw li l-akkumulazzjoni tad-drittijiet tal-pensjoni hija suffiċjenti;

13. Jistieden lill-Istati Membri taż-żona tal-euro jnaqqsu d-diskrepanza fil-pensjonijiet bejn is-sessi u jiżguraw ekwità interġenerazzjonali li tiżgura benefiċċji ta' rtirar deċenti u suffiċjenti, sabiex jinqerdu l-faqar u l-esklużjoni soċjali fost l-anzjani u, fl-istess ħin, jiżguraw is-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistemi tal-pensjonijiet, jippromwovu rati ogħla ta' impjiegi deċenti li jipprovdu kontribuzzjonijiet ogħla lis-sistemi tal-pensjonijiet u ma jitfgħux piż żejjed fuq il-ġenerazzjoni żagħżugħa; jinnota bi tħassib li f'xi Stati Membri taż-żona tal-euro d-diskrepanza fil-pensjoni bejn is-sessi, kif ukoll ir-rata ta' rtirar bikri, għadhom għoljin; jirrimarka li s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet tista' tissaħħaħ billi jitnaqqas il-qgħad, jiġi indirizzat b'mod effettiv ix-xogħol mhux iddikjarat, u jiġu integrati l-migranti u r-refuġjati fis-suq tax-xogħol, fost inizjattivi oħra; jilqa' r-rakkomandazzjoni li ppreżentat il-Kummissjoni fir-Rapport tal-2018 dwar l-Adegwatezza tal-Pensjonijiet dwar il-ħtieġa ta' riflessjoni olistika dwar l-adegwatezza tal-introjtu fix-xjuħija u s-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistemi tal-pensjonijiet; jappella biex titwettaq aktar analiżi dwar is-sitwazzjoni ta' "l-aktar anzjani fost l-anzjani", li l-intitolamenti tal-pensjoni tagħhom jista' jkun li naqsu maż-żmien minħabba l-inflazzjoni;

14. Jemmen li r-riformi tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali tal-Istati Membri jridu jkunu mfassla b'tali mod li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol għal dawk li jistgħu jaħdmu, billi x-xogħol isir vijabbli; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-appoġġ għall-introjtu għandu jkun immirat lejn dawk li huma l-aktar fil-bżonn;

15. Jinnota li fl-ewwel tliet xhur tal-2018, ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti fiż-żona tal-euro kienet ta' 2,1 %, minn 1,9 % fl-2017; jenfasizza li jistgħu jinkisbu ħiliet adegwati u l-ispariġġ fil-ħiliet jista' jiġi indirizzat billi jittejbu l-kwalità, id-disponibbiltà, l-affordabbiltà u l-aċċessibbiltà għall-edukazzjoni u t-taħriġ, billi jiġi inkluż taħriġ ta' kwalità mmirat, jittejjeb ir-rikonoxximent awtomatiku tal-kwalifiki, jissaħħu l-miżuri ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, b'attenzjoni partikolari għall-ħiliet bażiċi, kif ukoll opportunitajiet ta' edukazzjoni mhux formali għall-adulti, li jirrikjedu appoġġ xieraq, inkluż finanzjament tal-UE, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 149 tat-TFUE, u finanzjament fil-livell nazzjonali u reġjonali; jitlob, f'dan ir-rigward, biex il-miżuri mmirati jappoġġaw gruppi vulnerabbli, inkluż ir-Rom, il-persuni b'diżabbiltà, il-persuni li jitilqu kmieni mill-iskola, il-persuni qiegħda fit-tul, u l-migranti u r-refuġjati; jafferma l-bżonn li tiżdied ir-rilevanza tat-taħriġ vokazzjonali għas-suq tax-xogħol u li jittieħdu passi sabiex dan isir aktar attraenti fil-konfront tal-perkorsi akkademiċi; jappoġġa l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ kontinwi tal-inizjattiva Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet sabiex persuni jiġu megħjuna jakkwistaw ħiliet fundamentali għas-seklu 21; jistieden lill-Istati Membri jagħtu prijorità lit-taħriġ komprensiv fil-ħiliet diġitali u intraprenditorjali u jqisu l-bidla lejn l-ekonomija diġitali fil-kuntest tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid;

16. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li fl-UE19, kien hemm tnaqqis sena wara sena fir-rata medja ta' nefqa governattiva ġenerali għall-edukazzjoni bħala perċentwal tal-PDG mill-2009 sal-2016 ([1]); jenfasizza li sistemi edukattivi pubbliċi b'riżorsi tajbin huma essenzjali għall-ugwaljanza u għall-inklużjoni soċjali;

17. Jinnota bi tħassib kbir in-numru li baqa' għoli b'mod persistenti ta' ċittadini Ewropej b'ħiliet baxxi ta' litteriżmu jew b'diffikultajiet ta' litteriżmu, inkluż l-illitteriżmu funzjonali u dak medjatiku, li jwassal għal tħassib serju għal dak li jikkonċerna l-parteċipazzjoni sinifikanti u effikaċi fil-ħajja pubblika u fis-suq tax-xogħol;

([1]) Data tal-Eurostat.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

18. Iħeġġeġ il-promozzjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni doppji u politiki simili oħra; jisħaq fuq il-punt li rabta effikaċi bejn l-edukazzjoni, ir-riċerka, l-innovazzjoni u s-suq tax-xogħol tista' toffri kontribut deċiżiv għall-ħolqien tal-impjiegi;

19. Jisħaq li ambjent ta' tagħlim sikur u adegwat huwa essenzjali għall-benessri tal-istudenti u tal-għalliema;

20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw miżuri speċifiċi fi ħdan il-politiki għall-impjiegi, edukattivi u soċjali bil-għan li jiżguraw l-inklużjoni effettiva ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni li ġejjin minn ambjenti żvantaġġati;

21. Jirrimarka l-ħtieġa li jiġu ppjanati u promossi programmi ta' gwida vokazzjonali organizzati u aġġornati fl-iskejjel, partikolarment fil-kampanja, fir-reġjuni mal-fruntieri u fir-reġjuni muntanjużi u insulari;

22. Jappoġġa l-mobbiltà tal-istudenti, tal-ħaddiema, tal-atleti u tal-artisti fl-UE u fiż-żona tal-euro; jinsab imħasseb, madankollu, li d-differenzi sostanzjali fil-kundizzjonijiet ta' għajxien u tax-xogħol fiż-żona tal-euro qegħdin jiskattaw migrazzjoni involontarja li qed tkompli tkabbar l-effetti tal-ħekk imsejjaħ eżodu ta' mħuħ; jirrimarka li prerekwiżit ewlieni biex jiġi indirizzat il-fenomenu tal-eżodu ta' mħuħ huwa l-ħolqien ta' impjiegi deċenti, kif ukoll il-promozzjoni ta' strateġiji ta' edukazzjoni, taħriġ u gwida għall-karriera effettivi; jappella għal politiki edukattivi u tal-impjiegi futuri li jindirizzaw b'effikaċja dan il-fenomenu, inkluż permezz tal-iżvilupp sħiħ taż-żona Ewropea tal-edukazzjoni; jisħaq fuq il-ħtieġa li tinħoloq Kard Ewropea tal-Istudenti biex tiġi promossa l-mobbiltà fit-tagħlim u l-iffaċilitar tar-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati, diplomi u kwalifiki professjonali, filwaqt li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi u l-ispejjeż għall-istudenti u għall-istituti edukattivi u ta' taħriġ;

23. Jisħaq fuq il-punt li, skont il-parametri referenzjarji tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2020 (ET 2020), sal-2020, inqas minn 15 % taż-żgħażagħ ta' 15-il sena għandhom ikunu inqas imħarrġin fil-qari, il-matematika u x-xjenza; jilqa' l-inklużjoni tal-parametru referenzjarju dwar "il-prestazzjoni baxxa fl-edukazzjoni" għal żgħażagħ ta' 15-il sena (riżultati għal livell batut fil-matematika mill-istħarriġ tal-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA)) fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali l-ġdida;

24. Ifakkar li, skont il-parametri referenzjarji tal-ET 2020, sal-2020, minn tal-inqas 95 % tat-tfal (mill-età ta' 4 snin sal-età obbligatorja għall-iskola) għandhom jipparteċipaw fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal; jisħaq fuq il-punt li l-qasam tal-"kura bikrija tat-tfal" fit-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali jinkludi indikatur wieħed biss, għat-tfal ta' taħt l-età ta' tliet snin li jinsabu f'kura formali; jenfasizza li ma għandux informazzjoni dwar il-kopertura ta' tfal akbar fl-età taħt l-età obbligatorja għall-iskola, kif ukoll informazzjoni dwar il-punt safejn għandu jiġi pprovdut l-indukrar tat-tfal imkejjel skont in-numru ta' sigħat ipprovduti;

25. Iqis ir-rwol pożittiv tal-edukazzjoni miftuħa u tal-universitajiet miftuħa fil-proċess tal-ksib tal-għarfien u l-ħiliet, b'mod partikolari l-programmi ta' taħriġ online għall-impjegati, peress li din hija forma dinamika ta' tagħlim li tissodisfa l-ħtiġijiet attwali u l-interessi tal-parteċipanti;

26. Itenni l-appell tiegħu biex il-pakkett tal-Erasmus+ jiżdied b'minn tal-inqas tliet darbiet fil-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) li jmiss, bil-għan li jilħaq lil aktar żgħażagħ, organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u studenti tal-iskejjel sekondarji u apprendisti fl-Ewropa kollha; jappella biex tingħata attenzjoni partikolari lil persuni li ġejjin minn ambjenti soċjoekonomiċi żvantaġġati bil-għan li dawn jingħataw il-possibbiltà li jipparteċipaw fil-programm, kif ukoll lil persuni b'diżabbiltà, f'konformità mal-obbligi tal-UE u tal-Istati Membri taħt il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (CRPD);

27. Ifakkar fil-potenzjal strateġiku tas-settur kulturali u kreattiv bħala ġeneratur tal-impjiegi u l-ġid fl-UE; jisħaq fuq il-punt li l-industriji kulturali u kreattivi jikkostitwixxu 11,2 % tal-intrapriżi privati kollha u 7,5 % tal-persuni kollha impjegati kumplessivament fl-ekonomija tal-UE u jiġġeneraw 5,3 % tal-valur miżjud gross totali Ewropew (GVA); jissottolinja r-rwol tal-industriji kulturali u kreattivi fil-ħarsien u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika Ewropea u l-kontribut ta' dawn għat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-impjiegi, speċjalment għall-impjieg taż-żgħażagħ;

28. Jenfasizza li huwa essenzjali li jkun hemm investiment u ppjanar adegwat fil-qasam tal-edukazzjoni, b'mod partikolari fil-ħiliet diġitali u l-programmazzjoni, u dan bil-għan li tiġi żgurata l-pożizzjoni kompetittiva tal-Unjoni, id-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati u l-impjegabbiltà tal-forza tax-xogħol;

29. Jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi inċentivi u assistenza teknika liż-żgħażagħ biex jistabbilixxu n-negozji tagħhom u tipproponi miżuri għall-promozzjoni tal-intraprenditorija permezz tal-kurrikuli tal-iskejjel fl-Istati Membri;

30. Jissottolinja l-ħtieġa li jitwettqu riformi li jippreparaw lis-suq tax-xogħol u lill-forza tax-xogħol tiegħu għat-trasformazzjoni diġitali għall-persuni ta’ kull età u li ġejjin minn ambjenti differenti, permezz ta’ approċċ flessibbli bbażat fuq l-istudent, b’mod partikolari billi tiġi żgurata provvista adegwata għat-tagħlim tul il-ħajja u għat-taħriġ fil-ħiliet diġitali, li hija ċentrali għal ekonomija bbażata fuq l-għarfien; jenfasizza l-importanza ta’ gwida tal-karriera tul il-ħajja sabiex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tal-persuni f’taħriġ u f’perkorsi tal-karrieri adattati, flessibbli u ta’ kwalità għolja; ifakkar, f’dan il-kuntest, il-limiti tal-previżjoni tal-ħiliet minħabba n-natura li qed tinbidel malajr tas-suq tax-xogħol, u jenfasizza, f’dan ir-rigward, l-importanza ta’ ħiliet trasversali bħall-komunikazzjoni, is-soluzzjoni tal-problemi, il-kreattività u l-kapaċità li wieħed jitgħallem, li lkoll irawmu r-reżiljenza u jsaħħu l-kapaċità tal-persuni li jadattaw ruħhom għall-bidla u jiksbu ħiliet ġodda f’ħajjithom; jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żgurat li s-sistemi nazzjonali ta’ protezzjoni soċjali jipprovdu protezzjoni adegwata lill-impjegati kollha, inkluż f’forom ġodda ta’ impjiegi u b’tipi ġodda ta’ kuntratti, kif ukoll li tittejjeb il-kopertura għal dawk li ma jistgħux jaħdmu u dawk li ma jistgħux isibu xogħol; jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki tas-suq tax-xogħol li jappoġġaw il-mobbiltà bejn is-setturi u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, li se jsiru dejjem aktar importanti hekk kif is-swieq tax-xogħol tagħna jadattaw għat-trasformazzjoni diġitali tal-ekonomija tagħna; jenfasizza, f’dan ir-rigward, il-ħtieġa li jiġi żgurat l-involviment kemm tat-trade unions kif ukoll tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta;

31. Jistieden lill-Istati Membri taż-żona tal-euro jwettqu r-riformi neċessarji u jżidu l-investiment soċjali sabiex jiżguraw l-aċċessibbiltà, id-disponibbiltà, l-affordabbiltà, il-kwalità u l-kosteffettività tas-sistemi tal-kura tas-saħħa tagħhom; jappella għal mira Ewropea mġedda li żżid b’mod sinifikanti l-għadd ta’ snin ta’ ħajja b’saħħitha, billi l-prevenzjoni ssir prijorità fil-politiki tas-saħħa tal-UE, flimkien ma’ miżuri kurattivi; jappella biex jitwettqu b’mod attiv kampanji li jippromwovu s-saħħa;

32. Jappella għal strateġija Ewropea għall-kwalità u l-aċċessibbiltà tas-sistemi ta’ kura fit-tul, billi jiġi adottat approċċ ibbażat fuq id-drittijiet u l-komunità għal kura u appoġġ fit-tul; jappella għal investimenti sinifikanti fis-servizzi tal-kura fit-tul sabiex isiru preparamenti għaż-żieda fil-ħtiġijiet previsti fid-dawl tal-bidla demografika; jirrikonoxxi li s-settur tal-kura fit-tul joffri kundizzjonijiet tax-xogħol inadegwati u jappella biex issir evalwazzjoni mill-ġdid tax-xogħol tal-kura u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-servizzi tal-kura sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-kura fit-tul;

33. Jirrimarka l-ħtieġa ta’ politiki mfassla tajjeb għal bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inkluż l-għoti ta’ kura tat-tfal, kura bikrija tat-tfal u kura fit-tul affordabbli, ir-riekwilibriju tar-rwol tal-kura tas-sessi fost l-irġiel u n-nisa, u l-promozzjoni ta’ arranġamenti flessibbli tax-xogħol u t-teħid vantaġġuż tal-liv tal-maternità, tal-paternità, tal-familja u ta’ familjari li jindukraw; iqis, f’dan ir-rigward, l-adozzjoni tad-direttiva dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u l-persuni li jindukraw bħala pass neċessarju lejn it-titjib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; jappella wkoll biex tiġi implimentata inizjattiva Ewropea dwar il-protezzjoni u s-servizzi soċjali għall-persuni li jindukraw b’mod informali;

34. Jenfasizza l-importanza li jittejbu d-djalogu strutturat u l-parteċipazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi, tat-trade unions u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-kontribut għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-impjiegi u l-politiki u r-riformi soċjali, u l-impenn attiv tagħhom fil-proċess tas-Semestru;

35. Jemmen li sabiex tinżamm u tiżdied il-kompetittività globali, l-oqsfa regolatorji tas-suq tax-xogħol fl-Istati Membri jeħtieġ li jkun ċar, sempliċi u flessibbli, filwaqt li jinżammu l-istandards għolja tax-xogħol;

36. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0433

# L-użu tad-data tal-utenti ta' Facebook minn Cambridge Analytica u l-impatt fuq il-protezzjoni tad-data

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar l-użu tad-data tal-utenti ta' Facebook minn Cambridge Analytica u l-impatt fuq il-protezzjoni tad-data (2018/2855(RSP))**

(2020/C 345/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, b'mod partikolari l-Artikoli 7, 8, 11, 12, 39, 40, 47 u 52 tagħha, il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, b'mod partikolari l-Artikoli 8, 9, 10, 11, 13, 16 u 17 tagħha, u l-Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, b'mod partikolari l-Artikolu 3 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, b'mod partikolari l-Artikoli 2, 17, 19, 20 u 25 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) [1], kif ukoll id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI [2],

— wara li kkunsidra l-mal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' Data Personali flimkien mal-Protokoll addizzjonali tagħha,

— wara li kkunsidra l-inkjesta tal-House of Commons dwar l-aħbarijiet foloz ("fake news") u l-Ħames Rapport Interim tal-Kumitat għall-Kultura, il-Midja u l-Isport tagħha dwar id-diżinformazzjoni u l-aħbarijiet foloz,

— wara li kkunsidra s-seduti ta' smigħ organizzati mill-Kumitat għall-Enerġija u l-Kummerċ tal-House of Representatives tal-Istati Uniti,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1250 tat-12 ta' Lulju 2016 skont id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-Ħarsien tal-Privatezza UE-U.S. [3],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2018 dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni mogħtija mit-Tarka tal-Privatezza UE-US [4],

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) tas-6 ta' Ottubru 2015 fil-Kawża C-362/14 Maximillian Schrems v Data Protection Commissioner [5],

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-QĠUE tal-25 ta' Jannar 2018 fil-Kawża C-498/16 Maximilian Schrems v Facebook Ireland Limited [6],

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-5 ta' Ġunju 2018 fil-Kawża C-210/16 Unabhängiges Landeszentrum für Datenschutz Schleswig-Holstein v Wirtschaftsakademie Schleswig-Holstein GmbH [7],

---

[1] ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.
[2] ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89.
[3] ĠU L 207, 1.8.2016, p. 1.
[4] Testi adottati, P8_TA(2018)0315.
[5] ECLI:EU:C:2015:650.
[6] ECLI:EU:C:2018:37.
[7] ECLI:EU:C:2018:388.

— wara li kkunsidra t-talba formali ppreżentata minn David Caroll, li fiha talab lil Cambridge Analytica tirkupra l-informazzjoni personali tiegħu u tiżvela s-sors tagħha,

— wara li kkunsidra l-Opinjoni 3/2018 tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD) tad-19 ta' Marzu 2018 dwar il-manipulazzjoni online u d-data personali ([1]),

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 tat-3 ta' Ottubru 2017 dwar Teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet individwali u t-tfassil ta' profili għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2016/679 ([2]),

— wara li kkunsidra żewġ settijiet ta' tweġibiet bil-miktub għal mistoqsijiet li baqgħu mingħajr tweġiba fil-laqgħa bejn il-mexxejja tal-gruppi politiċi fil-PE u l-Kap Eżekuttiv ta' Facebook, Zuckerberg, ippubblikati minn Facebook fit-23 ta' Mejju ([3]) u fl-4 ta' Ġunju 2018 rispettivament ([4]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/234 tal-14 ta' Frar 2018 rigward it-tisħiħ tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet 2019 lill-Parlament Ewropew ([5]), u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2018 dwar netwerks ta' kooperazzjoni elettorali, trasparenza online, protezzjoni kontra inċidenti taċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra kampanji ta' diżinformazzjoni fil-kuntest ta' elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew(C(2018)5949), u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2018 intitolata "Għall-kisba ta' elezzjonijiet Ewropej liberi u ġusti" (COM(2018)0637),

— wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2018 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1141/2014 rigward proċedura ta' verifika relatata mal-ksur ta' regoli dwar il-protezzjoni ta' data personali fil-kuntest tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew (COM(2018)0636),

— wara li kkunsidra l-gwida tal-Kummissjoni tat-12 ta' Settembru 2018 dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data fil-kuntest elettorali (COM(2018)0638),

— wara li kkunsidra s-seduti ta' smigħ fil-fond organizzati mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, fuq mandat tal-Parlament Ewropew, dwar l-użu tad-data tal-utenti ta' Facebook minn Cambridge Analytica u l-impatt fuq il-protezzjoni tad-data,

— wara li kkunsidra r-rapporti tal-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit rigward l-investigazzjoni dwar l-użu tal-analitika tad-data fil-kampanji politiċi u r-rapport bit-titlu "Democracy disrupted" ([6]),

— wara li kkunsidra t-testimonjanza tal-Uffiċċju Ewropew tal-Għaqdiet tal-Konsumaturi (BEUC), ippreżentata fil-25 ta' Ġunju 2018 ([7]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni tal-23 ta' Ottubru 2018,

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-ġurnaliżmu investigattiv żvela u rrenda pubbliku ksur kbir tad-data tal-utenti ta' Facebook b'rabta mal-aċċess mogħti minn Facebook lil applikazzjonijiet ta' terzi, u l-abbuż sussegwenti minn din id-data għal finijiet ta' kampanja elettorali, kif ukoll ksur ieħor li nkixef aktar tard dwar data personali miżmuma u miġbura mill-kumpaniji l-kbar tal-midja soċjali;

---

([1]) https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/18-03-19_online_manipulation_en.pdf
([2]) http://ec.europa.eu/newsroom/article29/item-detail.cfm?item_id=612053
([3]) http://www.europarl.europa.eu/the-president/en/newsroom/answers-from-facebook-to-questions-asked-during-mark-zuckerberg-meeting
([4]) http://www.europarl.europa.eu/resources/library/media/20180604RES04911/20180604RES04911.pdf
([5]) ĠU L 45, 17.2.2018, p. 40.
([6]) https://ico.org.uk/media/action-weve-taken/2259369/democracy-disrupted-110718.pdf
https://ico.org.uk/about-the-ico/news-and-events/news-and-blogs/2018/07/findings-recommendations-and-actions-from-ico-investigation-into-data-analytics-in-political-campaigns/
([7]) http://www.beuc.eu/publications/beuc-x-2018-067_ep_hearing_facebook-cambridge_analytica.pdfhttp

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

B. billi dan il-ksur ta’ data personali affettwa ċittadini minn madwar id-dinja kollha, inklużi ċittadini Ewropej u ċittadini mhux Ewropej li huma residenti fit-territorju tal-Unjoni Ewropea; billi diversi parlamenti nazzjonali organizzaw seduti ta’ smigħ, għamlu inkjesti u ppubblikaw is-sejbiet tagħhom dwar il-kwistjoni;

C. billi dan il-ksur ta’ data personali seħħ fuq perjodu twil; billi, madankollu, il-kumpaniji kkonċernati kienu qed jiksru l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data applikabbli dak iż-żmien, b’mod partikolari d-Direttiva 95/46/KE u d-Direttiva 2002/58/KE;

D. billi l-abbuż tad-data żvelat fil-kuntest tal-iskandlu ta’ Cambridge Analytica seħħ qabel l-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR);

E. billi l-kumpanija Facebook sostniet li l-ebda informazzjoni relatata mal-kontijiet bankarji, mal-karti ta’ kreditu jew mal-informazzjoni nazzjonali tal-identità tal-persuni ma ngħaddiet lil Cambridge Analytica;

F. billi l-kumpanija Cambridge Analytica sostniet li l-ipproċessar tad-data sar uffiċjalment għal skopijiet ta’ riċerka, iżda li mbagħad għaddiet id-data li kienet ġabret lil ħaddieħor għal finijiet politiċi u kummerċjali;

G. billi r-reazzjoni inizjali tal-kumpaniji kkonċernati ma ssodisfatx l-istandards mistennija u ma ppermettietx investigazzjoni sħiħa u indipendenti mill-awtoritajiet ikkonċernati, la fil-livell nazzjonali u lanqas f’dak Ewropew;

H. billi l-presidenti tal-gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew organizzaw l-ewwel skambju ta’ fehmiet mal-Kap Eżekuttiv u fundatur ta’ Facebook, Mark Zuckerberg, fit-22 ta’ Mejju 2018, u billi din il-laqgħa rriżultat fit-talba min-naħa tal-Konferenza tal-Presidenti lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern biex, f’assoċjazzjoni mal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali u mal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, jorganizza seduti ta’ smigħ fil-fond ulterjuri;

I. billi saru tliet seduti ta’ smigħ dwar l-impatt tal-każ Facebook/Cambridge Analytica fuq kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-data, il-proċessi elettorali, l-aħbarijiet foloz u l-pożizzjoni tal-midja soċjali fis-suq, fl-4 ta’ Ġunju, fil-25 ta’ Ġunju u fit-2 ta’ Lulju 2018, bil-parteċipazzjoni tal-Kummissarji Ewropej ikkonċernati, id-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA), il-KEPD, il-President tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB), l-Information Commissioner’s Office tar-Renju Unit, il-Kap Eżekuttiv tal-Kummissjoni Elettorali tar-Renju Unit, iċ-ċittadini kkonċernati u Facebook;

J. billi l-kumpanija Facebook irrifjutat li tiddelega membri tal-persunal bil-livell adatt ta’ responsabbiltà u li għandhom il-kompetenza teknika u l-għarfien meħtieġa kif kienu talbu l-Presidenti tal-Kumitati kkonċernati, u minflok bagħtet membri tat-tim inkarigati mill-politika pubblika għal kull waħda mit-tliet seduti ta’ smigħ; billi l-informazzjoni mogħtija mir-rappreżentanti ta’ Facebook waqt is-seduti ta’ smigħ kienet nieqsa mill-preċiżjoni rigward il-miżuri konkreti u speċifiċi li l-kumpanija ħadet biex tiżgura konformità sħiħa mad-dritt tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, u kienet ta’ natura aktar ġenerali;

K. billi, fl-Opinjoni 3/2018 tiegħu, il-KEPD iqajjem tħassib dwar il-kwistjonijiet tal-manipulazzjoni online u d-data personali; billi l-KEPD jgħid ukoll li d-dritt dwar il-kompetizzjoni għandu rwol kruċjali biex jiżgura li l-operaturi dominanti fis-suq jinżammu responsabbli u fil-ħarsien tad-demokrazija minn poter eċċessiv fis-suq; billi l-interessi tal-individwi għandhom ikunu riflessi aħjar meta tiġi vvalutata l-possibbiltà ta’ abbuż mill-pożizzjoni dominanti jew mill-fużjoni ta’ kumpaniji li setgħu akkumulaw poter ta’ informazzjoni sinifikanti;

L. billi, fl-Opinjoni tiegħu tat-3 ta’ Ottubru 2017, il-Grupp ta’ Ħidma tal-Artikolu 29 sostna li t-tfassil ta’ profili u t-teħid awtomatizzat ta’ deċiżjonijiet jistgħu jirrappreżentaw riskji sinifikanti għad-drittijiet u l-libertajiet tal-individwi, li jirrikjedu salvagwardji adatti;

M. billi l-President tal-EDPB enfasizza li l-każ Facebook/Cambridge Analytica seħħ qabel ma l-GDPR daħal fis-seħħ, u għalhekk is-sistema tal-Awtorità Superviżorja Responsabbli taħt il-GDPR ma tapplikax; billi l-investigazzjonijiet tmexxew mill-Information Commissioner’s Office tar-Renju Unit

N. billi l-kumpanija Facebook ammettiet li daħlet f’kuntratt ma’ żviluppatur tal-applikazzjonijiet bla ma wettqet verifika minn qabel dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tiegħu, li kienu jirriservaw lil dan tal-aħħar id-dritt li jiżvela data personali lil partijiet terzi; billi dan in-nuqqas kellu konsegwenzi gravi, u billi tali prattika diġà kienet illegali taħt il-leġiżlazzjoni applikabbli ta’ dak iż-żmien dwar il-protezzjoni tad-data;

O. billi bħalissa għaddejjin negozjati rigward ir-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika;

P. billi l-EDPB indika li diġà hemm madwar 100 każ transfruntier li qed jiġu indirizzati fil-qafas tal-mekkaniżmu ta' konsistenza taħt il-GDPR; billi l-Bord jikkoordina l-azzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-data sabiex jiżgura approċċ komuni fl-infurzar tad-dritt tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;

Q. billi l-kumpanija Facebook, firmatarja tat-Tarka tal-Privatezza, ikkonfermat li d-data personali ta' sa 2,7 miljun ċittadin tal-UE kienet fost dik li ntużat b'mod abbużiv mill-kumpanija ta' konsulenza politika Cambridge Analytica;

R. billi, fit-28 ta' Settembru 2018, il-kumpanija Facebook stqarret pubblikament li attur estern attakka s-sistemi tagħha u sfrutta vulnerabbiltà li esponiet il-kodiċijiet ta' aċċess għal Facebook ta' 50 miljun kont, u billi l-Kummissjoni Irlandiża dwar il-Protezzjoni tad-Data u awtoritajiet oħra għall-protezzjoni tad-data bdew investigazzjonijiet ta' dawn il-fatti biex jivvalutaw il-konformità mad-dritt tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data;

S. billi l-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ (FTC) tal-Istati Uniti bħalissa qed tinvestiga jekk il-kumpanija naqsitx milli tonora l-wegħdiet tagħha rigward il-privatezza, inkluż li tirrispetta t-Tarka tal-Privatezza, jew jekk kinitx involuta f'atti inġusti li kkawżaw ħsara sostanzjali lill-konsumaturi bi ksur tal-Att li jistabbilixxi l-FTC u l-ftehim preċedenti li ntlaħaq bejn il-Kummissjoni u Facebook fl-2011;

T. billi erba' għaqdiet tal-konsumaturi fil-Belġju, l-Italja, Spanja u l-Portugall istitwew azzjoni ta' rimedju kollettiv kontra Facebook, u talbu kumpens ekonomiku għall-utenti ta' Facebook affettwati fil-pajjiżi rispettivi tagħhom;

U. billi l-BEUC, fit-testimonjanza li ppreżenta fil-25 ta' Ġunju 2018, sostna li hemm bżonn li tiġi żgurata r-responsabbiltà tal-pjattaformi għall-aċċess għad-data personali min-naħa ta' partijiet terzi; billi, fl-istess testimonjanza, il-BEUC isostni wkoll li l-kumpaniji għandhom jagħmlu aktar biex jiżguraw strutturi ta' responsabbiltà solidi għall-aċċess għad-data personali min-naħa ta' kumpaniji sħab u għall-isfruttament ulterjuri ta' din id-data;

V. billi l-investigazzjoni tal-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit kopriet ukoll il-konnessjoni bejn Cambridge Analytica, il-kumpanija prinċipali tagħha SCL Elections Limited u Aggregate IQ, u tirrigwarda allegazzjonijiet li data personali, miksuba minn Facebook, setgħet intużat ħażin miż-żewġ naħat fir-referendum tar-Renju Unit dwar is-sħubija fl-UE u wkoll biex timmira fuq votanti fil-proċess tal-elezzjoni presidenzjali Amerikana tal-2016; billi l-investigazzjoni tal-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit saret prinċipalment skont l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-1998 u r-Regolamenti dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (PECR) tal-2003, b'estrapolazzjoni wkoll għall-GDPR, fejn dan kien f'loku;

W. billi l-Kumitat Magħżul għall-Kultura, il-Midja u l-Isport tal-House of Commons tar-Renju Unit sema' **evidenza li wriet li ndħil allegat min-naħa tar-Russja fil-proċessi elettorali fl-UE u ħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli jinvestigaw dawn l-allegazzjonijiet; billi, f'Mejju 2017, fl-Istati Uniti nħatar Konsulent Speċjali biex jinvestiga l-indħil Russu fl-elezzjoni presidenzjali tal-2016 u kwistjonijiet relatati, u billi din l-investigazzjoni għadha għaddejja;**

X. billi l-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit bagħat notifika uffiċjali lil Facebook bl-intenzjoni tiegħu li jimponi penali monetarja ta' GBP 500 000 għal nuqqas ta' trasparenza u kwistjonijiet ta' sigurtà b'rabta mal-ġbir tad-data bi ksur tal-ewwel u s-seba' prinċipji tal-protezzjoni tad-data skont l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-1998;

Y. billi l-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit diġà ħareġ 23 Avviż ta' Informazzjoni fil-konfront ta' 17-il organizzazzjoni u individwu differenti, inkluża l-kumpanija Facebook fit-23 ta' Frar 2018, li fihom talab li l-organizzazzjonijiet jagħtuh informazzjoni b'mod strutturat; billi, fit-18 ta' Mejju 2018, il-kumpanija Facebook ikkonfermat li Aggregate IQ ħolqot u, f'xi każijiet, għamlet reklami f'isem il-kampanja Vote to Leave tal-Partit tal-Unjonisti Demokratiċi (DUP), Vote Leave, BeLeave u Veterans for Britain;

Z. billi l-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit esprima t-tħassib tiegħu dwar it-termini tal-informazzjoni disponibbli għall-utenti dwar is-sorsi tad-data, kif ukoll dwar id-disponibbiltà u t-trasparenza tal-kontrolli offruti lill-utenti; billi l-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit sostna wkoll li l-informazzjoni u l-kontrolli ta' privatezza ġenerali mqiegħda għad-dispożizzjoni minn Facebook ma kinux jinfurmaw effettivament lill-utenti dwar l-użu li aktarx isir mill-informazzjoni personali tagħhom; billi l-Information Commissioner's Office tar-Renju Unit qajjem tħassib dwar każijiet fejn sar aċċess għad-data fil-pjattaforma ta' Facebook u din id-data ntużat għal skopijiet għajr dawk li kienet maħsuba għalihom, jew li s-suġġetti tagħha ma setgħux raġonevolment jipprevedu;

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

AA. billi ċ-ċifri tal-Kummissjoni Elettorali tar-Renju Unit juru li l-partiti politiċi fir-Renju Unit nefqu GBP 3,2 miljun fuq reklamar dirett fuq Facebook matul l-elezzjoni ġenerali tal-2017;

AB. billi n-netwerks soċjali jikkostitwixxu pjattaforma importanti għall-partiti politiċi u għall-istituzzjonijiet pubbliċi, peress li jippermettulhom jirrelataw maċ-ċittadini;

AC. billi l-pjattaformi online globali jiffaċċjaw sfidi biex jikkumbattu l-aħbarijiet foloz b'mod effikaċi, għaliex it-theddidiet u x-xenarji medjatiċi huma differenti f'pajjiżi u f'reġjuni differenti;

AD. billi l-analiżi tad-data u l-algoritmi qed iħallu impatt dejjem akbar fuq l-informazzjoni li jkollhom aċċess għaliha ċ-ċittadini; billi dawn it-tekniki, jekk jintużaw ħażin, jistgħu jipperikolaw id-drittijiet fundamentali għall-informazzjoni, kif ukoll il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja;

AE. billi r-responsabbiltà u t-trasparenza tal-algoritmi huma essenzjali biex jiġi żgurat li l-individwi jkunu infurmati sewwa dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħhom u jifhmuh ċar; billi dan għandu jiġi tradott fl-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi u operazzjonali li jiżguraw it-trasparenza u nondiskriminazzjoni fit-teħid awtomatizzat tad-deċiżjonijiet, u li jipprojbixxu l-kalkolu tal-probabbiltà tal-imġiba individwali; billi t-trasparenza għandha tagħti lill-individwi informazzjoni sinifikanti dwar il-loġika involuta, is-sinifikat u l-konsegwenzi previsti; billi dan għandu jinkludi informazzjoni dwar id-data użata għat-taħriġ fl-analitika tal-Big Data, u jippermetti lill-individwi jifhmu d-deċiżjonijiet li jaffettwawhom u jżommu għajnejhom fuqhom;

AF. billi, fil-laqgħa li kellha mal-Kummissarji Ewropej fit-2 ta' Lulju 2018, il-kumpanija Facebook wiegħdet li tikkoopera u li kienet sejra tħalli lil akkademiċi indipendenti jeżaminaw id-data dwar l-allegata manipulazzjoni ta' voti;

1. Jistenna li l-pjattaformi online kollha jiżguraw konformità sħiħa mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data, jiġifieri l-GDPR u d-Direttiva 2002/58/KE (dwar il-Privatezza Elettronika), u jgħinu lill-utenti jifhmu kif l-informazzjoni personali tagħhom tiġi pproċessata fil-mudell tar-reklamar personalizzat, u li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom kontrolli effettivi, li jinkludu l-garanzija li atti ta' kunsens separati jintużaw għal skopijiet differenti ta' pproċessar, u li jkun hemm aktar trasparenza rigward is-settings ta' privatezza, kif ukoll id-disinn u l-prominenza tal-avviżi relatati mal-privatezza;

2. Jenfasizza li l-eżenzjoni għal finijiet ta' riċerka prevista fid-dritt tal-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-data qatt ma tista' tintuża bħala lakuna għall-abbuż tad-data;

3. Jieħu nota tal-istqarrija tal-kumpanija Facebook li d-data ta' dawk li ma jużawx Facebook tużaha esklussivament biex toħloq settijiet aggregati ta' data li minnhom tislet konklużjonijiet dwar kif jintuża s-servizz;

4. Jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar responsabbiltà u trasparenza tal-algoritmi f'dak li għandu x'jaqsam mal-ipproċessar u l-analitika tad-data mis-settur privat u minn dak pubbliku u min-naħa ta' atturi oħra li jużaw l-analitika tad-data, bħala għodda essenzjali biex jiġi ggarantit li l-individwi jkunu infurmati debitament dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħhom;

5. Huwa tal-fehma li l-era diġitali tirrikjedi li l-liġijiet elettorali jiġu adattati għal din ir-realtà diġitali ġdida, u jissuġġerixxi li s-salvagwardji elettorali konvenzjonali ("offline"), bħar-regoli applikabbli għal komunikazzjonijiet politiċi matul il-perjodi elettorali, it-trasparenza fl-infiq elettorali u l-limiti tiegħu, ir-rispett ta' perjodi ta' silenzju u t-trattament ugwali tal-kandidati, għandhom japplikaw ukoll online. isostni li l-Istati Membri għandhom jintroduċu sistema obbligatorja ta' impronti diġitali għal kampanji u r-reklamar elettroniċi u jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, li għandha l-għan li ttejjeb it-trasparenza ta' reklami u komunikazzjonijiet politiċi online bi ħlas; jenfasizza li kwalunkwe forma ta' reklamar politiku għandha tinkludi informazzjoni li tkun faċilment aċċessibbli u li tinftiehem dwar il-pubblikatur u dwar min hu legalment responsabbli għall-infiq, hekk li jkun ċar min ikun iffinanzja l-kampanji, b'mod simili għar-rekwiżiti eżistenti għall-materjal stampat tal-kampanji f'diversi Stati Membri; jinsisti li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom ikunu jistgħu jagħrfu faċilment reklami u komunikazzjonijiet politiċi online bi ħlas, u l-partit, il-fondazzjoni jew l-organizzazzjoni warajhom; jinsisti, barra minn hekk, li t-trasparenza għandha tinkludi wkoll informazzjoni kompluta dwar il-kriterji għall-għażla tal-grupp fil-mira tar-reklamar politiku speċifiku u d-daqs previst tal-grupp fil-mira;

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

6. Jieħu nota li s-settings ta’ privatezza ta’ Facebook ġew aġġornati biex l-utenti jkunu jistgħu jagħżlu li ma jiġux f’mira personalizzata fuqhom, inkluż li ma jintwerewx reklami bbażati fuq informazzjoni miksuba minn partijiet terzi, u li l-informazzjoni personali miġbura minn Facebook ma tintużax biex jintwerewlhom reklami fuq siti web jew pjattaformi oħra;

7. Jirrakkomanda li l-pjattaformi online kollha jagħmlu distinzjoni bejn l-użu politiku u dak kummerċjali tal-prodotti tar-reklamar online tagħhom; ifakkar li l-ipproċessar tad-data personali għar-reklamar politiku jirrikjedi bażi ġuridika differenti minn dik għar-reklamar kummerċjali;

8. Jemmen li r-rekwiżit introdott reċentement minn Facebook fl-Istati Uniti, jiġifieri li l-identità, il-lok u l-isponsor tar-reklami politiċi jiġu vverifikati, huwa inizjattiva tajba li se tqawwi t-trasparenza u tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-indħil elettorali minn operaturi barranin; iħeġġeġ lill-kumpanija Facebook tintroduċi l-istess obbligi għar-reklamar politiku fl-Ewropa; jistieden lill-Istati Membri jaġġustaw il-liġijiet elettorali tagħhom b’dan l-effett;

9. Jemmen li t-tfassil ta’ profili għal finijiet politiċi u elettorali u t-tfassil ta’ profili abbażi ta’ mġiba online li jistgħu jiżvelaw preferenzi politiċi, bħal interazzjonijiet ma’ kontenut politiku, safejn, skont id-dritt tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, jirreferu għal opinjonijiet politiċi jew filosofiċi, għandhom ikunu pprojbiti, u hu tal-fehma li l-pjattaformi tal-midja soċjali għandhom jagħmlu monitoraġġ u jinfurmaw attivament lill-awtoritajiet f’każ ta’ okkorrenzi ta’ tali mġiba; jemmen ukoll li t-tfassil tal-profili għal skopijiet politiċi u elettorali bbażat fuq data oħra, bħal fatturi soċjoekonomiċi jew demografiċi, għandu jiġi pprojbit; jistieden lill-partiti politiċi u lil atturi oħra involuti fl-elezzjonijiet biex joqogħdu lura milli jużaw it-tfassil ta’ profili għall-finijiet politiċi u elettorali; jistieden lill-partiti politiċi jkunu trasparenti rigward l-użu li jagħmlu minn pjattaformi u data online;

10. Ifakkar fil-miżuri proposti mill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura elezzjonijiet Ewropej ħielsa u ġusti, b’mod partikolari l-emenda leġiżlattiva maħsuba biex tissikka r-regoli dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej, bil-previżjoni tal-possibbiltà li timponi sanzjonijiet finanzjarji għall-ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data bil-għan li dak li jkun intenzjonalment jinfluwenza l-eżitu tal-elezzjonijiet Ewropej; ifakkar li l-ipproċessar ta’ data personali mill-partiti politiċi fl-UE huwa soġġett għall-GDPR, u li l-ksur tal-prinċipji, id-drittijiet u l-obbligi koperti minn din il-liġi jirriżultaw f’multi u sanzjonijiet addizzjonali;

11. Iqis li l-indħil elettorali huwa riskju enormi għad-demokrazija, li l-indirizzar tiegħu jirrikjedi sforz konġunt li jinvolvi lill-fornituri tas-servizzi, lir-regolaturi, kif ukoll lil atturi u partiti politiċi;

12. Jilqa’ l-pakkett ippreżentat mill-Kummissjoni fit-12 ta’ Settembru 2018 dwar it-tħejjijiet għall-elezzjonijiet Ewropej;

13. Ifakkar fil-wegħda tal-kumpanija Facebook li tagħti lil akkademiċi u esperti indipendenti aċċess għad-data dwar l-allegata manipulazzjoni ta’ voti, u jistenna li qabel tmiem l-2018 jiġi infurmat bil-konstatazzjonijiet ewlenin u bir-rimedji proposti;

14. Jieħu nota tal-azzjonijiet meħuda minn Facebook fil-ġlieda kontra l-abbuż tad-data, inklużi d-diżattivazzjoni jew il-projbizzjoni ta’ applikazzjonijiet li jkun hemm suspett li jkunu abbużaw mid-data tal-utenti; jistenna li Facebook taġixxi bil-ħeffa fuq rapporti ta’ applikazzjonijiet suspettużi jew abbużivi, u li tipprevjeni minn qabel li tali applikazzjonijiet jitħallew jidħlu fuq il-pjattaforma;

15. Jenfasizza li l-pjattaformi tal-midja soċjali mhumiex sempliċement pjattaformi passivi li biss jiġbru flimkien kontenut iġġenerat mill-utenti, iżda li l-iżviluppi teknoloġiċi wessgħu l-ambitu u r-rwol ta’ dawn il-kumpaniji bl-introduzzjoni ta’ reklamar ibbażat fuq l-algoritmi u l-pubblikazzjoni tal-kontenuti; jikkonkludi li dan ir-rwol il-ġdid għandu jkun rifless fil-qasam regolatorju;

16. Jieħu nota, b’dispjaċir, li l-kumpanija Facebook ma kenitx lesta tibgħat membri tal-persunal li kellhom il-livell tekniku u r-responsabbiltà korporattiva xierqa biex jattendu s-seduti ta’ smigħ, u jirrimarka li dan l-atteġġjament huwa ta’ detriment għall-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej fil-pjattaformi soċjali; jiddispjaċih li Mark Zuckerberg ma riedx jattendi seduta ta’ smigħ pubbliku mal-Membri;

17. Jieħu nota li l-kumpanija Facebook mhux biss kisret il-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE, iżda kisret ukoll id-dritt tal-UE, u jfakkar li matul is-seduti ta' smigħ, rappreżentant ta' Facebook ikkonferma li l-kumpanija kienet konxju li t-termini u l-kundizzjonijiet tal-applikazzjoni "This is your digital life" iddikjaraw li d-data miġbura mill-applikazzjoni setgħet tintbagħat lil partijiet terzi; jikkonkludi li Facebook konxjament daħlet f'kuntratt ma' żviluppatur tal-applikazzjonijiet li ħabbar apertament li jirriżerva d-dritt li jiżvela data personali lil partijiet terzi; jikkonkludi, barra minn hekk, li Facebook hija l-kontrollur tad-data personali, u għalhekk hija legalment responsabbli meta tidħol f'kuntratt ma' proċessur li jikser id-dritt tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;

18. Jieħu nota tat-titjib magħmul minn Facebook f'dak li għandu x'jaqsam mal-privatezza wara l-iskandlu ta' Facebook/Cambridge Analytica, iżda jfakkar li l-kumpanija wiegħdet awditu intern sħiħ li l-Parlament Ewropew għadu ma ġiex infurmat bih, u jirrakkomanda li Facebook jagħmel bidliet sostanzjali fil-pjattaforma tiegħu biex jiżgura l-konformità tiegħu mal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data;

19. Iħeġġeġ lill-kumpanija Facebook tippermetti u tabilita lill-ENISA u lill-EDPB, fil-limiti tal-mandati rispettivi tagħhom, iwettqu awditu sħiħ u indipendenti tal-pjattaforma tagħha u jippreżentaw il-konstatazzjonijiet ta' dan l-awditu lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali; jemmen li tali awditu għandu jsir anke għal pjattaformi kbar oħrajn;

20. "Jenfasizza l-urġenza li ssir ġlieda kontra tentattivi ta' manipulazzjoni fl-elezzjonijiet tal-UE u li jiġu rafforzati r-regoli applikabbli għall-pjattaformi online f'dak li jirrigwarda t-tfixkil fid-dħul mir-riklami tal-kontijiet u mis-siti tal-internet li jwasslu informazzjoni żbaljata; Jilqa' l-pjanijiet individwali li jfasslu azzjonijiet konkreti sabiex issir ġlieda kontra informazzjoni żbaljata fl-Istati Membri kollha tal-UE li l-pjattaformi online u l-industrija tar-riklamar ippreżentaw lill-Kummissjoni fis-16 ta' Ottubru 2018; iħeġġeġ lill-pjattaformi online jimmarkaw il-kontenut kondiviż mill-bots billi japplikaw regoli trasparenti, iħeġġiġhom iħaffu l-pass tal-proċess tat-tneħħija ta' kontijiet foloz u li jottemperaw ruħhom mal-ordnijiet tal-qrati biex jagħtu d-dettalji ta' dawk responsabbli għall-ħolqien ta' kontenuti illegali u sabiex jaħdmu ma' verifikaturi tal-fatti u mal-membri tal-universita' indipendenti sabiex jinformaw lill-utenti dwar l-informazzjoni żbaljata li għandha firxa wiesgħa u sabiex joffru korrezzjonijiet kull meta jkunu disponibbli;

21. Jistieden lill-pjattaformi online kollha li jipprovdu servizzi ta' reklamar lill-partiti u lill-kampanji politiċi biex, fi ħdan t-timijiet ta' appoġġ għall-bejgħ tagħhom, jinkludu membri tal-persunal speċjalizzati li jkunu kapaċi jagħtu pariri speċifiċi lill-partiti u lill-kampanji politiċi rigward it-trasparenza u r-responsabbiltà bi rbit ma' kif ma jħallux li d-data personali tintuża biex l-utenti jinġiebu fil-mira; jistieden lill-pjattaformi online kollha li jippermettu lix-xerrejja tar-reklamar jagħmlu ċerti għażliet biex jipprovdu parir legali dwar ir-responsabbiltajiet ta' dawk ix-xerrejja bħala kontrolluri konġunti tad-data, wara s-sentenza tal-QĠUE fil-kawża C-210/16;

22. Jistieden lill-pjattaformi online kollha biex jintroduċu b'urġenza l-miżuri ta' trasparenza previsti fir-rigward tar-reklamar politiku, li għandhom jinkludu l-konsultazzjoni dwar dawn l-għodod u l-evalwazzjoni tagħhom min-naħa tal-awtoritajiet nazzjonali inkarigati mill-osservazzjoni u mill-kontroll tal-elezzjonijiet; jinsisti li tali reklamar politiku u elettorali ma għandux isir fuq il-bażi ta' profili ta' utenti individwali;

23. Jistieden lill-Istati Membri jadattaw ir-regoli elettorali dwar il-kampanji online, inklużi dawk dwar it-trasparenza rigward il-finanzjament, il-perjodi ta' silenzju, ir-rwol tal-midja u d-diżinformazzjoni;

24. Jirrakkomanda li għandu jkun rekwiżit li jsiru awditi minn partijiet terzi wara l-konklużjoni ta' kampanji referendarji, biex jiżguraw li d-data personali fil-pussess tal-kampanja titħassar jew, jekk tkun inqasmet ma' ħaddieħor, li jkun inkiseb il-kunsens adegwat;

25. Jistieden lill-kumpanija Facebook ittejjeb it-trasparenza tagħha b'tali mod li l-utenti jkunu jistgħu jifhmu kif u għaliex jistgħu jinġiebu fil-mira ta' partit politiku jew ta' kampanja politika;

26. Huwa tal-fehma li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data għandhom jingħataw finanzjament adegwat biex jiġmgħu l-istess għarfien tekniku espert li għandhom l-organizzazzjonijiet taħt l-iskrutinju tagħhom; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data jingħataw ir-riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji meħtieġa biex iwettqu l-kompiti tagħhom b'mod effikaċi u biex jeżerċitaw is-setgħat tagħhom, kif jirrikjedi l-Artikolu 52 tal-GDPR. iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiskrutinizza l-Istati Membri bir-reqqa rigward l-obbligu tagħhom li jagħmlu dawn ir-riżorsi disponibbli, u jekk ikun meħtieġ, tagħti bidu għal proċeduri ta' ksur;

27. Ifakkar li l-kumpanija Facebook hija organizzazzjoni awtoċertifikata fil-qafas tat-Tarka tal-Privatezza UE-US, u li, bħala tali, ibbenefikat mid-deċiżjoni dwar l-adegwatezza bħala bażi legali għat-trasferiment ta' data personali mill-Unjoni Ewropea għall-Istati Uniti u għall-ipproċessar ulterjuri ta' dik id-data;

28. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2018 dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni mogħtija mit-Tarka tal-Privatezza UE-US u, fid-dawl tar-rikonoxximent min-naħa tal-kumpanija Facebook li seħħew vjolazzjonijiet maġġuri tal-privatezza, jistieden lill-awtoritajiet Amerikani inkarigati mill-infurzar tat-Tarka tal-Privatezza jaġixxu bla dewmien fuq dawn ir-rivelazzjonijiet, b'konformità sħiħa mal-assigurazzjonijiet u mal-impenji mogħtija rigward ir-rispett tal-arranġament tat-Tarka tal-Privatezza kurrenti u, jekk ikun hemm bżonn, ineħħu lil dawn il-kumpaniji mil-lista tat-Tarka tal-Privatezza; jilqa', f'dan ir-rigward, it-tneħħija ta' Cambridge Analytica mit-Tarka tal-Privatezza f'Ġunju 2018; jistieden ukoll lill-awtoritajiet kompetenti tal-protezzjoni tad-data tal-UE jinvestigaw dawn ir-rivelazzjonijiet u, jekk ikun il-każ, jissospendu jew jipprojbixxu t-trasferimenti ta' data fil-qafas tat-Tarka tal-Privatezza; jistenna li l-FTC, bħala l-awtorità Amerikana responsabbli, tagħti sommarju dettaljat tal-konstatazzjonijiet tagħha lill-Kummissjoni ladarba tkun ikkonkludiet l-investigazzjoni tagħha dwar il-ksur tad-data li jinvolvi lil Facebook u lil Cambridge Analytica, u tieħu azzjoni ta' infurzar xierqa kontra l-kumpaniji involuti biex tipprovdi deterrent effikaċi;

29. Jiddispjaċih li l-iskadenza tal-1 ta' Settembru 2018 biex l-Istati Uniti jkunu konformi bis-sħiħ mat-Tarka tal-Privatezza ma ġietx irrispettata; iqis, għalhekk, li l-Kummissjoni naqset milli taġixxi f'konformità mal-Artikolu 45(5) tal-GDPR; għaldaqstant iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, fi qbil mar-Riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2018 dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni mogħtija mit-Tarka tal-Privatezza UE-US, tissospendi t-Tarka tal-Privatezza sakemm l-awtoritajiet tal-Istati Uniti jikkonformaw mat-termini tagħha;

30. Jieħu nota li l-abbuż ta' data personali jaffettwa d-drittijiet fundamentali ta' biljuni ta' nies madwar id-dinja; iqis li l-GDPR u d-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika jipprovdu l-ogħla standards ta' protezzjoni; jiddeplora d-deċiżjoni tal-kumpanija Facebook li twarrab lil 1,5 biljun utent f'pajjiżi terzi mill-protezzjoni mogħtija mill-GDPR u mid-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika; jikkontesta l-legalità ta' pass bħal dan; iħeġġeġ lill-pjattaformi online kollha japplikaw l-istandards tal-GDPR (u dawk tal-Privatezza Elettronika) fis-servizzi kollha tagħhom, irrispettivament minn fejn jiġu offruti, peress li standard għoli ta' protezzjoni tad-data personali qed jitqies dejjem aktar bħala vantaġġ kompetittiv kbir;

31. Jitlob li l-Kummissjoni Ewropea taġġorna u tqawwi r-regoli tal-kompetizzjoni biex jirriflettu r-realtà diġitali, u teżamina l-mudell kummerċjali tal-pjattaformi tal-midja soċjali u s-sitwazzjoni possibbilment monopolistika tagħhom, b'kunsiderazzjoni debita tal-fatt li tali sitwazzjoni tista' tkun preżenti minħabba l-ispeċifiċità tal-marka u l-ammont ta' data personali li tinżamm, aktar mill-preżenza ta' sitwazzjoni ta' monopolju tradizzjonali, u tieħu l-miżuri meħtieġa bħala rimedju; jitlob li l-Kummissjoni tipproponi emendi għall-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi li jirrikjedu wkoll li fornituri ta' komunikazzjonijiet over-the-top jagħmlu interkonnessjoni ma' oħrajn, biex jingħeleb l-effett ta' intrappolament tal-utenti tagħhom;

32. Jitlob li l-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi l-oħra kollha tal-Unjoni Ewropea jivverifikaw li l-paġni tal-midja soċjali u l-għodod ta' analiżi u marketing li jużaw fis-siti web rispettivi tagħhom bl-ebda mod ma jqiegħdu f'riskju d-data personali taċ-ċittadini; jissuġġerilhom jevalwaw il-politiki tal-komunikazzjoni kurrenti tagħhom minn dik il-perspettiva, liema evalwazzjoni tista' twassal biex iqisu jekk għandhomx jagħlqu l-kontijiet Facebook tagħhom bħala kundizzjoni neċessarja għall-protezzjoni tad-data personali ta' kull individwu li jikkuntattjahom; jagħti istruzzjonijiet lid-dipartiment ta' komunikazzjoni tiegħu stess biex iżommu strettament mal-Linji Gwida tal-KEPD dwar il-protezzjoni tad-data personali pproċessata mis-servizzi web ipprovduti mill-istituzzjonijiet tal-UE ([1]);

33. Huwa tal-fehma li l-Kummissjoni Ewropea li jmiss għandha tagħti lil wieħed mill-membri tagħha l-kompitu speċifiku tal-portafoll tal-protezzjoni tad-data u tal-privatezza, bil-ħsieb li jaħdem b'mod proattiv ma' sħab fl-UE u lil hinn minnha u jiżgura li l-proposti leġiżlattivi kollha jkunu konformi bis-sħiħ mal-acquis legali tal-UE dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data;

34. Iħeġġeġ lill-Kunsill itemm l-impass dwar ir-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika, u fl-aħħar jilħaq qbil mal-Parlament Ewropew mingħajr ma jbaxxi l-livell ta' protezzjoni li tagħti llum id-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika, sabiex jiġi żgurat li d-drittijiet taċ-ċittadini, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-utenti kontra l-mira personalizzata fuqhom, jiġu mħarsa;

([1]) https://edps.europa.eu/sites/edp/files/publication/16-11-07_guidelines_web_services_en.pdf

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

35. Jitlob li l-Kummissjoni tagħmel awditu tal-attivitajiet tal-industrija tar-reklamar fuq il-midja soċjali u tipproponi leġiżlazzjoni f'każ li s-settur u l-partijiet ikkonċernati ma jirnexxilhomx jilħqu ftehim dwar Kodiċijiet ta' Mġiba volontarji li jkollhom miżuri dissważivi;

36. Jistieden lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew iwettqu investigazzjoni bir-reqqa dwar il-kumpanija Facebook u l-prattiki kurrenti tagħha, sabiex il-mekkaniżmu ta' konsistenza l-ġdid tal-GDPR ikun jista' jintuża b'mod affidabbli biex jistabbilixxi risposta xierqa u effiċjenti ta' infurzar Ewropew;

37. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jindirizzaw ir-riskji għas-sigurtà tan-networks u tas-sistemi tal-informazzjoni li jintużaw għall-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet.

38. Huwa tal-fehma li l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom ma' partijiet terzi, inklużi l-midja, il-pjattaformi online u l-fornituri tat-teknoloġija tal-informazzjoni, f'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni maħsuba biex iqawwu t-trasparenza tal-elezzjonijiet u jibnu l-fiduċja fil-proċessi elettorali.

39. Huwa tal-fehma li l-Istati Membri għandhom jinvestigaw b'urġenza, b'appoġġ mill-Eurojust jekk ikun hemm bżonn, dwar l-allegat abbuż tal-ispazju politiku online minn poteri barranin;

40. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lill-Istati Uniti tal-Amerka, lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-Kap Eżekuttiv ta' Facebook.

P8_TA(2018)0434

## Il-qtil tal-ġurnalist Jamal Khashoggi fil-konsulat Sawdi f'Istanbul

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-qtil tal-ġurnalist Jamal Khashoggi fil-konsulat Sawdi f'Istanbul (2018/2885(RSP)).**

(2020/C 345/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Arabja Sawdija, b'mod partikolari dik tal-11 ta' Marzu 2014 dwar l-Arabja Sawdija, ir-relazzjonijiet tagħha mal-UE u r-rwol tagħha fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq ([1]), dik tat-12 ta' Frar 2015 dwar il-każ ta' Raif Badawi ([2]), dik tat-8 ta' Ottubru 2015 dwar il-każ ta' Ali Mohammed al-Nimr ([3]), dik tal-31 ta' Mejju 2018 dwar is-sitwazzjoni tad-difensuri tad-drittijiet tan-nisa fl-Arabja Sawdija ([4]), u dawk tal-25 ta' Frar 2016 ([5]) dwar is-sitwazzjoni umanitarja fil-Jemen u tat-30 ta' Novembru 2017 ([6]) u tal-4 ta' Ottubru 2018 ([7]) dwar is-sitwazzjoni fil-Jemen,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni lill-Kunsill tat-2 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' restrizzjonijiet komuni rigward il-viża għal uffiċjali Russi involuti fil-każ ta' Sergei Magnitsky ([8]);

— wara li kkunsidra r-rimarki magħmula mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin (VP/RGħ), Federica Mogherini, fid-9 ta' Ottubru 2018 fil-konferenza stampa konġunta mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Portugall u fil-15 ta' Ottubru 2018 fil-kuntest tal-Kunsill Affarijiet Barranin, u d-dikjarazzjoni tagħha f'isem l-Unjoni Ewropea tal-20 ta' Ottubru 2018 dwar l-iżviluppi reċenti fil-każ tal-ġurnalist Sawdi Jamal Khashoggi,

— wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll tal-esportazzjoni ta' teknoloġija u tagħmir militari ([9]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-19 ta' Ottubru 2018 mill-Kelliemi għas-Segretarju Ġenerali tan-NU,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-16 ta' Ottubru 2018 mill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem Michelle Bachelet li fiha jheġġeġ lill-Arabja Sawdija tiżvela kull ma taf dwar l-għajbien ta' Jamal Khashoggi,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-9 ta' Ottubru 2018 mill-esperti tan-NU li fiha jesiġu li ssir investigazzjoni dwar l-għajbien tal-ġurnalist Sawdi Jamal Khashoggi f'Istanbul,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar l-Għajbien Furzat jew Involontarju tas-18 ta' Ottubru 2018, li jesprimi preokkupazzjonijiet serji dwar il-prattika l-ġdida ta' ħtif sostnut minn stat,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-Ministri tal-Affarijiet Barranin tal-G7 tas-17 ta' Ottubru 2018 dwar l-għajbien ta' Jamal Khashoggi,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta tal-14 ta' Ottubru 2018 mill-ministri għall-affarijiet barranin tar-Renju Unit, Franza u l-Ġermanja dwar l-għajbien tal-ġurnalist Sawdi Jamal Khashoggi, u dik tal-21 ta' Ottubru 2018 dwar mewtu,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tal-Arabja Sawdita dwar l-għajbien ta' Jamal Khashoggi, ċittadin Sawdi,

— wara li kkunsidra s-sħubija tal-Arabja Sawdija fil-Kunsill tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem,

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tal-Libertà tal-Espressjoni Online u Offline,

---

(1) ĠU C 378, 9.11.2017, p. 64.
(2) ĠU C 310, 25.8.2016, p. 29.
(3) ĠU C 349, 17.10.2017, p. 34.
(4) Testi adottati, P8_TA(2018)0232
(5) ĠU C 35, 31.1.2018, p. 142.
(6) ĠU C 356, 4.10.2018, p. 104.
(7) Testi adottati, P8_TA(2018)0383.
(8) ĠU C 408, 30.11.2017, p. 43.
(9) ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99.

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra,

— wara li kkunsidra l-Karta Għarbija dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, irratifikata mill-Arabja Sawdija fl-2009,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari tal-1963,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR) tal-1948,

— wara li kkunsidra l-għoti tal-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb u tal-Espressjoni lill-blogger Sawdi Raif Badawi fl-2015,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-ġurnalist prominenti Sawdi Jamal Khashoggi kien ilu nieqes minn mindu daħal fil-konsulat tal-Arabja Sawdija f'Istanbul fit-2 ta' Ottubru 2018 biex jikseb dokumenti meħtieġa għaż-żwieġ tiegħu, u billi minn dakinhar 'l hawn ħadd ma rah, minkejja li l-uffiċjali Sawdin għall-ewwel kienu qalu li kien ħareġ mill-binja; billi nkixfet informazzjoni tassew preokkupanti rigward x'kien ġralu, li tat lok għal allegazzjonijiet tal-possibbiltà li kien seħħ qtil extraġudizzjarju u omiċidju sostnut minn stat;

B. billi l-Arabja Sawdija għall-ewwel ċaħdet kwalunkwe involviment fl-għajbien ta' Jamal Khashoggi, iżda mbagħad, wara li saritilha pressjoni internazzjonali qawwija, ammettiet li l-qtil tiegħu kien seħħ fil-konsulat tagħha f'Istanbul;

C. billi, fid-19 ta' Ottubru 2018, il-Prosekutur Pubbliku tal-Arabja Sawdija ddikjara li "l-investigazzjonijiet dwar il-każ għadhom għaddejjin, […] biex dawk kollha involuti f'dan il-każ jinżammu responsabbli u jinġiebu quddiem il-ġustizzja"; billi l-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Arabja Sawdija ddikjara fil-21 ta' Ottubru 2018 li l-operazzjoni kienu wettquha individwi li marru lil hinn mill-awtorità u mir-responsabbiltà tagħhom, u li l-awtoritajiet Sawdin kienu determinati li jikkastigaw lil dawk kollha li kienu responsabbli għall-qtil; billi l-kontroll komplut li Mohammad Bin Salman Al Saud għandu fuq is-servizzi tas-sigurtà ftit li xejn jagħmilha probabbli li operazzjoni setgħet saret mingħajr l-għarfien jew il-kontroll tiegħu;

D. billi hemm allegazzjonijiet, deskritti mill-awtoritajiet Sawdin bħala "bla bażi" u "għalkollox foloz", li filmat tas-CCTV kien tneħħa mill-konsulat, li l-persunal Tork kollu kien ġie ordnat jieħu ġurnata frank, li partijiet tal-konsulat inżebgħu mill-ġdid wara l-għajbien ta' Jamal Khashoggi, u li 15-il individwu Sawdi, li l-biċċa l-kbira minnhom, skont rapporti, għandhom rabtiet mal-Prinċep Eredi Mohammad bin Salman, mas-servizzi tas-sigurtà tal-istat, mal-militar jew ma' ministeri oħra tal-gvern, waslu fil-belt ta' Istanbul u ħallewha fuq żewġ ajruplani mikrija fit-2 ta' Ottubru 2018, il-jum meta għeb Jamal Khashoggi;

E. billi, wara l-għajbien ta' Khashoggi, l-awtoritajiet Sawdin ħolqu ostakli biex ifixklu t-twettiq ta' investigazzjoni f'waqtha, bir-reqqa, effikaċi, imparzjali u trasparenti; billi kien biss wara pressjoni internazzjonali, u wara li ntlaħaq ftehim mal-awtoritajiet Torok, li l-investigaturi tħallew jeżaminaw ġewwa l-konsulat Sawdi fil-15 ta' Ottubru 2018 u ngħataw aċċess għar-residenza tal-konslu ġenerali fis-17 ta' Ottubru 2018;

F. billi l-uffiċjali Torok u Sawdin ħabbru investigazzjoni konġunta dwar l-għajbien ta' Jamal Khashoggi; billi esperti tan-NU għamlu sejħa biex issir investigazzjoni internazzjonali u indipendenti dwar l-għajbien tiegħu; billi l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha insistew fuq il-ħtieġa li ssir investigazzjoni eżawrjenti, kredibbli u trasparenti, biex titfa' dawl ċar fuq iċ-ċirkostanzi tal-qtil ta' Jamal Khashoggi u tiżgura li dawk kollha li għandhom responsabbiltà jkollhom jagħtu rendikont ta' għemilhom;

G. billi l-fatt li s-Sur Khashoggi safa fil-mira ta' aġenti Sawdin fil-konsulat Sawdi f'Istanbul jikkostitwixxi ksur flagranti tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar ir-Relazzjonijiet Konsulari tal-1963, li fl-Artikolu 55(2) tagħha tistabbilixxi li l-binjiet konsulari "ma għandhom jintużaw bl-ebda mod li ma jkunx kompatibbli mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet konsulari"; billi l-Artikolu 41 tal-istess konvenzjoni jipprevedi li l-immunità diplomatika tista' tiġi annullata f'każijiet ta' "delitt gravi", fuq deċiżjoni ta' qorti kompetenti;

H. billi sew l-Arabja Sawdija u sew it-Turkija huma partijiet fil-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattamenti jew Kastigi Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra, u għandhom l-obbligu li jieħdu l-miżuri kollha biex jipprevjenu t-tortura, l-għajbien furzat u vjolazzjonijiet gravi oħra tad-drittijiet tal-bniedem, li jinvestigaw allegazzjonijiet ta' atti li jikkostitwixxu dawn ir-reati, u li jressqu quddiem il-ġustizzja lill-persuni li jkunu suspettati li wettquhom; billi, skont il-Konvenzjoni tan-NU, ir-reat partikolari tal-qtil ta' Jamal Khashoggi huwa soġġett għal ġurisdizzjoni universali u kwalunkwe persuna suspettata tista' għalhekk tiġi arrestata fi kwalunkwe lok fit-territorju tal-pajjiżi firmatarji u, jekk dan ikun applikabbli, isirilha proċess fil-qrati nazzjonali tagħhom;

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

I. billi l-libertà tal-opinjoni u l-libertà tal-espressjoni tal-istampa u tal-midja, kemm online kif ukoll offline, huma drittijiet fundamentali ta' kull bniedem u huma prekundizzjonijiet u katalizzaturi kruċjali għad-demokratizzazzjoni u għar-riforma u jikkostitwixxu kontrolli essenzjali fuq il-poter; billi midja ħielsa, diversa u indipendenti hija essenzjali fi kwalunkwe soċjetà għall-promozzjoni u għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem; billi l-ħidma tal-ġurnalisti, li twassalhom biex jikxfu abbużi tal-poter, jitfgħu d-dawl fuq il-korruzzjoni u jikkontestaw l-opinjoni ġeneralment aċċettata, ħafna drabi tqegħidhom f'riskju speċifiku ta' intimidazzjoni u vjolenza;

J. billi l-qtil tal-ġurnalist Jamal Khashoggi huwa parti minn stampa sħiħa ta' repressjoni estensiva fil-konfront ta' difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, avukati, ġurnalisti, kittieba u bloggers prominenti, li intensifikat minn mindu l-Prinċep Eredi Mohammad Bin Salman beda jikkonsolida l-kontroll tiegħu fuq l-istituzzjonijiet tas-sigurtà tal-pajjiż; billi l-awtoritajiet iridu li diversi minn dawn l-attivisti jingħataw il-piena tal-mewt; billi sistemi ta' sorveljanza u prodotti oħrajn b'użu doppju intużaw biex isegwu u jintraċċaw il-movimenti tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-kritiċi fl-Arabja Sawdija; billi l-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet Sawdin ibbażati barra l-pajjiż, inkluż fi bliet kapitali tal-Punent, ħabbtu wiċċhom ma' theddidiet lill-familji tagħhom fl-Arabja Sawdija;

K. billi r-reġim Sawdi, fl-istess waqt, qed imexxi kampanja xejn irħisa fil-midja internazzjonali biex ipinġi lilu nnifsu bħala forza ta' modernizzazzjoni, u qed iħabbar riformi, filwaqt li s-sistema għadha diskriminatorja u mhux demokratika; billi diversi kelliema prominenti, sostenituri u sħab medjatiċi kkanċellaw il-parteċipazzjoni tagħhom qabel il-konferenza dwar l-Inizjattiva ta' Investiment Futur ta' Ottubru 2018 f'Riyadh, fost tregħix minħabba l-għajbien ta' Jamal Khashoggi;

L. billi r-reġim Sawdi f'diversi okkażjonijiet eżerċita pressjoni, wettaq koerċizzjoni u għamel theddidiet kontra pajjiżi u organizzazzjonijiet internazzjonali, u bblokka investigazzjonijiet indipendenti internazzjonali b'reazzjoni għall-kritika minn dawk il-pajjiżi u organizzazzjonijiet dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem fl-Arabja Sawdija jew dwar vjolazzjonijiet tad-dritt umanitarju internazzjonali mwettqa fil-Jemen;

M. billi l-Kanċillier Ġermaniż iddikjarat fil-21 ta' Ottubru 2018 li l-Ġermanja kienet se tissospendi temporanjament l-esportazzjonijiet tal-armi lejn l-Arabja Sawdija, fid-dawl taċ-ċirkustanzi mhux spjegati tal-mewt ta' Jamal Khashoggi;

1. Jikkundanna bl-aktar qawwa possibbli t-tortura u l-qtil ta' Jamal Khashoggi, u jagħti l-kondoljanzi tiegħu lill-familja tiegħu u lil ħbiebu; iħeġġeġ lill-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija jiżvelaw fejn jinsabu l-fdalijiet tiegħu; ifakkar li l-prattika sistematika tal-għajbien furzat u tal-qtil extraġudizzjarju tikkostitwixxi delitt kontra l-umanità;

2. Jitlob li ssir investigazzjoni internazzjonali, indipendenti u imparzjali dwar iċ-ċirkostanzi tal-mewt ta' Jamal Khashoggi; jitlob li l-persuni responsabbli jiġu identifikati u ssirilhom ġustizzja, wara proċess ġust li jsir skont standards internazzjonali quddiem qorti imparzjali u fil-preżenza ta' osservaturi internazzjonali;

3. Huwa estremament preokkupat bl-informazzjoni dwar dak li ġara lil Jamal Khashoggi u dwar l-implikazzjoni ta' aġenti Sawdin; jieħu nota tal-investigazzjoni li għaddejja minn uffiċjali Torok u Sawdin u jħeġġeġ li jsiru aktar sforzi; jitlob li l-awtoritajiet Sawdin jikkooperaw bis-sħiħ mal-awtoritajiet Torok u jħeġġeġ lil dawn tal-aħħar, min-naħa tagħhom, biex jagħmlu disponibbli l-informazzjoni kollha, ħalli jiċċaraw x'seħħ preċiżament fit-2 ta' Ottubru 2018, lil hinn minn kwalunkwe ipotesi;

4. Itenni li, jekk l-għajbien u l-qtil ta' Jamal Khashoggi jiġu attribwiti lil aġenti Sawdin, sew l-entitajiet statali u sew l-individwi jridu jagħti kont ta' għemilhom; jitlob li l-VP/RGħ u l-Istati Membri, f'dan ir-rigward, ikunu lesti li jimponu sanzjonijiet speċifiċi, inklużi projbizzjonijiet fuq il-viżi u ffriżar tal-assi kontra individwi Sawdin, kif ukoll sanzjonijiet dwar id-drittijiet tal-bniedem kontra r-Renju tal-Arabja Sawdija, ladarba l-fatti jkunu ġew stabbiliti; jinsisti li kwalunkwe sanzjonijiet ta' dan it-tip għandhom ikunu mmirati mhux biss lejn l-awturi materjali, iżda wkoll lejn l-awturi intellettwali u lejn l-instigaturi ta' dan id-delitt;

5. Huwa mħasseb li l-għajbien ta' Jamal Khashoggi jorbot direttament mal-kritika li dan tal-aħħar esprima fil-konfront tal-politiki tal-Arabja Sawdija f'dawn l-aħħar snin; itenni t-talba tiegħu li l-awtoritajiet Sawdin jinfetħu għad-drittijiet fundamentali, inklużi d-dritt għall-ħajja u d-dritt għall-espressjoni ħielsa u għad-dissens paċifiku;

6. Iħeġġeġ lill-VP/RGħ, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Istati Membri biex jagħmlu djalogu strutturali mal-Arabja Sawdija dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u r-rwol inkwetanti tal-pajjiż fir-reġjun fi ħdan il-qafas tar-relazzjonijiet tal-UE mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf;

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

7. Jikkundanna l-fastidju kontinwu tal-awtoritajiet Sawdin kontra difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, avukati attivisti, ġurnalisti, kjeriċi, kittieba u bloggers, sew fil-pajjiż u sew barra minnu, li jimmina l-kredibbiltà tal-proċess ta' riforma fl-Arabja Sawdija; jinsisti li l-awtoritajiet Sawdin jieħdu l-passi meħtieġa biex iħallu lil kulħadd jeżerċita drittijietu b'mod liberu, mingħajr kwalunkwe fastidju ġudizzjarju jew kwalunkwe rappreżalja oħra, bħal theddidiet lill-familji tal-persuni; jitlob li l-Gvern tal-Arabja Sawdija jeħles minnufih u mingħajr kundizzjonijiet lid-difensuri kollha tad-drittijiet tal-bniedem u lill-priġunieri tal-kuxjenza l-oħra li jinsabu l-ħabs u huma kkundannati sempliċement talli eżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà tal-espressjoni, u talli ħadmu b'mod paċifiku favur id-drittijiet tal-bniedem;

8. Jisħaq fuq l-importanza tad-difiża tal-libertà tal-espressjoni, sew online u sew offline, ta' stampa ħielsa u tal-iżgurar li l-ġurnalisti jkunu protetti; jenfasizza li fl-ebda ċirkostanza mhuwa aċċettabbli li ġurnalisti jisfaw mhedda, attakkati jew maqtula, u li din hija kwistjoni tal-akbar tħassib;

9. Ifakkar lill-awtoritajiet Sawdin fl-obbligi internazzjonali tagħhom skont id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra;

10. Iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jieħdu pożizzjoni qawwija fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem f'Ġinevra, li matulha, fil-5 ta' Novembru 2018, l-Arabja Sawdija se tippreżenta r-rekord tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tar-Rieżami Perjodiku Universali; itenni s-sejħa tiegħu biex l-Istati Membri tal-UE jipproponu, fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, li jinħatar Rapporteur Speċjali dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-Arabja Sawdija; jitlob li l-Istati Membri jieħdu l-inizjattiva fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem biex iqajmu l-kwistjoni tas-sħubija minn stati li għandhom storja profondament dubjuża rigward id-drittijiet tal-bniedem, fosthom l-Arabja Sawdija; jiddeplora l-vot minn diversi Stati Membri tal-UE b'appoġġ għas-sħubija tal-Arabja Sawdija fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem;

11. Jappoġġja bis-sħiħ l-inizjattiva li jinħoloq reġim ta' sanzjonijiet globali tal-UE b'rabta mad-drittijiet tal-bniedem kontra dawk li jiksru d-drittijiet tal-bniedem fid-dinja kollha, li jkun jinvolvi l-impożizzjoni ta' projbizzjonijiet fuq il-viża u tal-iffriżar tal-assi fil-konfront ta' individwi; jistenna riżultati konkreti mill-konferenza li l-awtoritajiet Netherlandiżi se jlaqgħu f'The Hague f'Novembru biex ivaraw l-inizjattiva, u jħeġġeġ lill-Istati Membri u lis-SEAE biex jappoġġjaw din il-proposta bis-sħiħ;

12. Jitlob li l-awtoritajiet tal-Arabja Sawdija jeħilsu lil Raif Badawi minnufih u mingħajr kundizzjonijiet, peress li huwa meqjus bħala priġunier tal-kuxjenza, miżmum u kkundannat sempliċement għaliex eżerċita d-dritt tiegħu għal-libertà tal-espressjoni; jitlob li l-awtoritajiet tal-UE jqajmu l-kwistjoni tal-każ tiegħu f'kull kuntatt ta' livell għoli li jista' jkollhom, u jistabbilixxu task force interistituzzjonali mal-atturi rilevanti, inklużi s-SEAE u d-delegazzjoni tal-UE, biex jintensifikaw l-isforzi biex jinkiseb ir-rilaxx tiegħu;

13. Jitlob moratorju fuq il-piena tal-mewt; jitlob rieżami tas-sentenzi tal-mewt kollha biex jiġi żgurat li l-proċessi inkwistjoni kienu konformi mal-istandards internazzjonali;

14. Jitlob li l-Kunsill jilħaq pożizzjoni komuni bil-għan li jimponi fuq l-Arabja Sawdija embargo tal-armi madwar l-UE kollha, u li jirrispetta l-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK; jitlob embargo fuq l-esportazzjoni ta' sistemi tas-sorveljanza u prodotti oħra b'użu doppju li jistgħu jintużaw fl-Arabja Sawdija għal finijiet ta' repressjoni;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem, lill-Gvern tat-Turkija, lill-Maestà Tiegħu r-Re Salman bin Abdulaziz Al Saud u lill-Prinċep Eredi Mohammad Bin Salman Al Saud, lill-Gvern tar-Renju tal-Arabja Sawdija, kif ukoll lis-Segretarju Ġenerali taċ-Ċentru għad-Djalogu Nazzjonali tar-Renju tal-Arabja Sawdija; jitlob li din ir-riżoluzzjoni tinqaleb għall-Għarbi;

P8_TA(2018)0435

# Is-sitwazzjoni fil-Baħar ta' Azov

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar is-sitwazzjoni fil-Baħar ta' Azov (2018/2870(RSP))**

(2020/C 345/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja u l-Ukrajna,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kelliem tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) tal-15 ta' Mejju 2018 dwar il-ftuħ parzjali tal-Pont ta' Kerch,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar, it-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari u l-Karta tan-NU,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1085 tat-30 ta' Lulju 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ([1]), li żżid sitt entitajiet involuti fil-kostruzzjoni tal-Pont ta' Kerch mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li huma soġġetti għal miżuri restrittivi kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014,

— wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Federazzjoni Russa u l-Ukrajna dwar il-kooperazzjoni fl-użu tal-Baħar ta' Azov u l-Istrett ta' Kerch tal-2003, il-Memorandum ta' Budapest dwar Garanziji ta' Sigurtà tal-5 ta' Diċembru 1994 u l-Pakkett ta' Miżuri għall-Implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Minsk tat-12 ta' Frar 2015,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-sitwazzjoni fil-Baħar ta' Azov kienet indirizzata bil-ftehim bilaterali tal-2003 bejn l-Ukrajna u r-Russja, li jiddefinixxi dawn it-territorji bħala ilmijiet interni taż-żewġ Stati u jagħti liż-żewġ partijiet is-setgħa li jispezzjonaw bastimenti suspettużi; billi kemm il-ftehim tal-2003 kif ukoll il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar jipprevedu l-libertà tan-navigazzjoni;

B. billi l-bini tal-Pont ta' Kerch u pipeline tal-gass kif ukoll it-tqegħid ta' kejbils ta' taħt il-baħar mal-peniżola annessa illegalment tal-Krimea mingħajr il-kunsens tal-Ukrajna jikkostitwixxu ksur ieħor tas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa;

C. billi l-Pont ta' Kerch jillimita d-daqs tal-vapuri li jistgħu jilħqu l-portijiet Ukreni fuq il-Baħar ta' Azov għal pixka tal-arja ta' inqas minn 33 metru u tul ta' inqas minn 160 metru, li għamilha impossibbli għal bastimenti tal-kategorija Panamax, li jammontaw 'il fuq minn 20 % tat-traffiku kollu tal-vapuri qabel il-bini, li jidħlu fil-Baħar ta' Azov; billi qabel il-ftuħ tal-Pont fl-Istrett ta' Kerch fir-rebbiegħa ta' din is-sena, l-ispezzjonijiet kienu każwali u mhux intrużivi u ma ħolqux tfixkil fil-fluss liberu tal-bastimenti u l-merkanzija;

D. billi r-Russja sikwit twaqqaf u tispezzjona b'mod abbużiv il-bastimenti li jkunu għaddejjin mill-Istrett ta' Kerch fi triqthom lejn jew mill-portijiet Ukreni; billi dawn il-proċeduri jikkawżaw dewmien sa ġimgħa u jirriżultaw fi tnaqqis fil-flussi tal-merkanzija u telf finanzjarju tanġibbli għall-ekonomija lokali fl-Ukrajna u n-negozjanti li l-bastimenti tagħhom huma soġġetti għal dan ir-reġim; billi, skont is-sorsi tal-Gvern Ukren, aktar minn 200 bastiment kellhom jgħaddu minn din il-proċedura eċċessiva sal-aħħar ta' Settembru 2018, inkluż aktar minn 120 vapur irreġistrati fl-UE, filwaqt li vapuri bil-bandiera Russa kienu eżentati minn dawn il-kontrolli;

E. billi dawn l-ibliet u r-reġjun tal-madwar diġà qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi minħabba l-annessjoni tal-Krimea u l-kunflitt appoġġjat mir-Russja li għadu għaddej fil-Lvant tal-Ukrajna; billi dan l-att il-ġdid mir-Russja diġà kellu impatt negattiv sinifikanti fuq l-ekonomija lokali u wassal għal tnaqqis qawwi fil-fatturat tal-merkanzija tal-portijiet Ukreni;

---

([1]) ĠU L 194, 31.7.2018, p. 147.

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

F. billi l-bini ta’ dan il-pont massiv kellu impatt negattiv fuq l-ambjent, baxxa l-livell tal-baħar fl-Istrett u affettwa l-iskambju tal-ilma bejn il-Baħar ta’ Azov u l-Baħar l-Iswed;

G. billi f’Settembru 2018 l-Ukrajna ddeċidiet li tirrevoka t-Trattat ta’ Ħbiberija, Kooperazzjoni u Sħubija ffirmat fl-1997 bejn l-Ukrajna u l-Federazzjoni Russa, u li toħloq bażi navali fil-Baħar ta’ Azov, b’żieda ulterjuri tal-preżenza militari tagħha hemmhekk billi ttrasferixxiet forzi addizjonali tal-Korpi Marittimi u artillerija kostali f’dik iż-żona kostali;

1. Jiddeplora l-attivitajiet eċċessivi tal-Federazzjoni Russa fil-Baħar ta’ Azov, safejn dawn jiksru d-dritt marittimu internazzjonali u l-impenji internazzjonali tar-Russja stess; jikkundanna l-waqfien u l-ispezzjoni eċċessivi ta’ bastimenti kummerċjali, inklużi kemm vapuri Ukreni kif ukoll dawk bi bnadar ta’ stati terzi, inklużi vapuri taħt bnadar ta’ diversi Stati Membri tal-UE; jenfasizza li l-ispezzjonijiet tal-bastimenti, filwaqt li huma permessi li jsiru b’mod każwali, ma għandhomx jiġu abbużati jew imwettqa għal raġunijiet politiċi bl-għan li jiddestabbilizzaw ulterjorment is-sigurtà, l-integrità u s-sitwazzjoni soċjali u ekonomika fl-Ukrajna; jistieden lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà (VP/RGħ) jitolbu li l-Federazzjoni Russa ttemm minnufih l-ispezzjonijiet intensivi u diskriminatorji fuq il-bastimenti u, fejn ikun meħtieġ, jikkunsidraw kontromiżuri xierqa;

2. Jesprimi t-tħassib serju ħafna tiegħu dwar is-sitwazzjoni ta’ sigurtà ferm volatili fil-Baħar ta’ Azov, li tista’ faċilment teskala għal kunflitt miftuħ; huwa mħasseb serjament dwar il-militarizzazzjoni kontinwa tal-Baħar ta’ Azov u r-reġjun tal-Baħar l-Iswed, b’mod partikolari tal-peniżola okkuppata u annessa illegalment tal-Krimea, l-iżvilupp ta’ kapaċitajiet li jipprevjenu u jimpedixxu l-aċċess għaż-żoni (A2/AD) mill-Federazzjoni Russa, inklużi sistemi ġodda kontra l-inġenji tal-ajru S-400, u l-iskjerament mill-ġdid tal-bastimenti militari u tal-għassa mill-Baħar Kaspjan; jiddispjaċih li l-Baħar ta’ Azov sar dimensjoni marittima ġdida ta’ azzjonijiet belliġerenti Russi kontra l-Ukrajna;

3. Jikkundanna l-bini tal-pont fuq l-Istrett ta’ Kerch li jgħaqqad il-peniżola tal-Krimea annessa illegalment mar-Russja kontinentali, u l-ksur tad-drittijiet tan-navigazzjoni fl-ibħra territorjali tal-Ukrajna; jirrimarka li r-Russja hija marbuta bid-dritt marittimu internazzjonali u bil-ftehim ta’ kooperazzjoni bilaterali mal-Ukrajna li ma xxekkilx jew timpedixxi l-passaġġ ta’ tranżitu permezz tal-Istrett ta’ Kerch u l-Baħar ta’ Azov;

4. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, jirriafferma s-sovranità tal-Ukrajna fuq il-peniżola tal-Krimea u l-parti tagħha tal-Baħar ta’ Azov u d-dritt assolut tal-Ukrajna li jkollha aċċess sħiħ għall-Baħar ta’ Azov, kif minqux fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar;

5. Jiddeplora l-estrazzjoni illegali tar-riżorsi taż-żejt u tal-gass min-naħa tal-Federazzjoni Russa mit-territorju Ukren; jenfasizza l-periklu possibbli tar-Russja li taħtaf ir-riżervi Ukreni eżistenti taż-żejt u tal-gass fil-Baħar ta’ Azov ladarba tikseb l-għan tagħha li tittrasformah f’lag intern fi ħdan il-Federazzjoni Russa;

6. Jissottolinja li dan il-ksur sistematiku tal-ibħra territorjali ta’ pajjiżi Ewropej jew l-imblukkar tat-trasport marittimu diġà ġie eżerċitat mir-Russja fil-Baħar Baltiku, b’mod partikolari kontra l-Istati Baltiċi u l-Polonja (il-Laguna tal-Vistula);

7. Jappella lill-VP/RGħ biex issegwi aktar mill-qrib is-sitwazzjoni tas-sigurtà li qed tevolvi fil-Baħar ta’ Azov, minħabba l-possibbiltà tagħha dejjem tikber ta’ kunflitt fuq l-għatba tal-Ewropa, li jista’ jkollha implikazzjonijiet ta’ sigurtà usa’ li jaffettwaw direttament lill-UE u lill-Istati Membri tagħha; iqis, f’dan ir-rigward, li jkun utli ħafna li jinħatar Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Krimea u r-reġjun ta’ Donbass, li r-responsabbiltajiet tiegħu eventwalment ikopru wkoll il-Baħar ta’ Azov;

8. Jistieden lill-VP/RGħ tieħu l-passi meħtieġa biex tipproponi li l-mandat tal-Missjoni Speċjali ta’ Monitoraġġ tal-OSKE fl-Ukrajna, li jkopri t-territorju kollu tal-Ukrajna, inklużi ż-żoni marittimi, ikopri wkoll iż-żona l-ġdida ta’ tensjonijiet fil-Baħar ta’ Azov, u jenfasizza li jew il-missjoni għandha tkun mgħammra bil-mezzi neċessarji biex twettaq ir-rwol ta’ monitoraġġ tagħha f’żoni marittimi jew inkella għandha tiġi stabbilita missjoni separata ta’ monitoraġġ internazzjonali għal dan il-korp tal-ilma;

9. Jissottolinja li l-Pont ta’ Kerch inbena illegalment u jilqa’ d-deċiżjoni tal-Kunsill li jimponi miżuri restrittivi fuq sitt kumpaniji involuti fil-bini tiegħu; iħeġġeġ lill-VP/RGħ, flimkien mal-Istati Membri tal-UE fil-Kunsill, biex jagħmluha ċara li s-sanzjonijiet immirati kontra r-Russja se jissaħħu jekk il-kunflitt fil-Baħar ta’ Azov ikompli jeskala;

10. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-kumpaniji Ewropej involuti fil-bini tal-Pont ta' Kerch li, bl-involviment tagħhom – konxjament jew bla ma jafu – ikkompromettew is-sanzjonijiet tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tivvaluta u tivverifika l-applikazzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE fis-seħħ u fuq l-Istati Membri biex jiskambjaw informazzjoni dwar kwalunkwe investigazzjoni doganali jew kriminali nazzjonali dwar każijiet fejn ikun hemm possibbiltà ta' ksur;

11. Jappoġġja l-isforzi magħmula min-naħa tal-Ukrajna fl-azzjonijiet diplomatiċi u l-proċeduri legali kollha previsti mid-dritt internazzjonali u l-konvenzjonijiet rilevanti, inkluż il-proċess ta' arbitraġġ li għaddej bħalissa skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar, bil-ħsieb li jiġġieldu kontra l-prattiki ostili Russi fil-Baħar ta' Azov;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jipprovdu valutazzjoni sħiħa tal-ħsara ekonomika kkawżata mill-imblokk *de facto* u biex jikkunsidraw modi possibbli ta' kif jiġu appoġġjati t-trasportaturi u l-portijiet li ġew affettwati b'mod negattiv, partikolarment billi jsaħħu l-impenn tal-UE f'Mariupol u Berdyansk, filwaqt li jsaħħu r-reżiljenza soċjali u jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku ta' dawn l-ibliet u r-reġjun tax-Xlokk tal-madwar tal-Ukrajna;

13. Jinsab imħasseb dwar l-impatt ambjentali avvers tal-Pont ta' Kerch, li jista' jaffettwa l-interessi tal-pajjiżi kollha tal-baċir tal-Baħar l-Iswed; jistieden lill-Ukrajna, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li jinsabu fix-xtut tal-Baħar l-Iswed jimmonitorjaw is-sitwazzjoni, jiskambjaw informazzjoni rilevanti u jidentifikaw ħtiġijiet potenzjali ta' rimedju;

14. Jesprimi l-kondoljanzi u s-simpatija tiegħu lill-familji tal-vittmi tal-omiċidju tal-massa fil-kulleġġ ta' Kerch fejn 20 persuna nqatlu u għexieren oħra ndarbu fis-17 ta' Ottubru 2018;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ukrajna, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa, u lill-Istati Membri tal-UE.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0436

# Is-sitwazzjoni fil-Venezwela

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela (2018/2891(RSP))**

(2020/C 345/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Venezwela, b'mod partikolari dawk tas-27 ta' Frar 2014 dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela [1], tat-18 ta' Diċembru 2014 dwar il-persekuzzjoni tal-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela [2], tat-12 ta' Marzu 2015 [3], tat-8 ta' Ġunju 2016 [4], tas-27 ta' April 2017 [5] u tat-8 ta' Frar 2018 [6] dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela, tat-3 ta' Mejju 2018 dwar l-elezzjonijiet fil-Venezwela [7] u tal-5 ta' Lulju 2018 dwar il-kriżi tal-migrazzjoni u s-sitwazzjoni umanitarja fil-Venezwela u fuq il-fruntieri tal-art tagħha mal-Kolombja u mal-Brażil [8],

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali,

— wara li kkunsidra l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-8 ta' Frar 2018 tal-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali, Fatou Bensouda, dwar il-bidu ta' eżamijiet preliminari rigward is-sitwazzjonijiet fil-Filippini u fil-Venezwela, u tas-27 ta' Settembru 2018 dwar ir-riferiment minn grupp ta' sitt Stati partijiet rigward is-sitwazzjoni fil-Venezwela,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-15 ta' Ottubru 2018,

— wara li kkunsidra l-ħatra, fid-19 ta' Settembru 2018, ta' Eduardo Stein bħala r-Rappreżentant Speċjali Konġunt tal-Aġenzija għar-Rifuġjati tan-NU (UNHCR) u tal-Aġenzija għall-Migrazzjoni tan-NU (IOM) għar-rifuġjati u l-migranti Venezwelani fir-reġjun,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-9 ta' Ottubru 2018 tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) dwar il-mewt tal-kunsillier muniċipali Fernando Albán fil-Venezwela,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-10 ta' Ottubru 2018 tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tas-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tiegħu rigward il-mewt ta' Fernando Albán,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-missjoni tiegħu dwar il-kriżi tal-migrazzjoni u s-sitwazzjoni umanitarja fil-Venezwela u fil-fruntieri tal-art tagħha mal-Kolombja u mal-Brażil,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu li jagħti l-Premju Sakharov 2017 lill-oppożizzjoni demokratika u lill-priġunieri politiċi fil-Venezwela,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt fil-Venezwela qed tkompli tiddeterjora sew; billi l-Venezwela qed tiffaċċja kriżi soċjali, ekonomika u umanitarja bla preċedent minħabba kriżi politika, li qed tikkawża għadd kbir ħafna ta' mwiet u li wasslet għal madwar 2,3 miljun migrant u rifuġjat;

---

[1] ĠU C 285, 29.8.2017, p. 145.
[2] ĠU C 294, 12.8.2016, p. 21.
[3] ĠU C 316, 30.8.2016, p. 190.
[4] ĠU C 86, 6.3.2018, p. 101.
[5] ĠU C 298, 23.8.2018, p. 137.
[6] Testi adottati, P8_TA(2018)0041.
[7] Testi adottati, P8_TA(2018)0199.
[8] Testi adottati, P8_TA(2018)0313.

B. billi 87 % tal-popolazzjoni tal-Venezwela hija milquta mill-faqar, filwaqt li l-livell tal-faqar estrem huwa ta’ 61,2 %; billi l-mortalità materna żdiedet b’60 % u l-mortalità infantili żdiedet bi 30 %; billi 89 % tal-popolazzjoni Venezwelana ma għandhomx riżorsi finanzjarji suffiċjenti biex jixtru biżżejjed ikel għall-familji tagħhom; billi skont il-FMI, hemm mbassar li l-inflazzjoni se tilħaq livell ta’ 1,4 miljun % fl-2018 u 10 miljun % fl-2019;

C. billi, minkejja li d-disponibbiltà tal-komunità internazzjonali, il-Gvern Venezwelan sfortunatament għadu stinat fir-rifjut tiegħu li jirċievi b’mod miftuħ u jiffaċilita t-tqassim tal-għajnuna umanitarja internazzjonali, u għalhekk qiegħed jittraskura kull responsabbiltà tiegħu fil-konfront taċ-ċittadini tiegħu;

D. billi, fit-8 ta’ Ottubru 2018, l-esponent tal-oppożizzjoni politika Venezwelana, Fernando Albán, allegatament ġie ttorturat u maqtul fil-bini tas-Servizz Bolivarjan tal-Intelligence Nazzjonali (SEBIN,) il-pulizija politika Venezwelana; billi, minkejja l-appelli tan-NU u tal-UE, l-awtoritajiet irrifjutaw li jippermettu investigazzjoni indipendenti dwar il-kawżi ta’ mewtu, inkluża awtopsja internazzjonali mwettqa minn tim forensiku indipendenti; billi Fernando Albán kien miżmum taħt arrest fil-bini tas-SEBIN; u l-awtoritajiet Venezwelani għandhom għalhekk jinżammu responsabbli li jkunu jafu l-post fejn jinsab;

E. billi fit-13 ta’ Ottubru 2018, ir-rebbieħ tal-Premju Sakharov, Lorent Saleh, ġie liberat, skortat direttament lejn l-ajruport u tkeċċa minnufih lejn Spanja f’att ta’ eżilju furzat; billi kien ilu erba’ snin il-ħabs fejn sofra tortura orribbli u nżamm mingħajr proċess filwaqt li s-smigħ ġudizzjarju tiegħu ġie pospost għal tal-inqas 53 darba; billi x-xhieda tiegħu, flimkien ma’ dawk ta’ ħafna vittmi oħra, tikkonferma r-repressjoni sistematika u t-trattament krudili u diżuman tal-priġunieri politiċi fil-Venezwela;

F. billi aktar minn mitejn priġunier politiku għadhom il-ħabs fil-Venezwela; billi l-Membru tal-Assemblea Nazzjonali, Juan Recasens, ġie arrestat b’mod arbitrarju u ġie ttorturat, u billi għadu f’detenzjoni f’iżolament, bi ksur permanenti u illegali tal-immunità politika tiegħu;

G. billi l-ex President tal-Assemblea Nazzjonali u r-Rebbieħ tal-Premju Sakharov Julio Jorges, l-ex Prosekutur Ġenerali Luisa Ortega Díaz, u l-ex Prosekutur tal-Ministeru Pubbliku għall-Venezwela Zair Mundaray Rodríguez huma soġġetti għal akkuża infondata ta’ involviment f’tentattiv ta’ konfoffa ta’ omiċidju tal-President tal-Venezwela, Nicolás Maduro; billi l-awtoritajiet tal-Venezwela ħarġu, permezz tal-Interpol, mandati ta’ arrest internazzjonali għat-tlieta li huma;

H. billi hemm klima ta’ aktar vjolenza u impunità totali fil-Venezwela, minħabba n-nuqqas tal-awtoritajiet li jżommu responsabbli lill-awturi ta’ ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi l-omiċidju, l-użu ta’ forza eċċessiva kontra d-dimostranti, id-detenzjoni arbitrarja, it-tortura u trattament degradanti u diżuman ieħor, iżda anke l-vjolenza kriminali;

I. billi, fit-8 ta’ Frar 2018, il-Prosekutur tal-Qorti Kriminali Internazzjonali beda eżamijiet preliminari rigward is-sitwazzjoni fil-Venezwela; billi fis-27 ta’ Settembru 2018, grupp ta’ sitt Stati partijiet għall-Istatut ta’ Ruma tal-QKI (l-Arġentina, il-Kanada, il-Kolombja, iċ-Ċili, il-Paragwaj u l-Perù) talbu li l-Prosekutur jibda investigazzjoni dwar id-delitti kontra l-umanità li ġew kommessi fit-territorju tal-Venezwela; billi Franza u l-Costa Rica appoġġjaw ukoll talbiet għal tali investigazzjonijiet; billi dan ikkostitwixxa l-ewwel riferiment li qatt ġie ppreżentat minn grupp ta’ Stati partijiet rigward sitwazzjoni fit-territorju ta’ Stat parti ieħor; billi l-Parlament għamel din l-istess talba f’żewġ okkażjonijiet, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta’ Frar 2018 dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela u fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta’ Settembru 2017 dwar ir-relazzjonijiet politiċi tal-UE mal-Amerika Latina ([1]);

J. billi fit-13 ta’ Novembru 2017, il-Kunsill tal-UE ddeċieda li jadotta embargo fuq l-armi kontra l-Venezwela u projbizzjoni fuq materjal relatat li jaf jintuża għal repressjoni interna; billi fit-22 ta’ Jannar 2018 iddeċieda, b’mod unanimu, li jimponi sanzjonijiet kontra seba’ individwi Venezwelani li jokkupaw pożizzjonijiet uffiċjali, fil-forma ta’ miżuri restrittivi bħal projbizzjonijiet tal-ivvjaġġar u ffriżar tal-assi, b’reazzjoni għan-nuqqas ta’ konformità mal-prinċipji demokratiċi; billi fil-25 ta’ Ġunju 2018 is-sanzjonijiet ġew estiżi għal ħdax-il uffiċjal Venezwelan ieħor responsabbli mill-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u li mmina d-demokrazija u l-istat tad-dritt;

K. billi l-UE, flimkien mal-entitajiet demokratiċi oħra, ma rrikonoxxew la l-elezzjonijiet presidenzjali, la l-elezzjonijiet tal-Assemblea Nazzjonali Kostitwenti, u lanqas lill-awtoritajiet maħtura skont dawn il-proċessi illeġittimi; billi l-Kunsill Elettorali Nazzjonali ffissa d-9 ta’ Diċembru 2018 bħala d-data għall-elezzjoni tal-kunsilli muniċipali tal-pajjiż; billi l-partiti politiċi tal-oppożizzjoni ewlenin u l-aktar importanti, Acción Democrática (AD), Primero Justicia (PJ), Un Nuevo Tiempo (UNT) u Voluntad Popular, mhumiex se jkunu awtorizzati jieħdu sehem; billi l-komunità internazzjonali mhijiex se taċċetta r-riżultati elettorali jekk il-mexxejja tal-oppożizzjoni jintbagħtu l-ħabs u lill-partiti politiċi jkunilhom projbit jieħdu sehem fl-elezzjonijiet;

---

([1]) ĠU C 337, 20.9.2018, p. 71.

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

L. billi l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin tal-15 ta’ Ottubru 2018 jinkludu referenza għal soluzzjoni politika għall-kriżi ta’ bħalissa, soluzzjoni li għandha tinkiseb billi tiġi eżaminata l-possibbiltà li jinħoloq grupp ta’ kuntatt li l-objettiv tiegħu jkun dak li jippromwovi inizjattiva mmexxija b’mod konġunt mis-sħab reġjonali u internazzjonali prinċipali, bil-għan li jinħolqu kundizzjonijiet li jkunu jistgħu jwasslu għal proċess politiku;

M. billi żewġ tentattivi biex jinbena djalogu nazzjonali bejn il-gvern u l-oppożizzjoni, iffaċilitati mill-Vatikan u minn medjaturi internazzjonali bil-għan li tinstab soluzzjoni għall-kriżi, fallew minħabba n-nuqqas ta’ serjetà tal-awtoritajiet Venezwelani, li ffukaw esklussivament fuq li jippruvaw jiggwadanjaw iż-żmien u fuq ir-rikonoxximent internazzjonali;

1. Jesprimi l-kondoljanzi sinċieri tiegħu lill-familja u lill-ħbieb ta’ Fernando Albán; jikkundanna, f’dan ir-rigward, id-delitti mwettqa mill-awtoritajiet Venezwelani u jappella, f’dan il-każ partikolari, għal investigazzjoni indipendenti immedjata dwar il-gvern, inkluża awtopsja internazzjonali mwettqa minn tim forensiku indipendenti; ifakkar li huwa d-dmir tal-Istat li jiggarantixxi s-sigurtà u l-integrità fiżika tal-persuni kollha miżmuma f’kustodja.

2. Jikkundanna l-użu tad-detenzjoni arbitrarja u l-fastidju ġudizzjarju u amministrattiv biex jiġu ppersegwitati eluf ta’ difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, membri eletti tal-oppożizzjoni u organizzazzjonijiet indipendenti tas-soċjetà ċivili; iħeġġeġ lill-awtoritajiet Venezwelani jtemmu l-ksur kollu tad-drittijiet tal-bniedem u jobbligaw lil dawk responsabbli jagħtu rendikont ta’ għemilhom, u jiżguraw li l-libertajiet fundamentali kollha u d-drittijiet tal-bniedem jiġu rrispettati bis-sħiħ;

3. Ifakkar li ż-żewġ tentattivi preċedenti bil-għan li tinstab soluzzjoni politika għall-kriżi fil-Venezwela permezz ta’ medjazzjoni mal-Vatikan u permezz ta’ djalogu politiku nazzjonali li sar fir-Repubblika Dominicana, fallew b’mod ċar;

4. Ifakkar fil-pożizzjoni ddikjarata preċedentement tal-Unjoni u tal-Parlament li kwalunkwe żvilupp politiku ulterjuri jrid jinkludi dawn it-talbiet essenzjali li ġejjin: il-ħelsien immedjat tal-priġunieri politiċi kollha u t-tmiem tat-tortura, tal-maltrattament u tal-fastidju tal-avversarji politiċi, l-attivisti tad-drittijiet tal-bniedem u d-dimostranti paċifiċi; Kunsill Elettorali Nazzjonali indipendenti ġdid elett mill-Assemblea Nazzjonali; l-organizzazzjoni ta’ elezzjonijiet liberi u ġusti b’konformità mal-istandards internazzjonali għal proċess kredibbli li jirrispetta l-pluraliżmu politiku, bil-preżenza ta’ osservaturi internazzjonali demokratiċi u r-rikonoxximent tas-setgħa tal-Assemblea Nazzjonali leġittima u x-xoljiment tal-Assemblea Nazzjonali Kostitwenti;

5. Jinnota b’interess il-Konklużjonijiet tal-Kunsill rigward it-tnedija possibbli ta’ kuntatti ma’ sħab reġjonali u internazzjonali biex tiġi eżaminata l-possibbiltà li jinħoloq grupp ta’ kuntatt; ifakkar, f’dan ir-rigward, li r-rwol tal-medjazzjoni internazzjonali jew ta’ grupp ta’ kuntatt ta’ faċilitazzjoni jrid ikun imparzjali u jrid jiġi aċċettat miż-żewġ naħat; iqis li dan il-grupp ta’ kuntatt esplorattiv għandu jkollu l-għan li jikkontribwixxi biex tinstab soluzzjoni demokratika u politika għall-kunflitt Venezwelan permezz ta’ mezzi paċifiċi, deċiża biss mill-poplu Venezwelan; jenfasizza lill-VP/RGħ, waqt li tkun qed teżamina l-possibbiltà li jitnieda l-grupp ta’ kuntatt, li jeħtieġ li jsiru kuntatti mar-rappreżentanti leġittimi tal-oppożizzjoni demokratika Venezwelana sabiex tivverifika jekk hemmx maġġoranza favur tali inizjattiva;

6. Jappoġġja bis-sħiħ id-dikjarazzjoni preliminari tal-QKI dwar id-delitti estensivi u l-atti ta’ repressjoni mwettqa mir-reġim Venezwelan kontra ċ-ċittadini tiegħu stess; iħeġġeġ lill-Unjoni u lill-Istati Membri jissieħbu mal-inizjattiva tal-Istati partijiet tal-QKI sabiex jinvestigaw delitti kontra l-umanità mwettqa mill-gvern Venezwelan fit-territorju tal-Venezwela u biex jobbligaw lil dawk responsabbli jagħtu rendikont ta’ għemilhom; ifakkar fl-impenn tal-UE favur il-multilateraliżmu, fil-qafas tal-prinċipji tan-NU, u r-rwol tal-QKI fil-ġlieda kontra l-impunità għal delitti gravi kontra l-umanità u biex dawk responsabbli jinġiebu quddiem il-ġustizzja;

7. Jilqa’ l-impożizzjoni mill-UE ta’ sanzjonijiet addizzjonali mmirati u riversibbli, li ma jikkawżaw ebda ħsara lill-popolazzjoni Venezwelana, minħabba l-elezzjonijiet li saru fl-20 ta’ Mejju 2018 li kienu illeġittimi u mhux rikonoxxuti internazzjonalment; jitlob biex dawn is-sanzjonijiet jissaħħu jekk is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u tad-demokrazija fil-pajjiż tkompli tmur għall-agħar;

8. Ifaħħar lill-Gvern Kolombjan għar-reazzjoni pronta tiegħu u għall-appoġġ li ta lill-Venezwelani kollha li daħlu fil-pajjiż; ifaħħar ukoll lill-Brażil, lill-Perù u lil pajjiżi oħra fir-reġjun, partikolarment dawk li ffirmaw id-Dikjarazzjoni ta’ Quito dwar il-Mobbiltà tal-Bniedem taċ-ċittadini Venezwelani, kif ukoll lill-organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, lill-entitajiet privati u pubbliċi, lill-Knisja Kattolika u liċ-ċittadini fir-reġjun kollu kemm hu għall-għajnuna attiva u s-solidarjetà tagħhom fil-konfront tal-migranti u tar-rifuġjati Venezwelani; jappella lill-Istati Membri li qegħdin jiffaċċjaw influss ta’ Venezwelani sabiex jipprovdulhom aċċess għas-servizzi bażiċi u jagħtuhom status temporanju ta’ protezzjoni u drittijiet ta’ residenza speċjali;

9. Itenni s-sejbiet tassew inkwetanti tal-missjoni tiegħu ta' Ġunju 2018 fil-fruntieri tal-art Venezwelani mal-Kolombja u l-Brażil u jitlob li tintbagħat delegazzjoni *ad hoc* fil-Perù fl-2019 biex tivvaluta l-impatt tal-kriżi migratorja Venezwelana fuq il-post; itenni l-appell tiegħu lill-awtoritajiet Venezwelani biex, b'urġenza, jippermettu l-għajnuna umanitarja tidħol fil-pajjiż sabiex jiġi evitat li l-kriżijiet umanitarji u tas-saħħa pubblika jaggravaw u biex jimplimentaw rispons fuq perjodu qasir kontra l-malnutrizzjoni;

10. Jitlob lill-Kunsill u lill-VP/RGħ jimmobilizzaw aktar fondi u assistenza f'koordinazzjoni mar-Rappreżentant Speċjali Konġunt maħtur reċentement tal-UNHCR u l-IOM għar-rifuġjati u l-migranti Venezwelani fir-reġjun, Eduardo Stein; jilqa', f'dan ir-rigward, il-ħatra tiegħu, li tirrifletti b'mod ċar l-iskala reġjonali u globali tal-kriżi li għaddejja bħalissa fil-Venezwela;

11. Ifakkar li l-Interpol hija l-organizzazzjoni internazzjonali tal-pulizija inkarigata primarjament bil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali; jistieden lill-Interpol tqis bir-reqqa li t-talbiet tal-Gvern Venezwelan kontra s-Sur Borges, is-Sinjura Ortega Díaz u s-Sur Mundaray Rodríguez huma purament motivati politikament;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Gvern u lill-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tar-Repubblika tal-Kolombja, tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil u tar-Repubblika tal-Perù, lill-Assemblea Parlamentari Ewro-Latino-Amerikana, lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani u lill-Grupp ta' Lima.

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0437

## Il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tad-diplomi

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta’ Ottubru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tad-diplomi (2018/2838(RSP))**

(2020/C 345/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 26, 53 u 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta’ Diċembru 2017 dwar il-promozzjoni tal-kooperazzjoni tal-Istati Membri dwar rikonoxximent reċiproku ta’ diplomi tal-edukazzjoni għolja u tat-tmiem tal-iskola fil-livell tal-edukazzjoni sekondarja,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta’ Mejju 2017 dwar il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja u li tħassar ir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ April 2008 dwar l-istabbiliment ta’ Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja ([1]),

— wara li kkunsidra l-Komunikat ta’ Bucharest tal-2012,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-17 ta’ Jannar 2018 għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar “Il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja” (COM(2018)0024),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-22 ta’ Mejju 2018 għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta’ diplomi tal-edukazzjoni ogħla u tal-edukazzjoni sekondarja għolja u l-eżiti tal-perjodi ta’ tagħlim barra mill-pajjiż (COM(2018)0270),

— wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tad-diplomi (O-000084/2018 – B8-0415/2018),

— wara li kkunsidra l-mozzjoni għal riżoluzzjoni tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi l-mobbiltà għat-tagħlim trawwem il-ħiliet, il-kompetenzi u l-għarfien filwaqt li tippromwovi l-valuri Ewropej u l-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà;

B. billi r-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi u l-eżiti tal-perjodi ta’ tagħlim barra mill-pajjiż jippermetti lill-Istati Membri jintensifikaw u jħaffu l-kooperazzjoni tagħhom fl-edukazzjoni u t-taħriġ, u huwa evidenza ta’ wieħed mill-benefiċċji konkreti tal-kooperazzjoni tal-UE għaċ-ċittadini;

C. billi t-titjib fil-proċeduri ta’ rikonoxximent tad-diplomi tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni sekondarja għolja u tal-eżiti tal-perjodi ta’ tagħlim barra mill-pajjiż huwa prerekwiżit għat-twaqqif ta’ Żona Ewropea tal-Edukazzjoni ([2]) sal-2025;

D. billi diġà sar progress sostanzjali fil-livell tal-edukazzjoni għolja, b’mod partikolari permezz ta’ ftehimiet reġjonali bejn xi Stati Membri li jistgħu jservu ta’ ispirazzjoni għall-kisba tar-rikonoxximent awtomatiku fi ħdan iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni;

E. billi l-proċessi ta’ rikonoxximent reċiproku għall-kwalifiki tal-edukazzjoni sekondarja għolja u għall-eżiti tal-perjodi ta’ tagħlim barra mill-pajjiż matul l-edukazzjoni sekondarja għadhom sottożviluppati;

F. billi l-mobbiltà għat-tagħlim fl-UE ilha tikseb iktar importanza kemm f’termini ta’ volumi effettivi ta’ studenti kif ukoll f’termini ta’ kapaċità u opportunitajiet ta’ tagħlim;

([1]) ĠU C 189, 15.6.2017, p. 15.
([2]) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52017DC0673&from=EN

G. billi r-rikonoxximent ġust u trasparenti tal-kwalifiki barranin huwa kemm għan tekniku tal-Proċess ta' Bolonja kif ukoll valur fundamentali li jirfed Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja (EHEA) miftuħa u inklużiva;

H. billi d-dritt għall-edukazzjoni huwa dritt fundamentali tal-bniedem li jeħtieġ li jiġi garantit b'mod universali;

1. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu impenn politiku u jistabbilixxu mekkaniżmi għar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki ta' edukazzjoni għolja u ta' edukazzjoni sekondarja għolja, kif ukoll tal-eżiti ta' perjodi ta' tagħlim barra mill-pajjiż, bi qbil mal-objettivi taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tappoġġa l-ilħiq ta' dan l-objettiv billi trawwem it-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattika tajba, bħal pereżempju l-ħruġ regolari ta' "dikjarazzjonijiet ta' komparabbiltà" għad-diplomi tal-edukazzjoni sekondarja għolja u l-użu konsistenti tat-tabella ta' klassifikazzjoni tal-ECTS;

2. Jitlob lill-Istati Membri jżidu l-kooperazzjoni transnazzjonali u jagħmlu użu minn teknoloġiji ġodda sabiex iżidu l-effiċjenza, inaqqsu l-ispejjeż, itejbu t-trasparenza u jibnu l-fiduċja għal dak il-għan, bil-ħsieb li jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet ta' edukazzjoni u impjieg li jirriżultaw mis-suq intern; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li ssir ħidma flimkien mal-Kummissjoni biex tiġi żviluppata u stabbilita b'mod effettiv il-Karta Ewropea tal-Istudenti bil-għan li jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi u tal-perjodi ta' tagħlim barra mill-pajjiż, filwaqt li jitnaqqsu l-piżijiet u l-ispejjeż amministrattivi għall-istudenti u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni;

3. Jistieden lill-Istati Membri biex jibdew proċess ta' kooperazzjoni dwar it-taħriġ u l-edukazzjoni sekondarja ġenerali bil-għan li titrawwem it-trasparenza u tinbena l-fiduċja bejn is-sistemi differenti ta' edukazzjoni u taħriġ;

4. Jitlob li wieħed iżomm f'moħħu l-importanza u l-potenzjal tas-sorsi ta' finanzjament tal-UE u l-programm Erasmus+, b'mod partikolari għall-promozzjoni tal-mobbiltà fil-livelli kollha tal-edukazzjoni u għat-twaqqif ta' Universitajiet Ewropej u lawrji tal-masters konġunti;

5. Ifakkar għal dak il-għan l-importanza li tiġi garantita l-inklużività tal-programmi ta' mobbiltà tal-UE, b'mod partikolari billi tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilità u dawk minn ambjenti soċjoekonomiċi żvantaġġati;

6. Jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-istudenti, ir-refuġjati u l-migranti li jkunu għadhom kif waslu fl-ambjent tal-edukazzjoni billi jiżguraw li r-rikonoxximent inizjali tad-diplomi jew l-eżiti ta' perjodi ta' tagħlim tagħhom barra mill-pajjiż minn Stat Membru tal-UE ma jkunx jinvolvi piżijiet amministrattivi eċċessivi;

7. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi li jiffaċilitaw ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tad-diplomi u l-eżiti ta' perjodi ta' tagħlim barra mill-pajjiż sal-2025 b'konformità mal-objettivi taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u li jibnu fuq l-oqfsa eżistenti, inkluż il-qafas ta' kompetenzi ewlenin tal-UE; jenfasizza wkoll f'dan ir-rigward l-importanza tar-rabtiet reċiproċi u l-komplementarjetà bejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u ż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni Għolja;

8. Jirrikonoxxi l-eżempju pożittiv stabbilit mill-Bakkalawrjat Ewropew għall-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tal-edukazzjoni sekondarja għolja; jirrakkomanda, madankollu, li l-Istati Membri jneħħu kwalunkwe ostaklu indebitu għar-rikonoxximent rapidu u trasparenti tal-klassifikazzjoni tal-Iskola Ewropea għall-aċċess għall-edukazzjoni għolja;

9. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżguraw, bil-ħsieb li jinkisbu rikonoxximent reċiproku awtomatiku tad-diplomi u aċċess ġust għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, li l-istudenti Ewropej kollha jkunu intitolati jattendu l-edukazzjoni sekondarja għolja taħt l-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru, billi jkollhom id-dritt li jitpoġġew fi klassi mal-grupp ta' età tagħhom stess, fil-livell ekwivalenti għall-klassi tagħhom fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, irrispettivament mil-livell tal-lingwa tagħhom;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0438

## Il-varar tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi fl-Unjoni Ewropea: wasal iż-żmien li naġixxu!

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-varar tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi fl-Unjoni Ewropea: wasal iż-żmien li naġixxu! (2018/2023(INI))**

(2020/C 345/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2017 intitolata "Għall-akbar użu tal-fjuwils alternattivi: Pjan ta' Azzjoni għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi skont l-Artikolu 10(6) tad-Direttiva 2014/94/UE, li jinkludi valutazzjoni tal-oqfsa nazzjonali ta' politika skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2014/94/UE" (COM(2017)0652),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi ([1]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija ([2]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi, id-Deċiżjoni 1/CP.21 u l-21 Konferenza tal-Partijiet (COP 21) tal-UNFCCC, kif ukoll il-11-il Konferenza tal-Partijiet li serviet bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll ta' Kjoto (CMP 11) li saru f'Pariġi ġewwa Franza mit-30 ta' Novembru sal-11 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ minn vetturi ħfief u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 (riformulazzjoni) (COM(2017)0676),

— wara li kkunsidra l-Kodiċi Internazzjoni tas-Sikurezza għall-Vapuri li jużaw Gassijiet jew Karburanti b'Punt ta' Fjammabilità Baxx (Kodiċi IGF), flimkien mal-emendi proposti biex il-Kodiċi jsir obbligatorju skont il-qafas tal-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-Baħar (SOLAS), li jindirizzaw l-isfidi li jirriżultaw mill-adozzjoni tal-fjuwils alternattivi fil-livell regolatorju fis-settur tat-trasport marittimu u li għandhom l-għan li jimminimizzaw ir-riskju għall-vapuri, l-ekwipaġġ tagħhom u l-ambjent, u b'kunsiderazzjoni tan-natura tal-fjuwils involuti,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' April 2018,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A8-0297/2018),

A. billi l-mobbiltà hija ħtieġa bażika u s-sinsla tas-soċjetajiet u tal-ekonomiji tagħna, u għandha tkun nadifa, affidabbli, affordabbli u sikura "fl-aspetti kollha; billi, f'dan il-kuntest, it-teknoloġiji nodfa joffru opportunitajiet u benefiċċji kbar għas-soċjetà, u għandhom impatt qawwi kemm fuq is-saħħa u fuq l-ambjent kif ukoll fuq l-industrija awtomobilistika, il-fornituri tal-enerġija, l-utilitajiet, u l-operaturi tal-grilja;

([1]) ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1.
([2]) ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5.

B. billi l-Istati Membri adottaw l-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom, li ġew ivvalutati mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni riċenti tagħha COM(2017)0652, fejn innutat li l-objettivi u l-implimentazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi jvarjaw minn Stat Membru għal ieħor, billi tmienja biss mill-25 Stat Membru jissodisfaw bis-sħiħ ir-rekwiżiti tal-oqfsa ta' politika nazzjonali stabbiliti fid-Direttiva 2014/94/UE ([1]), u li żewġ Stati Membri naqsu milli jippreżentaw l-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom sas-16 ta' Novembru 2016, kif meħtieġ skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/94/UE;

C. billi d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport se ttejjeb il-kwalità tal-arja u se ssaħħaħ is-sigurtà u l-indipendenza enerġetika tal-Ewropa fil-konfront tal-enerġija u l-fjuwils fossili importati, u għalhekk se teżiġi bidla rapida u sostanzjali fit-tip ta' enerġija, fjuwils u sistemi tal-motopropulsjoni użati, kif ukoll żieda fl-effiċjenza enerġetika, billi jintużaw l-aktar teknoloġiji avvanzati u effiċjenti, filwaqt li ssir it-tranżizzjoni lejn trasport multimodali u sseħħ bidla fl-imġiba tal-mobbiltà;

D. billi t-trasport huwa l-uniku settur ekonomiku ewlieni fl-Unjoni Ewropea fejn l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) żdiedu mill-1990; billi dan huwa responsabbli għal 23 % tal-emissjonijiet tas-$CO_2$, u dan is-sehem għadu qed jikber; billi t-trasport bit-triq jammonta għal kważi 75 % tal-enerġija kollha użata fit-trasport u jikkawża kważi 73 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tas-settur tat-trasport; billi hemm żieda kostanti fit-traffiku marbuta maż-żieda fil-movimenti u l-volumi ta' merkanzija trasportata fl-UE u ż-żieda fil-mobbiltà tan-nies; billi din iż-żieda, kif projettata għall-2030, se jkollha konsegwenzi fuq it-tibdil fil-klima, il-kwalità tal-arja u l-konsum tal-enerġija, u se jkollha wkoll impatt fuq l-infrastruttura; billi d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq permezz tal-użu ta' fjuwils alternattivi sostenibbli se tirrikjedi approċċ flessibbli, li jfisser li jistgħu jkunu meħtieġa fjuwils alternattivi differenti għal segmenti ta' vetturi differenti;

E. billi t-trasport marittimu jammonta għal aktar minn 80 % tal-kummerċ dinji skont il-volum u 3 % tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra, u dan jikkontribwixxu għat-tniġġis tal-arja qrib iż-żoni kostali u l-portijiet; billi, meta wieħed iqis il-kontribut sostanzjali tiegħu għas-suq dinji tat-trasport, l-adozzjoni gradwali ta' fjuwils alternattivi min-naħa tat-trasport marittimu jkollha effett pożittiv sinifikanti fuq l-ambjent;

F. billi, sabiex iż-żieda fit-temperatura globali tinżamm sew taħt iż-2 °C filwaqt li tiġi segwita l-mira ta' 1,5 °C kif iffirmat fil-Ftehim ta' Pariġi, it-trasport bit-triq jeħtieġ li jkun kompletament dekarbonizzat b'emissjonijiet netti żero sa mhux aktar tard mill-2050; billi bidla għal karburanti alternattivi tista' tgħin biex jintlaħaq dan l-għan, għalkemm il-fjuwils konvenzjonali xorta se jkunu meħtieġa għall-ġejjieni prevedibbli sakemm id-domanda tkun tista' tiġi ssodisfata kompletament permezz ta' fjuwils alternattivi;

G. billi l-bdil għal sistemi tal-motopropulsjoni u fjuwils alternattivi sostenibbli, b'kunsiderazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-vetturi, huwa l-aqwa mezz biex tiġi dekarbonizzata l-flotta tal-vetturi eżistenti u futura; billi l-effett globali se jkun saħansitra akbar meta jkun ikkombinat ma' żieda fl-effiċjenza tal-vetturi, l-użu tat-trasport pubbliku u tar-roti, l-iżvilupp ta' mobbiltà kondiviża u titjib fl-effiċjenza globali tas-sistemi tat-trasport permezz tas-sistemi C-ITS u t-teknoloġija tal-awtomatizzazzjoni u tad-diġitalizzazzjoni; billi l-ippjanar urban u spazjali jista' jappoġġa u jikkomplementa l-isforzi teknoloġiċi u jappoġġa l-użu ta' infrastruttura tal-iċċarġjar u ta' riforniment; billi l-promozzjoni ta' fjuwils alternattivi tista' tagħti kontribut importanti għat-titjib tal-kwalità tal-arja fil-bliet;

H. billi l-iżvantaġġi tal-prezz tal-vetturi bi fjuwil alternattiv meta mqabbla mal-vetturi b'magna ta' kombustjoni interna regolari, flimkien man-nuqqas ta' infrastruttura ta' riforniment u ċċarġjar, għadhom wieħed mill-ostakoli ewlenin għad-deċiżjonijiet ta' xiri tal-klijenti; billi, f'dan il-kuntest, il-primjums, l-eżenzjonijiet mit-taxxa u l-inċentivi mhux fiskali tax-xerrejja wrew li jħaffu l-adozzjoni mis-suq u għandhom jirriflettu l-prestazzjoni fir-rigward ta' emissjonijiet ta' inkwinanti u GHG tal-fjuwils alternattivi differenti;

I. billi ċ-ċaqliqa lejn il-fjuwils alternattivi u l-motopropulsjoni tirrappreżenta opportunità, u inċentiv għar-riċerka, għal industrija Ewropea kompetittiva li tafferma mill-ġdid it-tmexxija teknoloġika tagħha; billi din it-tranżizzjoni hija kruċjali għall-kompetittività internazzjonali f'termini ta' għarfien, teknoloġija u sehem tas-suq;

([1]) ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

J. billi wieħed jittama li r-riformulazzjoni tar-Regolament dwar l-standards fir-rigward tal-emissjonijiet tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda tistabbilixxi miri ta' tnaqqis ambizzjużi u tinċentiva vetturi b'emissjonijiet mill-egżost żero u baxxi, filwaqt li jinżamm approċċ teknoloġikament newtrali, biex b'hekk titwitta t-triq għal flotta tal-vetturi Ewropea dekarbonizzata, li se tirrikjedi l-installazzjoni ta' netwerk infrastrutturali adegwat għal fjuwils alternattivi; billi r-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija tikkomplementa d-Direttiva dwar il-fjuwils alternattivi billi tiggarantixxi domanda għall-fornituri u żżid l-użu ta' vetturi nodfa;

K. billi 94 % tas-settur tat-trasport Ewropew jiddependi fuq iż-żejt, li 90 % minnu jkollu jiġi importat, inkluż minn xi pajjiżi politikament instabbli;

L. billi skont id-Direttiva 2014/94/UE, il-fjuwils alternattivi għadhom jinkludu fjuwils ta' oriġini fossili, u b'hekk jikkontradixxu l-għan tad-dekarbonizzazzjoni u l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili; billi għandha tingħata prijorità lil soluzzjonijiet ta' emissjonijiet mill-egżost baxxi u żero tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-vetturi; billi fir-rigward tal-vetturi heavy-duty u fis-settur tat-trasport marittimu, madankollu, l-Gass naturali likwifikat (LNG) u l-gass naturali kompressat (CNG) jistgħu jikkontribwixxu, fuq terminu ta' żmien qasir u medju, għat-titjib tal-kwalità tal-arja, b'mod partikolari madwar il-portijiet u tul il-kosti;

M. billi s-setturi tal-enerġija u tat-trasport għandhom ikunu assoċjati aktar mill-qrib sabiex jingħata lok għal dekarbonizzazzjoni qawwija tal-mobbiltà; billi portaturi tal-enerġija bħall-elettriku u l-idroġenu jippermettu mobbiltà b'emissjonijiet żero filwaqt li jintegraw sorsi ta' enerġija rinnovabbli; billi fid-dawl tat-tranżizzjoni progressiva tas-settur tal-enerġija lejn l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli biss, għandu jiġi pprovdut ħżin għall-enerġija żejda f'perjodi ta' domanda baxxa; billi l-Vetturi Elettriċi bil-Batteriji (BEVs) u l-Vetturi Elettriċi biċ-Ċelluli tal-Fjuwil (FCEVs) jistgħu jikkontribwixxu għal dan il-għan; billi s-sorsi tal-enerġija b'emissjonijiet baxxi se jkunu pass intermedju fit-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero; billi n-newtralità teknoloġika għalhekk għandha tkun il-punt tat-tluq għat-tnedija tal-infrastrutturi tal-karburanti alternattivi;

N. billi ċ-ċelloli tal-jon tal-litju, komponent ewlieni tal-batteriji tal-vetturi elettriċi, huma kważi kollha prodotti barra l-Unjoni Ewropea, prinċipalment fl-Asja;

O. billi l-grilji elettriċi robusti u intelliġenti, l-integrazzjoni aħjar tal-grilji tal-enerġija u tal-gass permezz ta' gass bl-elettriku, l-aċċess għall-grilja għall-fornituri tas-servizz tal-iċċarġjar u l-punti privati tal-iċċarġjar u t-tnedija ta' Pompi għar-Riforniment tal-Idroġenu huma essenzjali għall-elettromobbiltà; billi l-iċċarġjar intelliġenti u kkontrollat tal-BEVs u tal-FCEVs jista' jgħin għall-bilanċ tal-grilji, iżda għad hemm nuqqas ta' oqfsa regolatorji, tat-taxxa u tekniċi;

P. billi n-netwerks TEN-T jikkostitwixxu n-netwerks ewlenin tat-trasport fl-Unjoni Ewropea; billi l-fokus fuq l-installazzjoni ta' infrastrutturi għall-fjuwils alternattivi u s-segwitu tal-għan stabbilit fil-komunikazzjoni biex tiġi pprovduta kopertura sħiħa tal-kurituri tan-netwerk ewlieni tan-Netwerk trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T) b'punti tal-iċċarġjar sal-2025 għandu jkun prijorità ewlenija; billi din il-mira għandha tiġi kkomplementata ulterjorment bl-installazzjoni ta' infrastrutturi għall-fjuwils alternattivi kemm fuq in-netwerk komprensiv tat-TEN-T kif ukoll f'żoni urbani, rurali u b'popolazzjoni baxxa, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet strutturali u ekonomiċi, sabiex tinkiseb kopertura bbilanċjata;

1. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija qabel dwar l-installazzjoni ta' infrastrutturi għall-fjuwils alternattivi; jenfasizza li hemm bżonn ta' aktar koordinazzjoni u kooperazzjoni fil-livell tal-UE għad-dekarbonizzat tas-settur tat-trasport sal-2050 u jissottolinja l-opportunitajiet għall-industrija, it-teknoloġija u l-impjiegi ppreżentati mill-użu tal-fjuwils alternattivi u l-infrastruttura korrispondenti;

***Inżidu l-isforzi***

2. Jitlob, madankollu, lill-Kummissjoni tippreżenta reviżjoni tad-Direttiva 2014/94/UE, filwaqt li żżomm id-definizzjoni attwali ta' fjuwils alternattivi kif elenkati fl-Artikolu 2, u tiffoka fuq l-implimentazzjoni xierqa tagħha, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li s'issa 8 biss minn 25 Stat Membru implimentawha b'mod sħiħ, sabiex jingħalqu l-lakuni fl-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi fl-Unjoni Ewropea kollha; jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied l-użu tal-fjuwils alternattivi u jinħoloq ambjent stabbli għall-investiment;

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

3. Jinnota li l-evalwazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni tal-Pjanijiet ta' Qafas Nazzjonali tiżvela livelli differenti ta' sforz, ambizzjoni u finanzjament disponibbli fost l-Istati Membri u li l-użu tal-fjuwils alternattivi la huwa komprensiv u lanqas ma huwa distribwit b'mod ekwu; jitlob għalhekk lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-livelli ta' ambizzjoni u l-proġetti tal-Pjanijiet ta' Qafas Nazzjonali, tissuġġerixxi miżuri addizzjonali fejn meħtieġ u tappoġġa lill-Istati Membri b'eżempji tal-aħjar prattika; jistieden lill-Kummissjoni tissostitwixxi s-sistema tal-Pjanijiet ta' Qafas Nazzjonali bi strumenti iktar effiċjenti, inklużi miri konkreti, vinkolanti u infurzabbli, biex jiġu fformulati kriterji ta' sostenibbiltà; jissuġġerixxi li l-Kummissjoni tqis l-adozzjoni proġettata u mwettqa tal-vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv u l-progress teknoloġiku tagħhom, tippermetti lill-Istati Membri li jkollhom flessibbiltà biex jiddeterminaw kif jistgħu jilħqu l-miri, u taħdem favur l-għan ta' netwerk infrastrutturali trans-Ewropew għall-fjuwils alternattivi kollha li jkun aċċessibbli, kompatibbli u interoperabbli;

4. Jitlob li ż-żieda pproġettata fil-vjaġġi u fil-volumi trasportati sal-2030 tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi kkalkulata l-iskala u tiġi mgħammra b'mod xieraq l-infrastruttura l-ġdida; jenfasizza l-importanza tal-avvanzi teknoloġiċi li diġà għaddejjin jew li huma ppjanati fl-oqsma tal-ħżin tal-enerġija, tal-idroġenu u tal-batteriji, u jenfasizza l-ħtieġa li dawn l-avvanzi jitqiesu fl-għażliet strateġiċi li għandhom isiru; jinnota li l-infrastruttura l-ġdida trid tkun adattabbli għall-bidliet, kemm f'termini ta' volumi kif ukoll f'termini ta' teknoloġiji; jenfasizza, pereżempju, li żieda enormi fl-għadd ta' vetturi elettriċi flimkien ma' żieda fl-awtonomija ta' dawk il-vetturi għal 400 km se jkollhom impatt fuq id-densità tal-użu tan-netwerk tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar, kif ukoll fuq it-tip ta' ċċarġjar meħtieġ;

5. Jissuġġerixxi evalwazzjoni annwali tal-istatus ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri u t-twessigħ tal-ambitu tad-Direttiva sabiex jinbidel minn użu fin-netwerk ewlieni tat-TEN-T ħalli jiġu koperti wkoll in-netwerk komprensiv tat-TEN-T, in-nodi urbani u reġjonali, u ż-żoni li jilħqu l-livell "għoli" tal-Indiċi tal-Kwalità tal-Arja Ewropew (EAQI) għal aktar minn 35 jum f'sena u b'densità tal-popolazzjoni li tkun sitt darbiet ogħla mid-densità medja tal-UE, sabiex tinkiseb kopertura ġeografikament wiesgħa, u biex tiġi inkluża wkoll l-infrastruttura għall-flotot pubbliċi; jitlob lill-Kummissjoni testendi l-ambitu tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) f'dan ir-rigward u żżid il-finanzjament tagħha;

6. Jappoġġa t-toroq elettrifikati li jippermettu li l-vetturi elettriċi jiċċarġjaw waqt li jinstaqu; jitlob li dawn jiġi żviluppati aktar, tal-inqas tul it-toroq tan-netwerks Ċentrali u Komprensivi TEN-T; jemmen li t-toroq elettrifikati jistgħu jkunu soluzzjoni li tagħmel possibbli t-tiċkin tal-batteriji, u b'konsegwenza, it-traħħis fil-prezz tal-vetturi ġodda;

7. Jitlob lill-Kummissjoni toħloq kundizzjonijiet ekwi bejn il-fjuwils alternattivi differenti, biex tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika, speċjalment fil-promozzjoni tal-infrastruttura għad-distriubuzzjoni, u allura tagħmel l-infrastruttura tal-idroġenu obbligatorja b'rekwiżiti tal-użu ugwali għal dawk għas-CNG, iżda filwaqt li taġġusta dawn ir-rekwiżiti tal-użu;

8. Jissottolinja l-importanza tal-ippjanar urban sostenibbli, it-tranżizzjoni mill-użu privat għall-użu kondiviż u pubbliku tat-trasport u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex b'mod partikolari jiffukaw fuq l-installazzjoni tal-infrastrutturi għall-fjuwils alternattivi għal servizzi tat-trasport kollettivi u pubbliċi, bħall-karozzi tal-linja, it-trammijiet, il-ferroviji, il-karozzi kondiviżi, it-taxis u l-minivans, kif ukoll għar-roti, l-iskuters u l-muturi; jinkoraġġixxi l-installazzjoni ta' infrastruttura għall-fjuwils alternattivi f'żoni urbani u suburbani, filwaqt li tingħata prijorità lil dawk fejn il-kwalità tal-arja hija baxxa;

9. Jinkoraġġixxi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali li qed jipparteċipaw fil-Patt Globali tas-Sindki għall-Klima u l-Enerġija biex jirsistu favur l-inklużjoni ta' miżuri konkreti fil-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Enerġija Sostenibbli (SEAPs) tagħhom, b'mod partikolari għall-bini jew l-ikkompletar tal-infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi;

10. Jitlob lill-Kummissjoni tikkomplementa l-għanijiet relatati mal-klima tad-Direttiva 2014/94/UE b'miżuri addizzjonali għal arja nadifa wara l-kontroll tal-idoneità tad-Direttivi tal-UE 2004/107/KE ([1]) u 2008/50/KE dwar il-Kwalità tal-Arja Ambjentali ([2]);

11. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza ta' akkwist pubbliku sostenibbli ta' vetturi li jaħdmu b'enerġija alternattiva bħala mutur tad-domanda għall-fjuwils alternattivi u l-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi;

---

([1]) ĠU L 23, 26.1.2005, p. 3.
([2]) ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

12. Iħeġġeġ li l-ajruporti jiġu pprovduti bi provvista ta' elettriku nadifa (għall-użu f'ajruplani wieqfa kif ukoll għal tagħmir mobbli fl-ajruporti) sabiex jitnaqqas il-konsum tal-pitrolju, tittejjeb il-kwalità tal-arja, u jitnaqqsu l-impatt tat-tibdil fil-klima u t-tniġġis akustiku;

***Fond għal Mobbiltà Nadifa: il-finanzjament ta' infrastrutturi għall-fjuwils alternattivi***

13. Jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni biex tipprovdi EUR 800 miljun addizzjonali bħala finanzjament ta' bidu li jappoġġa l-installazzjoni tal-infrastrutturi għall-fjuwils alternattivi; jiddubita, madankollu, li l-ingranaġġ se jkun suffiċjenti minħabba l-ħtieġa prevista ta' EUR 5,2 biljun sal-2020 u bejn EUR 16-il-biljun u EUR 22 biljun addizzjonali ta' investiment globali sal-2025 [1]; iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid il-finanzjament inizjali, biex issostni mhux biss l-installazzjoni iżda wkoll l-operat ta' tali infrastrutturi matul il-fażi ta' adozzjoni mis-suq li ma trendix profitt, u tiffoka fuq il-ħtiġijiet tal-operaturi tat-trasport pubbliku, inkluż fir-rigward tas-sostenn tal-infrastruttura bħal sessjonijiet ta' ħidma dwar il-manutenzjoni; jenfasizza li hemm bżonn ta' investiment addizzjonali pubbliku u speċjalment privat;

14. Jissuġġerixxi li l-investiment neċessarju stmat ta' EUR 25 biljun sal-2025 jista' jiġi kofinanzjat, billi l-Unjoni Ewropea tikkontribwixxi madwar 10 % filwaqt li madwar 90 % jiġu mill-industrija, b'mod partikolari l-manifatturi, il-fornituri, il-produtturi tal-enerġija u tal-fjuwil u partijiet interessati oħra; jenfasizza li l-proġetti infrastrutturali għall-fjuwils alternattivi għandu jkollhom aċċess għal għotjiet u self ipprovduti mill-FNE, mill-Il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u mill-EC IPE (Pjan ta' Investiment għall-Ewropa), filwaqt li dejjem jiġi żgurat li ma jkunx hemm distorsjoni tas-suq; jitlob li r-riżorsi finanzjarji mill-fond għandhom jingħataw skont il-kriterji ta' sostenibbiltà, fattibbiltà, newtralità teknoloġika, miri klimatiċi, valur miżjud Ewropew, l-ilħuq tal-għanijiet ta' użu u l-politika ta' koeżjoni; jitlob li l-INEA, li diġà tissorvelja l-FNE, issir l-aġenzija responsabbli;

15. Iqis li l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej 2 (FSIE 2), kif ukoll il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond ta' Koeżjoni (FK), Invest EU u Orizzont Ewropa, huma strumenti xierqa biex jappoġġaw l-installazzjoni ta' infrastrutturi għall-fjuwils alternattivi u l-investiment kontinwu fir-riċerka u l-innovazzjoni sabiex jinkiseb livell aħjar ta' akkoppjament tas-settur, bħat-trasport u l-enerġija;

16. Jitlob lill-Kummissjoni tirrieżamina d-Direttiva 1999/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2] dwar l-informazzjoni għall-konsumatur dwar il-karozzi; huwa tal-fehma li tali rieżami għandu jimmira li jtejjeb b'mod sostanzjali l-informazzjoni li jirċievu l-konsumaturi dwar il-konsum tal-fjuwil, l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u l-emissjonijiet ta' inkwinanti, u li jagħmilha possibbli li jitqabblu l-effiċjenza u l-emissjonijiet tat-teknoloġiji tal-fjuwil tradizzjonali u dawk alternattivi għat-trasport f'kundizzjonijiet reali;

17. Jitlob lill-Kummissjoni tfassal regolament dwar id-disponibbiltà f'infrastrutturi għall-fjuwils alternattivi aċċessibbli pubblikament, tal-inqas fin-netwerk tat-TEN-T;

18. Jinnota li t-tassazzjoni għandha impatt ewlieni fuq il-kompetittività tal-prezzijiet tal-fjuwils alternattivi. jitlob għalhekk lill-Istati Membri jeżaminaw mill-ġdid l-oqfsa ta' tassazzjoni tal-enerġija tagħhom sabiex jiffaċilitaw u jinċentivaw l-użu ta' fjuwils alternattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u mingħajr emissjonijiet ta' karbonju u jneħħu d-disparitajiet attwali bejn il-modi ta' trasport differenti, pereżempju fuq l-elettriku użat għall-provvista tal-elettriku max-xatt għall-vapuri u l-enerġija użata għall-ġenerazzjoni ta' fjuwils alternattivi, inkluż il-gass bl-elettriku bħala ħżin għal enerġiji rinnovabbli intermittenti;

19. Jitlob lill-Kummissjoni tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu u tat-tbaħħir b'enfasi ċara fuq l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni u l-adattament tal-portijiet u l-vapuri; jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lir-reġjuni tagħhom, jistabbilixxu "Proġett ta' kurituri blu għal-LNG għall-gżejjer" komuni, b'mod partikolari għar-reġjuni ultraperiferiċi; jenfasizza li l-provvista tal-enerġija max-xatt, kemm fil-portijiet interni kif ukoll f'dawk marittimi, tista' tikkontribwixxi b'mod sostanzjali għat-tnaqqis tal-istorbju, tas-$CO_2$ u ta' emissjonijiet inkwinanti oħrajn filwaqt li ttejjeb il-kwalità tal-arja;

(1) COM(2017)0652.
(2) ĠU L 12, 18.1.2000, p. 16.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

***Fjuwils alternattivi – politika industrijali alternattiva***

20. Jiddispjaċih li l-progress fir-rigward tal-installazzjoni ta' infrastrutturi għall-fjuwils alternattivi u d-disponibbiltà ta' vetturi li jaħdmu b'enerġija alternattiva għadu kajman wisq, fejn fl-2017 kienu jeżistu biss 19-il mudell ta' Vetturi Elettriċi bil-Batteriji u 25 mudell ta' Vetturi Elettriċi Ibridi Rikarikabbli apparagun ta' 417-il mudell ta' vetturi b'magni bil-kombustjoni interna (ICEs), u jappella lill-manifatturi biex iżidu l-isforzi f'dan ir-rigward; jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' politiki li jinċentivizzaw l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet mill-egżost żero u baxxi u li jistimulaw l-offerta ta' vetturi ħfief u heavy-duty li jaħdmu bi fjuwils alternattivi, bħal standards ambizzjużi ta' emissjonijiet fl-2025 u l-2030 għall-vetturi ħfief u heavy-duty ġodda, inklużi inċentivi qawwija għal vetturi b'emissjonijiet mill-egżost żero u baxxi; jirrikonoxxi fl-istess ħin il-ħtieġa ta' investiment pubbliku u privat ikbar;

21. Jenfasizza l-konnessjoni bejn id-disponibbiltà ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi, l-installazzjoni tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi u d-domanda tal-konsumaturi għal dawn it-teknoloġiji; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li t-tranżizzjoni lejn motopropulsjoni u fjuwils alternattivi tista' tgħin biex l-industrija tkun globalment kompetittiva u jinżammu impjiegi ta' kwalità għolja fl-Ewropa, filwaqt li tagħmel tajjeb għall-opportunitajiet mitlufa fid-dekarbonizzazzjoni tal-industrija tal-karozzi u għan-nuqqas ta' investiment fit-trasport sostenibbli; jenfasizza li ż-żieda fl-użu tal-vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi se tnaqqas il-kostijiet tal-produzzjoni u taċċellera t-tnaqqis tal-kost totali tas-sjieda;

22. Ifakkar fl-importanza ta' suq intern li jiffunzjona li jiżgura l-aċċessibbiltà faċli għall-pompi għar-rifornimenti tal-fjuwil, l-interoperabbiltà tas-servizzi ta' pagament u l-istandards tekniċi, l-ipprezzar trasparenti tal-fjuwil u l-interoperabbiltà bejn is-servers u l-formati tad-data; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza ta' informazzjoni tempestiva, li tinftiehem faċilment, preċiża, aċċessibbli u trasparenti lill-konsumaturi u l-aċċessibbiltà ta' din l-informazzjoni permezz ta' pjattaforma tad-data miftuħa; jitlob li jiġu installati pompi tal-fjuwil li jiddistribwixxu diversi tipi ta' enerġiji sabiex jiġi evitat il-ħolqien ta' diversi netwerks differenti ta' distribuzzjoni għal kull tip ta' provvista tal-enerġija;

23. Jinnota li l-biċċa l-kbira tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi se jseħħ fid-dar jew ix-xogħol, flimkien ma' ċċarġjar f'postijiet pubbliċi u semipubbliċi bħal supermarkets, stazzjonijiet tal-ferrovija jew ajruporti; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li hemm bżonn ta' enfasi akbar fuq soluzzjonijiet intelliġenti tal-iċċarġjar, l-istabbiltà tal-grilja trid tiġi żgurata u jrid jingħata lok għall-awtokonsum; jenfasizza li għall-elettromobbiltà fuq distanzi twal hemm bżonn ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar veloċi u ultraveloċi tul l-awtostradi, is-sistemi tat-toroq ewlenin u n-nodi tan-netwerk; jenfasizza li l-aċċess miftuħ għall-punti tal-iċċarġjar, l-interoperabbiltà tat-teknoloġija u l-pagamenti u l-għażla ħielsa tal-enerġija, inkluża l-enerġija rinnovabbli, u l-fornituri huma fatturi ewlenin għal sistema li tiffunzjona;

24. Jilqa' l-inizjattiva tal-Kummissjoni għal Alleanza Ewropea tal-Batteriji u jappoġġa bil-qawwa l-istabbiliment ta' produzzjoni Ewropea taċ-ċelloli tal-batteriji li tiffoka fuq it-teknoloġija tal-ġenerazzjoni li jmiss; jitlob lill-Kummissjoni testendi l-inizjattiva għal sistemi tal-motopropulsjoni oħra bħaċ-ċelloli tal-fjuwil sabiex tinżamm it-tmexxija Ewropea fit-teknoloġija;

25. Jitlob lill-Kummissjoni tivvaluta l-fattibbiltà ta' valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja għas-soluzzjonijiet kollha ta' fjuwils alternattivi, batteriji u motopropulsjoni sabiex is-settur tat-trasport jiġi dekarbonizzat b'mod sostenibbli u tevalwa l-emissjonijiet u l-impatt tagħhom fuq id-domanda għall-enerġija u għall-ilma, l-użu tal-art, l-ambjent u l-komunitajiet;

o

o o

26. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0439

## L-isfruttar tal-globalizzazzjoni: aspetti kummerċjali

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar l-isfruttar tal-globalizzazzjoni: aspetti kummerċjali (2018/2005(INI))**

(2020/C 345/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra d-dokument ta' riflessjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Mejju 2017 bit-titolu "L-isfruttar tal-globalizzazzjoni" (COM(2017)0240),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Settembru 2017 bit-titolu "Politika ta' kummerċ li hija bbilanċjata u progressiva biex nisfruttaw il-globalizzazzjoni" (COM(2017)0492),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-13 ta' Settembru 2017 dwar Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni Ewropea (COM(2017)0487),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2015 bit-titolu "Kummerċ għal kulħadd – Lejn politika aktar responsabbli għall-kummerċ u l-investiment" (COM(2015)0497),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2018 bit-titolu "Rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Politika Kummerċjali Komuni" ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2016 dwar strateġija futura ġdida progressiva u innovattiva dwar il-kummerċ u l-investiment ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2017 bit-titolu "Lejn strateġija għall-kummerċ diġitali" ([3]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-13 ta' Settembru 2017 dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-politika kummerċjali għal kulħadd – it-twettiq ta' politika kummerċjali li tisfrutta b'mod għaqli l-globalizzazzjoni (COM(2017)0491),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tad-9 ta' Novembru 2017 dwar l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles, mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016 (COM(2017)0654),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-NU fil-25 ta' Settembru 2015, bit-titolu "Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development" (Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 26/9 tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tas-26 ta' Ġunju 2014, u b'mod partikolari d-deċiżjoni li jiġi stabbilit grupp ta' ħidma intergovernattiv b'kompożizzjoni miftuħa dwar il-korporazzjonijiet transnazzjonali u intrapriżi kummerċjali oħra fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, li l-mandat tiegħu jkun it-tfassil ta' strument internazzjonali legalment vinkolanti li jirregola, fid-dritt internazzjonali fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, l-attivitajiet tal-korporazzjonijiet transnazzjonali u ta' intrapriżi kummerċjali oħra,

— wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tan-NU dwar il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-ftehimiet kummerċjali u investiment fuq id-drittijiet tal-bniedem,

([1]) Testi adottati, P8_TA(2018)0230.
([2]) ĠU C 101, 16.3.2018, p. 30.
([3]) ĠU C 369, 11.10.2018, p. 22.

— wara li kkunsidra d-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni mill-President tal-Kummissjoni, Jean-Claude Juncker, tat-13 ta' Settembru 2017,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2017 dwar l-impatt tal-kummerċ internazzjonali u l-politiki kummerċjali tal-UE fuq il-ktajjen ta' valur mondjali ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/2321 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([2]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tas-16 ta' Marzu 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni għall-awtoċertifikazzjoni tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista ta' importaturi responsabbli ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw f'żoni affettwati minn kunflitti u f'żoni ta' riskju għoli ([3]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari tal-4 ta' Ottubru 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istandards soċjali u ambjentali fil-ftehimiet ta' kummerċ internazzjonali ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar il-Politika dwar il-kummerċ internazzjonali fil-kuntest tal-imperattivi marbuta mat-tibdil fil-klima ([6]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),

— wara li kkunsidra d-dokument informali tas-servizzi tal-Kummissjoni tas-26 ta' Frar 2018 bit-titolu "Feedback and way forward on improving the implementation and enforcement of Trade and Sustainable Development chapters in EU Free Trade Agreements" (Reazzjonijiet u t-triq 'il quddiem dwar it-titjib tal-implimentazzjoni u l-infurzar tal-kapitoli dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli fil-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles tal-UE),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-14 ta' Lulju 2015 bit-titolu "L-Implimentazzjoni tal-Prinċipji Gwida tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem – Is-Sitwazzjoni Attwali" (SWD(2015)0144),

— wara li kkunsidra l-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għall-Imġiba Responsabbli fin-Negozju ppubblikata fil-31 ta' Mejju 2018,

— wara li kkunsidra l-Alleanza għal Kummerċ Liberu mit-Torturi varata waqt l-Assemblea Ġenerali tan-NU fit-18 ta' Settembru 2017,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-10 ta' April 2017 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) dwar it-titjib tal-aċċess għal rimedju fil-qasam tan-negozju u tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell tal-UE (1/2017),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tagħha li jipprojbixxi l-iskjavitù u s-servitù,

([1]) ĠU C 337, 20.9.2018, p. 33.
([2]) ĠU L 338, 19.12.2017, p. 1.
([3]) ĠU C 263, 25.07.2018, p. 371.
([4]) ĠU C 215, 19.6.2018, p. 261.
([5]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 31.
([6]) ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 94.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

— wara li kkunsidra d-dokument ta' politika tal-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Bank Dinji u d-WTO ppubblikat fl-10 ta' April 2017 bit-titolu "Making trade an engine of growth for all: the case for trade and for policies to facilitate adjustment" (Nagħmlu l-kummerċ mutur ta' tkabbir għal kulħadd: il-każ tal-kummerċ u tal-politiki biex jiġi ffaċilitat l-aġġustament),

— wara li kkunsidra d-dokument tal-OECD dwar kwistjonijiet ewlenin ta' Ġunju 2017 bit-titolu: "Making globalisation work: better lives for all" (Inħaddmu l-globalizzazzjoni: għajxien aħjar għal kulħadd) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u Prevenzjoni tal-Importazzjoni, tal-Esportazzjoni u tat-Trasferiment Illegali tas-Sjieda tal-Proprjetà Kulturali, u l-Konvenzjoni tal-UNIDROIT tal-1995 dwar Beni Kulturali Misruqa jew Esportati Illegalment;

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna bit-titolu "Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali" (JOIN(2016)0029),

— wara li kkunsidra r-Regolament Ġenerali tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data, li ilu fis-seħħ mill-25 ta' April 2018 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea tal-2010,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 167, 207, 208 u 218 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp, tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0319/2018),

A. billi l-globalizzazzjoni hija proċess perpetwu li ħoloq sett ġdid ta' sfidi politiċi, ekonomiċi u soċjali għall-futur minħabba avvanz teknoloġiku rapidu, u billi prattikament se jinbidel kull settur; billi l-qafas regolatorju u leġiżlattiv għadu lura meta mqabbel ma' dawn l-iżviluppi, b'tali mod li qed ipoġġi kisbiet soċjali sinifikanti fil-periklu;

B. billi l-inugwaljanza fid-dħul baqgħet f'livelli għolja storiċi, iżda billi s-sehem tal-popolazzjoni dinjija li tgħix fil-faqar estrem naqas minn 44 % fl-1980 għal 10 % fl-2015; billi l-Parlament jaqbel mal-Kummissjoni li l-globalizzazzjoni toħloq sfidi wkoll minħabba li l-benefiċċji tagħha huma mifruxa b'mod inugwali fost il-popli u r-reġjuni, u billi sakemm ma jittiħdux passi attivi, hemm ir-riskju li l-globalizzazzjoni tiggrava l-effett tal-avvanzi teknoloġiċi u tal-kriżi ekonomika reċenti u tikkontribwixxi għal aktar twessigħ tal-inugwaljanzi u l-polarizzazzjoni soċjali;

C. billi l-globalizzazzjoni u l-ftuħ tal-kummerċ globali kellhom effetti pożittivi, ħargu miljuni ta' persuni mill-faqar u bħala tali jistgħu jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku, il-prosperità u l-kompetittività tal-pajjiżi; billi l-globalizzazzjoni toħloq ukoll sfidi u l-benefiċċji tagħha huma mifruxa b'mod inugwali fost il-popli u r-reġjuni; billi l-globalizzazzjoni ma għandhiex tkun għad-detriment tal-ambjent; billi ċ-ċittadini tal-UE qed jitolbu dejjem aktar li l-politika dwar il-kummerċ tal-Unjoni tiżgura li l-oġġetti li jidħlu fis-suq tal-UE jkunu ġew prodotti f'kundizzjonijiet deċenti u sostenibbli u li, fil-kuntest globali li qed jinbidel, l-UE tippromwovi aġenda tal-kummerċ ibbażata fuq il-valuri;

D. billi "l-kummerċ miftuħ u ġust" u l-politiki ta' investiment ibbażati fuq il-valuri jeħtieġu firxa ta' politiki ta' sostenn effikaċi sabiex jiġi mmassimizzat il-qligħ u mminimizzat it-telf tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ għall-UE u għall-popolazzjonijiet u l-ekonomiji tal-pajjiżi terzi; billi l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU (SDGs), maħsuba biex itemmu l-faqar u jġibu l-progress soċjali u ambjentali, għandha ssir il-punt ta' riferiment għas-suċċess tal-politika kummerċjali tal-Unjoni;

(1) OECD, C/MIN(2017)2.
(2) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

E. billi l-protezzjoniżmu huwa tweġiba simplistika u dgħajfa għall-isfidi li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni; billi politiki protezzjonisti li mhumiex implimentati skont ir-regoli tad-WTO se jkollhom effett domino fuq kulħadd, u jagħmlu ħsara lill-importaturi, lill-esportaturi u lill-konsumaturi; billi relazzjonijiet kummerċjali ġusti u etiċi għandhom isiru n-norma fir-relazzjonijiet ekonomiċi internazzjonali;

F. billi t-tibdil fil-klima kkawżat mill-attività tal-bniedem qed iwassal għal aċċelerazzjoni lil hinn mill-agħar tbassir tal-IPCC dwar il-kollass tal-bijodiversità u t-theddida fuq it-terminu medju għas-sopravvivenza tal-ekosistemi – speċjalment l-ekosistemi tal-baħar – mit-tniġġis, b’mod partikolari b’rabta mal-isfruttament tal-idrokarburi;

G. billi l-UE għandha d-dritt tadotta politiki dwar il-kummerċ fis-servizzi kulturali u awdjoviżivi bil-għan li tipproteġi u tippromwovi d-diversità tal-espressjonijiet kulturali kif ukoll il-wirt kulturali, u tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-Għan ta’ Żvilupp Sostenibbli Nru 4 dwar edukazzjoni ta’ kwalità; billi dawn id-dispożizzjonijiet l-oħra jinkludu l-politika kummerċjali komuni, kif definita fl-Artikolu 207 tat-TFUE;

H. billi l-Artikolu 3(3) tat-TUE jiddikjara li l-UE għandha tirrispetta r-rikkezza tad-diversità kulturali u lingwistika tagħha, u tiżgura li jitħares u jiġi żviluppat il-wirt kulturali Ewropew;

I. billi l-Ewropa għandha varjetà għanja ta’ tradizzjonijiet u industriji kulturali u kreattivi b’saħħithom, intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju u sistemi differenti ta’ korpi tal-midja pubbliċi u ta’ finanzjament pubbliku tal-films, u billi l-promozzjoni tad-diversità kulturali, l-aċċess għall-kultura u d-djalogu demokratiku jridu jibqgħu prinċipji ta’ gwida, bi qbil mal-approċċ kummerċjali internazzjonali tal-UE;

J. billi l-industriji kulturali u kreattivi jikkontribwixxu għall-ħolqien ta’ impjiegi deċenti u għall-prosperità ekonomika, u jammontaw għal madwar 2,6 % tal-PDG tal-UE, filwaqt li qed jesperjenzaw rata ta’ tkabbir ogħla mill-bqija tal-ekonomija, u jirrappreżentaw wieħed mill-iktar setturi reżiljenti matul il-kriżi finanzjarja; billi l-iżvilupp tal-kummerċ fil-prodotti u s-servizzi tal-industrija kulturali u kreattiva se jikkostitwixxi mutur importanti tat-tkabbir ekonomiku sostenibbli u tal-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa;

K. billi r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jistabbilixxi standards għoljin ta’ pproċessar tad-data personali li jirrikjedu ċertu livell ta’ responsabbiltà min-naħa tal-pjattaformi u s-servizzi ta’ streaming fir-regolamentazzjoni tal-kummerċ internazzjonali;

L. billi l-isfruttar tal-potenzjal tal-globalizzazzjoni fl-aspetti kummerċjali li jikkonċernaw il-prodotti kulturali jimplika konformità stretta mal-konvenzjonijiet internazzjonali kollha dwar il-protezzjoni tal-wirt kulturali, b’mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1954, tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 u tal-Konvenzjoni tal-UNIDROIT tal-1995;

M. billi d-djalogu interkulturali jrawwem ir-rispett u l-fehim reċiproku, u jinkoraġġixxi skambji soċjali u ekonomiċi iktar ġusti, inkluż il-kummerċ, filwaqt li jgħin kemm biex jiġu żviluppati prattiki li jippromwovu l-interessi tal-partijiet kollha b’mod iktar ibbilanċjat u rispettuż kif ukoll biex jiġu miġġielda l-prattiki inġusti bħalma huma l-klawżoli abbużivi u l-kondizzjonalitajiet imposti b’mod unilaterali;

***L-isfruttar tal-globalizzazzjoni***

1. Jilqa’ d-dokument ta’ riflessjoni tal-Kummissjoni dwar l-isfruttar tal-globalizzazzjoni, kif ukoll l-enfasi li jixħet fuq l-iffaċilitar tal-aċċess għall-effetti pożittivi tal-globalizzazzjoni, filwaqt li jirrimarka l-bżonn li naħdmu kontra l-effetti negattivi;

2. Jenfasizza li l-kummerċ internazzjonali mhux biss għandu rwol deċiżiv fl-iżvilupp ekonomiku u fil-kooperazzjoni ekonomika bejn il-pajjiżi fl-ekonomija globalizzata, iżda għandu wkoll influwenza fundamentali fuq il-paċi, it-tkabbir sostenibbli soċjalment u ekoloġikament, l-impjiegi, il-qerda tal-faqar u l-insigurtà tal-ikel, id-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; jirrikonoxxi, għalhekk, ir-responsabbiltà dejjem akbar tal-UE li tikkontribwixxi fit-tweġiba għal dawn l-isfidi fir-relazzjonijiet esterni u fil-qasam tal-kummerċ globali tagħha;

3. Jirrimarka l-ħtieġa li b’mod effikaċi jiġu msaħħa l-kontrolli fuq il-kummerċ ta’ oġġetti b’użu doppju, u konsegwentement, jappella għall-implimentazzjoni tal-obbligi tal-Unjoni skont it-Trattat Internazzjonali dwar il-Kummerċ tal-Armi;

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

***Rendikont***

4. Jinnota li permezz tal-globalizzazzjoni, il-pajjiżi u l-ekonomiji qed isiru dejjem aktar interkonnessi; jinnota li dan wassal biex tfaċċaw ktajjen ta' valur internazzjonali u jirrimarka l-fatt li dawn il-ktajjen ta' valur jirristrutturaw it-tqassim internazzjonali tax-xogħol kif ukoll l-interdipendenza tal-pajjiżi; ifakkar li n-natura estremament kumplessa tagħhom, in-nuqqas ta' trasparenza u d-dilwizzjoni tar-responsabbiltajiet jistgħu jwasslu għal riskju akbar ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, l-impunità fattwali għal reati kontra l-ambjent u l-evitar tat-taxxa u l-frodi fiskali fuq skala kbira; itenni l-benefiċċji ta' politika kummerċjali tal-UE bbażata fuq regoli u valuri komuni, inkluż dwar kwistjonijiet bħad-drittijiet tal-bniedem, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni ambjentali;

5. Jinnota li l-benefiċċji tal-globalizzazzjoni mhumiex distribwiti b'mod ugwali bejn ir-reġjuni u fi ħdan is-soċjetajiet, fejn xi reġjuni u setturi japprofittaw ħafna, filwaqt li oħrajn qed ibatu minn bidliet strutturali u minn qgħad li qed jiżdied; jinnota li dan, flimkien mal-bidliet fit-teknoloġija bħalma huma l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, huwa raġuni għax-xettiċiżmu lejn il-globalizzazzjoni jew għar-rifjut tagħha li qed jiżdiedu f'partijiet tas-soċjetà; jinnota li l-kriżijiet finanzjarji u ekonomiċi affettwaw id-distribuzzjoni tad-dħul u aggravaw il-problema tal-faqar; jieħu nota li fl-2014 il-koeffiċjent Gini medju tad-dħul disponibbli tal-familji laħaq l-ogħla valur irreġistrat f'dawn l-aħħar 30 sena iżda wera xejra partikolarment negattiva fid-dħul modest u medju; josserva li l-klassi medja ċkienet f'ħafna Stati Membri tal-UE, filwaqt li s-sehem tagħha tad-dħul globali naqas bl-istess mod; jesprimi l-fehma li t-tlaqqigħ ta' klassi medja li qed tmajna, tal-biżgħat taċ-ċittadini fuq it-telf tal-pożizzjoni soċjali u ekonomika tagħhom u tax-xettiċiżmu fil-konfront tal-globalizzazzjoni jista' jwassal għall-protezzjoniżmu, li hija risposta simplistika għall-biżgħat komuni; jinnota li f'dan il-kuntest, la l-politiki protezzjonisti nazzjonalistiċi u lanqas il-politiki ta' żamma tal-istatus quo mhuma tweġiba adegwata;

6. Jirrimarka li l-perspettiva ta' futur domestiku sostenibbli u li jimxi 'l quddiem tappoġġa t-tnaqqis u tiffaċilita l-ġestjoni tal-flussi tal-migrazzjoni illegali lejn l-Ewropa;

7. Jinnota li fejn l-ekonomija tfalli, id-demokrazija tbati wkoll; josserva li d-demokrazija issa tinsab sejra lura kważi kullimkien; jissottolinja li ċ-ċittadini għandhom aktar setgħa minn qatt qabel iżda ħafna jħossu li d-demokrazija m'għadhiex taqdi tajjeb l-interessi tagħhom; jirrimarka li din ix-xejra twassal biex l-istati awtokratiċi u mhux demokratiċi jirnexxilhom idawru s-soċjetajiet tagħna f'arma u jikkapitalizzaw mir-reazzjoni negattiva popolari kontra l-globalizzazzjoni;

8. Jinnota li l-importanza ekonomika taċ-Ċina u ta' pajjiżi oħra tax-Xlokk tal-Asja qed tikber b'mod sinifikanti; jenfasizza ż-żieda fil-flussi kummerċjali u ta' investiment fi ħdan dan ir-reġjun; jirrimarka li din ix-xejra se tippersisti matul is-snin li ġejjin; jinnota li dan se jwassal għal telf relattiv tal-importanza għaċ-ċentri ekonomiċi globali attwali tal-Ewropa u tal-Amerka ta' Fuq, kif ukoll għal sfidi ġodda fir-rigward tal-preservazzjoni ta' politika kummerċjali internazzjonali bbażata fuq il-valuri; jenfasizza l-importanza li nadattaw għal dawn l-isfidi ekonomiċi ġodda; itenni, għalhekk, il-ħtieġa li jkomplu jissaħħu r-regoli u s-sistema multilaterali bbażata fuq il-valuri; jenfasizza li dawn l-iżviluppi x'aktarx jikkompromettu l-interessi strateġiċi Ewropej;

9. Jinnota li l-globalizzazzjoni wasslet għat-tifrix aktar mgħaġġel u usa' tat-teknoloġija u l-innovazzjoni, u li t-teknoloġija tista' tkun faċilitatur ewlieni tal-kummerċ; jenfasizza l-fatt li l-UE għadha ma wettqitx l-istrateġija kummerċjali diġitali u lanqas għadha ma indirizzat il-benefiċċji li l-internet u t-teknoloġiji tar-reġistru distribwit jistgħu jġibu għall-kummerċ internazzjonali;

10. Jinnota li l-ekonomija Ċiniża qed tikber b'mod sinifikanti u żżid is-sehem tas-suq tagħha għad-detriment tal-Ewropa u tal-Amerka ta' Fuq; jinnota li l-Inizjattiva l-ġdida taċ-Ċina "Medda Waħda, Rotta Waħda" hija tentattiv biex issir il-qawwa ekonomija dinjija ewlenija; jissottolinja li l-influwenza taċ-Ċina, li mhijiex biss ekonomika iżda għandha dimensjonijiet strateġiċi u relatati mas-sigurtà, qed tinfirex lejn l-Ewropa; iqis il-politika "America First" bħala tentattiv biex jiġi konfrontat it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku tal-Istati Uniti u li tirrappreżenta forza distruttiva għall-ordni ekonomiku dinji bbażat fuq ir-regoli;

11. Jenfasizza li, f'dawn l-aħħar deċennji, l-assi transatlantiku dejjem kien garanti tal-kummerċ ħieles globali bbażat fuq il-valuri u li jista' għal darb'oħra jassumi dan ir-rwol fil-futur; jinnota, f'dan ir-rigward, li ftehim transatlantiku jista' jipprovdi impetus ġdid;

12. Jirrimarka li l-ordni ekonomiku dinji multilaterali, bid-WTO fiċ-ċentru tiegħu, qed jissielet biex jinkorpora dawn il-bidliet profondi, kif ukoll l-interessi li qed jinbidlu tal-pajjiżi fil-ftehimiet internazzjonali; jinnota li l-protezzjoniżmu dejjem akbar fl-Istati Uniti u lil hinn minnha, kif ukoll in-nuqqas ta' kunsiderazzjoni għall-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-ftehimiet internazzjonali, idgħajfu d-WTO; iqis li l-korp tal-appell tad-WTO huwa partikolarment importanti għar-rikonċiljazzjoni tat-tilwim kummerċjali u jinsab imħasseb serjament dwar l-imblukkar mill-Istati Uniti tal-ħatra ta' membri tal-korp, peress li dan jimmina l-funzjonament tad-WTO; jistieden lill-Kummissjoni turi flessibbiltà meta tiġi biex tirriforma l-korp tal-appell tad-WTO iżda biex tinsisti fuq mekkaniżmu ta' soluzzjoni tat-tilwim f'żewġ stadji; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' integrazzjoni tal-SDGs fl-aġenda tal-kummerċ dinji u l-fatt li dawn ma ġewx ikkunsidrati b'mod adegwat; jesprimi l-fehma li l-ħtiġijiet u l-aspettattivi tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom ikunu riflessi aħjar fil-ftehimiet internazzjonali, kif ukoll fiċ-Ċiklu ta' DOHA għall-Iżvilupp;

***Il-politika Ewropea***

13. Jinnota li l-UE hija ppreżentata bl-isfida li tiffunzjona b'suċċess f'dan il-kuntest ekonomiku globali li qed jinbidel, li jfisser li jeħtieġ li tiżgura l-kompetittività tagħha filwaqt li tippreserva l-istandards soċjali u ambjentali, iżżid il-kooperazzjoni tagħha mal-ekonomiji li qed jikbru fl-Asja tax-Xlokk kif ukoll fl-Indja, fiċ-Ċina u fl-Amerka Latina, u tindirizza l-protezzjoniżmu arbitrarju li qed jiżdied tal-Istati Uniti; jinnota l-importanza li jkun hemm involviment fir-ristrutturar tal-ordni ekonomiku dinji u li jiġu rispettati l-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw kif ukoll tal-persuni li jinsabu ekonomikament u soċjalment imċaħħda fil-pajjiżi żviluppati; jenfasizza li l-għanijiet tat-twettiq tal-SDGs u tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi jridu jservu bħala l-qafas ġenerali biex jitwettaq dan l-impenn, fejn il-koerenza tal-politika għall-iżvilupp tkun tal-ikbar importanza; jissottolinja li l-finanzi pubbliċi, l-għajnuna uffiċjali għall-iżvilupp u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi nazzjonali huma għodod meħtieġa biex jintlaħqu l-SDGs;

14. Jenfasizza l-importanza ta' politiki ta' appoġġ biex isostnu l-effetti pożittivi u l-opportunitajiet ipprovduti mill-globalizzazzjoni; jissottolinja l-ħtieġa ta' ftehimiet ta' kummerċ ħieles strutturati u bbilanċjati tajjeb; itenni l-appoġġ tiegħu għall-politika kummerċjali tal-Kummissjoni u għall-promozzjoni tal-għodod u l-istrumenti tal-politika tal-kummerċ sabiex jiġu regolati u indirizzati b'mod determinat l-isfidi tal-globalizzazzjoni;

15. Iqis li l-Unjoni Ewropea toffri qafas ta' appoġġ xieraq għall-elaborazzjoni ta' regoli progressivi dwar il-kummerċ u l-investiment, li jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni ekonomika, is-solidarjetà bejn il-popli u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; jinkoraġġixxi lill-Unjoni tkompli tiżviluppa l-inizjattivi tagħha sabiex tirregola aħjar il-globalizzazzjoni permezz ta' miżuri ta' appoġġ effikaċi;

16. Jinnota d-diffikultajiet li l-Istati Membri jiltaqgħu magħhom meta jkunu qed jittrattaw waħedhom l-isfidi transnazzjonali bħalma huma l-flussi migratorji, il-kriżijiet finanzjarji, l-evażjoni tat-taxxa, it-terroriżmu u t-tibdil fil-klima; jenfasizza r-responsabbiltà kondiviża u r-rwol tar-reġjuni u l-ibliet fl-isfruttar tal-globalizzazzjoni; jinnota li l-effikaċja tal-azzjonijiet Ewropej tiddependi mill-isforzi tal-Istati Membri;

17. Jirrimarka li t-tilwim bejn l-UE u l-Istati Uniti joħloq sfidi ġodda għall-UE iżda jiġġenera wkoll opportunitajiet li jiġu mfittxija modi ġodda ta' kif tista' tiġi ġestita u msawra l-globalizzazzjoni, kif ukoll biex tittieħed responsabbiltà għaliha;

***Ir-risposta interna tal-Ewropa***

18. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-preservazzjoni tal-kompetittività internazzjonali filwaqt li tiggarantixxi standards soċjali u ambjentali għolja hija prerekwiżit għal strateġija Ewropea ta' suċċess; jilqa' t-tisħiħ ulterjuri tas-suq intern tal-UE kif ukoll il-konsolidazzjoni tal-unjoni ekonomika permezz tal-armonizzazzjoni tal-istandards dwar il-protezzjoni soċjali, il-pagi u l-istandards tal-għajxien; jemmen li din l-armonizzazzjoni hija vitali, peress li suq intern sod huwa prerekwiżit għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-istrateġiji internazzjonali;

19. Jirrimarka li l-fatt li wieħed ikun kompetittiv internazzjonalment jiddependi bil-kbir mit-tiswir b'suċċess tal-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni b'mod soċjalment u ambjentalment responsabbli, filwaqt li tiġi ppreservata l-protezzjoni tal-ħajja privata taċ-ċittadini Ewropej; jinnota li t-teknoloġiji l-ġodda, b'mod speċjali l-blockchain, se jittrasformaw in-natura tal-kummerċ internazzjonali; jinnota l-importanza li nilħqu l-miri tal-politika klimatika tagħna u li l-bidla lejn enerġiji rinnovabbli jeħtieġ li sseħħ malajr kemm jista' jkun; huwa tal-fehma li l-UE, b'mod urġenti, teħtieġ tiżviluppa strateġija industrijali reali u effikaċi bil-għan li jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet esterni filwaqt li trawwem it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju; iqis li l-opportunitajiet u l-isfidi li tinvolvi l-globalizzazzjoni, kif ukoll l-azzjonijiet reċenti min-naħa ta' ċerti pajjiżi terzi, għandhom jiġu ssodisfati b'politika kummerċjali tal-UE li tiffavorixxi l-kummerċ miftuħ u ġust b'regoli trasparenti u sistema multilaterali b'saħħitha fi ħdan id-WTO;

20. Jirrimarka li skont l-Artikolu 12 tat-TFUE, li jirrikonoxxi li r-rekwiżiti ta' protezzjoni tal-konsumatur iridu jiġu kkunsidrati fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet oħra tal-Unjoni, kapitolu ddedikat dwar il-protezzjoni tal-konsumatur jista' jikkontribwixxi biex jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur permezz ta' salvagwardji ġuridiċi, pereżempju dwar id-dritt ta' regolamentazzjoni u l-prinċipju ta' prekawzjoni, iżda jista' wkoll jagħti benefiċċji tanġibbli lill-konsumaturi u jrawwem il-fiduċja tal-konsumaturi, inkluż fis-servizzi online, jippromwovi l-konsum sostenibbli, jintegra l-interess tal-konsumaturi fl-implimentazzjoni ta' ftehimiet kummerċjali sħaħ u jikkontribwixxi għall-infurzar effikaċi tal-liġi tal-konsumatur, inkluż f'sitwazzjonijiet transfruntiera;

21. Jirrimarka l-ħtieġa li jiġu żgurati kundizzjonijiet aktar ekwi għall-SMEs; jitlob lill-Kummissjoni toħloq strateġija kummerċjali Ewropea għall-SMEs sabiex l-SMEs jiġu integrati fil-ktajjen ta' valur internazzjonali u biex jingħelbu l-ostakoli speċifiċi għall-kummerċ bħal pereżempju l-ostakoli mhux tariffarji; jirrimarka li l-aċċess għall-informazzjoni hu wieħed mill-akbar ostakoli għall-parteċipazzjoni tal-SMEs fis-suq, u dan ifisser li t-trasparenza u l-appoġġ jeħtieġ jiżdiedu; jitlob lill-Kummissjoni tiżviluppa strumenti f'dan il-kuntest biex tiffaċilita l-immaniġġar tar-regoli ta' oriġini u l-użu tal-preferenzi għall-SMEs; jirrimarka l-potenzjal kbir tal-preferenzi mhux użati u jitlob b'insistenza lill-Kummissjoni tistabbilixxi miri ambizzjużi biex jiżdiedu r-rati ta' użu; jinnota l-importanza tal-SMEs biex jintlaħqu tal-SDGs; jappella għall-inklużjoni ta' kapitoli apposta fil-ftehimiet kummerċjali dwar il-ħtiġijiet u l-interessi tal-SMEs, speċjalment fir-rigward tal-iffaċilitar tal-aċċess għas-suq;

22. Jinnota li hemm bżonn ta' strumenti effikaċi għad-difiża tal-kummerċ, jilqa' r-riforma reċenti ta' strumenti għad-difiża tal-kummerċ, li jridu jkunu implimentati b'mod effikaċi u proporzjonat sabiex jipproteġu l-industriji u l-impjiegi minn importazzjonijiet li jkunu s-suġġett ta' dumping jew ta' sussidji; jafferma li l-istrumenti għad-difiża tal-kummerċ m'għandhomx jintużaw għall-finijiet ta' protezzjoniżmu; jappoġġa l-miżuri stabbiliti mill-Kummissjoni wara l-impożizzjoni tat-tariffi fuq l-azzar u l-aluminju mill-Istati Uniti; jirrimarka li r-regoli dwar l-iskrinjar tal-investiment jeħtieġ jiġu implimentati mill-aktar fis possibbli sabiex jiġu evitati investimenti barranin li jkunu sempliċiment motivati minn politika industrijali u li jservu biex jinkisbu teknoloġiji Ewropej; ifakkar fil-ħtieġa ta' Strument ta' Akkwist Internazzjonali b'saħħtu; jilqa' l-passi kuraġġużi li ttieħdu bl-integrazzjoni tad-dimensjoni tad-dumping soċjali u ambjentali f'dawk l-istrumenti u jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiżviluppa metodi sodi sabiex tqis dawk id-dimensjonijiet bis-sħiħ, inkluż fir-rigward tal-istandards soċjali u ambjentali applikabbli fil-pajjiżi esportaturi;

23. Jinnota li, bħala tweġiba għat-telf tal-impjiegi li rriżulta mill-globalizzazzjoni, jeħtieġ li l-Istati Membri jsaħħu l-politiki tagħhom dwar is-suq tax-xogħol u l-offerta tagħhom ta' taħriġ; jinnota, madankollu, li hija meħtieġa riforma tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) sabiex jaffronta l-isfidi ġodda tal-globalizzazzjoni, inkluż riforma tal-prekundizzjonijiet biex wieħed jirċievi l-appoġġ; jenfasizza li l-FEG irid isir għodda aktar proattiva mmirata biex tħejji l-ħaddiema u l-kumpaniji viex jiġġieldu lill-impatti negattivi tal-globalizzazzjoni; jinnota li intrapriżi iżgħar irid ikollhom aċċess għall-finanzjament tal-FEG; jirrimarka li l-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG għandu jitwessa' biex jinkludi aġġustamenti oħra maħluqa mill-politika u li jeħtieġ baġit adegwat kif ukoll mekkaniżmu xieraq ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;

24. Jirrikonoxxi l-passi pożittivi meħuda mill-Kummissjoni biex iżżid it-trasparenza fil-ftehimiet ta' kummerċ ħieles (FTAs); jistieden lill-Kummissjoni tindirizza x-xettiċiżmu fil-konfront tal-globalizzazzjoni permezz tat-tisħiħ ulterjuri tat-trasparenza fil-ftehimiet kummerċjali, ittejjeb il-monitoraġġ tar-regoli u l-leġiżlazzjoni tal-UE, u żżid l-inklużività għaċ-ċittadini; jistieden lill-Kummissjoni tmexxi n-negozjati bi trasparenza sħiħa, permezz ta' djalogu kostanti mal-Parlament Ewropew, mal-parlamenti nazzjonali, mas-sħab soċjali u mas-soċjetà ċivili; jistieden lill-Kunsill jinforma u jinvolvi lill-parlamenti nazzjonali u lis-soċjetà ċivili qabel l-approvazzjoni tal-mandati ta' negozjar u matul in-negozjati; jiddispjaċih li l-Kunsill iddeċieda, fil-konklużjonijiet tiegħu tat-22 ta' Mejju 2018, li jżomm l-istatus quo kif inhu billi ddeċieda li jippubblika d-direttivi ta' negozjati tal-FTAs tal-UE fuq il-bażi ta' kull każ għalih; jistieden lill-Kunsill jippubblika l-mandati kollha ta' negozjar;

25. Jenfasizza l-ħtieġa ta' aktar governanza u regoli globali biex il-globalizzazzjoni tiġi sfruttata aħjar; jissottolinja l-importanza ta' politiki nazzjonali ta' sostenn biex tingħata spinta lill-kompetittività u lir-reżiljenza tal-UE;

26. Jirrimarka li l-prodotti agroalimentari tal-UE jissodisfaw l-ogħla standards fid-dinja; jitlob lill-Kummissjoni tiżgura li l-prodotti agrikoli importati jissodisfaw l-istandards tal-UE u ssaħħaħ il-verifiki fuq prodotti agroalimentari importati fil-post ta' oriġini tagħhom u mal-wasla tagħhom fl-UE;

27. Ifakkar fl-importanza ta’ implimentazzjoni effiċjenti tal-ftehimiet kummerċjali konklużi sabiex jiġi żgurat li l-bdiewa tagħna jkunu jistgħu jibbenefikaw kemm jista’ jkun mill-opportunitajiet ta’ esportazzjoni pprovduti minn dawn il-ftehimiet, bħalma hu l-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn l-UE u l-Kanada;

28. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati regoli u regolamenti kummerċjali ġodda f’livell globali sabiex jiġu rregolati u armonizzati l-istandards tal-produzzjoni, soċjali u ambjentali fis-settur agroalimentari;

29. Jilqa’ l-ftehim kummerċjali tal-UE mal-Ġappun, li huwa r-raba’ l-akbar suq għall-esportazzjoni agrikola tal-UE, li se jipprovdi opportunitajiet ta’ esportazzjoni tajbin għal bosta prodotti agroalimentari tal-UE, bħall-prodotti tal-ħalib;

30. Jenfasizza, l-ewwel nett, l-importanza li jiġu inklużi klawżoli ta’ salvagwardja bilaterali effikaċi u faċilment disponibbli li jippermettu s-sospensjoni temporanja tal-preferenzi jekk, bħala riżultat tad-dħul fis-seħħ tal-ftehim kummerċjali, żieda fl-importazzjonijiet kellha tikkawża ħsara serja – jew tirriskja li tikkawża ħsara serja – lis-setturi sensittivi u, it-tieni nett, li jiġu riveduti l-mekkaniżmi ta’ salvagwardja multilaterali eżistenti stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 (Regolament dwar l-OKS Unika) ([1]), li għandu jkollhom rwol preventiv għas-setturi sensittivi fuq il-bażi tal-volum ta’ referenza u l-limiti tal-prezzijiet li jippermettu l-attivazzjoni awtomatika b’effett sospensiv tal-mekkaniżmi ta’ salvagwardja fejn dawn il-limiti jkunu ntlaħqu;

31. Jenfasizza l-importanza strateġika għall-UE li żżomm livell għoli ta’ awtosuffiċjenza fl-ikel; huwa tal-fehma li l-globalizzazzjoni tal-kummerċ m’għandhiex tipperikola l-vijabbiltà tal-produtturi agroalimentari tal-UE, peress li fit-tul dan jista’ jwassal għat-tip ta’ dipendenza esterna li diġà ġiet osservata fis-settur tal-enerġija;

32. Jinnota li d-dokument ta’ riflessjoni tal-Kummissjoni dwar l-isfruttar tal-globalizzazzjoni huwa l-ewwel dokument ta’ din ix-xorta li jsemmi l-importanza li ntejbu l-istandards tal-benessri tal-annimali permezz tal-aġenda kummerċjali u ta’ investiment tal-UE; jilqa’ r-rieda espressa mill-Kummissjoni li taħdem lejn governanza globali msaħħa fil-qasam; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi b’mod espliċitu l-benessri tal-annimali fl-istrateġija tal-politika kummerċjali li jmiss tagħha u tuża l-klawżoli ta’ rieżami fl-FTAs eżistenti biex tkompli ttejjeb id-dispożizzjonijiet dwar il-benessri tal-annimali; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-preferenzi kummerċjali jkunu jiddependu mill-konformità mal-istandards tal-UE dwar il-benessri tal-annimali, biex b’hekk jiġu garantiti kundizzjonijiet aktar ekwi u r-rispett tax-xewqat tal-parti l-kbira taċ-ċittadini tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi r-rwol importanti li għandhom l-istandards ogħla tal-benessri tal-annimali biex jintlaħqu għadd ta’ SDGs, b’mod partikolari dwar is-saħħa b’rabta mar-reżistenza antimikrobika, u dwar it-tibdil fil-klima;

33. Jenfasizza li l-kultura u l-edukazzjoni, inkluż it-tagħlim tul il-ħajja, huma beni komuni, li l-aċċess għall-kultura u l-edukazzjoni huwa dritt tal-bniedem, u li l-kultura u l-edukazzjoni għalhekk ma jistgħux jiġu kkunsidrati jew ġestiti bl-istess mod bħal oġġett jew servizz diskrezzjonali, iżda pjuttost bħala beni komuni li għandhom jiġu ppreservati u mtejba kontinwament; jitlob, għaldaqstant, li s-servizzi kulturali, awdjoviżivi u edukattivi, inklużi dawk ipprovduti online, ikunu esklużi b’mod ċar fil-ftehimiet kummerċjali bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, bħama hi s-Sħubija Trans-Atlantika ta’ Kummerċ u ta’ Investiment (TTIP) mal-Istati Uniti;

34. Jinsisti, għalhekk, fuq ir-rwol ewlieni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali fit-trattati internazzjonali tal-kummerċ, li għandhom jikkunsidraw u jirrispettaw id-dispożizzjonijiet tagħha;

35. Iqis li huwa essenzjali li jiġu bbilanċjati n-negozjati kummerċjali dwar id-drittijiet tal-awtur sabiex ikun żgurat li dawn ma jkunux innegozjati sal-iżgħar denominatur komuni iżda jkollhom l-għan li jiżguraw l-aħjar regoli possibbli għall-protezzjoni tal-wirt kulturali, permezz tal-promozzjoni tad-diversità kulturali, u l-iżgurar ta’ dħul għal dawk li jaħdmu fil-qasam tal-kultura u tal-midja, l-appoġġ u t-tisħiħ tal-kreattività, it-tixrid tal-għarfien u l-kontenut kif ukoll id-drittijiet tal-utenti fl-era diġitali, u li jikkostitwixxu ambjent kummerċjali miftuħ u bbażat fuq ir-regoli, li huwa essenzjali biex l-industrriji kulturali u kreattivi tal-Unjoni Ewropea jirnexxu;

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

36. Itenni l-appell tiegħu lill-UE li teżerċita d-dritt tagħha li tadotta jew iżżomm miżuri (b'mod partikolari ta' natura regolatorja u/jew finanzjarja), inkluża klawżola ġenerali legalment vinkolanti fir-rigward tal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika, tal-wirt kulturali, tal-libertà tal-espressjoni, tal-pluraliżmu u l-libertà tal-midja, irrispettivament mit-teknoloġija jew il-pjattaforma ta' distribuzzjoni użati, fin-negozjati kummerċjali ma' pajjiżi terzi;

37. Jirrikonoxxi l-fatt li l-protezzjoni tad-data hija dritt fundamentali fl-Unjoni Ewropea; jitlob li jiġu ggarantiti standards għoljin tal-protezzjoni tad-data fil-ftehimiet kummerċjali permezz ta' hekk imsejħa deċiżjoni ta' adegwatezza reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiżi mhux membri tal-UE;

38. Jisħaq fuq l-importanza li jkomplu jiġu promossi l-iskemi ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u ta' speċjalitajiet tradizzjonali tal-Unjoni Ewropea, u li jkomplu jiġu konklużi l-ftehimiet bilaterali rilevanti mal-pajjiżi terzi;

39. Jilqa' l-mandat reċenti tal-Kunsill mogħti lill-Kummissjoni biex tinnegozja, f'isem l-Unjoni Ewropea, Konvenzjoni li tistabbilixxi qorti multilaterali għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar l-investiment (MIC) sabiex jiġu indirizzati l-limitazzjonijiet tas-sistema eżistenti ta' Soluzzjoni ta' Tilwim bejn Investituri u Stati; jinnota li l-MIC se sservi bħala korp permanenti għas-soluzzjoni tat-tilwim dwar l-investiment u se tirrappreżenta sistema aktar trasparenti, koerenti u ġusta, li se tkun estremament ta' ġid għall-investituri; jilqa' wkoll, f'dan il-kuntest, il-fatt li l-Kunsill iddeċieda wkoll li jagħmel id-direttivi dwar in-negozjati pubblikament disponibbli, li kienet talba li ilha ssir mill-Parlament fl-isforzi tiegħu biex jistinka għal aktar trasparenza fil-qasam tan-negozjati internazzjonali;

***Ir-risposta esterna tal-Ewropa***

40. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-SDGs u l-Ftehim ta' Pariġi l-prinċipji gwida tal-politika kummerċjali tal-UE; jinnota li sabiex dan isir, ir-riformi li saritilhom referenza fl-istrateġija "Kummerċ għal Kulħadd" mhumiex biżżejjed; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra s-sostenibbiltà bħala prinċipju ġenerali għall-ftehimiet kummerċjali kollha, inkluż permezz ta' obbligi relatati mas-sostenibbiltà f'kull kapitolu, u biex tinkludi kapitolu speċifiku li jikkontribwixxi għall-appoġġ u l-promozzjoni tal-konvenzjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet soċjali, tax-xogħol u tal-bniedem, u tal-ftehimiet ambjentali multilaterali; jinnota li l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet vinkolanti u eżegwibbli trid tiġi mmonitorjata b'mod xieraq sabiex jiġu varati proċeduri ta' konsultazzjoni tal-gvern u jiskattaw il-mekkaniżmi speċjali ta' riżoluzzjoni ta' tilwim, jekk meħtieġ, kif stabbilit fi ħdan il-qafas tal-kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli (TSD); jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jkunu aktar ambizzjużi meta jkunu qed jinnegozjaw mal-pajjiżi sħab industrijalizzati rigward il-konvenzjonijiet tal-ILO li jridu jissemmew fil-ftehim;

41. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi kapitoli dwar l-iżvilupp sostenibbli li jkunu sodi u komprensivi fl-FTAs sabiex tappoġġa l-kummerċ internazzjonali; jilqa' l-pjan ta' 15-il punt tal-Kummissjoni biex il-kapitoli tal-UE dwar il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli jsiru aktar effikaċi;

42. Jinnota l-importanza ta' politika kummerċjali bbilanċjata u progressiva biex jiġu affrontati l-isfidi tal-globalizzazzjoni permezz ta' FTAs ibbilanċjati li diġà ġew konklużi jew li għadhom qed jiġu nnegozjati, pereżempju mal-Kanada, mal-Ġappun, ma' Singapore, mal-Awstralja, ma' New Zealand, mal-Vjetnam u mal-Messiku;

43. Jitlob lill-Kummissjoni ssegwi politika kummerċjali ambizzjuża u żżomm ambjent ta' investiment miftuħ; iżid li r-ratifika ta' ftehimiet kummerċjali konklużi u ffirmati għandha ssir malajr sabiex jinżammu l-impenji lejn is-sħab tagħna;

44. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi regoli relatati mal-kummerċ diġitali fl-FTAs tal-UE, inklużi l-flussi tad-data transfruntiera, sabiex jintwera li l-kummerċ fi prodotti u servizzi diġitali jista' jissarraf f'benefiċċju reali għan-negozji u għall-konsumaturi;

45. Jifraħ lill-Kummissjoni għad-deċiżjoni tagħha li tistabbilixxi l-premju ġdid ta' Bliet tal-UE għal Kummerċ Ġust u Etiku;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta kif it-teknoloġiji tar-reġistru distribwit (DLTs) kif ukoll il-blockchain jistgħu jintużaw biex itejbu l-kummerċ internazzjonali, u jindirizzaw kwistjonijiet bħat-trasparenza u l-flessibbiltà, u jindirizzaw b'mod determinat il-falsifikazzjoni;

47. Jissottolinja li l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima jipprovdu l-valuri referenzjarji li magħhom jitkejjel il-kontribut tal-politika kummerċjali tal-UE għall-għall-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli globali li sar qbil dwarhom; jinnota li l-valutazzjonijiet tal-impatt li jsiru qabel ma jinbdew in-negozjati jridu jikkunsidraw it-twettiq tal-SDGs; jinnota li l-istrateġiji ta' sostenibbiltà u l-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali għall-Ftehim ta' Pariġi jridu jkunu wieħed mill-punti essenzjali għall-valutazzjonijiet tal-impatt; jirrimarka li l-ftehimiet kummerċjali u l-impatti possibbli tagħhom għandhom jirrispondu għat-talbiet tal-SDGs; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex fir-rapporti futuri tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-ftehimiet ta' kummerċ ħieles tipprovdi evalwazzjoni, inkluża data, tal-impatt tagħhom fuq it-twettiq tal-SDGs u l-Ftehim ta' Pariġi; jinnota li jridu jsiru aġġustamenti f'każ li xi partijiet ta' ftehim ixekklu t-twettiq tal-SDGs jew tal-Ftehim ta' Pariġi;

48. Jinnota li s-sistema tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp għandha tinġieb konformi mal-SDG 17; jirrimarka li l-effetti reċiproki tal-oqsma ta' politika bħall-kummerċ, l-agrikoltura, il-politika esterna, is-sajd, l-ambjent u t-taxxa jridu jkunu evalwati b'mod koerenti bejn is-soċjetà ċivili, il-Kummissjoni u l-parlamenti nazzjonali; jinnota li l-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' sostenibbiltà jridu jiġu kontrobilanċjati b'miżuri korrettivi; jitlob valutazzjoni tal-koerenza tal-politika għall-iżvilupp (PCD), f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-proposti leġiżlattivi relatati mal-kummerċ; jinnota li l-imġiba responsabbli fin-negozju u l-ġestjoni responsabbli tal-ktajjen ta' valur globali huma essenzjali biex jinkisbu l-SDGs u li l-Aġenda 2030 tenfasizza li hemm ħtieġa urġenti ta' pjan ta' azzjoni tal-UE dwar l-imġiba responsabbli fin-negozju li jrawwem il-koerenza u l-konsistenza tal-politika fil-livell tal-UE;

49. Jirrimarka li r-ratifika u l-implimentazzjoni tal-istandards tax-xogħol ewlenin tal-ILO jridu jkunu prijorità għall-implimentazzjoni ta' kwalunkwe FTA; jinnota li s-soċjetà ċivili organizzata kif ukoll is-sħab soċjali għandhom jiġu inklużi fl-istadji ta' tfassil tal-ftehimiet, fil-fażi tal-implimentazzjoni u fil-fażi ta' monitoraġġ wara l-implimentazzjoni tagħhom permezz ta' ftehimiet bilaterali flimkien mas-sħab fin-negozjati; jinnota li għandhom jiġu stabbiliti mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim effikaċi u li jaħdem kif ukoll korpi ta' monitoraġġ effikaċi li jinvolvu lis-soċjetà ċivili;

50. Jinnota li l-UE rregolat il-ktajjen tal-provvista tal-injam, il-ħut u l-minerali li ġejjin minn żoni affettwati minn kunflitti u li diversi Stati Membri żviluppaw oqfsa ta' diliġenza dovuta f'setturi differenti, u dan juri l-ħtieġa li jiġi żviluppat qafas wiesa' sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi; jitlob lill-Kummissjoni għalhekk tiffaċċja l-kumplessità dejjem tikber tal-ktajjen ta' valur u l-interdipendenza dejjem tiżdied tal-produtturi b'obbligi ċari ta' trasparenza u diliġenza dovuta għall-katina tal-provvista kollha kemm hi, minħabba li l-infurzar dgħajjef tal-liġijiet tax-xogħol eżistenti u tal-istandards tas-sikurezza okkupazzjonali fil-pajjiżi ta' provenjenza għadha kwistjoni urġenti; jistieden lill-Kummissjoni tibni fuq il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE fil-qasam tal-minerali u l-injam li ġejjin minn żoni affettwati minn kunflitti kif ukoll il-Gwida tal-OECD dwar id-Diliġenza Dovuta għall-Imġiba Responsabbli fin-Negozju; jinnota li l-ktajjen ta' valur mondjali (GVCs) wasslu biex xi ditti fornituri jinjoraw il-liġijiet tax-xogħol, jirrelokaw barra mill-UE u jinvolvu lill-ħaddiema f'kundizzjonijiet perikolużi u mhux aċċettabbli; ifakkar li dawn il-prattiki joħolqu kompetizzjoni inġusta għall-fornituri li huma konformi mal-liġijiet tax-xogħol u mal-istandards internazzjonali u għall-gvernijiet li jixtiequ jtejbu l-pagi u l-istandards tal-għajxien; jisħaq fuq l-importanza ta' livelli tal-pagi deċenti u standards deċenti ta' sikurezza fuq il-post tax-xogħol għal sistema kummerċjali globali sostenibbli u GVCs ġodda; jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-impatt taż-żieda tal-GVCs u tippreżenta proposti konkreti biex jittejbu l-kundizzjonijiet fi ħdanhom u biex taħdem lejn qafas multilaterali u legalment vinkolanti għar-responsabbiltà korporattiva u l-imġiba responsabbli fin-negozju fir-rigward tax-xogħol deċenti, is-sostenibbiltà ambjentali u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-ILO u l-OECD; jirrikonoxxi li huwa aktar preferibbli li l-UE ssegwi tali qafas vinkolanti fin-negozjati multilaterali milli timponi regoli ewlenin b'mod unilaterali; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri juru sens ta' tmexxija u jżidu l-involviment tagħhom fid-deliberazzjonijiet tan-NU fir-rigward ta' trattat vinkolanti dwar in-negozju u d-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-Kummissjoni timpenja ruħha, f'konformità mal-erba' objettivi strateġiċi tal-Aġenda tax-Xogħol Deċenti tal-ILO, li tirrispetta, tippromwovi u twettaq l-istandards internazzjonali tax-xogħol u l-prinċipji u d-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema;

51. Jirrimarka li huma meħtieġa miżuri attivi li għandhom l-għan li jsaħħu l-opportunitajiet biex in-nisa jibbenefikaw mill-opportunitajiet ipprovduti mill-FTAs sabiex tintlaħaq il-mira tal-ugwaljanza bejn is-sessi; jitlob li l-ftehimiet kummerċjali jinkludu kapitolu speċifiku dwar il-kummerċ u l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti tas-setgħa lin-nisa, li jiddisponu għal miżuri mmirati, inter alia, għal bilanċ aħjar tal-ħajja tal-familja u tax-xogħol u aċċess għas-servizzi soċjali u tas-saħħa, biex tiġi segwita l-parteċipazzjoni msaħħa tal-intrapriżi mmexxija min-nisa (partikolarment il-mikrointrapriżi u l-SMEs) fl-akkwist pubbliku, biex tiġi appoġġata l-internazzjonalizzazzjoni tal-intrapriżi mmexxija min-nisa u l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-opportunitajiet tal-Modalità 4;

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

52. Jinnota li, fid-dawl tal-attakki fuq l-ordni ekonomiku dinji multilaterali, hu ta' importanza vitali li dan l-ordni jiġi ppreservat, peress li kwalunkwe rigress lejn il-protezzjoniżmu jkun ta' ħsara u jwassal għal gwerra kummerċjali; jinnota li l-ordni multilaterali jista' jiġi difiż biss jekk jiġi riformat; huwa tal-fehma li, sabiex jiġi ppreservat dan l-ordni, l-Aġenda 2030 tan-NU u l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima għandhom jiġu integrati aħjar fih; jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi ruħha b'mod attiv fl-iżblokkar tal-korp tal-appell tad-WTO u jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali fil-ġlieda kontra l-kompetizzjoni inġusta u l-protezzjoniżmu, li huma ta' detriment kemm għan-negozji kif ukoll għaċ-ċittadini; jinnota li l-kummerċ miftuħ u ġust li jissodisfa l-SDGs u jipprovdi spazju għall-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif imsemmi fl-istrateġija "Kummerċ għal Kulħadd", għandu jkun l-objettiv primarju tal-UE; jinnota li, peress li l-inizjattivi multilaterali attwalment ma tantx għandhom suċċess, l-UE għandha sadanittant tirsisti għal ftehimiet bilaterali u plurilaterali, fejn il-kummerċ ġust ikun wieħed mill-prinċipji gwida, iżda jqis li s-sitwazzjoni attwali tipprovdi lill-UE b'opportunità biex turi tmexxija b'saħħitha f'li tirriforma l-ordni kummerċjali multilaterali b'mod sostenibbli u vijabbli;

53. Jinnota li l-kummerċ miftuħ, ġust u sostenibbli hu mixtieq ekonomikament u għandu implikazzjonijiet politiċi vitali; jinnota li fid-dawl tal-politika "America First", kif ukoll l-Inizjattiva l-ġdida "Medda Waħda, Rotta Waħda", huwa ta' importanza strateġika vitali li l-UE tuża l-kummerċ bħala strument għall-promozzjoni tal-iżvilupp demokratiku u sostenibbli kif ukoll li ssaħħaħ id-djalogu u l-assistenza teknika, speċjalment fl-Istati tas-Sħubija tal-Lvant u mas-sħab Afrikani tagħha; jirrimarka li l-kummerċ u l-investimenti fil-pajjiżi sħab jeħtieġ li kkunu interkonnessi ma' strateġiji għall-iżvilupp sostenibbli; jistieden lill-Kummissjoni tinsisti għal implimentazzjoni koerenti tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni mal-Istati tas-Sħubija tal-Lvant; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa fit-terminu medju strateġija bil-għan li tibni relazzjonijiet stabbli mal-Komunità ta' Stati Indipendenti (CIS); jinnota li fl-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) mar-reġjuni u l-Istati Afrikani, il-kummerċ mhuwiex l-uniku aspett importanti iżda li dawn jintrabtu mar-rekwiżiti tal-iżvilupp sostenibbli mal-Istati Afrikani huwa vitali; jitlob lill-Kummissjoni taħdem biex iżżid il-kapaċità tal-gvernijiet li jintegraw il-kwistjonijiet marbutin mal-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u inklużiv fl-istrateġiji u l-programmi kummerċjali nazzjonali tagħhom; ifakkar fl-importanza għall-UE li tapprofondixxi l-kooperazzjoni tagħha ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-NU, l-ILO, l-OECD u l-Bank Dinji dwar il-kwistjonijiet kummerċjali, fid-dawl tal-isfidi tal-globalizzazzjoni; jiddeplora, f'dan il-kuntest, il-fatt li l-Unjoni u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri naqsu milli jilħqu l-mira ta' 0,7 % tal-ING għall-finanzjament tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp;

54. Jenfasizza li l-governanza tal-kummerċ globali għandha tippermetti integrazzjoni kummerċjali li toħloq opportunitajiet reali għall-iżvilupp sostenibbli; jirrimarka, f'dan il-kuntest, li l-arkitettura kurrenti ta' trattament speċjali u differenzjali (SDT) fid-WTO mhux qed tagħti r-riżultati mistennija; jisħaq fuq il-ħtieġa li d-dispożizzjonijiet tal-SDT isiru aktar effikaċi u operazzjonali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw;

55. Jenfasizza l-fatt li l-ftehimiet kummerċjali jista' jkollhom impatt negattiv fuq is-sigurtà tal-ikel fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jitlob lill-UE tipproteġi l-produzzjoni tal-ikel lokali u tevita l-effetti dannużi tal-importazzjonijiet irħas, inkluż taħt il-kappa tal-FSE;

56. Jiddeplora l-fatt li tal-inqas 218-il miljun tifel u tifla huma sfruttati fit-tħaddim tat-tfal, prinċipalment bil-għan li jitnaqqsu l-kosti; jitlob lill-UE tiżgura li l-oġġetti ċċirkolati fl-UE taħt skemi ta' ċertifikazzjoni etika ma jkunux ġejjin minn xogħol furzat jew minn xogħol tat-tfal, tiggarantixxi l-użu affidabbli tat-tikketti ġusti u etiċi, u tgħin lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati;

57. Jinnota li s'issa ġie konkluż FSE komprensiv wieħed; jitlob għalhekk li l-UE tirrikonoxxi d-diffikultajiet relatati mal-FSE li jiltaqgħu magħhom il-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-proċess ta' wara l-Ftehim ta' Cotonou; jisħaq fuq il-ħtieġa, b'mod partikolari, li titwettaq analiżi fil-fond tal-impatt tagħhom fuq l-ekonomiji Afrikani u s-swieq tax-xogħol rispettivi tagħhom, u għall-promozzjoni tal-kummerċ intrareġjonali fl-Afrika;

58. Jiddeplora l-fatt li, kull sena, l-Afrika qed toħroġ somma li taqbeż it-total tal-ODA annwali fil-forma ta' flussi finanzjarji illeċiti; jenfasizza l-impatt dannuż tal-evażjoni tat-taxxa fuq il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, li huma mċaħħda b'dan il-mod minn ammonti sostanzjali ta' flus pubbliċi li jistgħu jintużaw, pereżempju, mhux biss biex itejbu t-tkabbir ekonomiku, il-protezzjoni ambjentali u s-servizzi pubbliċi, iżda wkoll biex jippromwovu l-koeżjoni soċjali; jistieden lill-Kummissjoni biex, meta tkun qed tinnegozja ftehimiet kummerċjali, tagħti prijorità lill-ġlieda kontra din il-problema serja, bl-użu tal-għodod kollha li għandha għad-dispożizzjonijiet tagħha; jinsisti fuq l-inklużjoni fl-FTAs u fir-reġimi kummerċjali preferenzjali tal-UE ta' dispożizzjonijiet rigorużi biex jiġu indirizzati b'mod determinat l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa;

59. Itenni l-appell tiegħu biex jinħolqu għodod effikaċi għall-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa globalment u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet tat-taxxa mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluża l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi domestiċi;

60. Ifakkar fil-ħtieġa li jiġi stabbilit korp intergovernattiv tan-NU biex jaħdem fuq bażi ta' ugwaljanza mal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fir-riforma tar-regoli tat-taxxa globali;

61. Jappoġġa bil-qawwa l-integrazzjoni ulterjuri tat-teknoloġiji u tas-servizzi diġitali fil-politika tal-iżvilupp tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni żżid l-investiment fl-iżvilupp tal-infrastruttura diġitali fin-Nofsinhar Globali;

62. Jilqa' l-pjan ta' investiment estern tal-UE bil-għan li jitrawmu t-tkabbir sostenibbli, l-investiment u l-ħolqien tal-impjiegi fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jitlob li l-mandat kurrenti ta' self estern tal-BEI jiġi estiż biex jiżdied ir-rwol tiegħu fil-kisba tal-iżvilupp sostenibbli, permezz ta' finanzjament imħallat, kofinanzjament ta' proġetti u l-iżvilupp tas-settur privat lokali, b'enfasi fuq il-pajjiżi l-inqas żviluppati u fuq l-Istati fraġli;

63. Jilqa' l-istrateġija tal-Kummissjoni "Għajnuna għall-Kummerċ", aġġornata fl-2017, li għandha l-għan li ssaħħaħ u timmodernizza l-appoġġ tal-UE għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jappella għal aktar sforzi u żieda fl-impenn finanzjarju tal-UE favur l-inizjattivi "Għajnuna għall-Kummerċ" sabiex jgħinu lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, speċjalment lil dawk l-inqas żviluppati, ħalli jiksbu prosperità permezz tal-kummerċ u l-investimenti, u biex jappoġġaw l-azzjonijiet tagħhom għat-twettiq tal-SDGs;

o

o o

64. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2018)0385

## Konsultazzjoni dwar l-privileġġi u l-immunitajiet ta' Alfonso Luigi Marra

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar it-talba għal konsultazzjoni dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' Alfonso Luigi Marra (2018/2058(IMM))**

(2020/C 345/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għal konsultazzjoni dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' Alfonso Luigi Marra, imressqa fis-7 ta' Marzu 2018 mill-Qorti tal-Appell *(Corte d'Appello)* ta' Napli (l-Italja) b'rabta mal-proċedimenti ġudizzjarji kontrih (bir-referenza Nri 4831/2015 RG u 4832/2015 RG rispettivament), u mħabbra fis-seduta plenarja fis-17 ta' April 2018,

— wara li sema' lil Alfonso Luigi Marra skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Mejju 1964, fl-10 ta' Lulju 1986, fil-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011 u fis-17 ta' Jannar 2013 [1],

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2002 dwar l-immunità tal-Membri Taljani u l-prattiki tal-awtoritajiet Taljani rigward is-suġġett [2],

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2) u 9(14) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0325/2018),

A. billi Alfonso Luigi Marra serva bħala Membru tal-Parlament Ewropew mill-21 ta' Lulju 1994 sad-19 ta' Lulju 1999;

(1) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 1964, *Wagner* vs *Fohrmann u Krier*, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, *Wybot* vs *Faure et.*, 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, *Mote* vs *il-Parlament*, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, *Marra* vs *De Gregorio u Clemente*, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, *Gollnisch* vs *il-Parlament*, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, *Patriciello*, C-163/10, ECLI:EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch* vs *il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23.

(2) ĠU C 261 E, 30.10.2003, p. 102.

B. billi żewġ settijiet ta' proċedimenti ġudizzjarji ġew istitwiti kontra s-Sur Marra b'rabta ma' dikjarazzjonijiet allegatament diffamatorji li kien għamel f'fuljett tad-19 ta' Settembru 1996, jiġifieri meta kien Membru tal-Parlament Ewropew; billi s-Sur Marra ġie ordnat iħallas kumpens lill-partijiet li ġarrbu d-dannu kemm mill-qorti tal-prim'istanza (sentenzi tas-17 u tat-22 ta' Frar 2000) kif ukoll mill-qorti tat-tieni istanza (sentenzi tas-6 ta' Marzu 2002); billi fuq talba tas-Sur Marra, b'deċiżjonijiet tal-20 ta' Frar 2007, il-Qorti Suprema Taljana *(Corte di Cassazione)* irreferiet il-kwistjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjonijiet preliminari dwar l-interpretazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar l-immunità tal-Membri tal-Parlament Ewropew;

C. billi, sadanittant, il-Parlament kien adotta r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2002 dwar l-immunità tal-Membri Taljani fl-Italja u l-prattiki tal-awtoritajiet Taljani rigward is-suġġett; billi f'dik l-okkażjoni l-Parlament qies li l-każ ta' Alfonso Luigi Marra jikkostitwixxi każ prima facie ta' immunità assoluta, il-qrati kompetenti għandhom jiġu mistiedna jittrażmettu lill-Parlament id-dokumentazzjoni meħtieġa sabiex jiġi stabbilit jekk il-każijiet inkwistjoni jaqgħux taħt l-ipoteżi tal-immunità assoluta prevista fl-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 u li l-qrati kompetenti għandhom jiġu mistiedna jissospendu l-proċedimenti pendenti sad-deċiżjoni finali tal-Parlament; billi kien evidenti mid-deċiżjonijiet tar-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja li din ir-riżoluzzjoni ma kenitx twasslet lill-qrati Taljani;

D. billi, fil-kuntest tar-rinviju msemmi hawn fuq għad-deċiżjonijiet preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li meta tkun tressqet azzjoni kontra Membru tal-Parlament Ewropew quddiem qorti nazzjonali u dik il-qorti tkun infurmata li tkun inbdiet proċedura għad-difiża tal-privileġġi u tal-immunitajiet ta' dak il-Membru, kif previst fir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dik il-qorti trid tissospendi l-proċedimenti ġudizzjarji u titlob lill-Parlament biex jagħti l-opinjoni tiegħu malajr kemm jista' jkun ([1]);

E. billi, wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tas-sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2009, il-Qorti Suprema Taljana rreferiet il-kwistjoni lura lill-Qorti tal-Appell ta' Napli sabiex tieħu deċiżjoni dwar il-każ tas-Sur Marra fid-dawl kemm tar-riżoluzzjoni tal-11 ta' Ġunju 2002 kif ukoll tal-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja; billi, permezz tas-sentenzi tal-5 ta' Diċembru 2012, il-Qorti tal-Appell, mingħajr ma ssospendiet il-proċedimenti u mingħajr ma talbet l-opinjoni tal-Parlament, ikkonfermat is-sentenzi preċedenti tagħha, li permezz tagħhom is-Sur Marra kien ġie ordnat iħallas kumpens lill-partijiet li ġarrbu dannu; billi, permezz tas-sentenzi tat-30 ta' April 2015, il-Qorti Suprema Taljana annullat id-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell u rreferiet il-każ lura lilha sabiex tkun tista' tissospendi l-proċedimenti u titlob l-opinjoni tal-Parlament; billi l-Qorti tal-Appell ta' Napli effettivament iddeċidiet li tissospendi l-proċedimenti u, permezz ta' ittra tas-27 ta' Jannar 2018, li tikkonsulta l-Parlament Ewropew dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' Alfonso Luigi Marra;

F. billi l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jeskludu lil xulxin ([2]); billi l-każ inkwistjoni jikkonċerna biss l-opinjonijiet allegatament diskriminatorji espressi minn Membru tal-Parlament Ewropew; billi, għalhekk, huwa suffiċjenti li jiġi applikat biss l-Artikolu 8;

G. billi skont l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7, il-Membri tal-Parlament Ewropew ma jistgħu jkunu soġġetti għal ebda forma ta' investigazzjoni, detenzjoni jew proċedimenti ġudizzjarji fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mitfugħa minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom; Immunità bħal din trid tiġi kkunsidrata, sa fejn hija intiża sabiex tipproteġi l-espressjoni libera u l-indipendenza tal-Membri tal-Parlament Ewropew, bħala immunità assoluta li ma tippermettix li jitressqu proċeduri ġudizzjarji kontrihom minħabba opinjoni espressa jew vot mitfugħ fil-qadi ta' dmirijiethom bħala Membri Parlamentari ([3]);

H. billi l-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li, sabiex wieħed igawdi mill-immunità, opinjoni għandha tkun espressa minn Membru tal-Parlament Ewropew fil-qadi ta' dmirijietu, u dan jimplika r-rekwiżit ta' rabta bejn l-opinjoni espressa u d-dmirijiet parlamentari; billi tali rabta għandha tkun diretta u ovvja ([4]); billi għalkemm id-dikjarazzjonijiet allegatament diffamatorji saru bejn l-1996 u l-2001 qabel is-sentenza tal-2011 fil-Kawża Patriciello, jibqa' l-fatt li l-qrati Taljani fittxew l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali fl-2018, jiġifieri wara li ġiet stabbilita l-ġurisprudenza rispettiva;

I. billi l-fatti tal-każ, kif stabbiliti fid-dokumenti pprovduti lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali u fis-smigħ quddiemu, jindikaw li d-dikjarazzjonijiet tas-Sur Marra m'għandhomx konnessjoni diretta u ovvja mad-dmirijiet parlamentari tiegħu;

J. billi Alfonso Luigi Marra ma jistax għalhekk jitqies li kien qed jaqdi dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-opinjonijiet espressi minnu fil-każ inkwistjoni;

---

([1]) Kawżi magħquda C-200/07 u C-201/07, *Marra*, iċċitati aktar 'il fuq, paragrafu 43.
([2]) Kawżi magħquda C-200/07 u C-201/07, *Marra*, iċċitati aktar 'il fuq, paragrafu 45.
([3]) Kawżi magħquda C-200/07 u C-201/07, *Marra*, iċċitati aktar 'il fuq, paragrafu 27.
([4]) Kawża C-163/10 *Patriciello*, imsemmija hawn fuq, paragrafi 33 u 35.

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

1. Iqis li l-opinjonijiet espressi minn Alfonso Luigi Marra mhumiex koperti mill-immunità parlamentari fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika Taljana u lil Alfonso Luigi Marra.

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0386

# Talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Manolis Kefalogiannis

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Manolis Kefalogiannis (2017/2133(IMM))**

(2020/C 345/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Manolis Kefalogiannis, imressqa fil-31 ta' Mejju 2017 mill-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti Suprema tar-Repubblika Ellenika b'rabta mal-proċediment Nru ABM:EOE 20/2017, u mħabbra fis-seduta plenarja fit-3 ta' Lulju 2017,

— wara li sema' lil Manolis Kefalogiannis skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li sema' wkoll lil Kristian Knudsen, aġent Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali għall-Persunal tal-Parlament Ewropew,

— wara li pproċeda għal skambju ta' fehmiet mal-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti Suprema tar-Repubblika Ellenika,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Mejju 1964, fl-10 ta' Lulju 1986, fil-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011 u fis-17 ta' Jannar 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Ellenika,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2) u 6(1) u 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0333/2018),

A. billi d-Deputat Prosekutur tal-Qorti Suprema tar-Repubblika Ellenika talab it-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Membru tal-Parlament Ewropew, Manolis Kefalogiannis, sabiex jibda proċedimenti kriminali fil-konfront tiegħu għal żewġ reati allegati;

B. billi l-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, jiddikjara li l-Membri tal-Parlament Ewropew m'għandhom ikunu suġġetti għal ebda forma ta' investigazzjoni, detenzjoni jew proċeduri legali, fir-rigward ta' opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta' dmirijiethom;

C. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri tal-Parlament Ewropew igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet rikonoxxuti lid-deputati tal-parlament nazzjonali tagħhom;

D. billi, skont l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Ellenika, l-ebda Membru ma jista', matul il-kariga tiegħu, jiġi mħarrek, arrestat, mibgħut il-ħabs jew soġġett għal miżuri ta' kustodja oħra mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kamra;

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 1964, Wagner vs Fohrmann u Krier, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, Wybot vs Faure et., 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, Mote vs il-Parlament, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, Marra vs De Gregorio u Clemente, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, Gollnisch vs il-Parlament, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, Patriciello, C-163/10, ECLI:EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, Gollnisch vs il-Parlament, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23.

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

E. billi t-talba tad-Deputat Prosekutur tal-Qorti Suprema tar-Repubblika Ellenika tirrigwarda proċedimenti li jikkonċernaw reati allegati fis-sens tal-Artikolu 385(1)(b) tal-Kodiċi Penali Grieg u l-Artikolu 4 tal-Liġi Nru 2803/2000, relatati rispettivament mal-estorsjoni b'theddid u l-frodi;

F. billi Manolis Kefalogiannis qed jiġi akkużat b'tentattiv ta' frodi li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea b'dannu konsegwenti ta' aktar minn EUR 73 000 wara li pprova jwettaq miżapproprjazzjoni ta' parti mis-salarju tal-assistent tiegħu li ammontat għas-somma ta' EUR 4 240 fix-xahar bejn Lulju 2014 u tmiem l-2016;

G. billi, skont l-Artikolu 9(8) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali fl-ebda ċirkustanza m'għandu jippronunzja ruħu dwar il-ħtija jew l-innoċenza tal-Membru, u lanqas dwar jekk l-opinjonijiet u l-atti attribwiti lilu jiġġustifikawx jew le l-prosekuzzjoni tiegħu, anke jekk, waqt li jkun qed jikkunsidra t-talba, jikseb tagħrif dettaljat tal-fatti tal-każ.

H. billi, barra minn hekk, mhuwiex il-kompitu tal-Parlament Ewropew li jieħu pożizzjoni dwar il-ħtija jew le tal-Membru jew dwar jekk l-atti attribwiti lill-Membru jiġġustifikawx il-ftuħ ta' proċedimenti kriminali, u lanqas li jippronunzja ruħu fuq il-merti relattivi tal-ordinamenti ġuridiċi u ġudizzjarji nazzjonali;

I. billi skont l-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, l-immunità parlamentari mhijiex privileġġ personali ta' Membru iżda hija garanzija tal-indipendenza tal-Parlament kollu kemm hu u tal-Membri tiegħu;

J. billi l-iskop tal-immunità parlamentari huwa li l-Parlament u l-Membri tiegħu jiġu protetti minn proċedimenti ġudizzjarji fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa fil-qadi tad-dmirijiet parlamentari u li ma jistgħux jiġu separati minn dawk id-dmirijiet;

K. billi, fejn il-proċedura inkwistjoni ma tikkonċernax opinjonijiet jew voti espressi minn Membru fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, l-immunità għandha titneħħa, ħlief fejn ikun jidher li l-intenzjoni sottostanti tal-proċeduri ġudizzjarji tista' tkun li ddgħajjef l-attività politika tal-Membru jew ir-reputazzjoni tiegħu u, b'hekk, l-indipendenza tal-Parlament (*fumus persecutionis*);

L. billi, madankollu, kwalunkwe konklużjoni għandha ssir abbażi tal-informazzjoni u l-ispjegazzjonijiet mogħtija f'dan il-każ, inklużi t-tweġibiet mogħtija mill-Viċi Prosekutur Pubbliku tal-Qorti Suprema tar-Repubblika Ellenika matul l-iskambju ta' fehmiet miżmuma miegħu, u fid-dawl taċ-ċirkostanzi li fihom il-każ kontra Manolis Kefalogiannis kien ittrattat mill-awtoritajiet involuti, l-inċertezzi fir-rigward tal-elementi li fuqhom hija bbażata t-talba għat-tneħħija tal-immunità u d-dubji serji li jimpinġu fuq il-proċedimenti, inkluża l-motivazzjoni li fuqha hija bbażata t-talba għat-tneħħija tal-immunità;

M. billi qed jidher li dan huwa każ li fih wieħed jista' jassumi każ ta' *fumus persecutionis*;

N. billi l-immunità ta' Manolis Kefalogiannis m'għandhiex titneħħa;

1. Jiddeċiedi li ma jneħħix l-immunità ta' Manolis Kefalogiannis;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti Suprema tar-Repubblika Ellenika u lil Manolis Kefalogiannis.

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0387

## Il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 216/2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (14463/2017 – C8-0412/2018 – 2017/0039(APP))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – approvazzjoni)**

(2020/C 345/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill (14463/2017),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni preżentata mill-Kunsill b'konformità mal-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0412/2018),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 39 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0323/2018),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' regolament tal-Kunsill;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**L-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0401

# It-talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Steeve Briois

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta’ Ottubru 2018 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Steeve Briois (2018/2075(IMM))**

(2020/C 345/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta’ Steeve Briois, imressqa fil-21 ta’ Frar 2018 mill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Libertajiet tar-Repubblika ta’ Franza b’rabta ma’ inkjesta ġudizzjarja (B-49 2018/00242) miftuħa kontra Steeve Briois fil-Qorti Reġjonali ta’ Nanterre fuq ilment b’intervent ċivili mill-assoċjazzjoni “Maison des Potes – Maison de l’Égalité” għal tixwix pubbliku għal diskriminazzjoni razzjali jew reliġjuża u mħabbra fis-seduta plenarja fit-28 ta’ Mejju 2018,

— wara li sema’ lil Steeve Briois skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta’ Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b’suffraġju universali dirett,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta’ Mejju 1964, fl-10 ta’ Lulju 1986, fil-15 u l-21 ta’ Ottubru 2008, fid-19 ta’ Marzu 2010, fis-6 ta’ Settembru 2011 u fis-17 ta’ Jannar 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Franċiża, kif emendat mil-Liġi Kostituzzjonali Nru 95-880 tal-4 ta’ Awwissu 1995,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2), 6(1) u 9 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0349/2018),

A. billi l-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti tal-Appell ta’ Versailles talab it-tneħħija tal-immunità parlamentari ta’ Membru tal-Parlament Ewropew, Steeve Briois, b’rabta ma’ proċediment legali fir-rigward tar-reat allegat;

B. billi t-tneħħija tal-immunità ta’ Steve Briois hija marbuta mar-reat allegat ta’ tixwix pubbliku għad-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta’ nazzjonalità, razza jew reliġjon bil-kliem, bil-miktub, b’immaġni jew b’mezz ta’ kommunikazzjoni elettronika lill-pubbliku minn persuna jew persuni mhux magħrufa, reat previst mil-liġi Franċiża, jiġifieri l-Artikoli 24 paragrafu 8, 23 paragrafu 1 u 42 tal-Liġi tad-29 ta’ Lulju 1881 u l-Artikolu 93 paragrafu 3 tal-Liġi Nru 82-652 tad-29 ta’ Lulju 1982, li l-pieni għalih huma stabbiliti fl-Artikolu 24 paragrafi 8, 10, 11 u 12 tal-Liġi tad-29 ta’ Lulju 1881 u fl-Artikolu 121 paragrafu 7 tal-Kodiċi Kriminali Franċiż;

C. billi l-inkjesta ġudizzjarja kontra Steeve Briois infetħet insegwitu ta’ azzjoni ċivili mressqa fit-22 ta’ Mejju 2014 mill-“Maison des Potes – Maison de l’Égalité”;

D. billi l-ilment kellu x’jaqsam ma’ dikjarazzjonijiet li saru f’fuljett bl-isem “Manwal għall-kunsilliera lokali tal-Front National”, ippubblikat fid-19 ta’ Settembru 2013 u ppubblikat fuq is-sit web uffiċjali tal-federazzjoni tal-Front National fit-30 ta’ Novembru 2013, li ħeġġeġ lill-kandidati tal-Front National eletti għall-kariga ta’ kunsillier lokali fl-elezzjonijiet li saru fit-23 u fit-30 ta’ Marzu 2014 jirrakkomandaw, fl-ewwel seduta tal-kunsill lokali l-ġdid tagħhom, li għandha tingħata prijorità lill-poplu Franċiż (“priorité nationale”) meta tkun qed tiġi allokata abitazzjoni soċjali;

---

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta’ Mejju 1964, *Wagner vs Fohrmann u Krier*, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta’ Lulju 1986, *Wybot vs Faure et.*, 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta’ Ottubru 2008, *Mote vs il-Parlament*, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta’ Ottubru 2008, *Marra vs De Gregorio u Clemente*, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta’ Marzu 2010, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta’ Settembru 2011, Patriciello, C-163/10, ECLI:EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta’ Jannar 2013, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23.

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

E. billi l-liġi Franċiża tista' tattribwixxi r-responsabbiltà kriminali mhux biss lill-awtur materjali ta' pubblikazzjoni;

F. billi l-investigaturi kienu infurmati fl-andament tal-investigazzjoni mid-direttur ta' dak iż-żmien tal-pubblikazzjonijiet tal-Front National li l-manwal ikkontestat kien tfassal mis-servizzi tas-segretarjat ġenerali; billi Steeve Briois dak iż-żmien kien segretarju ġenerali;

G. billi biex ikun jista' jsir l-interrogatorju tal-ewwel dehra ta' Steeve Briois b'rabta mal-akkużi mressqa kontrih, l-awtoritajiet kompetenti ressqu talba għat-tneħħija tal-immunità tiegħu;

H. billi l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Membri tal-Parlament Ewropew igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-Parlament ta' dak l-Istat;

I. billi l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni Franċiża jipprevedi li l-ebda Membru tal-Parlament ma għandu jitressaq il-qorti, jiġi investigat, arrestat, detenut jew ipproċessat minħabba opinjonijiet espressi jew voti mitfugħa fil-qadi tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu;

J. billi l-ambitu tal-immunità mogħtija lill-Membri tal-Parlament Franċiż jikkorrispondi fil-fatt għall-ambitu tal-immunità mogħtija lill-Membri tal-Parlament Ewropew fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea; billi l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex Membru tal-Parlament Ewropew ikun kopert bl-immunità, opinjoni trid tingħata mill-Membru fil-qadi ta' dmirijietu, u dan jimplika r-rekwiżit ta' rabta bejn l-opinjoni espressa u d-dmirijiet parlamentari; billi tali rabta għandha tkun diretta u ovvja;

K. billi Steeve Briois ma kienx Membru tal-Parlament Ewropew meta seħħ l-allegat reat, jiġifieri fid-19 ta' Settembru u fit-30 ta' Novembru 2013, iżda l-materjali allegatament offensivi kienu għadhom disponibbli għall-konsultazzjoni minn kwalunkwe persuna li xtaqet taċċedi għalihom fit-23 ta' Ġunju u fit-2 ta' Ottubru 2014;

L. billi l-akkużi huma manifestament mhux relatati mal-pożizzjoni ta' Steeve Briois bħala Membru tal-Parlament Ewropew u jikkonċernaw, minflok, attivitajiet ta' natura nazzjonali jew reġjonali, peress li d-dikjarazzjonijiet saru lill-membri prospettivi tal-kunsill lokali fid-dawl tal-elezzjonijiet lokali ppjanati għat-23 u t-30 ta' Marzu 2014;

M. billi l-azzjonijiet allegati ma humiex relatati ma' xi opinjoni espressa jew vot mitfugħ mill-Membru tal-Parlament Ewropew fil-qadi ta' dmirijietu, fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

N. billi ma hemm l-ebda raġuni biex wieħed jissuspetta li l-intenzjoni li fuqha huma bbażati l-proċedimenti legali, li nfetħu wara rikors mill-Assoċjazzjoni "Maison des Potes – Maison de l'Égalité" u ppreżentatż qabel ma l-Membru kiseb is-siġġu tiegħu fil-Parlament Ewropew, hija li tostakola l-ħidma parlamentari ta' Steeve Briois (*fumus persecutionis*);

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Steeve Briois;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-Ministru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Franċiża u lil Steeve Briois.

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0402

## It-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Sophie Montel

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Sophie Montel (2018/2076(IMM))**

(2020/C 345/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Sophie Montel, imressqa fil-21 ta' Frar 2018 mill-Ministru tal-Ġustizzja u l-Libertajiet tar-Repubblika Franċiża b'rabta ma' inkjesta ġudizzjarja (B-49 2018/00243) miftuħa fil-konfront ta' Sophie Montel fil-Qorti Reġjonali ta' Nanterre fuq ilment b'intervent ċivili mill-assoċjazzjoni "Maison des Potes – Maison de l'Égalité" bl-imputazzjoni ta' tixwix pubbliku għad-diskriminazzjoni razzjali jew reliġjuża, u mħabbra fis-seduta plenarja tat-28 ta' Mejju 2018,

— wara li sema' lil Sophie Montel skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Mejju 1964, fl-10 ta' Lulju 1986, fil-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011 u fis-17 ta' Jannar 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Franċiża, kif emendat mil-Liġi Kostituzzjonali Nru 95-880 tal-4 ta' Awwissu 1995,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2), 6(1) u 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0350/2018),

A. billi l-Prosekutur Pubbliku tal-Qorti tal-Appell ta' Versailles talab it-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Membru tal-Parlament Ewropew, Sophie Montel, b'rabta ma' proċediment legali fir-rigward tar-reat allegat;

B. billi t-tneħħija tal-immunità ta' Sophie Montel hija marbuta mar-reat allegat ta' tixwix pubbliku għad-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' nazzjonalità, razza jew reliġjon bil-kliem, bil-miktub, b'immaġni jew b'mezz ta' kommunikazzjoni elettronika lill-pubbliku minn persuna jew persuni mhux magħrufa, reat previst mil-liġi Franċiża, jiġifieri l-Artikoli 24 paragrafu 8, 23 paragrafu 1 u 42 tal-Liġi tad-29 ta' Lulju 1881 u l-Artikolu 93 paragrafu 3 tal-Liġi Nru 82-652 tad-29 ta' Lulju 1982, li l-pieni għalih huma stabbiliti fl-Artikolu 24 paragrafi 8, 10, 11 u 12 tal-Liġi tad-29 ta' Lulju 1881 u fl-Artikolu 121 paragrafu 7 tal-Kodiċi Kriminali Franċiż;

C. billi l-inkje sta ġudizzjarja kontra Sophie Montel infetħet fuq azzjoni ċivili mniedija fit-22 ta' Mejju 2014 mill-assoċjazzjoni "Maison des Potes-Maison de l'Égalité";

D. billi l-ilment kellu x'jaqsam ma' dikjarazzjonijiet li saru f'fuljett bl-isem "Manwal għall-kunsilliera lokali tal-Front National", ippubblikat fid-19 ta' Settembru 2013 u ppubblikat fuq is-sit web uffiċjali tal-federazzjoni tal-Front National fit-30 ta' Novembru 2013, li ħeġġeġ lill-kandidati tal-Front National eletti għall-kariga ta' kunsillier lokali fl-elezzjonijiet li saru fit-23 u fit-30 ta' Marzu 2014 jirrakkomandaw, fl-ewwel seduta tal-kunsill lokali l-ġdid tagħhom, li għandha tingħata prijorità lill-poplu Franċiż ("priorité nationale") meta tkun qed tiġi allokata abitazzjoni soċjali;

---

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 1964, *Wagner vs Fohrmann u Krier*, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, *Wybot vs Faure et.*, 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, *Mote vs il-Parlament*, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, *Marra vs De Gregorio u Clemente*, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, *Patriciello*, C-163/10, ECLI:EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch vs il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23.

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

E. billi l-liġi Franċiża tista' tattribwixxi r-responsabbiltà kriminali mhux biss lill-awtur materjali ta' pubblikazzjoni;

F. billi l-investigaturi kienu infurmati fl-andament tal-investigazzjoni mid-direttur ta' dak iż-żmien tal-pubblikazzjonijiet tal-Front National li l-manwal ikkontestat kien tfassal mis-servizzi tas-segretarjat ġenerali; billi dak iż-żmien Sophie Montel kienet responsabbli għall-koordinazzjoni tar-rappreżentanti eletti f'dak is-segretarjat ġenerali;

G. billi sabiex isir l-interrogatorju tal-ewwel dehra ta' Sophie Montel b'rabta mal-akkużi mressqa fil-konfront tagħha, l-awtoritajiet kompetenti talbu li titneħħa l-immunità tagħha;

H. billi l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Membri tal-Parlament Ewropew igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-Parlament ta' dak l-Istat;

I. billi l-Artikolu 26 tal-Kostituzzjoni Franċiża jipprevedi li l-ebda Membru tal-Parlament ma għandu jitressaq il-qorti, jiġi investigat, arrestat, detenut jew ipproċessat minħabba opinjonijiet espressi jew voti mitfugħa fil-qadi tad-dmirijiet uffiċjali tiegħu;

J. billi l-ambitu tal-immunità mogħtija lill-Membri tal-Parlament Franċiż jikkorrispondi fil-fatt għall-ambitu tal-immunità mogħtija lill-Membri tal-Parlament Ewropew fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea; billi l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex Membru tal-Parlament Ewropew ikun kopert bl-immunità, opinjoni trid tingħata mill-Membru fil-qadi ta' dmirijietu, u dan jimplika r-rekwiżit ta' rabta bejn l-opinjoni espressa u d-dmirijiet parlamentari; billi tali rabta għandha tkun diretta u ovvja;

K. billi Sophie Montel ma kinitx Membru tal-Parlament Ewropew meta seħħ l-allegat reat, jiġifieri fid-19 ta' Settembru u fit-30 ta' Novembru 2013, iżda l-materjali allegatament offensivi kienu għadhom disponibbli għall-konsultazzjoni minn kwalunkwe persuna li xtaqet taċċedi għalihom fit-23 ta' Ġunju u fit-2 ta' Ottubru 2014;

L. billi l-akkużi m'għandhom b'mod manifest l-ebda rabta mal-pożizzjoni ta' Sophie Montel bħala Membru tal-Parlament Ewropew u jikkonċernaw minflok attivitajiet ta' natura purament nazzjonali jew reġjonali, fid-dawl tal-fatt li d-dikjarazzjonijiet saru lill-membri potenzjali għall-kunsilli lokali fid-dawl tal-elezzjonijiet lokali fit-23 u fit-30 ta' Marzu 2014;

M. billi l-azzjonijiet allegati ma humiex relatati ma' xi opinjoni espressa jew vot mitfugħ mill-Membru tal-Parlament Ewropew fil-qadi ta' dmirijietu, fis-sens tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

N. billi ma hemmx is-suspett ta' tentattiv li jiġi ostakolat ix-xogħol parlamentari ta' Sophie Montel (*fumus persecutionis*) f'dan il-proċediment legali, imniedi insegwitu ta' azzjoni tal-assoċjazzjoni "Maison des Potes – Maison de l'Égalité" u mressaq qabel ma assumiet l-kariga tagħha ta' Membru fil-Parlament Ewropew;

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Sophie Montel;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-Ministru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Franċiża u lil Sophie Montel.

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0403

# It-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Georgios Kyrtsos

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Georgios Kyrtsos (2018/2041(IMM))**

(2020/C 345/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Georgios Kyrtsos, imressqa fis-27 ta' Frar 2018 mill-Viċi Prosekutur Ġenerali tal-Qorti Suprema tar-Repubblika Ellenika, għall-inadempjenza ta' ħlas ta' bonus tal-Għid ta' EUR 986.46 (il-fajl Nru AVM O 2017/6101), u mħabbra fis-seduta plenarja tal-14 ta' Marzu 2018,

— wara li sema' lil Georgios Kyrtsos, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett,

— wara li kkunsidra s-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Mejju 1964, fl-10 ta' Lulju 1986, fil-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, fid-19 ta' Marzu 2010, fis-6 ta' Settembru 2011 u fis-17 ta' Jannar 2013 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Ellenika,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 5(2), 6(1) u 9 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A8-0351/2018),

A. billi l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Qorti Suprema tar-Repubblika Ellenikatalab it-tneħħija tal-immunità ta' Georgios Kyrtsos, Membru tal-Parlament Ewropew, b'rabta ma' proċediment legali possibbli fir-rigward ir-reat allegat;

B. billi l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea jiddikjara li l-Membri tal-Parlament Ewropew igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-parlament ta' dak l-Istat;

C. billi l-Artikolu 62 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Ellenika jipprevedi li, matul il-mandat parlamentari tagħhom, il-membri tal-parlament ma jistgħux jiġu mħarrka, arrestati, inkarċerati jew detenuti bi kwalunkwe mod ieħor mingħajr permess minn qabel mogħti mill-parlament;

D. billi Georgios Kyrtsos, bħala rappreżentant legali (president u uffiċjal kap eżekuttiv) tal-kumpaniji KMP Publishing House Ltd u Free Sunday Publishing House Ltd, impjega lill-eks-impjegat tiegħu fis-26 ta' Lulju 2005 f'isem il-KMP Publishing House Ltd b'kuntratt għal impjieg fiż-żewġ kumpaniji bħala direttur tal-arti;

E. billi Georgios Kyrtsos huwa akkużat li ma ħallasx lill-eks-impjegat tiegħu bonus tal-Għid ta' EUR 986.46 fis-27 ta' April 2016, bi ksur tal-Liġi ta' Emerġenza Nru 690/1945, kif sostitwita mill-Artikolu 8(1) tal-Liġi 236/95, u dan jikkostitwixxi reat skont l-Artikolu 28 tal-Liġi Nru 3996/2011, flimkien mad-Deċiżjoni Ministerjali Konġunta 19040/1981;

---

([1]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 1964, *Wagner* vs *Fohrmann u Krier*, 101/63, ECLI:EU:C:1964:28; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Lulju 1986, *Wybot* vs *Faure et.*, 149/85, ECLI:EU:C:1986:310; sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ottubru 2008, *Mote* vs *il-Parlament*, T-345/05, ECLI:EU:T:2008:440; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Ottubru 2008, *Marra* vs *De Gregorio u Clemente*, C-200/07 u C-201/07, ECLI:EU:C:2008:579; sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Marzu 2010, *Gollnisch* vs *il-Parlament*, T-42/05, ECLI:EU:T:2010:102; sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2011, *Patriciello*, C-163/10, ECLI:EU:C:2011:543; sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2013, *Gollnisch* vs *il-Parlament*, T-346/11 u T-347/11, ECLI:EU:T:2013:23.

F. billi, b’mod ċar, ir-reat allegat ma għandu ebda rabta diretta mal-kariga ta’ Georgios Kyrtsos bħala Membru tal-Parlament Ewropew, iżda minflok huwa marbut mal-pożizzjoni preċedenti tiegħu ta’ maniġer taż-żewġ ditti tal-gazzetti tiegħu;

G. billi l-prosekuzzjoni ma tikkonċernax opinjonijiet espressi jew voti mogħtija minnhom fil-qadi ta’ dmirijiet tal-Membru tal-Parlament Ewropew inkwistjoni għall-finijiet tal-Artikolu 8 tal-Protokoll Nru. 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea;

H. billi ma hemm l-ebda raġuni biex wieħed jissuspetta li l-intenzjoni li jitressqu l-proċedimenti kriminali hija li jagħmlu ħsara lill-attività politika ta’ Membru (*fumus persecutionis*);

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta’ Georgios Kyrtsos;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtoritajiet Griegi u lil Georgios Kyrtsos.

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2018)0388

## Ftehim UE-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12389/2017 – C8-0173/2018 – 2017/0169(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2020/C 345/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12389/2017),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Commonwealth tal-Bahamas dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12388/2017),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2), punt (a), u l-Artikolu 218 (6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0173/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0304/2018),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Commonwealth tal-Bahamas.

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0389

## Ftehim UE-Mauritius dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta’ Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta’ Mauritius li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta’ Mauritius dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12396/2017 – C8-0177/2018 – 2017/0167(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2020/C 345/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (12396/2017),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta’ Mauritius li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta’ Mauritius dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12395/2017),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2), punt (a), u l-Artikolu 218 (6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0177/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0303/2018),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika ta’ Mauritius.

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0390

# Ftehim UE-Antigua u Barbuda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta’ Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Antigua u Barbuda li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u Antigua u Barbuda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12383/2017 – C8-0174/2018 – 2017/0171(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2020/C 345/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (12383/2017),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Antigua u Barbuda li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u Antigua u Barbuda dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12382/2017),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2), punt (a), u l-Artikolu 218 (6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0174/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0305/2018),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u ta’ Antigua u Barbuda.

P8_TA(2018)0391

# Ftehim UE-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12393/2017 – C8-0176/2018 – 2017/0176(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2020/C 345/26)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12393/2017),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12391/2017),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2), punt (a), u l-Artikolu 218 (6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0176/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0306/2018),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Federazzjoni ta' St Kitts u Nevis.

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0392

## Ftehim UE-Barbados dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta’ Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Barbados li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u Barbados dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12386/2017– C8-0175/2018 – 2017/0179(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2020/C 345/27)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (12386/2017),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta’ ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u Barbados li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u Barbados dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12385/2017),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2), punt (a), u l-Artikolu 218 (6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0175/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0301/2018),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u ta’ Barbados.

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0393

## Ftehim UE-Repubblika tas-Seychelles dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ***

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12399/2017 – C8-0172/2018 – 2017/0168(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2020/C 345/28)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12399/2017),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir (12398/2017),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 77(2), punt (a), u l-Artikolu 218 (6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0172/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) u l-Artikolu 108(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0302/2018),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tas-Seychelles.

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0394

## Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Portugall – EGF/2018/002 PT/Norte – Centro – Lisboa wearing apparel

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni ppreżentata mill-Portugall – EGF/2018/002 PT/Norte – Centro – Lisboa wearing apparel) (COM(2018)0621 – C8-0399/2018 – 2018/2223(BUD))**

(2020/C 345/29)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0621 – C8-0399/2018),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 ([1]) (ir-Regolament dwar il-FEG),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([3]) (il-FII tat-2 ta' Diċembru 2013), u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu prevista fil-punt 13 tal-FII tat-2 ta' Diċembru 2013,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0311/2018),

A. billi l-Unjoni stabbiliet strumenti leġiżlattivi u baġitarji biex jagħtu appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qegħdin ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji jew tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, u biex jassistuhom fir-reintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol;

B. billi l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u disponibbli b'mod kemm jista' jkun effiċjenti u rapidu;

C. billi l-Portugall ippreżenta l-applikazzjoni EGF/2018/002 PT/Norte – Centro – Lisboa tal-ilbies għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, b'segwitu għall-1 161 sensja fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-Diviżjoni 14 ta' NACE Reviżjoni 2 (Manifattura tal-ilbies) fir-reġjuni tal-livell NUTS 2 ta' Norte (PT11), ta' Centro (PT16) u ta' Lisboa (PT17) fil-Portugall;

D. billi l-l-applikazzjoni hija bbażata fuq il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament dwar il-FEG, li jeħtieġ li mill-inqas 500 ħaddiem ikunu ngħataw is-sensja tul perjodu referenzjarju ta' disa' xhur f'intrapriżi li joperaw fl-istess settur ekonomiku ddefinit fil-livell ta' diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2, u li jkunu jinsabu f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni kontigwi, jew f'iktar minn żewġ reġjuni kontigwi ddefiniti fil-livell NUTS 2, dment li jkun hemm iktar minn 500 ħaddiem milquta fi tnejn mir-reġjuni kollha flimkien fi Stat Membru;

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament dwar il-FEG huma sodisfatti u li, għalhekk, il-Portugall għandu dritt għal kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 4 655 883 skont dan ir-Regolament, ammont li jirrappreżenta 60 % tal-ispiża totali ta' EUR 7 759 806;

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([3]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

2. Jinnota li l-awtoritajiet Portugiżi ppreżentaw l-applikazzjoni fl-24 ta' April 2018, u li, wara li l-Portugall ta informazzjoni addizzjonali, il-Kummissjoni ffinalizzat il-valutazzjoni tagħha fl-10 ta' Settembru 2018 u nnotifikat lill-Parlament fl-istess ġurnata;

3. Josserva li l-Portugall sostna li s-sensji kienu marbutin mal-bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'mod aktar partikolari l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ fit-tessuti u l-ħwejjeġ wara li l-Ftehim dwar il-Multifibri tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ skada fi tmiem l-2004 li wasslet għal bidliet radikali fl-istruttura tal-kummerċ dinji fis-settur tat-tessuti u tal-ilbies;

4. Jinnota li r-rata tal-qgħad fis-settur tal-ilbies fid-distretti fejn is-sensji seħħew hija ogħla minn dik fir-reġjuni Norte, Centro u Lisboa fejn jinsabu tali distretti, u li l-prospettivi għal riallokazzjoni huma baxxi peress li l-ħaddiema li ngħataw is-sensja huma l-aktar nisa b'livell baxx ta' ħiliet;

5. Ifakkar li s-sensji li ngħataw f'żewġ intrapriżi li joperaw fis-settur tal-ilbies Portugiż huma mistennija jpoġġu pressjoni negattiva konsiderevoli fuq l-ekonomija lokali, u li l-impatt tas-sensji huwa marbut mad-diffikultajiet ta' riallokazzjoni minħabba l-iskarsezza ta' impjiegi, il-livell baxx ta' edukazzjoni tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja, u l-għadd kbir ta' dawk li qed ifittxu impjieg;

6. Jirrakkomanda l-applikazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment, u b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew, bil-għan li jitjiebu l-kwalifiki tal-ħaddiema Portugiżi biex jonqos il-qgħad, u speċjalment dawk fost iż-żgħażagħ u dak fit-tul;

7. Jinnota li l-applikazzjoni tirrigwarda 1 161 ħaddiem li ngħataw is-sensja, u li minnhom 730 se jintlaqtu mill-miżuri proposti; jindika l-fatt li l-maġġoranza tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja huma nisa (88,63 %); jinnota wkoll li 20,55 % tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandhom aktar minn 55 sena; jirrikonoxxi, fid-dawl ta' dan, l-importanza tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol kofinanzjati mill-FEG biex jitjiebu l-possibbiltajiet ta' reintegrazzjoni ta' dawn il-gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol;

8. Jilqa' l-fatt li s-servizzi personalizzati kofinanzjati mill-FEG se jiġu wkoll ipprovduti għal massimu ta' 730 żagħżugħ (a) taħt l-età ta' 30 sena barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ (NEETs);

9. Jinnota li l-Portugall qiegħed jippjana tliet tipi ta' azzjonijiet għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja u li huma koperti minn din l-applikazzjoni: (i) taħriġ u taħriġ mill-ġdid, (ii) promozzjoni tal-intraprenditorija, (iii) allokazzjonijiet;

10. Jenfasizza li t-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid għandhom joħolqu alternattivi reali għar-reintegrazzjoni fir-reġjun fil-qies tas-setturi li għandhom domanda dejjem tikber għall-ħaddiema;

11. Jinnota li l-allowances finanzjarji, inklużi dawk għat-taħriġ, għall-mobbiltà u għall-ikel, ma jaqbżux il-massimu ta' 35 % tal-ispejjeż totali stabbilit fir-Regolament dwar il-FEG, u li dawk l-azzjonijiet huma bil-kundizzjoni li l-benefiċjarji fil-mira jieħdu sehem attiv fl-attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg jew ta' taħriġ;

12. Jirrikonoxxi li l-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati tfassal b'konsultazzjoni ma' grupp ta' ħidma, li kien jinkludi s-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi, ir-rappreżentanti tat-trade unions, l-Istitut tas-Sigurtà Soċjali u l-Awtorità għall-Kundizzjonijiet tax-Xogħol;

13. Jenfasizza li l-awtoritajiet Portugiżi kkonfermaw li l-azzjonijiet eleġibbli ma jirċevux assistenza minn fondi jew strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni u taw assigurazzjonijiet li mhu se jitħalla jsir l-ebda finanzjament doppju u li l-azzjonijiet proposti se jkunu komplementari ma' dawk iffinanzjati mill-Fondi Strutturali;

14. Itenni li l-assistenza mill-FEG ma tridx tissostitwixxi azzjonijiet li jkunu r-responsabbiltà tal-kumpaniji, bis-saħħa tad-dritt nazzjonali jew ta' ftehimiet kollettivi, jew miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi u jilqa' b'sodisfazzjon il-konferma mill-Portugall f'dan ir-rigward;

15. Ifakkar li, skont l-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEG, il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati għandu jitfassal b'mod li jantiċipa l-perspettivi u l-ħiliet li se jkun hemm bżonn fis-suq tax-xogħol fil-futur, u għandu jkun kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija sostenibbli u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tħeġġeġ lill-awtoritajiet nazzjonali biex jipprovdu aktar dettalji, fi proposti futuri, dwar is-setturi li jkollhom prospettivi ta' tkabbir, u li għalhekk aktarx jirreklutaw in-nies, kif ukoll biex jiġbru data sostanzjata dwar l-impatt tal-finanzjament mill-FEG, inkluż dwar il-kwalità tal-impjiegi u r-rata ta' reintegrazzjoni miksuba permezz tal-FEG;

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

17. Ifakkar fit-talba tiegħu li l-Kummissjoni tiżgura li l-pubbliku jkollu aċċess għad-dokumenti kollha relatati ma’ każijiet tal-FEG;

18. Japprova d-deċiżjoni annessa ma’ din ir-riżoluzzjoni;

19. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

20. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**ANNESS**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni ppreżentata mill-Portugall – EGF/2018/002 PT/Norte – Centro – Lisboa għall-ilbies**

*(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni (UE) 2018/1720.)*

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0395

## Ħatra tad-Direttur Amministrattiv tal-FEIS

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għall-ħatra tad-Direttur Amministrattiv tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (N8-0100/2018 – C8-0423/2018 – 2018/0903(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2020/C 345/30)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Bord ta' Tmexxija tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi tad-19 ta' Lulju 2018 għall-ħatra mill-ġdid tad-Direttur Amministrattiv tiegħu (C8-0423/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 – il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122a tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji skont l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A8-0314/2018),

A. billi l-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) Nru 2015/1017 jipprevedi li d-Direttur Amministrattiv u l-Viċi Direttur Amministrattiv tal-FEIS għandhom jinħatru mill-BEI għal terminu fiss ta' tliet snin, li jista' jiġġedded għal darba, wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew insegwitu ta' proċess ta' selezzjoni miftuħ u trasparenti f'konformità mal-proċeduri tal-BEI, li matulu l-Parlament Ewropew għandu jinżamm infurmat debitament u f'ħin opportun fl-istadji kollha;

B. billi, fid-19 ta' Lulju 2018, il-Bord ta' Tmexxija tal-FEIS adotta proposta għall-ħatra mill-ġdid tad-Direttur Amministrattiv u l-Viċi Direttur Amministrattiv tal-FEIS u għadda din il-proposta lill-Parlament Ewropew;

C. billi, fil-25 ta' Settembru 2018, il-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji organizzaw seduta ta' smigħ ma' Wilhelm Molterer, il-kandidat propost għall-kariga ta' Direttur Amministrattiv tal-FEIS, u waqt is-seduta dan għamel dikjarazzjoni tal-ftuħ u mbagħad wieġeb il-mistoqsijiet tal-Membri tal-Kumitati;

1. Jagħti l-awtorizzazzjoni tiegħu għall-ħatra ta' Wilhelm Molterer bħala d-Direttur Amministrattiv tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

([1]) ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1.

P8_TA(2018)0396

# Ħatra tal-Viċi Direttur Amministrattiv tal-FEIS

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għall-ħatra ta' Viċi Direttur Amministrattiv tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (N8-0101/2018 – C8-0424/2018 – 2018/0904(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

(2020/C 345/31)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Bord ta' Tmexxija tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi tad-19 ta' Lulju 2018 għall-ħatra mill-ġdid ta' Viċi Direttur Amministrattiv tiegħu (C8-0424/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 – il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 122a tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji skont l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A8-0312/2018),

A. billi l-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) Nru 2015/1017 jipprovdi li d-Direttur Amministrattiv u l-Viċi Direttur Amministrattiv tal-FEIS għandhom jinħatru mill-BEI għal terminu fiss ta' tliet snin, li jista' jiġġedded għal darba, wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew insegwitu ta' proċess ta' selezzjoni miftuħ u trasparenti f'konformità mal-proċeduri tal-BEI, li matulu l-Parlament Ewropew għandu jinżamm infurmat debitament u f'ħin opportun fl-istadji kollha;

B. billi, fid-19 ta' Lulju 2018, il-Bord ta' Tmexxija tal-FEIS adotta proposta għall-ħatra mill-ġdid tad-Direttur Amministrattiv u l-Viċi Direttur Amministrattiv tal-FEIS u għadda din il-proposta lill-Parlament Ewropew;

C. billi, fil-25 ta' Settembru 2018, il-Kumitat għall-Baġits u l-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji organizzaw seduta ta' smigħ ma' Iliyana Tsanova, il-kandidata proposta għall-kariga ta' Viċi Direttur Amministrattiv tal-FEIS, u waqt is-seduta din għamlet dikjarazzjoni tal-ftuħ u mbagħad wieġbet il-mistoqsijiet tal-Membri tal-Kumitati;

1. Jagħti l-awtorizzazzjoni tiegħu għall-ħatra ta' Iliyana Tsanova bħala l-Viċi Direttur Amministrattiv tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Bank Ewropew tal-Investiment u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

---

([1]) ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1.

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0397

# Il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (riformulazzjoni) (COM(2017)0753 – C8-0019/2018 – 2017/0332(COD))** ([1])

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja – riformulazzjoni)**

(2020/C 345/32)

**Emendi 161, 187, 206 u 213**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (2) Id-Direttiva 98/83/KE stabbiliet il-qafas legali biex is-saħħa tal-bniedem titħares mill-effetti ħżiena ta' kwalunkwe tniġġis tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem billi jkun żgurat li dan ikun nadif u tajjeb. Jenħtieġ li din id-Direttiva tfittex li ***tikseb*** l-istess għan. Għalhekk, hu meħtieġ li jiġu stabbiliti, fil-livell tal-Unjoni, rekwiżiti minimi li magħhom għandu jikkonforma l-ilma maħsub għal dak l-għan. L-Istati Membri jenħtieġ jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ilma għall-konsum mill-bniedem ma jkunx fih mikroorganiżmi u parassiti u sustanzi li, f'ċerti każijiet, jikkostitwixxu periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, u li l-ilma għall-konsum mill-bniedem jissodisfa dawk ir-rekwiżiti minimi. | (2) Id-Direttiva 98/83/KE stabbiliet il-qafas legali biex is-saħħa tal-bniedem titħares mill-effetti ħżiena ta' kwalunkwe tniġġis tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem billi jkun żgurat li dan ikun nadif u tajjeb. Jenħtieġ li din id-Direttiva tfittex li ***tilħaq*** l-istess għan ***u jenħtieġ li tipprovdi aċċess universali għal ilma bħal dan għal kulħadd fl-Unjoni***. Għalhekk, hu meħtieġ li jiġu stabbiliti, fil-livell tal-Unjoni, rekwiżiti minimi li magħhom għandu jikkonforma l-ilma maħsub għal dak l-għan. L-Istati Membri jenħtieġ jieħdu l-miżuri meħtieġa ***kollha*** biex jiżguraw li l-ilma għall-konsum mill-bniedem ma jkunx fih mikroorganiżmi u parassiti u sustanzi li, f'ċerti każijiet, jikkostitwixxu periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, u li l-ilma għall-konsum mill-bniedem jissodisfa dawk ir-rekwiżiti minimi. |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(2a) B'konformità mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-2 ta' Diċembru 2015 bit-titolu "L-għeluq taċ-ċirku – Pjan ta' azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari", din id-Direttiva jenħtieġ li tirsisti biex tinkoraġġixxi l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma, biex b'hekk jintlaħqu l-għanijiet tal-ekonomija ċirkolari.*** |

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A8-0288/2018).

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 2b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2b) Id-Dritt tal-Bniedem għall-Ilma tax-Xorb u s-Sanità ġie rikonoxxut bħala dritt tal-bniedem mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fit-28 ta' Lulju 2010 u għaldaqstant, l-aċċess għal ilma tajjeb għax-xorb nadif jenħtieġ li ma jkunx ristrett minħabba n-nuqqas ta' affordabbiltà min-naħa tal-utent aħħari.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 2c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2c) Il-koerenza bejn id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1a] u din id-Direttiva hija neċessarja.*** |

([1a]) *Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).*

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 2d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2d) Ir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva jenħtieġ li jirriflettu s-sitwazzjoni u l-kundizzjonijiet nazzjonali tal-fornituri tal-ilma fl-Istati Membri.*** |

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (3) Hu meħtieġ li l-ilmijiet naturali minerali u ilmijiet li huma prodotti mediċinali jiġu esklużi ***mill- kamp*** ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, peress li dawn l-ilmijiet huma diġà koperti mid-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [68] u mid-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [69]. Madankollu, id-Direttiva 2009/54/KE tittratta kemm ilmijiet minerali naturali kif ukoll ilma tan-nixxiegħa, u l-kategorija tal-aħħar biss tenħtieġ tkun eżentata mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva. Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2009/54/KE, ilma tan-nixxiegħa jenħtieġ ikun konformi mad-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva. Fil-każ ta’ ilma għall-konsum mill-bniedem li jitqiegħed fi fliexken jew kontenituri maħsuba għall-bejgħ, jew li jintuża fil-manifattura, il-preparazzjoni jew it-trattament ta’ ikel, l-ilma jenħtieġ jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva sal-punt tal-konformità ***(jiġifieri l-vit)***, u jenħtieġ li mbagħad jitqies bħala ikel, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [70]. | (3) Hu meħtieġ li l-ilmijiet naturali minerali u ilmijiet li huma prodotti mediċinali jiġu esklużi ***mill-kamp*** ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, peress li dawn l-ilmijiet huma diġà koperti mid-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [68] u mid-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [69]. Madankollu, id-Direttiva 2009/54/KE tittratta kemm ilmijiet minerali naturali kif ukoll ilma tan-nixxiegħa, u l-kategorija tal-aħħar biss tenħtieġ tkun eżentata mill-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva. Skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2009/54/KE, ilma tan-nixxiegħa jenħtieġ ikun konformi mad-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva. ***Madankollu, dan l-obbligu jenħtieġ li ma jkunx estiż għall-parametri mikrobijoloġiċi stabbiliti fil-Parti A tal-Anness I ta’ din id-Direttiva.*** Fil-każ ta’ ilma għall-konsum mill-bniedem ***ipprovdut mill-provvista pubblika tal-ilma jew minn bjar privati,*** li jitqiegħed fi fliexken jew kontenituri maħsuba għall-bejgħ, jew li jintuża fil-manifattura, il-preparazzjoni jew it-trattament ***kummerċjali*** ta’ ikel, l-ilma jenħtieġ ***li, bħala kwistjoni ta’ prinċipju, ikompli*** jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva sal-punt tal-konformità, u jenħtieġ li mbagħad jitqies bħala ikel, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [70]. ***Meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti applikabbli tas-sikurezza tal-ikel, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom is-setgħa li jawtorizzaw l-użu mill-ġdid tal-ilma fl-industrija tal-ipproċessar tal-ikel.*** |

(68) Id-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2009 dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta’ ilmijiet minerali naturali (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 164, 26.6.2009, p. 45).

(69) Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x’jaqsam ma’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

(70) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta’ Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta’ sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

(68) Id-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2009 dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta’ ilmijiet minerali naturali (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 164, 26.6.2009, p. 45).

(69) Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x’jaqsam ma’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

(70) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta’ Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta’ sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1).

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Wara l-konklużjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej dwar id-dritt għall-ilma (Right2Water) ([71]), tnediet konsultazzjoni pubblika mifruxa fl-Unjoni kollha u saret Evalwazzjoni tal-Idoneità u l-Prestazzjoni (REFIT) ***tar-Regolamentazzjoni*** tad-Direttiva 98/83/KE ([72]). Mill-eżerċizzju, deher evidenti li ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/83/KE kellhom jiġu aġġornati. Ġew identifikati erba' oqsma fejn kien hemm lok għal titjib, jiġifieri l-lista tal-valuri parametriċi bbażati fuq il-kwalità, id-dipendenza limitata fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju, id-dispożizzjonijiet mhux preċiżi dwar l-informazzjoni għall-konsumatur, u d-differenzi bejn is-sistemi ta' approvazzjoni għall-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Barra minn hekk, l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-dritt għall-ilma identifikat bħala problema distinta l-fatt li parti tal-popolazzjoni, ***speċjalment il-gruppi*** emarġinati, ma għandhiex aċċess għal ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, li huwa wkoll impenn bħala parti mill-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 6 tal-Aġenda 2030 tan-NU. Kwistjoni oħra li ġiet identifikata tikkonċerna n-nuqqas ġenerali ta' għarfien dwar it-tnixxija tal-ilma, li hija kkawżata minn nuqqas ta' investiment fil-manutenzjoni u t-tiġdid tal-infrastruttura tal-ilma, kif issemma wkoll fir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-infrastruttura tal-ilma ([73]).<br><br>([71]) COM(2014)0177<br>([72]) SWD(2016)0428<br>([73]) Ir-Rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri SR 12/2017: "Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb: titjib fil-kwalità tal-ilma u fl-aċċess għalih fil-Bulgarija, fl-Ungerija u fir-Rumanija, iżda l-ħtiġijiet ta' investiment għadhom sostanzjali". | (4) Wara l-konklużjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej dwar id-dritt għall-ilma (Right2Water) ([71]) ***li talbet lill-Unjoni żżid l-isforzi tagħha biex jinkiseb aċċess universali għall-ilma***, tnediet konsultazzjoni pubblika mifruxa fl-Unjoni kollha u saret Evalwazzjoni tal-Idoneità u l-Prestazzjoni ***tar-Regolamentazzjoni*** (REFIT) tad-Direttiva 98/83/KE ([72]). Mill-eżerċizzju, deher evidenti li ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/83/KE kellhom jiġu aġġornati. Ġew identifikati erba' oqsma fejn kien hemm lok għal titjib, jiġifieri l-lista tal-valuri parametriċi bbażati fuq il-kwalità, id-dipendenza limitata fuq approċċ ibbażat fuq ir-riskju, id-dispożizzjonijiet mhux preċiżi dwar l-informazzjoni għall-konsumatur, u d-differenzi bejn is-sistemi ta' approvazzjoni għall-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ***u l-implikazzjonijiet li dan għandu fuq is-saħħa tal-bniedem***. Barra minn hekk, l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej dwar id-dritt għall-ilma identifikat bħala problema distinta l-fatt li parti tal-popolazzjoni, ***li tinkludi l-gruppi*** emarġinati ***u vulnerabbli***, ma għandhiex aċċess ***jew għandha aċċess limitat*** għal ilma ***affordabbli*** maħsub għall-konsum mill-bniedem, li huwa wkoll impenn ***meħud*** bħala parti mill-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 6 tal-Aġenda 2030 tan-NU. ***F'dan il-kuntest, il-Parlament Ewropew irrikonoxxa d-dritt ta' aċċess għal ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għal kulħadd fl-Unjoni.*** Kwistjoni oħra li ġiet identifikata tikkonċerna n-nuqqas ġenerali ta' għarfien dwar it-tnixxija tal-ilma, li hija kkawżata ***kemm*** minn nuqqas ta' investiment fil-manutenzjoni u t-tiġdid tal-infrastruttura tal-ilma, kif issemma wkoll fir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-infrastruttura tal-ilma ([73])***, kif ukoll minn għarfien xi drabi mhux suffiċjenti tas-sistemi tal-ilma***.<br><br>([71]) COM(2014)0177<br>([72]) SWD(2016)0428<br>([73]) Ir-Rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri SR 12/2017: "Implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb: titjib fil-kwalità tal-ilma u fl-aċċess għalih fil-Bulgarija, fl-Ungerija u fir-Rumanija, iżda l-ħtiġijiet ta' investiment għadhom sostanzjali". |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(4a)* ***Sabiex jissodisfaw l-għanijiet ambizzjużi stabbiliti taħt l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 6 tan-Nazzjonijiet Uniti, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu obbligati jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni biex jiżguraw aċċess universali u ekwu għal ilma tax-xorb sikur u affordabbli għal kulħadd sal-2030.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 4b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(4b)* ***Il-Parlament Ewropew adotta, fit-8 ta' Settembru 2015, riżoluzzjoni dwar is-segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Right2Water".*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(5a)* ***L-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għandu rwol fundamentali fl-isforzi kontinwi tal-Unjoni favur it-tisħiħ tal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent kontra sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema endokrinali. Ir-regolamentazzjoni tas-sustanzi kimiċi li jfixklu s-sistema endokrinali f'din id-Direttiva tikkostitwixxi pass promettenti bi qbil mal-istrateġija aġġornata tal-Unjoni dwar is-sustanzi li jfixklu s-sistema endokrinali, li l-Kummissjoni għandha l-obbligu li twassal mingħajr dewmien ulterjuri.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(6a)* ***Meta l-għarfien xjentifiku ma jkunx suffiċjenti biex jiġi ddeterminat ir-riskju jew in-nuqqas ta' riskju f'termini ta' saħħa tal-bniedem jew il-valur permess ta' sustanza preżenti fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, jenħtieġ li tali sustanza titqiegħed f'lista ta' sorveljanza, abbażi tal-prinċipju ta' prekawzjoni, sakemm ikun hemm dejta xjentifika aktar ċara. Għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmonitorjaw dawn il-parametri emerġenti b'mod separat.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 6b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(6b)* ***Il-parametri indikaturi ma għandhom l-ebda impatt dirett fuq is-saħħa pubblika. Madankollu, dawn huma importanti bħala mezz biex jiġi ddeterminat il-funzjonament tal-faċilitajiet ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni tal-ilma u biex tiġi evalwata l-kwalità tal-ilma. Dawn jistgħu jgħinu biex jiġu identifikati n-nuqqasijiet fit-trattament tal-ilma u għandhom rwol importanti wkoll fit-tisħiħ u ż-żamma tal-fiduċja tal-konsumatur fil-kwalità tal-ilma. Għalhekk, jenħtieġ li dawn ikunu mmonitorjati mill-Istati Membri.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Biex ***iħarsu*** s-saħħa tal-bniedem fit-territorji tagħhom, meta jkun hemm bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jistabbilixxu valuri għal parametri addizzjonali mhux inklużi fl-Anness I . | (7) Biex ***jimplimentaw b'mod sħiħ il-prinċipju ta' prekawzjoni u jħarsu*** s-saħħa tal-bniedem fit-territorji tagħhom, meta jkun hemm bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jistabbilixxu valuri għal parametri addizzjonali mhux inklużi fl-Anness I. |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-ippjanar tas-sikurezza u elementi bbażati fuq ir-riskju għall-prevenzjoni ġew ikkunsidrati biss sa ċertu punt fid-Direttiva 98/83/KE. L-ewwel elementi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju diġà kienu ġew introdotti fl-2015 bid-Direttiva (UE) 2015/1787, li emendat id-Direttiva 98/83/KE biex l-Istati Membri jitħallew jidderogaw mill-programmi ta' monitoraġġ li stabbilixxew, sakemm jitwettqu valutazzjonijiet tar-riskju kredibbli, li jistgħu jkunu bbażati fuq il-Linji Gwida tad-WHO għall-ilma tax-xorb (76). Dawn il-Linji Gwida, li jistabbilixxu l-hekk imsejjaħ approċċ tal-"Pjan tas-Sikurezza tal-Ilma", flimkien mal-istandard EN 15975-2 dwar is-sigurtà tal-provvista tal-ilma tax-xorb, huma prinċipji rikonoxxuti f'livell internazzjoni li fuqhom huma bbażati l-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-monitoraġġ u l-analiżi ta' parametri fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Dawn jenħtieġ jinżammu f'din id-Direttiva. Biex jiġi żgurat li dawn il-prinċipji ma jkunux limitati għal aspetti ta' monitoraġġ, biex il-ħin u r-riżorsi jiġu ffukati fuq ir-riskji li huma importanti u fuq miżuri kosteffettivi applikati fis-sors, u biex jiġi evitat li jsiru analiżijiet u sforzi b'rabta ma' kwistjonijiet li mhumiex rilevanti, huwa xieraq li jiġi stabbilit approċċ komplut ibbażat fuq ir-riskju, tul il-katina tal-provvista kollha, mill-punt li minnu jittella' l-ilma, sad-distribuzzjoni u sal-vit. Dak l-approċċ jenħtieġ jikkonsisti ***minn*** tliet komponenti: l-ewwel, valutazzjoni tal-perikli assoċjati maż-żona ta' astrazzjoni li għandha ssir mill-Istat Membru, f'konformità mal-Linji Gwida u mal-Manwal tal-Pjan tas-Sikurezza tal-Ilma tad-WHO ("valutazzjoni tal-perikli") (77); it-tieni, il-possibbiltà li l-fornitur tal-ilma jadatta l-monitoraġġ għar-riskji ewlenin ("valutazzjoni tar-riskju tal-provvista"); u t-tielet, valutazzjoni tar-riskji possibbli li jistgħu jirriżultaw mis-sistemi ta' distribuzzjoni domestika (eż. il-Legionella jew iċ-ċomb) ***li għandha ssir mill-Istat Membru*** ("valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika"). Dawk il-valutazzjonijiet jenħtieġ jiġu rieżaminati b'mod regolari, inter alia, b'rispons għal theddidiet minn avvenimenti estremi tat-temp relatati mal-klima, għal bidliet magħrufa tal-attività tal-bniedem fiż-żona ta' astrazzjoni jew b'rispons għal inċidenti relatati mas-sorsi. L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jiżgura skambju kontinwu ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u ***l-fornituri*** tal-ilma. | (8) L-ippjanar tas-sikurezza u elementi bbażati fuq ir-riskju għall-prevenzjoni ġew ikkunsidrati biss sa ċertu punt fid-Direttiva 98/83/KE. L-ewwel elementi ta' approċċ ibbażat fuq ir-riskju diġà kienu ġew introdotti fl-2015 bid-Direttiva (UE) 2015/1787, li emendat id-Direttiva 98/83/KE biex l-Istati Membri jitħallew jidderogaw mill-programmi ta' monitoraġġ li stabbilixxew, sakemm jitwettqu valutazzjonijiet tar-riskju kredibbli, li jistgħu jkunu bbażati fuq il-Linji Gwida tad-WHO għall-ilma tax-xorb (76). Dawn il-Linji Gwida, li jistabbilixxu l-hekk imsejjaħ approċċ tal-"Pjan tas-Sikurezza tal-Ilma", flimkien mal-istandard EN 15975-2 dwar is-sigurtà tal-provvista tal-ilma tax-xorb, huma prinċipji rikonoxxuti f'livell internazzjoni li fuqhom huma bbażati l-produzzjoni, id-distribuzzjoni, il-monitoraġġ u l-analiżi ta' parametri fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Dawn jenħtieġ jinżammu f'din id-Direttiva. Biex jiġi żgurat li dawn il-prinċipji ma jkunux limitati għal aspetti ta' monitoraġġ, biex il-ħin u r-riżorsi jiġu ffukati fuq ir-riskji li huma importanti u fuq miżuri kosteffettivi applikati fis-sors, u biex jiġi evitat li jsiru analiżijiet u sforzi b'rabta ma' kwistjonijiet li mhumiex rilevanti, huwa xieraq li jiġi stabbilit approċċ komplut ibbażat fuq ir-riskju, tul il-katina tal-provvista kollha, mill-punt li minnu jittella' l-ilma, sad-distribuzzjoni u sal-vit. Dak l-approċċ jenħtieġ ***li jkun ibbażat fuq l-għarfien miksub u l-azzjonijiet imwettqa skont id-Direttiva 2000/60/KE u jenħtieġ li jikkunsidra b'mod aktar effettiv l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq ir-riżorsi tal-ilma. Approċċ ibbażat fuq ir-riskju jenħtieġ li*** jikkonsisti ***fi*** tliet komponenti: l-ewwel, valutazzjoni tal-perikli assoċjati maż-żona ta' astrazzjoni li għandha ssir mill-Istat Membru, f'konformità mal-Linji Gwida u mal-Manwal tal-Pjan tas-Sikurezza tal-Ilma tad-WHO ("valutazzjoni tal-perikli") (77); it-tieni, il-possibbiltà li l-fornitur tal-ilma jadatta l-monitoraġġ għar-riskji ewlenin ("valutazzjoni tar-riskju tal-provvista"); u t-tielet, valutazzjoni ***min-naħa tal-Istat Membru*** tar-riskji possibbli li jistgħu jirriżultaw mis-sistemi ta' distribuzzjoni domestika (eż. il-Legionella jew iċ-ċomb)***, b'attenzjoni speċjali fir-rigward tal-postijiet ta' prijorità*** ("valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika"). Dawk il-valutazzjonijiet jenħtieġ ***li*** jiġu rieżaminati b'mod regolari, inter alia, b'rispons għal |

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | theddidiet minn avvenimenti estremi tat-temp relatati mal-klima, għal bidliet magħrufa tal-attività tal-bniedem fiż-żona ta’ astrazzjoni jew b’rispons għal inċidenti relatati mas-sorsi. L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jiżgura skambju kontinwu ta’ informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti***, il-fornituri tal-ilma*** u ***partijiet ikkonċernati oħrajn, inklużi dawk responsabbli mis-sorsi ta’ tniġġis jew ir-riskju ta’ tniġġis. Bħala eċċezzjoni, l-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jenħtieġ li tkun adattata għar-restrizzjonijiet speċifiċi tas-settur tal-bastimenti marittimi li jwettqu desalinizzazzjoni tal-ilma u jġorru l-passiġġieri. Il-bastimenti marittimi li jtajru l-bandiera Ewropea jikkonformaw mal-qafas regolatorju internazzjonali meta jbaħħru f’ilmijiet internazzjonali. Barra minn hekk, hemm restrizzjonijiet partikolari għat-trasport u l-produzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tax-xorb abbord u dan ifisser li d-dispożizzjonijiet ta’ din id-Direttiva jenħtieġ li jiġu adattati skont dan.*** |

(76) Guidelines for drinking water quality, Fourth Edition, World Health Organisation, 2011 (Il-Linji Gwida tad-WHO għall-ilma tax-xorb, ir-Raba’ Edizzjoni, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2011) http://www.who.int/water_sanitation_health/publications/2011/dwq_guidelines/en/index.html

(77) Water Safety Plan Manual: step-by-step risk management for drinking water suppliers, World Health Organisation, 2009 (Il-Manwal tal-Pjan tas-Sikurezza tal-Ilma: ġestjoni tar-riskju pass pass għall-fornituri tal-ilma tax-xorb, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2009) http://apps.who.int/iris/bitstream/10665/75141/1/9789241562638_eng.pdf

(76) Guidelines for drinking water quality, Fourth Edition, World Health Organisation, 2011 (Il-Linji Gwida tad-WHO għall-ilma tax-xorb, ir-Raba’ Edizzjoni, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2011) http://www.who.int/water_sanitation_health/publications/2011/dwq_guidelines/en/index.html

(77) Water Safety Plan Manual: step-by-step risk management for drinking water suppliers, World Health Organisation, 2009 (Il-Manwal tal-Pjan tas-Sikurezza tal-Ilma: ġestjoni tar-riskju pass pass għall-fornituri tal-ilma tax-xorb, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2009) http://apps.who.int/iris/bitstream/10665/75141/1/9789241562638_eng.pdf

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(8a)* ***L-użu ineffettiv tar-riżorsi tal-ilma, b’mod partikolari t-tnixxijiet fl-infrastruttura tal-provvista tal-ilma, iwassal għal sfruttament żejjed tar-riżorsi skarsi tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Dan ixekkel bil-qawwi lill-Istati Membri fl-ilħuq tal-objettivi stabbiliti skont id-Direttiva 2000/60/KE.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Il-valutazzjoni tal-perikli jenħtieġ ***tkun immirata lejn it-tnaqqis tal-livell*** ta' trattament meħtieġ għall-produzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, pereżempju billi jitnaqqsu l-pressjonijiet li jikkawżaw it-tniġġis tal-korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw ***il-perikli*** u s-sorsi possibbli ta' tniġġis tal-ilma assoċjati ma' dawk il-korpi tal-ilma u li dawn jimmonitorjaw is-sustanzi niġġiesa li jidentifikaw bħala rilevanti, pereżempju minħabba ***l-perikli*** identifikati (eż. il-mikroplastiċi, in-nitrati, il-pestiċidi jew il-prodotti mediċinali identifikati skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([78])), minħabba l-preżenza naturali tagħhom fiż-żona tal-astrazzjoni (pereżempju l-arseniku), jew minħabba informazzjoni mingħand il-fornituri tal-ilma (eż. żieda f'daqqa ta' parametru speċifiku f'ilma mhux ittrattat). Dawk il-parametri jenħtieġ jintużaw bħala markaturi li permezz tagħhom tixkatta azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti biex titnaqqas il-pressjoni fuq il-korpi tal-ilma, bħal pereżempju miżuri ta' prevenzjoni jew ta' mitigazzjoni (inkluż riċerka biex, fejn meħtieġ, jiġu mifhuma l-impatti fuq is-saħħa), biex dawk il-korpi tal-ilma jiġu protetti u jiġi indirizzat is-sors tat-tniġġis, f'kooperazzjoni ***mal-fornituri*** tal-ilma u ***mal-partijiet ikkonċernati***.

([78]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

*Emenda*

(9) Il-valutazzjoni tal-perikli jenħtieġ ***li tieħu approċċ olistiku għall-valutazzjoni tar-riskju, abbażi tal-għan espliċitu li jitnaqqas il-livell*** ta' trattament meħtieġ għall-produzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, pereżempju billi jitnaqqsu l-pressjonijiet li jikkawżaw it-tniġġis***, jew riskji ta' tniġġis,*** tal-korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jidentifikaw ***ir-riskji*** u s-sorsi possibbli ta' tniġġis tal-ilma assoċjati ma' dawk il-korpi tal-ilma u li dawn jimmonitorjaw is-sustanzi niġġiesa li jidentifikaw bħala rilevanti, pereżempju minħabba ***r-riskji*** identifikati (eż. il-mikroplastiċi, in-nitrati, il-pestiċidi jew il-prodotti mediċinali identifikati skont id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([78])), minħabba l-preżenza naturali tagħhom fiż-żona tal-astrazzjoni (pereżempju l-arseniku), jew minħabba informazzjoni mingħand il-fornituri tal-ilma (eż. żieda f'daqqa ta' parametru speċifiku f'ilma mhux ittrattat). ***B'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE,*** dawk il-parametri jenħtieġ ***li*** jintużaw bħala markaturi li permezz tagħhom tixkatta azzjoni mill-awtoritajiet kompetenti biex titnaqqas il-pressjoni fuq il-korpi tal-ilma, bħal pereżempju miżuri ta' prevenzjoni jew ta' mitigazzjoni (inkluż riċerka biex, fejn meħtieġ, jiġu mifhuma l-impatti fuq is-saħħa), biex dawk il-korpi tal-ilma jiġu protetti u jiġi indirizzat is-sors ***jew ir-riskju*** tat-tniġġis, f'kooperazzjoni ***mal-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi dawk responsabbli minn sustanzi niġġiesa jew sorsi ta' sustanzi niġġiesa potenzjali. Meta permezz tal-valutazzjoni tal-perikli, Stat Membru jidentifika li parametru ma jkunx preżenti f'żona tal-astrazzjoni partikolari, pereżempju minħabba li dik is-sustanza qatt ma tinstab fl-ilma ta' taħt l-art jew fl-ilma tal-wiċċ), l-Istat Membru jenħtieġ li jinforma lill-fornituri*** tal-ilma ***rilevanti*** u ***jenħtieġ li jkun jista' jippermettilhom inaqqsu l-frekwenza tal-monitoraġġ għal dak il-parametru, jew ineħħu dak il-parametru mil-lista ta' parametri li għandhom jiġu mmonitorjati, mingħajr ma titwettaq valutazzjoni tar-riskju tal-provvista***.

([78]) Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Fil-punt li fih l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem isir disponibbli għall-utent xieraq, għandu jkun hemm konformità mal-valuri parametriċi użati biex tiġi evalwata l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem . Madankollu, il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tista' tkun influwenzata mis-sistema ta' distribuzzjoni domestika. Id-WHO tinnota li, mill-patoġeni kollha li jinġarru mill-ilma, il-Legionella tikkawża l-ogħla piż sanitarju fl-Unjoni. Din tiġi trażmessa permezz tan-nifs minn sistemi tal-ilma sħun, pereżempju waqt li dak li jkun ikun qed jieħu doċċa. Għalhekk, hija marbuta b'mod ċar mas-sistema ta' distribuzzjoni domestika. Billi l-impożizzjoni ta' obbligu unilaterali biex il-postijiet pubbliċi u privati kollha jiġu mmonitorjati għal dan il-patoġenu twassal għal spejjeż mhux raġonevoli u għoljin wisq, valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika hija għalhekk iktar adattata biex tindirizza din il-kwistjoni. Barra minn hekk, anki r-riskji potenzjali li jistgħu jirriżultaw minn prodotti u minn materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jenħtieġ jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika. Għalhekk, il-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika jenħtieġ tinkludi, inter alia, l-iffokar tal-monitoraġġ fuq postijiet ta' prijorità, il-valutazzjoni tar-riskji li jirriżultaw mis-sistema ta' distribuzzjoni domestika u mill-prodotti u l-materjali relatati***, u l-verifika tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini*** li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ***abbażi tad-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni tagħhom f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([79])***. L-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 31 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([80]) għandha tiġi pprovduta flimkien mad-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw, inter alia, li l-miżuri xierqa ta' kontroll u ta' ġestjoni (eż. f'każ ta' tifqigħat) huma fis-seħħ, f'konformità mal-gwida tad-WHO ([81]), u li l-migrazzjoni minn ***prodotti għall-bini ma tkunx ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem. Madankollu, mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 305/2011, fejn dawn il-miżuri jimplikaw limiti għall-moviment ħieles ta' prodotti u materjali fl-Unjoni, dawn il-limiti għandhom ikunu debitament ġustifikati u strettament proporzjonati, filwaqt li ma għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri.*** | (11) Fil-punt li fih l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem isir disponibbli għall-utent xieraq, għandu jkun hemm konformità mal-valuri parametriċi użati biex tiġi evalwata l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem . Madankollu, il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tista' tkun influwenzata mis-sistema ta' distribuzzjoni domestika. Id-WHO tinnota li, mill-patoġeni kollha li jinġarru mill-ilma, il-Legionella tikkawża l-ogħla piż sanitarju fl-Unjoni***, b'mod partikolari l-Legionella pneumophila li tikkawża l-parti l-kbira tal-mard tal-Legionella fl-Unjoni***. Din tiġi trażmessa permezz tan-nifs minn sistemi tal-ilma sħun, pereżempju waqt li dak li jkun ikun qed jieħu doċċa. Għalhekk, hija marbuta b'mod ċar mas-sistema ta' distribuzzjoni domestika. Billi l-impożizzjoni ta' obbligu unilaterali biex il-postijiet pubbliċi u privati kollha jiġu mmonitorjati għal dan il-patoġenu twassal għal spejjeż mhux raġonevoli u għoljin wisq ***u tmur kontra l-prinċipju tas-sussidjarjetà***, valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika hija għalhekk iktar adattata biex tindirizza din il-kwistjoni***, b'attenzjoni speċjali fir-rigward tal-postijiet ta' prijorità***. Barra minn hekk, anki r-riskji potenzjali li jistgħu jirriżultaw minn prodotti u minn materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jenħtieġ jiġu kkunsidrati fil-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika. Għalhekk, il-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika jenħtieġ tinkludi, inter alia, l-iffokar tal-monitoraġġ fuq postijiet ta' prijorità, il-valutazzjoni tar-riskji li jirriżultaw mis-sistema ta' distribuzzjoni domestika u mill-prodotti u l-materjali relatati li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. L-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 31 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([80]) għandha tiġi pprovduta flimkien mad-dikjarazzjoni ta' prestazzjoni. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw, inter alia, li l-miżuri xierqa ta' kontroll u ta' ġestjoni (eż. f'każ ta' tifqigħat) huma fis-seħħ, f'konformità mal-gwida tad-WHO ([81]), u li l-migrazzjoni minn ***sustanzi*** u materjali ***li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsumm mill-bniedem*** ma ***tkunx*** ta' ***periklu għas-saħħa tal-bniedem***. |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ([79]) ***Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).***<br>([80]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).<br>([81]) "Legionella and the prevention of Legionellosis", World Health Organisation, 2007 ("Il-Legionella u l-prevenzjoni tal-Leġjonellożi", l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2007), http://www.who.int/water_sanitation_health/emerging/legionella.pdf | ([80]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).<br>([81]) "Legionella and the prevention of Legionellosis", World Health Organisation, 2007 ("Il-Legionella u l-prevenzjoni tal-Leġjonellożi", l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, 2007), http://www.who.int/water_sanitation_health/emerging/legionella.pdf |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/83/KE dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità tat-trattament, it-tagħmir u l-materjali ma rnexxilhomx jindirizzaw l-ostakoli għas-suq intern fir-rigward taċ-ċirkolazzjoni libera ta' prodotti għall-bini li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. L-approvazzjonijiet tal-prodotti fil-livell nazzjonali għadhom fis-seħħ, iżda l-Istati Membri għandhom rekwiżiti differenti. B'riżultat ta' dan, il-manifatturi jsibuha diffiċli biex jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom fl-Unjoni kollha. ***It-tneħħija ta' ostakoli tekniċi tista' tinkiseb b'mod effettiv biss billi jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati għall-prodotti għall-bini li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011. Dak ir-Regolament jippermetti li jiġu żviluppati standards*** Ewropej ***li jarmonizzaw il-metodi*** ta' ***valutazzjoni*** għall-prodotti ***għall-bini li jiġu*** f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u ***li jiġu stabbiliti livelli ta' limitu u klassijiet b'rabta mal-livell ta' prestazzjoni ta' karatteristika essenzjali. Għal dak l-għan, fil-Programm ta' Ħidma għall-istandardizzazzjoni tal-2017*** ([82]) ***ġiet inkluża talba ta' standardizzazzjoni li teħtieġ, b'mod speċifiku, ħidma ta' standardizzazzjoni b'rabta mal-iġjene*** u ***s-sikurezza għall-prodotti*** u l-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ***skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, u sal-2018 se jinħareġ istandard. Il-pubblikazzjoni ta' dan l-istandard armonizzat f'Il-Ġurnal Uffiċjali*** tal-Unjoni ***Ewropea se jiżgura*** li ***jkun hemm proċess razzjonali*** ta' ***teħid*** ta' ***deċiżjonijiet għat-tqegħid fis-suq*** u ***għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti għall-bini*** li ***jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li jkunu sikuri. B'konsegwenza*** ta' ***dan, id-dispożizzjonijiet dwar it-tagħmir u l-materjali*** li ***jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jenħtieġ jitħassru***, ***għandhom jiġu sostitwiti b'mod parzjali minn dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika u għandhom jiġu kkumplimentati minn standards armonizzati rilevanti skont ir-Regolament (UE) Nru 305/2011***. | (12) Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 98/83/KE dwar l-assigurazzjoni tal-kwalità tat-trattament, it-tagħmir u l-materjali ma rnexxilhomx jindirizzaw l-ostakoli għas-suq intern fir-rigward taċ-ċirkolazzjoni libera ta' prodotti għall-bini li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ***jew jipprovdu protezzjoni suffiċjenti fir-rigward tas-saħħa tal-bniedem***. L-approvazzjonijiet tal-prodotti fil-livell nazzjonali għadhom fis-seħħ, iżda l-Istati Membri għandhom rekwiżiti differenti. B'riżultat ta' dan, il-manifatturi jsibuha diffiċli biex jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom fl-Unjoni kollha. ***Dik is-sitwazzjoni hija dovuta għall-fatt*** li ***ma hemm l-ebda standards minimi*** Ewropej ta' ***iġjene*** għall-prodotti ***u l-materjali kollha*** f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u ***dan huwa essenzjali biex jiġi żgurat bis-sħiħ ir-rikonoxximent reċiproku bejn l-Istati Membri***. ***It-tneħħija tal-ostakoli tekniċi*** u ***l-konformità tal-prodotti*** u l-materjali ***kollha*** li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ***fil-livell tal-Unjoni, għalhekk***, ***jistgħu jinkisbu b'mod effettiv biss billi jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi ta' kwalità fil-livell*** tal-Unjoni***. B'konsegwenza ta' dan, dawn id-dispożizzjonijiet jenħtieġ li jissaħħu permezz ta' proċedura ta' armonizzazzjoni ta' tali prodotti u materjali. Dik il-ħidma jenħtieġ*** li ***tibbaża fuq l-esperjenza u l-progress miksuba minn għadd*** ta' ***Stati Membri*** li ***għal diversi snin ilhom jaħdmu, fi sforz miftiehem***, ***biex joħolqu konverġenza regolatorja***. |

([82]) ***SWD(2016)0185.***

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Jenħtieġ li kull Stat Membru jiżgura li jiġu stabbiliti programmi li bihom jara li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Il-biċċa l-kbira mill-monitoraġġ li jsir għall-finijiet ta' din id-Direttiva jitwettaq mill-fornituri tal-ilma. Jenħtieġ li tingħata ċerta flessibbiltà lill-fornituri tal-ilma fir-rigward tal-parametri li jimmonitorjaw għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-riskju tal-provvista. Jekk parametru ma jiġix rilevat, il-fornituri tal-ilma jenħtieġ ***ikunu*** jistgħu jnaqqsu l-frekwenza tal-monitoraġġ, jew jieqfu għalkollox milli jimmonitorjaw dak il-parametru. Il-valutazzjoni tar-riskju tal-provvista ***tenħtieġ*** tiġi applikata għall-biċċa l-kbira tal-parametri. Madankollu, lista ewlenija ta' parametri ***tenħtieġ*** dejjem tiġi mmonitorjata b'ċerta frekwenza minima. Din id-Direttiva tistabbilixxi prinċipalment dispożizzjonijiet dwar il-frekwenza tal-monitoraġġ għal finijiet ta' kontrolli tal-konformità, u dispożizzjonijiet limitati biss dwar il-monitoraġġ għal finijiet operattivi. Jista' jkun hemm bżonn ta' monitoraġġ addizzjonali għal finijiet operattivi biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tat-trattament tal-ilma, skont id-diskrezzjoni tal-fornituri tal-ilma. F'dan ir-rigward, il-fornituri tal-ilma jistgħu jirreferu għal-Linji Gwida u għall-Manwal tal-Pjan tas-Sikurezza tal-Ilma tad-WHO | (13) Jenħtieġ li kull Stat Membru jiżgura li jiġu stabbiliti programmi li bihom jara li l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem jissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva. Il-biċċa l-kbira mill-monitoraġġ li jsir għall-finijiet ta' din id-Direttiva jitwettaq mill-fornituri tal-ilma***, iżda, meta jkun neċessarju, l-Istati Membri jenħtieġ li jiċċaraw taħt liema awtoritajiet kompetenti jaqgħu l-obbligi li jirriżultaw mit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva***. Jenħtieġ li tingħata ċerta flessibbiltà lill-fornituri tal-ilma fir-rigward tal-parametri li jimmonitorjaw għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-riskju tal-provvista. Jekk parametru ma jiġix rilevat, il-fornituri tal-ilma jenħtieġ ***li jkunu*** jistgħu jnaqqsu l-frekwenza tal-monitoraġġ, jew jieqfu għalkollox milli jimmonitorjaw dak il-parametru. Il-valutazzjoni tar-riskju tal-provvista ***jenħtieġ li*** tiġi applikata għall-biċċa l-kbira tal-parametri. Madankollu, lista ewlenija ta' parametri ***jenħtieġ li*** dejjem tiġi mmonitorjata b'ċerta frekwenza minima. Din id-Direttiva tistabbilixxi prinċipalment dispożizzjonijiet dwar il-frekwenza tal-monitoraġġ għal finijiet ta' kontrolli tal-konformità, u dispożizzjonijiet limitati biss dwar il-monitoraġġ għal finijiet operattivi. Jista' jkun hemm bżonn ta' monitoraġġ addizzjonali għal finijiet operattivi biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tat-trattament tal-ilma, skont id-diskrezzjoni tal-fornituri tal-ilma. F'dan ir-rigward, il-fornituri tal-ilma jistgħu jirreferu għal-Linji Gwida u għall-Manwal tal-Pjan tas-Sikurezza tal-Ilma tad-WHO |

**Emenda 188**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jenħtieġ jiġi applikat b'mod gradwali mill-fornituri kollha tal-ilma, inkluż mill-fornituri tal-ilma ż-żgħar, peress li l-evalwazzjoni tad-Direttiva 98/83/KE wasslet biex ġew identifikati nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tad-Direttiva minn dawk il-fornituri, li xi drabi kienu kkawżati mill-ispejjeż li jinvolvi t-twettiq ta' operazzjonijiet ta' monitoraġġ mhux meħtieġa. Meta jiġi applikat l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, it-tħassib dwar is-sigurtà jenħtieġ li jitqiesu. | (14) L-approċċ ibbażat fuq ir-riskju jenħtieġ jiġi applikat b'mod gradwali mill-fornituri kollha tal-ilma, inkluż mill-fornituri tal-ilma żgħar ***ħafna, żgħar u medji***, peress li l-evalwazzjoni tad-Direttiva 98/83/KE wasslet biex ġew identifikati nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tad-Direttiva minn dawk il-fornituri, li xi drabi kienu kkawżati mill-ispejjeż li jinvolvi t-twettiq ta' operazzjonijiet ta' monitoraġġ mhux meħtieġa***, filwaqt li jippermetti l-possibbiltà ta' derogi għal fornituri żgħar ħafna***. Meta jiġi applikat l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, it-tħassib dwar is-sigurtà u t-tħassib relatat mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" jenħtieġ li jitqiesu. ***Fir-rigward tal-fornituri tal-ilma ż-żgħar, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tappoġġa l-attivitajiet ta' sorveljanza billi tipprovdi appoġġ espert.*** |

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(14a)* ***Sabiex tiġi pprovduta l-iktar protezzjoni b’saħħitha għas-saħħa pubblika, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw distribuzzjoni ċara u bilanċjata tar-responsabbiltajiet għall-applikazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju f’konformità mal-qafas istituzzjonali u legali nazzjonali tagħhom.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) F’każ ta’ nuqqas ta’ konformità mal-istandards imposti minn din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istat Membru konċernat jinvestiga minnufih il-kawża u jiżgura li, kemm jista’ jkun malajr, tittieħed l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex titranġa l-kwalità tal-ilma. F’każijiet fejn il-provvista tal-ilma tikkostitwixxi periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, il-provvista ta’ dak l-ilma ***għandha*** tiġi pprojbita, jew l-użu ta’ dak l-ilma ***għandu*** jiġi ristrett***. Barra minn hekk, huwa importanti*** li ***jiġi ċċarat li*** nuqqas li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti minimi għall-valuri relatati mal-parametri mikrobijoloġiċi u kimiċi ***jenħtieġ jiġi kkunsidrat b’mod awtomatiku mill-Istati Membri bħala periklu*** potenzjali għas-saħħa tal-bniedem. F’każijiet fejn tkun meħtieġa azzjoni korrettiva biex titranġa l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, skont l-Artikolu 191(2) tat-Trattat, ***għandha*** tingħata prijorità lill-azzjoni li ssewwi l-kawża tal-problema. | (15) F’każ ta’ nuqqas ta’ konformità mal-istandards imposti minn din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istat Membru konċernat jinvestiga minnufih il-kawża u jiżgura li, kemm jista’ jkun malajr, tittieħed l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex titranġa l-kwalità tal-ilma. F’każijiet fejn il-provvista tal-ilma tikkostitwixxi periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, il-provvista ta’ dak l-ilma ***jenħtieġ li*** tiġi pprojbita, jew l-użu ta’ dak l-ilma ***jenħtieġ li*** jiġi ristrett***, u ċ-ċittadini li jistgħu jkunu affettwati jenħtieġ*** li ***jkunu informati debitament. Barra minn hekk, fil-każ ta’*** nuqqas li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti minimi għall-valuri relatati mal-parametri mikrobijoloġiċi u kimiċi***, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddeterminaw jekk il-qbiż tal-valuri jikkostitwix riskju*** potenzjali għas-saħħa tal-bniedem. ***Għal dan il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu, b’mod partikolari, sa liema punt ir-rekwiżiti minimi ma jkunux ġew issodisfati u t-tip ta’ parametru kkonċernat.*** F’każijiet fejn tkun meħtieġa azzjoni korrettiva biex titranġa l-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, skont l-Artikolu 191(2) tat-Trattat, ***jenħtieġ li*** tingħata prijorità lill-azzjoni li ssewwi l-kawża tal-problema. |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(15a)* ***Huwa importanti li l-ilma kkontaminat ma jitħalliex ikun ta’ periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem. Għalhekk jenħtieġ li l-provvista ta’ dan l-ilma tiġi mwaqqfa jew li l-użu tiegħu jiġi ristrett.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

## Emenda 27

## Proposta għal direttiva

## Premessa 16

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Jenħtieġ li l-Istati Membri ***ma jibqgħux ikunu*** awtorizzati jagħtu derogi minn din id-Direttiva. Inizjalment, kienu ntużaw derogi biex l-Istati Membri jingħataw sa disa' snin biex isolvu nuqqas ta' konformità ma' valur parametriku. Din il-proċedura ***kienet ta' piż kemm*** għall-Istati Membri ***kif ukoll għall-Kummissjoni***. ***Barra minn hekk, f'ċertu*** każijiet, din wasslet għal dewmien fl-azzjonijiet korrettivi meħuda, billi l-possibbiltà għal deroga ġiet ikkunsidrata bħala perjodu tranżitorju. ***Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjoni dwar id-derogi titħassar.*** Għal ***raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa*** tal-bniedem, ***meta l-valuri parametriċi jinqabżu, id-dispożizzjonijiet relatati ma' azzjonijiet korrettivi jenħtieġ japplikaw immedjatament mingħajr il-possibbiltà li tingħata deroga mill-valur parametriku***. Id-derogi mogħtija mill-Istati Membri skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 98/83/KE li jkunu għadhom applikabbli fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva jenħtieġ***, madankollu,*** jibqgħu japplikaw ***sa tmiem id-deroga, iżda m'għandhomx jiġġeddu***. | (16) Jenħtieġ li l-Istati Membri ***jiġu*** awtorizzati jagħtu derogi minn din id-Direttiva. Inizjalment, kienu ntużaw derogi biex l-Istati Membri jingħataw sa disa' snin biex isolvu nuqqas ta' konformità ma' valur parametriku. Din il-proċedura ***wriet li kienet utli*** għall-Istati Membri***, fid-dawl tal-livell ta' ambizzjoni tad-Direttiva***. ***Madankollu, jenħtieġ li jiġi nnutat li f'ċerti*** każijiet, din ***il-proċedura*** wasslet għal dewmien fl-azzjonijiet korrettivi meħuda, billi l-possibbiltà għal deroga ***xi drabi*** ġiet ikkunsidrata bħala perjodu tranżitorju. ***Fid-dawl tal-fatt li, l-ewwel nett, il-parametri tal-kwalità previsti f'din id-Direttiva jridu jiġu msaħħa u, it-tieni, li qed tiżdied l-identifikazzjoni tas-sustanzi niġġiesa emerġenti, li jirrikjedi żieda fl-azzjonijiet ta' evalwazzjoni, monitoraġġ u ġestjoni, jenħtieġ li, minkejja dan, xorta tinżamm proċedura ta' deroga adattata għal dawk iċ-ċirkostanzi, dment li tali derogi ma jikkostitwux riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u dment li l-provvista tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fiż-żona kkonċernata ma tkun tista' tiġi mantnuta bl-ebda mezz raġonevoli ieħor. Għalhekk***, ***jenħtieġ li d-dispożizzjoni fid-Direttiva 98/83/KE dwar id-derogi tiġi emendata sabiex tiġi żgurata konformità aktar mgħaġġla u aktar effettiva min-naħa tal-Istati Membri mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva***. Id-derogi mogħtija mill-Istati Membri skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 98/83/KE li jkunu għadhom applikabbli fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva jenħtieġ ***li*** jibqgħu japplikaw ***b'konformità mal-arranġamenti stipulati fid-dispożizzjonijiet fis-seħħ meta ngħatat id-deroga***. |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Fit-tweġiba tagħha għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej "Right2Water" fl-2014 ([83]), il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għal provvista minima tal-ilma, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO. Barra minn hekk, impenjat ruħha li tkompli "ttejjeb l-aċċess għal ilma tax-xorb sikur […] għall-popolazzjoni kollha permezz ta' politiki ambjentali" ([84]). Dan huwa konformi mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 6 tan-NU u mal-mira assoċjata li "jinkiseb aċċess universali u ġust għal ilma tax-xorb sikur u affordabbli għal kulħadd". Il-kunċett ta' aċċess ġust ikopri firxa wiesgħa ta' aspetti bħalma huma d-disponibbiltà (pereżempju minħabba raġunijiet ġeografiċi, in-nuqqas ta' infrastruttura jew is-sitwazzjoni speċifika ta' ċerti partijiet tal-popolazzjonijiet), il-kwalità, l-aċċettabbiltà, jew l-affordabbiltà finanzjarja. Dwar l-affordabbiltà tal-ilma, huwa importanti li jitfakkar li ***fl-istabbiliment tat-tariffi*** tal-ilma skont il-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż stipulat ***fid-Direttiva 2000/60/KE***, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw il-varjazzjoni fil-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali tal-popolazzjoni u b'hekk jistgħu jadottaw tariffi soċjali jew jieħdu miżuri jissalvagwardjaw lill-popolazzjonijiet li jinsabu fi żvantaġġ soċjoekonomiku. B'mod partikolari, din id-Direttiva tittratta l-aspetti ta' aċċess għall-ilma li huma relatati mal-kwalità u mad-disponibbiltà. Sabiex jiġu indirizzati dawk l-aspetti bħala parti mir-risposta għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej u biex ikun hemm kontribut għall-implimentazzjoni tal-Prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([85]) li tiddikjara "kulħadd għandu d-dritt li jkollu aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità tajba, inkluż l-ilma", jenħtieġ li l-Istati Membri ***jkollhom*** jindirizzaw il-kwistjoni tal-aċċess għall-ilma fil-livell nazzjonali filwaqt li jgawdu minn marġni ta' diskrezzjoni rigward it-tip eżatt ta' miżuri li għandhom jiġu implimentati. Dan jista' jsir permezz ta' azzjonijiet immirati, inter alia, lejn it-titjib tal-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għal kulħadd, pereżempju ***permezz*** ta' funtani liberament aċċessibbli fl-ibliet, u permezz tal-promozzjoni tal-użu ta' dan l-aċċess billi jiġi mħeġġeġ l-għoti, mingħajr ħlas, ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fil-binjiet pubbliċi u ***fir-ristoranti***. | (17) Fit-tweġiba tagħha għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej "Right2Water" fl-2014 ([83]), il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri biex jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkollhom aċċess għal provvista minima tal-ilma, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO. Barra minn hekk, impenjat ruħha li tkompli "ttejjeb l-aċċess għal ilma tax-xorb sikur […] għall-popolazzjoni kollha permezz ta' politiki ambjentali" ([84]). ***Dan huwa konformi mal-Artikoli 1 u 2 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Dan huwa konformi wkoll*** mal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 6 tan-NU u mal-mira assoċjata li "jinkiseb aċċess universali u ġust għal ilma tax-xorb sikur u affordabbli għal kulħadd". Il-kunċett ta' aċċess ġust ikopri firxa wiesgħa ta' aspetti bħalma huma d-disponibbiltà (pereżempju minħabba raġunijiet ġeografiċi, in-nuqqas ta' infrastruttura jew is-sitwazzjoni speċifika ta' ċerti partijiet tal-popolazzjonijiet), il-kwalità, l-aċċettabbiltà, jew l-affordabbiltà finanzjarja. Dwar l-affordabbiltà tal-ilma, huwa importanti li jitfakkar li***, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2000/60/KE, jekk ikunu qed jistabbilixxu tariffi*** tal-ilma skont il-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż stipulat ***f'dik id-Direttiva***, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw il-varjazzjoni fil-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali tal-popolazzjoni u b'hekk jistgħu jadottaw tariffi soċjali jew jieħdu miżuri ***biex*** jissalvagwardjaw lill-popolazzjonijiet li jinsabu fi żvantaġġ soċjoekonomiku. B'mod partikolari, din id-Direttiva tittratta l-aspetti ta' aċċess għall-ilma li huma relatati mal-kwalità u mad-disponibbiltà. Sabiex jiġu indirizzati dawk l-aspetti bħala parti mir-risposta għall-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej u biex ikun hemm kontribut għall-implimentazzjoni tal-Prinċipju 20 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ([85]) li tiddikjara "kulħadd għandu d-dritt li jkollu aċċess għal servizzi essenzjali ta' kwalità tajba, inkluż l-ilma", jenħtieġ li l-Istati Membri ***jkunu meħtieġa*** jindirizzaw il-kwistjoni tal-aċċess ***affordabbli*** għall-ilma fil-livell nazzjonali filwaqt li jgawdu minn ***ċerta*** marġni ta' diskrezzjoni rigward it-tip eżatt ta' miżuri li għandhom jiġu implimentati. Dan jista' jsir permezz ta' azzjonijiet immirati, inter alia, lejn it-titjib tal-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għal kulħadd, pereżempju ***billi r-rekwiżiti tal-kwalità tal-ilma ma jsirux aktar stretti b'mod mhux ġustifikat għal raġunijiet*** ta' ***saħħa pubblika, li jżid il-prezz tal-ilma għaċ-ċittadini, billi jitqiegħdu*** funtani liberament aċċessibbli fl-ibliet, u permezz tal-promozzjoni tal-użu ta' dan l-aċċess billi jiġi mħeġġeġ l-għoti, mingħajr ħlas, ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fil-binjiet pubbliċi***, ir-ristoranti, iċ-ċentri kummerċjali*** u ***rikreattivi, kif ukoll żoni ta' tranżitu u dawk b'influss pedonali qawwi bħall-istazzjonijiet tal-ferroviji jew l-ajruporti. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu liberi jiddeterminaw l-aħjar taħlita ta' tali strumenti fir-rigward taċ-ċirkostanzi nazzjonali speċifiċi tagħhom.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (83) COM(2014)0177.<br>(84) COM(2014)0177, p. 12.<br>(85) Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (2017/C 428/09) tas-17 ta' Novembru 2017 (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10). | (83) COM(2014)0177.<br>(84) COM(2014)0177, p. 12.<br>(85) Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (2017/C 428/09) tas-17 ta' Novembru 2017 (ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10). |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar "is-segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej 'Right2-Water'" [86], talab li "l-Istati Membri jenħtieġ jagħtu attenzjoni speċjali lill-bżonnijiet tal-gruppi vulnerabbli fis-soċjetà" [87]. Is-sitwazzjoni speċifika tal-kulturi ta' minoranza bħar-Rom***, is-Sinti, it-Travellers, il-Kalé, il-Gens du voyage, eċċ.***, kemm jekk huma sedentarji kif ukoll jekk le – b'mod partikolari b'rabta man-nuqqas ta' aċċess tagħhom għall-ilma tax-xorb – ġiet rikonoxxuta wkoll fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom [88] u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom fl-Istati Membri [89]. Fid-dawl ta' dak il-kuntest ġenerali, huwa xieraq li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lil gruppi vulnerabbli u emarġinati billi jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li dawk il-gruppi jkollhom aċċess għall-ilma. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu dawn il-gruppi, dawn jenħtieġ mill-inqas jinkludu refuġjati, komunitajiet nomadiċi, persuni mingħajr dar u kulturi ta' minoranza bħar-Rom***, is-Sinti, it-Travellers, il-Kalé, il-Gens du voyage, eċċ.***, kemm jekk huma sedentarji kif ukoll jekk le. Dawn il-miżuri mmirati lejn l-iżgurar tal-aċċess, li jitħallew f'idejn l-Istati Membri, jistgħu pereżempju jinkludu l-għoti ta' sistemi alternattivi ta' provvista (mezzi ta' trattament individwali), il-provvista ta' ilma permezz ta' tankijiet (trakkijiet u ċisterni) u l-iżgurar tal-preżenza tal-infrastruttura meħtieġa għall-kampijiet. | (18) Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar "is-segwitu għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej 'Right2-Water'" [86], talab li "l-Istati Membri jenħtieġ jagħtu attenzjoni speċjali lill-bżonnijiet tal-gruppi vulnerabbli fis-soċjetà" [87]. Is-sitwazzjoni speċifika tal-kulturi ta' minoranza bħar-Rom ***u t-Travellers***, kemm jekk huma sedentarji kif ukoll jekk le – b'mod partikolari b'rabta man-nuqqas ta' aċċess tagħhom għall-ilma tax-xorb – ġiet rikonoxxuta wkoll fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom [88] u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom fl-Istati Membri [89]. Fid-dawl ta' dak il-kuntest ġenerali, huwa xieraq li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni partikolari lil gruppi vulnerabbli u emarġinati billi jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li dawk il-gruppi jkollhom aċċess għall-ilma. ***B'kont meħud tal-prinċipju tal-irkupru tal-ispejjeż stabbilit fid-Direttiva 2000/60/KE, l-Istati Membri jenħtieġ li jtejbu l-aċċess għall-ilma għall-gruppi vulnerabbli u emarġinati mingħajr ma jipperikolaw il-provvista ta' ilma ta' kwalità għolja bi prezz affordabbli għal kulħadd.*** Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu dawn il-gruppi, dawn jenħtieġ ***li*** mill-inqas jinkludu refuġjati, komunitajiet nomadiċi, persuni mingħajr dar u kulturi ta' minoranza bħar-Rom ***u t-Travellers***, kemm jekk huma sedentarji kif ukoll jekk le. Dawn il-miżuri mmirati lejn l-iżgurar tal-aċċess, li jitħallew f'idejn l-Istati Membri, jistgħu pereżempju jinkludu l-għoti ta' sistemi alternattivi ta' provvista (mezzi ta' trattament individwali), il-provvista ta' ilma permezz ta' tankijiet (trakkijiet u ċisterni) u l-iżgurar tal-preżenza tal-infrastruttura meħtieġa għall-kampijiet. ***Meta l-awtoritajiet pubbliċi lokali jsiru responsabbli għal dawk l-obbligi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li dawn ikollhom riżorsi finanzjarji u kapaċitajiet tekniċi u materjali suffiċjenti, u jenħtieġ li jappoġġawhom b'konformità ma' dan, billi, pereżempju, jipprovdu appoġġ espert. B'mod partikolari, id-distribuzzjoni tal-ilma lill-gruppi vulnerabbli u emarġinati jenħtieġ li ma toħloqx spejjeż sproporzjonati għall-awtoritajiet pubbliċi lokali.*** |

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ([86]) P8_TA(2015)0294<br>([87]) P8_TA(2015)0294, paragrafu 62.<br>([88]) COM(2014)0209.<br>([89]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (2013/C 378/01) tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri, (ĠU C 378, 24.12.2013, p. 1). | ([86]) P8_TA(2015)0294<br>([87]) P8_TA(2015)0294, paragrafu 62.<br>([88]) COM(2014)0209.<br>([89]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (2013/C 378/01) tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri, (ĠU C 378, 24.12.2013, p. 1). |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" ([90]) jeħtieġ li l-pubbliku jkollu aċċess għal tagħrif ambjentali ċar f'livell nazzjonali. Id-Direttiva 98/83/KE ipprevediet biss aċċess passiv għall-informazzjoni, li jfisser li l-Istati Membri kellhom jiżguraw biss li l-informazzjoni kienet disponibbli. Għalhekk, dawk id-dispożizzjonijiet ***għandhom jinbidlu*** biex jiġi żgurat li jkun hemm ***aċċess faċli għal informazzjoni aġġornata***, pereżempju ***fuq*** sit web ***li l-ħolqa tiegħu titqassam b'mod attiv***. L-informazzjoni aġġornata ***m'għandhiex tinkludi*** biss ***ir-riżultati*** tal-programmi ta' monitoraġġ, iżda wkoll informazzjoni addizzjonali li tista' tkun utli għall-pubbliku, ***bħal informazzjoni dwar l-indikaturi (il-ħadid, l-ebusija, il-minerali, eċċ.), li ta' spiss tinfluwenza l-perċezzjoni tal-konsumaturi rigward l-ilma tal-vit. Għal dak l-għan,*** il-parametri indikaturi ***tad-Direttiva 98/83/KE li ma pprovdewx informazzjoni relatata mas-saħħa għandhom jinbidlu b'informazzjoni fuq l-internet dwar dawn il-parametri***. Għall-fornituri tal-ilma kbar ħafna, fuq l-internet għandu jkun hemm disponibbli wkoll informazzjoni addizzjonali dwar, inter alia, ***l-effiċjenza enerġetika,*** il-ġestjoni, ***il-governanza,*** l-istruttura ***tal-ispejjeż*** u t-trattament applikat. ***Huwa preżunt li għarfien aħjar għall-konsumaturi*** u ***trasparenza*** mtejba ***se jikkontribwixxu biex*** tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini fl-ilma fornut lilhom***. Dan***, ***min-naħa tiegħu***, ***huwa mistenni*** li jwassal għal żieda fl-użu tal-ilma tal-vit, ***biex b'hekk jingħata kontribut biex jitnaqqsu l-iskart*** tal-plastik u ***l-emissjonijiet*** tal-gassijiet b'effett ta' serra, u għal impatt pożittiv fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u fuq l-ambjent b'mod ġenerali. | (19) Is-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" ([90]) jeħtieġ li l-pubbliku jkollu aċċess għal tagħrif ambjentali ċar f'livell nazzjonali. Id-Direttiva 98/83/KE ipprevediet biss aċċess passiv għall-informazzjoni, li jfisser li l-Istati Membri kellhom jiżguraw biss li l-informazzjoni kienet disponibbli. Għalhekk, dawk id-dispożizzjonijiet ***jeħtieġ li jiġu sostitwiti*** biex jiġi żgurat li jkun hemm ***informazzjoni aġġornata li tkun komprensibbli u rilevanti għall-konsumaturi u faċilment aċċessibbli***, pereżempju ***fi ktejjeb,*** sit web ***jew applikazzjoni intelliġenti***. L-informazzjoni aġġornata ***jeħtieġ li mhux*** biss ***tinkludi r-riżultati*** tal-programmi ta' monitoraġġ, iżda wkoll informazzjoni addizzjonali li tista' tkun utli għall-pubbliku, ***bħall-eżitu tal-azzjonijiet meħuda għall-monitoraġġ tal-fornituri tal-ilma fir-rigward tal-parametri tal-kwalità tal-ilma u informazzjoni dwar*** il-parametri indikaturi ***elenkati fil-Parti Ba tal-Anness I***. Għall-fornituri tal-ilma kbar ħafna, fuq l-internet għandu jkun hemm disponibbli wkoll informazzjoni addizzjonali dwar, inter alia, il-ġestjoni, l-istruttura ***tariffarja*** u t-trattament applikat. ***L-iskop tal-għarfien aħjar tal-konsumaturi dwar informazzjoni rilevanti*** u ***t-trasparenza*** mtejba ***jeħtieġ li jkun li*** tiżdied il-fiduċja taċ-ċittadini fl-ilma fornut lilhom, ***kif ukoll fis-servizzi tal-ilma***, ***u dan jeħtieġ*** li jwassal għal żieda fl-użu tal-ilma tal-vit ***bħala ilma tax-xorb***, ***li mbagħad jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-iskart*** tal-plastik u ***tal-emissjonijiet*** tal-gassijiet b'effett ta' serra, u għal impatt pożittiv fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u fuq l-ambjent b'mod ġenerali. |
| ([90]) Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171). | ([90]) Id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 171). |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Għall-istess raġunijiet, u sabiex il-konsumaturi jsiru aktar konxji dwar l-implikazzjonijiet tal-konsum tal-ilma, huma ***għandhom*** jirċievu wkoll informazzjoni ***(pereżempju***, fil-fattura tagħhom jew permezz ta' applikazzjonijiet intelliġenti) dwar il-volum ikkunsmat, dwar ***l-istruttura tal-ispejjeż tat-tariffi imposti*** mill-fornitur tal-ilma, ***inklużi l-ispejjeż*** varjabbli u dawk fissi, kif ukoll dwar il-prezz għal kull litru ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, biex b'hekk ikun jista' jsir tqabbil mal-prezz tal-ilma fi fliexken. | (20) Għall-istess raġunijiet, u sabiex il-konsumaturi jsiru aktar konxji dwar l-implikazzjonijiet tal-konsum tal-ilma, huma ***jenħtieġ li*** jirċievu wkoll informazzjoni ***b'mod faċilment aċċessibbli***, ***pereżempju*** fil-fattura tagħhom jew permezz ta' applikazzjonijiet intelliġenti dwar il-volum ikkunsmat ***fis-sena***, dwar ***il-bidliet fil-konsum, tqabbil mal-konsum medju ta' unità domestika, meta tali informazzjoni tkun disponibbli għall-fornitur tal-ilma, dwar l-istruttura tat-tariffa imposta*** mill-fornitur tal-ilma, ***inkluża d-distribuzzjoni tal-partijiet*** varjabbli u dawk fissi ***tagħha***, kif ukoll dwar il-prezz għal kull litru ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, biex b'hekk ikun jista' jsir tqabbil mal-prezz tal-ilma fi fliexken. |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 21**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) Il-prinċipji li għandhom jiġu kkunsidrati fl-iffissar tat-tariffi tal-ilma, jiġifieri l-irkupru tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, huma stabbiliti ***fid-Direttiva 2000/60/KE***. Madankollu, is-sostenibbiltà finanzjarja tal-provvista tas-servizzi tal-ilma mhux dejjem tiġi żgurata, u xi kultant dan iwassal għal nuqqas ta' investiment fil-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-ilma. Permezz tat-titjib tat-tekniki ta' monitoraġġ, ***ir-rati*** ta' tnixxija – prinċipalment minħabba dan in-nuqqas ta' investiment – saru dejjem aktar evidenti, u t-tnaqqis tat-telf tal-ilma ***għandu*** jiġi ***imħeġġeġ*** fil-livell tal-Unjoni biex tittejjeb l-effiċjenza tal-infrastruttura tal-ilma. F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, ***jenħtieġ li din il-kwistjoni tiġi indirizzata billi jiżdiedu t-trasparenza u l-informazzjoni għall-konsumaturi rigward ir-rati ta' tnixxija u l-effiċjenza enerġetika***. | (21) Il-prinċipji ***fundamentali*** li għandhom jiġu kkunsidrati fl-iffissar tat-tariffi tal-ilma, ***mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(4) tad-Direttiva 2000/60/KE,*** jiġifieri l-irkupru tal-ispejjeż tas-servizzi tal-ilma u l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, huma stabbiliti ***f'dik id-Direttiva***. Madankollu, is-sostenibbiltà finanzjarja tal-provvista tas-servizzi tal-ilma mhux dejjem tiġi żgurata, u xi kultant dan iwassal għal nuqqas ta' investiment fil-manutenzjoni tal-infrastruttura tal-ilma. Permezz tat-titjib tat-tekniki ta' monitoraġġ, ***il-livelli*** ta' tnixxija – prinċipalment minħabba dan in-nuqqas ta' investiment – saru dejjem aktar evidenti, u t-tnaqqis tat-telf tal-ilma ***jenħtieġ li*** jiġi ***mħeġġeġ*** fil-livell tal-Unjoni biex tittejjeb l-effiċjenza tal-infrastruttura tal-ilma. F'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, ***sabiex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar din il-kwistjoni, l-informazzjoni relatata magħha jenħtieġ li tiġi kondiviża b'mod aktar trasparenti mal-konsumaturi***. |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva ***fċertu*** perjodu ta' żmien li jibda mid-data stipulata għat-traspożizzjoni tagħha. Dik l-evalwazzjoni ***għandha*** tkun ibbażata fuq esperjenza miksuba u fuq dejta miġbura matul l-implimentazzjoni tad-Direttiva, fuq ***dejta xjentifika, analitika***, ***epidemjoloġika rilevanti*** u fuq ***kwalunkwe rakkomandazzjonijiet disponibbli tad-WHO***. | (25) Skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva ***fċertu*** perjodu ta' żmien li jibda mid-data stipulata għat-traspożizzjoni tagħha. Dik l-evalwazzjoni ***jenħtieġ li*** tkun ibbażata fuq esperjenza miksuba u fuq dejta miġbura matul l-implimentazzjoni tad-Direttiva, fuq ***kwalunkwe rakkomandazzjoni disponibbli tad-WHO***, u fuq ***dejta xjentifika, analitika u epidemjoloġika rilevanti***. |

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Sabiex din id-Direttiva tiġi adattata għall-progress xjentifiku u tekniku jew sabiex jiġu speċifikati rekwiżiti ta' monitoraġġ għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-perikli u tal-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat ***għandha*** tiġi delegata lill-Kummissjoni biex din temenda l-Annessi I sa IV ta' din id-Direttiva. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. Barra minn hekk, minħabba l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom ([96]), is-setgħa mogħtija stipulata fin-Nota 10 tal-Parti C tal-Anness I tad-Direttiva 98/83/KE sabiex jiġu stabbiliti l-frekwenzi tal-monitoraġġ u l-metodi ta' monitoraġġ għal sustanzi radjuattivi ma għadhiex tapplika, u għalhekk ***għandha*** titħassar. Is-setgħa mogħtija stipulata fit-tieni paragrafu tal-parti A tal-Anness III tad-Direttiva 98/83/KE rigward l-emendi tad-Direttiva m'għadhiex meħtieġa, u għalhekk ***għandha*** titħassar. | (28) Sabiex din id-Direttiva tiġi adattata għall-progress xjentifiku u tekniku jew sabiex jiġu speċifikati rekwiżiti ta' monitoraġġ għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-perikli u tal-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat ***jenħtieġ li*** tiġi delegata lill-Kummissjoni biex din temenda l-Annessi I sa IV ta' din id-Direttiva***, u tieħu l-miżuri meħtieġa skont il-bidliet stipulati taħt l-Artikolu 10***. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati. Barra minn hekk, minħabba l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom ([96]), is-setgħa mogħtija stipulata fin-Nota 10 tal-Parti C tal-Anness I tad-Direttiva 98/83/KE sabiex jiġu stabbiliti l-frekwenzi tal-monitoraġġ u l-metodi ta' monitoraġġ għal sustanzi radjuattivi ma għadhiex tapplika, u għalhekk ***jenħtieġ li*** titħassar. Is-setgħa mogħtija stipulata fit-tieni paragrafu tal-parti A tal-Anness III tad-Direttiva 98/83/KE rigward l-emendi tad-Direttiva m'għadhiex meħtieġa, u għalhekk ***jenħtieġ li*** titħassar. |

([96]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p. 12).

([96]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/51/Euratom tat-22 ta' Ottubru 2013 li tistabbilixxi rekwiżiti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' sustanzi radjuattivi fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 296, 7.11.2013, p. 12).

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Din id-Direttiva hi dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. | 1. Din id-Direttiva hi dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ***għal kulħadd fl-Unjoni***. |

**Emendai 163, 189, 207 u 215**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-għan ta' din id-Direttiva għandu jkun dak li s-saħħa tal-bniedem tiġi mħarsa mill-effetti ħżiena ta' kwalunkwe tniġġis tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem billi jkun żgurat li dan ikun nadif u tajjeb. | 2. L-għan ta' din id-Direttiva għandu jkun dak li s-saħħa tal-bniedem tiġi mħarsa mill-effetti ħżiena ta' kwalunkwe tniġġis tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem billi jkun żgurat li dan ikun nadif u tajjeb***, u li jiġi provdut aċċess universali għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem***. |

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. "ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem" tfisser l-ilma kollu, fl-istat oriġinali tiegħu jew wara trattament, maħsub għax-xorb, tisjir, tħejjija jew produzzjoni tal-ikel ***u għanijiet*** oħra domestiċi kemm f'postijiet pubbliċi kif ukoll f'postijiet privati, irrispettivament minn minn fejn ġej u minn jekk huwiex provvist minn network ta' distribuzzjoni, provvist minn ***tank***, jew***, għal ilma tan-nixxiegħa,*** imqiegħed ġo fliexken . | 1. "ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem" tfisser l-ilma kollu, fl-istat oriġinali tiegħu jew wara trattament, maħsub għax-xorb, tisjir, tħejjija jew produzzjoni tal-ikel***, jew għal finijiet*** oħra ***relatati mal-ikel, jew għal għanijiet*** domestiċi ***oħra*** kemm f'postijiet pubbliċi kif ukoll f'postijiet privati***, inklużi n-negozji tal-ikel***, irrispettivament minn minn fejn ġej u minn jekk huwiex provvist minn network ta' distribuzzjoni, provvist minn ***ċisterna***, jew imqiegħed ġo fliexken ***jew kontenituri***. |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. "sistema ta' distribuzzjoni domestika" tfisser is-sistema ta' pajpijiet, fittings u appliances oħra li huma stallati bejn il-viti li huma normalment użati għall-konsum mill-bniedem kemm f'postijiet pubbliċi kif ukoll f'postijiet privati u r-retikolat ta' distribuzzjoni imma biss jekk dawn ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà ta' min jipprovdi l-ilma, skont il-liġi nazzjonali relevanti. | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. "fornitur tal-ilma" tfisser entità li bħala medja tforni mill-inqas 10 $m^3$ ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kuljum. | 3. "fornitur tal-ilma" tfisser entità ***ġuridika*** li bħala medja tforni mill-inqas 10 $m^3$ ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kuljum. |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. "fornitur tal-ilma żgħir ħafna" tfisser fornitur tal-ilma li jforni inqas minn 50 m³ ta' ilma kuljum jew li jservi inqas minn 250 persuna.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. "fornitur tal-ilma żgħir" tfisser fornitur tal-ilma li jforni inqas minn 500 m$^3$ ta' ilma kuljum jew li jservi inqas minn ***5 000*** persuna. | 4. "fornitur tal-ilma żgħir" tfisser fornitur tal-ilma li jforni inqas minn 500 m$^3$ ta' ilma kuljum jew li jservi inqas minn ***2 500*** persuna. |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. "fornitur tal-ilma medju" tfisser fornitur tal-ilma li jforni mill-inqas 500 m$^3$ ta' ilma kuljum jew li jservi mill-inqas 2 500 persuna.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. "fornitur tal-ilma kbir" tfisser fornitur tal-ilma li jforni mill-inqas ***500*** m$^3$ ta' ilma kuljum jew li jservi mill-inqas ***5 000*** persuna. | 5. "fornitur tal-ilma kbir" tfisser fornitur tal-ilma li jforni mill-inqas ***5 000*** m$^3$ ta' ilma kuljum jew li jservi mill-inqas ***25 000*** persuna. |

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. "fornitur tal-ilma kbir ħafna" tfisser fornitur tal-ilma li jforni mill-inqas ***5 000*** m$^3$ ta' ilma kuljum jew li jservi mill-inqas ***50 000*** persuna. | 6. "fornitur tal-ilma kbir ħafna" tfisser fornitur tal-ilma li jforni mill-inqas ***20 000*** m$^3$ ta' ilma kuljum jew li jservi mill-inqas ***100 000*** persuna. |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. "postijiet ta' prijorità" tfisser binjiet kbar b'ħafna ***utenti*** li potenzjalment jistgħu jkunu esposti għal riskji relatati mal-ilma, bħal sptarijiet, istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa, binjiet b'faċilità ta' akkomodazzjoni, istituzzjonijiet penali u żoni għall-ikkampjar, kif identifikati mill-Istati Membri. | 7. "postijiet ta' prijorità" tfisser binjiet kbar ***li ma jkunux unitajiet domestiċi,*** b'ħafna ***persuni, b'mod partikolari persuni vulnerabbli,*** li potenzjalment jistgħu jkunu esposti għal riskji relatati mal-ilma, bħal sptarijiet, istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa***, djar tal-anzjani, skejjel, universitajiet u faċiltajiet oħra tal-edukazzjoni, crèches u skejjel primarji, faċilitajiet sportivi, rikreattivi, tad-divertiment u ta' eżibizzjoni***, binjiet b'faċilità ta' akkomodazzjoni, istituzzjonijiet penali u żoni għall-ikkampjar, kif identifikati mill-Istati Membri. |

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. "negozju tal-ikel" tfisser negozju tal-ikel kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Għall-ilma li jintuża fin-negozji tal-ikel għall-manifattura, l-ipproċessar, il-preservazzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti jew sustanzi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom japplikaw biss l-Artikoli 4, 5, 6 u 11 ta' din id-Direttiva. Minkejja dan, l-ebda wieħed mill-Artikoli ta' din id-Direttiva ma għandu japplika meta operatur ta' negozju tal-ikel ikun jista' juri b'mod li jkun sodisfaċenti għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, li l-kwalità tal-ilma li juża ma jaffettwax l-iġjene tal-prodotti jew is-sustanzi li jirriżultaw mill-attivitajiet tiegħu u li tali prodotti u sustanzi jikkonformaw mar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** [1a]***.***<br><br>[1a] ***Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1).*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Produttur tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li jitqiegħed fi fliexken jew kontenituri m'għandux jitqies bħala fornitur tal-ilma.*** |
| | ***Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem imqiegħed fi fliexken jew kontenituri sakemm dawn ma jkunux koperti mill-obbligi skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Il-bastimenti marittimi li jwettqu desalinizzazzjoni tal-ilma u jġorru l-passiġġieri u jaġixxu bħala fornituri tal-ilma għandhom ikunu soġġetti biss għall-Artikoli 1 sa 7 u 9 sa 12 ta' din id-Direttiva u l-Annessi tagħha.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri kollha meħtieġa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti ***fl-Artikoli 5 sa 12 ta' din id-Direttiva.*** | (c) l-Istati Membri jkunu ħadu l-miżuri kollha meħtieġa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti: |
| | ***(i) fl-Artikoli 4 sa 12 ta' din id-Direttiva għal ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fornut lill-konsumaturi finali minn netwerk ta' distribuzzjoni jew minn ċisterna;*** |
| | ***(ii) fl-Artikoli 4, 5 u 6 u l-Artikolu 11(4) ta' din id-Direttiva għal ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li jitqiegħed fi flixken jew f'kontenituri f'negozju tal-ikel;*** |
| | ***(iii) fl-Artikoli 4, 5, 6 u 11 ta' din id-Direttiva, għal ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem prodott u użat f'negozju tal-ikel għall-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-ikel.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex tiġi implimentata din id-Direttiva fl-ebda ċirkostanzi ma jippermettu, direttament jew indirettament, xi tnaqqis tal-kwalità preżenti tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u lanqas xi żieda fit-tniġġis ta' ilmijiet użati għall-produzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem . | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex tiġi implimentata din id-Direttiva ***jaderixxu b'mod sħiħ mal-prinċipju ta' prekawzjoni u*** fl-ebda ċirkostanzi ma jippermettu, direttament jew indirettament, xi tnaqqis tal-kwalità preżenti tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u lanqas xi żieda fit-tniġġis ta' ilmijiet użati għall-produzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem . |

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu valutazzjoni tal-livelli ta' tnixxija tal-ilma fit-territorju tagħhom u tal-potenzjal ta' titjib fit-tnaqqis ta' tnixxija tal-ilma fis-settur tal-ilma tax-xorb. Dik il-valutazzjoni għandha tieħu kont tal-aspetti ekonomiċi, tekniċi, ambjentali u ta' saħħa pubblika rilevanti. L-Istati Membri għandhom jadottaw, mill-31 ta' Diċembru 2022, miri nazzjonali biex inaqqsu l-livelli ta' tnixxija tal-fornituri tal-ilma fit-territorju tagħhom sal-31 ta' Diċembru 2030. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu inċentivi sinifikanti sabiex jiżguraw li l-fornituri tal-ilma fit-territorju tagħhom jissodisfaw dawn ir-rati.*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Jekk awtorità kompetenti inkarigata mill-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem tgħaddi lil fornitur tal-ilma l-ġestjoni tal-attivitajiet kollha ta' produzzjoni jew ta' distribuzzjoni tal-ilma, jew ta' parti minnhom, il-kuntratt bejn l-awtorità kompetenti u l-fornitur tal-ilma għandu jispeċifika r-responsabbiltajiet ta' kull parti skont din id-Direttiva.*** |

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu valuri applikabbli għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għall-parametri stipulati fl-Anness I***, li m’għandhomx ikunu inqas stretti mill-valuri stipulati fl-istess Anness***. | 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu valuri applikabbli għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għall-parametri stipulati fl-Anness I. |

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-valuri stabbiliti skont il-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu inqas stretti minn dawk stipulati fil-Partijiet A, B u Ba tal-Anness I. F’dak li jirrigwarda l-parametri stipulati fil-Parti Ba tal-Anness I, il-valuri għandhom ikunu stabbiliti biss għal finijiet ta’ monitoraġġ u bil-għan li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 12.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-aġenti tat-trattament, il-materjali u l-proċeduri ta’ diżinfezzjoni użati għal finijiet ta’ diżinfezzjoni fis-sistemi tal-provvista tal-ilma ma jaffettwawx ħażin il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. Kwalunkwe kontaminazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem bl-użu ta’ tali aġenti, materjali u proċeduri għandha tiġi minimizzata mingħajr, madankollu, ma tiġi kompromessa l-effettività tad-diżinfezzjoni.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5 għall-parametri mniżżla fl-Anness I, partijiet A u ***B***, għandhom jiġu mħarsa: | Il-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5 għall-parametri mniżżla fl-Anness I, partijiet A***, B*** u ***C***, għandhom jiġu mħarsa: |

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) fil-każ ta' ilma ***tan-nixxiegħa***, fil-punt ***li fih*** l-ilma ***huwa mqiegħed fi fliexken***. | (c) fil-każ ta' ilma ***maħsub għall-konsum mill-bniedem imqiegħed fi fliexken jew f'kontenituri***, fil-punt ***fejn*** l-ilma ***jitqiegħed fil-fliexken jew fil-kontenituri***. |

**Emenda 60**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) fil-każ ta' ilma użat f'negozju tal-ikel meta l-ilma jiġi fornut minn fornitur tal-ilma, fil-punt ta' twassil fin-negozju tal-ikel.*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Fil-każ ta' ilma kopert mill-punt (a) tal-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jitqiesu li jkunu ssodisfaw l-obbligi tagħhom skont dan l-Artikolu meta jkun jista' jiġi stabbilit li nuqqas ta' konformità mal-parametri previsti fl-Artikolu 5 ikun ikkawżat minn sistema ta' distribuzzjoni privata jew mill-manutenzjoni tagħha, ħlief fir-rigward ta' postijiet ta' prijorità.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 62**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) valutazzjoni tal-perikli ta' korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, f'konformità mal-Artikolu 8; | (a) valutazzjoni tal-perikli ta' korpi tal-ilma ***jew ta' partijiet ta' korpi tal-ilma*** użati għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, ***imwettqa mill-Istati Membri*** f'konformità mal-Artikolu 8; |

**Emenda 63**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) valutazzjoni tar-riskju tal-provvista mwettqa mill-fornituri tal-ilma għall-finijiet ***tal-monitoraġġ*** tal-kwalità tal-ilma li jfornu, f'konformità mal-Artikolu 9 u mal-Parti C tal-Anness II; | (b) valutazzjoni tar-riskju tal-provvista mwettqa mill-fornituri tal-ilma ***f'kull sistema tal-provvista tal-ilma*** għall-finijiet ***ta' salvagwardja u monitoraġġ*** tal-kwalità tal-ilma li jfornu, f'konformità mal-Artikolu 9 u mal-Parti C tal-Anness II; |

**Emenda 64**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri jistgħu jadattaw l-implimentazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, mingħajr ma jikkompromettu l-objettiv ta' din id-Direttiva rigward il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u s-saħħa tal-konsumaturi, meta jkun hemm limitazzjonijiet partikolari minħabba ċirkostanzi ġeografiċi bħalma huma l-periferiċità jew l-aċċessibbiltà taż-żona tal-provvista tal-ilma.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 65**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 7 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw distribuzzjoni ċara u xierqa tar-responsabbiltajiet bejn il-partijiet ikkonċernati, skont id-definizzjoni tal-Istati Membri, għall-applikazzjoni tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju fir-rigward tal-korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u s-sistemi ta' distribuzzjoni domestika. Tali distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet għandha titfassal skont il-qafas istituzzjonali u legali tagħhom.*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-valutazzjonijiet tal-perikli għandhom jitwettqu sa [3 snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]. Dawn għandhom jiġu riveduti kull 3 snin, u għandhom jiġu aġġornati skont kif meħtieġ. | 2. Il-valutazzjonijiet tal-perikli għandhom jitwettqu sa [3 snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]. Dawn għandhom jiġu riveduti kull 3 snin, ***b'kont meħud tar-rekwiżit, previst fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2000/60/KE, li l-Istati Membri jidentifikaw il-korpi tal-ilma,*** u għandhom jiġu aġġornati skont kif meħtieġ. |

**Emenda 67**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-fornituri tal-ilma ***kbar ħafna u l-fornituri tal-ilma kbar*** għandhom iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju tal-provvista ***sa [3 snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva], filwaqt li l-fornituri tal-ilma ż-żgħar għandhom iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju*** sa [6 snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]. Dawn għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari mhux itwal minn 6 snin, u għandhom jiġu aġġornati skont kif meħtieġ. | 3. Il-fornituri tal-ilma għandhom iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju tal-provvista sa [6 snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]. Dawn għandhom jiġu riveduti f'intervalli regolari mhux itwal minn 6 snin, u għandhom jiġu aġġornati skont kif meħtieġ. |

## Emenda 68

### Proposta għal direttiva

### Artikolu 7 – paragrafu 3a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Skont l-Artikoli 8 u 9 ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri korrettivi neċessarji fil-qafas tal-programmi ta' miżuri u tal-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċin tax-xmara previsti rispettivament fl-Artikolu 11 u l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2000/60/KE.*** |

## Emenda 69

### Proposta għal direttiva

### Artikolu 7 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-valutazzjonijiet tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika għandhom jitwettqu sa [3 snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]. Dawn għandhom jiġu riveduti kull 3 snin, u għandhom jiġu aġġornati skont kif meħtieġ. | 4. Il-valutazzjonijiet tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika ***fil-postijiet imsemmija fl-Artikolu 10(1)*** għandhom jitwettqu sa [3 snin wara l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva]. Dawn għandhom jiġu riveduti kull 3 snin, u għandhom jiġu aġġornati skont kif meħtieġ. |

## Emenda 70

### Proposta għal direttiva

### Artikolu 8 – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Valutazzjoni tal-perikli ta' korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem | Valutazzjoni***, monitoraġġ u ġestjoni*** tal-perikli ta' korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 71**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Mingħajr preġudizzju ***għall-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva*** 2000/60/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwettaq valutazzjoni tal-perikli li tkopri l-korpi tal-ilma li jintużaw għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li bħala medja jipprovdu aktar minn 10 $m^3$ kuljum. Il-valutazzjoni tal-perikli għandha tinkludi l-elementi li ġejjin: | 1. Mingħajr preġudizzju ***għad-Direttiva*** 2000/60/KE, ***b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 8,*** l-Istati Membri***, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tagħhom responsabbli mill-ilma,*** għandhom jiżguraw li titwettaq valutazzjoni tal-perikli li tkopri l-korpi tal-ilma li jintużaw għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li bħala medja jipprovdu aktar minn 10 $m^3$ kuljum. Il-valutazzjoni tal-perikli għandha tinkludi l-elementi li ġejjin: |

**Emenda 72**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-identifikazzjoni tal-punti kollha ta' astrazzjoni, kif ukoll ir-referenzi ġeografiċi tagħhom, fil-korpi tal-ilma koperti mill-valutazzjoni tal-perikli; | (a) l-identifikazzjoni tal-punti kollha ta' astrazzjoni, kif ukoll ir-referenzi ġeografiċi tagħhom, fil-korpi ***jew partijiet mill-korpi*** tal-ilma koperti mill-valutazzjoni tal-perikli; ***Peress li d-dejta msemmija f'dan il-punt tista' tkun sensittiva, b'mod partikolari fil-kuntest tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li tali dejta tiġi protetta u kkomunikata biss lill-awtoritajiet rilevanti;*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-immappjar ta' żoni ta' salvagwardja, meta dawk iż-żoni jkunu ġew stabbiliti skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2000/60/KE***, u ż-żoni protetti msemmija fl-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva***; | (b) l-immappjar ta' żoni ta' salvagwardja, meta dawk iż-żoni jkunu ġew stabbiliti skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2000/60/KE; |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

## Emenda 216

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-identifikazzjoni tal-perikli u tas-sorsi possibbli ta' tniġġis li jaffettwaw il-korpi tal-ilma koperti mill-valutazzjoni tal-perikli. Għal dak l-għan, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mir-rieżami tal-impatt tal-attività tal-bniedem imwettaq skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/KE u mill-informazzjoni dwar pressjonijiet sinifikanti miġbura skont il-punt 1.4 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva; | (c) l-identifikazzjoni tal-perikli u tas-sorsi possibbli ta' tniġġis li jaffettwaw il-korpi tal-ilma koperti mill-valutazzjoni tal-perikli. ***Tali riċerka u identifikazzjoni tas-sorsi tat-tniġġis għandhom jiġu aġġornati b'mod regolari sabiex jiġu identifikati sustanzi ġodda li jaffettwaw il-mikroplastiċi, b'mod partikolari l-PFAS.*** Għal dak l-għan, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mir-rieżami tal-impatt tal-attività tal-bniedem imwettaq skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/KE u mill-informazzjoni dwar pressjonijiet sinifikanti miġbura skont il-punt 1.4 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva; |

## Emenda 75

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt d – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-monitoraġġ b'mod regolari tal-korpi tal-ilma koperti mill-valutazzjoni tal-perikli għas-sustanzi niġġiesa magħżula mil-listi li ġejjin: | (d) il-monitoraġġ b'mod regolari tal-korpi ***jew ta' partijiet minn korpi*** tal-ilma koperti mill-valutazzjoni tal-perikli għas-sustanzi niġġiesa ***li huma rilevanti għall-provvista tal-ilma u li huma*** magħżula mil-listi li ġejjin: |

## Emenda 76

## Proposta għal direttiva

## Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt d – punt iv

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iv) sustanzi niġġiesa oħra rilevanti, bħal pereżempju mikroplastiċi, jew sustanzi niġġiesa speċifiċi tal-baċiri tax-xmajjar stabbiliti mill-Istati Membri abbażi tar-rieżami tal-impatt tal-attività tal-bniedem imwettaq skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/KE u skont l-informazzjoni dwar pressjonijiet sinifikanti miġbura skont il-punt 1.4 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva; | (iv) ***il-parametri għal finijiet ta' monitoraġġ biss elenkati fil-Parti Ca tal-Anness I, jew*** sustanzi niġġiesa oħra rilevanti, bħal pereżempju mikroplastiċi***, dment li jkun hemm fis-seħħ metodoloġija għall-kejl tal-mikroplastiċi kif speċifikat fl-Artikolu 11(5b)***, jew sustanzi niġġiesa speċifiċi tal-baċiri tax-xmajjar stabbiliti mill-Istati Membri abbażi tar-rieżami tal-impatt tal-attività tal-bniedem imwettaq skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/60/KE u skont l-informazzjoni dwar pressjonijiet sinifikanti miġbura skont il-punt 1.4 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva; |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 77**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-fornituri tal-ilma żgħar ħafna jistgħu jiġu eżentati mir-rekwiżiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) ta' dan il-paragrafu, dment li l-awtorità kompetenti jkollha għarfien dokumentat minn qabel u aġġornat tal-parametri rilevanti msemmija f'dawk il-punti. Din l-eżenzjoni għandha tiġi rieżaminata mill-awtorità kompetenti mill-inqas kull tliet snin u aġġornata fejn meħtieġ.*** |

**Emenda 217**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-fini tal-monitoraġġ b'mod regolari, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu ***mill-monitoraġġ imwettaq*** skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni. | Għall-fini tal-monitoraġġ b'mod regolari, ***kif ukoll għall-fini li jiġu identifikati sustanzi ġodda perikolużi permezz ta' investigazzjonijiet ġodda,*** l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu ***mill-kapaċità ta' monitoraġġ u ta' investigazzjoni mwettqa,*** skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni. |

**Emenda 78**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-fornituri tal-ilma li jkunu qed jużaw il-korp tal-ilma kopert mill-valutazzjoni tal-perikli dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq skont il-paragrafu 1(d) u, fuq il-bażi ta' dawn ir-riżultati ta' monitoraġġ, jistgħu:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) jeħtieġu li l-fornituri tal-ilma jwettqu monitoraġġ jew trattament addizzjonali ta' ċerti parametri;*** | |
| ***(b) jippermettu lill-fornituri jnaqqsu l-frekwenza tal-monitoraġġ ta' ċerti parametri, mingħajr ma jkunu meħtieġa jwettqu valutazzjoni tar-riskju tal-provvista, sakemm ma jkunux parametri ewlenin skont it-tifsira tal-punt 1 tal-Parti B tal-Anness II, u sakemm ma jkun hemm l-ebda fattur li jista' jiġi antiċipat b'mod raġonevoli li x'aktarx li jista' jikkawża deterjorazzjoni tal-kwalità tal-ilma.*** | |

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. F’każijiet fejn fornitur tal-ilma jkun jista’ jnaqqas il-frekwenza tal-monitoraġġ kif imsemmi fil-paragrafu 2(b), l-Istati Membri għandhom ikomplu jimmonitorjaw, b’mod regolari, dawk il-parametri fil-korp tal-ilma kopert mill-valutazzjoni tal-perikli.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 80**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fuq il-bażi tal-informazzjoni kkompilata skont il-paragrafi 1 u 2 u miġbura skont id-Direttiva 2000/60/KE, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri li ġejjin f’kooperazzjoni mal-fornituri tal-ilma u ma’ partijiet ikkonċernati oħrajn***, jew jiżguraw li dawk il-miżuri jittieħdu mill-fornituri tal-ilma***: | Fuq il-bażi tal-informazzjoni kkompilata skont il-paragrafi 1 u 2 u miġbura skont id-Direttiva 2000/60/KE, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri li ġejjin f’kooperazzjoni mal-fornituri tal-ilma u ma’ partijiet ikkonċernati oħrajn: |

**Emenda 178**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) miżuri ta’ prevenzjoni sabiex jitnaqqas il-livell ta’ trattament u biex tiġi salvagwardjata l-kwalità tal-ilma, inklużi l-miżuri msemmija fl-Artikolu 11(3)(d) tad-Direttiva 2000/60/KE;*** | ***imħassar*** |

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 82**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(aa) jiżguraw li dawk li jniġġsu, f’kooperazzjoni mal-fornituri tal-ilma u ma’ partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, jieħdu miżuri ta’ prevenzjoni biex inaqqsu jew jevitaw il-livell ta’ trattament meħtieġ u biex jissalvagwardjaw il-kwalità tal-ilma, inklużi l-miżuri msemmija fl-Artikolu 11(3)(d) tad-Direttiva 2000/60/KE kif ukoll miżuri addizzjonali meqjusa bħala meħtieġa abbażi tal-monitoraġġ imwettaq skont il-punt (d) tal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu;*** |

**Emenda 83**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (b) miżuri ta’ mitigazzjoni, li huma meqjusa bħala meħtieġa fuq il-bażi tal-monitoraġġ imwettaq skont il-paragrafu 1(d), sabiex jiġi identifikat u indirizzat is-sors tat-tniġġis. | (b) miżuri ta’ mitigazzjoni, li huma meqjusa bħala meħtieġa fuq il-bażi tal-monitoraġġ imwettaq skont il-paragrafu 1(d), sabiex jiġi identifikat u indirizzat is-sors tat-tniġġis ***u jiġi evitat kwalunkwe trattament addizzjonali, meta l-miżuri ta’ prevenzjoni jitqiesu li mhumiex vijabbli jew effettivi biżżejjed biex jindirizzaw is-sors tat-tniġġis b’tempestività***. |

**Emenda 84**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ba) meta l-miżuri stabbiliti fil-punti (aa) u (b) ma jiġux meqjusa bħala suffiċjenti biex jipprovdu protezzjoni adegwata għas-saħħa tal-bniedem, jeħtieġu li l-fornituri tal-ilma jwettqu monitoraġġ addizzjonali ta’ ċerti parametri fil-punt ta’ astrazzjoni jew trattament, jekk ikun strettament meħtieġ għall-prevenzjoni tar-riskji tas-saħħa.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 85**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-fornituri tal-ilma li jkunu qed jużaw il-korp jew partijiet mill-korpi tal-ilma koperti mill-valutazzjoni tal-perikli dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq skont il-punt (d) tal-paragrafu 1 u jistgħu, abbażi ta' dawk ir-riżultati ta' monitoraġġ, u tal-informazzjoni miġbura skont il-paragrafi 1 u 2 u skont id-Direttiva 2000/60/KE:*** |
| | ***(a) jippermettu lill-fornituri tal-ilma jnaqqsu l-frekwenza tal-monitoraġġ ta' ċerti parametri, jew in-numru ta' parametri mmonitorjati, mingħajr ma jkunu meħtieġa jwettqu valutazzjoni tar-riskju tal-provvista, dment li l-parametri kkonċernati ma jkunux parametri ewlenin skont it-tifsira tal-punt 1 tal-Parti B tal-Anness II, u dment ma jkun hemm l-ebda fattur li jista' jiġi antiċipat b'mod raġonevoli li x'aktarx jikkawża deterjorazzjoni tal-kwalità tal-ilma.*** |
| | ***(b) meta fornitur tal-ilma jitħalla jnaqqas il-frekwenza tal-monitoraġġ kif imsemmi fil-paragrafu (a), għandhom ikomplu jimmonitorjaw, b'mod regolari, dawk il-parametri fil-korp tal-ilma kopert mill-valutazzjoni tal-perikli.*** |

**Emenda 86**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 9 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Valutazzjoni tar-riskju tal-provvista | Valutazzjoni***, monitoraġġ u ġestjoni*** tar-riskju tal-provvista |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 87**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-ilma jwettqu valutazzjoni tar-riskju tal-provvista li tipprevedi l-possibbiltà li tiġi aġġustata l-frekwenza tal-monitoraġġ għall-parametri individwali elenkati fil-Partijiet A u ***B*** tal-Anness I li mhumiex parametri ewlenin skont il-parti B tal-Anness II, skont l-okkorrenza tagħhom fl-ilma mhux ittrattat. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-ilma jwettqu valutazzjoni tar-riskju tal-provvista ***b'konformità mal-Parti C tal-Anness II,*** li tipprevedi l-possibbiltà li tiġi aġġustata l-frekwenza tal-monitoraġġ għall-parametri individwali elenkati fil-Partijiet A***, B*** u ***Ba*** tal-Anness I li mhumiex parametri ewlenin skont il-parti B tal-Anness II, skont l-okkorrenza tagħhom fl-ilma mhux ittrattat. |

**Emenda 88**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal dawk il-parametri, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-ilma jistgħu jiddevjaw mill-frekwenzi tal-kampjunar stipulati fil-Parti B tal-Anness II, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fil-Parti C tal-Anness II. | Għal dawk il-parametri, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-ilma jistgħu jiddevjaw mill-frekwenzi tal-kampjunar stipulati fil-Parti B tal-Anness II, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fil-Parti C tal-Anness II***, u abbażi tal-okkorrenza tagħhom fl-ilma mhux ittrattat u l-mekkaniżmu ta' trattament***. |

**Emenda 89**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal dak l-għan, il-fornituri tal-ilma għandhom ***ikunu meħtieġa jqisu*** r-riżultati tal-valutazzjoni tal-perikli mwettqa skont l-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva u r-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq skont l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE. | Għal dak l-għan, il-fornituri tal-ilma għandhom ***iqisu*** r-riżultati tal-valutazzjoni tal-perikli mwettqa skont l-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva u r-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq skont l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2000/60/KE. |

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 90**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-fornituri tal-ilma żgħar ħafna mill-paragrafu 1, dment li l-awtorità kompetenti jkollha għarfien dokumentat minn qabel u aġġornat tal-parametri rilevanti u tqis li ma jkun hemm l-ebda riskju għas-saħħa tal-bniedem b’riżultat ta’ tali eżenzjonijiet, u mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-awtorità skont l-Artikolu 4.*** <br><br> ***L-eżenzjoni għandha tiġi rieżaminata mill-awtorità kompetenti kull tliet snin jew meta jiġi identifikat kwalunkwe periklu ġdid ta’ tniġġis fil-baċir idrografiku, u aġġornata fejn meħtieġ.*** |

**Emenda 91**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-valutazzjonijiet tar-riskju tal-provvista għandhom ***jiġu approvati mill-awtoritajiet*** kompetenti. | 2. Il-valutazzjonijiet tar-riskju tal-provvista għandhom ***ikunu r-responsabbiltà tal-fornituri tal-ilma li għandhom jiżguraw li jikkonformaw ma’ din id-Direttiva. Għal dan il-għan, il-fornituri tal-ilma jistgħu jitolbu l-appoġġ tal-awtoritajiet kompetenti.*** <br><br> ***L-Istati Membri jistgħu jesiġu li l-awtoritajiet kompetenti japprovaw jew jimmonitorjaw il-valutazzjonijiet tar-riskju tal-provvista tal-fornituri tal-ilma.*** |

**Emenda 92**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Abbażi tar-riżultati tal-valutazzjonijiet tar-riskju tal-provvista mwettqa skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-ilma jistabbilixxu pjan tas-sikurezza tal-ilma adattat għar-riskji identifikati u proporzjonat għad-daqs tal-fornitur tal-ilma. Pereżempju, dak il-pjan tas-sikurezza tal-ilma jista’ jirrigwarda l-użu ta’ materjali li jiġu f’kuntatt mal-ilma, il-prodotti ta’ trattament tal-ilma, ir-riskji possibbli li jirriżultaw minn pajpijiet li jnixxu, jew miżuri ta’ adattament għall-isfidi attwali u dawk futuri, bħat-tibdil fil-klima, u għandu jiġi definit f’aktar dettall mill-Istati Membri.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 93**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Valutazzjoni tar-Riskju tad-Distribuzzjoni Domestika | Valutazzjoni***, monitoraġġ u ġestjoni*** tar-Riskju tad-Distribuzzjoni Domestika |

**Emenda 94**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwettaq valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika, li għandha tinkludi l-elementi li ġejjin: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li titwettaq valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika ***fil-postijiet ta' prijorità***, li għandha tinkludi l-elementi li ġejjin: |

**Emenda 95**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) valutazzjoni tar-riskji potenzjali assoċjati mas-sistemi ta' distribuzzjoni domestika, u mal-prodotti u l-materjali relatati, fejn jiġi indikat jekk dawn jaffettwawx il-kwalità tal-ilma fil-punt fejn joħroġ mill-viti li normalment ***jintużaw*** għall-konsum mill-bniedem***, b'mod partikolari fejn l-ilma jiġi fornut lill-pubbliku f'postijiet ta' prijorità***; | (a) valutazzjoni tar-riskji potenzjali assoċjati mas-sistemi ta' distribuzzjoni domestika, u mal-prodotti u l-materjali relatati, fejn jiġi indikat jekk dawn jaffettwawx il-kwalità tal-ilma fil-punt fejn joħroġ mill-viti li normalment ***jintuża*** għall-konsum mill-bniedem; |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 96**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) monitoraġġ regolari tal-parametri elenkati fil-Parti C tal-Anness I, f'postijiet ***fejn il-periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem huwa meqjusa bħala tal-ogħla livell. Il-parametri rilevanti u l-postijiet għall-monitoraġġ għandhom jintgħażlu fuq il-bażi tal-valutazzjoni*** mwettqa skont il-punt (a). | (b) monitoraġġ regolari tal-parametri elenkati fil-Parti C tal-Anness I, f'postijiet ***ta' prijorità fejn ikunu ġew identifikati riskji speċifiċi għa-kwalità tal-ilma matul il-valutazzjoni*** mwettqa skont il-punt (a). |

**Emenda 97**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Rigward il-monitoraġġ regolari ***msemmi fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri*** jistgħu jistabbilixxu strateġija ta' monitoraġġ ***li tiffoka fuq il-postijiet ta' prijorità***; | Rigward il-monitoraġġ regolari ***l-Istati Membri għandhom jiżguraw l-aċċess għall-installazzjonijiet fil-postijiet ta' prijorità għall-finijiet ta' teħid ta' kampjuni u*** jistgħu jistabbilixxu strateġija ta' monitoraġġ***, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-Legionella pneumophila***; |

**Emenda 98**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) verifika rigward jekk il-prestazzjoni ta' prodotti ***għall-bini*** li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem hijiex xierqa b'rabta ***mal-karatteristiċi essenzjali relatati mar-rekwiżit bażiku għax-xogħlijiet tal-bini speċifikat fil-punt 3(e) tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 305/2011***. | (c) verifika rigward jekk il-prestazzjoni ta' prodotti ***u materjali*** li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem hijiex xierqa b'rabta ***mal-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem***. |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 99**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) verifika rigward jekk il-materjali użati humiex adatti li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u jekk ir-rekwiżiti speċifikati fl-Artikolu 11 humiex issodisfati.*** |

**Emenda 100**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta l-Istati Membri jikkunsidraw, abbażi tal-evalwazzjoni mwettqa skont il-paragrafu 1(a), li hemm riskju għas-saħħa tal-bniedem li tirriżulta mis-sistemi ta' distribuzzjoni domestika jew mill-prodotti u l-materjali relatati, jew meta l-monitoraġġ imwettaq skont il-paragrafu 1(b) juri li l-valuri parametriċi stabbiliti fil-Parti C tal-Anness I ma jkunux ġew issodisfati, l-Istati Membri għandhom: | 2. Meta l-Istati Membri jikkunsidraw, abbażi tal-evalwazzjoni mwettqa skont il-paragrafu 1(a), li hemm riskju għas-saħħa tal-bniedem li tirriżulta mis-sistemi ta' distribuzzjoni domestika ***f'postijiet ta' prijorità*** jew mill-prodotti u l-materjali relatati, jew meta l-monitoraġġ imwettaq skont il-paragrafu 1(b) juri li l-valuri parametriċi stabbiliti fil-Parti C tal-Anness I ma jkunux ġew issodisfati, l-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jittieħdu miżuri xierqa sabiex jiġi eliminat jew jitnaqqas ir-riskju ta' nonkonformità mal-valuri parametriċi stabbiliti fil-Parti C tal-Anness I.*** |
| ***(a) jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiġi eliminat jew jitnaqqas ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi stipulati fil-Parti C tal-Anness I;*** | |
| ***(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-migrazzjoni ta' sustanzi jew ta' sustanzi kimiċi minn prodotti għall-bini użati fit-tħejjija jew fid-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ma tkunx ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem, la direttament u lanqas indirettament;*** | |
| ***(c) jieħdu miżuri oħra, bħal metodi xierqa ta' kondizzjonament, f'kooperazzjoni mal-fornituri tal-ilma, biex jitbiddlu n-natura jew il-karatteristiċi tal-ilma qabel ma dan jiġi fornut sabiex jitnaqqas jew jiġi eliminat ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri parametriċi wara l-provvista;*** | |
| ***(d) jinfurmaw b'mod debitu u jgħarrfu lill-konsumaturi dwar il-kundizzjonijiet tal-konsum u l-użu tal-ilma, u dwar azzjoni possibbli biex jiġi evitat li r-riskju jerġa' jseħħ;*** | |

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) jorganizzaw taħriġ għall-plamers u għal professjonisti oħra involuti fis-sistemi ta’ distribuzzjoni domestika u fl-installazzjoni ta’ prodotti għall-bini;*** | |
| ***(f) b’rabta mal-Legionella, jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri effettivi ta’ kontroll u ġestjoni sabiex jiġu pprevjenuti u indirizzati okkorrenzi possibbli ta’ tifqigħat ta’ mard.*** | |

**Emenda 101**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Sabiex jitnaqqsu r-riskji assoċjati mad-distribuzzjoni domestika fis-sistemi ta’ distribuzzjoni domestika kollha, l-Istati Membri għandhom:*** |
| | ***(a) iħeġġu lis-sidien tal-postijiet pubbliċi u privati jwettqu valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika;*** |
| | ***(b) jinfurmaw lill-konsumaturi u lis-sidien tal-postijiet pubbliċi u privati dwar il-miżuri li għandhom l-għan li jeliminaw jew inaqqsu r-riskju tan-nuqqas ta’ konformità mal-istandards tal-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem minħabba s-sistema ta’ distribuzzjoni domestika;*** |
| | ***(c) jinfurmaw b’mod debitu u jgħarrfu lill-konsumaturi dwar il-kundizzjonijiet tal-konsum u l-użu tal-ilma, u dwar azzjoni possibbli biex jiġi evitat li r-riskju jerġa’ jseħħ;*** |
| | ***(d) jippromwovu taħriġ għall-plamers u għal professjonisti oħra involuti fis-sistemi ta’ distribuzzjoni domestika u fl-installazzjoni ta’ materjali u prodotti għall-bini f’kuntatt mal-ilma; u*** |
| | ***(e) f’dak li jirrigwarda l-Legionella, b’mod partikolari l-Legionella pneumophila, għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ miżuri ta’ kontroll u ġestjoni effettivi u proporzjonati għar-riskju sabiex jiġu evitati u indirizzati okkorrenzi possibbli ta’ tifqigħat tal-marda.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 102**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 10a*** |
| | ***Rekwiżiti minimi tal-iġjene għall-prodotti, is-sustanzi u l-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li s-sustanzi u l-materjali użati għall-manifattura tal-prodotti ġodda kollha li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, li jitqiegħdu fis-suq u jintużaw għall-astrazzjoni, it-trattament jew id-distribuzzjoni, jew l-impuritajiet assoċjati ma' tali sustanzi:*** |
| | ***(a) ma jnaqqsux direttament jew indirettament il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem kif previst f'din id-Direttiva;*** |
| | ***(b) ma jaffettwawx ir-riħa jew it-togħma tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;*** |
| | ***(c) ma jkunux preżenti fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem f'konċentrazzjoni ogħla mil-livell meħtieġ biex jintlaħaq l-iskop li għalih ikunu qed jintużaw; u*** |
| | ***(d) ma jiffavorixxux l-iżvilupp mikrobijoloġiku.*** |
| | ***2. Għall-finijiet li tiġi żgurata l-applikazzjoni armonizzata tal-paragrafu 1, sa … [tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 19 sabiex tissupplementa din id-Direttiva billi tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi tal-iġjene u l-lista ta' sustanzi użati għall-produzzjoni tal-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u jkunu approvati fl-Unjoni, inklużi limiti speċifiċi ta' migrazzjoni u kundizzjonijiet speċjali tal-użu kull fejn ikun applikabbli. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi u taġġorna b'mod regolari l-lista f'konformità mal-aħħar żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi.*** |
| | ***3. Sabiex jappoġġa lill-Kummissjoni fl-adozzjoni u l-emendar tal-atti delegati skont il-paragrafu 2, għandu jitwaqqaf kumitat permanenti li jkun magħmul minn rappreżentati maħtura mill-Istati Membri li jistgħu jitolbu l-għajnuna ta' esperti jew konsulenti.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***4. Il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li huma koperti minn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, bħar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1 bis], għandhom jikkonformaw mal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.***<br><br>[1 bis] ***Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5).*** |

**Emenda 103**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jsiru kontrolli regolari tal-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, biex jaraw li ***l-ilma disponibbli għall-konsumaturi*** jissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u partikolarment il-valuri parametriċi dikjarati skont l-Artikolu 5. Għandhom jittieħdu kampjuni rappreżentattivi tal-kwalità tal-ilma kkunsmat matul is-sena. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, fejn id-diżinfettazzjoni hi parti mill-preparazzjoni jew distribuzzjoni tal-ilma maħsub għal-konsum mill-bniedem, l-effiċjenza tad-diżinfettazzjoni hi verifikata, u li kwalunkwe tniġġis minn sustanzi prodotti mill-istess diżinfettazzjoni jinżamm baxx kemm jista' jkun mingħajr ma jikkomprometti d-disinfettazzjoni. | 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jsiru kontrolli regolari tal-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, biex jaraw li ***dan*** jissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u partikolarment il-valuri parametriċi dikjarati skont l-Artikolu 5. Għandhom jittieħdu kampjuni rappreżentattivi tal-kwalità tal-ilma kkunsmat matul is-sena. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li, fejn id-diżinfettazzjoni hi parti mill-preparazzjoni jew distribuzzjoni tal-ilma maħsub għal-konsum mill-bniedem, l-effiċjenza tad-diżinfettazzjoni hi verifikata, u li kwalunkwe tniġġis minn sustanzi prodotti mill-istess diżinfettazzjoni jinżamm baxx kemm jista' jkun mingħajr ma jikkomprometti d-disinfettazzjoni. |

**Emenda 104**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 11 – paragrafu 5a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***5a. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni r-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq b'konformità mal-monitoraġġ tal-parametri elenkati fil-Parti Ca tal-Anness I sa … [tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], u minn hemm 'il quddiem darba fis-sena.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 19 sabiex temenda din id-Direttiva billi taġġorna s-sustanzi inklużi fil-lista ta' sorveljanza stipulata fil-Parti Ca tal-Anness I. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li żżid sustanzi meta jkun hemm riskju li tali sustanzi jkunu preżenti fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u jkunu ta' riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, iżda li l-għarfien xjentifiku dwarhom ma jkunx wera riskju għas-saħħa tal-bniedem. Biex tagħmel dan il-Kummissjoni għandha tibbaża ruħha, b'mod partikolari, fuq ir-riċerka xjentifika tad-WHO. Iż-żieda ta' kwalunkwe sustanza ġdida għandha tkun debitament ġustifikata skont l-Artikolu 1 ta' din id-Direttiva.*** |

**Emenda 105**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 11 – paragrafu 5b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5b. Sa … [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 19 sabiex tissupplementa din id-Direttiva billi tadotta metodoloġija għall-kejl tal-mikroplastiċi elenkati fil-lista ta' sorveljanza stabbilita fil-Parti Ca tal-Anness I.*** |

**Emenda 106**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull ***kaz*** li fih ma jintlaħqux il-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5 ikun investigat mill-ewwel ħalli tiġi identifikata l-kawża. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull ***każ*** li fih ma jintlaħqux il-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5 ***fil-punt ta' konformità msemmi fl-Artikolu 6,*** ikun investigat mill-ewwel ħalli tiġi identifikata l-kawża. |

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 107**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F’każ ta’ nuqqas ta’ konformità mal-valuri parametriċi stipulati fil-Parti C tal-Anness I, l-azzjoni korrettiva għandha tinkludi l-miżuri stipulati ***fil-punti (a) sa (f) tal-Artikolu*** 10(2). | F’każ ta’ nuqqas ta’ konformità mal-valuri parametriċi stipulati fil-Parti C tal-Anness I, l-azzjoni korrettiva għandha tinkludi l-miżuri stipulati ***fl-Artikolu*** 10(2***a***). |

**Emenda 108**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom, b’mod awtomatiku, iqisu kwalunkwe nuqqas b’rabta mal-issodisfar tar-rekwiżiti minimi għall-valuri parametriċi stabbiliti fil-Partijiet A u B tal-Anness I bħala periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem. | L-Istati Membri għandhom, b’mod awtomatiku, iqisu kwalunkwe nuqqas b’rabta mal-issodisfar tar-rekwiżiti minimi għall-valuri parametriċi stabbiliti fil-Partijiet A u B tal-Anness I bħala periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem***, ħlief jekk l-awtoritajiet kompetenti jqisu li n-nonkonformità mal-valur parametriku jkun wieħed trivjali***. |

**Emenda 109**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 – paragrafu 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fil-każijiet deskritti fil-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri għandhom, kemm jista’ jkun malajr, jieħdu l-miżuri kollha li ġejjin: | 4. Fil-każijiet deskritti fil-paragrafi 2 u 3, ***meta n-nonkonformità mal-valuri parametriċi titqies bħala periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem,*** l-Istati Membri għandhom, kemm jista’ jkun malajr, jieħdu l-miżuri kollha li ġejjin: |

**Emenda 110**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-miżuri msemmija fil-punti (a), (b) u (c) għandhom jittieħdu f’kooperazzjoni mal-fornitur tal-ilma kkonċernat.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 111**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-awtoritajiet kompetenti jew korpi oħra relevanti għandhom jiddeċiedu x'azzjoni għandha tittieħed skont il-paragrafu 3, waqt li jżommu quddiem għajnejhom ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem li jinħolqu mit-twaqqif jew restrizzjoni fl-użu ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. | 5. ***Meta jiġi stabbilit in-nuqqas ta' konformità fil-punt tal-konformità,*** l-awtoritajiet kompetenti jew korpi oħra relevanti għandhom jiddeċiedu x'azzjoni għandha tittieħed skont il-paragrafu 3, waqt li jżommu quddiem għajnejhom ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem li jinħolqu mit-twaqqif jew restrizzjoni fl-użu ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. |

**Emenda 112**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 12a*** |
| | ***Derogi*** |
| | ***1. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu derogi mill-valuri parametriċi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness I, jew skont l-Artikolu 5(2), sa valur massimu li jiddeterminawh huma stess, dment li tali derogi ma jikkostitwixxux periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u dment li l-provvista tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fiż-żona kkonċernata ma tkunx tista' tinżamm b'mezzi raġonevoli oħra. Tali derogi għandhom ikunu limitati għall-każijiet li ġejjin:*** |
| | ***(a) żona ta' provvista tal-ilma ġdida;*** |
| | ***(b) sors ġdid ta' tniġġis identifikat f'żona tal-provvista tal-ilma jew parametri li jkunu għadhom kemm ġew imfittxija jew identifikati.*** |
| | ***Id-derogi għandhom ikunu limitati għall-iqsar żmien possibbli u ma għandhomx ikunu itwal minn tliet snin, u meta dan iż-żmien joqrob lejn tmiemu, l-Istati Membri għandhom iwettqu rieżami biex jiġi ddeterminat jekk sarx progress suffiċjenti.*** |
| | ***F'ċirkostanzi eċċezzjonali, Stat Membru jista' jagħti t-tieni deroga fir-rigward tal-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu. Meta Stat Membru jkollu l-ħsieb li jagħti t-tieni deroga, dan għandu jikkomunika r-rieżami, flimkien mar-raġunijiet li wassluh għad-deċiżjoni dwar it-tieni deroga, lill-Kummissjoni. Din it-tieni deroga m'għandhiex tkun itwal minn tliet snin.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2. Kwalunkwe deroga mogħtija skont il-paragrafu 1 għandha tispeċifika dan li ġej:*** |
| | ***(a) ir-raġunijiet għad-deroga;*** |
| | ***(b) il-parametru kkonċernat, ir-riżultati rilevanti ta' kontrolli li jkunu saru, u l-valur massimu permissibbli skont id-deroga;*** |
| | ***(c) iż-żona ġeografika, il-kwantità ta' ilma pprovdut kuljum, il-popolazzjoni kkonċernata u jekk tkunx se tiġi affettwata xi impriża rilevanti li tipproduċi l-ikel;*** |
| | ***(d) skema xierqa ta' monitoraġġ, b'żieda fil-frekwenza ta' monitoraġġ fejn meħtieġ;*** |
| | ***(e) pjan fil-qosor tal-azzjoni korrettiva meħtieġa, inkluża skeda tax-xogħol u stima tal-ispejjeż u dispożizzjonijet għal reviżjoni; u*** |
| | ***(f) it-tul taż-żmien meħtieġ tad-deroga.*** |
| | ***3. Jekk l-awtoritajiet kompetenti jħossu li n-nuqqas ta' konformità mal-valur parametriku jkun wieħed trivjali, u jekk azzjoni korrettiva meħuda skont l-Artikolu 12(2) tkun biżżejjed biex tirrimedja l-problema fi żmien massimu ta' tletin jum, ir-rekwiżiti tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jistgħu ma jiġux speċifikati fid-deroga.*** |
| | ***F'dak il-każ, l-awtoritajiet kompetenti jew korpi oħra rilevanti għandhom jistabbilixxu biss fid-deroga l-valur massimu permissibli għall-parametru kkonċernat u ż-żmien allokat għar-rimedju tal-problema.*** |
| | ***4. Wieħed ma għandux aktar jirrikorri għall-paragrafu 3 jekk ikun ġie nnutat nuqqas ta' konformità ma' valur parametriku wieħed għal provvista partikolari ta' ilma li tkun seħħet f'aktar minn 30 jum fit-12-il xahar ta' qabel.*** |
| | ***5. Kull Stat Membru li jkun irrikorra għad-derogi previsti f'dan l-Artikolu għandu jiżgura li l-popolazzjoni affettwata minn din id-deroga tkun informata fil-pront u kif xieraq dwar id-deroga u dwar il-kundizzjonijiet li jirregolawha. Barra minn hekk, l-Istat Membru għandu, fejn meħtieġ, jiżgura li jingħata parir lil gruppi partikolari tal-popolazzjoni li għalihom id-deroga tista' tippreżenta riskju speċjali.*** |
| | ***Dawn l-obbligi msemmija fl-ewwel subparagrafu m'għandhomx japplikaw fiċ-ċirkostanzi deskritti fil-paragrafu 3 sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jiddeċidux mod ieħor.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***6. Ħlief għal derogi mogħtija skont il-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni fi żmien xahrejn bi kwalunkwe deroga li tirrigwarda provvista tal-ilma individwali b'medja ta' aktar minn 1 000 $m^3$ kuljum jew li sservi aktar minn 5 000 persuna, inkluż it-tagħrif speċifikat fil-paragrafu 2.*** |
| | ***7. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem li jiġi offrut għall-bejgħ fi fliexken jew konterituri.*** |

**Emendi 113, 165, 191, 208, 166, 192, 169, 195, 170, 196, 197, 220**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9 tad-Direttiva 2000/60/KE, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex itejbu l-aċċess ***ta' kulħadd*** għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u biex jippromwovu l-użu tiegħu fit-territorju tagħhom. ***Dan għandu jinkludi l-miżuri kollha li ġejjin:*** | 1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9 tad-Direttiva 2000/60/KE ***u għall-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità***, l-Istati Membri għandhom***, filwaqt li jqisu l-perspettivi u ċ-ċirkostanzi lokali u reġjonali għad-distribuzzjoni tal-ilma,*** jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex itejbu l-aċċess ***universali*** għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u biex jippromwovu l-użu tiegħu fit-territorju tagħhom. |
| ***(a)*** ***l-identifikazzjoni ta' persuni*** mingħajr aċċess ***għal ilma*** maħsub għall-konsum mill-bniedem u r-raġunijiet għan-nuqqas ta' aċċess ***(pereżempju minħabba appartenenza għal gruppi vulnerabbli u emarġinati)***, l-evalwazzjoni tal-possibbiltajiet għat-titjib tal-aċċess għal dawk in-nies u li dawn jiġu infurmati dwar il-possibbiltajiet li jiġu konnessi ma' netwerk ta' distribuzzjoni, jew dwar mezzi alternattivi biex ikollhom aċċess għal ilma ta' dan it-tip; | (a) l-identifikazzjoni ***tal-persuni*** mingħajr aċċess***, jew b'aċċess limitat, għall-ilma*** maħsub għall-konsum mill-bniedem***, inklużi l-gruppi vulnerabbli u emarġinati,*** u r-raġunijiet għan-nuqqas ta' aċċess***, il-valutazzjoni tal-possibbiltajiet*** u ***t-teħid ta' azzjonijiet*** għat-titjib tal-aċċess għal dawk in-nies u li dawn jiġu infurmati dwar ***il-possibbiltajiet*** li jiġu konnessi ***man-netwerk*** ta' distribuzzjoni, jew dwar mezzi alternattivi biex ikollhom aċċess għal ilma ta' dan it-tip; |
| | ***(aa) l-iżgurar tal-provvista pubblika tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;*** |
| ***(b)*** l-installazzjoni u ż-żamma fuq barra u fuq ġewwa ta' tagħmir għal aċċess ħieles għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem fi spazji pubbliċi; | (b) l-installazzjoni u ż-żamma fuq barra u fuq ġewwa ta' tagħmir***, inklużi punti ta' riforniment,*** għal aċċess ħieles għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ***fl-ispazji pubbliċi, b'mod partikolari fiż-żoni li minnhom jgħaddu ħafna nies; fejn ikun teknikament fattibbli, dan għandu jsir b'mod li jkun proporzjonat mal-ħtieġa ta' tali miżuri u b'kont meħud tal-kundizzjonijiet lokali speċifiċi, bħall-klima u l-ġeografija;*** |

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-promozzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem permezz ta' dawn li ġejjin: | (c) il-promozzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem permezz ta' dawn li ġejjin: |
| (i) it-tnedija ta' kampanji biex iċ-ċittadini jiġu infurmati dwar il-kwalità ***ta' dan l-ilma***; | (i) ***il-varar*** ta' kampanji biex iċ-ċittadini jiġu infurmati dwar il-kwalità ***tajba tal-ilma tal-vit u biex titqajjem kuxjenza dwar l-eqreb punt*** ta' ***riforniment maħsub apposta***; |
| | ***(ia) it-tnedija ta' kampanji biex il-pubbliku ġenerali jitħeġġeġ iġorr fliexken tal-ilma li jistgħu jerġgħu jintużaw u tnedija ta' inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni dwar il-punti ta' riforniment;*** |
| (ii) ***it-tħeġġiġ*** tal-forniment ta' dan l-ilma f'amministrazzjonijiet u f'binjiet pubbliċi; | (ii) ***l-iżgurar*** tal-forniment ***bla ħlas*** ta' dan l-ilma f'amministrazzjonijiet u f'binjiet pubbliċi***, kif ukoll l-iskoraġġiment tal-użu tal-ilma f'kontenituri jew fi fliexken tal-plastik li jintużaw darba biss f'tali amministrazzjonijiet u binjiet***; |
| (iii) it-tħeġġiġ tal-għoti ***b'xejn*** ta' ilma ta' dan it-tip f'ristoranti, f'kantins u f'servizzi ta' catering. | (iii) it-tħeġġiġ tal-għoti ta' ilma ta' dan it-tip ***b'xejn jew b'tariffa baxxa għas-servizz, għall-klijenti*** f'ristoranti, f'kantins u f'servizzi ta' catering. |

**Emenda 114**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 1(a), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri ***kollha*** meħtieġa biex jiżguraw l-aċċess minn gruppi vulnerabbli u emarġinati għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. | Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura skont il-paragrafu 1(a), l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri ***li jqisu*** meħtieġa ***u xierqa*** biex jiżguraw l-aċċess minn gruppi vulnerabbli u emarġinati għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem. |

**Emendi 173, 199 u 209**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Meta l-obbligi skont dan l-Artikolu jkunu jinkombu fuq l-awtoritajiet pubbliċi lokali skont id-dritt nazzjonali, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn l-awtoritajiet ikollhom il-mezzi u r-riżorsi biex jiżguraw l-aċċess għall-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u li kwalunkwe miżura f'dak ir-rigward tkun proporzjonata mal-kapaċitajiet u d-daqs tan-netwerk ta' distribuzzjoni kkonċernat.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emendi 174, 200 u 210**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 13 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. B'kunsiderazzjoni tad-data miġbura skont id-dispożizzjonijiet stipulati fil-punt (a) tal-Artikolu15(1), il-Kummissjoni għandha tikkollabora mal-Istati Membri u mal-Bank Ewropew tal-Investiment biex tappoġġa lil dawk il-muniċipalitajiet fl-Unjoni li m'għandhomx il-kapital meħtieġ, sabiex dawn ikunu jistgħu jaċċessaw għajnuna teknika, finanzjament tal-Unjoni disponibbli u self fuq terminu twil b'rata tal-imgħax preferenzjarja, b'mod partikolari bl-għan li tinżamm u tiġġedded l-infrastruttura tal-ilma sabiex jiġi żgurat il-forniment ta' ilma ta' kwalità għolja, u biex is-servizzi tal-ilma u tas-sanità jiġu estiżi għall-gruppi tal-popolazzjoni vulnerabbli u marġinalizzati.*** |

**Emenda 116**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fuq l-internet ikun hemm disponibbli, għall-persuni kollha li lilhom jiġi pprovdut l-ilma, informazzjoni xierqa u ***aġġornata*** dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, ***f'konformità*** mal-Anness IV. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fuq l-internet***, jew b'mezzi oħra faċili għall-utent,*** ikun hemm disponibbli, għall-persuni kollha li lilhom jiġi pprovdut l-ilma, informazzjoni xierqa***, aġġornata*** u ***aċċessibbli*** dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, ***f'konformità*** mal-Anness IV***, u f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta***. |

**Emenda 117**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni kollha li lilhom jiġi pprovdut l-ilma jirċievu, b'mod regolari u tal-anqas darba f'sena, fl-aktar forma xierqa (pereżempju fil-fattura tagħhom jew permezz ta' applikazzjonijiet intelliġenti) ***u mingħajr ma jkollhom għalfejn jitolbuha***, l-informazzjoni li ġejja: | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni kollha li lilhom jiġi pprovdut l-ilma jirċievu, b'mod regolari u tal-anqas darba f'sena, fl-aktar forma xierqa ***u faċilment aċċessibbli*** (pereżempju fil-fattura tagħhom jew permezz ta' applikazzjonijiet intelliġenti) ***skont kif jiġi ddeterminat mill-awtoritajiet kompetenti***, l-informazzjoni li ġejja: |

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 118**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***informazzjoni dwar l-istruttura tal-ispejjeż tat-tariffa*** għal kull metru kubu ta’ ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, ***inklużi l-ispejjeż*** fissi u dawk varjabbli***, li tippreżenta tal-inqas l-ispejjeż relatati mal-elementi li ġejjin:*** | (a) ***liema spejjeż jiġu rkuprati permezz ta’ sistema tariffarja, informazzjoni dwar it-tariffa imposta*** għal kull metru kubu ta’ ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, ***inkluża d-distribuzzjoni tal-ispejjeż*** fissi u dawk varjabbli; |

**Emenda 119**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(i) il-miżuri meħuda mill-fornituri tal-ilma għall-valutazzjoni tal-perikli skont l-Artikolu 8(5);*** | ***imħassar*** |

**Emenda 120**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(ii) it-trattament u d-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 121**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(iii) il-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi;*** | ***imħassar*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 122**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt a – punt iv**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(iv) il-miżuri meħuda skont l-Artikolu 13, f'każ li l-fornituri tal-ilma jkunu ħadu miżuri ta' dak it-tip;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 123**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) informazzjoni dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, inklużi l-parametri indikaturi;*** |

**Emenda 124**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***il-prezz*** għal kull litru u ***metru kubu ta' ilma*** maħsub ***għall-konsum*** mill-bniedem ***fornut***; | (b) ***meta l-ispejjeż jiġu rkuprati permezz ta' sistema tariffarja, il-prezz tal-provvista ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għal kull metru kubu, u l-***prezz ***fatturat*** għal kull litru***; meta l-ispejjeż ma jiġux irkuprati permezz ta' sistema tariffarja, l-ispejjeż annwali totali mġarrba mis-sistema tal-ilma biex tiġi żgurata l-konformità ma' din id-Direttiva, akkumpanjati minn informazzjoni kuntestwali u rilevanti dwar kif l-ilma maħsub għall-konum mill-bniedem ikun qed jiġi pprovdut liż-żona;*** |

**Emenda 125**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) it-trattament u d-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem;*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

## Emenda 126

### Proposta għal direttiva

### Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-volum ikkunsmat mill-unità domestika, mill-inqas kull sena jew għal kull perjodu tal-kont, flimkien max-xejriet ta' konsum ***annwali***; | (c) il-volum ikkunsmat mill-unità domestika, mill-inqas kull sena jew għal kull perjodu tal-kont, flimkien max-xejriet ***annwali*** ta' konsum ***tal-unitajiet domestiċi, jekk dan ikun teknikament fattibbli u biss jew din l-informazzjoni tkun disponibbli għall-fornitur tal-ilma***; |

## Emenda 127

### Proposta għal direttiva

### Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) tqabbil tal-konsum annwali ta' ilma mill-unità domestika, b'konsum medju għal unità domestika ***tal-istess kategorija***; | (d) tqabbil tal-konsum annwali ta' ilma mill-unità domestika, b'konsum medju għal unità domestika***, meta applikabbli skont il-punt (c)***; |

## Emenda 128

### Proposta għal direttiva

### Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ***ta' implimentazzjoni*** li jispeċifikaw il-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-ewwel subparagrafu, kif ukoll il-modalitajiet għall-preżentazzjoni tagħha. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 20(2).*** | ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu diviżjoni ċara tar-responsabbiltajiet fir-rigward tal-għoti tal-informazzjoni skont l-ewwel subparagrafu bejn il-fornituri tal-ilma, il-partijiet ikkonċernati u l-korpi lokali kompetenti.*** Il-Kummissjoni ***hija mogħtija s-setgħa li*** tadotta atti ***delegati skont l-Artikolu 19*** li ***jissupplementaw din id-Direttiva billi*** jispeċifikaw il-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont l-ewwel subparagrafu, kif ukoll il-modalitajiet għall-preżentazzjoni tagħha. |

It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018

**Emenda 129**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 15 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jistabbilixxu, u jaġġornaw kull sena minn hemm ’il quddiem, sett ta’ dejta li jkun fih informazzjoni dwar inċidenti relatati mal-ilma tax-xorb li kkawżaw ***periklu*** potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, irrispettivament minn jekk ikunx seħħ jew le xi nuqqas fl-ilħiq tal-valuri parametriċi, li jkun dam għal aktar minn 10 ijiem konsekuttivi u li jkun affettwa mill-inqas 1 000 persuna, inklużi l-kawżi ta’ dawk l-inċidenti u l-azzjonijiet korrettivi meħuda skont l-Artikolu 12. | (d) jistabbilixxu, u jaġġornaw kull sena minn hemm ’il quddiem, sett ta’ dejta li jkun fih informazzjoni dwar inċidenti relatati mal-ilma tax-xorb li kkawżaw ***riskju*** potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, irrispettivament minn jekk ikunx seħħ jew le xi nuqqas fl-ilħiq tal-valuri parametriċi, li jkun dam għal aktar minn 10 ijiem konsekuttivi u li jkun affettwa mill-inqas 1 000 persuna, inklużi l-kawżi ta’ dawk l-inċidenti u l-azzjonijiet korrettivi meħuda skont l-Artikolu 12. |

**Emenda 130**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 15 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni ***tista’*** tadotta atti ***ta’ implimentazzjoni*** li jispeċifikaw il-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-paragrafi 1 u 3, inklużi rekwiżiti dettaljati dwar l-indikaturi, il-mapep li joffru ħarsa ġenerali u li jkopru l-Unjoni kollha u r-rapporti ġenerali tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3, kif ukoll il-modalitajiet għall-preżentazzjoni ta’ din l-informazzjoni. | 4. Il-Kummissjoni ***hija mogħtija s-setgħa li*** tadotta atti ***delegati skont l-Artikolu 19*** li ***jissupplementaw din id-Direttiva billi*** jispeċifikaw il-format tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont il-paragrafi 1 u 3, inklużi rekwiżiti dettaljati dwar l-indikaturi, il-mapep li joffru ħarsa ġenerali u li jkopru l-Unjoni kollha u r-rapporti ġenerali tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3, kif ukoll il-modalitajiet għall-preżentazzjoni ta’ din l-informazzjoni. |

**Emenda 131**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 15 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-atti ta’ implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 20(2).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 132**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) id-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess għall-ilma stabbiliti fl-Artikolu 13; | (b) id-dispożizzjonijiet relatati mal-aċċess għall-ilma stabbiliti fl-Artikolu 13 ***u s-sehem tal-popolazzjoni mingħajr aċċess għall-ilma***; |

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 133**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 17 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) id-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-pubbliku skont l-Artikolu 14 u l-Anness IV. | (c) id-dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-pubbliku skont l-Artikolu 14 u l-Anness IV***, inkluża ħarsa ġenerali fil-livell tal-Unjoni tal-informazzjoni elenkata fil-punt 7 tal-Anness IV, li tkun faċli għall-utent***. |

**Emenda 134**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni għandha, mhux aktar tard minn … [ħames snin mill-iskadenza finali għat-traspożizzjoni ta’ din id-Direttiva] — u aktar tard meta jkun xieraq — tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-theddida potenzjali li l-mikroplastiċi, il-prodotti medċinali u, jekk ikun meħtieġ, sustanzi niġġiesa oħra emerġenti jippreżentaw għas-sorsi tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kif ukoll dwar ir-riskji potenzjali għas-saħħa relatati. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li li tadotta, jekk ikun meħtieġ, atti delegati skont l-Artikolu 19 sabiex tissupplementa din id-Direttiva billi tistabbilixxi l-livelli massimi għall-mikroplastiċi, il-prodotti mediċinali u sustanzi niġġiesa oħra emerġenti fl-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem.*** |

**Emenda 135**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Sa … [ħames snin mid-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid jekk l-Artikolu 10a wassalx għal livell suffiċjenti ta’ armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta’ iġjene fir-rigward tal-materjali u l-prodotti li jiġu f’kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem u, jekk ikun meħtieġ, tieħu aktar miżuri ulterjuri xierqa.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 136**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 23 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-derogi mogħtija mill-Istati Membri skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 98/83/KE li jkunu għadhom japplikaw sa [l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva] għandhom jibqgħu applikabbli sa tmiem id-durata tagħhom. ***Dawn ma jistax jiġġeddu aktar.*** | 2. Id-derogi mogħtija mill-Istati Membri skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 98/83/KE li jkunu għadhom japplikaw sa [l-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva] għandhom jibqgħu applikabbli sa tmiem id-durata tagħhom. |

**Emenda 179**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – parti A – tabella**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| Parametru | Valur parametriku | Unità |
|---|---|---|
| Spori tal-Clostridium perfringens | 0 | Numru/100 ml |
| ***Batterji Koliformi*** | ***0*** | ***Numru/100 ml*** |
| Enterokokki | 0 | Numru/100 ml |
| Escherichia coli (E.coli) | 0 | Numru/100 ml |
| ***L-għadd tal-kolonji Eterotrofiċi (HPC) 22º*** | ***L-ebda bidla mhux normali*** | |
| Kolifaġi somatiċi | 0 | Numru/100 ml |
| ***Turbidità*** | ***< 1*** | ***UTN*** |

*Emenda*

| Parametru | Valur parametriku | Parametru |
|---|---|---|
| Spori tal-Clostridium perfringens | 0 | Numru/100 ml |
| Enterokokki | 0 | Numru/100 ml |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

| Parametru | Valur parametriku | Parametru |
|---|---|---|
| Escherichia coli (E.coli) | 0 | Numru/100 ml |
| Kolifaġi somatiċi | 0 | Numru/100 ml |
| ***Nota*** | ***Il-parametri stabbiliti f'din il-Parti ma għandhomx japplikaw għall-ilmijiet minerali u min-nixxigħat b'konformità mad-Direttiva 2009/54/KE.*** | |

**Emendi 138 u 180**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – parti B – tabella**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| Parametri kimiċi | | | |
|---|---|---|---|
| Parametru | Valur parametriku | Unità | Noti |
| Akrilammid | 0,10 | µg/l | Il-valur parametriku jirreferi għall-konċentrazzjoni tal-monomeru residwu fl-ilma kif ikkalkulata skont l-ispeċifikazzjonijiet tar-rilaxx massimu mill-polimeru korrispondenti li jiġi f'kuntatt mal-ilma. |
| Antimonju | 5,0 | µg/l | |
| Arseniku | 10 | µg/l | |
| Benżen | 1,0 | µg/l | |
| Benżo(a)piren | 0,010 | µg/l | |
| Beta-estradijol (50-28-2) | 0,001 | µg/l | |
| Bisfenol A | ***0,01*** | µg/l | |
| Boron | ***1,0*** | mg/l | |
| Bromat | 10 | µg/l | |
| Kadmju | 5,0 | µg/l | |
| Klorat | 0,25 | mg/l | |
| Klorit | 0,25 | mg/l | |
| Kromju | 25 | µg/l | Il-valur għandu jintlaħaq mhux iktar tard minn [10 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-valur parametriku għall-kromju sa dik id-data hu ta' 50 µg/l. |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

| Parametri kimiċi | | | |
|---|---|---|---|
| Parametru | Valur parametriku | Unità | Noti |
| Ram | 2,0 | mg/l | |
| Ċjanur | 50 | µg/l | |
| 1,2-dikloroetan | 3,0 | µg/l | |
| Epikloroidrin | 0,10 | µg/l | Il-valur parametriku jirreferi għall-konċentrazzjoni tal-monomeru residwu fl-ilma kif ikkalkulata skont l-ispeċifikazzjonijiet tar-rilaxx massimu mill-polimeru korrispondenti li jiġi f'kuntatt mal-ilma. |
| Fluworur | 1,5 | mg/l | |
| Aċidi Aloaċetiċi (HAAs) | 80 | µg/l | L-għadd totali tad-disa' sustanzi rappreżentattivi li ġejjin: aċidu monokloroaċetiku, dikloroaċetiku, u trikloroaċetiku, aċidu monoaċetiku u aċidu dibromoaċetiku, aċidu bromodikloroaċetiku, aċidu dibromokloroaċetiku u aċidu tribromoaċetiku. |
| Ċomb | 5 | µg/l | Il-valur għandu jintlaħaq mhux iktar tard minn [10 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-valur parametriku għaċ-ċomb sa dik id-data hu ta' 10 µg/l. |
| Merkurju | 1,0 | µg/l | |
| Mikroċistina-LR | 10 | µg/l | |
| Nikil | 20 | µg/l | |
| Nitrat | 50 | mg/l | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kondizzjoni [nitrat]/50 + [nitrit]/3 ≤ 1, fejn il-parenteżi kwadri jfissru l-konċentrazzjonijiet f'mg/l għan-nitrat ($NO_3$) u n-nitrit ($NO_2$), tiġi mħarsa, u li jkun hemm konformità mal-valur ta 0,10 mg/l għan-nitriti f'ilma li jkun ġie trattat. |
| Nitrit | 0,50 | mg/l | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kondizzjoni [nitrat]/50 + [nitrit]/3 ≤ 1, fejn il-parenteżi kwadri jfissru l-konċentrazzjonijiet f'mg/l għan-nitrat ($NO_3$) u n-nitrit ($NO_2$), tiġi mħarsa, u li jkun hemm konformità mal-valur ta 0,10 mg/l għan-nitriti f'ilma li jkun ġie trattat. |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

| Parametri kimiċi | | | |
|---|---|---|---|
| Parametru | Valur parametriku | Unità | Noti |
| Nonilfenol | 0,3 | µg/l | |
| Pestiċidi | 0,10 | µg/l | "Pestiċidi" tfisser:<br>insettiċidi organiċi,<br>erbiċidi organiċi,<br>fungiċidi organiċi,<br>nematoċidi organiċi,<br>akariċidi organiċi,<br>algiċidi organiċi,<br>rodentiċidi organiċi,<br>slimiċidi organiċi,<br>prodotti relatati (inter alia, regolaturi tat-tkabbir) u l-metaboliti relevanti tagħhom kif definiti fl-Artikolu 3(32) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 ([1]).<br>Il-valur parametriku japplika għal kull pestiċida individwali.<br>Fil-kaz tal-aldrin, tad-dieldrin, tal-ettakloru u tal-epossidu tal-ettakloru, il-valur parametriku huwa ta' 0,030 µg/l. |
| Pestiċidi — Total | 0,50 | µg/l | "Pestiċidi — Total" tfisser l-għadd totali tal-pestiċidi individwali kollha, kif definiti fir-ringiela preċedenti, misjuba u kwantifikati fil-proċedura ta' monitoraġġ. |
| PFAS | 0,10 | µg/l | "PFAS" tfisser kull sustanza per- u polifluworoalkilata individwali (formula kimika: CnF2n+1–R). |
| PFASs – Total | 0,50 | µg/l | "PFAS Totali" tfisser l-għadd totali tas-sustanzi per- u polifluworoalkilati individwali (formula kimika: CnF2n +1–R). |
| Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi | 0,10 | µg/l | L-għadd totali tal-konċentrazzjonijiet tal-komposti kimiċi speċifikati li ġejjin: benżo(b)fluworanten, benżo(k)fluworanten, benżo(ghi)perilen, u indeno(1,2,3-cd)piren. |
| Selenju | 10 | µg/l | |
| Tetrakloroeten u trikloroeten | 10 | µg/l | L-għadd totali tal-konċentrazzjonijiet tal-parametri speċifikati |
| Trihalometani — Total | 100 | µg/l | Fejn hu possibbli, mingħajr ma tkun kompromessa d-diżinfezzjoni, l-Istati Membri għandhom jippruvaw jilħqu valur aktar baxx.<br>L-għadd totali tal-konċentrazzjonijiet tal-komposti kimiċi speċifikati li ġejjin: kloroform, bromoform, dibromoklorometan, bromodiklorometan. |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

| Parametri kimiċi | | | |
|---|---|---|---|
| Parametru | Valur parametriku | Unità | Noti |
| Uranju | 30 | µg/l | |
| Klorur tal-vinil | 0,50 | µg/l | Il-valur parametriku jirreferi għall-konċentrazzjoni tal-monomeru residwu fl-ilma kif ikkalkulata skont l-ispeċifikazzjonijiet tar-rilaxx massimu mill-polimeru korrispondenti li jiġi f'kuntatt mal-ilma. |

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

*Emenda*

| Parametri kimiċi | | | |
|---|---|---|---|
| Parametru | Valur parametriku | Unit | Noti |
| Akrilammid | 0,10 | µg/l | Il-valur parametriku jirreferi għall-konċentrazzjoni tal-monomeru residwu fl-ilma kif ikkalkulata skont l-ispeċifikazzjonijiet tar-rilaxx massimu mill-polimeru korrispondenti li jiġi f'kuntatt mal-ilma. |
| Antimonju | 5,0 | µg/l | |
| Arseniku | 10 | µg/l | |
| Benżen | 1,0 | µg/l | |
| Benżo(a)piren | 0,010 | µg/l | |
| Beta-estradijol (50-28-2) | 0,001 | µg/l | |
| Bisfenol A | ***0,1*** | µg/l | |
| Boron | ***1,5*** | mg/l | |
| Bromat | 10 | µg/l | |
| Kadmju | 5,0 | µg/l | |
| Klorat | 0,25 | mg/l | |
| Klorit | 0,25 | mg/l | |
| Kromju | 25 | µg/l | Il-valur għandu jintlaħaq mhux iktar tard minn [10 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-valur parametriku għall-kromju sa dik id-data hu ta' 50 µg/l. |

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

| Parametri kimiċi | | | |
|---|---|---|---|
| Parametru | Valur parametriku | Unit | Noti |
| Ram | 2,0 | mg/l | |
| Ċjanur | 50 | µg/l | |
| 1,2-dikloroetan | 3,0 | µg/l | |
| Epikloroidrin | 0,10 | µg/l | Il-valur parametriku jirreferi għall-konċentrazzjoni tal-monomeru residwu fl-ilma kif ikkalkulata skont l-ispeċifikazzjonijiet tar-rilaxx massimu mill-polimeru korrispondenti li jiġi f'kuntatt mal-ilma. |
| Fluworur | 1,5 | mg/l | |
| Aċidi Aloaċetiċi (HAAs) | 80 | µg/l | L-għadd totali tad-disa’ sustanzi rappreżentattivi li ġejjin: aċidu monokloroaċetiku, dikloroaċetiku, u trikloroaċetiku, aċidu monoaċetiku u aċidu dibromoaċetiku, aċidu bromodikloroaċetiku, aċidu dibromokloroaċetiku u aċidu tribromoaċetiku. |
| Ċomb | 5 | µg/l | Il-valur għandu jintlaħaq mhux iktar tard minn [10 snin wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva]. Il-valur parametriku għaċ-ċomb sa dik id-data hu ta’ 10 µg/l. |
| Merkurju | 1,0 | µg/l | |
| Mikroċistina-LR | 10 | µg/l | |
| Nikil | 20 | µg/l | |
| Nitrat | 50 | mg/l | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kondizzjoni [nitrat]/50 + [nitrit]/3 ≤ 1, fejn il-parenteżi kwadri jfissru l-konċentrazzjonijiet f'mg/l għan-nitrat ($NO_3$) u n-nitrit ($NO_2$), tiġi mħarsa, u li jkun hemm konformità mal-valur ta 0,10 mg/l għan-nitriti f'ilma li jkun ġie trattat. |
| Nitrit | 0,50 | mg/l | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kondizzjoni [nitrat]/50 + [nitrit]/3 ≤ 1, fejn il-parenteżi kwadri jfissru l-konċentrazzjonijiet f'mg/l għan-nitrat ($NO_3$) u n-nitrit ($NO_2$), tiġi mħarsa, u li jkun hemm konformità mal-valur ta 0,10 mg/l għan-nitriti f'ilma li jkun ġie trattat. |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

| Parametri kimiċi | | | |
|---|---|---|---|
| Parametru | Valur parametriku | Unit | Noti |
| Nonilfenol | 0,3 | µg/l | |
| Pestiċidi | 0,10 | µg/l | "Pestiċidi" tfisser:<br>insettiċidi organiċi,<br>erbiċidi organiċi,<br>fungiċidi organiċi,<br>nematoċidi organiċi,<br>akariċidi organiċi,<br>algiċidi organiċi,<br>rodentiċidi organiċi,<br>slimiċidi organiċi,<br>prodotti relatati (inter alia, regolaturi tat-tkabbir) u l-metaboliti relevanti tagħhom kif definiti fl-Artikolu 3(32) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 ([1]).<br>Il-valur parametriku japplika għal kull pestiċida individwali.<br>Fil-kaz tal-aldrin, tad-dieldrin, tal-ettakloru u tal-epossidu tal-ettakloru, il-valur parametriku huwa ta' 0,030 µg/l. |
| Pestiċidi — Total | 0,50 | µg/l | "Pestiċidi — Total" tfisser l-għadd totali tal-pestiċidi individwali kollha, kif definiti fir-ringiela preċedenti, misjuba u kwantifikati fil-proċedura ta' monitoraġġ. |
| PFAS | 0,10 | µg/l | "PFAS" tfisser kull sustanza per- u polifluworoalkilata individwali (formula kimika: CnF2n+1–R).<br>***Il-formula għandha tintroduċi wkoll divrenzjar bejn PFASs ta' "katina twila" u PFASs ta' "katina qasira". Din id-Direttiva għandha tapplika biss għal PFASs ta' "katina twila".***<br>***Dan il-valur parametriku għal sustanzi PFAS individwali għandu japplika biss għal dawk is-sustanzi PFAS, li x'aktarx ikunu preżenti u li huma ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem, skont il-valutazzjoni tal-perikli msemmija fl-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva.*** |
| PFASs – Totali | 0,50 | µg/l | "PFAS Totali" tfisser l-għadd totali tas-sustanzi per- u polifluworoalkilati individwali (formula kimika: CnF2n+1–R).<br>***Dan il-valur parametriku għal PFASs Totali għandu japplika biss għal dawk is-sustanzi PFAS, li x'aktarx ikunu preżenti u li huma ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem, skont il-valutazzjoni tal-perikli msemmija fl-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

| Parametri kimiċi | | | |
|---|---|---|---|
| Parametru | Valur parametriku | Unit | Noti |
| Idrokarburi aromatiċi poli-ċikliċi | 0,10 | µg/l | L-għadd totali tal-konċentrazzjonijiet tal-komposti kimiċi speċifikati li ġejjin: benżo(b)fluworanten, benżo(k)fluworanten, benżo(ghi)perilen, u indeno(1,2,3-cd)piren. |
| Selenju | 10 | µg/l | |
| Tetrakloroeten u trikloroeten | 10 | µg/l | L-għadd totali tal-konċentrazzjonijiet tal-parametri speċifikati |
| Triħalometani — Total | 100 | µg/l | Fejn hu possibbli, mingħajr ma tkun kompromessa d-diżinfezzjoni, l-Istati Membri għandhom jippruvaw jilħqu valur aktar baxx.<br>L-għadd totali tal-konċentrazzjonijiet tal-komposti kimiċi speċifikati li ġejjin: kloroform, bromoform, dibromoklorometan, bromodiklorometan. |
| Uranju | 30 | µg/l | |
| Klorur tal-vinil | 0,50 | µg/l | Il-valur parametriku jirreferi għall-konċentrazzjoni tal-monomeru residwu fl-ilma kif ikkalkulata skont l-ispeċifikazzjonijiet tar-rilaxx massimu mill-polimeru korrispondenti li jiġi f'kuntatt mal-ilma. |

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

## Emenda 139

## Proposta għal direttiva

## Anness I – parti Ba (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| ***Parametri indikaturi*** | | | |
|---|---|---|---|
| ***Parametru*** | ***Valur parametriku*** | ***Unità*** | ***Noti*** |
| ***Aluminju*** | ***200*** | ***µg/l*** | |
| ***Ammonju*** | ***0,50*** | ***mg/l*** | |
| ***Klorur*** | ***250*** | ***mg/l*** | ***Nota 1*** |
| ***Kulur*** | ***Aċċettabbli għall-konsumaturi u l-ebda bidla mhux normali*** | | |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

*Parametri indikaturi*

| *Parametru* | *Valur parametriku* | *Unità* | *Noti* |
|---|---|---|---|
| ***Konduttività*** | ***2 500*** | ***µS cm-1 f'20 °C*** | ***Nota 1*** |
| ***Konċentrazzjoni ta' joni tal-idroġenu*** | ***≥ 6,5 u ≤ 9,5*** | ***unitajiet pH*** | ***Noti 1 u 3*** |
| ***Ħadid*** | ***200*** | ***µg/l*** | |
| ***Manganiż*** | ***50*** | ***µg/l*** | |
| ***Riħa*** | ***Aċċettabbli għall-konsumaturi u l-ebda bidla mhux normali*** | | |
| ***Sulfati*** | ***250*** | ***mg/l*** | ***Nota 1*** |
| ***Sodju*** | ***200*** | ***mg/l*** | |
| ***Togħma*** | ***Aċċettabbli għall-konsumaturi u l-ebda bidla mhux normali*** | | |
| ***Kontenut ta' kolonji f'temperatura ta' 22 °C*** | ***L-ebda bidla mhux normali*** | | |
| ***Batterji Koliformi*** | ***0*** | ***Numru/100 ml*** | |
| ***Karbonju organiku totali (TOC)*** | ***L-ebda bidla mhux normali*** | | |
| ***Turbidità*** | ***Aċċettabbli għall-konsumaturi u l-ebda bidla mhux normali*** | | |

***Nota 1:***

***L-ilma ma jridx ikun qawwi.***

***Nota 2:***

***Dan il-parametru għandu jitkejjel biss jekk l-ilma jkun ġej minn ilma tal-wiċċ jew jekk ikun affettwat minnu. F'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dan il-valur parametriku, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinvestiga l-provvista biex jiżgura li ma hemm ebda periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem minħabba l-preżenza ta' mikroorganiżmi patoġeniċi, pereżempju l-cryptosporidium.***

***Nota 3:***

***Fil-każ tal-ilma bla gass fil-fliexken jew fil-kontenituri, il-valur minimu jista' jitnaqqas għal 4,5 unitajiet ta' pH.***

***Fil-każ tal-ilma fil-fliexken jew f'kontenituri li huwa arrikkit b'mod naturali jew artifiċjali bid-diossidu tal-karbonju, il-valur minimu jista' jkun aktar baxx.***

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 140**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – Parti C**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| Parametri rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika | | | |
|---|---|---|---|
| Parametru | Valur parametriku | Unità | Noti |
| Legionella | < 1 000 | Numru/l | ***F'każ li ma jintlaħaqx il-valur parametriku <1 000/l għal-Legionella, għandu jerġa' jsir teħid ta' kampjuni għal-Legionella pneumophila. Jekk ma jkunx hemm preżenti l-Legionella pneumophila, il-valur parametriku għal-Legionella jkun <10 000/l.*** |
| Ċomb | 5 | μg/l | Il-valur għandu jintlaħaq mhux iktar tard minn … [10 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-valur parametriku għaċ-ċomb sa dik id-data hu ta' 10 μg/l. |

*Emenda*

| Parametri rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju tad-distribuzzjoni domestika | | | |
|---|---|---|---|
| Parametru | Valur parametriku | Unità | Noti |
| Legionella ***pneumophila*** | < 1 000 | Numru/l | |
| ***Legionella*** | ***< 10 000*** | ***Numru/l*** | ***Jekk ma jkunx hemm preżenti l-Legionella pneumophila, li l-valur parametriku tagħha huwa < 1 000/l, il-valur parametriku għal-Legionella għandu jkun <10 000/l.*** |
| Ċomb | 5 | μg/l | ***Il-valur għandu jintlaħaq mhux iktar tard minn … [10 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-valur parametriku għaċ-ċomb sa dik id-data għandu jkun 10 μg/l.*** |

**Emenda 141**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – parti Ca (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

| *Emenda* | |
|---|---|
| ***Parametri emerġenti li qegħdin jiġu mmonitorjati*** | |
| ***Mikroplastiċi*** | ***Il-monitoraġġ għandu jitwettaq skont il-metodoloġija għall-kejl tal-mikroplastiċi stabbilita fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 11 (5b)*** |

**Emenda 142**

**Proposta għal direttiva**

**Anness III – parti B – punt 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Escherichia coli (E. coli)***, spori tal-Clostridium perfringens*** u ***kolifaġi somatiċi*** huma meqjusa bħala "parametri ewlenin" u jistgħu ma jkunux soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju tal-provvista skont il-Parti C ***tal-Anness***. Dawn għandhom dejjem ikunu mmonitorjati skont il-frekwenzi stabbiliti fit-Tabella 1 tal-punt 2. | Escherichia coli (E. coli) u ***enterokokki*** huma meqjusa bħala "parametri ewlenin" u jistgħu ma jkunux soġġetti għal valutazzjoni tar-riskju tal-provvista skont il-Parti C ***ta' dan l-Anness***. Dawn għandhom dejjem ikunu mmonitorjati skont il-frekwenzi stabbiliti fit-Tabella 1 tal-punt 2. |

**Emenda 186**

**Proposta għal direttiva**

**Anness III – Parti B – punt 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-frekwenza tal-kampjunar

Il-parametri kollha stabbiliti skont l-Artikolu 5 għandhom jiġu mmonitorjati tal-anqas skont il-frekwenzi stipulati fit-Tabella li ġejja, sakemm ma tiġix determinata frekwenza ta' kampjunar differenti fuq il-bażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-provvista mwettqa skont l-Artikolu 9 u l-Parti C ta' dan l-Anness:

Tabella 1

Il-frekwenza minima tal-kampjunar u l-analiżi għall-monitoraġġ tal-konformità

| Volum ***(m3)*** ta' ilma mqassam jew prodott kull ġurnata f'żona ta' forniment | ***Għadd minimu ta' kampjuni kull sena*** |
|---|---|
| ***≤ 100*** | ***10*** ([a]) |
| ***> 100 ≤ 1 000*** | ***10*** ([a]) |
| ***> 1 000 ≤ 10 000*** | ***50*** ([b]) |
| ***>10 000 ≤ 100 000*** | ***365*** |
| ***>100 000*** | ***365*** |

([a]) ***a: Il-kampjuni kollha għandhom jittieħdu f'ħinijiet meta r-riskju li l-patoġeni enteriċi jgħaddu fl-ilma trattat ikun għoli.***

([b]) ***b: f'ħinijiet meta r-riskju li l-patoġeni enteriċi jgħaddu fl-ilma trattat ikun għoli għandhom jittieħdu mill-inqas 10 kampjuni.***

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

Nota 1: Żona ta’ forniment hija żona ġeografika identifikata li tforni ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem minn sors wieħed jew aktar u li l-kwalità tal-ilma tagħha tista’ titqies li hi bejn wieħed u ieħor l-istess.

Nota 2: Il-volumi huma kkalkulati bħala medji għal sena kalendarja. Jista’ jintuża l-għadd ta’ abitanti f’żona ta’ forniment minflok il-volum ta’ ilma biex tiġi ddeterminata l-frekwenza minima, meta wieħed jassumi l-konsum ta’ ilma bħala 200 l/(ġurnata*capita).

Nota 3: L-Istati Membri li ddeċidew li jeżentaw fornimenti individwali skont l-Artikolu 3(2)(b) ta’ din id-Direttiva għandhom japplikaw dawn il-frekwenzi biss għaż-żoni ta’ forniment li jqassmu bejn 10 u 100 $m^3$ kuljum.

*Emenda*

Il-frekwenza tal-kampjunar

Il-parametri kollha stabbiliti skont l-Artikolu 5 għandhom jiġu mmonitorjati tal-anqas skont il-frekwenzi stipulati fit-Tabella li ġejja, sakemm ma tiġix determinata frekwenza ta’ kampjunar differenti fuq il-bażi ta’ valutazzjoni tar-riskju tal-provvista mwettqa skont l-Artikolu 9 u l-Parti C ta’ dan l-Anness:

Tabella 1

Il-frekwenza minima tal-kampjunar u l-analiżi għall-monitoraġġ tal-konformità

| Volum ta’ ilma mqassam jew prodott kull ġurnata f’żona ta’ provvista ***(Ara n-Noti 1 u 2) m3*** | | ***Parametru ta’ Grupp A (parametru mikrobijoloġiku) – għadd ta’ kampjuni kull sena (Ara n-Nota 3)*** | ***Parametru ta’ Grupp B (parametru kimiku) – għadd ta’ kampjuni kull sena*** |
|---|---|---|---|
| | ***≤ 100*** | ***> 0*** <br> ***(Ara n-Nota 4)*** | ***> 0*** <br> ***(Ara n-Nota 4)*** |
| ***> 100*** | ***≤ 1 000*** | ***4*** | ***1*** |
| ***> 1000*** | ***≤ 10 000*** | ***4 + 3 Għal kull 1 000 $m^3$ kuljum, u parti minnu mill-volum totali*** | ***1 + 1 Għal kull 1 000 $m^3$ kuljum, u parti minnu mill-volum totali*** |
| ***> 10000*** | ***≤ 100 000*** | | ***3 + 1 Għal kull 10 000 $m^3$ kuljum, u parti minnu mill-volum totali*** |
| ***> 100000*** | | | ***12 + 1 Għal kull 25 000 $m^3$ kuljum, u parti minnu mill-volum totali*** |

Nota 1: Żona ta’ forniment hija żona ġeografika identifikata li tforni ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem minn sors wieħed jew aktar u li l-kwalità tal-ilma tagħha tista’ titqies li hi bejn wieħed u ieħor l-istess.

Nota 2: Il-volumi huma kkalkulati bħala medji għal sena kalendarja. Jista’ jintuża l-għadd ta’ abitanti f’żona ta’ forniment minflok il-volum ta’ ilma biex tiġi ddeterminata l-frekwenza minima, meta wieħed jassumi l-konsum ta’ ilma bħala 200 l/(ġurnata*capita).

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

***Nota 3: Il-frekwenza indikata hija kkalkulata kif ġej: pereżempju 4300 m $^3$ /kuljum = 16-il kampjun (erba' għall-ewwel 1000 m$^3$ /kuljum + 12 għat-3300m$^3$ /kuljum addizzjonali).***

Nota **4**: L-Istati Membri li ddeċidew li jeżentaw fornimenti individwali skont l-Artikolu 3(2)(b) ***ta' din id-Direttiva*** għandhom japplikaw dawn il-frekwenzi biss għaż-żoni ta' forniment li jqassmu bejn 10 u 100m $^3$ kuljum.

**Emenda 144**

**Proposta għal direttiva**

**Anness II – parti D – punt 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2a. il-kampjuni tal-Legionella f'sistemi ta' distribuzzjoni domestika għandhom jittieħdu f'punti ta' riskju għall-proliferazzjoni tal-Legionella pneumophila u/jew għall-esponiment għaliha. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu linji gwida għal metodi ta' teħid ta' kampjuni għal-Legionella;*** |

**Emenda 145**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IIa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Rekwiżiti minimi ta' iġjene għal sustanzi u materjali għall-manifattura ta' prodotti ġodda li jiġu f'kuntatt mal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem:*** |
| | ***(a) lista ta' sustanzi approvati għall-użu fil-manifattura ta' materjali, inkluż iżda mhux limitat għal materjali organiċi, l-elastomeri, silikoni, metalli, siment, reżini ta' skambju joniku, materjali komposti u prodotti derivati.*** |
| | ***(b) rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' sustanzi f'materjali u prodotti derivati minnhom.*** |
| | ***(c) restrizzjonijiet speċifiċi fuq il-migrazzjoni ta' ċerti sustanzi fl-ilma tax-xorb.*** |
| | ***(d) regoli ta' iġjene rigward proprjetajiet oħra li huma obbligatorji biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(e) regoli bażiċi biex tiġi vverifikata l-konformità mal-punti (a) sa (d).*** |
| | ***(f) regoli li jikkonċernaw il-kampjunar u l-metodi ta' analiżi biex tiġi eżaminata l-konformità mal-punti (a) sa (d).*** |

**Emendi 177 u 224**

**Proposta għal direttiva**

**Anness III – parti B – punt 1 – tabella 1 – ringiela 28**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| | | |
|---|---|---|
| PFASs | ***50*** | |

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| PFASs | ***20*** | |

**Emenda 146**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – Titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| INFORMAZZJONI ***LI GĦANDHA TIĠI PPROVDUTA ONLINE*** LILL-PUBBLIKU | INFORMAZZJONI LILL-PUBBLIKU |

**Emenda 147**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-informazzjoni li ġejja għandha tkun aċċessibbli online għall-konsumaturi***, u għandha tkun personalizzata*** u faċli biex dak li jkun jaċċessaha u jifhimha: | L-informazzjoni li ġejja għandha tkun aċċessibbli online għall-konsumaturi ***jew b'modi ugwali personalizzati*** u faċli biex dak li jkun jaċċessaha u jifhimha: |

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 148**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) l-identifikazzjoni tal-fornitur tal-ilma rilevanti; | (1) l-identifikazzjoni tal-fornitur tal-ilma rilevanti***, iż-żona u l-għadd ta’ persuni fornuti, u l-metodu ta’ produzzjoni tal-ilma***; |

**Emenda 149**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – paragrafu 1 – punt 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) ***l-aktar*** riżultati reċenti tal-monitoraġġ għall-parametri elenkati ***fil-Parti*** A u ***fil-Parti B*** tal-Anness I, ***inklużi*** l-frekwenza ***u l-post fejn jinsabu l-punti tal-kampjunar, li huma*** rilevanti għall-qasam ta’ interess għall-persuna li tkun qed tingħata l-provvista, flimkien mal-valur parametriku stabbilit skont l-Artikolu 5. Ir-riżultati tal-monitoraġġ ma għandhomx jirreferu għal perjodu li jkun qabeż: | (2) ***rieżami tal-aktar*** riżultati reċenti tal-monitoraġġ ***għal kull fornitur tal-ilma,*** għall-parametri elenkati ***fil-Partijiet*** A***, B*** u ***Ba*** tal-Anness I, ***inkluża*** l-frekwenza rilevanti għall-qasam ta’ interess għall-persuna li tkun qed tingħata l-provvista, flimkien mal-valur parametriku stabbilit skont l-Artikolu 5. Ir-riżultati tal-monitoraġġ ma għandhomx jirreferu għal perjodu li jkun qabeż: |

**Emenda 202**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) żmien sitt xhur, għall-fornituri tal-ilma kbar; | (b) żmien sitt xhur, għall-fornituri tal-ilma ***medji u*** kbar; |

**Emenda 203**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – paragrafu 1 – punt 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) żmien sena għall-fornituri tal-ilma żgħar; | (c) żmien sena għall-fornituri tal-ilma żgħar ***ħafna u żgħar***; |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 150**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) f'każ li jinqabżu l-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5, informazzjoni dwar il-periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u l-pariri assoċjati dwar is-saħħa u l-konsum, jew iperlink li jipprovdi aċċess għal tali informazzjoni; | (3) f'każ ***ta' periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem skont kif ikun determinat mill-awtoritajiet kompetenti wara*** li jinqabżu l-valuri parametriċi stabbiliti skont l-Artikolu 5, informazzjoni dwar il-periklu potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u l-pariri assoċjati dwar is-saħħa u l-konsum, jew iperlink li jipprovdi aċċess għal tali informazzjoni; |

**Emenda 151**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – paragrafu 1 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(4) sommarju tal-valutazzjoni tar-riskju tal-provvista rilevanti;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 152**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – paragrafu 1 – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) informazzjoni dwar il-parametri indikaturi u l-valuri parametriċi assoċjati ***li ġejjin:*** <br> ***(a) Kulur;*** <br> ***(b) pH (Konċentrazzjoni tal-joni tal-idroġenu);*** <br> ***(c) Konduttività;*** <br> ***(d) Ħadid;*** <br> ***(e) Manganiż;*** <br> ***(f) Riħa;*** <br> ***(g) Togħma;*** <br> ***(h) Ebusija;*** <br> ***(i) Minerali, anjoni/katjoni dissolti fl-ilma:*** <br> ***— Borat $BO_3$-*** <br> ***— Karbonat $CO_3^{2-}$*** <br> ***— Klorur Cl-*** | (5) informazzjoni dwar il-parametri indikaturi ***elenkati fil-Parti Ba*** u l-valuri parametriċi assoċjati; |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | — ***Fluworur F-*** |
| | — ***Karbonat tal-idroġenu*** $HCO_3$***-*** |
| | — ***Nitrat*** $NO_3$***-*** |
| | — ***Nitrat*** $NO_2$***-*** |
| | — ***Fosfat*** $PO_4^{3-}$ |
| | — ***Silikat*** $SiO_2$ |
| | — ***Sulfat*** $SO_4^{2-}$ |
| | — ***Sulfur*** $S_2$***-*** |
| | — ***Aluminju Al*** |
| | — ***Ammonju NH4+*** |
| | — ***Kalċju Ca*** |
| | — ***Manjeżju Mg*** |
| | — ***Potassju K*** |
| | — ***Sodju Na*** |
| | ***Dawk il-valuri parametriċi u komposti kimiċi u mikroelementi mhux ionizzati oħrajn jistgħu jintwerew b'valur ta' referenza u/jew spjegazzjoni;*** |

**Emenda 153**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – paragrafu 1 – punt 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) pariri lill-konsumaturi, inkluż dwar kif jistgħu jnaqqsu l-konsum tal-ilma; | (6) pariri lill-konsumaturi, inkluż dwar kif jistgħu jnaqqsu l-konsum tal-ilma ***meta jkun xieraq u kif jużaw l-ilma b'mod responsabbli skont il-kundizzjonijiet lokali***; |

**Emenda 154**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – paragrafu 1 – punt 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) għall-fornituri tal-ilma kbar ħafna, informazzjoni annwali dwar: | (7) għall-fornituri tal-ilma kbar ***u kbar*** ħafna, informazzjoni annwali dwar: |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 155**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – paragrafu 1 – punt 7 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema tal-ilma f'termini ta' effiċjenza, inklużi ***r-rati*** ta' tnixxija ***u l-effiċjenza enerġetika għal kull metru kubu ta' ilma fornut***; | (a) il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema tal-ilma f'termini ta' effiċjenza, inklużi ***l-livelli*** ta' tnixxija ***skont kif determinati mill-Istati Membri***; |

**Emenda 156**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – paragrafu 1 – punt 7 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) informazzjoni dwar ***il-ġestjoni*** u ***l-governanza tal-fornitur tal-ilma, inkluża l-kompożizzjoni tal-bord tad-diretturi***; | (b) informazzjoni dwar ***il-mudell*** u ***l-istruttura ta' sjieda tal-provvista tal-ilma mill-fornitur tal-ilma***; |

**Emenda 157**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – paragrafu 1 – punt 7 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ***informazzjoni*** dwar l-istruttura ***tal-ispejjeż tat-tariffa*** għal kull metru kubu ta' ilma, inklużi l-ispejjeż fissi u dawk varjabbli***, li tippreżenta tal-inqas*** l-ispejjeż relatati ***mal-użu ta' enerġija għal kull metru kubu ta' ilma fornut, il-miżuri*** meħuda mill-fornituri tal-ilma għall-valutazzjoni tal-perikli skont l-Artikolu 8(4), it-trattament u d-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, ***il-ġbir u t-trattament tal-ilma mormi,*** u l-ispejjeż relatati mal-miżuri għall-finijiet tal-Artikolu 13, fejn il-fornituri tal-ilma jkunu ħadu miżuri ta' dan it-tip; | (d) ***meta l-ispejjeż jiġu rkuprati permezz ta' sistema tariffarja, informazzjoni*** dwar l-istruttura ***tat-tariffi*** għal kull metru kubu ta' ilma, inklużi l-ispejjeż fissi u dawk varjabbli ***kif ukoll*** l-ispejjeż relatati ***mal-miżuri*** meħuda mill-fornituri tal-ilma għall-valutazzjoni tal-perikli skont l-Artikolu 8(4), it-trattament u d-distribuzzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem, u l-ispejjeż relatati mal-miżuri għall-finijiet tal-Artikolu 13, fejn il-fornituri tal-ilma jkunu ħadu miżuri ta' dan it-tip |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 158**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – paragrafu 1 – punt 7 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) l-ammont tal-investimenti ***meqjusa bħala meħtieġa mill-fornitur biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tas-servizzi tal-forniment tal-ilma (inklużi l-manutenzjoni ta' l-infrastruttura)*** u ***l-ammont tal-investiment li ġie effettivament riċevut jew irkuprat***; | (e) l-ammont tal-investimenti ***magħmula, dawk għaddejjin*** u ***dawk ippjanati, kif ukoll il-pjan ta' finanzjament***; |

**Emenda 159**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – paragrafu 1 – punt 7 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) sommarju u statistika dwar l-ilmenti mill-konsumaturi, u ***dwar il-puntwalità u l-adegwatezza tar-risponsi għall-problemi***; | (g) sommarju u statistika dwar l-ilmenti mill-konsumaturi, u ***kif dawn jiġu solvuti***; |

**Emenda 160**

**Proposta għal direttiva**

**Anness IV – paragrafu 1 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) aċċess, fuq talba, għal dejta storika b'rabta mal-informazzjoni msemmija fil-punti (2) u (3), li tmur lura għal perjodu ta' sa għaxar snin. | (8) aċċess, fuq talba, għal dejta storika b'rabta mal-informazzjoni msemmija fil-punti (2) u (3), li tmur lura għal perjodu ta' sa għaxar snin***, u mhux iktar kmieni mit-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva***. |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0398

# Ir-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u r-riżorsi għall-investiment għat-tkabbir u l-impjiegi ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u li jikkoreġi dak ir-Regolament fir-rigward tar-riżorsi għall-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi (COM(2018)0498 – C8-0307/2018 – 2018/0265(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2020/C 345/33)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0498),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 177 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0307/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

— wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A8-0282/2018),

A. billi għal raġunijiet ta' urġenza huwa ġustifikat li jipproċedi għall-votazzjoni qabel l-iskadenza tat-terminu ta' tmien ġimgħat stabbiliti fl-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità;

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taht;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P8_TC1-COD(2018)0265

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-23 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 fir-rigward tar-riżorsi għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u tar-riżorsi għall-għan tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, Regolament (UE) 2018/1719.)*

---

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0399

# L-allinjament tal-obbligi ta' rapportar fil-qasam tal-politika ambjentali ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-allinjament tal-obbligi ta' rapportar fil-qasam tal-politika ambjentali u b'hekk jemenda d-Direttivi 86/278/KEE, 2002/49/KE, 2004/35/KE, 2007/2/KE, 2009/147/KE u 2010/63/UE, ir-Regolamenti (KE) Nru 166/2006 u (UE) Nru 995/2010, u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u (KE) Nru 2173/2005 (COM(2018)0381 – C8-0244/2018 – 2018/0205(COD))** [1]

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2020/C 345/34)

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL | REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL |
| dwar l-allinjament tal-obbligi ta' rapportar fil-qasam ***tal-politika ambjentali*** u b'hekk jemenda d-Direttivi 86/278/KEE, 2002/49/KE, 2004/35/KE, 2007/2/KE, 2009/147/KE u 2010/63/UE, ir-Regolamenti (KE) Nru 166/2006 u (UE) Nru 995/2010, u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u (KE) Nru 2173/2005 | dwar l-allinjament tal-obbligi ta' rapportar fil-qasam ***tal-leġiżlazzjoni relatata mal-ambjent*** u b'hekk jemenda d-Direttivi 86/278/KEE, 2002/49/KE, 2004/35/KE, 2007/2/KE, 2009/147/KE u 2010/63/UE, ir-Regolamenti (KE) Nru 166/2006 u (UE) Nru 995/2010, u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 338/97 u (KE) Nru 2173/2005 |
| (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Sabiex tiġi indirizzata l-ħtieġa għall-implimentazzjoni u l-informazzjoni dwar il-konformità, jenħtieġ li jiġu introdotti emendi ta' diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni ***ambjentali*** filwaqt li jitqiesu r-riżultati tar-Rapport tal-Kummissjoni dwar Azzjonijiet għar-Razzjonalizzazzjoni tar-Rapport Ambjentali [45] u l-Kontroll tal-Idoneità relatat [46].<br>[45] COM(2017)0312.<br>[46] SWD(2017)0230. | (1) Sabiex tiġi indirizzata l-ħtieġa għall-implimentazzjoni u l-informazzjoni dwar il-konformità, jenħtieġ li jiġu introdotti emendi ta' diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni ***relatati mal-ambjent,*** filwaqt li jitqiesu r-riżultati tar-Rapport tal-Kummissjoni dwar Azzjonijiet għar-Razzjonalizzazzjoni tar-Rapport Ambjentali [45] u l-Kontroll tal-Idoneità [46] relatat.<br>[45] COM(2017)0312.<br>[46] SWD(2017)0230. |

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A8-0324/2018).

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jimmodernizza l-ġestjoni tal-informazzjoni u jiżgura approċċ aktar konsistenti mal-atti leġiżlattivi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu billi jissimplifika r-rapportar sabiex inaqqas il-piż amministrattiv, itejjeb il-bażi ta' data għal evalwazzjonijiet futuri u jżid it-trasparenza għall-benefiċċju tal-pubbliku, kull darba skont iċ-ċirkostanzi.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Jeħtieġ li l-aċċessibbiltà tad-data tiżgura li l-piż amministrattiv fuq l-entitajiet kollha jibqa' limitat kemm jista' jkun. Jenħtieġ it-tixrid attiv tal-informazzjoni fil-livell nazzjonali f'konformità mad-Direttivi 2003/4/KE [47] u 2007/2/KE [48] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, biex tiġi żgurata l-infrastruttura xierqa għall-aċċess pubbliku, ir-rapportar u l-kondiviżjoni tad-data fost l-awtoritajiet pubbliċi. | (2) Jeħtieġ li l-aċċessibbiltà tad-data tiżgura li l-piż amministrattiv fuq l-entitajiet kollha jibqa' limitat kemm jista' jkun***, b'mod speċjali fuq l-entitajiet mhux governattivi bħalma huma l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs)***. Jenħtieġ it-tixrid attiv tal-informazzjoni fil-livell nazzjonali f'konformità mad-Direttivi 2003/4/KE [47] u 2007/2/KE [48] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom, biex tiġi żgurata l-infrastruttura xierqa għall-aċċess pubbliku, ir-rapportar u l-kondiviżjoni tad-data fost l-awtoritajiet pubbliċi. |
| [47] Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26). [48] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1). | [47] Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26). [48] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1). |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) ***Id-data li jirrappurtaw l-Istati*** Membri ***hi*** essenzjali biex il-Kummissjoni timmonitorja, tirrieżamina u tivvaluta l-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni vis-a-vis l-għanijiet ta' din tal-aħħar sabiex tinforma kwalunkwe valutazzjoni futura tal-leġiżlazzjoni, skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 ([49]). Huwa xieraq li jiżdiedu xi dispożizzjonijiet ma' diversi atti leġiżlattivi fis-settur ambjentali għall-fini tal-evalwazzjoni futura tagħhom, fuq il-bażi tad-data miġbura matul l-implimentazzjoni, possibbilment flimkien ma' aktar data analitika u xjentifika. F'dan il-kuntest, teżisti l-ħtieġa ***għal*** data rilevanti li tippermetti l-valutazzjoni aħjar tal-effiċjenza, tal-effikaċja, tar-rilevanza, tal-koerenza u tal-valur miżjud tal-UE tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u b'hekk ***jinħtieġ*** li jiġu żgurati mekkaniżmi ta' rapportar adattati li jistgħu ***jintużaw ukoll bħala*** indikaturi għal dan il-għan. | (3) ***Il-proċess tar-rapportar komprensiv u f'waqtu tad-data rilevanti tal-Istati*** Membri ***huwa*** essenzjali biex il-Kummissjoni timmonitorja, tirrieżamina u tivvaluta l-prestazzjoni tal-leġiżlazzjoni vis-a-vis l-għanijiet ta' din tal-aħħar sabiex tinforma kwalunkwe valutazzjoni futura tal-leġiżlazzjoni, skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 ([49]). Huwa xieraq li jiżdiedu xi dispożizzjonijiet ma' diversi atti leġiżlattivi fis-settur ambjentali għall-fini tal-evalwazzjoni futura tagħhom, fuq il-bażi tad-data miġbura matul l-implimentazzjoni, possibbilment flimkien ma' aktar data analitika u xjentifika. F'dan il-kuntest, teżisti l-ħtieġa ***ta'*** data rilevanti li tippermetti l-valutazzjoni aħjar tal-effiċjenza, tal-effikaċja, tar-rilevanza, tal-koerenza u tal-valur miżjud tal-UE tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u b'hekk ***jeħtieġ*** li jiġu żgurati mekkaniżmi ta' rapportar adattati li jistgħu ***jservu wkoll ta'*** indikaturi għal dan il-għan ***kemm għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet kif ukoll għall-pubbliku ġenerali***. |
| ([49]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1. | ([49]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1. |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Skont l-evalwazzjoni tad-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([50]), hemm il-ħtieġa li jiġu rrazzjonalizzati l-iskadenzi tar-rapportar għall-mapep tal-ħsejjes u l-pjanijiet ta' azzjoni biex jitħalla biżżejjed żmien għal konsultazzjoni pubblika dwar il-pjanijiet ta' azzjoni. Għal dak il-għan, u għal darba waħda biss, l-iskadenza għar-rieżami jew għar-reviżjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni tiġi posposta b'sena sabiex l-iskadenza tal-fażi li jmiss (ir-raba' ċiklu) tal-pjanijiet ta' azzjoni ma tkunx fit-18 ta' Lulju 2023, iżda fit-18 ta' Lulju 2024. B'hekk, mir-raba' ċiklu 'l quddiem, l-Istati Membri se jkollhom madwar sentejn bejn li jagħmlu l-mapep tal-ħsejjes u t-tlestija tar-rieżami jew tar-reviżjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni minflok sena kif inhu l-każ bħalissa. Għal dawn is-sessjonijiet ta' ppjanar ta' azzjoni, iċ-ċiklu ta' ħames snin għar-rieżami jew għar-reviżjoni se jissoktaw. Barra minn hekk, sabiex jintlaħqu aħjar l-għanijiet tad-Direttiva 2002/49/KE u sabiex tiġi pprovduta bażi għall-iżvilupp ta' miżuri fil-livell tal-Unjoni, ir-rapportar mill-Istati Membri għandu jsir permezz ta' mezzi elettroniċi. Huwa wkoll neċessarju li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni pubblika billi jiġi rikjest li ***ċerta informazzjoni*** ssir disponibbli għall-pubbliku filwaqt li dan l-obbligu jiġi allinjat ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, bħad-Direttiva 2007/2/KE, mingħajr ma jiġu dduplikati r-rekwiżiti prattiċi. | (5) Skont l-evalwazzjoni tad-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([50]), hemm il-ħtieġa li jiġu rrazzjonalizzati l-iskadenzi tar-rapportar għall-mapep tal-ħsejjes u l-pjanijiet ta' azzjoni biex jitħalla biżżejjed żmien għal konsultazzjoni pubblika dwar il-pjanijiet ta' azzjoni. Għal dak il-għan, u għal darba waħda biss, l-iskadenza għar-rieżami jew għar-reviżjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni tiġi posposta b'sena sabiex l-iskadenza tal-fażi li jmiss (ir-raba' ċiklu) tal-pjanijiet ta' azzjoni ma tkunx fit-18 ta' Lulju 2023, iżda fit-18 ta' Lulju 2024. B'hekk, mir-raba' ċiklu 'l quddiem, l-Istati Membri se jkollhom madwar sentejn bejn li jagħmlu l-mapep tal-ħsejjes u t-tlestija tar-rieżami jew tar-reviżjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni minflok sena kif inhu l-każ bħalissa. Għal dawn is-sessjonijiet ta' ppjanar ta' azzjoni, iċ-ċiklu ta' ħames snin għar-rieżami jew għar-reviżjoni se jissoktaw. Barra minn hekk, sabiex jintlaħqu aħjar l-għanijiet tad-Direttiva 2002/49/KE u sabiex tiġi pprovduta bażi għall-iżvilupp ta' miżuri fil-livell tal-Unjoni, ir-rapportar mill-Istati Membri għandu jsir permezz ta' mezzi elettroniċi. Huwa wkoll neċessarju li tissaħħaħ il-parteċipazzjoni pubblika billi jiġi rikjest li ***informazzjoni komprensibbli, preċiża u kumparabbli*** ssir disponibbli għall-pubbliku filwaqt li dan l-obbligu jiġi allinjat ma' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, bħad-Direttiva 2007/2/KE, mingħajr ma jiġu dduplikati r-rekwiżiti prattiċi. |
| ([50]) Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002). | ([50]) Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002). |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Fuq il-bażi tar-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE u tal-evalwazzjoni REFIT ([52]), huwa xieraq, bil-ħsieb li tiġi simplifikata l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva u jitnaqqas il-piż amministrattiv relatat mal-monitoraġġ mill-Istati Membri, li ma jibqax jinħtieġ li l-Istati Membri jibagħtu rapporti kull tliet snin lill-Kummissjoni, u li l-Kummissjoni tippreżenta rapport sommarju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, billi r-rapport tal-Kontroll tal-Idoneità kkonferma li l-utilità ta' dawn ir-rapporti hija limitata. ([53])

([52]) COM(2016)0478 u SWD(2016)0273.
([53]) COM(2017)0312.

*Emenda*

(7) Fuq il-bażi tar-rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2007/2/KE u tal-evalwazzjoni REFIT ([52]), huwa xieraq, bil-ħsieb li tiġi simplifikata l-implimentazzjoni ta' dik id-Direttiva u jitnaqqas il-piż amministrattiv relatat mal-monitoraġġ mill-Istati Membri, li ma jibqax jinħtieġ li l-Istati Membri jibagħtu rapporti kull tliet snin lill-Kummissjoni, u li l-Kummissjoni tippreżenta rapport sommarju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, billi r-rapport tal-Kontroll tal-Idoneità kkonferma li l-utilità ta' dawn ir-rapporti hija limitata. ([53]) ***Madankollu, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkompli twettaq, f'intervalli regolari, evalwazzjoni ta' dik id-Direttiva u tagħmel dik l-evalwazzjoni disponibbli pubblikament.***

([52]) COM(2016)0478 u SWD(2016)0273.
([53]) COM(2017)0312.

**It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Huwa meħtieġ li jiġu emendati l-obbligi ta’ rapportar stipulati fl-Artikoli 43, 54 u ***57*** tad-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [56]. Dawn id-dispożizzjonijiet jinkludu, bil-għan li tittejjeb it-trasparenza u jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-istabbiliment ta’ bażi tad-data ċentrali, b’aċċess miftuħ u disponibbli għat-tiftix għal sommarji mhux tekniċi ta’ proġetti u ta’ valutazzjonijiet retrospettivi relatati, l-għoti ta’ setgħat ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi format komuni għall-preżentazzjoni ta’ sommarji mhux tekniċi ta’ proġetti u ta’ valutazzjonijiet retrospettivi relatati, informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-sostituzzjoni tar-rapportar tal-istatistika ta’ kull tliet snin mill-Kummissjoni bir-rekwiżit tal-istabbiliment ta’ bażi tad-data ċentrali dinamika ospitata mill-Kummissjoni u r-rilaxx ta’ informazzjoni fuq bażi annwali. | (9) Huwa meħtieġ li jiġu emendati l-obbligi ta’ rapportar stipulati fl-Artikoli 43, 54***, 57*** u ***58*** tad-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [56]. Dawn id-dispożizzjonijiet jinkludu, bil-għan li tittejjeb it-trasparenza u jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-istabbiliment ta’ bażi tad-data ċentrali, b’aċċess miftuħ u disponibbli għat-tiftix għal sommarji mhux tekniċi ta’ proġetti u ta’ valutazzjonijiet retrospettivi relatati, l-għoti ta’ setgħat ta’ implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi format komuni għall-preżentazzjoni ta’ sommarji mhux tekniċi ta’ proġetti u ta’ valutazzjonijiet retrospettivi relatati, informazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-sostituzzjoni tar-rapportar tal-istatistika ta’ kull tliet snin mill-Kummissjoni bir-rekwiżit tal-istabbiliment ta’ bażi tad-data ċentrali dinamika ospitata mill-Kummissjoni u r-rilaxx ta’ informazzjoni fuq bażi annwali. ***Fid-dawl ta’ rapport tal-Kummissjoni fl-2017*** [56 bis]***, il-klawżola għal rieżami ta’ dik id-Direttiva kif stabbilita fl-Artikolu 58 jenħtieġ li terġa’ tiġi kkunsidrata bl-għan ta’ reviżjoni futura.*** |
| [56] Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33). | [56] Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).<br>[56 bis] ***Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni skont l-Artikolu 58 tad-Direttiva 2010/63/UE dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi, COM(2017)0631.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(14a) **Id-Direttivi 86/278/KEE, 2002/49/KE, 2004/35/KE, 2007/2/KE, 2009/147/KE u 2010/63/UE, ir-Regolamenti (KE) Nru 166/2006 u (UE) Nru 995/2010, u r-Regolamenti (KE) Nru 338/97 u (KE) Nru 2173/2005 għalhekk jenħtieġ li jiġu emendati skont il-każ,*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt - 1 (ġdid)**

Id-Direttiva 86/278/KEE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***-1. Fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt li ġej:*** |
| | ***"(da) 'settijiet ta' data ġeografika': tfisser l-operazzjonijiet li jistgħu jitwettqu, billi tintuża applikazzjoni tal-kompjuter, fuq id-data ġeografika li tinsab fis-settijiet ta' data ġeografika jew fuq il-metadata relatata kif definita fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** (*)***;*** |
| | (*) ***Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).".*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt - 1a (ġdid)**

Id-Direttiva 86/278/KEE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***-1a. Fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt li ġej:*** |
| | ***"(db) 'sett ta' data ġeografika': tfisser kollezzjoni identifikabbli ta' data ġeografika kif definita fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2007/2/KE."*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**

Id-Direttiva 86/278/KEE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(d)* ***l-ismijiet u l-indirizzi ta’ min qed jirċievi l-ħama u l-post fejn dan ikun se jintuża;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**

Id-Direttiva 86/278/KEE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(e)* ***kwalunkwe informazzjoni oħra rigward it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva pprovduta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**

Id-Direttiva 86/278/KEE

Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sabiex jiġu ppreżentati s-settijiet ta’ data ġeografika inklużi fl-informazzjoni rreġistrata f’dawk ir-rekords għandhom jintużaw s-servizzi ta’ data ġeografika ***kif definiti fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**** . | Sabiex jiġu ppreżentati s-settijiet ta’ data ġeografika inklużi fl-informazzjoni rreġistrata f’dawk ir-rekords għandhom jintużaw s-servizzi ta’ data ġeografika. |

It-Tlieta 23 ta’ Ottubru 2018

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**

Id-Direttiva 86/278/KEE

Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ir-reġistri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru disponibbli għall-pubbliku għal kull sena kalendarja, fi żmien tliet xhur mit-tmiem tas-sena kalendarja rilevanti, f'format konsolidat kif stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/741/KE** jew f'format ieħor previst skont l-Artikolu 17. | Ir-reġistri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru disponibbli ***u faċilment aċċessibbli*** għall-pubbliku għal kull sena kalendarja, fi żmien tliet xhur mit-tmiem tas-sena kalendarja rilevanti, f'format konsolidat kif stabbilit fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/741/KE** jew f'format ieħor previst skont l-Artikolu 17. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**

Id-Direttiva 86/278/KEE

Artikolu 10 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-informazzjoni dwar il-metodi ta’ trattament u r-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu rrilaxxati ***kull meta ssir talba mill-awtoritajiet*** kompetenti. | 3. L-informazzjoni dwar il-metodi ta’ trattament u r-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu rrilaxxati ***lill-awtoritajiet*** kompetenti. |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 86/278/KEE

Artikolu 17

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni, il-format skont liema l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 86/278/KEE kif mitlub mill-Artikolu 10 ta’ din id-Direttiva. Dak l-att ta’ implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 15(2). Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jippubblikaw ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha li tinkludi wkoll mapep fuq il-bażi tad-data li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli skont l-Artikoli 10 u 17. | Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta’ att ta’ implimentazzjoni, il-format skont liema l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 86/278/KEE kif mitlub mill-Artikolu 10 ta’ din id-Direttiva. Dak l-att ta’ implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 15(2). Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jippubblikaw ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha li tinkludi wkoll mapep fuq il-bażi tad-data li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli skont l-Artikoli 10 u 17. ***Fid-dawl ta’ dik id-data, il-Kummissjoni għandha wkoll, jekk ikun meħtieġ, tissottometti proposti xierqa għal żieda fil-protezzjoni tal-ħamrija u l-ambjent.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2002/49/KE

Artikolu 10 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni minn mapep strateġiċi tal-ħsejjes u sommarji tal-pjanijiet ta' azzjoni, kif imsemmija fl-Anness VI, jintbagħtu lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-dati stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 rispettivament. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni b'mod elettroniku biss lir-repożitorju tad-data ***li għandu jiġi stabbilit skont il-proċedura regolatorja bl-iskrutinju msemmija fl-Artikolu 13(3)***. Fil-każ li Stat Membru jkun irid jaġġorna l-informazzjoni, għandu jiddeskrivi d-differenzi bejn l-informazzjoni aġġornata u dik oriġinali u r-raġunijiet għall-aġġornament meta jagħmel l-informazzjoni aġġornata disponibbli fir-repożitorju tad-data. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni minn mapep strateġiċi tal-ħsejjes u sommarji tal-pjanijiet ta' azzjoni, kif imsemmija fl-Anness VI, jintbagħtu lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur mid-dati stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 rispettivament. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni b'mod elettroniku biss lir-repożitorju tad-data ***mandatarju***. Fil-każ li Stat Membru jkun irid jaġġorna l-informazzjoni, għandu jiddeskrivi d-differenzi bejn l-informazzjoni aġġornata u dik oriġinali u r-raġunijiet għall-aġġornament meta jagħmel l-informazzjoni aġġornata disponibbli fir-repożitorju tad-data. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**

Direttiva 2002/49/KE

Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Fl-Artikolu 10, wara l-paragrafu 2, jiddaħħal il-paragrafu li ġej:*** <br> ***"2a. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12a sabiex tissupplimenta din id-Direttiva dwar l-istabbiliment tar-repożitorju tad-data obbligatorju msemmi fil-paragrafu 2, u r-regoli dettaljati tal-mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni diġitali biex jaqsmu l-informazzjoni mill-mapep strateġiċi tal-istorbju u s-sommarji tal-pjanijiet ta' azzjoni.".*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)**

Direttiva 2002/49/KE

Artikolu 12a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Jiżdied l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 12a*** |
| | ***Eżerċizzju tad-delega*** |
| | ***1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** |
| | ***2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 10(2a) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*** |
| | ***3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 10(2a) tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.*** |
| | ***4. Qabel tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet*** (*). |
| | ***5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru.*** |
| | ***6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 10(2a) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*** |
| | (*) ***ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2002/49/KE

Anness VI – punt 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Fl-Anness VI, il-punt 3 huwa ***sostitwit b'dan li ġej***: | 5. Fl-Anness VI, il-punt 3 huwa ***mħassar***. |
| ***3. "3. Mekkaniżmu għall-iskambju tal-informazzjoni.*** | |
| ***"Il-Kummissjoni, megħjuna mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha tiżviluppa mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni diġitali obbligatorju biex titqassam l-informazzjoni mill-mapep strateġiċi tal-ħsejjes u mis-sommarji tal-pjanijiet ta' azzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 10 (2) skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 13(3).".*** | |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt - 1 (ġdid)**

Direttiva 2004/35/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***-1. Fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt li ġej:*** |
| | ***16a. "settijiet ta' data ġeografika" tfisser l-operazzjonijiet li jistgħu jsiru, billi tintuża applikazzjoni tal-kompjuter, fuq id-data ġeografika li tinsab fis-settijiet ta' data ġeografika jew fuq il-metadata relatata kif definita fid-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** (*)***;*** |
| | (*) ***Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).".*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2004/35/KE

Artikolu 18 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun disponibbli għall-pubbliku informazzjoni adegwata u aġġornata, tal-anqas fuq it-theddid imminenti ta' danni, f'format ta' data miftuħa online, skont l-Anness VI ta' din id-Direttiva u l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *. Għal kull inċident, għandha tiġi pprovduta talanqas l-informazzjoni mniżżla fl-Anness VI ta' din id-Direttiva. | ***1.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun disponibbli għall-pubbliku ***u għall-Kummissjoni*** informazzjoni adegwata u aġġornata, tal-anqas fuq it-theddid imminenti ta' danni, f'format ta' data miftuħa online, skont l-Anness VI ta' din id-Direttiva u l-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*. Għal kull inċident, għandha tiġi pprovduta talanqas l-informazzjoni mniżżla fl-Anness VI ta' din id-Direttiva. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2004/35/KE

Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 18a sabiex temenda l-Anness VI għal din id-Direttiva dwar kriterji dettaljati li skonthom l-iskala u t-tip ta' ħsara ambjentali għandhom jiġu kklassifikati.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2004/35/KE

Artikolu 18 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Sabiex jiġu ppreżentati s-settijiet ta' data ġeografika, bħal-lokalizzazzjoni ġeografika tal-inċidenti, inklużi fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jintużaw is-servizzi ta' data ġeografika ***kif definiti fl-Artikolu 3 (4) tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*****. | 2. Sabiex jiġu ppreżentati s-settijiet ta' data ġeografika, bħal-lokalizzazzjoni ġeografika tal-inċidenti, inklużi fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jintużaw is-servizzi ta' data ġeografika. |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2004/35/KE

Artikolu 18 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jippubblikaw ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha li tinkludi mapep fuq il-bażi tad-data li l-Istati Membri jkunu għamlu disponibbli skont il-paragrafu 1. | 3. Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jippubblikaw ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha li tinkludi mapep fuq il-bażi tad-data li l-Istati Membri jkunu għamlu disponibbli skont il-paragrafu 1 ***u jaġġornawha regolarment***. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2004/35/KE

Artikolu 18 – paragrafu 4 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha, ***f'intervalli regolari***, ***twettaq*** evalwazzjoni ta' din id-Direttiva. L-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata, fost l-oħrajn, fuq l-elementi li ġejjin: | 4. Il-Kummissjoni għandha ***twettaq***, ***mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2022 u suċċessivament mill-inqas kull ħames snin***, evalwazzjoni ta' din id-Direttiva ***u tal-implimentazzjoni tagħha***. L-evalwazzjoni għandha ***ssir disponibbli għall-pubbliku u*** tkun ibbażata, fost l-oħrajn, fuq l-elementi li ġejjin: |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2004/35/KE

Artikolu 18 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) analiżi tal-iżviluppi u l-bidliet rilevanti fl-Istati Membri.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2004/35/KE

Artikolu 18 – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***4a. Il-Kummissjoni għandha, fi żmien xieraq, tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 u jekk ikun meħtieġ, tippreżenta proposti leġiżlattivi xierqa.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2004/35/KE

Artikolu 18 – paragrafu 4b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***4b. L-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha tqis ukoll l-estensjoni tad-definizzjoni ta' "ħsara ambjentali" kif definita fl-Artikolu 2(1), u tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva biex jinkludu l-ħsarat li jsiru lis-saħħa tal-bniedem, sabiex jiġu inklużi wkoll il-ħsarat li jsiru lill-arja li jistgħu jkollhom riskji sinifikanti għas-saħħa.*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

Direttiva 2004/35/KE

Artikolu 18a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 18a*** |
| | ***Eżerċizzju tad-delega*** |
| | ***1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** |
| | ***2. Għandha tingħata lill-Kummissjoni s-setgħa li taddotta atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 18(1a) għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-…[data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].*** |
| | ***3. Id-delega tas-setgħa li hemm riferiment għaliha fl-Artikolu 18(1a) tista' tkun revokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.*** |
| | ***4. Qabel tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet*** (*). |
| | ***5. Hekk kif hija tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** |
| | ***6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 18(1a) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."*** |
| | (*) ***ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.".*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3**

Direttiva 2004/35/KE

Anness VI – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(1) għandha ***tirreferi għal emissjonijiet***, avvenimenti jew inċidenti li jikkawżaw danni ambjentali jew ***periklu*** imminenti ta' danni, bl-informazzjoni u d-data li ġejjin għal kull każ: | L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(1) għandha ***tinkludi lista tal-emissjonijiet***, avvenimenti jew inċidenti li jikkawżaw danni ambjentali jew ***theddida*** imminenti ta' danni, bl-informazzjoni u d-data li ġejjin għal kull każ: |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3**

Direttiva 2004/35/KE

Anness VI – punt 7 – punt ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) proċeduri ġudizzjarji rilevanti;*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 1 – punt aa (ġdid)**

Direttiva 2007/2/KE

Artikolu 21 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) fil-paragrafu 2 jiddaħħal il-punt li ġej:*** <br> ***"(ca) analiżi tal-iżvilupp tal-infrastruttura għal INSPIRE fl-Istati Membri;"*** |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2007/2/KE

Artikolu 23 – paragrafu 2 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha, ***f'intervalli regolari, twettaq*** evalwazzjoni ta' din id-Direttiva. L-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata, fost l-oħrajn, fuq l-elementi li ġejjin: | Il-Kummissjoni għandha ***twettaq***, ***mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2022 u suċċessivament mill-inqas kull ħames snin,*** evalwazzjoni ta' din id-Direttiva ***u tagħmilha disponibbli għall-pubbliku***. L-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata, fost l-oħrajn, fuq l-elementi li ġejjin: |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2007/2/KE

Artikolu 23 – paragrafu 2a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni għandha, fi żmien xieraq, tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni msemmija fit-tieni paragrafu u jekk ikun meħtieġ, tippreżenta proposti leġiżlattivi xierqa.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 1**

Direttiva 2009/147/KE

Artikolu 12 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull sitt snin, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, fl-istess żmien tar-rapport imfassal skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE*, rapport dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda skont din id-Direttiva u l-impatti ewlenin ta' dawn il-miżuri. ***Dan*** ir-rapport għandu jinkludi b'mod partikolari, informazzjoni dwar l-istatus u t-tendenzi tal-ispeċijiet tal-għasafar selvaġġi protetti b'din id-Direttiva, it-theddid u l-pressjoni fuqhom, il-miżuri ta' konservazzjoni meħudin għalihom u l-kontribut tan-netwerk taż-Żoni ta' Protezzjoni Speċjali għall-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva."; | 1. Kull sitt snin, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, fl-istess żmien tar-rapport imfassal skont l-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE*, rapport dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda skont din id-Direttiva u l-impatti ewlenin ta' dawn il-miżuri. ***Dak*** ir-rapport ***għandu jkun aċċessibbli għall-pubbliku u*** għandu jinkludi b'mod partikolari, informazzjoni dwar l-istatus u t-tendenzi tal-ispeċijiet tal-għasafar selvaġġi protetti b'din id-Direttiva, it-theddid u l-pressjoni fuqhom, il-miżuri ta' konservazzjoni meħudin għalihom u l-kontribut tan-netwerk taż-Żoni ta' Protezzjoni Speċjali għall-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din id-Direttiva. |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2009/147/KE

Artikolu 12 – paragrafu 2 – sentenza 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. Kull sitt snin, il-Kummissjoni, megħjuna mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha tħejji rapport kompost ibbażat fuq l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. | 2. Kull sitt snin, il-Kummissjoni, megħjuna mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandha tħejji ***u tippubblika*** rapport kompost ibbażat fuq l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**

Direttiva 2010/63/UE

Artikolu 54 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jippubblikaw ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha fuq il-bażi ***tad-data li tkun saret disponibbli mill-Istati Membri***. | ***Mhux aktar tard minn 6 xhur wara s-sottomissjoni mill-Istati Membri tad-data msemmija fit-tieni subparagrafu,*** is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jippubblikaw ***u jaġġornaw b'mod regolari,*** ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha fuq il-bażi ***ta' dik id-data***. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**

Direttiva 2010/63/UE

Artikolu 54 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi format u kontenuti komuni għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-proċedura ***regolatorja*** msemmija fl-Artikolu 56(3)."; | 4. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi format u kontenuti komuni għall-preżentazzjoni tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu 56(3)."; |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

Direttiva 2010/63/UE

Artikolu 56 – paragrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Fl-Artikolu 56, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 3. ***Fejn issir*** referenza għal dan il-paragrafu, ***għandhom japplikaw l-Artikoli*** 5 ***u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kusiderazzjoni għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha***. | "3. ***Meta ssir*** referenza għal dan il-paragrafu, ***għandu japplika l-Artikolu*** 5 ***tar-Regolament (UE) Nru 182/2011***. |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 166/2006

Artikolu 7 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***Kull*** sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu, lill-Kummissjoni permezz ta' trasferiment elettroniku, rapport li jkun fih id-data kollha msemmija fl-Artikolu 5(1) u (2) f'format ***u sa data*** li ***għandhom jiġu stabbiliti*** mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 19 (2). Id-data tar-rapportar għandha tkun, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn disa' xhur wara t-tmiem tas-sena ta' rapportar. | 2. ***Mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull*** sena, l-Istati Membri għandhom jipprovdu, lill-Kummissjoni permezz ta' trasferiment elettroniku, rapport li jkun fih id-data kollha msemmija fl-Artikolu 5(1) u (2) f'format li ***għandu jiġi stabbilit*** mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 19(2). Id-data tar-rapportar għandha tkun, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn disa' xhur wara t-tmiem tas-sena ta' rapportar. |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 1**

Regolament (UE) Nru 995/2010

Artikolu 20 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku u lill-Kummissjoni, ***sat-30 ta'*** April ta' kull sena, l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament matul is-sena kalendarja preċedenti. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-format u l-proċedura għall-Istati Membri biex jagħmlu t-tali informazzjoni disponibbli. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2). | 1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku u lill-Kummissjoni, ***sa mhux aktar tard mit-30 ta'*** April ta' kull sena, l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament matul is-sena kalendarja preċedenti. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-format u l-proċedura għall-Istati Membri biex jagħmlu t-tali informazzjoni disponibbli. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 18(2). |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 1**

Regolament 995/2010/UE

Artikolu 20 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Sat-3 ta' Diċembru ***2015***, u suċċessivament kull ***sitt*** snin, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, fuq il-bażi tar-rapportar u l-esperjenza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-funzjonament u l-effikaċja ta' dan ir-Regolament, inkluża l-prevenzjoni tat-tqegħid fis-suq intern ta' injam maħsud b'mod illegali jew prodotti tal-injam ġejjin minn tali injam. B'mod partikolari għandha tqis il-konsegwenzi amministrattivi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-kopertura tal-prodott. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tar-rieżami u takkumpanja rapporti bħal dawn, jekk ikun meħtieġ, bi proposti leġiżlattivi xierqa." | 3. Sat-3 ta' Diċembru ***2021***, u suċċessivament kull ***ħames*** snin, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, fuq il-bażi tar-rapportar u l-esperjenza tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-funzjonament u l-effikaċja ta' dan ir-Regolament, inkluża l-prevenzjoni tat-tqegħid fis-suq intern ta' injam maħsud b'mod illegali jew prodotti tal-injam ġejjin minn tali injam. B'mod partikolari għandha tqis il-konsegwenzi amministrattivi għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-kopertura tal-prodott. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tar-rieżami u takkumpanja rapporti bħal dawn, jekk ikun meħtieġ, bi proposti leġiżlattivi xierqa." |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 2173/2005

Artikolu 8 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku u lill-Kummissjoni, ***sat-***30 ta' April ta' kull sena, l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament matul is-sena kalendarja preċedenti. | 1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli lill-pubbliku u lill-Kummissjoni, ***sa mhux aktar tard mit-***30 ta' April ta' kull sena, l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament matul is-sena kalendarja preċedenti. |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 2173/2005

Artikolu 9 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sa Diċembru 2021 u suċċessivament kull sitt snin, il-Kummissjoni għandha, abbażi tar-rapportar u tal-esperjenza fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, teżamina l-funzjonament u l-effikaċja ta' dan ir-Regolament. Meta tagħmel dan hija għandha ***tieħu kont tal-progress*** fl-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija volontarji. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tar-rieżami u takkumpanja rapporti bħal dawn, jekk ikun xieraq, bi proposti għat-titjib tal-iskema tal-liċenzjar FLEGT. | Sa Diċembru 2021 u suċċessivament kull sitt snin, il-Kummissjoni għandha, abbażi tar-rapportar u tal-esperjenza fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, teżamina l-funzjonament u l-effikaċja ta' dan ir-Regolament. Meta tagħmel dan hija għandha ***tqis il-progress*** fl-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija volontarji. Il-Kummissjoni għandha ***kull ħames snin*** tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tar-rieżami u takkumpanja rapporti bħal dawn, jekk ikun xieraq, bi proposti għat-titjib tal-iskema tal-liċenzjar FLEGT. |

**It-Tlieta 23 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt 1**

Regolament (KE) Nru 338/97

Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) Bla ħsara għall-Artikolu 20, l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri għandhom, sena qabel kull laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li għandha x'taqsam mal-perjodu preċedenti rilevanti li tkun meħtieġa biex jitħejjew ir-rapporti msemmijin fl-Artikolu VIII.7 (b) tal-Konvenzjoni u informazzjoni ekwivalenti dwar id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li huma barra mill-iskop tal-Konvenzjoni. ***L-informazzjoni li għandha tkun ikkomunikata u l-format*** tal-preżentazzjoni tagħha ***għandhom ikunu speċifikati*** mill-Kummissjoni skont il-proċedura ***regolatorja*** msemmija fl-Artikolu 18(2). | (c) Bla ħsara għall-Artikolu 20, l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri għandhom, sena qabel kull laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni, jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li għandha x'taqsam mal-perjodu preċedenti rilevanti li tkun meħtieġa biex jitħejjew ir-rapporti msemmijin fl-Artikolu VIII.7 (b) tal-Konvenzjoni u informazzjoni ekwivalenti dwar id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li huma barra mill-iskop tal-Konvenzjoni. ***Il-format*** tal-preżentazzjoni tagħha ***għandu jkun speċifikat*** mill-Kummissjoni skont il-proċedura ***ta' eżami*** msemmija fl-Artikolu 18(2). |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

Regolament (KE) Nru 338/97

Artikolu 18 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fl-Artikolu 18, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 2. ***Fejn issir*** referenza għal dan ***l-Artikolu***, ***għandhom japplikaw l-Artikoli*** 5 ***u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha*** | "2. ***Meta ssir*** referenza għal dan ***il-paragrafu***, ***għandu japplika l-Artikolu*** 5 ***tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.".*** |
| ***Il-perijodu stipulat fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur. F'dak li jirrigwarda l-ħidmiet tal-Kumitat imsemmijin fil-punti 1 u 2 ta' l-Artikolu 19, jekk, meta jiskadi l-perjodu ta' tlett xhur mid-data li fiha s-suġġett ikun ġie riferit lill-Kunsill, il-Kunsill ma jkunx aġixxa, il-miżuri proposti għandhom ikunu adottati mill-Kummissjoni.*** | |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0404

## Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2019 – it-taqsimiet kollha

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019 (11737/2018 – C8-0410/2018 – 2018/2046(BUD))**

(2020/C 345/35)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 314 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/335/UE, Euratom tas-26 ta' Mejju 2014 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 ([4]) ("ir-Regolament dwar il-QFP"),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2018 dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' April 2018 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2019 ([7]),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019, adottat mill-Kummissjoni fil-21 ta' Ġunju 2018 (COM(2018)0600),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019 adottata mill-Kunsill fl-4 ta' Settembru 2018 u li ntbagħtet lill-Parlament fit-13 ta' Settembru 2018 (11737/2018 – C8-0410/2018),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2018 dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-abbozz tal-baġit 2019 ([8]),

— wara li kkunsidra l-Ittra ta' Emenda Nru 1/2019 (COM(2018)0709) għall-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019,

([1]) ĠU L 168, 7.6.2014, p. 105.
([2]) ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.
([3]) ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1.
([4]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.
([5]) ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2018)0089.
([7]) Testi adottati, P8_TA(2018)0182.
([8]) Testi adottati, P8_TA(2018)0311.

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 88 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjonijiet tal-kumitati interessati l-oħra (A8-0313/2018),

**Taqsima III**

***Ħarsa ġenerali***

1. Jenfasizza li l-qari tal-Baġit 2019 min-naħa tal-Parlament jirrifletti bis-sħiħ il-prijoritajiet politiċi adottati b'maġġoranza assoluta fir-riżoluzzjonijiet tiegħu msemmija hawn fuq tal-15 ta' Marzu 2018 dwar il-linji gwida ġenerali u tal-5 ta' Lulju 2018 dwar il-mandat għat-trilogu; ifakkar li fil-qalba ta' dawn il-prijoritajiet hemm: it-tkabbir sostenibbli, l-innovazzjoni, il-kompetittività, is-sigurtà, l-indirizzar tal-kawżi fundamentali tar-rifuġjati u tal-flussi migratorji, il-ġestjoni tal-flussi tar-rifuġjati u tal-migrazzjoni, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni lejn enerġija sostenibbli, u enfasi partikolari fuq iż-żgħażagħ;

2. Jenfasizza li qabel l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, din tal-aħħar teħtieġ ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex tirrispondi għall-aspettattivi taċ-ċittadini, biex tkun tista' tindirizza b'mod effikaċi d-diversi prijoritajiet imsemmija hawn fuq u tegħleb l-isfidi li qed tiffaċċja, u biex ittejjeb il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tagħha;

3. Jirrimarka li ċ-ċittadini tal-Ewropa jistennew li l-Unjoni tagħmel l-almu tagħha biex tiżgura t-tkabbir ekonomiku u trawwem il-ħolqien tal-impjiegi b'mod uniformi fir-reġjuni kollha tagħha; ifakkar li l-issodisfar ta' dawn l-aspettattivi jirrikjedi investimenti fir-riċerka u l-innovazzjoni, id-diġitalizzazzjoni, l-edukazzjoni, l-infrastruttura u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u li tippromwovi l-impjiegi, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ tal-Ewropa; jesprimi diżapprovazzjoni dwar il-fatt li l-Kunsill għal darb'oħra qed jipproponi tnaqqis għal dawk il-programmi li huma mfassla biex l-ekonomija tal-Unjoni ssir aktar kompetittiva u innovattiva; jenfasizza wkoll li ħafna minn dawn il-programmi, pereżempju Orizzont 2020, jirċievu għadd ta' talbiet ferm akbar milli kien ippjanat, u dan jikkostitwixxi użu ħażin ta' riżorsi u jfisser li ħafna proġetti eċċellenti ma jirċivux finanzjament; jenfasizza wkoll il-fatt li l-programmi bħall-Erasmus+, Orizzont 2020 u l-Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju (COSME) jipprovdu dimostrazzjoni ħajja tal-vantaġġi tal-kooperazzjoni madwar l-Unjoni u jgħinu biex jinħoloq sens ta' appartenenza Ewropea; jiddeċiedi għalhekk li jsaħħaħ b'mod konsiderevoli l-Erasmus+ u jsaħħaħ il-programmi li jikkontribwixxu għat-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi, inkluż Orizzont 2020, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) u COSME;

4. Itenni l-impenn tiegħu lejn il-wegħdiet li għamel waqt in-negozjati tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS), jiġifieri li jiġi minimizzat l-impatt tat-tnaqqis relatat mal-FEIS fuq Orizzont 2020 u l-FNE fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali; jipproponi, għalhekk, li dak it-tnaqqis jiġi kkumpensat billi l-profil annwali oriġinali ta' dawn iż-żewġ programmi jerġa' jiġi kif kien, sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu kompletament l-objettivi miftiehma matul l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti;

5. Jenfasizza li l-livell tal-qgħad fost iż-żgħażagħ għadu għoli b'mod inaċċettabbli f'ċerti Stati Membri speċjalment fir-reġjuni li għadhom lura ekonomikament, u li l-qagħda taż-żgħażagħ f'sitwazzjonijiet NEET (barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ), u ta' dawk qiegħda fit-tul, hija partikolarment inkwetanti; jenfasizza li ż-żgħażagħ huma l-aktar f'riskju ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali u ekonomika; jiddeċiedi għalhekk li jsaħħaħ l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ (YEI) lil hinn mil-livell propost mill-Kummissjoni; jenfasizza li tali tisħiħ ma għandu bl-ebda mod jitqies bħala forniment minn qabel tal-allokazzjoni tal-YEI approvata fil-kuntest tar-reviżjoni ta' nofs it-terminu tal-QFP; jissottolinja, madankollu, li l-YEI għandha tittejjeb aktar u ssir aktar effiċjenti u jħeġġeġ lill-Istati Membri iżidu l-livell ta' assorbiment tal-finanzjament u joħolqu aktar impjiegi taż-żgħażagħ ta' kwalità;

6. Ifakkar fil-ħtieġa ta' ġlieda qawwija kontra l-faqar;

7. Ifakkar li l-politika ta' koeżjoni għandha rwol ewlieni fl-iżvilupp u t-tkabbir tal-Unjoni u fil-konverġenza fl-Istati Membri u r-reġjuni; jenfasizza l-impenn li ħa l-Parlament biex jiżgura approprjazzjonijiet adegwati għal dawk il-programmi li jirrappreżentaw politika ewlenija tal-Unjoni;

8. Jenfasizza li l-Fondi taħt il-politika ta' Koeżjoni ma għandhomx jappoġġaw ir-rilokazzjoni, la direttament u lanqas indirettament, kif definita fl-Artikolu 2(61a) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014; iħeġġeġ lill-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Istati Membri biex jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet taħt il-Fondi ma jingħatawx lill-benefiċjarji li wettqu rilokazzjoni fi żmien ħames snin qabel l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni; u biex jiġi żgurat li l-kontribuzzjonijiet jitħallsu lura b'mod sħiħ mill-benefiċjarji li jwettqu rilokazzjoni sa ħames snin wara li jkunu rċevew il-kontribuzzjoni;

**L-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018**

9. Jiddispjaċih li, skont il-projezzjonijiet kurrenti, se jkunu ddedikati biss 19,3 % tal-baġit tal-Unjoni tal-2014 – 2020 għall-miżuri relatati mal-klima, u b’hekk l-objettiv ta’ 20 %, stabbilit qabel il-Ftehim ta’ Pariġi dwar il-Klima, mhux se jintlaħaq minn qabel il-Ftehim ta’ Pariġi dwar il-Klima; jifhem li dan huwa dovut l-aktar għad-dewmien fil-politika ta’ koeżjoni u l-programmi tal-iżvilupp rurali; iħeġġeġ lill-Istati Membri, li jiġġestixxu dawn il-programmi, biex iħaffu l-implimentazzjoni tagħhom b’enfasi fuq l-infiq relatat mal-klima sabiex jikkumpensaw għall-allokazzjonijiet aktar baxxi li jkunu saru matul l-ewwel snin tal-QFP; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa pjan ta’ azzjoni fi ħdan programmi li għandhom potenzjal enormi li jikkontribwixxu biex tintlaħaq il-mira ta’ nfiq relatat mal-klima; jitlob ukoll li jkun hemm eżerċizzju ta’ konsolidazzjoni robust u annwali biex isir progress lejn il-mira ta’ integrazzjoni, b’salvagwardji konkreti u koerenti li jiggarantixxu li deċiżjonijiet baġitarji reżistenti għat-tibdil fil-klima jkunu konformi mal-impenji tal-Unjoni skont il-Ftehim ta’ Pariġi, u jkun hemm rappurtar komprensiv biex jiġu mnedija inizjattivi jekk il-miri ma jintlaħqux;

10. Jissottolinja l-fatt li l-Intestatura 3 fil-parti l-kbira tagħha ġiet mobilizzata f’dawn l-aħħar snin biex tiġi indirizzata l-isfida migratorja u tar-rifuġjati u li tali azzjonijiet għandhom jitkomplew u jiġu msaħħa kemm jista’ jkun u għal kemm ikun meħtieġ; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja b’mod attiv l-adegwatezza tal-allokazzjonijiet taħt l-Intestatura 3 u tagħmel użu sħiħ mill-istrumenti disponibbli kollha biex twieġeb fil-ħin għal kwalunkwe avveniment mhux previst li jista’ jirrikjedi finanzjament addizzjonali fil-qasam tal-migrazzjoni b’attenzjoni speċjali għall-każ tar-reġjuni insulari li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jiddeċiedi li jsaħħaħ il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) biex ikopri bis-sħiħ il-ħtiġijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni, b’mod partikolari biex jappoġġa lill-Istati Membri fit-titjib tal-kundizzjonijiet ta’ akkoljenza, il-miżuri ta’ integrazzjoni u l-prattiki għal dawk li jfittxu l-asil u l-migranti, u t-titjib tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri u strateġiji ta’ ritorn ġusti u effikaċi; jinnota, għal darb’oħra, li l-limitu massimu tal-Intestatura 3 mhuwiex adegwat biex jipprovdi finanzjament xieraq għad-dimensjoni interna ta’ dawk il-prijoritajiet, kif ukoll għal programmi ta’ prijorità oħrajn, pereżempju fl-oqsma tas-saħħa, is-sikurezza tal-ikel, is-sigurtà, il-ġustizzja, iċ-ċittadinanza u l-kultura; iqis li l-awtoritajiet lokali b’rieda li jappoġġaw il-Programm tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni għandhom ikomplu jiġu appoġġati permezz ta’ fergħa ta’ ġestjoni diretta tal-AMIF;

11. Jinsisti li fid-dawl tat-tħassib riċenti ta’ sigurtà madwar l-Unjoni, il-finanzjament taħt l-Intestatura 3 għandu jagħti wkoll attenzjoni partikolari lil miżuri li se jwasslu biex tissaħħaħ is-sigurtà taċ-ċittadini tal-Unjoni; jiddeċiedi, għal din ir-raġuni, biex jsaħħaħ l-aġenziji fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni bħall-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (EUROPOL), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL), l-Aġenzija Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT Fuq Skala Kbira (eu-LISA), l-Unità Ewropea ta’ Kooperazzjoni Ġudizzjarja (Eurojust) u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) li, minħabba żieda fil-volum tax-xogħol u kompiti addizzjonali, kienu qed jiffaċċjaw nuqqas ta’ persunal u finanzjament f’dawn l-aħħar snin;

12. Itenni li parti mis-soluzzjoni tal-isfida migratorja u tar-rifuġjati kif ukoll tat-tħassib dwar is-sigurtà taċ-ċittadini tal-Unjoni tinsab fl-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni u fl-allokazzjoni ta’ mezzi finanzjarji suffiċjenti għal strumenti interni u esterni li għandhom l-għan li jindirizzaw kwistjonijiet bħall-faqar, in-nuqqas ta’ impjiegi, l-edukazzjoni u l-opportunitajiet ekonomiċi, l-instabbiltà, il-kunflitt u t-tibdil fil-klima fil-Viċinat Ewropew u l-Afrika; hu tal-fehma li l-Unjoni għandha tagħmel l-aħjar użu tal-mezzi finanzjarji taħt l-Intestatura 4 li wrew li kienu insuffiċjenti biex jiġu indirizzati bl-istess mod l-isfidi esterni kollha;

13. Jirrikonoxxi l-isfidi li jiffaċċjaw l-Istati Membri minħabba l-fluss kbir ta’ migranti u persuni li qed ifittxu l-asil; jiddispjaċih li sa issa l-isforzi kollha biex tiġi stabbilita skema tal-migranti ġusta u umana fil-livell tal-Unjoni ma rnexxewx;

14. Jiddispjaċih li l-Parlament ma kienx involut b’mod xieraq fid-diskussjonijiet dwar l-estensjoni tal-Faċilità għar-Rifuġjati fit-Turkija (FRT); itenni l-pożizzjoni tiegħu li ilu jħaddan li inizjattivi ġodda ma jridux jiġu ffinanzjati għad-detriment ta’ proġetti esterni eżistenti tal-Unjoni; isostni, filwaqt li jfakkar fl-appoġġ tiegħu għall-kontinwazzjoni tal-FRT, li, minħabba s-sitwazzjoni mġebbda taħt l-Intestatura 4 għal reazzjoni għal sfidi esterni, inkluża l-migrazzjoni, il-baġit tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-finanzjament tat-tieni porzjon bl-istess proporzjon bħal tal-ewwel wieħed, jiġifieri EUR 1 biljun, filwaqt li l-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu EUR 2 biljun għall-finanzjament tiegħu;

15. Ifakkar fl-importanza tat-Turkija bħala pajjiż ġar, inkluż għall-istabbiltà reġjonali, u jisħaq fuq il-ħtieġa li t-Turkija tirrispetta d-dritt internazzjonali fir-reġjun u tirritorna lejn perkors ta’ riforma li tiggarantixxi l-benesseri taċ-ċittadini tagħha u r-rispett sħiħ tad-drittijiet kollha tagħhom;

16. Ireġġa’ lura t-tnaqqis kollu propost mill-Kunsill għall-Abbozz ta’ Baġit 2019 (AB 2019) fl-intestaturi kollha, b’eċċezzjonijiet limitati fl-Intestatura 4 u s-subintestatura 1b; jirrifjuta li jaċċetta t-tnaqqis propost għall-programmi bl-ogħla valur miżjud Ewropew, pereżempju it-tnaqqis għal Orizzont 2020 u għall-FNE, żewġ programmi li diġà huma affettwati minn riallokazzjonijiet għall-FEIS, jew il-biċċa l-kbira tat-tnaqqis għall-politiki esterni; jenfasizza li l-loġika wara t-tnaqqis tal-Kunsill mhijiex sostanzjata miċ-ċifri ta’ implimentazzjoni reali u ma tikkunsidrax ix-xejriet ta’ implimentazzjoni differenti ta’ ċerti programmi;

17. Jikkonkludi li, għall-fini ta’ finanzjament adegwat għall-ħtiġijiet urġenti kollha, u meta jitqiesu l-marġnijiet stretti ħafna jew ineżistenti taħt xi intestaturi fl-2019, ikun meħtieġ li jintużaw il-mezzi kollha disponibbli fir-Regolament dwar il-QFP f’termini ta’ flessibbiltà; jistenna li l-Kunsill jikkondividi dan l-approċċ u li ftehim ikun faċli jintlaħaq fil-konċiljazzjoni, biex b’hekk l-Unjoni tkun tista’ taħtaf l-opportunità u tirrispondi b’mod effikaċi għall-isfidi li ġejjin, b’mod partikolari minħabba li l-konċiljazzjoni ta’ din is-sena se tkun l-aħħar waħda qabel l-elezzjonijiet Ewropew f’Mejju 2019;

18. Jistabbilixxi l-livell kumplessiv ta’ approprjazzjonijiet għall-2019 għal EUR 166 340 415 936 f’approprjazzjonijiet ta’ impenn u EUR 149 349 039 470 f’approprjazzjonijiet ta’ pagament, li jfisser żieda ta’ EUR 721 061 034 f’approprjazzjonijiet ta’ impenn meta mqabbel mal-AB 2019;

***Subintestatura 1a – Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi***

19. Jirrifjuta t-tnaqqis mhux ġustifikat min-naħa tal-Kunsill ta’ EUR 794 miljun għas-subintestatura 1a, li jirrappreżenta ftit aktar minn nofs it-tnaqqis kumplessiv tal-Kunsill f’impenji fl-intestaturi tal-QFP; jinnota li dan it-tnaqqis imur kontra l-prijoritajiet politiċi li ddikjara l-Kunsill; huwa mħasseb ukoll dwar il-fatt li dawn jistgħu jfixklu l-implimentazzjoni tal-programmi li għandhom rwol vitali fil-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir, li jista’ jkollhom impatt negattiv fuq l-ekonomija;

20. Jindika f’dan ir-rigward il-programmi bħal Orizzont 2020 u l-FNE u l-programmi spazjali ewlenin, bħal Copernicus, li jipprovdu valur miżjud Ewropew b’saħħtu ħafna; jiddeplora t-tnaqqis sinifikanti propost mill-Kunsill fil-Qafas Strateġiku Komuni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni b’impatt negattiv kbir ħafna fuq Orizzont 2020, u jiddeplora b’mod speċjali t-tnaqqis f’linji baġitarji rilevanti bħat-Tisħiħ tar-riċerka f’teknoloġiji futuri u emerġenti u t-Tisħiħ tal-infrastruttura Ewropea tar-riċerka; jinnota wkoll li ħafna minn dawn il-programmi jagħtu kontribut importanti għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u jqis li jeħtieġ li jissaħħaħ tali kontribut; jiddeċiedi għalhekk li jiġi rrevokat it-tnaqqis kollu li għamel il-Kunsill u, barra minn hekk, jitreġġa’ lura kompletament il-profil oriġinali ta’ Orizzont 2020 u l-linji tal-FNE li tnaqqsu għall-għoti tal-Fond ta’ Garanzija tal-FEIS;

21. Ifakkar li l-Erasmus+ jibqa’ programm ta’ valur kbir u popolari ħafna li jippromwovi l-mobbiltà għat-tagħlim u t-taħriġ vokazzjonali taż-żgħażagħ, kif jidher mill-volum tal-applikazzjonijiet riċevuti, li jaqbeż b’ħafna l-finanzjament disponibbli, u jinnota wkoll li jgħin fit-trawwim ta’ sens b’saħħtu ta’ identità Ewropea u jħeġġeġ liż-żgħażagħ jieħdu sehem fid-demokrazija Ewropea; jiddispjaċih ħafna li l-abbozz tal-baġit tal-2019 għall-Erasmus+ ma jissodisfax l-aspettattivi tal-Parlament, u naqas milli jmur lil hinn miċ-ċifri pprogrammati taħt il-QFP kurrenti; iqis li huwa għalhekk essenzjali li jissaħħu l-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażagħ tal-Erasmus+, bħala konsegwenza tat-tisħiħ tal-YEI taħt is-subintestatura 1b;

22. Jiddispjaċih li wara l-pubblikazzjoni, fit-3 ta’ Frar 2014, tal-ewwel rapport tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-Kummissjoni rrifjutat li tkompli dik il-prattika ta’ rapporti annwali u minflok integrat il-politiki kontra l-korruzzjoni fis-Semestru Ekonomiku; jinnota li r-rapporti speċifiċi għall-pajjiż fil-kuntest tas-Semestru Ekonomiku ma fihomx deskrizzjoni ċara tas-sitwazzjoni attwali, u lanqas ma fihom rakkomandazzjonijiet dwar miżuri kontra l-korruzzjoni għall-Istati Membri kollha; iħeġġeġ lill-Kummissjoni għal darb’oħra tissottometti lill-Parlament it-tieni rapport tal-UE Kontra l-Korruzzjoni, u f’dan il-kuntest ma tevalwax l-isforzi kontra l-korruzzjoni biss f’termini ta’ telf ekonomiku iżda wkoll biex tanalizza l-effetti detrimentali tal-korruzzjoni fuq id-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni;

23. Ifakkar fl-importanza li jitrawmu sinerġiji estensivi bejn l-FNE Trasport u l-FNE Diġitali sabiex jiġi mmassimizzat l-ingranaġġ finanzjarju għall-proġetti li għandhom l-għan li jagħtu spinta lid-diġitalizzazzjoni tal-kurituri TEN-T;

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

24. Jenfasizza għal darb'oħra l-fatt li l-SMEs huma parti essenzjali mill-ekonomija tal-Unjoni u għandhom rwol kruċjali fil-ħolqien tal-impjiegi fl-Unjoni kollha; jemmen li hemm il-ħtieġa li jinħoloq ambjent tan-negozju favorevoli għall-SMEs, kif ukoll li jiġu appoġġati r-raggruppamenti u n-netwerks tal-SMEs, li jiġu appoġġati wkoll kumpaniji kooperattivi bi prattiki soċjali, ta' solidarjetà u etiċi; jinnota bi tħassib kbir, madankollu, it-tnaqqis propost mill-Kunsill fl-istrument għall-SMEs, li jibgħat sinjal kontradittorju lin-negozji fl-Unjoni; iqis li l-baġit tal-Unjoni u l-appoġġ tagħha għall-aċċess għal finanzjament, in-negozji ġodda u l-mikrointrapriżi jistgħu jkunu għodda ewlenija biex l-SMEs isiru aktar kompetittivi u aktar innovattivi u titrawwem l-intraprenditorija fl-Unjoni; ifakkar f'dan ir-rigward f'COSME u Orizzont 2020;

25. Jiddeċiedi, għalhekk, li jissaħħu ulterjorment, lil hinn mill-AB 2019 u mill-profili inizjali ta' qabel il-FEIS, dawk il-programmi li huma essenzjali biex jagħtu spinta lit-tkabbir u l-impjiegi u li jindirizzaw it-tibdil fil-klima u li jirriflettu b'mod wiesa' l-prijoritajiet tal-Unjoni li ntlaħaq qbil dwarhom, jiġifieri Erasmus+, Orizzont 2020 (inklużi Marie Curie, ir-rwol ta' tmexxija fl-ispazju, il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka, l-Istrument għall-SMEs), COSME, il-FNE u l-EaSI;

26. Iżid għalhekk il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn għas-subintestatura 1a lil hinn mill-AB 2019 b'EUR 566 773 112 (minbarra t-treġġigħ lura għal qabel il-FEIS, kumpens għall-proposta tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol, il-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji), biex jiġu ffinanzjati fi ħdan il-marġni disponibbli kif ukoll b'mobilizzazzjoni ulterjuri tal-Marġni Globali għall-Impenji;

27. Jilqa' l-impenn għal aġenda mġedda tal-Unjoni fil-qasam tad-difiża, primarjament permezz tal-ftehim dwar il-Programm Ewropew għall-Iżvilupp Industrijali fil-Qasam tad-Difiża (EDIDP); jesprimi l-intenzjoni tiegħu li jagħti attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tal-ftehimiet li jinsabu fl-EDIDP u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif stabbiliti fl-Ittra Emendatorja, maħruġa mill-Kummissjoni fis-16 ta' Ottubru 2018;

***Subintestatura 1b – Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali***

28. Jilqa' b'sodisfazzjon ir-rata dejjem tonqos tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fil-livell tal-Unjoni b'14,8 % (mill-1 ta' Ottubru 2018), iżda jiddispjaċih li l-livell xorta għadu għoli b'mod inaċċettabbli f'ċerti Stati Membri; jenfasizza li, sabiex tiġi indirizzata dik il-kwistjoni, hu ferm importanti li jkun żgurat finanzjament adegwat ta' skemi ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ permezz tal-YEI u l-Fond Soċjali Ewropew (FSE); jilqa' l-ftehim dwar il-ħtieġa li jingħata finanzjament ġdid għall-YEI, u l-inklużjoni tal-approprjazzjonijiet korrispondenti fl-AB 2019; iqis madankollu li, fid-dawl tal-isfidi u r-riskji kkawżati mill-qgħad fost iż-żgħażagħ, il-YEI għandha tibbenefika minn żieda fl-approprjazzjonijiet u għaldaqstant jiddeċiedi li jżid l-impenji għall-YEI għal EUR 580 miljun fl-2019; iqis li dik iż-żieda hija addizzjonali għall-ammont għall-YEI attwalment ipprogrammat għall-perjodu 2014-2020;

29. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni tiġi aċċellerata biex tlaħħaq mad-dewmien; jinnota li għalkemm il-Kunsill ma ddubitax il-livell tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kif propost mill-Kummissjoni, il-Parlament se jeżamina bir-reqqa l-previżjonijiet aġġornati tal-Kummissjoni, li jaġġusta l-approprjazzjonijiet ta' pagament għal bżonnijiet reali sabiex jevita r-rikostituzzjoni ta' pagamenti pendenti fi tmiem il-QFP kurrenti;

30. Jenfasizza, b'dispjaċir, li d-diżastri ġeneralment jolqtu lil dawk li għandhom inqas mezzi biex jipproteġu ruħhom, jinnota li r-rispons għad-diżastri naturali u dawk magħmula mill-bniedem jenħtieġ li; jkun rapidu kemm jista' jkun biex il-ħsara tkun minima u n-nies u l-proprjetà jiġu salvati; jenfasizza l-ħtieġa għal żieda addizzjonali fil-fondi, b'mod partikolari fil-linji baġitarji marbuta mal-prevenzjoni tad-diżastri u l-istat ta' tħejjija fl-Unjoni, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, in-nirien fil-Greċja, Spanja u l-Portugall (li rriżultaw fit-telf traġiku ta' ħajjiet), li għandhom impatt drammatiku u sostanzjali fuq in-nies;

31. F'konformità mal-ftehim milħuq dwar ir-reviżjoni tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (SRSP), jaqbel mat-trasferiment ta' EUR 40 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u EUR 17,2 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament mis-subintestatura 1b għall-Intestatura 2;

***Intestatura 2 – Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali***

32. Ifakkar li l-proposta tal-Kummissjoni għal żieda fl-approprjazzjonijiet sabiex jiġu ffinanzjati l-ħtiġijiet tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) tirriżulta l-aktar minn ammont ħafna aktar baxx ta' dħul assenjat mistenni li jkun disponibbli fl-2019;

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

33. Jinnota t-tnaqqis tal-Kunsill ta' EUR 310 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (- 0,52 % meta mqabbel mal-AB 2019) u EUR - 328,13 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament (- 0,57 % meta mqabbel mal-AB 2019), iżda jqis li l-Ittra Emendatorja tal-Kummissjoni għandha tibqa' l-bażi għal kwalunkwe reviżjoni affidabbli tal-approprjazzjonijiet tal-FAEG u jreġġa' lura l-livelli tal-AB 2019 skont dan, sakemm issir eżaminazzjoni ta' dik l-Ittra Emendatorja f'konċiljazzjoni;

34. Jiddeċiedi li jżid il-finanzjament għall-appoġġ ta' emerġenza b'mod partikolari għall-majjal kontra d-deni Afrikan tal-ħnieżer biex jonqos l-impatt negattiv fuq il-bdiewa u l-impjegati fir-reġjuni l-aktar milquta mill-marda; jiddeċiedi li jesprimi l-appoġġ b'saħħtu tiegħu għas-settur agrikolu fl-Unjoni billi jżid l-approprjazzjonijiet għall-frott u l-ħxejjex, sabiex jiġu indirizzati l-effetti tal-kriżi fis-settur u l-effetti tal-embargo Russu, kif ukoll għal miżuri li jindirizzaw l-effetti tal-plaques xilella fastidiosa u l-volatilità tal-prezz taż-żejt taż-żebbuġa;

35. Jindika r-rwol essenzjali tal-aġenziji deċentralizzati tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent, is-saħħa pubblika u s-sikurezza tal-ikel biex jgħinu lill-Unjoni u l-Istati Membri jagħmlu deċiżjonijiet infurmati, ibbażati fuq ix-xjenza dwar il-protezzjoni u t-titjib tal-ambjent u s-saħħa pubblika, filwaqt li jtejbu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jindirizzaw it-tħassib taċ-ċittadini tal-Unjoni;

36. Jiddeċiedi li jipproponi żieda ta' EUR 20 miljun 'il fuq mil-livell tal-AB 2019 għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) biex jippromwovi l-innovazzjoni fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u biex jiżgura l-profittabbiltà u s-sostenibbiltà tal-għajxien f'dawn is-setturi fil-ġejjieni;

37. Jiddeċiedi, f'konformità mal-miri tiegħu tal-Ewropa 2020 u mal-impenji internazzjonali tiegħu biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, li jipproponi żieda ta' EUR 15,6 miljun 'il fuq mil-livell tal-AB 2019 għal azzjonijiet relatati mal-klima; barra minn hekk, ifakkar fl-impenji li ħadet l-Unjoni biex twaqqaf u treġġa' lura t-tnaqqis tal-bijodiversità u jenfasizza li din iż-żieda tikkontribwixxi wkoll għall-protezzjoni tal-bijodiversità;

38. Jiddeċiedi, fid-dawl tal-konklużjoni pożittiva tan-negozjati dwar ir-reviżjoni tal-SRSP, li jneħħi r-riżerva tal-Kunsill fir-rigward tal-ammonti trasferiti mis-subintestatura 1b;

39. Jirrimarka dwar l-effetti tan-nixfa estrema li qed taffettwa lill-Istati Membri f'dawn l-aħħar xhur, li qed tikkawża telf konsiderevoli għall-agrikoltura u li qed tipperikola għadd kbir ta' negozji, u jenfasizza f'dak ir-rigward il-ħtieġa li jiġu garantiti miżuri ta' appoġġ immirati biex jgħinu lill-bdiewa li jkunu ntlaqtu l-agħar;

40. Jiddeċiedi li juża l-massimu ta' approprjazzjonijiet għall-programmi POSEI jibqgħu previsti fir-Regolament rilevanti ([1]), filwaqt li tiġi ssottolinjata r-rilevanza ta' dawk il-programmi għar-reżiljenza tal-produtturi agrikoli, u jenfasizza s-sitwazzjoni ekonomika fraġli tar-reġjuni ultraperiferiċi;

41. Iżid, għalhekk, l-approprjazzjonijiet ta' impenn b'EUR 154,1 miljun, li jeskludi l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji filwaqt li jħalli marġni ta' EUR 190,8 miljun taħt il-limitu massimu għall-impenji fl-Intestatura 2;

42. Jissottolinja li l-iżbilanċi persistenti fil-katina ta' provvista tal-ikel, fejn il-pożizzjoni tal-produtturi primarji hi konsiderevolment aktar dgħajfa minn dik ta' atturi oħra, għandhom iwasslu lill-Kummissjoni biex tieħu passi biex ittejjeb it-trasparenza tal-prezzijiet u l-marġnijiet fil-katina tal-provvista tal-ikel, b'tali mod li jiġi ggarantit prezz ġust għall-produzzjoni u jiġi żgurat titjib fl-introjtu tal-bdiewa ta' daqs żgħir u medju;

43. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatturi ta' theddida li huma ta' piż fuq diversi ekosistemi forestali, pereżempju, fost oħrajn, it-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi, ta' organiżmi ta' ħsara (bħan-nematodu tal-injam tal-arżnu u oħrajn) u ta' nirien forestali; jikkunsidra li jkun tajjeb li jiġu indirizzati biżżejjed riżorsi finanzjarji permezz ta' programmi u miżuri ta' appoġġ komunitarju għall-evalwazzjoni tal-istat ta' saħħa ekoloġika u tal-pjanti tal-foresti u għar-riabilitazzjoni tagħhom, inkluża r-riforestazzjoni; jinnota li dawn ir-riżorsi huma partikolarment importanti u urġenti għal xi Stati Membri, partikolarment għall-Portugall, il-Greċja u Spanja wara nirien suċċessivi preċedenti madwar dawk it-territorji;

---

([1]) Regolament (UE) Nru 228/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 (ĠU L 78, 20.3.2013, p. 23).

*Intestatura 3 – Sigurtà u Ċittadinanza*

44. Itenni l-konvinzjoni tiegħu stabbilita għal żmien twil li l-limitu massimu għall-Intestatura 3 ma kienx biżżejjed biex jiffinanzja b’mod adegwat id-dimensjoni interna tal-isfidi essenzjali relatati, minn naħa, mas-sigurtà interna u s-sikurezza taċ-ċittadini, u min-naħa l-oħra, mar-rifuġjati u l-migrazzjoni;

45. Jistenna li l-pressjoni fuq is-sistemi ta’ migrazzjoni u asil ta’ dawk l-Istati Membri, kif ukoll fuq il-fruntiera tagħhom, se tibqa’ għolja fl-2019, kif ukoll fis-snin ta’ wara, u għalhekk hu tal-fehma li hu meħtieġ finanzjament addizzjonali fil-qasam tar-rifuġjati u l-migrazzjoni, kif ukoll fid-dawl ta’ kwalunkwe ħtiġijiet futuri mhux prevedibbli f’dak il-qasam; isaħħaħ għalhekk l-AMIF rigward l-appoġġ għall-migrazzjoni legali lejn l-Unjoni u l-promozzjoni tal-integrazzjoni effettiva ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi u t-tisħiħ ta’ strateġiji ta’ ritorn ġusti u effikaċi, b’mod partikolari biex jiġu appoġġati l-Istati Membri fit-titjib ta’ miżuri ta’ integrazzjoni għar-rifuġjati u l-migranti, speċjalment it-tfal u l-minorenni mhux akkumpanjati;

46. Jilqa’ ż-żieda fl-approprjazzjonijiet ta’ impenn għall-AMIF favur il-finanzjament tal-leġiżlazzjoni l-ġdida ta’ Dublin II (bis-suppożizzjoni li din tiġi adottata sa tmiem l-2018) u jirrifjuta d-deċiżjoni tal-Kunsill li l-approprjazzjonijiet korrispondenti jitqiegħdu f’riżerva;

47. Jissottolinja li s-sigurtà interna trid tibqa’ waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni u jenfasizza r-rwol tal-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) bħala l-istrument finanzjarju ewlieni għall-appoġġ tal-Istati Membri fil-qasam tas-sigurtà, inkluża l-ġlieda kontra t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità serja u organizzata u ċ-ċiberkriminalità; jiddeċiedi għalhekk li jżid l-approprjazzjonijiet baġitarji tal-ISF, kif ukoll li jsaħħaħ l-appoġġ għall-ġestjoni tal-fruntieri u li jipprovdi assistenza lill-vittmi ta’ atti terroristiċi;

48. Jindika r-rwol essenzjali tal-aġenziji tal-Unjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri biex jindirizzaw it-tħassib taċ-ċittadini tal-Unjoni; jiddeċiedi li jżid l-approprjazzjonijiet baġitarji u l-persunal tal-EUROPOL, is-CEPOL, l-eu-LISA, l-Eurojust u l-UPPE;

49. Jinsisti, f’dan il-kuntest, li l-UPPE jiġi ffinanzjat b’mod adegwat u jkollu biżżejjed persunal; jinnota li fl-AB 2019, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tammonta għal total ta’ EUR 4 911 000; jirrimarka li din l-approprjazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-infiq relatat mal-persunal, l-infrastruttura, infiq amministrattiv ieħor u l-infiq operattiv tal-UPPE; jinnota li 35 post tax-xogħol biss huma previsti, li jimplika li wara t-tnaqqis ta’ postijiet tax-xogħol ta’ 23 Prosekutur Ewropew, 12-il post tax-xogħol biss huma previsti għal kompiti amministrattivi; iqis li dan mhuwiex realistiku, b’mod partikolari fir-rigward taż-żewġ Stati Membri addizzjonali li reċentement iddeċidew li jissieħbu fl-UPPE; jiddeċiedi, għalhekk, li jantiċipa ż-żieda fil-persunal prevista għall-2020, u li jallinja l-klassifikazzjoni tal-Prosekutur Ewlieni u l-Prosekuturi Ewropej għal dawk tal-livell maniġerjali tal-OLAF u l-Europol;

50. Jiddispjaċih bit-tnaqqis arbitrarju li għamel il-Kunsill li ammonta għal aktar minn EUR 35 miljun f’approprjazzjonijiet ta’ impenn f’bosta programmi fil-qasam tal-kultura, iċ-ċittadinanza, il-ġustizzja u is-saħħa pubblika, minkejja r-rati ta’ implimentazzjoni eċċellenti ta’ dawn il-programmi u l-livelli diġà insuffiċjenti ta’ finanzjament li jħallu ħafna proġetti ta’ kwalità għolja mingħajr finanzjamenti; ireġġa’ l-linji kollha lura tal-inqas għal-livell tal-abbozz ta’ baġit filwaqt li jipproponi żidiet addizzjonali fil-linji rilevanti;

51. Jenfasizza l-valur tal-Ewropa Kreattiva bl-appoġġ tagħha għas-setturi awdjoviżivi u kulturali tal-Unjoni u jinsisti li l-livelli ta’ finanzjament għandhom jaqblu mal-ambizzjonijiet tal-programm; jitlob għal żieda fl-approprjazzjonijiet tal-kumitati għas-sottoprogrammi MEDIA u Kultura, inter alia biex jindirizzaw ir-rati ta’ suċċess baxxi fl-applikazzjonijiet; iżid ukoll l-approprjazzjonijiet għall-azzjonijiet multimedjali u għat-tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja tal-SMEs fis-setturi kulturali u kreattivi Ewropej;

52. Ifakkar fl-appoġġ tiegħu għall-programmi tad-drittijiet, l-ugwaljanza, iċ-ċittadinanza u l-ġustizzja; jiddeċiedi li jżid l-approprjazzjonijiet ta’ impenn għal strumenti li jindirizzaw in-nondiskriminazzjoni u l-ugwaljanza b’mod ġenerali, u speċifikament il-programm Daphne, u li jiġġieled il-vjolenza abbażi tas-sess u jinforza d-drittijiet tan-nisa u tal-LGBTQI+;

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

53. Ifakkar li proġetti relatati mal-kultura u l-edukazzjoni huma appoġġati b'firxa ta' programmi u strumenti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Fondi SIE, FEIS u Orizzont 2020; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb is-sinerġiji ta' bejn il-programmi sabiex tiggarantixxi l-effikaċja tal-infiq; jistieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, biex tisfrutta b'mod sħiħ is-sinerġiji potenzjali li jeżistu bejn id-diversi programmi tal-Unjoni – bħal Orizzont 2020, il-FNE, l-Erasmus+, l-EaSI, l-Ewropa Kreattiva u l-COSME, il-FEIS u l-Fondi SIE – biex tappoġġa aktar proġetti fil-qasam tal-industrijі kulturali u kreattivi;

54. Isaħħaħ l-Intestatura 3 b'EUR 127,75 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn fir-rigward tal-abbozz ta' baġit, għajr għall-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji, u jipproponi li dan it-tisħiħ ikun iffinanzjat bis-saħħa ta' mobilizzazzjoni ulterjuri ta' strumenti speċjali;

***Intestatura 4 – Ewropa Globali***

55. Jenfasizza li l-isfidi ġeopolitiċi kumplessi li l-Unjoni qed tiffaċċja jirrikjedu b'mod urġenti preżenza esterna aktar b'saħħitha fl-Unjoni; jenfasizza għal darb'oħra li l-azzjoni esterna tal-Unjoni tista' tkun kredibbli biss jekk tkun appoġġata minn riżorsi finanzjarji suffiċjenti; ifakkar li l-ħtiġijiet ta' finanzjament jaqbżu bil-kbir id-daqs kurrenti tal-Intestatura 4 u jitlob li jkun hemm spazju xieraq għal manuvri f'każ ta' kriżijiet esterni mhux previsti;

56. Ifakkar li l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) għandha tnaqqas il-politiki interni u esterni tal-Unjoni, filwaqt li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-forniment ta' kwantità suffiċjenti ta' ikel ta' kwalità tajba, ilma nadif u l-bini ta' faċilitajiet addizzjonali ta' rimi ta' ilma mormi sabiex jitwettqu l-SDG 2 u 6; barra minn hekk, jiġbed l-attenzjoni fuq l-iskala u l-implikazzjonijiet tal-prekarjetà enerġetika fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u jitlob azzjoni addizzjonali biex titnaqqas il-prekarjetà enerġetika skont l-SDG 7, b'mod partikolari f'żoni rurali remoti f'reġjuni li mhumiex mqabbdin mal-grilja tal-enerġija;

57. F'dan ir-rigward, jafferma mill-ġdid, f'konformità mal-pożizzjoni tiegħu espressa fir-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq tal-5 ta' Lulju 2018, li l-proporzjon kurrenti tal-kontribuzzjoni għall-FRT mill-baġit tal-Unjoni (EUR 1 biljun) u mill-Istati Membri (EUR 2 biljun) għandu jinżamm għall-finanzjament tat-tieni parti tal-FRT; jiddeċiedi għalhekk li jnaqqas il-kontribuzzjonijiet tal-baġit tal-Unjoni minn EUR 1,45 biljun għal EUR 450 miljun; jemmen li, minflok, id-differenza għandha tiġi ffinanzjata mill-kontribuzzjonijiet bilaterali tal-Istati Membri;

58. Jemmen li l-promozzjoni tal-paċi, is-sigurtà u l-ġustizzja fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw hija tal-akbar importanza fl-indirizzar tal-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni u l-isfidi umanitarji korrispondenti fil-Viċinat tan-Nofsinhar, bħal-Libja; jisħaq fuq l-importanza li tiġi appoġġata l-governanza tajba, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u s-soċjetà vibranti biex jiġi miġġieled il-faqar fuq medda twila ta' żmien, u jiġu indirizzati l-isfidi tat-tibdil fil-klima fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jiddeċiedi għalhekk li jżid ir-riżorsi għall-Istrument għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni (DCI) u għall-parti tan-Nofsinhar tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) taħt l-oqsma varji tiegħu, biex jirrifletti wkoll il-pressjoni konsiderevoli li se jkompli jkun taħtha l-ENI fl-2019;

59. Ifakkar li l-Unjoni impenjat ruħha li tipproteġi u tippromwovi b'mod komprensiv id-drittijiet tat-tfal, il-bniet u n-nisa kif ukoll il-persuni b'diżabbiltà u bi ħtiġijiet speċjali fil-politika esterna tagħha; jisħaq fuq l-importanza tal-implimentazzjoni tal-Linji Gwida tal-UE għall-Promozzjoni u l-Protezzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal fl-Unjoni Ewropea, il-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Politika Ewropea dwar id-Diżabbiltà fir-relazzjonijiet esterni; f'dan l-ispirtu, iqis li jkun xieraq li jiddedika 10 % tar-riżorsi disponibbli taħt l-għajnuna umanitarja għall-aċċess għall-edukazzjoni f'żoni ta' kriżi;

60. Jenfasizza l-importanza strateġika li jingħata finanzjament suffiċjenti għall-Balkani tal-Punent sabiex jiġi kkonsolidat il-perkors tagħhom lejn l-adeżjoni; ma jistax jifhem il-proposta tal-Kunsill li titnaqqas l-allokazzjoni għal riformi politiċi, peress li tali riformi huma s-sinsla ta' kwalunkwe trasformazzjoni demokratika; Jenfasizza l-ħtieġa għal appoġġ finanzjarju xieraq għall-Pjan ta' Azzjoni 2018-2020 tal-Istrateġija tal-Balkani tal-Punent, u jiddeċiedi, konsegwentement, li jżid l-allokazzjoni tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) għar-reġjun;

61. Jenfasizza li s-sitwazzjoni fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant tirrappreżenta wkoll sfida sinifikanti għall-Unjoni; huwa konvint bl-importanza li jingħata finanzjament addizzjonali bħala appoġġ għall-isforzi ta' riforma tal-ġirien tagħna, jingħata kontribut għaż-żieda tar-reżiljenza u t-trawwim tal-paċi u t-titjib fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi;

62. Jitlob appoġġ imsaħħaħ tal-Unjoni lill-UNRWA, f’konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta’ Frar 2018 ([1]), fid-dawl tas-sitwazzjoni li qed taqleb għall-agħar fuq il-post u d-deċiżjoni tal-Istati Uniti li tirtira l-kontribuzzjoni annwali tagħha lill-aġenzija; jispeċifika li ż-żieda proposta hija ddedikata esklussivament għall-UNRWA sabiex tikkumpensa għat-telf rilevanti;

63. Huwa konvint bil-potenzjal ta’ kuntatti interpersonali u l-mobbiltà taż-żgħażagħ, anki bħala waħda mill-istrateġiji ewlenin biex jissaħħaħ l-impatt tal-azzjoni esterna tal-Unjoni u l-viżibbiltà tagħha fost il-pubbliku tal-pajjiżi sħab; iddeċieda għalhekk li jsaħħaħ il-kontribuzzjonijiet mid-DCI, l-ENI, l-IPA II, u l-Istrument ta’ Sħubija għal Erasmus+;

64. F’konformità mal-prinċipju tal-kundizzjonalità, jappoġġa t-tnaqqis fl-ammont allokat lit-Turkija fil-linji baġitarji kollha, fid-dawl tar-rigress kontinwu dwar l-istat tad-dritt, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem; fl-istess ħin, iqis li huwa meħtieġ li jissaħħaħ aktar l-appoġġ dirett għas-soċjetà ċivili, kif ukoll il-kuntatti interpersonali;

65. Iqis li hemm bżonn jiżdiedu l-approprjazzjonijiet għal-linja baġitarja għall-Komunità Ċiprijotta Torka bl-iskop li jingħata kontribut b’mod deċiżiv għall-kontinwazzjoni u l-intensifikazzjoni tal-missjoni tal-Kumitat għall-Persuni Nieqsa f’Ċipru, il-benessri tal-Maroniti li jkunu jixtiequ risistemazzjoni u dik tal-persuni enklavati kif miftiehem fit-tielet Ftehim ta’ Vjenna, u appoġġ għall-Kumitat Tekniku bikomunali għall-Patrimonju Kulturali, biex b’hekk jiġu promossi l-fiduċja u r-rikonċiljazzjoni bejn iż-żewġ komunitajiet;

66. Jirrikonoxxi ż-żieda moderata fil-finanzjament tal-Politika Estera u ta’ Sigurtà Komuni (PESK) proposta mill-Kummissjoni, filwaqt li jinnota li l-baġit tal-PESK għadu taħt pressjoni qawwija, anki meta titqies l-espansjoni ta’ għadd ta’ missjonijiet tal-Politika ta’ Sigurtà u ta’ Difiża Komuni (PSDK), b’riskju li l-problema tiggrava fl-2019; ireġġa’ lura t-tnaqqis propost mill-Kunsill għal miżuri u operazzjonijiet oħra ta’ ġestjoni tal-kriżijiet, li jirriżulta f’inqas flessibbiltà fl-indirizzar ta’ kriżijiet mhux mistennija;

67. B’riżultat ta’ dan, jiddeċiedi li jreġġa’ lura kważi t-tnaqqis kollu tal-Kunsill, biex isaħħaħ l-Intestatura 4 b’EUR 425,4 miljun iżjed mill-AB 2019 (minbarra proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji), filwaqt li jnaqqas il-linji tal-FRT u t-Turkija relatati u ma jreġġax lura t-tnaqqis tal-Kunsill b’effett totali ta’ EUR - 1,24 biljun, u b’hekk tirriżulta differenza netta ta’ EUR - 819,1 miljun taħt l-AB 2019 fl-Intestatura 4;

***Intestatura 5 – Amministrazzjoni; Intestaturi oħra – nefqa amministrattiva u ta’ sostenn għar-riċerka***

68. Iqis li t-tnaqqis tal-Kunsill mhuwiex ġustifikat u ma jirriflettix il-ħtiġijiet reali; għalhekk, ireġġa’ lura l-AB 2019 għal li kien fir-rigward tan-nefqa amministrattiva kollha tal-Kummissjoni, inklużi n-nefqa amministrattiva u dik ta’ sostenn għar-riċerka fl-Intestaturi 1 sa 4;

***Aġenziji deċentralizzati***

69. Japprova, bħala regola ġenerali, l-estimi tal-Kummissjoni tal-ħtiġijiet baġitarji tal-aġenziji; jikkunsidra, għaldaqstant, li kwalunkwe tnaqqis ulterjuri li jipproponi l-Kunsill jippreġudika l-funzjonament korrett tal-aġenziji u ma jippermettilhomx iwettqu l-kompiti assenjati lilhom; jinnota, b’irritazzjoni partikolari, it-tnaqqis arbitrarju ta’ EUR 10 000 biss għas-CEPOL u jistieden lill-Kunsill biex jaqsam mal-Parlament id-dettalji sostanzjali tar-raġuni għaliex jikkunsidra li dan it-tnaqqis huwa meħtieġ u raġonevoli;

70. Jinnota li l-finanzjament tal-aġenziji mit-tariffi jnaqqas il-piż għall-baġit tal-Unjoni b’EUR 1 biljun fis-sena; jissottolinja li l-kompiti pubbliċi bħal fil-qasam tas-saħħa, l-ambjent, jew is-sigurtà u l-ġustizzja għandhom dejjem jibqgħu fil-baġit tal-Unjoni; jemmen, madankollu, li l-Kummissjoni għandha tkompli tindirizza r-riskju ta’ kunflitti ta’ interess li potenzjalment jirriżultaw f’aġenziji ffinanzjati mit-tariffi u tieħu miżuri adegwati biex jiġu evitati tali kunflitti;

71. Ifakkar fl-importanza li l-Unjoni tiffoka fuq il-kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi; iqis, f’dan il-kuntest, li huma meħtieġa approprjazzjonijiet u persunal addizzjonali għall-Aġenzija tal-GNSS Ewropea (GSA) u l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER); jinnota l-ħolqien tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol (ELA) u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu mobilizzati riżorsi ġodda għaliha; ireġġa’ lura t-tnaqqis sostanzjali tal-Kunsill fl-approprjazzjonijiet għall-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE), filwaqt li jqiegħed partijiet mill-approprjazzjonijiet tagħhom fir-riżerva sakemm isir progress fir-rieżami tal-ASE;

([1]) Testi adottati, P8_TA(2018)0042.

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

72. Jiddeċiedi, fil-kuntest tal-isfidi li l-Unjoni għadha qiegħda tiffaċċja f'termini ta' sigurtà, kif ukoll fid-dawl tal-ħtieġa ta' risposta koordinata fuq livell Ewropew, li jżid l-approprjazzjonijiet għall-EUROPOL, l-eu-LISA, is-CEPOL, l-EUROJUST, l-UPPE u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (l-ENISA);

73. Jistenna li l-pressjoni fuq is-sistemi ta' migrazzjoni u asil ta' xi Stati Membri, kif ukoll fuq il-fruntieri tagħhom, se tibqa' għolja fl-2019 u possibbilment tiżdied, jenfasizza li l-ħtieġa futura tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (FRONTEX) u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO), f'termini ta' riżorsi operattivi u persunal se jkollha tiġi mmonitorjata mill-qrib u possibbilment tiġi aġġornata għall-Baġit tal-2019; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi ħarsa ġenerali tal-ħtiġijiet baġitarji għall-Baġit 2019 għar-riformi proposti ta' dawk l-aġenziji mill-aktar fis possibbli;

74. Jenfasizza l-ħtieġa ta' livell adegwat ta' approprjazzjonijiet finanzjarji għall-aġenziji li se jkunu qegħdin iwettqu kompiti addizzjonali ġodda;

75. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-mira ta' tnaqqis tal-persunal b'5 % ntlaħqet b'suċċess; jesprimi l-intenzjoni tiegħu li jinkludi dikjarazzjoni komuni mill-istituzzjonijiet kollha li tikkonferma t-tmiem ta' dan l-eżerċizzju ta' darba; iqis li l-postijiet tax-xogħol il-ġodda adottati fil-pożizzjoni tiegħu huma neċessarji biex jitwettqu l-kompiti addizzjonali li jirriżultaw minn żviluppi strateġiċi ġodda u leġiżlazzjoni ġdida;

76. Ifakkar li l-Grupp ta' Ħidma Interistituzzjonali dwar ir-Riżorsi tal-Aġenziji Deċentralizzati 2 ikkonkluda l-ħidma tiegħu billi adotta rakkomandazzjonijiet dwar it-tagħlimiet meħuda mill-approċċ għall-ilħuq tal-mira ta' tnaqqis ta' 5 % tal-persunal, it-trattament ta' kompiti ġodda, l-evalwazzjonijiet ta' aġenziji, il-kondiviżjoni ta' servizzi, l-evalwazzjoni ta' aġenziji b'diversi postijiet u l-mudell għal aġenziji ffinanzjati mit-tariffi; jilqa' r-ratifika ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet mill-istituzzjonijiet; jesprimi l-intenzjoni tiegħu li fil-futur ikompli jiskrutinizza l-ħidma tal-Kummissjoni dwar dawn ir-rakkomandazzjonijiet;

### *Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji (PP-AP)*

77. Ifakkar fl-importanza ta' proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji (PP-AP) bħala għodod għall-formulazzjoni ta' prijoritajiet politiċi u l-introduzzjoni ta' inizjattivi ġodda li għandhom il-potenzjal li jinbidlu f'attivitajiet u programmi permanenti tal-Unjoni; wara li wettaq analiżi bir-reqqa tal-proposti kollha mressqa u wara li kkunsidra l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rekwiżiti ġuridiċi u l-implimentabbiltà tagħhom, jiddeċiedi li jadotta pakkett ibbilanċjat ta' PP-AP li jirrifletti l-prijoritajiet politiċi tal-Parlament;

78. Jilqa' t-tnedija ta' Discover EU, it-tqassim ta' 15 000 biljett ferrovjarju InterRail lil ċittadini Ewropej li għalqu t-18-il sena fl-2018, kif ukoll il-proposta tal-Kummissjoni ta' EUR 700 miljun għall-QFP 2021-2027, li jaqbel sew mal-ambizzjonijiet tal-Unjoni li tippromwovi l-mobilità tat-tagħlim, iċ-ċittadinanza attiva, l-inklużjoni soċjali u s-solidarjetà fost iż-żgħażagħ kollha; jiddeċiedi li jkompli l-azzjoni preparatorja rilevanti fl-2019 u huwa determinat li jkompli dan fl-2020 ukoll;

### *Strumenti speċjali*

79. Ifakkar fl-utilità tal-istrumenti speċjali biex tingħata flessibbiltà lil hinn mil-livelli massimi estremament stretti tal-QFP kurrenti u jilqa' t-titjib introdott mir-reviżjoni ta' nofs it-terminu tar-Regolament dwar il-QFP; jitlob użu estensiv tal-Istrument ta' Flessibbiltà u tal-Marġni Globali għall-Impenji fil-Baġit 2019 bil-għan li tiġi ffinanzjata l-firxa wiesgħa ta' sfidi ġodda u responsabbiltajiet addizzjonali li tagħhom il-baġit tal-Unjoni qed jiffaċċja; ifakkar ukoll fl-importanza tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), tar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (EAR) u tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE);

### *Pagamenti*

80. Itenni t-tħassib tiegħu li, minkejja rkupru riċenti, is-sottoeżekuzzjoni fil-pagamenti laħqet livell baxx rekord f'dawn l-aħħar tliet snin, notevolment fis-subintestatura 1b; jiddispjaċih li tali dewmien jimpedixxi l-prijoritajiet u l-proġetti tal-Unjoni milli jwettqu l-potenzjal sħiħ tagħhom għaċ-ċittadini fil-ħin; jindika li, b'riżultat ta' dan, l-AB 2019 iħalli marġni ta' EUR 19,3 biljun inqas mil-limitu massimu tal-pagamenti; isaħħaħ l-approprjazzjonijiet ta' pagament fuq dawk il-linji li huma emendati f'approprjazzjonijiet ta' impenn;

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Taqsimiet oħrajn**

***Taqsima I – Il-Parlament Ewropew***

81. Iżomm l-istess livell globali tal-baġit tiegħu għall-2019, f'konformità mar-riżoluzzjoni tiegħu msemmija hawn fuq dwar l-estimi tad-dħul u l-infiq tiegħu adottati mill-plenarja fid-19 ta' April 2018, għal EUR 1 999 144 000; jinkorpora xi aġġustamenti tekniċi mingħajr impatt fuq il-baġit biex titqies informazzjoni aġġornata mhux disponibbli aktar kmieni din is-sena;

82. Jinnota li l-livell tal-estimi għall-2019 jikkorrispondi għal 18,53 %, li huwa inqas minn dak li nkiseb fl-2018 (18,85 %) u l-aktar parti baxxa tal-Intestatura 5 f'dawn l-aħħar ħmistax-il sena;

83. Jinnota li, minħabba l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019, l-infiq se jkun ogħla f'ċerti oqsma, partikolarment fir-rigward tal-Membri li ma jiġux eletti mill-ġdid u tal-assistenti tagħhom, filwaqt li se jiġi ġġenerat iffrankar, minkejja li fuq skala iżgħar, f'oqsma oħra bħala riżultat tat-tnaqqis fil-volum tax-xogħol parlamentari f'sena elettorali;

84. Jilqa' l-fatt li l-Baġit 2019 se jinkludi wkoll pagamenti ta' investimenti sostanzjali li bdew fl-2016 bl-għan li tittejjeb b'mod sinifikanti s-sigurtà tal-Parlament; jirrimarka li dawn il-proġetti jkopru diversi oqsma, prinċipalment relatati ma' bini, jiġifieri t-titjib tas-sigurtà fil-punti ta' dħul, it-tagħmir u l-persunal, bħall-Proġett iPACS, iżda wkoll titjib fil-qasam taċ-ċibersigurtà u s-sigurtà tal-komunikazzjoni;

85. Jieħu nota tad-deċiżjoni tal-Bureau li jikkunsidra żewġ għażliet għall-bini PHS: rinnovazzjoni jew bini mill-ġdid; iħeġġeġ lis-Segretarju Ġenerali u lill-Bureau jipprovdu lill-awtorità baġitarja b'baġit dettaljat għal kull waħda minn dawn l-għażliet flimkien mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kollha;

86. Inaqqas 59 post tax-xogħol mit-tabella tal-persunal tas-Segretarjat Ġenerali tiegħu għall-2019 (objettiv li jitnaqqas il-persunal b'1 %), bi qbil mal-ftehim tal-14 ta' Novembru 2015 li ntlaħaq mal-Kunsill rigward il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, u li skont dan il-ftehim il-miżuri għat-tnaqqis annwali tal-persunal fil-Parlament għandhom ikomplu sal-2019;

87. Iqis li, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2018 dwar il-Politika tal-Integrità tal-Kummissjoni, il-Parlament esprima t-tħassib tiegħu fir-rigward tal-proċeduri ta' ħatra għall-uffiċjali għolja tagħha, itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tirrevedi, qabel tmiem l-2018, il-proċedura amministrattiva tagħha għall-ħatra tal-uffiċjali għolja bl-objettiv li jiġi żgurat bis-sħiħ li jintgħażlu l-aħjar kandidati fi ħdan qafas ta' trasparenza massima u opportunitajiet indaqs;

88. Jinnota d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Settembru 2018 li tikkonferma r-rifjut tal-Parlament li jagħti aċċess għal dokumenti relatati mal-indennizz tas-sussistenza, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-indennizz tal-assistenza parlamentari (Sentenza fil-Kawżi T-639/15 sa T-666/15 Maria Psara u Oħrajn vs Il-Parlament u T-94/16 Gavin Sherdan vs il-Parlament); ifakkar lill-Bureau li l-plenarja appellat għal trasparenza akbar u ħtieġa urġenti li ssir verifika tal-Allowance għall-Ispejjeż Ġenerali (GEA); laqa', f'dan ir-rigward, il-ħolqien ta' grupp ta' ħidma ad hoc għad-definizzjoni u l-pubblikazzjoni tar-regoli dwar l-użu tal-GEA; jiddispjaċih, madankollu, li fuq il-bażi tar-rapport tal-grupp ta' ħidma tiegħu, il-Bureau seta' jaqbel biss dwar lista mhux eżawrjenti ta' spejjeż eliġibbli, u dwar il-ħtieġa li kull Membru tal-Parlament ikollu kont bankarju separat iddedikat għal fondi rċevuti bħala parti mill-GEA; itenni l-appell tiegħu lill-Bureau biex jagħmel il-bidliet addizzjonali li ġejjin fir-rigward tal-GEA:

— biex il-Membri jkunu rikjesti jżommu l-irċevuti kollha li jappartjenu għall-GEA;

— biex il-Membri jirritornaw is-sehem tal-GEA li ma ntefaqx qabel tmiem il-mandat tagħhom;

89. Ifakkar fl-Artikolu 62 tad-Deċiżjoni tal-Bureau tad-19 ta' Mejju u tad-9 ta' Lulju 2008 dwar miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew, li jistipula li "l-ammonti mħallsa", inklużi l-Allowance għall-Ispejjeż Ġenerali, "għandhom ikunu riservati b'mod esklussiv għall-iffinanzjar ta' attivitajiet marbuta mat-twettiq tal-mandat ta' Membru parlamentari u ma jistgħux ikunu użati biex ikopru spejjeż personali jew biex jiffinanzjaw donazzjonijiet ta' natura politika" u li "Il-Membri għandhom iroddu lura lill-Parlament kwalunkwe ammont mhux użat"; jistieden lis-Segretarju Ġenerali u l-Bureau tal-Parlament Ewropew jiżguraw li dawk id-dispożizzjonijiet jiġu implimentati u mħarsa b'mod sħiħ.

90. Ifakkar li fit-23 ta' Ottubru 1997, fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-baġit ġenerali għall-1998, il-Parlament appella lill-Bureau tiegħu biex jitlob lill-Qorti tal-Awdituri tinvestiga l-iskema ta' pensjoni volontarja tal-Parlament, li wasslet għall-ħruġ tal-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri Nru 5/99 tas-16 ta' Ġunju 1999 dwar il-Fond tal-Pensjoni u l-Iskema għall-Membri tal-Parlament Ewropew; jappella, issa, lill-Bureau biex jitlob urġentement lill-Qorti tal-Awdituri tipproduċi opinjoni oħra bħal din dwar l-iskema u l-fond tal-pensjoni fl-2019;

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

91. Ifakkar li, fin-nota lill-Bureau tat-8 ta' Marzu 2018, is-Segretarju Ġenerali tiegħu aċċetta li l-fond tal-pensjonijiet marbut mal-iskema ta' pensjoni volontarja tal-Membri se jeżawrixxi l-kapital tiegħu ferm qabel it-tmiem tal-obbligi tal-pensjoni u possibbilment sal-2024; jistieden b'hekk lis-Segretarju Ġenerali u lill-Bureau, b'rispett sħiħ għall-Istatut tal-Membri, jistabbilixxu urġentement mal-fond tal-pensjoni, pjan ċar għall-Parlament li jassumi u jieħu f'idejh l-obbligi u r-responsabbiltajiet tiegħu għall-iskema tal-pensjoni volontarja tal-Membri tiegħu immedjatament wara l-elezzjonijiet tal-2019;

92. Jitlob appoġġ addizzjonali mill-Unjoni għad-dimensjoni parlamentari tad-WTO, b'mod partikolari permezz ta' żieda fl-appoġġ finanzjarju u tal-persunal lis-segretarjat responsabbli;

93. Jitlob l-aġġornament taċ-Ċentru Medjatiku Ewropew għax-Xjenza, adottat fil-baġit 2018, u għal kooperazzjoni mal-istazzjonijiet televiżivi, il-midja soċjali u sħab oħra sabiex jiġu stabbiliti skopijiet ta' taħriġ għall-ġurnalisti żgħażagħ, speċjalment fir-rigward ta' żviluppi xjentifiċi u teknoloġiċi ġodda u ta' aħbarijiet ibbażati fuq il-fatti u rieżaminati bejn il-pari;

94. Jitlob, għall-iskop li jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tar-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-26 ta' Ottubru 2017 dwar il-ġlieda kontra l-fastidju u l-abbuż sesswali fl-Unjoni, appoġġ ulterjuri biex jiġi kopert il-kost tal-għarfien espert estern meħtieġ biex jitwessa' l-awditjar estern li jkun twettaq fuq il-Kumitat konsultattiv li jittratta l-ilmenti dwar il-fastidju li jikkonċernaw lill-Membri, lill- "Kumitat konsultattiv tal-persunal għall-persunal tal-Parlament" dwar il-prevenzjoni tal-fastidju; jitlob ukoll, għall-istess għan, appoġġ ulterjuri biex jiġi kopert il-kost ta' persunal addizzjonali kompetenti għall-ġestjoni ta' każijiet ta' fastidju fi ħdan il-Parlament, billi f'servizz iddedikat jingħabar persunal bi sfond mediku, psikoloġiku, legali, u ta' ġestjoni tar-riżorsi umani, kif ukoll għarfien espert speċifiku f'dak il-qasam;

95. Ifakkar fl-analiżi tal-QEA tal-2014 fejn ġie stmat li l-ispejjeż tad-dispersjoni ġeografika tal-Parlament huma EUR 114 miljun fis-sena; barra minn hekk, jinnota s-sejba mir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 2013 dwar is-siti tas-sedi tal-Istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea [1] li 78 % tal-missjonijiet kollha li jsiru mill-persunal statutorju tal-Parlament huma kkawżati minn riżultat dirett tad-dispersjoni ġeografika tal-Parlament; jenfasizza li, skont ir-rapport, huwa stmat ukoll li l-impatt ambjentali tad-dispersjoni ġeografika huwa bejn 11 000 u 19 000 tunnellata ta' emissjonijiet ta' $CO_2$; itenni l-perċezzjoni pubblika negattiva li tikkawża din id-dispersjoni, u għaldaqstant, jappella għal pjan direzzjonali lejn sede unika u tnaqqis fil-linji baġitarji rilevanti;

96. Iħeġġeġ lis-Segretarju Ġenerali jfassal arranġamenti dettaljati għal iżjed kondiviżjoni tal-funzjonijiet u s-servizzi ta' back office bejn il-Parlament, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew;

***Taqsima IV – Il-Qorti tal-Ġustizzja***

97. Ireġġa' lura għall-AB 2019 lill-partiti kollha tal-baġit imnaqqsa mill-Kunsill li huma essenzjali għall-funzjonament tal-Qorti u jreġġa' lura għall-estimi lil żewġ partiti tal-baġit bil-għan li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Qorti biex tlaħħaq mad-domanda dejjem ogħla ta' traduzzjonijiet;

98. Ireġġa lura s-16-il post tax-xogħol u l-approprjazzjonijiet relatati mnaqqsa mill-Kummissjoni fl-AB 2019 biex jiġi evitat kwalunkwe effett lembut li jista' jkun ta' detriment għall-produttività tal-qrati fil-kuntest ta' attivitajiet ġodda mwettqa mill-Qorti u ta' żieda kontinwa fl-ammont ta' xogħol; iqis li l-ħolqien ta' 16-il post tax-xogħol ġdid permanenti għas-servizzi ta' appoġġ, inizjalment propost mill-Qorti u li ġie rrifjutat mill-Kummissjoni, għandu jingħata;

***Taqsima V – Il-Qorti tal-Awdituri***

99. Ireġġa' l-partiti kollha li naqqas il-Kunsill lura għal li kienu fl-AB 2019, bil-għan li jkun implimentat il-programm ta' ħidma tal-Qorti tal-Awdituri u jkunu elaborati r-Rapporti tal-Awditjar ippjanati;

***Taqsima VI – Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew***

100. Ireġġa' lura l-AB 2019 dwar il-partiti kollha li naqqas il-Kunsill;

---

[1] ĠU C 436, 24.11.2016, p. 2.

101. Iżid numru ta’ linji ’l fuq mill-AB 2019 f’konformità mal-estimi tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew stess;

***Taqsima VII – Il-Kumitat tar-Reġjuni***

102. Ireġġa’ lura l-AB 2019 dwar il-partiti kollha li naqqas il-Kunsill;

103. Iżid numru ta’ linji ’l fuq mill-AB 2019 konformement mal-estimi tal-Kumitat tar-Reġjuni;

***Taqsima VIII – L-Ombudsman Ewropew***

104. Iżomm l-istess livell globali tal-baġit tal-Ombudsman għall-2019 kif propost mill-Kummissjoni fl-AB 2019;

***Taqsima IX – Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data***

105. Jiddeċiedi li ma jreġġax lura l-AB 2019 fil-linja mnaqqsa mill-Kunsill, minħabba żieda qawwija tal-baġit totali meta mqabbel mas-sena ta’ qabel;

***Taqsima X – Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna***

106. Ireġġa’ lura l-AB 2019 dwar il-linji kollha li naqqas il-Kunsill lura;

107. Iżid numru ta’ linji ’l fuq mill-AB 2019 f’konformità mal-estimi tal-SEAE;

108. Itenni l-appoġġ tal-Parlament għall-Kapaċità tal-Komunikazzjoni Strateġika u jsaħħaħha biex juri rispons ikkoordinat aktar b’saħħtu tal-Unjoni għall-isfida tad-diżinformazzjoni;

109. Ireġġa’ lura it-28 post tax-xogħol u l-approprjazzjonijiet relatati mnaqqsa mill-Kunsill u jżid ħames postijiet oħra li jikkostitwixxu żieda moderata fin-numru ta’ persunal li hija ġustifikata mill-kompetenzi sinifikanti l-ġodda tas-SEAE, partikolarment dawk marbuta mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, bħall-ħolqien ta’ delegazzjoni ġdida tal-Unjoni f’Londra kif ukoll unità ġdida fis-sede, u l-adozzjoni ta’ għadd ta’ inizjattivi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża f’dawn l-aħħar xhur;

o

o o

110. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-emendi għall-abbozz tal-baġit ġenerali, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet l-oħra u lill-entitajiet ikkonċernati kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0407

## Appoġġ għal riformi strutturali fi Stati Membri***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar appoġġ għal riformi strutturali fi Stati Membri (COM(2017)0826 – C8-0432/2017 – 2017/0336(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2020/C 345/36)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0826),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), it-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u l-Artikolu 177 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0432/2017),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-14 ta' Marzu 2018 ([1]),

— wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali kif ukoll l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits, il-Kumitat għall-Kontroll Baġitarju, il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0316/2018),

1. Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex tirtira l-proposta tagħha;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

P8_TA(2018)0408

# Varar fl-Irlanda tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-varar fl-Irlanda tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika (11265/2018 – C8-0388/2018 – 2018/0808(CNS))**

**(Konsultazzjoni)**

(2020/C 345/37)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (11265/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif emendat mit-Trattat ta' Amsterdam, u l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 36 dwar id-Dispożizzjonijiet Transitorji, li b'mod konformi magħhom il-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0388/2018),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 78c tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0344/2018),

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill;

2. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

[1] ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1.

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0409

## Varar fl-Irlanda tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar id-DNA *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-varar fl-Irlanda tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar id-DNA (11282/2018 – C8-0389/2018 – 2018/0809(CNS))**

**(Konsultazzjoni)**

(2020/C 345/38)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (11282/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif emendat mit-Trattat ta' Amsterdam, u l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 36 dwar id-Dispożizzjonijiet Transitorji, li b'mod konformi magħhom il-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0389/2018),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 78c tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0343/2018),

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill;

2. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

(1) ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1.

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0410

## Varar fil-Kroazja tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill dwar il-varar fil-Kroazja tal-iskambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dattiloskopika (11284/2018 – C8-0390/2018 – 2018/0810(CNS))**

**(Konsultazzjoni)**

(2020/C 345/39)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (11284/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif emendat mit-Trattat ta' Amsterdam, u l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 36 dwar id-Dispożizzjonijiet Transitorji, li b'mod konformi magħhom il-Parlament ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0390/2018),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI tat-23 ta' Ġunju 2008 dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 33 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 78c tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0345/2018),

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill;

2. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

[1] ĠU L 210, 6.8.2008, p. 1.

**L-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0411

# It-tnaqqis tal-impatt ta’ ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-24 ta’ Ottubru 2018 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-impatt ta’ ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent (COM(2018)0340 – C8-0218/2018 – 2018/0172(COD)) ([1])**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2020/C 345/40)

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-funzjonalità għolja u l-ispiża relattivament baxxa tal-plastik ifisser li dan il-materjal jinstab dejjem aktar u kullimkien fil-ħajja ta’ kuljum. L-użu dejjem jikber tiegħu f’applikazzjonijiet b’ħajja qasira, li mhumiex maħsuba għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ kosteffettiv ifisser li x-xejriet tal-produzzjoni u tal-konsum relatati saru dejjem aktar ineffiċjenti u lineari. Għalhekk, fil-kuntest tal-Pjan ta’ Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari ([32]), il-Kummissjoni kkonkludiet fl-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks ([33]) li ż-żieda kostanti fil-ġenerazzjoni tal-iskart u r-rilaxx tiegħu fl-ambjent tagħna, b’mod partikolari fl-ambjent tal-baħar, iridu jiġu indirizzati sabiex jinkiseb approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja verament ċirkolari għall-plastiks. | (1) Il-funzjonalità għolja u l-ispiża relattivament baxxa tal-plastik ifisser li dan il-materjal jinstab dejjem aktar u kullimkien fil-ħajja ta’ kuljum. ***Il-produzzjoni globali tal-plastik żdiedet drastikament u fl-2017 laħqet 348 miljun tunnellata. Is-sehem Ewropew ta’ dik il-produzzjoni kien jirrappreżenta 18,5 % (64,4 miljun tunnellata; żieda ta’ 3,4 % meta mqabbla mal-produzzjoni fis-sena preċedenti).*** L-użu dejjem jikber tiegħu f’applikazzjonijiet b’ħajja qasira, li mhumiex maħsuba għall-użu mill-ġdid jew għar-riċiklaġġ kosteffettiv ifisser li x-xejriet tal-produzzjoni u tal-konsum relatati saru dejjem aktar ineffiċjenti u lineari. Għalhekk, fil-kuntest tal-Pjan ta’ Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari ([32]), il-Kummissjoni kkonkludiet fl-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks ([33]) li ż-żieda kostanti fil-ġenerazzjoni tal-iskart u r-rilaxx tiegħu fl-ambjent tagħna, b’mod partikolari fl-ambjent tal-baħar, iridu jiġu indirizzati sabiex jinkiseb approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja verament ċirkolari għall-plastiks ***u tit-naqqas il-kwantità globali tal-plastik fl-ambjent. L-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks hija l-ewwel pass żgħir fl-istabbiliment ta’ ekonomija ċirkolari bbażata fuq it-tnaqqis, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-prodotti kollha tal-plastik.*** |
| ([32]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni L-għeluq taċ-ċirku – Pjan ta’ azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari (COM(2015)0614). | ([32]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “L-għeluq taċ-ċirku – Pjan ta’ azzjoni tal-UE għal ekonomija ċirkolari” (COM(2015)0614). |
| ([33]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – “Strateġija Ewropea għall-Plastiks f’Ekonomija Ċirkolari” (COM(2018)0028). | ([33]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Strateġija Ewropea għall-Plastiks f’Ekonomija Ċirkolari” (COM(2018)0028). |

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba’ subparagrafu (A8-0317/2018).

L-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(1a)* ***Il-plastik għandu rwol utli fl-ekonomija u jipprovdi applikazzjonijiet essenzjali f’ħafna setturi. B’mod partikolari, il-plastik jintuża fl-imballaġġ (40 %) u fis-settur tal-bini u l-kostruzzjoni (20 %). Hemm ukoll użu importanti tal-plastik fis-setturi tal-awtomobiliżmu, tat-tagħmir elettriku u elettroniku, tal-ikel u tal-agrikoltura. Madankollu, l-impatti negattivi sinifikanti fuq l-ambjent, is-saħħa u l-ekonomija ta’ ċerti prodotti tal-plastik jeħtieġu li jiġi stabbilit qafas legali biex jitnaqqsu b’mod effettiv dawk l-effetti sinifikanti, anke permezz ta’ restrizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti partikolari li jintużaw darba biss li għalihom jeżistu alternattivi faċilment disponibbli li jissodisfaw aktar il-kriterji tal-ekonomija ċirkolari.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Approċċi ċirkolari li jipprijoritizzaw il-prodotti ***riutilizzabbli*** mhux tossiċi u s-sistemi għall-użu mill-ġdid ***se jwasslu għal tnaqqis tal-iskart*** iġġenerat, u ***tali prevenzjoni*** hija fuq nett fil-ġerarkija tal-iskart imnaqqxa fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [34]. ***Approċċi bħal dawn huma wkoll konformi mal-Għan*** nru 12 ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti [35] li jiżgura xejriet sostenibbli ta’ konsum u ta’ produzzjoni. | (2) ***Il-miżuri stabbiliti f’din id-Direttiva jenħtieġ li jippruvaw jiksbu bis-sħiħ*** approċċi ċirkolari li jipprijoritizzaw il-prodotti ***sikuri,*** mhux tossiċi u ***riutilizzabbli mingħajr ebda sustanza ta’ riskju u*** s-sistemi għall-użu mill-ġdid ***pjuttost milli kwalunkwe prodott li jintuża darba biss. Qabelxejn, il-miżuri kollha jenħtieġ li jkollhom l-għan li jnaqqsu l-iskart*** iġġenerat, u ***jippromwovu l-prevenzjoni tal-iskart peress li din*** hija fuq nett fil-ġerarkija tal-iskart imnaqqxa fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [34]. ***Peress li kwalunkwe prodott li jintuża darba biss x’aktarx li jkollu impatt negattiv fuq il-klima jew l-ambjent minħabba ċ-ċiklu tal-ħajja qasir tiegħu, jeħtieġ li tingħata prijorità lill-prevenzjoni u l-użu mill-ġdid tal-prodotti li jistgħu jiksbu ffrankar kbir ta’ $CO_2$ u ta’ materja prima siewja. Din id-Direttiva tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-Għan*** nru 12 ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti [35] li jiżgura xejriet sostenibbli ta’ konsum u ta’ produzzjoni. |

(34) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

(35) L-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta’ Settembru 2015.

(34) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

(35) L-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta’ Settembru 2015.

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Iż-żibel fil-baħar, min-natura tiegħu stess, jaqsam il-fruntieri u huwa rikonoxxut bħala problema globali. It-tnaqqis taż-żibel fil-baħar huwa azzjoni ewlenija ***għall-kisba*** tal-Għan nru 14 ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti li ***jitlob għall-konservazzjoni*** u l-użu b'mod sostenibbli tal-oċeani, tal-ibħra u tar-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli ([36]). L-Unjoni għandha tagħti s-sehem tagħha ***għat-trattament*** taż-żibel tal-baħar u għandu jkollha l-għan li tkun mudell standard għad-dinja. F'dan il-kuntest, l-Unjoni qed taħdem ma' msieħba f'bosta fora internazzjonali bħall-G20, il-G7 u n-Nazzjonijiet Uniti biex tippromwovi l-azzjoni konġunta. Din l-inizjattiva tagħmel parti ***mill-sforzi*** tal-Unjoni f'dan ir-rigward. | (3) Iż-żibel fil-baħar, min-natura tiegħu stess, jaqsam il-fruntieri u huwa rikonoxxut bħala problema globali. ***Ammonti dejjem akbar ta' skart qed jispiċċaw fl-oċeani madwar id-dinja u qed jaffettwaw is-saħħa tal-ekosistemi u joqtlu l-annimali.*** It-tnaqqis taż-żibel fil-baħar huwa azzjoni ewlenija ***għall-ilħuq*** tal-Għan nru 14 ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti li ***l-għan tiegħu huwa l-konservazzjoni*** u l-użu b'mod sostenibbli tal-oċeani, tal-ibħra u tar-riżorsi tal-baħar għall-iżvilupp sostenibbli ([36]). L-Unjoni għandha tagħti s-sehem tagħha ***fit-trattament*** taż-żibel tal-baħar***, fil-prevenzjoni tal-produzzjoni tal-iskart u fil-ġestjoni tal-iskart fil-baħar b'mod iktar effikaċi,*** u għandu jkollha l-għan li tkun mudell standard għad-dinja. F'dan il-kuntest, l-Unjoni qed taħdem ma' msieħba f'bosta fora internazzjonali bħall-G20, il-G7 u n-Nazzjonijiet Uniti biex tippromwovi l-azzjoni konġunta. Din l-inizjattiva tagħmel parti ***mill-isforzi*** tal-Unjoni f'dan ir-rigward. |
| ([36]) L-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015. | ([36]) L-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-25 ta' Settembru 2015. |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Fl-Unjoni, bejn 80 u 85 % taż-żibel fil-baħar, imkejjel bħala żibel fuq ix-xtajtiet, huwa plastik; 50 % huwa kkostitwit minn oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss filwaqt li oġġetti relatati mas-sajd jirrappreżentaw 27 %. Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jinkludu firxa wiesgħa ta' prodotti tal-konsumatur użati komunement u li jimxu ħafna u li jintremew wara li jintużaw darba għall-fini li għalih ġew ipprovduti, rarament jiġu riċiklati, u jagħtu lok għat-tixrid taż-żibel. Proporzjon sinifikanti tal-irkaptu tas-sajd li jitqiegħed fis-suq ma jinġabarx għat-trattament. Il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik għalhekk jikkostitwixxu problema partikolarment serja fil-kuntest taż-żibel fil-baħar u joħolqu riskju serju għall-ekosistemi tal-baħar, għall-bijodiversità ***u, potenzjalment,*** għas-saħħa tal-bniedem u huma ta' ħsara għall-attivitajiet bħat-turiżmu, is-sajd u t-tbaħħir. | (5) Fl-Unjoni, bejn 80 u 85 % taż-żibel fil-baħar, imkejjel bħala żibel fuq ix-xtajtiet, huwa plastik; 50 % huwa kkostitwit minn oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss filwaqt li oġġetti relatati mas-sajd jirrappreżentaw 27 %. Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jinkludu firxa wiesgħa ta' prodotti tal-konsumatur użati komunement u li jimxu ħafna u li jintremew wara li jintużaw darba għall-fini li għalih ġew ipprovduti, rarament jiġu riċiklati, u jagħtu lok għat-tixrid taż-żibel. Proporzjon sinifikanti tal-irkaptu tas-sajd ***u tal-akkwakultura*** li jitqiegħed fis-suq ma jinġabarx għat-trattament. Il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u l-irkaptu tas-sajd ***u tal-akkwakultura*** li fih il-plastik***, bħal nases, kaprajjes u bagi, xbieki, ħbula, spag, kordi u linji*** għalhekk jikkostitwixxu problema partikolarment serja fil-kuntest taż-żibel fil-baħar u joħolqu riskju serju għall-ekosistemi tal-baħar, għall-bijodiversità ***kif ukoll*** għas-saħħa tal-bniedem ***u tal-annimali,*** u huma ta' ħsara għall-attivitajiet bħat-turiżmu, is-sajd u t-tbaħħir. |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Il-Kunsill, fil-laqgħa tiegħu tal-25 ta' Ġunju 2018, adotta konklużjonijiet dwar "It-twettiq tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari", u appoġġa b'mod ċar l-azzjonijiet meħuda f'livell Ewropew u globali biex jiġi ristrett l-użu tal-mikroplastiks miżjuda b'mod intenzjonali fil-prodotti kif ukoll l-użu tal-ossoplastiks fl-Unjoni u l-azzjonijiet previsti fl-Istrateġija għall-Plastiks rigward it-tnaqqis tal-mikroplastiks mit-tessuti, it-tajers tal-karozzi u t-tnixxija ta' pelits ta' qabel il-produzzjoni. L-Unjoni diġà qed tieħu azzjoni minħabba li hemm proċess kontinwu fl-ambitu tar-REACH, li permezz tiegħu l-Kummissjoni talbet lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi tiżviluppa dossier ta' restrizzjoni fil-qafas tal-Anness XV dwar l-użu ta' partikoli tal-mikroplastik miżjuda b'mod intenzjonali fi prodotti għall-użu tal-konsumatur jew għall-użu professjonali ta' kwalunkwe tip.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 5b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) L-Unjoni jenħtieġ li tadotta approċċ komprensiv għall-problema tal-mikroplastiks u jenħtieġ li tħeġġeġ lill-produtturi kollha jillimitaw strettament il-mikroplastiks mill-formulazzjonijiet tagħhom, b'attenzjoni partikolari għall-manifatturi tat-tessuti u tat-tajers, billi l-ħwejjeġ u t-tajers sintetiċi jikkontribwixxu għal 63 % tal-mikroplastiks li jispiċċaw direttament fl-ambjent akkwatiku.*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ([40]) u l-istrumenti ta' politika eżistenti jipprovdu ċerti reazzjonijiet regolatorji li jindirizzaw iż-żibel fil-baħar. B'mod partikolari, l-iskart tal-plastik huwa soġġett għal miżuri u miri ġenerali tal-Unjoni rigward il-ġestjoni tal-iskart, bħall-mira tar-riċiklaġġ għall-iskart tal-imballaġġ tal-plastik ([41]) u l-għan reċentement adottat fl-Istrateġija għall-Plastiks ([42]) biex jiġi żgurat li l-imballaġġ tal-plastik kollu jkun riċiklabbli sal-2030. Madankollu, l-impatt ta' dik il-leġiżlazzjoni fuq l-iskart fil-baħar mhuwiex biżżejjed u hemm differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni u fil-livell ta' ambizzjoni fost il-miżuri nazzjonali sabiex jiġi evitat u jitnaqqas iż-żibel fil-baħar. Barra minn hekk, uħud minn dawn il-miżuri, b'mod partikolari r-restrizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, jistgħu joħolqu ostakli għall-kummerċ u jgħawġu l-kompetizzjoni fl-Unjoni. | (6) ***Ġestjoni xierqa tal-iskart tibqa' essenzjali għall-prevenzjoni taż-żibel (fil-baħar).*** Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ([40]) u l-istrumenti ta' politika eżistenti jipprovdu ċerti reazzjonijiet regolatorji li jindirizzaw iż-żibel fil-baħar. B'mod partikolari, l-iskart tal-plastik huwa soġġett għal miżuri u miri ġenerali tal-Unjoni rigward il-ġestjoni tal-iskart, bħall-mira tar-riċiklaġġ għall-iskart tal-imballaġġ tal-plastik ([41]) u l-għan reċentement adottat fl-Istrateġija għall-Plastiks ([42]) biex jiġi żgurat li l-imballaġġ tal-plastik kollu jkun riċiklabbli sal-2030. Madankollu, l-impatt ta' dik il-leġiżlazzjoni fuq l-iskart fil-baħar mhuwiex biżżejjed u hemm differenzi fil-kamp ta' applikazzjoni u fil-livell ta' ambizzjoni fost il-miżuri nazzjonali sabiex jiġi evitat u jitnaqqas iż-żibel fil-baħar. Barra minn hekk, uħud minn dawn il-miżuri, b'mod partikolari r-restrizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, jistgħu joħolqu ostakli għall-kummerċ u jgħawġu l-kompetizzjoni fl-Unjoni. |

([40]) Id-Direttiva 2008/98/KE, id-Direttiva 2000/59/KE, id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/56/KE u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

([41]) Id-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).

([42]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari" (COM(2018)0028 final).

([40]) Id-Direttiva 2008/98/KE, id-Direttiva 2000/59/KE, id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/56/KE u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

([41]) Id-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10).

([42]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari" (COM(2018)0028 final).

**L-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(6a)* ***It-trawwim tar-riċerka u l-innovazzjoni fis-settur tal-imballaġġ huwa fattur essenzjali sabiex tiġi promossa katina tal-valur aktar sostenibbli. Sabiex dan l-għan jintlaħaq, jeħtieġ li jissaħħu l-mekkaniżmi ta’ finanzjament rilevanti fil-kuntest tal-għodod ta’ programmazzjoni Ewropej tar-R&Ż, bħall-Programmi Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (jiġifieri Orizzont 2020), fid-dawl tal-Aġenda Strateġika ta’ Riċerka u Innovazzjoni għall-Plastiks li jmiss.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Sabiex l-isforzi jiġu ffukati fejn huma l-aktar meħtieġa, jenħtieġ li din id-Direttiva tkopri biss il-prodotti tal-plastik l-aktar misjuba li jintużaw darba biss***, li*** huma stmati li jirrappreżentaw madwar 86 % tal-SUPs misjuba, skont l-għadd, fuq ix-xtajtiet fl-Unjoni. | (7) Sabiex l-isforzi jiġu ffukati fejn huma l-aktar meħtieġa, jenħtieġ li din id-Direttiva tkopri biss il-prodotti tal-plastik l-aktar misjuba li jintużaw darba biss ***kif ukoll l-irkaptu tas-sajd. Il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss koperti b’miżuri skont din id-Direttiva*** huma stmati li jirrappreżentaw madwar 86 % tal-SUPs misjuba, skont l-għadd, fuq ix-xtajtiet fl-Unjoni. |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(7a)* ***Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KE dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li jitqiesu oġġetti tal-imballaġġ kif definiti fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 94/62/KE.*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 7b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(7b)* ***Ir-rapport ta' rieżami tal-Kummissjoni jenħtieġ li jindika jekk il-kamp ta' applikazzjoni jistax jitwessa' għall-prodotti li jintużaw darba biss b'mod ġenerali.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 7c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(7c)* ***It-tniġġis terrestri u l-kontaminazzjoni tal-ħamrija b'oġġetti akbar tal-plastik u l-frammenti jew il-mikroplastiks li jirriżultaw minnhom jistgħu jkunu sinifikanti f'livell lokali jew reġjonali. F'livell lokali dan jista' jkun konsiderevoli minħabba l-użu intensiv tal-plastiks fl-agrikoltura. Biex jitnaqqsu l-effetti tal-iskart tal-plastik fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, it-tniġġis mill-plastik mill-art agrikola jenħtieġ li jiġi investigat bir-reqqa.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(8a)* ***Il-prodotti tal-plastik jenħtieġ li jiġu mmanifatturati filwaqt li jitqies it-tul tal-ħajja kollu tagħhom. L-ekodisinn tal-prodotti tal-plastik jenħtieġ li dejjem iqis il-fażi tal-produzzjoni, ir-riċiklabbiltà u possibbilment anke r-riutilizzabbiltà tal-prodott. Il-produtturi jenħtieġ li, meta jkun xieraq, jiġu mħeġġa jużaw polimeri uniċi jew kompatibbli biex jimmanifatturaw il-prodotti tagħhom sabiex jissimplifikaw is-separazzjoni u jtejbu r-riċiklabbiltà, speċjalment fil-każ tal-imballaġġ tal-plastik.*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(9a)* ***Biż-żamma tal-valur tal-prodotti u l-materjali għall-itwal żmien possibbli u bil-ġenerazzjoni ta' anqas skart, l-ekonomija tal-Unjoni tista' ssir aktar kompetittiva u aktar reżiljenti, filwaqt li titnaqqas il-pressjoni fuq ir-riżorsi prezzjużi u fuq l-ambjent.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Jenħtieġ li prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jiġu indirizzati minn miżura waħda jew minn bosta miżuri, u dan jiddependi fuq diversi fatturi, pereżempju d-disponibbiltà ta' riżorsi adatti u ta' alternattivi aktar sostenibbli, il-fattibbiltà li jibdlu x-xejriet tal-konsum, u safejn huma diġà koperti mil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni. | (10) Jenħtieġ li prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jiġu indirizzati minn miżura waħda jew minn bosta miżuri, u dan jiddependi fuq diversi fatturi, pereżempju d-disponibbiltà ta' riżorsi adatti u ta' alternattivi aktar sostenibbli, ***filwaqt li jitqiesu l-prinċipji taċ-ċiklu tal-ħajja,*** il-fattibbiltà li jibdlu x-xejriet tal-konsum, u safejn huma diġà koperti mil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni. |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Għal ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, għad mhumiex disponibbli fil-pront alternattivi xierqa u aktar sostenibbli u l-konsum tal-biċċa l-kbira ta' tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss mistenni li jiżdied. Sabiex din ix-xejra tinbidel u jiġu promossi sforzi lejn soluzzjonijiet ***aktar*** sostenibbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiksbu tnaqqis ***sinifikanti*** fil-konsum ta' dawk il-prodotti, mingħajr ma jikkompromettu l-iġjene tal-ikel jew is-sikurezza tal-ikel, prattiki tal-iġjene tajba, prattiki tajba ta' manifattura, l-informazzjoni għall-konsumatur, jew ir-rekwiżiti ta' traċċabilità stabbiliti fil-leġiżlazzjoni dwar l-ikel tal-Unjoni ([44]). | (11) Għal ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, għad mhumiex disponibbli fil-pront alternattivi xierqa u aktar sostenibbli u l-konsum tal-biċċa l-kbira ta' tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss mistenni li jiżdied. Sabiex din ix-xejra tinbidel u jiġu promossi sforzi lejn soluzzjonijiet ***sikuri u*** sostenibbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiksbu tnaqqis ***ambizzjuż u sostnut*** fil-konsum ta' dawk il-prodotti, ***bħalma qiegħed isir għall-basktijiet tal-plastik skont id-Direttiva 94/62/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/720 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([43a]),*** mingħajr ma jikkompromettu l-iġjene tal-ikel jew is-sikurezza tal-ikel, prattiki tal-iġjene tajba, prattiki tajba ta' manifattura, l-informazzjoni għall-konsumatur, jew ir-rekwiżiti ta' traċċabilità stabbiliti fil-leġiżlazzjoni dwar l-ikel tal-Unjoni ([44]). ***Dawn il-miżuri jenħtieġ li japplikaw għall-konterituri tal-ikel li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin: l-ikel ikkonċernat ikun maħsub għall-konsum immedjat, ikun maħsub għall-konsum mingħajr aktar preparazzjoni u jkun maħsub biex jiġi kkunsmat minn ġor-reċipjent. L-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw lejn l-ogħla livell ta' ambizzjoni possibbli għal dawk il-miżuri, li jenħtieġ li jkunu proporzjonati għall-gravità tar-riskju tar-rimi tad-diversi prodotti u użi. L-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw miri nazzjonali biex jikkwantifikaw l-effetti tal-miżuri meħuda biex jinkiseb it-tnaqqis ambizzjuż u sostnut. L-Istati Membri jenħtieġ li jħeġġu l-użu ta' prodotti li jkunu xierqa biex jintużaw aktar minn darba u li, wara li jsiru skart, ikunu xierqa għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, mingħajr ma jikkompromettu l-moviment liberu tal-oġġetti fis-suq intern. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jqisu l-impatt tal-prodotti matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom inkluż meta jinstabu fl-ambjent tal-baħar u jenħtieġ li jirrispettaw il-ġerarkija tal-iskart.*** |
| ([44]) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u leġiżlazzjoni rilevanti oħra marbuta mas-sikurezza, l-iġjene u t-tikkettar tal-ikel (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4). | ***([43a]) Id-Direttiva (UE) 2015/720 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar it-tnaqqis tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief (ĠU L 115, 6.5.2015, p. 11).***<br>([44]) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1), ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u leġiżlazzjoni rilevanti oħra marbuta mas-sikurezza, l-iġjene u t-tikkettar tal-ikel (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4). |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(11a) Il-filtri tal-prodotti tat-tabakk huma t-tieni fil-klassifika ta' oġġetti tal-plastik li jintużaw darba li jintremew l-aktar. Għalkemm is-sehem fis-suq tal-filtri taċ-ċelluloża derivati mill-pjanti għall-prodotti tat-tabakk jidher li qed jiżdied, l-aċċettabbiltà tal-alternattivi disponibbli mhijiex ċara. Barra minn hekk, l-impatt kbir ħafna fuq l-ambjent tal-prodotti tat-tabakk bil-filtri ma jistax jiġi injorat minħabba li dawk il-filtri jistgħu jinqasmu f'biċċiet tal-plastik iżgħar. Il-filtri tat-tabakk użati jinkludu wkoll għadd kbir ta' sustanzi kimiċi li huma ta' ħsara għall-ambjent, li mill-inqas 50 minnhom huma karċinoġeni umani magħrufa, kif ukoll metalli tqal, li jistgħu jiskulaw mill-filtru u jagħmlu ħsara lill-ambjenti tal-art, tal-ajru u tal-baħar tal-madwar. Sabiex jiġi indirizzat l-impatt ambjentali kkawżat mill-iskart wara l-konsum, hemm bżonn ta' firxa wiesgħa ta' miżuri għall-prodotti tat-tabakk bil-filtri, li jvarjaw mit-tnaqqis fil-filtri li jintużaw darba biss u li jintremew wara l-użu sar-responsabilità estiża tal-produttur biex jiġi żgurat rimi responsabbli u biex jiġu koperti l-ispejjeż tat-tindif tal-iskart. Sabiex jiġu indirizzati l-ispejjeż sinifikanti għall-ġbir u s-separazzjoni li attwalment jiġġarrbu mill-kontribwenti, l-iskemi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li jkopru l-ispejjeż tat-tindif tal-iskart u l-ispejjeż għal infrastrutturi xierqa ta' ġbir tal-iskart. Bħala parti minn dawn il-miżuri, l-Istati Membri jistgħu joħolqu wkoll inċentivi għal katina ta' rkupru tal-filtri tas-sigaretti biex jitnaddaf l-aċetat taċ-ċelluloża, il-materjal tal-plastik li jammonta għal 60 % tal-kompożizzjoni tal-filtri tas-sigaretti, biex imbagħad jinbidlu f'oġġetti ġodda tal-plastik.* |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Għal tipi oħra ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, jinsabu disponibbli alternattivi xierqa u aktar sostenibbli li huma wkoll affordabbli. Sabiex jiġi limitat l-impatt negattiv ta' dawn il-prodotti fuq l-ambjent, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprojbixxu t-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni. B'hekk, jiġu promossi l-użu ta' dawk diġà disponibbli u ta' alternattivi aktar sostenibbli kif ukoll soluzzjonijiet innovattivi favur mudelli tan-negozju aktar sostenibbli, favur alternattivi riutilizzabbli u s-sostituzzjoni ta' materjali. | (12) Għal tipi oħra ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, jinsabu disponibbli alternattivi xierqa u aktar sostenibbli li huma wkoll affordabbli. Sabiex jiġi limitat l-impatt negattiv ta' dawn il-prodotti fuq l-ambjent, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprojbixxu t-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni. B'hekk, jiġu promossi l-użu ta' dawk diġà disponibbli u ta' alternattivi aktar sostenibbli ***li jikkonformaw mal-istandards eżistenti u mad-dritt tal-Unjoni*** kif ukoll soluzzjonijiet innovattivi favur mudelli tan-negozju aktar sostenibbli, favur alternattivi riutilizzabbli u s-sostituzzjoni ta' materjali***, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE. Ir-restrizzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni introdotti f'din id-Direttiva jenħtieġ li jkopru wkoll prodotti magħmulin minn plastik ossodegradabbli, peress li dan it-tip ta' plastik ma jiddegradax sew u għalhekk jikkontribwixxi għat-tniġġis mill-mikroplastiks fl-ambjent, mhuwiex kompostabbli, jaffettwa b'mod negattiv ir-riċiklaġġ tal-plastik konvenzjonali u jonqos milli jagħti benefiċċju ambjentali ppruvat. Minħabba l-prevalenza għolja tal-iskart tal-polisteren fl-ambjent tal-baħar u billi hemm alternattivi disponibbli, il-kontenituri tal-ikel u tax-xorb li jintużaw darba biss magħmula mill-polisteren jenħtieġ li jiġu ristretti wkoll.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Għall-platti u l-pożati tal-plastik, anke jekk ikunu faċilment disponibbli alternattivi aktar xierqa, meta jkun ġustifikat kif xieraq u sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju fil-kontinwità tal-għoti ta' ċerti servizzi soċjali, bħall-catering fl-istabbilimenti edukattivi u s-servizzi tal-kura tas-saħħa, ikun xieraq li tiġi stabbilita estensjoni fuq perjodu ta' żmien limitat għall-implimentazzjoni tal-projbizzjoni tat-tqegħid tagħhom fis-suq tal-Unjoni.*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 12c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(12c)* ***Il-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva li jippromwovu l-użu ta' alternattivi mhux tal-plastik jenħtieġ li taħt ebda ċirkostanza ma jikkawżaw żieda fl-effetti detrimentali għall-ambjent u l-klima, pereżempju emissjonijiet addizzjonali ta'*** $CO_2$ ***jew l-isfruttament ta' riżorsi siewja. Filwaqt li l-maġġoranza tal-alternattivi mhux tal-plastik huma magħmula minn riżorsi naturali u huma mistennija li joriġinaw mill-bijoekonomija, huwa partikolarment importanti li tiġi żgurata s-sostenibbiltà ta' dawn il-miżuri. Fir-rigward tal-ġerarkija tal-iskart, il-miżuri stabbiliti f'din id-Direttiva u l-implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li dejjem jagħtu prijorità lill-prevenzjoni jew lit-tranżizzjoni lejn prodotti riutilizzabbli pjuttost milli alternattivi oħra li jintużaw darba biss, anke jekk dawn ikunu magħmula minn materjali mhux tal-plastik.*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 13**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (13) It-tappijiet u l-għotjien***, b'parti sinifikanti*** magħmula mill-plastik, ġejjin minn kontenituri tax-xorb huma fost l-oġġetti tal-plastik l-aktar misjuba li jintużaw darba biss mormija fuq ix-xtajtiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-kontenituri tax-xorb li jikkostitwixxu prodotti li jintużaw darba biss, jitħallew jitqiegħdu fis-suq biss jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi tad-disinn tal-prodott, u dan inaqqas b'mod sinifikanti r-rilaxx fl-ambjent tat-tappijiet u l-għotjien tal-kontenituri tax-xorb. Għall-kontenituri tax-xorb li jikkostitwixxu prodotti u imballaġġi tal-plastik li jintużaw darba biss, din il-kundizzjoni hija żieda mar-rekwiżiti essenzjali dwar il-kompożizzjoni u n-natura tal-imballaġġi li jistgħu jintużaw mill-ġdid u li huma riċiklabbli, inklużi r-riċiklabbli stipulati fl-Anness II tad-Direttiva 94/62/KE. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mar-rekwiżit tad-disinn tal-prodott u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament mingħajr xkiel tas-suq intern, jeħtieġ li jiġi żviluppat standard armonizzat adottat skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (45) u l-konformità ma' dak l-istandard għandu jippermetti l-preżunzjoni ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti. Jenħtieġ li jkun previst biżżejjed żmien għall-iżvilupp ta' standard armonizzat u li l-produtturi jitħallew jadattaw il-katini tal-produzzjoni tagħhom b'rabta mal-implimentazzjoni tar-rekwiżit tad-disinn tal-prodott. | (13) It-tappijiet u l-għotjien magħmula mill-plastik, ġejjin minn kontenituri tax-xorb huma fost l-oġġetti tal-plastik l-aktar misjuba li jintużaw darba biss mormija fuq ix-xtajtiet. Għalhekk, jenħtieġ li l-kontenituri tax-xorb li jikkostitwixxu prodotti li jintużaw darba biss, jitħallew jitqiegħdu fis-suq biss jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi tad-disinn tal-prodott, u dan inaqqas b'mod sinifikanti r-rilaxx fl-ambjent tat-tappijiet u l-għotjien tal-kontenituri tax-xorb ***u jżid il-kwantitajiet riċiklati***. Għall-kontenituri tax-xorb li jikkostitwixxu prodotti u imballaġġi tal-plastik li jintużaw darba biss, din il-kundizzjoni hija żieda mar-rekwiżiti essenzjali dwar il-kompożizzjoni u n-natura tal-imballaġġi li jistgħu jintużaw mill-ġdid u li huma riċiklabbli, inklużi r-riċiklabbli stipulati fl-Anness II tad-Direttiva 94/62/KE. Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità mar-rekwiżit tad-disinn tal-prodott u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament mingħajr xkiel tas-suq intern, jeħtieġ li jiġi żviluppat standard armonizzat adottat skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (45) u l-konformità ma' dak l-istandard għandu jippermetti l-preżunzjoni ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti. Jenħtieġ li jkun previst biżżejjed żmien għall-iżvilupp ta' standard armonizzat u li l-produtturi jitħallew jadattaw il-katini tal-produzzjoni tagħhom b'rabta mal-implimentazzjoni tar-rekwiżit tad-disinn tal-prodott. ***Sabiex jiġi żgurat l-użu ċirkolari tal-plastiks, jeħtieġ li jiġi żgurat id-dħul fis-suq tal-materjali riċiklati. Għalhekk huwa xieraq li jiġi introdott rekwiżit għal kontenut minimu obbligatorju ta' plastiks riċiklati f'ċerti prodotti.*** |
| (45) Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12). | (45) Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12). |

**L-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(13a)* ***Fil-kuntest tar-rieżami li għandu jsir skont l-Artikolu 9 (5) tad-Direttiva 94/62/KE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-proprjetajiet relattivi ta’ materjali differenti tal-imballaġġ, inklużi materjali komposti, abbażi ta’ valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja, li jindirizzaw b’mod partikolari l-prevenzjoni u d-disinn għaċ-ċirkolarità.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 13b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(13b)* ***Il-preżenza ta’ sustanzi kimiċi perikolużi fl-assorbenti sanitarji, fit-tampuni u fl-applikaturi tat-tampuni jenħtieġ li tiġi evitata fl-interess tas-saħħa tan-nisa. Bl-istess mod, id-disponibbiltà ta’ soluzzjonijiet b’diversi użi u li jkunu aktar ekonomikament sostenibbli hija fundamentali biex in-nisa jiġu ggarantiti aċċess sħiħ għall-ħajja soċjali.*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jispiċċaw fl-ambjent bħala riżultat tar-rimi inadegwat fil-kanali tad-drenaġġ jew ta' rilaxx ieħor mhux adegwat fl-ambjent. Għalhekk, jenħtieġ li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u li ta' spiss jintremew fil-kanali tad-drenaġġ jew inkella li jintremew b'mod ieħor mhux adegwat, jiġu soġġetti għar-rekwiżiti tal-immarkar. Jenħtieġ li l-immarkar jgħarraf lill-konsumaturi dwar l-għażliet xierqa ta' rimi tal-iskart u/jew dwar għażliet ta' rimi ***tal-skart*** li jridu jiġu evitati ***u/jew*** dwar l-impatti ambjentali negattivi tal-iskart minħabba r-rimi mhux xieraq. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tistabbilixxi format armonizzat għall-immarkar u meta tagħmel dan, fejn ikun xieraq, li tittestja l-perċezzjoni tal-immarkar propost ma' gruppi rappreżentattivi tal-konsumaturi sabiex tiżgura li dan ikun effettiv ***u*** jinftiehem b'mod ċar. | (14) Ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss jispiċċaw fl-ambjent bħala riżultat tar-rimi inadegwat fil-kanali tad-drenaġġ jew ta' rilaxx ieħor mhux adegwat fl-ambjent. ***Ir-rimi fil-kanali tad-drenaġġ, barra minn hekk, jista' jikkawża ħsara ekonomika sostanzjali lin-netwerks tad-drenaġġ billi jimblokka l-pompi u jsodd il-pajpijiet. Għal dawn il-prodotti, spiss ikun hemm nuqqas sinifikanti ta' informazzjoni dwar il-karatteristiċi materjali ta' dawn il-prodotti u r-rimi xieraq tal-iskart.*** Għalhekk, jenħtieġ li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u li ta' spiss jintremew fil-kanali tad-drenaġġ jew inkella li jintremew b'mod ieħor mhux adegwat, jiġu soġġetti għar-rekwiżiti tal-immarkar ***u għal miżuri ta' sensibilizzazzjoni***. Jenħtieġ li l-immarkar jgħarraf lill-konsumaturi dwar l-għażliet xierqa ta' rimi tal-iskart u/jew dwar għażliet ta' rimi ***tal-iskart*** li jridu jiġu evitati, dwar l-impatti ambjentali negattivi tal-iskart minħabba r-rimi mhux xieraq***, il-preżenza ta' plastiks fil-prodott u r-riċiklabbiltà tal-prodott***. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jkollha s-setgħa li tistabbilixxi format armonizzat għall-immarkar u meta tagħmel dan, fejn ikun xieraq, li tittestja l-perċezzjoni tal-immarkar propost ma' gruppi rappreżentattivi tal-konsumaturi sabiex tiżgura li dan ikun effettiv, jinftiehem b'mod ċar ***u mhux qarrieqi, u jenħtieġ li tqis ukoll il-ftehimiet volontarji eżistenti.*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Fir-rigward ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u li għalihom ma jkunx hemm disponibbli alternattivi xierqa u iktar sostenibbli, jenħtieġ lil-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jintroduċu wkoll skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur biex ikopru l-ispejjeż tal-ġestjoni tal-iskart u tat-tindif taż-żibel kif ukoll l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni sabiex jiġi evitat u jitnaqqas dan iż-żibel. | (15) Fir-rigward ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u li għalihom ma jkunx hemm disponibbli alternattivi xierqa u iktar sostenibbli, jenħtieġ lil-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jintroduċu wkoll skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur biex ikopru l-ispejjeż ***meħtieġa*** tal-ġestjoni tal-iskart u tat-tindif taż-żibel kif ukoll l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni sabiex jiġi evitat u jitnaqqas dan iż-żibel ***u biex tiġi indirizzata l-imġiba ħażina tal-konsumaturi. Dawn l-ispejjeż jenħtieġ li ma jaqbżux l-ispejjeż li huma meħtieġa biex jiġu pprovduti dawk is-servizzi b'mod kosteffiċjenti u jenħtieġ li jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-atturi kkonċernati. L-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart jenħtieġ li jkunu proporzjonati u jenħtieġ li jkunu bbażati fuq objettivi ċari stabbiliti skont l-Artikolu 8a(1) tad-Direttiva 2008/98/KE. Dawn l-objettivi jenħtieġ li jiddefinixxu l-ambitu u l-portata tal-attivitajiet ta' tindif koperti mill-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur f'konformità mal-obbligi rilevanti rigward il-prevenzjoni tal-iskart u l-iskart fil-baħar fil-liġi tal-Unjoni. Tali attivitajiet jenħtieġ li jinkludu, pereżempju, il-prevenzjoni u l-ġbir tal-iskart fit-toroq, fis-swieq u fi spazji pubbliċi oħra u matul avvenimenti pubbliċi, iżda jenħtieġ li ma jinkludux operazzjonijiet, inkluż it-tindif tal-baħar u l-oċeani, li għalihom l-awtoritajiet pubbliċi mhumiex responsabbli.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) L-inċentivi ekonomiċi kapaċi jinfluwenzaw l-għażla tal-konsumatur, jinkoraġġixxu jew jiskoraġġixxu abitudnijiet speċifiċi tal-konsumatur u, għalhekk, jistgħu jintużaw bħala għodda effikaċi upstream sabiex jitnaqqas l-impatt ta' ċerti plastiks fuq l-ambjent.*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Is-sehem kbir tal-plastik ġej minn irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik li jiġi abbandunat, mitluf, u mormi ġoż-żibel fil-baħar jindika li r-rekwiżiti legali eżistenti [46] ma jipprovdux biżżejjed inċentivi għar-ritorn lejn ix-xatt tal-irkaptu tas-sajd għall-ġbir u t-trattament. Is-sistema tal-imposta indiretta prevista skont il-liġi tal-Unjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja tal-iskart iġġenerat mill-bastimenti tneħħi l-inċentiv għall-bastimenti li jarmu l-iskart tagħhom fil-baħar, u tiggarantixxi dritt ta' konsenja. Madankollu, jenħtieġ li dik is-sistema tiġi ssupplementata minn inċentivi finanzjarji ulterjuri għas-sajjieda li jtellgħu l-art l-irkaptu tagħhom tal-iskart sabiex tkun evitata kwalunkwe żieda potenzjali fl-imposta indiretta tal-iskart li għandha titħallas. Billi l-komponenti tal-plastik tal-irkaptu tas-sajd għandhom potenzjal għoli ta' riċiklaġġ, jenħtieġ li l-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jintroduċu responsabbiltà estiża tal-produttur għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik biex jiffaċilitaw il-ġbir separat tal-irkaptu tas-sajd skartat u biex jiffinanzjaw il-ġestjoni tajba tal-iskart ta' dan it-tip ta' rkaptu tas-sajd, b'mod partikolari r-riċiklaġġ.<br><br>[46] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, id-Direttiva 2000/59/KE u d-Direttiva 2008/98/KE. | (16) Is-sehem kbir tal-plastik ġej minn irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik li jiġi abbandunat, mitluf, u mormi ġoż-żibel fil-baħar jindika li r-rekwiżiti legali eżistenti [46] ma jipprovdux biżżejjed inċentivi għar-ritorn lejn ix-xatt tal-irkaptu tas-sajd għall-ġbir u t-trattament. ***Skont ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009, jekk l-irkaptu tas-sajd mitluf ma jistax jiġi rkuprat, il-kaptan tal-bastiment jenħtieġlu jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tiegħu. Sabiex jiġi żgurat monitoraġġ armonizzat, id-data dwar l-irkaptu tas-sajd mitluf jenħtieġ li tinġabar u tiġi rreġistrata mill-Istati Membri u mibgħuta lill-Kummissjoni kull sena.*** Is-sistema tal-imposta indiretta prevista skont il-liġi tal-Unjoni dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja tal-iskart iġġenerat mill-bastimenti tneħħi l-inċentiv għall-bastimenti li jarmu l-iskart tagħhom fil-baħar, u tiggarantixxi dritt ta' konsenja. Madankollu, jenħtieġ li dik is-sistema tiġi ssupplementata minn inċentivi finanzjarji ulterjuri għas-sajjieda li jtellgħu l-art l-irkaptu tagħhom tal-iskart sabiex tkun evitata kwalunkwe żieda potenzjali fl-imposta indiretta tal-iskart li għandha titħallas. Billi l-komponenti tal-plastik tal-irkaptu tas-sajd għandhom potenzjal għoli ta' riċiklaġġ, jenħtieġ li l-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jintroduċu responsabbiltà estiża tal-produttur għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik biex jiffaċilitaw il-ġbir separat tal-irkaptu tas-sajd skartat u biex jiffinanzjaw il-ġestjoni tajba tal-iskart ta' dan it-tip ta' rkaptu tas-sajd, b'mod partikolari r-riċiklaġġ. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jadottaw ukoll il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produtturi tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fit-twettiq tal-obbligi tagħhom minħabba r-responsabbiltà tal-produttur ikunu mmodulati, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari d-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija, ir-riutilizzabbiltà u r-riċiklaġġ ta' dawn il-prodotti.***<br><br>[46] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, id-Direttiva 2000/59/KE u d-Direttiva 2008/98/KE. |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(16a) **Fil-qafas ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmonitorjaw, jivvalutaw, jiġbru u jirriċiklaw l-irkaptu tas-sajd sabiex jilħqu l-miri kwantitattivi għall-ġbir u r-riċiklaġġ tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik stabbiliti f'din id-Direttiva.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(17a) **Fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), jenħtieġ li tiġi indirizzata l-problema tal-iskart tal-plastik agrikolu u l-Kummissjoni jenħtieġ li, kif xieraq, sal-2023 tintroduċi standard għal kundizzjoni tal-art agrikola u ambjentali tajba dwar l-iskart tal-plastik bħala element ġdid ta' kondizzjonalità mtejba fuq terminu medju. Skont ir-rekwiżit il-ġdid tal-kondizzjonalità, il-bdiewa jkunu obbligati jużaw impriża ta' ġestjoni tal-iskart awtorizzata biex jorganizzaw il-ġbir u r-riċiklaġġ tal-plastik, u jżommu evidenza li l-iskart tal-plastik ġie ttrattat b'mod korrett.*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Sabiex jiġi evitat it-tixrid taż-żibel u forom oħrajn ta' rimi mhux adegwat li jirriżulta f'żibel fil-baħar li fih il-plastik, jeħtieġ li l-konsumaturi jkunu infurmati tajjeb dwar l-għażliet disponibbli u l-aktar addattati għar-rimi tal-iskart u/jew dwar l-għażliet għar-rimi tal-iskart li għandhom jiġu evitati, dwar l-aqwa prattiki fir-rigward tar-rimi tal-iskart u l-impatt ambjentali tar-rimi ħażin kif ukoll dwar il-kontenut tal-plastik f'ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u fl-irkaptu tas-sajd. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu obbligati li jieħdu miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni u li jiżguraw li l-konsumaturi jingħataw it-tali informazzjoni. Jenħtieġ li l-informazzjoni ma tinkludi l-ebda kontenut promozzjonali li jħeġġeġ l-użu ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu l-miżuri l-aktar xierqa bbażati fuq in-natura tal-prodott jew l-użu tiegħu. Jenħtieġ li l-produtturi tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik ikopru l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni bħala parti mill-obbligu tagħhom ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. | (18) Sabiex jiġi evitat it-tixrid taż-żibel u forom oħrajn ta' rimi mhux adegwat li jirriżulta f'żibel fil-baħar li fih il-plastik, jeħtieġ li l-konsumaturi jkunu infurmati tajjeb dwar l-għażliet disponibbli u l-aktar addattati għar-rimi tal-iskart u/jew dwar l-għażliet għar-rimi tal-iskart li għandhom jiġu evitati, dwar l-aqwa prattiki fir-rigward tar-rimi tal-iskart u l-impatt ambjentali tar-rimi ħażin kif ukoll dwar il-kontenut tal-plastik f'ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u fl-irkaptu tas-sajd***, sabiex tiġi inċentivata mġiba tal-konsumaturi responsabbli fir-rimi korrett tal-iskart***. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu obbligati li jieħdu miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni u li jiżguraw li l-konsumaturi jingħataw it-tali informazzjoni. ***Din l-informazzjoni jenħtieġ li tinkludi l-impatt ta' rimi tal-iskart mhux xieraq fin-netwerk tad-drenaġġ.*** Jenħtieġ li l-informazzjoni ma tinkludi l-ebda kontenut promozzjonali li jħeġġeġ l-użu ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħżlu l-miżuri l-aktar xierqa bbażati fuq in-natura tal-prodott jew l-użu tiegħu. ***Il-ġlieda kontra ż-żibel hija sforz kondiviż bejn l-awtoritajiet kompetenti, il-produtturi u l-konsumaturi.*** Jenħtieġ li l-produtturi tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik ikopru l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni bħala parti mill-obbligu tagħhom ta' responsabbiltà estiża tal-produttur. ***Il-produtturi jenħtieġ li jiġu mħeġġa jużaw il-poter tal-kummerċjalizzazzjoni tagħhom biex jippromwovu u jixprunaw konsum u użu sostenibbli u ċirkolari tal-prodotti.*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 18a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(18a)* ***F'konformità mal-liġi tal-Unjoni, il-Kummissjoni hija obbligata tgħin lill-Istati Membri fit-tfassil tal-istrateġiji u l-pjanijiet għat-tnaqqis tat-tixrid fil-baħar tal-irkaptu tas-sajd, anke permezz ta' sussidji mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS). L-isforzi jistgħu jinkludu kampanji u programmi ta' sensibilizzazzjoni dwar l-impatt ta' dan l-iskart fuq l-ekosistemi tal-baħar, ir-riċerka dwar il-fattibbiltà ta' rkaptu tas-sajd bijodegradabbli/kompostabbli, proġetti edukattivi għas-sajjieda u programmi pubbliċi speċifiċi biex il-plastik u oġġetti oħra jitneħħew minn qiegħ il-baħar.*** |

**L-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) Fliexken tax-xorb li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss huma wieħed minn fost l-oġġetti taż-żibel fil-baħar l-aktar misjuba fuq ix-xtajtiet fl-Unjoni. Dan huwa minħabba sistemi mhux effettivi tal-ġbir separat u minħabba l-parteċipazzjoni baxxa mill-konsumaturi f'dawk is-sistemi. Jeħtieġ li jiġu promossi sistemi aktar effiċjenti tal-ġbir separat u għalhekk, trid tiġi stabbilita mira minima tal-ġbir separat għall-fliexken tax-xorb li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu kapaċi jilħqu dik il-mira minima billi jistabbilixxu miri tal-ġbir separat għall-fliexken tax-xorb li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-qafas tal-iskemi ta’ responsabbiltà estiża tal-produttur, jew billi jistabbilixxu skemi tar-rimborż tad-depożitu jew kwalunkwe miżura oħra li huma jqisu xieraq. ***Dan se jkollu*** impatt pożittiv u dirett fuq ir-rata tal-ġbir, fuq il-kwalità tal-materjal miġbur u fuq il-kwalità tar-riċiklati, li joffri opportunitajiet għan-negozju tar-riċiklaġġ u għas-suq tar-riċiklat. | (20) Fliexken tax-xorb ***(bit-tappijiet u bl-għotjien)*** li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss huma wieħed minn fost l-oġġetti taż-żibel fil-baħar l-aktar misjuba fuq ix-xtajtiet fl-Unjoni. Dan huwa minħabba sistemi mhux effettivi tal-ġbir separat u minħabba l-parteċipazzjoni baxxa mill-konsumaturi f'dawk is-sistemi. Jeħtieġ li jiġu promossi sistemi aktar effiċjenti tal-ġbir separat u ***li tiżdied il-produzzjoni minn kontenut riċiklat u*** għalhekk, trid tiġi stabbilita mira minima tal-ġbir separat għall-fliexken tax-xorb li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu kapaċi jilħqu dik il-mira minima billi jistabbilixxu miri tal-ġbir separat għall-fliexken tax-xorb li huma prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-qafas tal-iskemi ta’ responsabbiltà estiża tal-produttur, jew billi jistabbilixxu skemi tar-rimborż tad-depożitu jew kwalunkwe miżura oħra li huma jqisu xieraq. ***Din il-mira minima tal-ġbir jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn rekwiżit għal kontenut riċiklat speċifiku għall-fliexken tal-plastik, sabiex jiġi żgurat li ż-żieda fil-plastik miġbur tintuża mill-ġdid jew tiġi rriċiklata u b’hekk terġa’ tiddaħħal fl-ekonomija ċirkolari. Dawk il-miżuri ikollhom*** impatt pożittiv u dirett fuq ir-rata tal-ġbir ***u tar-riċiklaġġ***, fuq il-kwalità tal-materjal miġbur u fuq il-kwalità tar-riċiklati, li joffri opportunitajiet ***ġodda*** għan-negozju tar-riċiklaġġ u għas-suq tar-riċiklat. ***Meta jimplimentaw il-miżuri biex jilħqu l-mira minima ta’ ġbir separat, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li tinżamm l-operazzjoni soda tal-iskemi eżistenti ta’ responsabbiltà estiża tal-produttur. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi linji gwida għall-funzjonament tal-iskemi ta’ rifużjoni tad-depożitu għal dawk l-Istati Membri li jagħżlu li jistabbilixxu tali skemi.*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 20a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(20a)** **Id-Direttiva 2008/98/KE tiddefinixxi "ġbir separat" bħala l-ġbir fejn fluss ta' skart jinżamm separat skond it-tip u l-karatteristika sabiex ikun faċilitat trattament speċifiku. Id-Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1a] li temenda d-Direttiva 2008/98/KE tinnota li l-ġbir separat jista' jinkiseb permezz ta' ġbir bieb bieb, permezz ta' sistemi ta' depożitu jew akkoljenza jew permezz ta' arranġamenti oħra ta' ġbir. Il-punt (a) tal-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2008/98/KE jippermetti deroga li permezz tagħha għandu jkun possibbli li jinġabru ċerti tipi ta' skart flimkien dment li dan ma jimpedix riċiklaġġ ta' kwalità għolja jew irkupru ieħor tal-iskart, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, u jirriżulta fi produzzjoni minn dawk l-operazzjonijiet li tkun ta' kwalità paragunabbli għal dik miksuba permezz ta' ġbir separat. Dik id-deroga jenħtieġ li tkun disponibbli anke fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.*** |

(1a) ***Id-Direttiva (UE) 2018/851 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 109).***

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) ***Il-paragrafu*** 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 ([48]), ***jeħtieġ*** li l-Kummissjoni tagħmel evalwazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li dik l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq l-esperjenza miġbura u fuq id-data miġbura matul l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u fuq ***id-dejta*** miġbura skont id-Direttiva 2008/56/KE jew id-Direttiva 2008/98/KE. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tipprovdi l-bażi għal valutazzjoni ta' miżuri ulterjuri possibbli u għal valutazzjoni dwar jekk, fid-dawl tal-monitoraġġ taż-żibel fil-baħar fl-Unjoni, jeħtieġx li jiġi rivedut l-Anness li jelenka l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. ***L-evalwazzjoni għandha tqis ukoll jekk il-progress xjentifiku u tekniku li seħħ fil-frattemp, inkluż l-iżvilupp ta' materjali bijodegradabbli u l-iżvilupp ta' kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà tal-plastiks fl-ambjent tal-baħar, kif previst fl-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks, u tippermetti t-twaqqif ta' standard għall-bijodegradazzjoni fl-ambjent tal-baħar ta' ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. Dak l-istandard ikun jinkludi standard li jittestja jekk, bħala riżultat ta' dekompożizzjoni fiżika u bijoloġika fl-ambjent tal-baħar, il-plastiks jiddekomponu kompletament f'diossidu tal-karbonju ($CO_2$), f'bijomassa u fl-ilma f'perijodu ta' żmien qasir biżżejjed biex il-plastiks ma jkunux ta' ħsara għall-ħajja marina u ma jwasslux għall-akkumulazzjoni tal-plastiks fl-ambjent. Jekk dan ikun il-każ, il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li jilħqu dan l-istandard jistgħu jiġu eżentati mill-projbizzjoni fuq it-tqegħid fis-suq. Filwaqt li l-Istrateġija Ewropea għall-Plastiks diġà tipprevedi azzjoni f'dan il-qasam, hija tirrikonoxxi wkoll l-isfidi f'dak li jirrigwarda l-iffissar ta' qafas regolatorju għall-plastiks b'karatteristiċi bijodegradabbli minħabba l-kundizzjonijiet marini differenti fl-ibħra.*** | (22) ***Skont il-paragrafu*** 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 ([48]), ***jenħtieġ*** li l-Kummissjoni tagħmel evalwazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li dik l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq l-esperjenza miġbura u fuq id-data miġbura matul l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u fuq ***id-data*** miġbura skont id-Direttiva 2008/56/KE jew id-Direttiva 2008/98/KE. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tipprovdi l-bażi għal valutazzjoni ta' miżuri ulterjuri possibbli***, inkluż l-istabbiliment ta' miri ta' tnaqqis għall-Unjoni kollha għall-2030 u wara*** u għal valutazzjoni dwar jekk, fid-dawl tal-monitoraġġ taż-żibel fil-baħar fl-Unjoni, jeħtieġx li jiġi rivedut l-Anness li jelenka l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss. |

([48]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

([48]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) L-Istati Membri ***għandhom*** jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali jenħtieġ li jkunu effettivi, ***proprozjonati*** u dissważivi. | (23) L-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali jenħtieġ li jkunu effettivi, ***proporzjonati*** u dissważivi. ***Il-konsumaturi jenħtieġ li jiġu inċentivati jew penalizzati wkoll għall-imġiba tagħhom, kif ikun xieraq.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Billi l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri biex timpedixxi u tnaqqas l-impatt fuq l-ambjent ta' ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, biex tippromwovi t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, inkluż it-trawwim ta' mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet. | (25) Billi l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri biex timpedixxi u tnaqqas l-impatt fuq l-ambjent ***u fuq is-saħħa tal-bniedem*** ta' ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u tal-irkaptu tas-sajd ***u l-akkwakultura*** li fih il-plastik, biex tippromwovi t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, inkluż it-trawwim ta' mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet. |

**L-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 25a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(25a)* ***Peress li ż-żibel tal-plastik fil-baħar mhuwiex limitat għall-ambjent tal-baħar madwar l-Unjoni u peress li jista’ jiġi identifikat ammont kbir ta’ żibel tal-plastik fil-baħar f’partijiet oħra tad-dinja li ma jagħmlux parti mill-Unjoni, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-esportazzjonijiet tal-materjali tal-iskart lejn pajjiżi terzi ma jżidux iż-żibel tal-plastik fil-baħar x’imkien ieħor.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 25b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(25b)* ***L-Istati Membri jistgħu jiżvolġu wkoll rwol importanti fit-tnaqqis taż-żibel fil-baħar billi jaqsmu l-għarfien u l-pariri esperti tagħhom fil-ġestjoni sostenibbli tal-materjali ma’ pajjiżi terzi.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 25c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(25c)* ***L-awtoritajiet pubbliċi, inklużi l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, jenħtieġ li jmexxu bl-eżempju.*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari l-ambjent ***akwatiku***, u fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern. | L-għan ta' din id-Direttiva huwa li timpedixxi u tnaqqas l-impatt ta' ċerti prodotti tal-plastik fuq l-ambjent, b'mod partikolari ***fuq il-ħajja akkwatika u*** l-ambjent ***akkwatiku***, u fuq is-saħħa tal-bniedem kif ukoll biex tiġi promossa t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari b'mudelli tan-negozju, prodotti u materjali innovattivi ***u sostenibbli***, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għall-funzjonament effiċjenti tas-suq intern. |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Din id-Direttiva għandha tapplika għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Anness u għall-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik. | Din id-Direttiva għandha tapplika għall-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fl-Anness u għall-irkaptu tas-sajd ***u l-akkwakultura*** li fih il-plastik. |

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "plastik" tfisser materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament; | (1) "plastik" tfisser materjal magħmul minn polimeru skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li jaf ikollu addittivi jew sustanzi oħra miżjuda, u li ***jiffunzjona jew*** jista' jiffunzjona bħala komponent strutturali prinċipali tal-prodotti finali, bl-eċċezzjoni tal-polimeri naturali li ma ġewx modifikati kimikament; |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) "basktijiet tal-plastik ħfief ħafna" tfisser basktijiet tal-plastik ħfief kif definiti fl-Artikolu 3(1c) tad-Direttiva 94/62/KE bi ħxuna ta' inqas minn 15-il mikron;*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) "irkaptu tas-sajd" tfisser kwalunkwe prodott jew biċċa tagħmir li jintuża fis-sajd u fl-akkwakultura biex jimmira ***jew*** jaqbad riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew li jkun f'wiċċ il-baħar u li jintuża bil-għan li jattira ***u*** jaqbad it-tali riżorsi bijoloġiċi tal-baħar; | (3) "irkaptu tas-sajd" tfisser kwalunkwe prodott jew biċċa tagħmir li jintuża fis-sajd u fl-akkwakultura biex jimmira, jaqbad ***jew iżomm għat-trobbija*** riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jew li jkun f'wiċċ il-baħar u li jintuża bil-għan li jattira, jaqbad ***jew iżomm*** it-tali riżorsi bijoloġiċi tal-baħar; |

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) "irkaptu tas-sajd skartat" tfisser kwalunkwe rkaptu tas-sajd li jaqa' fid-definizzjoni ta' skart skont id-Direttiva 2008/98/KE, inklużi l-komponenti, is-sustanzi jew il-materjali separati kollha, li kienu parti minn jew marbuta ma' tali rkaptu tas-sajd meta ġie skartat; | (4) "irkaptu tas-sajd skartat" tfisser kwalunkwe rkaptu tas-sajd li jaqa' fid-definizzjoni ta' skart skont id-Direttiva 2008/98/KE, inklużi l-komponenti, is-sustanzi jew il-materjali separati kollha, li kienu parti minn jew marbuta ma' tali rkaptu tas-sajd meta ġie skartat ***jew mitluf***; |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) "produttur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li, irrispettivament mill-metodu ta' bejgħ użat, inklużi kuntratti mill-bogħod skont it-tifsira tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 ([50]), tqiegħed fis-suq prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u rkaptu tas-sajd li fih il-plastik, minbarra l-persuni li jwettqu attivitajiet tas-sajd kif definiti fl-Artikolu 4(28) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([51]); | (10) "produttur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li ***professjonalment tiżviluppa, timmanifattura, tipproċessa, tittratta, tbigħ jew timporta***, irrispettivament mill-metodu ta' bejgħ użat, inklużi kuntratti mill-bogħod skont it-tifsira tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 ([50]), ***u b'dan il-mod,*** tqiegħed fis-suq prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u rkaptu tas-sajd li fih il-plastik, minbarra l-persuni li jwettqu attivitajiet tas-sajd ***jew tal-akkwakultura*** kif definiti fl-Artikolu ***4(25) u*** 4(28) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([51]); |
| ([50]) Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64)<br>([51]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22). | ([50]) Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64)<br>([51]) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22). |

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 11a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) "ġbir separat" tfisser il-ġbir separat kif iddefinit fl-Artikolu 3(11) tad-Direttiva 2008/98/KE;*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) "plastik bijodegradabbli" tfisser plastik li kapaċi jgħaddi minn dekompożizzjoni fiżika u bijoloġika, b'tali mod li fl-aħħar mill-aħħar jiddekomponi f'diossidu tal-karbonju ($CO_2$), bijomassa u ilma b'mod konformi mal-istandards Ewropej għall-imballaġġ rekuperabbli permezz tal-ikkompostjar u d-diġestjoni anaerobika;*** |

**L-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) “prodotti tat-tabakk” tfisser prodotti tat-tabakk, kif definiti fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/40/UE.*** |

**Emendi 118, 54 u 119**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| Tnaqqis fil-konsum | Tnaqqis fil-konsum |
| 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiksbu tnaqqis ***sinifikanti*** fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti A tal-Anness fit-territorju tagħhom ***sa … [sitt snin wara d-data finali għat-traspożizzjoni ta’ din id-Direttiva]***. | 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiksbu tnaqqis ***ambizzjuż u sostnut ta’ mill-inqas 25 % sal-2025*** fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma elenkati fil-Parti A tal-Anness fit-territorju tagħhom |
| Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu ***miri nazzjonali għat-tnaqqis tal-konsum,*** miżuri li jiżguraw li fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali, kien hemm id-disponibbiltà ta’ alternattivi riutilizzabbli għal dawk il-prodotti, strumenti ekonomiċi pereżempju li jiġi żgurat li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss ma jingħatawx mingħajr ħlas fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali. Dawk il-miżuri jistgħu jvarjaw, skont l-impatt ambjentali tal-prodotti msemmija fl-ewwel subparagrafu. | Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu miżuri li jiżguraw li fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali, kien hemm id-disponibbiltà ta’ alternattivi riutilizzabbli għal dawk il-prodotti, strumenti ekonomiċi pereżempju li jiġi żgurat li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss ma jingħatawx mingħajr ħlas fil-punt tal-bejgħ lill-konsumatur finali. Dawk il-miżuri jistgħu jvarjaw, skont l-impatt ambjentali tal-prodotti msemmija fl-ewwel subparagrafu***, fuq iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, inkluż meta jiġu mormija***. |
| | ***L-Istati Membri għandhom ifasslu pjanijiet nazzjonali li jiddeskrivu l-miżuri adottati skont dan il-paragrafu. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-pjanijiet u għandhom jaġġornawhom fejn meħtieġ. Il-Kummissjoni tista’ toħroġ rakkomandazzjonijiet dwar dawk il-pjanijiet.*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu miri nazzjonali kwantitattivi ta’ tnaqqis biex jilħqu l-għan stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu. Dawk il-miri għandhom jiġu adottati sa … [id-data finali għat-traspożizzjoni ta’ din id-Direttiva].*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***Il-miżuri adottati skont dan il-paragrafu għandhom ikunu proporzjonati u mhux diskriminatorji. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk il-miżuri skont id-Direttiva (UE) 2015/1535*** [1a] ***fejn meħtieġ minn dik l-istess Direttiva.*** |
| 2. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tat-tnaqqis ***sinifikanti*** fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmijin fil-paragrafu 1. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). | 2. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tat-tnaqqis ***ambizzjuż u sostnut*** fil-konsum tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss imsemmijin fil-paragrafu 1 ***sa … [12-il xahar qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]***. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). |
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiksbu tnaqqis sostnut tal-impatt ambjentali tal-iskart mill-prodotti tat-tabakk, u b'mod partikolari tal-filtri tal-prodotti tat-tabakk li fihom il-plastik, billi jnaqqsu l-iskart wara l-konsum mill-filtri għall-prodotti tat-tabakk li fihom il-plastik, kif ġej: 50 % sal-2025 u 80 % sal-2030, meta mqabbla mal-medja ponderata tal-filtri tal-plastik tal-prodotti tat-tabakk mqiegħda fis-suq bejn l-2014 u l-2016..*** <br><br> (1a) ***Id-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (kodifikazzjoni) (ĠU L 241, 17.9.2015, p. 1).*** |

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u għotjien ***b'parti sinifikanti*** magħmula mill-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-għotjien jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti C tal-Anness li jkollhom tappijiet u għotjien magħmula mill-plastik jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk it-tappijiet u l-għotjien jibqgħu imwaħħla mal-kontenitur matul l-istadju tal-użu intenzjonat tal-prodott. |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 6 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li sal-2025, il-fliexken tax-xorb elenkati fil-Parti C tal-Anness jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss jekk ikunu magħmula minn kontenut riċiklat ta' mill-inqas 35 % u jkunu riċiklabbli.*** |
| | ***Sal-1 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontenut irriċiklat. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2).*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu it-tappijiet jew l-għotjien tal-metall b'siġilli tal-plastik ma għandhomx jitqiesu li ***għandhom parti sinifikanti*** magħmula mill-plastik. | 2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu it-tappijiet jew l-għotjien tal-metall b'siġilli tal-plastik ma għandhomx jitqiesu li ***huma*** magħmula mill-plastik. ***Kontenituri tax-xorb tal-ħġieġ u tal-metall li jkollhom tappijiet u għotjien magħmula mill-plastik ma għandhomx ikunu koperti minn dan l-Artikolu.*** |

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati fir-rigward tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1. | 3. ***Sa … [3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva],*** il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati fir-rigward tar-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1. ***Dawk l-istandards għandhom jindirizzaw b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġu żgurati s-saħħa, l-affidabbiltà u s-sikurezza meħtieġa għall-għotjien tal-kontenituri tax-xorb, inklużi dawk għax-xorb bil-gass.*** |

**L-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018**

**Emendi 59 u 140**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 7 | Artikolu 7 |
| Rekwiżit ta’ mmarkar | Rekwiżit ta’ mmarkar |
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull ***prodott*** tal-plastik li jintuża darba biss li ***huwa elenkat*** fil-Parti D tal-Anness, meta ***jitqiegħed*** fis-suq ***ikun immarkat*** b’mod li jidher u jinqara b’mod ċar u li ma jitħassarx sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b’wieħed jew aktar minn dawn*** li ***ġejjin***: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull ***imballaġġ tal-bejgħ tal-prodotti*** tal-plastik li jintuża darba biss, li ***huwa elenkat*** fil-Parti D tal-Anness, meta ***jitqiegħed*** fis-suq ***ikun immarkat*** b’mod li jidher u jinqara b’mod ċar u li ma jitħassarx***, kemm fuq il-pakkett li jkun fih l-aktar unitajiet kif ukoll fuq kull unità meta tkun ippakkjata b’mod individwali,*** sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa ***b’dan*** li ***ġej***: |
| (a) l-għażliet xierqa għar-rimi tal-prodott ***jew*** il-mezzi għar-rimi tal-iskart li għandhom jiġu evitati għal dak il-prodott, | (a) l-għażliet xierqa għar-rimi tal-prodott ***u/jew*** il-mezzi għar-rimi tal-iskart li għandhom jiġu evitati għal dak il-prodott, |
| (b) l-impatti ambjentali negattivi tar-rimi tal-iskart jew tat-tixrid taż-żibel jew ta’ rimi ieħor inadegwat tal-iskart tal-prodotti, ***jew*** | (b) l-impatti ambjentali negattivi tar-rimi tal-iskart jew tat-tixrid taż-żibel jew ta’ rimi ieħor inadegwat tal-iskart tal-prodotti, |
| (c) il-preżenza tal-plastiks fil-prodott. | (c) il-preżenza tal-plastiks fil-prodott, ***u*** |
| | ***(ca) il-preżenza ta’ sustanzi kimiċi ta’ tħassib fil-prodott, bħalma huma metalli perikolużi, ftalati, PFAS, bisfenoli, kif ukoll interferenti endokrinali u sustanzi oħra ta’ tħassib serju ħafna (SVHC) skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006.*** |
| | ***Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull imballaġġ tal-bejgħ tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, li huwa elenkat fil-Parti D tal-Anness, bl-eċċezzjoni tal-prodotti tat-tabakk bil-filtri kkummerċjalizzati għall-użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk, meta jitqiegħed fis-suq ikun immarkat b’mod li jidher u jinqara b’mod ċar u li ma jitħassarx, kemm fuq l-imballaġġ li jkun jikkontjeni numru ta’ unitajiet kif ukoll fuq kull unità meta tkun ippakkjata b’mod individwali, sabiex il-konsumaturi jkunu mgħarrfa bir-riċiklabbiltà tal-prodott.*** |
| 2. Il-Kummissjoni għandha, sa… [12-il xahar qabel id-data tat-traspożizzjoni ta’ din id-Direttiva], tadotta att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-immarkar imsemmi fil-paragrafu 1. Dak l-att ta’ implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). | 2. Il-Kummissjoni għandha, sa… [12-il xahar qabel id-data tat-traspożizzjoni ta’ din id-Direttiva], tadotta att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għall-immarkar imsemmi fil-paragrafu 1 ***u meta tagħmel dan, għandha tqis il-ftehimiet volontarji settorjali eżistenti u għandha tagħti attenzjoni partikolari għall-bżonn li tiġi evitata informazzjoni li tqarraq bil-konsumatur***. Dak l-att ta’ implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 146**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 7a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 7a*** |
| | ***Dispożizzjonijiet għal Oġġetti Sanitarji*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jipprevjenu l-użu ta' sustanzi kimiċi perikolużi fil-kompożizzjoni ta' assorbenti sanitarji, tampuni u applikaturi tat-tampuni elenkati fil-Parti D tal-Anness.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. | Fir-rigward tal-iskemi stabbiliti skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti E tal-Anness għandhom ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart li jikkonsisti minn dawk il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jitnaddaf l-iskart u l-ispejjeż tal-miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 10 fir-rigward ta' dawk il-prodotti. ***Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produtturi sabiex jissodisfaw dawn l-obbligi m'għandhomx jeċċedu l-ispejjeż li huma meħtieġa biex jiġu pprovduti dawk is-servizzi b'mod kosteffiċjenti u għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-atturi kkonċernati.*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fir-rigward tal-ispejjeż biex jinġabar żibel imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa mill-produtturi huma stabbiliti b'mod proporzjonat u huma mmodulati skont l-Artikolu 8a (4) tad-Direttiva 2008/98/KE, u jqisu l-ispejjeż tat-tindif ta' prodotti individwali jew gruppi ta' prodotti. L-ispejjeż għandhom ikunu limitati għal attivitajiet imwettqa fuq bażi regolari minn awtoritajiet pubbliċi jew f'isimhom, li għandhom jinkludu attivitajiet ta' ġbir ta' żibel li jimmiraw li jissodisfaw l-obbligi rilevanti dwar il-prevenzjoni tal-iskart u l-protezzjoni ambjentali taħt atti leġiżlattivi tal-Unjoni.*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 62**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż tal-ġbir taż-żibel kopert mill-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur.*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-filtri tal-prodotti tat-tabakk li fihom il-plastik jikkontribwixxu biex jintlaħaq l-għan ambjentali stabbilit fl-Artikolu 4(2a), inkluż billi jiġi żgurat li l-produtturi tal-filtri tal-prodotti tat-tabakk li fihom il-plastik ikopru l-ispejjeż tal-ġbir tal-iskart ta' dawk il-prodotti u t-trasport u t-trattament sussegwenti tiegħu, inklużi l-ispejjeż biex jinġabar iż-żibel u l-ispejjeż tal-miżuri għas-sensibilizzazzjoni tal-Artikolu 10 rigward dawk il-prodotti. Sabiex jintlaħaq dak l-għan, l-Istati Membri jistgħu, fost l-oħrajn, jeħtieġu li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jistabbilixxu sistemi ta' ġbir jew infrastrutturi ta' ġbir ta' finanzi għal filtri użati, jew jippromwovu d-dekontaminazzjoni u r-riċiklaġġ ta' filtri użati permezz tal-istabbiliment ta' katina ta' rkupru tal-iskart.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għal irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għal irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq tal-Unjoni, skont id-dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur tad-Direttiva 2008/98/KE. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw fuq dik il-bażi li rata minima ta' ġbir ta' rkaptu tas-sajd li fih il-plastik tinkiseb kull sena. Mill-2025 ir-rata minima ta' ġbir għandha tkun ta' 50 % ikkalkulata abbażi tal-piż totali tal-irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik f'sena partikolari f'dak l-Istat Membru kkonċernat, espressa bħala perċentwali tal-piż medju tal-irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik imqiegħed fis-suq f'dak l-Istat Membru fit-tliet snin ta' qabel.*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Huma għandhom jiżguraw ukoll li dawk l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jiksbu mira ta' riċiklaġġ ta' mill-inqas 15 % għal irkaptu tas-sajd li jkun fih il-plastik sal-2025. Sabiex tintlaħaq dik il-mira, l-Istati Membri jistgħu, barra minn hekk, jirrikjedu li l-iskemi fost l-oħrajn:*** |
| | ***(a) jimmodulaw kontribuzzjonijiet finanzjarji skont l-Artikolu 8a(4) tad-Direttiva 2008/98/KE, sabiex jippromwovu t-tqegħid fis-suq ta' rkaptu tas-sajd maħsub għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ;*** |
| | ***(b) jistabbilixxu skemi ta' rimborż tad-depożitu biex jinkoraġġixxu r-ritorn ta' rkaptu tas-sajd qadim, mitluq jew li ma jistax jintuża;*** |
| | ***(c) jinkludu programmi ta' monitoraġġ, traċċar u rappurtar.*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 8 – paragrafu 4 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Mingħajr preġudizzju għall-miżuri tekniċi stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 [1a], il-Kummissjoni għandha titlob lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiżviluppaw standards armonizzati relatati mad-disinn ċirkolari ta' rkaptu tas-sajd biex jinkoraġġixxu t-tħejjija għall-użu mill-ġdid u tiġi ffaċilitata r-riċiklabbiltà fi tmiem il-ħajja.*** |
| | ***[1a] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar (ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1).*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu *inter alia*: | L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex, sal-2025, jiġbru b'mod separat, ammont ta' skart tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti F tal-Anness li jammonta għal 90 % tat-tali prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss, imqiegħda fis-suq f'sena partikolari skont il-piż ***u jiżguraw li jiġu rriċiklati***. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-Istati Membri jistgħu *inter alia*: |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 67**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-ewwel paragrafu għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10(3)(a) tad-Direttiva 2008/98/KE.*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 9 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa linji gwida, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri, dwar il-funzjonament tal-iskemi ta' rifużjoni tad-depożitu.*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 10 | Artikolu 10 |
| Miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni | Miżuri li jqajmu sensibilizzazzjoni |
| 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jinfurmaw ***lill-konsumaturi*** tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti G tal-Anness u tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik dwar dawn li ġejjin: | 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jinfurmaw ***kif ukoll jinċentivaw imġiba responsabbli mill-konsumaturi*** tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti G tal-Anness u tal-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik dwar dawn li ġejjin: |
| (a) ***is-sistemi disponibbli*** għall-użu mill-ġdid u l-għażliet għall-ġestjoni tal-iskart għal dawk il-prodotti u għal dak l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik kif ukoll l-aqwa prattiki tal-ġestjoni tajba tal-iskart imwettqa skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/98/KE; | (a) ***id-disponibbiltà ta' alternattivi riutilizzabbli, ta' sistemi*** għall-użu mill-ġdid u l-għażliet għall-ġestjoni tal-iskart għal dawk il-prodotti u għal dak l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik kif ukoll l-aqwa prattiki tal-ġestjoni tajba tal-iskart imwettqa skont l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/98/KE; |
| (b) l-impatt tat-tixrid taż-żibel u ta' rimi ieħor inadegwat tal-iskart ta' dawk il-prodotti u ta' dak l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, u b'mod partikolari fuq l-ambjent ***marin.*** | (b) l-impatt tat-tixrid taż-żibel u ta' rimi ieħor inadegwat tal-iskart ta' dawk il-prodotti u ta' dak l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik, u b'mod partikolari fuq l-ambjent ***tal-baħar;*** |
| | ***(ba) l-impatt tar-rimi mhux adegwat tal-iskart ta' dawk il-prodotti fuq in-netwerk tad-drenaġġ.*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 70**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 11 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Il-miżuri li jieħdu l-Istati Membri biex jittrasponu u jimplimentaw l-Artikoli 4 sa 9 għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-ikel tal-Unjoni biex jiżguraw li l-iġjene tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel ma jiġux kompromessi. | Il-miżuri li jieħdu l-Istati Membri biex jittrasponu u jimplimentaw l-Artikoli 4 sa 9 għandhom jikkonformaw mal-liġi tal-ikel tal-Unjoni biex jiżguraw li l-iġjene tal-ikel u s-sikurezza tal-ikel ma jiġux kompromessi ***u mar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** *(*[1a]*)*. ***L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-użu ta' alternattivi sostenibbli u aktar sikuri għall-plastik fejn possibbli għal materjali maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel.*** |

*(*[1a]*) **Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4).***

**Emenda 71**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esportazzjonijiet tal-materjali ta' skart lejn pajjiżi terzi ma jżidux maż-żibel tal-plastik fil-baħar xi mkien ieħor.*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom, skont il-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali, ikollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni f'qorti tal-ġustizzja jew f'korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, azzjonijiet jew ommissjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Artikoli 5, 6, 7 u 8 meta tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew l-assoċjazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet jew il-gruppi tagħhom, skont il-leġiżlazzjoni jew il-prattika nazzjonali, ikollhom aċċess għal proċedura ta' reviżjoni f'qorti tal-ġustizzja jew f'korp ieħor indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, azzjonijiet jew ommissjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Artikoli ***4,*** 5, 6, 7***, 8, 9 u 10*** meta tkun issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: |

**L-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 73**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 13 | Artikolu 13 |
| Informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni | Informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni |
| 1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([52]) u għad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([53]), l-Istati Membri, megħjuna mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandhom jistabbilixxu sett ta’ data li fih: | 1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([52]) u għad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([53]), l-Istati Membri, megħjuna mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, għandhom jistabbilixxu sett ta’ data li fih: |
| (a) id-data dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness li jkunu tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni kull sena, sabiex jintwera t-tnaqqis fil-konsum skont l-Artikolu 4(1); | (a) id-data dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness li jkunu tqiegħdu fis-suq tal-Unjoni kull sena, sabiex jintwera t-tnaqqis fil-konsum skont l-Artikolu 4(1); |
| | ***(aa) id-data dwar it-tqegħid fis-suq u l-ġbir separat tal-prodotti elenkati fil-Parti F tal-Anness, biex jintwera l-progress lejn il-kisba tal-mira stabbilita fl-Artikolu 9;*** |
| | ***(ab) id-data dwar il-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti G tal-Anness li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni kull sena, sabiex jiġi mmonitorjat il-konsum tagħhom fl-Unjoni;*** |
| | ***(ac) data dwar l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq u dwar l-irkaptu tas-sajd skartat miġbur u ttrattat;*** |
| (b) l-informazzjoni dwar ***il-miżuri*** meħuda mill-Istati Membri għall-finijiet tal-Artikolu 4(1). | (b) l-informazzjoni dwar ***il-pjanijiet u l-miżuri*** meħuda mill-Istati Membri għall-finijiet tal-Artikolu 4(1); |
| | ***(ba) l-ammonti ta’ żibel fil-baħar, b’mod partikolari dak li joriġina minn prodotti koperti b’din id-Direttiva sabiex jiġu mmonitorjati l-effetti tal-miżuri meħuda.*** |
| Id-data msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi aġġornata kull sena fi żmien 12-il xahar minn tmiem is-sena ta’ referenza li għaliha tinġabar. Fejn possibbli, is-servizzi ta’ data ġeografika kif iddefiniti fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2007/2/KE għandhom jintużaw biex jippreżentaw dawk is-settijiet ta’ ***dejta***. | Id-data msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi ***rrapportata għall-ewwel darba sa … [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva]. Id-data msemmija fil-punti (a) sa (ac) għandha tiġi*** aġġornata kull sena fi żmien 12-il xahar minn tmiem is-sena ta’ referenza li għaliha tinġabar. Fejn possibbli, is-servizzi ta’ data ġeografika kif iddefiniti fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2007/2/KE għandhom jintużaw biex jippreżentaw dawk is-settijiet ta’ ***data***. |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ikollhom aċċess għas-settijiet ta' data stabbiliti skont il-paragrafu 1. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ikollhom aċċess għas-settijiet ta' data stabbiliti skont il-paragrafu 1. |
| 3. B'mod regolari, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tippubblika u taġġorna ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha fuq il-bażi tad-data miġbura mill-Istati Membri. Il-ħarsa ġenerali fl-Unjoni kollha għandha tinkludi, kif xieraq, indikaturi għall-outputs, ir-riżultati u l-impatti ta' din id-Direttiva, mapep ta' analiżi għall-Unjoni kollha u rapporti tal-Istati Membri li jipprovdu ħarsa ġenerali. | 3. B'mod regolari, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tippubblika u taġġorna ħarsa ġenerali għall-Unjoni kollha fuq il-bażi tad-data miġbura mill-Istati Membri. Il-ħarsa ġenerali fl-Unjoni kollha għandha tinkludi, kif xieraq, indikaturi għall-outputs, ir-riżultati u l-impatti ta' din id-Direttiva, mapep ta' analiżi għall-Unjoni kollha u rapporti tal-Istati Membri li jipprovdu ħarsa ġenerali. |
| 4. Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format tas-sett ta' data, tal-informazzjoni u tad-data msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). | 4. Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format tas-sett ta' data, tal-informazzjoni u tad-data msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 16(2). |
| (52) Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).<br>(53) Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1). | (52) Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).<br>(53) Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1). |

**Emendi 74 u 150**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Artikolu 15 | Artikolu 15 |
| Evalwazzjoni u reviżjoni | Evalwazzjoni u reviżjoni |
| 1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva sa … [***sitt*** snin wara d-data finali ***għat-trasposizzjoni*** ta' din id-Direttiva]. Din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli skont l-Artikolu 13. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni u tat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa lill-Kummissjoni. | 1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva sa … [***ħames*** snin wara d-data finali ***għat-traspożizzjoni*** ta' din id-Direttiva]. Din l-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-informazzjoni disponibbli skont l-Artikolu 13. Għall-finijiet tal-evalwazzjoni u tat-tħejjija tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kull informazzjoni addizzjonali meħtieġa lill-Kummissjoni. |
| 2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport dwar is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni mwettqa skont il-paragrafu 1, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. | 2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport dwar is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni mwettqa skont il-paragrafu 1, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. ***Ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva, jekk xieraq. Dik il-proposta għandha, jekk ikun xieraq, tistabbilixxi miri vinkolanti ta' tnaqqis fil-konsum kwantitattiv fil-livell tal-Unjoni għall-prodotti elenkati fil-Parti A tal-Anness.*** |

**L-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Lulju 2020, programm madwar l-Unjoni kollha għat-tindif tal-iskart tal-plastik fl-oċeani u għandhom jippromwovu din l-inizjattiva fil-livell internazzjonali.*** |
| 3. Dak ir-rapport għandu ***jindika wkoll jekk***: | 3. Dak ir-rapport għandu ***jinkludi***: |
| (a) ***jeħtieġx*** jiġi rivedut l-Anness li jelenka prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss; | (a) ***valutazzjoni tal-ħtieġa li*** jiġi rivedut l-Anness li jelenka l-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss; |
| (b) ***huwiex fattibbli li jiġu stabbiliti*** miri kwantitattivi vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-konsum, b’mod partikolari, tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness; | (b) ***studju dwar il-fattibbiltà tal-istabbiliment ta’*** miri kwantitattivi vinkolanti tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-konsum, b’mod partikolari, tal-prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss elenkati fil-Parti A tal-Anness; ***f’dan ir-rigward ir-rapport għandu jivvaluta l-iffissar ta’ miri espressi f’numri assoluti filwaqt li jitqiesu l-livelli ta’ konsum u t-tnaqqis diġà miksub fl-Istati Membri;*** |
| | ***(ba) valutazzjoni tal-bidla fil-materjali użati fi, u l-innovazzjoni f’sistemi ta’ konsenja ġodda għal alternattivi li jistgħu jintużaw mill-ġdid għall-prodotti koperti minn din id-Direttiva; din għandha tinkludi analiżi ambjentali globali taċ-ċiklu tal-ħajja ta’ dawk il-materjali u l-alternattivi li jirriżultaw;*** |
| ***(c) sarx biżżejjed progress xjentifiku u tekniku, u kriterji jew standard għall-bijodegradabbiltà fl-ambjent marin applikabbli għal prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ din id-Direttiva u jekk ġewx żviluppati s-sostituti tagħhom li jintużaw darba biss, sabiex jiġi ddeterminat liema prodotti m’għadx għandhom bżonn ikunu soġġetti għar-restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq, fejn xieraq.*** | |

**Emenda 75**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***B’deroga mill-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi mal-obbligi ta’ rappurtar li jinsabu fil-punt (a) tal-Artikolu 13(1) sa … [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva].*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 76**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Madankollu, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikoli 5 u 7(1) minn …[sentejn (2) wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u mal-Artikolu 6(1) minn …[3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. | Madankollu, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mal-Artikoli 5 u 7(1) minn …[sentejn (2) wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u mal-Artikolu 6(1) minn …[3 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]***, bl-eċċezzjoni tal-miżuri meħtieġa għall-konformità mar-rekwiżit imsemmi fl-Artikolu 6(1) fir-rigward ta' kontenituri tax-xorb għax-xorb bil-gass, li l-Istati Membri għandhom japplikaw minn … [5 snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]***. |

**Emenda 77**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 17 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ***prinċipali*** tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. | 2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva. ***Il-Kummissjoni għandha tivverifika li dawn id-dispożizzjonijiet ma jimponux ostakli mhux ġustifikati għall-funzjonament tas-suq uniku.*** |

**Emendi 78 u 124/rev**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – parti A**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma koperti mill-Artikolu 4 dwar it-tnaqqis tal-konsum | Prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss li huma koperti mill-Artikolu 4 dwar it-tnaqqis tal-konsum |
| | — ***Tazez għax-xorb, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom*** |
| — Kontenituri tal-ikel, jiġifieri reċipjenti bħal kaxex, bl-għatu jew mingħajr, użati biex jitqiegħed fihom ikel li huwa maħsub għall-konsum immedjat mill-kontenitur fuq il-post jew bħala take-away mingħajr aktar preparazzjoni, bħalma huma kontenituri użati għal ikel fast food, minbarra kontenituri tax-xorb, platti u pakketti u boroż li fihom l-ikel | — Kontenituri tal-ikel, jiġifieri reċipjenti bħal kaxex, bl-għatu jew mingħajr, użati biex jitqiegħed fihom ikel li huwa maħsub għall-konsum immedjat mill-kontenitur fuq il-post jew bħala take-away mingħajr aktar preparazzjoni, bħalma huma kontenituri użati għal ikel fast food, minbarra kontenituri tax-xorb, platti u pakketti u boroż li fihom l-ikel |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-bejgħ ta' ikel f'kontenitur tad-daqs ta' porzjon għal persuna waħda, jew f'kontenitur li jkun fih pożati, huwa indikazzjoni li l-ikel inkwistjoni huwa maħsub għall-konsum immedjat mill-kontenitur tal-ikel.*** |
| | ***Il-kunċett ta' aktar preparazzjoni jinkludi attivitajiet bħat-tisħin, iż-żieda ta' ilma jagħli, il-ħasil, it-tfettit u l-qtugħ.*** |
| | ***Eżempji ta' kontenituri tal-plastik li jintużaw darba biss li huma koperti mill-partijiet A, E u G ta' dan l-Anness:*** |
| | ***— Kontenituri tal-fast-food bħal kaxex li jkun fihom l-ikel u l-kaxex li jkun fihom l-insalati b'ikel għall-konsum kiesaħ*** |
| | ***— Kontenituri tal-fast-food bħal kaxex li jkun fihom l-ikel u l-kaxex li jkun fihom l-insalati b'ikel għall-konsum sħun, ħlief fejn l-ikel jeħtieġ li jiġi msaħħan mill-konsumatur wara li jinxtara l-prodott*** |
| | ***— Kaxxi tal-burgers, kaxxi tas-sandwiches, kaxxi tar-wraps*** |
| | ***— Kontenituri tal-ikel ta' daqs ta' porzjon għal persuna waħda ta' ikel frisk jew ipproċessat li ma jeħtieġx aktar preparazzjoni, bħal frott, ħxejjex, deżerti jew ġelati, mibjugħa bil-waħda*** |
| | ***Eżempji ta' kontenituri li mhumiex kontenituri tal-plastik li jintużaw darba biss koperti mill-partijiet A, E u G ta' dan l-Anness:*** |
| | ***— Kontenituri tal-ikel, b'ikel imnixxef jew ikel mibjugħ kiesaħ li jeħtieġ aktar preparazzjoni*** |
| | ***— Kontenituri li fihom ikel fi kwantitajiet li huma daqs ta' porzjon għal iktar minn persuna waħda*** |
| | ***— Kontenituri tal-ikel ta' daqs ta' porzjon għal persuna waħda mibjugħa f'aktar minn unità waħda*** |
| ***— Tazez għax-xorb*** | |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – parti B – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — Pożati (frieket, skieken, imgħaref, chopsticks) | — Pożati (frieket, skieken, imgħaref, chopsticks) ***ħlief, sal-2023, pożati fornuti lil stabbilimenti edukattivi jew istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa taħt il-kuntratti pubbliċi ta' provvisti [1a] kif definit fil-punt 8 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/24/UE li ngħataw qabel il-31 ta' Diċembru 2018.*** <br><br> [1a] ***"kuntratti pubbliċi ta' provvisti" tfisser kuntratti pubbliċi li għandhom bħala s-suġġett tagħhom ix-xiri, il-kera jew ix-xiri bin-nifs, bi jew mingħajr fakultà ta' xiri, ta' prodotti. Kuntratt ta' provvista pubblika jista' jinkludi, b'mod inċidentali, operazzjonijiet ta' tqegħid fil-post u installazzjoni.*** |

**Emenda 80**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – parti B – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — Platti | — Platti***, ħlief, sal-2023, platti fornuti lil istituzzjonijiet edukattivi jew istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa taħt il-kuntratti pubbliċi ta' provvisti [1a] kif definit fil-punt 8 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/24/UE li ngħataw qabel il-31 ta' Diċembru 2018.*** <br><br> [1a] ***"kuntratti pubbliċi ta' provvisti" tfisser kuntratti pubbliċi li għandhom bħala s-suġġett tagħhom ix-xiri, il-kera jew ix-xiri bin-nifs, bi jew mingħajr fakultà ta' xiri, ta' prodotti. Kuntratt ta' provvista pubblika jista' jinkludi, b'mod inċidentali, operazzjonijiet ta' tqegħid fil-post u installazzjoni.*** |

**Emenda 81**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – parti B – inċiż 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — Stikek li jitwaħħlu mal-bżieżaq u li jżommuhom, ħlief il-bżieżaq għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali oħrajn li mhumiex distribwiti lill-konsumaturi, ***inklużi*** l-mekkaniżmi tat-tali stikek | — Stikek li jitwaħħlu mal-bżieżaq u li jżommuhom, ħlief il-bżieżaq għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali oħrajn li mhumiex distribwiti lill-konsumaturi, ***esklużi*** l-mekkaniżmi tat-tali stikek |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emendai 83 u 117**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – parti B – inċiż 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | — ***Prodotti magħmula minn plastik ossodegradabbli*** |

**Emenda 84**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – parti B – inċiż 6b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | — ***Kontenituri tal-ikel u tax-xorb magħmula minn polistiren espandut, użati biex jitqiegħed fihom ikel li huwa maħsub għall-konsum immedjat mill-kontenitur jew fuq il-post jew għal take-away mingħajr aktar preparazzjoni.*** |

**Emenda 85**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – parti C – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — Kontenituri tax-xorb, jiġifieri reċipjenti użati biex jinżamm fihom il-likwidu bħalma huma l-fliexken tax-xorb inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom | — Kontenituri tax-xorb, jiġifieri reċipjenti użati biex jinżamm fihom il-likwidu bħalma huma l-fliexken tax-xorb inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom***, ħlief il-kontenituri maħsubin u użati għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali fil-forma likwida kif definita fil-punt (g) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 609/2013*** |

**Emenda 125**

**Proposta għal direttiva**

**Anness – parti D – inċiż 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — ***Bżieżaq, ħlief il-bżieżaq għall-użi u għall-applikazzjonijiet industrijali jew professjonali oħrajn, li mhumiex distribwiti lill-konsumaturi*** | ***imħassar*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 86**

**Proposta għal direttiva**

**Anness – parti D – inċiż 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | — ***Prodotti tat-tabakk bil-filtri u filtri mqiegħda fis-suq għal użu flimkien mal-prodotti tat-tabakk*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – parti D – inċiż 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | — ***Pakketti u boroż magħmulin minn materjal flessibbli li jitqiegħed fihom ikel li huwa maħsub għall-konsum immedjat mill-pakkett jew mill-borża individwali mingħajr aktar preparazzjoni*** |

**Emenda 88**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – parti D – inċiż 3c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | — ***Tazez għax-xorb*** |

**Emenda 89**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – parti E – inċiż 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| — Tazez għax-xorb | — Tazez għax-xorb ***inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 90**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I – parti F – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| — Fliexken tax-xorb | — Fliexken tax-xorb***, inklużi t-tappijiet u l-għotjien tagħhom*** |

**L-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0412

## L-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntieri ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta’ Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntieri, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 (COM(2016)0882 – C8-0533/2016 – 2016/0408(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2020/C 345/41)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2016)0882),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 77(2)(b) u (d) u 79(2)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0533/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-19 ta’ Ġunju 2018 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0347/2017),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P8_TC1-COD(2016)0408

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta’ Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) fil-qasam tal-verifiki fuq il-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta’ Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, Regolament (UE) 2018/1861.)*

---

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0413

## L-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 515/2014 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE (COM(2016)0883 – C8-0530/2016 – 2016/0409(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2020/C 345/42)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2016)0883),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 82(1) it-tieni subparagrafu, punt (d), 85(1), 87(2)(a) u 88(2)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0530/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-19 ta' Ġunju 2018 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0349/2017),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P8_TC1-COD(2016)0409

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, Regolament (UE) 2018/1862.)*

---

**L-Erbgħa 24 ta’ Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0414

## L-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta’ Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jirrisjedu illegalment (COM(2016)0881 – C8-0532/2016 – 2016/0407(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2020/C 345/43)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2016)0881),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 79(2)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0532/2016),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-19 ta’ Ġunju 2018 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta’ Proċeduri tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A8-0348/2017),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni mehmuża ma’ din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P8_TC1-COD(2016)0407

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-24 ta’ Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen għar-ritorn ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi b’soġġorn illegali**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, Regolament (UE) 2018/1860.)*

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠISLATTIVA**

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (dwar l-Irlanda/Ritorn)

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistiednu lill-Kummissjoni, mingħajr preġudizzju għad-dritt tagħha ta' inizjattiva, biex ladarba l-Irlanda tipparteċipa fid-Direttiva 2008/115/KE tivvaluta s-sitwazzjoni legali skont it-Trattati u l-Protokolli rilevanti u, skont ma jkun meħtieġ, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tippermetti li l-kooperazzjoni dwar ir-ritorn bejn l-Irlanda u l-Istati Membri l-oħra tkun tista' titwettaq permezz tas-SIS.

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0415

# L-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku *

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 92/83/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (COM(2018)0334 – C8-0269/2018 – 2018/0173(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

(2020/C 345/44)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2018)0334),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0269/2018),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 78c tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A8-0307/2018),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendat;

2. Jistieden lil Kummissjoni biex tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(2a)*** ***Fis-sentenza tas-17 ta' Mejju 2018 fil-Kawża C-30/17 Kompania Piwowarska*** ([1a]) ***il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet dwar il-kalkolu tal-grad Plato***<br>______<br>([1a]) ***Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Mejju 2018 tal-Kawża C-30/17 Kompania Piwowarska, ECLI: EU:C:2018:325.*** |

**L-Erbgħa 24 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**

Direttiva 92/83/KEE

il-paragrafu 1 – tal-Artikolu 3. – subparagrafu 1 a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-ingredjenti kollha tal-birra, ***anke*** dawk li jiżdiedu wara ***l-fermentazzjoni***, għandhom jitqiesu biex jitkejlu l-gradi Plato.; | L-ingredjenti kollha tal-birra, ***bl-eċċezzjoni ta'*** dawk li jiżdiedu wara ***t-tkomplija tal-fermentazzjoni***, għandhom jitqiesu biex jitkejlu l-gradi Plato. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0418

## L-importazzjoni ta' beni kulturali ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-importazzjoni ta' beni kulturali (COM(2017)0375 – C8-0227/2017 – 2017/0158(COD)) ([1])**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2020/C 345/45)

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fid-dawl tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu ([24]) u d-Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu ([25]), jenħtieġ li regoli komuni dwar il-kummerċ mal-pajjiżi terzi ***jiġu promulgati*** sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva kontra ***t-telf*** tal-beni kulturali, il-preservazzjoni tal-patrimonju kulturali tal-umanità u l-prevenzjoni tal-finanzjament tat-terroriżmu permezz tal-bejgħ ta' patrimonju kulturali ***sakkeġġat lix-xerrejja fl-Unjoni***. | (1) Fid-dawl tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2016 dwar il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar Pjan ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu ([24]) u d-Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu ([25]), jenħtieġ li ***jiġu promulgati*** regoli komuni dwar il-kummerċ mal-pajjiżi terzi sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva kontra ***t-traffikar, it-telf jew il-qerda*** tal-beni kulturali, il-preservazzjoni tal-patrimonju kulturali tal-umanità u l-prevenzjoni tal-finanzjament tat-terroriżmu ***u l-ħasil tal-flus*** permezz tal-bejgħ – ***lil xerrejja fl-Unjoni*** – ta' patrimonju kulturali ***misruq***. |
| ([24]) COM(2016)0050 final. ([25]) Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI; ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6. | ([24]) COM(2016)0050 final. ([25]) Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI; ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6. |

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura għal negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba'subparagrafu (A8-0308/2018).

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(1a)* ***Fir-rigward tal-impenn tal-Unjoni għal proċessi ġusti u kumpens għall-vittmi, kif ukoll il-kostituzzjoni u l-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO) dwar il-protezzjoni tal-patrimonju, trid tiġi żgurata r-restituzzjoni tal-beni kummerċjalizzati, skavati jew miksuba illegalment. Fir-rigward tal-isfruttament tal-popli u t-territorji li normalment iwassal għat-traffikar u l-kummerċ illeċitu ta’ beni kulturali, partikolarment meta dan it-traffikar u l-kummerċ illeċitu joriġinaw f’kuntest ta’ kunflitt armat, jenħtieġ li dan ir-Regolament jikkunsidra l-karatteristiċi reġjonali u lokali, aktar milli l-valur fis-suq tal-produzzjoni kulturali.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-patrimonju kulturali huwa wieħed mill-elementi bażiċi ***taċ-ċivilizzazzjoni***, jarrikkixxi l-ħajja kulturali tal-popli kollha u għaldaqstant jenħtieġ li jiġi protett minn approprjazzjoni illegali u sakkeġġ. Jenħtieġ li ***skont dan*** l-Unjoni tipprojbixxi ***d-dħul*** ta' beni kulturali esportati illegalment minn pajjiżi terzi fit-territorju doganali ***tal-Unjoni***. | (2) ***Ħafna drabi, il-beni kulturali jkollhom importanza kulturali, artistika, storika u xjentifika kbira.*** Il-patrimonju kulturali huwa wieħed mill-elementi bażiċi ***taċ-ċiviltà, fost l-oħrajn għaliex hu mogħni b'valur simboliku u jirrappreżenta l-memorja kulturali tal-umanità.*** Jarrikkixxi l-ħajja kulturali tal-popli kollha u ***jgħaqqad lin-nies fl-għarfien ta' memorja kondiviża u fl-iżvilupp taċ-ċiviltà.*** Għaldaqstant jenħtieġ li jiġi protett minn approprjazzjoni illegali u sakkeġġ. ***Is-serq minn siti arkeoloġiċi kien jiġri minn dejjem, iżda issa laħaq skala industrijali. Sakemm ikun possibbli li wieħed jinvolvi ruħu fil-kummerċ ta' beni kulturali skavati illegalment li jħalli ħafna qligħ, u jagħmel profitt mingħajr l-ebda riskju notevoli, tali skavi u serq se jkomplu anke fil-ġejjieni. Il-valur ekonomiku u artistiku tal-patrimonju kulturali joħloq domanda qawwija fis-suq internazzjonali, iżda n-nuqqas ta' miżuri leġiżlattivi internazzjonali b'saħħithom jew l-infurzar ineffettiv tagħhom iwassal għat-trasferiment ta' dawn il-beni fl-ekonomija s-sewda. Is-serq minn siti arkeoloġiċi u l-kummerċ f'patrimonju kulturali skavat illegalment huwa delitt serju li joħloq tbatija sinifikanti lil dawk li jintlaqtu direttament jew indirettament. F'ħafna każijiet, il-kummerċ illeċitu ta' beni kulturali jikkontribwixxi għat-tkeċċija jew għal omoġenizzazzjoni kulturali furzata, filwaqt li s-serq u s-sakkeġġ ta' beni kulturali jwasslu, fost konsegwenzi oħra, għad-diżintegrazzjoni tal-kulturi. Għalhekk,*** jenħtieġ ***li*** l-Unjoni tipprojbixxi ***l-importazzjoni*** ta' beni kulturali esportati illegalment minn pajjiżi terzi fit-territorju doganali ***tagħha, b'enfasi partikolari fuq beni kulturali minn pajjiżi terzi milquta minn kunflitti armati, partikolarment jekk dawn il-beni jkunu ġew esportati minn organizzazzjonijiet terroristiċi jew organizzazzjonijiet kriminali oħrajn***. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(2a)* ***L-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiżi terzi mhux dejjem ikollhom il-kapaċitajiet meħtieġa biex jiġġieldu t-traffikar u l-kummerċ illeċitu ta' beni kulturali. Dawk l-awtoritajiet jistgħu wkoll ikunu soġġetti għall-korruzzjoni jew għal forom oħra ta' amministrazzjoni ħażina. Meta l-beni kulturali jitneħħew mill-kuntest tagħhom, il-popolazzjoni tiġi mċaħħda mid-drawwiet u mill-beni kulturali tagħha jew minn postijiet ta' tifkira u qima. Il-kuntest storiku u l-valur xjentifiku tal-beni jintilfu jekk il-beni assoċjati jinbiegħu separatament. Fid-dawl tal-insostitwibbiltà tal-beni kulturali u l-interess pubbliku, jenħtieġ li l-pussess ta' dawn l-oġġetti jkun possibbli f'kundizzjonijiet speċifiċi biss. Il-proċedura tal-importazzjoni trid tinkludi l-assigurazzjoni ta' ħżin xieraq, id-dokumentazzjoni, l-aċċessibilità mogħtija lill-istituzzjonijiet akkademiċi u lill-mużewijiet pubbliċi, u l-kooperazzjoni f'każ ta' talbiet ta' restituzzjoni ġustifikati.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Fid-dawl tar-regoli differenti li japplikaw fl-Istati Membri fir-rigward ***tad-dħul*** ta' beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni, jenħtieġ li jiddaħħlu miżuri biex b'mod partikolari jiżguraw li ***l-importazzjonijiet*** ta' beni kulturali jkunu soġġetti għal kontrolli uniformi hekk kif jidħlu. | (3) Fid-dawl tar-regoli differenti li japplikaw fl-Istati Membri fir-rigward ***tal-importazzjoni*** ta' beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni, jenħtieġ li jiddaħħlu miżuri biex b'mod partikolari jiżguraw li ***ċerti importazzjonijiet*** ta' beni kulturali jkunu soġġetti għal kontrolli uniformi hekk kif jidħlu ***fit-territorju doganali tal-Unjoni, abbażi tal-proċessi, il-proċeduri u l-għodod amministrattivi eżistenti mmirati lejn l-implimentazzjoni uniformi tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**[1a]**)***. <br><br> *(*[1a]*)* ***Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Jenħtieġ li r-regoli komuni jkopru ***t-trattament*** doganali ta' beni kulturali li ma joriġinawx ***mill-Unjoni li jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni, jiġifieri kemm ir-rilaxx tagħhom għaċ-ċirkolazzjoni libera, kif ukoll it-tqegħid tagħhom skont proċeduri doganali speċjali għajr it-tranżitu***. | (4) Jenħtieġ li r-regoli komuni jkopru ***l-introduzzjoni u l-importazzjoni fit-territorju*** doganali ***tal-Unjoni*** ta' beni kulturali li ma joriġinawx ***minnha***. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) ***Minħabba l-potenzjal magħruf*** ta' żoni ħielsa (u ***'l hekk*** imsejħa "portijiet ħielsa") ***għal finijiet ta' ħżin tal-beni kulturali, jenħtieġ li l-miżuri ta' kontroll li għandhom jiġu stabbiliti jkollhom*** kamp ta' applikazzjoni kemm jista' jkun wiesa' fir-rigward tal-proċeduri doganali kkonċernati. Għaldaqstant, jenħtieġ li dawn ***il-kontrolli*** ta' ***miżuri*** ma jikkonċernawx biss il-beni rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni iżda wkoll il-beni ***mqiegħda skont il-proċeduri*** doganali speċjali. Madankollu, jenħtieġ li dan il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' ma jmurx ***kontra l-prinċipju tal-libertà ta' tranżitu tal-beni, u lanqas ma jmur*** lil hinn mill-objettiv tal-prevenzjoni tal-beni kulturali esportati ***illeċitament*** milli jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni***. Minħabba f'dan, filwaqt li jiġu inklużi proċeduri speċjali tad-dwana*** li ***skonthom il-beni li jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni jistgħu jitqiegħdu, jenħtieġ li l-miżuri ta' kontroll jeskludu t-tranżitu***. | (5) ***Jenħtieġ li l-miżuri ta' kontroll li jridu jiġu stabbiliti fir-rigward*** ta' żoni ħielsa (u ***l-hekk*** imsejħa "portijiet ħielsa") ***ikollhom*** kamp ta' applikazzjoni kemm jista' jkun wiesa' f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri doganali kkonċernati***, sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni bl-isfruttament ta' żoni ħielsa, li jirrappreżentaw żoni bi sfond potenzjali għall-proliferazzjoni kontinwa tal-kummerċ ta' prodotti illegali fl-Unjoni***. Għaldaqstant, jenħtieġ li dawn ***il-miżuri*** ta' ***kontroll*** ma jikkonċernawx biss il-beni rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni iżda wkoll il-beni ***soġġetti għal proċeduri*** doganali speċjali. Madankollu, jenħtieġ li dan il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' ma jmurx lil hinn mill-objettiv tal-prevenzjoni tal-beni kulturali esportati ***b'mod illeċitu*** milli jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni***, ħlief meta l-awtoritajiet kompetenti jkollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu*** li ***l-beni kulturali jkunu ġew esportati mill-pajjiż ta' oriġini jew mill-pajjiż terz bi ksur tal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu***. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (6) Id-definizzjonijiet ***bbażati*** fuq dawk tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u Prevenzjoni tal-Importazzjoni, ***Esportazzjoni*** u ***Trasferiment Illegali*** tas-Sjieda tal-Proprjetà Kulturali ffirmata f'Pariġi fl-14 ta' Novembru 1970 u l-Konvenzjoni tal-UNIDROIT dwar is-Serq jew l-Esportazzjoni Illegali ta' Beni Kulturali ffirmata f'Ruma fl-24 ***ta'Ġunju*** 1995, li għadd sinifikanti ta' Stati Membri huma parti minnhom, ***jenħtieġ li jintużaw fir-Regolament*** meta titqies il-familjarità ***mad-dispożizzjonijiet tagħhom*** ta' ħafna pajjiżi terzi u ***ħafna Stati*** Membri. | (6) ***Jenħtieġ li fir-Regolament jintużaw*** id-definizzjonijiet ***ibbażati*** fuq dawk tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u Prevenzjoni tal-Importazzjoni, ***tal-Esportazzjoni*** u ***tat-Trasferiment Illeċitu*** tas-Sjieda tal-Proprjetà Kulturali ffirmata f'Pariġi fl-14 ta' Novembru 1970 ***("il-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970")*** u l-Konvenzjoni tal-UNIDROIT dwar is-Serq jew l-Esportazzjoni Illegali ta' Beni Kulturali ffirmata f'Ruma fl-24 ***ta' Ġunju*** 1995, li għadd sinifikanti ta' Stati Membri huma parti minnhom, meta titqies il-familjarità ta' ħafna pajjiżi terzi – u ***tal-biċċa l-kbira tal-Istati*** Membri – ***mad-dispożizzjonijiet tagħhom***. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (7) Jenħtieġ li l-legalità tal-esportazzjoni tiġi eżaminata skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-pajjiż fejn ***ikunu nstabu jew inħolqu l-beni*** kulturali ("pajjiż ta' oriġini"). Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni, meta beni kulturali jidħlu fl-Unjoni minn pajjiż terz differenti, jenħtieġ li l-persuna li qed tfittex li ddaħħalhom fit-territorju doganali tal-Unjoni turi li ġew esportati ***minn hemm legalment, meta l-pajjiż terz inkwistjoni huwa Stat Firmatarju tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 u għalhekk pajjiż impenjat fil-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu tal-beni kulturali. F'każijiet oħra, jenħtieġ li l-persuna tipprova li l-esportazzjoni*** mill-pajjiż ta' oriġini ***kienet skont il-liġi***. | (7) Jenħtieġ li l-legalità tal-esportazzjoni tiġi eżaminata skont il-liġijiet u r-regolamenti tal-pajjiż fejn ***il-beni*** kulturali ***jkunu nħolqu, instabu, inqalgħu, ġew skavati jew insterqu minn fuq l-art jew minn taħt l-ilma, jew il-pajjiż li tant ikollu rabta mill-qrib ma' dawn il-beni kulturali li jipproteġihom bħala proprjetà kulturali nazzjonali u jirregola l-esportazzjoni tagħhom mit-territorju tiegħu meta jinħarġu legalment mill-pajjiż fejn ikunu nħolqu jew instabu*** (pajjiż ta' oriġini). Sabiex tiġi evitata ċ-ċirkomvenzjoni, meta beni kulturali jidħlu fl-Unjoni minn pajjiż terz differenti, jenħtieġ li l-persuna li ***tkun*** qed tfittex li ddaħħalhom fit-territorju doganali tal-Unjoni turi li ġew esportati ***legalment*** mill-pajjiż ta' oriġini. ***F'każijiet eċċezzjonali, jiġifieri meta l-pajjiż ta' oriġini tal-beni kulturali ma jkunx jista' jiġi stabbilit b'ċertezza – u dik iċ-ċirkustanza titqies dokumentata tajjeb u sostnuta minn evidenza mill-awtorità kompetenti – jew jekk il-beni kulturali jkunu ġew esportati mill-pajjiż ta' oriġini qabel l-1970 u jkunu nżammu f'pajjiż terz għal finijiet differenti mill-użu temporanju, it-tranżitu, l-esportazzjoni jew id-dispaċċ qabel ma jkunu ddaħħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni – iżda d-detentur ma jkunx jista' jipprovdi d-dokumenti meħtieġa peress li meta l-beni kulturali jkunu ġew esportati mill-pajjiż ta' oriġini ma kinux jintużaw dokumenti bħal dawn – l-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn informazzjoni u dokumenti ġustifikattivi xierqa li jissostanzjaw li l-beni kulturali kkonċernati jkunu ġew esportati mill-pajjiż terz skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu jew li jagħtu prova tan-nuqqas ta' tali liġijiet u regolamenti.*** |

**Emendi 10 u 11**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(7a)* ***L-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 jiddisponi t-twaqqif ta’ servizz nazzjonali wieħed jew aktar sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-beni kulturali tal-Istati Membri li huma Partijiet f’dik il-Konvenzjoni kontra l-importazzjoni, l-esportazzjoni u t-trasferiment illegali. F’konformita’ ma’ dik il-Konvenzjoni, tali servizzi nazzjonali jenħtieġ li jkunu mgħammra b’għadd suffiċjenti ta’ persunal ikkwalifikat sabiex jiżguraw dik il-protezzjoni u sabiex jippermettu li sseħħ il-kollaborazzjoni attiva meħtieġa bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li huma Partijiet f’dik il-Konvenzjoni fil-qasam tas-sigurtà u l-ġlieda kontra l-importazzjoni illegali ta’ beni kulturali, speċjalment f’żoni ta’ kriżi. Jenħtieġ li l-Istati Membri li huma diġa’ Partijiet f’dik il-Konvenzjoni jonoraw l-impenji previsti fiha u li dawk l-Istati Membri li għadhom ma għamlux hekk, jirratifikawha b’urġenza.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Sabiex ma jiġix imfixkel ħafna l-kummerċ ta’ beni minn naħa għal oħra ***tal-fruntiera esterna***, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika biss għal beni li jiksbu ċertu limitu ta’ żmien. Għal dak l-għan, jidher xieraq li jiġi stabbilit limitu ta’ żmien minimu ta’ ***250 sena għall-kategoriji kollha tal-beni*** kulturali. ***Dak*** il-limitu ta’ żmien minimu ***se*** jiżgura li l-miżuri previsti f’dan ir-Regolament jiffokaw fuq il-beni kulturali l-aktar suxxettibli li jkunu fil-mira ta’ ħallelin fiż-żoni ta’ kunflitt, mingħajr ma jiġu esklużi beni oħra li hu meħtieġ li jsirilhom kontroll sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-patrimonju kulturali. | (8) Sabiex ma jiġix imfixkel ħafna l-kummerċ ta’ beni minn naħa għal oħra ***tal-fruntieri esterni tal-Unjoni***, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika biss għal beni li jiksbu ċertu limitu ta’ żmien ***u ta’ valur***. Għal dak l-għan, jidher xieraq li jiġi stabbilit limitu ta’ żmien minimu ***għall-maġġoranza tal-kategoriji*** ta’ ***beni kulturali, f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 116/2009 u mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970 u tal-Konvenzjoni tal-UNIDROIT tal-1995, u limitu finanzjarju għal ċerti kategoriji ta’ beni*** kulturali ***kif stipulat fl-Anness I. Jenħtieġ li ċerti kategoriji ta’ beni kulturali ma jkunux soġġetti għal limitu finanzjarju peress li dawn jirrikjedu protezzjoni aktar b’saħħitha minħabba riskju akbar ta’ serq, telf jew qerda.*** Il-limitu ta’ żmien minimu jiżgura li l-miżuri previsti f’dan ir-Regolament jiffokaw fuq il-beni kulturali l-aktar suxxettibli li jkunu fil-mira ta’ ħallelin fiż-żoni ta’ kunflitt, mingħajr ma jiġu esklużi beni oħra li hu meħtieġ li jsirilhom kontroll sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-patrimonju kulturali. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Peress li ***uħud*** mill-kategoriji tal-beni kulturali, prinċipalment oġġetti arkeoloġiċi, elementi minn monumenti***, manuskritti rari u inkunabula*** huma partikolarment vulnerabbli għas-sakkeġġ u l-qerda, jidher li huwa neċessarju li tiġi prevista sistema għal żieda fl-iskrutinju qabel ma jkunu jistgħu jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni. Jenħtieġ li tali sistema tirrikjedi l-preżentazzjoni ta' liċenzja maħruġa mill-awtorità kompetenti ***tal-Istat*** Membru ***tad-dħul qabel ma jingħata r-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera ta' dawk*** il-beni ***jew it-tqegħid tagħhom skont il-proċedura*** doganali ***speċjali għajr it-tranżitu***. Persuni li jfittxu li jiksbu tali liċenzja, jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovaw l-esportazzjoni ***legali minn pajjiż*** ta' oriġini permezz ta' dokumenti ***ta' prova*** u evidenza xierqa***, b'mod partikolari***, ċertifikati jew liċenzji ***ta' esportazzjoni*** maħruġa mill-pajjiż ***terz tal-esportazzjoni***, jeddijiet ta' sjieda, fatturi, kuntratti ta' bejgħ, dokumenti ***ta' assigurazzjoni***, dokumenti ***ta' trasport*** u ***valutazzjonijiet ta' esperti***. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu jekk għandhiex tinħareġ liċenzja bla dewmien żejjed, abbażi ***tal-applikazzjonijiet*** kompluti u preċiżi. | (10) Peress li ***wħud*** mill-kategoriji tal-beni kulturali – prinċipalment oġġetti arkeoloġiċi ***u*** elementi minn monumenti – huma partikolarment vulnerabbli għas-sakkeġġ u l-qerda, jidher li huwa neċessarju li tiġi prevista sistema għal żieda fl-iskrutinju qabel ma jkunu jistgħu jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni. Jenħtieġ li tali sistema tirrikjedi l-preżentazzjoni ta' liċenzja maħruġa mill-awtorità kompetenti ***tal-ewwel Stat*** Membru ***li fih tkun prevista l-importazzjoni qabel ma dawn*** il-beni ***jiġu impurtati fit-territorju*** doganali ***tal-Unjoni***. Persuni li jfittxu li jiksbu tali liċenzja, jenħtieġ li jkunu jistgħu jipprovaw ***li l-beni kulturali jkunu ġew esportati mill-pajjiż ta' oriġini jew – f'każijiet eċċezzjonali – mill-pajjiż terż, skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu jew jagħtu prova tan-nuqqas ta' tali liġijiet u regolamenti. Filwaqt li jitqiesu debitament ir-riskju u l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' diliġenza dovuta***, l-esportazzjoni ***leċita mill-pajjiż*** ta' oriġini ***jew – f'każijiet eċċezzjonali – mill-pajjiż*** ***terz***, ***għandha tiġi pprovata*** permezz ta' dokumenti ***ġustifikattivi*** u evidenza xierqa (ċertifikati jew liċenzji ***tal-esportazzjoni*** maħruġa mill-pajjiż ***ta' oriġini, dokument standardizzat ibbażat fuq l-istandard tal-Object ID, li jirrappreżenta l-istandard internazzjonali biex jiġu deskritti l-beni kulturali***, jeddijiet ta' sjieda, fatturi, kuntratti ta' bejgħ, dokumenti ***tal-assigurazzjoni***, dokumenti ***tat-trasport), li jissostanzjaw li l-beni kulturali kkonċernati jkunu ġew esportati mill-pajjiż ta' oriġini skont il-liġijiet*** u ***r-regolamenti tiegħu. Meta ma jkunx hemm dokumenti ġustifikattivi disponibbli, jenħtieġ li – jekk l-awtorità kompetenti tħoss il-bżonn – l-applikazzjoni tinkludi valutazzjoni ta' espert***. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu jekk għandhiex tinħareġ liċenzja bla dewmien żejjed, abbażi ***ta' applikazzjonijiet*** kompluti u preċiżi***, u fiż-żmien speċifikat***. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Fid-dawl tan-natura speċifika tal-oġġetti, ir-rwol tal-esperti kulturali fl-awtoritajiet doganali huwa estremament rilevanti peress li dawn jenħtieġ li jkunu jistgħu, fejn ikun hemm bżonn, jirrikjedu informazzjoni addizzjonali mingħand id-dikjarant u janalizzaw il-beni kulturali billi jeżaminawhom fiżikament.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Għal kategoriji oħra ta' beni kulturali, jenħtieġ li permezz ta' dikjarazzjoni, il-persuni li jfittxu li jdaħħluhom fit-territorju doganali tal-Unjoni jiċċertifikaw u jieħdu ***r-responsabbilità*** għall-esportazzjoni tagħhom ***skont il-liġi minn pajjiż*** terz, u jenħtieġ li jipprovdu biżżejjed informazzjoni sabiex dawk il-beni jiġu identifikati mid-dwana. L-informazzjoni dwar il-beni kulturali jenħtieġ li tingħata permezz ta' dokument standardizzat sabiex tiġi ffaċilitata l-proċedura, kif ukoll għal raġunijiet ta' ċertezza legali. ***Id-dokument standard ta' identifikazzjoni tal-oġġett*** rakkomandat mill-UNESCO, jenħtieġ li ***jintuża biex jiddeskrivi*** l-beni kulturali. Jenħtieġ li ***d-dwana tirreġistra d-dħul*** ta' dawk il-beni kulturali***, iżomm l-oriġinali*** u ***tagħti*** kopja tad-dokumenti rilevanti ***lid-dikjarant,*** sabiex tiġi żgurata ***t-traċċabbilità*** wara li l-beni jidħlu fis-suq intern. | (11) Għal kategoriji oħra ta' beni kulturali, jenħtieġ li permezz ta' dikjarazzjoni ***elettronika***, il-persuni li jfittxu li jdaħħluhom fit-territorju doganali tal-Unjoni jiċċertifikaw u jieħdu ***r-responsabbiltà*** għall-esportazzjoni ***legali*** tagħhom ***mill-pajjiż ta' oriġini jew – f'każijiet eċċezzjonali – mill-pajjiż*** terz, u jenħtieġ li jipprovdu biżżejjed informazzjoni sabiex dawk il-beni jiġu identifikati mid-dwana. L-informazzjoni dwar il-beni kulturali jenħtieġ li tingħata permezz ta' dokument standardizzat ***elettroniku*** sabiex tiġi ffaċilitata l-proċedura, kif ukoll għal raġunijiet ta' ċertezza legali. ***Biex jiġu deskritti l-beni kulturali jenħtieġ li jintuża dokument standardizzat ibbażat fuq l-istandard tal-Object ID*** rakkomandat mill-UNESCO. Jenħtieġ li ***d-dikjarazzjoni elettronika tinkludi wkoll iċ-ċertifikati jew il-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġa mill-pajjiż ta' oriġini jew – f'każijiet eċċezzjonali – mill-pajjiż terz, li jagħtu prova li*** l-beni kulturali ***kkonċernati jkunu ġew esportati minn dak il-pajjiż skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu jew li jagħtu prova tan-nuqqas ta' tali liġijiet u regolamenti. Jekk il-leġiżlazzjoni tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-pajjiż terz ma tipprevedix il-ħruġ ta' liċenzji jew ċertifikati tal-esportazzjoni, jenħtieġ li d-dikjarazzjoni tal-importatur tinkludi kwalunkwe dokument ġustifikattiv u evidenza oħra xierqa, inklużi jeddijiet ta' sjieda, fatturi, kuntratti ta' bejgħ, dokumenti tal-assigurazzjoni u dokumenti tat-trasport. Jenħtieġ li*** dawk il-beni kulturali ***jiġu reġistrati elettronikament*** u ***li d-dikjarant jingħata*** kopja tad-dokumenti rilevanti sabiex tiġi żgurata ***t-traċċabbiltà*** wara li l-beni jidħlu fis-suq intern. ***Jenħtieġ li l-informazzjoni mogħtija lill-awtoritajiet doganali fl-għamla ta' dikjarazzjoni elettronika tippermettilhom jieħdu azzjoni ulterjuri jekk, abbażi ta' analiżi tar-riskju, jemmnu li dawk il-beni jistgħu jkunu s-suġġett ta' importazzjoni illeċita.*** |

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) ***Id-dħul*** temporanju ta’ beni kulturali għal finijiet ta’ riċerka ***edukattiva***, ***xjentifika*** jew ***akkademika***, ***jenħtieġ li*** ma ***jkunux soġġetti*** għall-preżentazzjoni ta’ liċenzja jew dikjarazzjoni. | (12) ***Jenħtieġ li*** d-dħul temporanju ta’ beni kulturali għal finijiet ***edukattivi, xjentifiċi jew*** ta’ ***spettaklu, konservazzjoni, restawr, diġitalizzazzjoni u*** riċerka ***akkademika***, ***kif ukoll għall-fini ta’ kooperazzjoni bejn mużewijiet*** jew ***istituzzjonijiet mingħajr skop ta’ qligħ oħra biex jittellgħu wirjiet kulturali***, ma ***jkunx soġġett*** għall-preżentazzjoni ta’ liċenzja ***tal-importazzjoni*** jew dikjarazzjoni ***tal-importatur. Jenħtieġ li l-beni kulturali li jkunu se jiġu ppreżentati waqt fieri kummerċjali u wirjiet tal-arti internazzjonali ma jkunux soġġetti għall-preżentazzjoni ta’ liċenzja tal-importazzjoni jew dikjarazzjoni tal-importatur. Madankollu, jekk il-beni kulturali jiġu akkwistati u jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni, jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-preżentazzjoni ta’ liċenzja tal-importazzjoni jew dikjarazzjoni tal-importatur, skont il-kategorija tal-beni kulturali.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Il-ħżin ta’ beni kulturali minn pajjiżi milquta minn kunflitt armat jew li għaddejjin minn diżastru naturali, jenħtieġ li ***jiġu*** wkoll ***permessi*** mingħajr il-preżentazzjoni ta’ liċenzja jew ***ta’*** dikjarazzjoni sabiex tiġi żgurata s-sikurezza u l-preservazzjoni tagħhom. | (13) Il-ħżin ta’ beni kulturali minn pajjiżi milquta minn kunflitt armat jew li ***jkunu*** għaddejjin minn diżastru naturali, ***bil-ħsieb*** li ***dawn il-beni*** jiġu ***ritornati lejn il-pajjiż ta’ oriġini tagħhom jew il-pajjiż terz li jkunu ġew esportati minnu legalment meta s-sitwazzjoni tkun tippermetti,*** jenħtieġ li wkoll ***jiġi permess*** mingħajr il-preżentazzjoni ta’ liċenzja jew dikjarazzjoni ***tal-importatur*** sabiex tiġi żgurata s-sikurezza u l-preservazzjoni tagħhom. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | Emenda |
|---|---|
| (14) Jenħtieġ li s-setgħa ***biex jiġu adottati l-atti*** skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***tiġi delegata*** lill-Kummissjoni fir-rigward tal-modifiki ***tal-kriterju*** tal-limitu ta' żmien minimu ***għal kategoriji*** differenti ta' beni kulturali, sabiex ***titqies*** l-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ***u tal-ġeopolitika li qed tinbidel*** u ***ta'*** ċirkustanzi oħra li jqiegħdu f'riskju lill-beni kulturali. Jenħtieġ li dik ***id-delegazzjoni*** tippermetti wkoll lill-Kummissjoni ***biex*** taġġorna l-Anness wara l-emendi tan-Nomenklatura Magħquda. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ***tat-13 ta' April 2016*** ([27]). B'mod partikolari, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li ***jirċievuhom*** l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati, biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati. | (14) Jenħtieġ li s-setgħa ***ta' adozzjoni ta' atti*** skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***tingħata*** lill-Kummissjoni fir-rigward tal-modifiki ***tal-kriterji finanzjarji u*** tal-limitu ta' żmien minimu ***għall-kategoriji*** differenti ta' beni kulturali sabiex ***jitqiesu*** l-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament***, it-tibdil fil-ġeopolitika*** u ċirkustanzi oħra li jqiegħdu f'riskju lill-beni kulturali***, mingħajr ma jiġi mfixkel ħafna l-kummerċ ma' pajjiżi terzi***. Jenħtieġ li dik ***id-delega*** tippermetti wkoll lill-Kummissjoni taġġorna l-Anness ***I*** wara l-emendi tan-Nomenklatura Magħquda ***u tistabbilixxi t-tieni Anness (l-Anness II) b'lista ta' pajjiżi u kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda bbażati fuq il-Listi Ħomor ta' Beni Kulturali f'Riskju mfassla u modifikati mill-Kunsill Internazzjonali tal-Mużewijiet (ICOM)***. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali ***tat-13 ta' April 2016*** dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([27]). B'mod partikolari, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li ***jirċevuhom*** l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati, biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati. |

([27]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

([27]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 15**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (15) ***Jenħtieġ li s-setgħat*** ta’ ***implimentazzjoni jiġu konferiti lill-Kummissjoni biex*** tadotta l-modalitajiet speċifiċi għad-dħul u l-ħżin temporanju tal-beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni, ***il-mudelli*** għall-applikazzjonijiet u l-formoli għal-liċenzja tal-importazzjoni, għad-dikjarazzjonijiet tal-importatur u d-dokumenti mehmuża magħhom, kif ukoll għar-regoli proċedurali ulterjuri dwar il-preżentazzjoni u ***l-iproċessar tagħhom, sabiex jiġu żgurati l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament***. ***Is-setgħat*** ta’ implimentazzjoni ***jenħtieġ li jiġu konferiti lill-Kummissjoni*** biex tagħmel l-arranġamenti għall-istabbiliment ta’ bażi ***tad-dejta*** elettronika għall-ħżin u l-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-Istati Membri. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]).<br><br>([28]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13). | (15) ***Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni*** ta’ ***dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li*** tadotta l-modalitajiet speċifiċi għad-dħul u l-ħżin temporanju tal-beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni, ***li jenħtieġ li jsir waqt li jiġu garantiti kundizzjonijiet xierqa ta’ konservazzjoni, u filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta lin-natura partikolari tal-beni kulturali. Jenħtieġ li dawk l-arranġamenti japplikaw ukoll għall-mudelli standardizzati*** għall-applikazzjonijiet u l-formoli ***elettroniċi*** għal-liċenzja tal-importazzjoni ***u għal lista tar-raġunijiet li għalihom tista’ tiġi rifjutata applikazzjoni***, ***kif ukoll*** għad-dikjarazzjonijiet tal-importatur u d-dokumenti mehmuża magħhom, kif ukoll għar-regoli proċedurali ulterjuri dwar il-preżentazzjoni u ***l-ipproċessar elettroniku tagħhom***. ***Jenħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tingħata setgħat*** ta’ implimentazzjoni biex tagħmel l-arranġamenti għall-istabbiliment ta’ bażi ***tad-data*** elettronika għall-ħżin u l-iskambju ta’ informazzjoni bejn l-Istati Membri ***fil-qafas tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Dan jista’ jkun jifforma parti mill-programm ta’ ħidma stabbilit skont l-Artikolu 280 ta’ dak ir-Regolament***. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]).<br><br>([28]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta’ kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13). |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 15a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(15a) Għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet applikabbli fir-rigward tal-proċeduri ta’ kontroll u verifika doganali huma dawk tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Jenħtieġ li ***tinġabar*** l-informazzjoni rilevanti dwar il-flussi kummerċjali tal-beni kulturali sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tar-Regolament u biex tiġi pprovduta l-bażi għall-valutazzjoni futura tagħha. Ma jistax isir monitoraġġ tal-flussi kummerċjali tal-beni kulturali bil-valur jew il-piż tagħhom biss minħabba li dawn iż-żewġ ***kejliet*** jistgħu jitilgħu u jinżlu. Huwa essenzjali li ***tinġabar*** l-informazzjoni dwar in-numru ta’ oġġetti ddikjarati. Minħabba li fin-Nomenklatura Magħquda ma hemm speċifikata l-ebda unità ta’ kejl supplimentari għall-beni kulturali, huwa neċessarju li jintalab li jiġi ddikjarat in-numru ta’ oġġetti. | (16) Jenħtieġ li l-informazzjoni rilevanti dwar il-flussi kummerċjali tal-beni kulturali ***tinġabar u tinqasam elettronikament bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni*** sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tar-Regolament u biex tiġi pprovduta l-bażi għall-valutazzjoni futura tagħha. ***Fl-interess tat-trasparenza u tal-iskrutinju pubbliku, jenħtieġ li jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-akbar ammont possibbli ta’ informazzjoni.*** Ma jistax isir monitoraġġ tal-flussi kummerċjali tal-beni kulturali bil-valur jew il-piż tagħhom biss minħabba li dawn iż-żewġ ***parametri*** jistgħu jitilgħu u jinżlu. Huwa essenzjali li l-informazzjoni dwar in-numru ta’ oġġetti ddikjarati ***tinġabar elettronikament***. Minħabba li fin-Nomenklatura Magħquda ma hemm speċifikata l-ebda unità ta’ kejl supplimentari għall-beni kulturali, huwa neċessarju li jintalab li jiġi ddikjarat in-numru ta’ oġġetti. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) L-Istrateġija u l-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju doganali [29] għandha l-għan li ***-inter alia-ssaħħah il-kapaċitajiet*** tal-awtoritajiet doganali sabiex jiżdied ir-rispons għal riskji fiż-żona tal-beni kulturali. Il-qafas komuni għall-ġestjoni tar-riskju stipulat fir-Regolament (UE) Nru 952/2013, jenħtieġ li jintuża u l-informazzjoni tar-riskju rilevanti tiġi skambjata bejn l-awtoritajiet doganali. | (17) L-Istrateġija u l-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju doganali [29] għandha l-għan li – ***inter alia*** – ***issaħħah it-taħriġ u l-kapaċitajiet*** tal-awtoritajiet doganali sabiex jiżdied ir-rispons għal riskji fiż-żona tal-beni kulturali. Il-qafas komuni għall-ġestjoni tar-riskju stipulat fir-Regolament (UE) Nru 952/2013, jenħtieġ li jintuża u l-informazzjoni tar-riskju rilevanti tiġi skambjata bejn l-awtoritajiet doganali. |

(29) COM(2014)0527 final: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Istrateġija u l-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju doganali.

(29) COM(2014)0527 final: Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-Istrateġija u l-Pjan ta’ Azzjoni tal-UE għall-ġestjoni tar-riskju doganali.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 17a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a)*** ***Teżisti l-ħtieġa li jinħolqu kampanji ta' sensibilizzazzjoni mmirati lejn ix-xerrejja ta' beni kulturali f'dak li għandu x'jaqsam mar-riskju ta' beni illeċiti u li jassistu lill-atturi tas-suq biex jifhmu u japplikaw dan ir-Regolament. Fit-tixrid ta' din l-informazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jinvolvu lill-punti ta' kuntatt nazzjonali rilevanti u lil servizzi ta' informazzjoni oħra.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 17b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17b)*** ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-intrapriżi mikro, żgħar u medji ("MSMEs") jibbenefikaw minn assistenza teknika adegwata u tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni magħhom sabiex dan ir-Regolament jiġi implimentat b'mod effiċjenti. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-MSMEs stabbiliti fl-Unjoni u li jimpurtaw beni kulturali jibbenefikaw mill-programm COSME stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1a]).*** |
| | ***([1a])*** ***Ir-Regolament (UE) Nru 1287/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm għall-Kompetittività tal-Intrapriżi u l-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (COSME) (2014-2020) u jħassar id-Deċiżjoni Nru 1639/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 33).*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Jenħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jikkomunikaw dawk il-penali lill-Kummissjoni. | (18) Jenħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jikkomunikaw dawk il-penali lill-Kummissjoni. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta japplikaw dawk il-penali. Ix-xewqa hi li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi u approċċ koerenti u għalhekk huwa xieraq li l-penali f'kull Stat Membru jkunu simili fin-natura u l-effett.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

## Emenda 26

**Proposta għal regolament**

**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (19) Jenħtieġ li ***jingħata biżżejjed żmien lill-Kummissjoni biex*** tadotta ***r-regoli*** li jimplimentaw dan ir-Regolament, b'mod partikolari ***dawk*** dwar il-formoli xierqa li jintużaw għall-applikazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni jew biex tiġi ppreparata dikjarazzjoni tal-importatur. ***Minħabba f'dan, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita.*** | (19) Jenħtieġ li***, bla dewmien, il-Kummissjoni*** tadotta ***regoli*** li jimplimentaw dan ir-Regolament, b'mod partikolari dwar il-formoli ***elettroniċi standardizzati*** xierqa li ***jridu*** jintużaw għall-applikazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni jew biex tiġi ppreparata dikjarazzjoni tal-importatur. |

## Emenda 27

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri ***għad-dħul*** ta' beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni. | Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri ***għall-introduzzjoni u l-importazzjoni*** ta' beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni. |

## Emenda 28

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Dan ir-Regolament ***ma japplikax*** għal beni kulturali li jkunu fi tranżitu fit-territorju doganali tal-Unjoni. | Dan ir-Regolament ***japplika*** għal beni kulturali li jkunu fi tranżitu fit-territorju doganali tal-Unjoni ***meta l-awtoritajiet doganali jkollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li l-beni kulturali jkunu ġew esportati mill-pajjiż ta' oriġini jew mill-pajjiż terz bi ksur tal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu***. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) "beni kulturali" tfisser kwalunkwe oġġett ***li huwa*** ta' importanza arkeoloġika, storika, letterarja, artistika jew xjentifika***, u*** li huwa parti mill-kategoriji elenkati ***fit-tabella fl-Anness,*** u jaqa' ***fil-limitu*** ta' żmien minimu ***speċifikat fih***; | (a) "beni kulturali" tfisser kwalunkwe oġġett ta' importanza arkeoloġika, storika, letterarja, artistika jew xjentifika li huwa parti mill-kategoriji elenkati ***fl-Annessi*** u jaqa' ***fil-limiti speċifikati fihom mil-lat finanzjarju u*** ta' żmien minimu; |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) "importazzjoni ta' beni kulturali" tfisser:*** <br> ***(i) ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa kif imsemmi fl-Artikolu 201 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013; jew*** <br> ***(ii) it-tqegħid tal-merkanzija f'waħda minn dawn il-kategoriji ta' proċeduri speċjali msemmija fl-Artikolu 210 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013:*** <br> ***a. ħżin, li jinkludi l-ħżin doganali u ż-żoni ħielsa,*** <br> ***b. użu speċifiku, li jinkludi d-dħul temporanju u l-użu aħħari,*** <br> ***c. proċessar attiv;*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) "pajjiż ta' oriġini" tfisser ***pajjiż*** fit-territorju attwali fejn il-beni kulturali nħolqu jew instabu; | (b) "pajjiż ta' oriġini" tfisser ***il-pajjiż*** fit-territorju attwali fejn il-beni kulturali ***jkunu nħolqu, instabu, inqalgħu, ġew skavati jew insterqu minn fuq l-art jew minn taħt l-ilma, jew li tant ikollu rabta mill-qrib ma' dawn il-beni kulturali li jipproteġihom bħala proprjetà kulturali nazzjonali u jirregola l-esportazzjoni tagħhom mit-territorju tiegħu meta jinħarġu legalment mill-pajjiż fejn ikunu*** nħolqu jew instabu; |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) "pajjiż ***esportatur***" tfisser l-aħħar pajjiż ***fejn il-beni*** kulturali ***inżammu b'mod permanenti skont il-liġijiet u r-regolamenti ta' dak il-pajjiż*** qabel ***ma ntbagħtu lejn l-Unjoni***; | (c) "pajjiż ***terz***" tfisser l-aħħar pajjiż – ***mhux il-pajjiż ta' oriġini*** – ***li l-beni*** kulturali ***kienu miżmuma fih*** qabel ***iddaħħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni***; |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) "b'mod permanenti" tfisser għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas xahar u għal finijiet għajr l-użu temporanju, it-tranżitu, l-esportazzjoni jew id-dispaċċ;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) "Object ID" tfisser l-istandard internazzjonali adottat mill-UNESCO biex jiġu deskritti l-beni kulturali u biex jinġabar sett wieħed ta' data dwar il-beni kulturali;*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt hb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(hb) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri biex joħorġu l-liċenzji tal-importazzjoni u jirreġistraw id-dikjarazzjonijiet tal-importaturi.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 12 sabiex temenda t-tieni kolonna tat-tabella fl-Anness wara l-emendi fin-Nomenklatura Magħquda u ***biex*** temenda l-limitu ta' żmien minimu ***fit-tielet kolonna tat-tabella*** fl-Anness ***wara l-esperjenza*** miksuba ***waqt l-implimentazzjoni*** ta' dan ir-Regolament. | 2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 12 sabiex temenda t-tieni kolonna tat-tabella fl-Anness ***I*** wara l-emendi fin-Nomenklatura Magħquda u temenda ***l-limiti*** ta' żmien ***u ta' valur*** minimu fl-Anness ***fid-dawl tal-esperjenza*** miksuba ***fl-implimentazzjoni*** ta' dan ir-Regolament ***u tar-Regolament (KE) Nru 116/2009***. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 12 sabiex temenda l-Anness II li jelenka l-kategoriji ta' pajjiżi u kategoriji ta' oġġetti li fir-rigward tagħhom jeżisti riskju partikolari ta' traffiku illeċitu, abbażi tal-Bażi tad-Data ta' Listi Ħomor ta' beni kulturali f'riskju ppubblikata mill-Kunsill Internazzjonali tal-Mużewijiet (ICOM). Il-Kummissjoni għandha tara li l-Anness II jiġi aġġornat regolarment.*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Id-dħul*** ta' beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni | ***Introduzzjoni u importazzjoni*** ta' beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Ir-rilaxx tal-beni*** kulturali ***għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa u t-tqegħid*** ta' beni kulturali ***skont il-proċedura speċjali għajr it-tranżitu għandhom ikunu permessi*** biss wara l-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 4 jew ta' dikjarazzjoni tal-importatur magħmula skont l-Artikolu 5. | 1. ***Hija pprojbita l-introduzzjoni ta' beni*** kulturali ***li jkunu ttieħdu mit-territorju ta' pajjiż ta' oriġini bi ksur tad-dritt internazzjonali u l-liġijiet u r-regolamenti tal-pajjiż ta' oriġini jew il-pajjiż terz.*** |

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-importazzjoni*** ta' beni kulturali ***fit-territorju doganali tal-Unjoni għandha tkun awtorizzata*** biss wara l-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni maħruġa skont l-Artikolu 4 jew ta' dikjarazzjoni tal-importatur magħmula skont l-Artikolu 5. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-importazzjoni ta' beni kulturali ma għandhiex tiġi interpretata bħala evidenza ta' provenjenza jew sjieda legali.*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) dħul temporanju ta' beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni għal finijiet ta' ***riċerka edukattivi***, ***xjentifiċi*** u ***akkademiċi***, ***skont it-tifsira fi ħdan l-Artikolu 250 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013***; | (a) dħul temporanju ta' beni kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni***, fis-sens tal-Artikolu 250 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013,*** għal finijiet ***edukattivi, xjentifiċi jew*** ta' ***spettaklu, konservazzjoni, restawr***, ***diġitalizzazzjoni*** u ***riċerka akkademika***, ***kif ukoll għall-fini ta' kooperazzjoni bejn mużewijiet jew istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ oħra biex jittellgħu wirjiet kulturali***; |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) il-beni kulturali li jkunu se jiġu ppreżentati waqt fieri kummerċjali u wirjiet tal-arti internazzjonali; sakemm ma jiġux akkwistati u jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni;*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-ħżin ta' beni kulturali ***għall-iskop preċiż*** li tiġi żgurata ***l-preservazzjoni*** tagħhom minn awtorità pubblika jew taħt is-superviżjoni tagħha, ***skont it-tifsira fi ħdan l-Artikolu*** 237 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. | (b) il-ħżin ta' beni kulturali ***bl-għan*** li tiġi żgurata ***s-sigurtà jew il-preservazzjoni*** tagħhom minn awtorità pubblika jew taħt is-superviżjoni tagħha, ***fis-sens tal-Artikolu*** 237 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013***, bil-ħsieb li – meta s-sitwazzjoni tkun tippermetti – dawn il-beni jiġu ritornati lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom jew il-pajjiż terz li jkunu ġew esportati lejh legalment;*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) beni kulturali ritornati, fis-sens tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/60/UE.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta l-modalitajiet speċifiċi għad-dħul temporanju jew il-ħżin ta' beni kulturali msemmija ***fl-Artikolu*** 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13. | 3. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni tista' tadotta l-modalitajiet speċifiċi għad-dħul temporanju jew il-ħżin ta' beni kulturali ***u beni kulturali ritornati għall-fini tal-protezzjoni*** msemmija ***fil-paragrafu*** 2. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13. |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa u t-tqegħid skont proċedura speċjali għajr it-tranżitu ta' beni*** kulturali ***fl-Unjoni,*** msemmija fil-punti ***(c), (d) u (h)*** tal-Anness, ***għandhom ikunu soġġetti*** għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni lill-awtoritajiet doganali. | 1. ***L-importazzjoni tal-beni*** kulturali msemmija fil-punti ***A1 u A2*** tal-Anness ***I għandha tkun soġġetta*** għall-preżentazzjoni ta' liċenzja tal-importazzjoni lill-awtoritajiet doganali. |

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dan l-Artikolu għandu japplika biss għall-beni msemmija fl-ewwel subparagrafu jekk ikunu fil-lista ta' pajjiżi u kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda msemmija fl-Anness II, jekk din il-lista tkun tintuża għall-pajjiż ta' oriġini li minnu jkunu ġew esportati l-beni kulturali u jekk il-pajjiż ta' oriġini tal-beni kulturali jkun magħruf.*** |
| | ***Dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għall-beni kulturali li jkunu elenkati fl-Anness II biss u impurtati fit-territorju doganali tal-Unjoni minn pajjiż ta' oriġini jew pajjiż terz.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-detentur tal-beni għandu japplika għal liċenzja tal-importazzjoni mal-awtorità kompetenti ***tal-Istat*** Membru ***tad-dħul***. ***Ma' din*** l-applikazzjoni ***għandhom jinhemżu d-dokumenti ta' prova u l-informazzjoni*** li ***jiġġustifikaw*** li l-beni kulturali ***inkwistjoni*** ġew esportati ***minn pajjiż*** ta' oriġini skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu. ***Madankollu, meta pajjiż esportatur huwa Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Mezzi ta' Projbizzjoni u Prevenzjoni tal-Importazzjoni, Esportazzjoni u Trasferiment Illegali tas-Sjieda tal-Proprjetà Kulturali ffirmata f'Pariġi fl-14 ta' Novembru 1970 ("il-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970"),*** l-applikazzjoni għandha ***tkun akkumpanjata bi kwalunkwe dokumenti ta' prova u informazzjoni li jiġġustifikaw li l-beni kulturali ġew esportati minn dak il-pajjiż skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu.*** | 2. Id-detentur tal-beni għandu japplika għal liċenzja tal-importazzjoni mal-awtorità kompetenti ***tal-ewwel Stat*** Membru ***li fih tkun prevista l-importazzjoni***. L-applikazzjoni ***għandha tkun akkumpanjata minn informazzjoni u dokumenti ġustifikattivi xierqa*** li ***jissostanzjaw*** li l-beni kulturali kkonċernati jkunu ġew esportati ***mill-pajjiż*** ta' oriġini skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu ***jew jagħtu prova tan-nuqqas ta' tali liġijiet u regolamenti. L-applikazzjoni għandha tinkludi:*** |
| | ***— ċertifikati jew liċenzji tal-esportazzjoni;*** |
| | ***— dokument standardizzat, ibbażat fuq l-istandard tal-Object ID, li jiddeskrivi l-beni kulturali kkonċernati f'biżżejjed dettall biex jiġu identifikati mill-awtoritajiet doganali;*** |
| | ***— jeddijiet ta' sjieda;*** |
| | ***— fatturi;*** |
| | ***— kuntratti ta' bejgħ;*** |
| | ***— dokumenti tal-assigurazzjoni jew dokumenti tat-trasport.*** |
| | ***Meta ma jkunx hemm dokumenti ġustifikattivi disponibbli,*** l-applikazzjoni għandha ***wkoll – jekk l-awtorità kompetenti tqoss il-bżonn – tinkludi valutazzjoni ta' espert***. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *2a. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2, f'każijiet eċċezzjonali meta:* |
| | *a) il-pajjiż ta' oriġini tal-beni kulturali ma jkunx jista' jiġi stabbilit b'ċertezza u dik iċ-ċirkustanza titqies dokumentata tajjeb u sostnuta minn evidenza mill-awtorità kompetenti; jew* |
| | *b) il-beni kulturali jkunu ġew esportati mill-pajjiż ta' oriġini qabel l-1970 u jkunu nżammu f'pajjiż terz għal finijiet differenti mill-użu temporanju, it-tranżitu, l-esportazzjoni jew id-dispaċċ qabel ma jkunu ddaħħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni iżda d-detentur ma jkunx jista' jipprovdi d-dokumenti previsti fil-paragrafu 2 peress li meta l-beni kulturali jkunu ġew esportati mill-pajjiż ta' oriġini ma kinux jintużaw dokumenti bħal dawn,* |
| | *l-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn informazzjoni u dokumenti ġustifikattivi xierqa li jissostanzjaw li l-beni kulturali kkonċernati jkunu ġew esportati mill-pajjiż terz skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu jew jagħtu prova tan-nuqqas ta' tali liġijiet u regolamenti.* |
| | *Id-dokumenti ġustifikattivi għandhom jinkludu:* |
| | *— ċertifikati jew liċenzji tal-esportazzjoni;* |
| | *— dokument standardizzat, ibbażat fuq l-istandard tal-Object ID, li jiddeskrivi l-beni kulturali kkonċernati f'biżżejjed dettall biex jiġu identifikati mill-awtoritajiet doganali;* |
| | *— jeddijiet ta' sjieda;* |
| | *— fatturi;* |
| | *— kuntratti ta' bejgħ; u* |
| | *— dokumenti tal-assigurazzjoni jew dokumenti tat-trasport.* |
| | *Meta ma jkunx hemm dokumenti ġustifikattivi disponibbli, l-applikazzjoni għandha wkoll – jekk l-awtorità kompetenti tħoss il-bżonn – tinkludi valutazzjoni ta' espert.* |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-awtorità kompetenti ***tal-Istat*** Membru ***tad-dħul*** għandha tivverifika jekk l-applikazzjoni tkunx kompluta. Għandha titlob lill-applikant kwalunkwe informazzjoni jew dokument nieqsa fi żmien ***30*** jum minn meta tasal l-applikazzjoni. | 3. L-awtorità kompetenti ***tal-ewwel Stat*** Membru ***li fih tkun prevista l-importazzjoni*** għandha tivverifika jekk l-applikazzjoni tkunx kompluta. Għandha titlob lill-applikant kwalunkwe informazzjoni jew dokument ***addizzjonali jew*** nieqsa fi żmien ***21*** jum minn meta tasal l-applikazzjoni. |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Fi żmien 90 jum mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni kompluta, l-awtorità kompetenti għandha teżamina l-applikazzjoni u tiddeċiedi li toħroġ il-liċenzja tal-importazzjoni jew li tirrifjuta l-applikazzjoni. ***Tista'*** tirrifjuta l-applikazzjoni abbażi tar-raġunijiet li ġejjin: | 4. Fi żmien 90 jum mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni kompluta, l-awtorità kompetenti għandha teżamina l-applikazzjoni u tiddeċiedi li toħroġ il-liċenzja tal-importazzjoni jew li tirrifjuta l-applikazzjoni. ***Jekk il-liċenzja tal-importazzjoni tinħareġ, l-awtorità kompetenti għandha tirreġistra dik il-liċenzja b'mod elettroniku. L-awtorità kompetenti għandha*** tirrifjuta l-applikazzjoni abbażi tar-raġunijiet li ġejjin: |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) meta ***l-pajjiż esportatur mhuwiex Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970,*** ma jintweriex li l-beni kulturali ġew esportati mill-pajjiż ta' oriġini skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu; | (a) meta ma jintweriex li l-beni kulturali ***jkunu*** ġew esportati mill-pajjiż ta' oriġini skont il-liġijiet u r-regolamenti ***fis-seħħ f'dak il-pajjiż fil-mument tal-esportazzjoni, jew fin-nuqqas ta' tali liġijiet u regolamenti***; ***jew, fil-każijiet eċċezzjonali msemmija fl-Artikolu 4(2a), mill-pajjiż terz skont il-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ f'dak il-pajjiż fil-mument tal-esportazzjoni, jew fin-nuqqas ta' tali liġijiet u regolamenti;*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) meta l-pajjiż esportatur mhuwiex Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-1970, ma jintweriex li l-beni kulturali ġew esportati mill-pajjiż esportatur skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-awtorità kompetenti ***għandha*** raġunijiet raġonevoli biex temmen li d-detentur tal-beni ma ***ġabhomx*** skont il-liġi. | (c) l-awtorità kompetenti ***jkollha*** raġunijiet raġonevoli ***u verifikabbli*** biex temmen li d-detentur tal-beni ma ***jkunx ġabhom*** skont il-liġi. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) jekk l-applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni għal beni kulturali tkun ġiet rifjutata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni fir-rigward ta' dawk l-istess beni kulturali u ma tkunx tressqet evidenza addizzjonali li ma tkunx diġà ġiet ippreżentata b'rabta mal-applikazzjoni rifjutata;*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt cb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(cb)*** ***meta l-esportazzjoni leċita ma tkunx tista' tiġi pprovata direttament mill-pajjiż ta' oriġini permezz ta' dokumenti ġustifikattivi u evidenza xierqa, partikolarment ċertifikati jew liċenzji tal-esportazzjoni maħruġa mill-pajjiż esportatur, jeddijiet ta' sjieda, fatturi, kuntratti ta' bejgħ, l-Object ID jekk disponibbli, dokumenti tal-assigurazzjoni, dokumenti tat-trasport u valutazzjonijiet ta' esperti.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a.*** ***L-awtorità kompetenti tista' tirrifjuta l-applikazzjoni jekk quddiem il-qrati jkun hemm talbiet pendenti għal ritorn jew ħlas ta' danni ppreżentati mill-awtoritajiet tal-pajjiż ta' oriġini.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b.*** ***Jekk l-applikazzjoni tiġi rifjutata, id-deċiżjoni amministrattiva msemmija fil-paragrafu 4 għandha tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni tar-raġunijiet li tinkludi informazzjoni dwar il-proċedura tal-appell li tiġi kkomunikata lill-applikant affettwat fiż-żmien meta tinħareġ.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 4c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4c. L-applikazzjoni għandha tinkludi dikjarazzjoni li l-oġġetti qatt ma kienu s-suġġett ta' xi applikazzjoni jew, jekk kienu ġew rifjutati qabel, għandha tindika x'kienu r-raġunijiet għal dak ir-rifjut u tinkludi kwalunkwe evidenza addizzjonali li ma kinitx disponibbli meta ġiet ikkunsidrata l-applikazzjoni.*** |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 4d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4d. Jekk Stat Membru jirrifjuta applikazzjoni elettronika, għandu jikkomunika r-rifjut – kif ukoll ir-raġunijiet li kien ibbażat fuqhom – lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni. Jekk ikun hemm suspett ta' traffikar illeċitu, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw ukoll lil awtoritajiet rilevanti oħra bħall-INTERPOL u l-EUROPOL.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jaħtru lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti biex joħorġu l-liċenzji tal-importazzjoni skont dan l-Artikolu. Għandhom jikkomunikaw id-dettalji lil dawk l-awtoritajiet, kif ukoll kwalunkwe tibdil dwarhom lill-Kummissjoni. | L-Istati Membri għandhom jaħtru ***bla dewmien*** lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti biex joħorġu l-liċenzji tal-importazzjoni skont dan l-Artikolu. Għandhom jikkomunikaw id-dettalji lil dawk l-awtoritajiet, kif ukoll kwalunkwe tibdil dwarhom lill-Kummissjoni. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni ***tista'*** tistabbilixxi l-mudell għall-applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni, kif ukoll ir-regoli proċedurali dwar il-preżentazzjoni u l-ipproċessar ta' tali applikazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13. | 6. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni ***għandha*** tistabbilixxi l-mudell ***standardizzat elettroniku*** għall-applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni, kif ukoll ir-regoli proċedurali dwar il-preżentazzjoni u l-ipproċessar ta' tali applikazzjoni ***u tad-dokumenti ġustifikattivi rilevanti, li għandhom isiru elettronikament***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13. |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa u t-tqegħid skont proċedura speċjali għajr it-tranżitu ta' beni*** kulturali ***fl-Unjoni,*** msemmija fil-punti ***(a), (b), (e), (f), (g),*** (i), ***(j), (k) u (l)*** tal-Anness***, għandhom ikunu soġġetti*** għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-importatur lill-awtoritajiet doganali ***tal-Istat*** Membru ***tad-dħul***. | 1. ***L-importazzjoni tal-beni*** kulturali msemmija fil-punti ***minn 3 sa 14 tal-Parti A*** tal-Anness ***I fit-territorju doganali tal-Unjoni għandha tkun soġġetta*** għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni ***elettronika*** tal-importatur ***min-naħa tad-detentur tal-beni*** lill-awtoritajiet doganali ***tal-ewwel Stat*** Membru ***li fih tkun prevista l-importazzjoni***. |
| | ***Dan l-Artikolu japplika wkoll għall-beni kulturali msemmija fil-punti A1 u A2 li l-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda tagħhom ma jidhrux fl-Anness II.*** |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-dikjarazzjoni tal-importatur għandha ***tinkludi dikjarazzjoni ffirmata mid-detentur tal-beni li l-beni ġew esportati mill-pajjiż ta' oriġini skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu. Madankollu, meta pajjiż esportatur ikun Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Proprjetà Kulturali, id-dikjarazzjoni tal-importatur għandha tinkludi dikjarazzjoni ffirmata mid-detentur tal-beni li l-beni ġew esportati minn dak il-pajjiż skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu.*** | 2. Id-dikjarazzjoni tal-importatur ***għandha tiġi reġistrata elettronikament. Għandha tinkludi:*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***a)*** ***dikjarazzjoni ffirmata mid-detentur tal-beni li tgħid li l-beni jkunu ġew esportati mill-pajjiż ta' oriġini skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu jew tagħti prova tan-nuqqas ta' tali liġijiet u regolamenti;*** |
| | ***b)*** ***dokument standardizzat, ibbażat fuq l-istandard tal-Object ID, li jiddeskrivi l-beni kulturali kkonċernati f'biżżejjed dettall biex jiġu identifikati mill-awtoritajiet doganali;*** |
| | ***c)*** ***iċ-ċertifikati jew il-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġa mill-pajjiż ta' oriġini li jagħtu prova li l-beni kulturali kkonċernati jkunu ġew esportati mill-pajjiż ta' oriġini skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu.*** |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2a.*** ***Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2, f'każijiet eċċezzjonali meta:*** |
| | ***(a)*** ***il-pajjiż ta' oriġini tal-beni kulturali ma jkunx jista' jiġi stabbilit b'ċertezza u dik iċ-ċirkustanza titqies dokumentata tajjeb u sostnuta minn evidenza mill-awtorità kompetenti; jew*** |
| | ***(b)*** ***il-beni kulturali jkunu ġew esportati mill-pajjiż ta' oriġini qabel l-1970 u jkunu nżammu f'pajjiż terz għal finijiet differenti mill-użu temporanju, it-tranżitu, l-esportazzjoni jew id-dispaċċ qabel ma jkunu ddaħħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni iżda d-detentur ma jkunx jista' jipprovdi d-dokumenti previsti fil-paragrafu 2 peress li meta l-beni kulturali jkunu ġew esportati mill-pajjiż ta' oriġini ma kinux jintużaw dokumenti bħal dawn,*** |
| | ***id-dikjarazzjoni tal-importatur għandha tinkludi:*** |
| | ***(a)*** ***dikjarazzjoni ffirmata mid-detentur tal-beni li tgħid li l-beni jkunu ġew esportati mill-pajjiż terz skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu jew tagħti prova tan-nuqqas ta' tali liġijiet u regolamenti;*** |
| | ***(b)*** ***dokument standardizzat, ibbażat fuq l-istandard tal-Object ID, li jiddeskrivi l-beni kulturali kkonċernati f'biżżejjed dettall biex jiġu identifikati mill-awtoritajiet doganali; u*** |

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(c) iċ-ċertifikati jew il-liċenzji tal-esportazzjoni maħruġa mill-pajjiż terz li jagħtu prova li l-beni kulturali kkonċernati jkunu ġew esportati mill-pajjiż terz skont il-liġijiet u r-regolamenti tiegħu.*** |
| | ***Jekk il-liġijiet u r-regolamenti tal-pajjiż ta' oriġini jew tal-pajjiż terz ma jipprevedux il-ħruġ ta' liċenzji jew ċertifikati tal-esportazzjoni, id-dikjarazzjoni tal-importatur għandha tinkludi wkoll kwalunkwe dokument ġustifikattiv u evidenza oħra xierqa, inklużi jeddijiet ta' sjieda, fatturi, kuntratti ta' bejgħ, dokumenti tal-assigurazzjoni u dokumenti tat-trasport.*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta l-mudell għad-dikjarazzjoni tal-importatur, kif ukoll ir-regoli proċedurali dwar il-preżentazzjoni u l-ipproċessar tad-dikjarazzjoni tal-importatur. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13. | 3. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta l-mudell ***standardizzat elettroniku*** għad-dikjarazzjoni tal-importatur, kif ukoll ir-regoli proċedurali dwar il-preżentazzjoni u l-ipproċessar tad-dikjarazzjoni tal-importatur ***b'mod elettroniku***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 13. |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 5a*** <br> ***Intrapriżi mikro, żgħar u medji*** <br> ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-intrapriżi mikro, żgħar u medji (MSMEs) jibbenefikaw minn assistenza teknika u finanzjarja adegwata, li tinkludi l-promozzjoni ta' punti ta' kuntatt nazzjonali f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-ħolqien ta' sit web dedikat li jkun fih l-informazzjoni rilevanti kollha, u għandha tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-MSMEs u l-punti ta' kuntatt nazzjonali rilevanti ma' kull talba ta' informazzjoni, sabiex dan ir-Regolament jiġi implimentat b'mod effiċjenti.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Artikolu 5b*** |
| | ***Użu tas-sistema elettronika*** |
| | ***1. L-iskambji kollha ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u d-dikjaranti skont l-Artikoli 4 u 5, bħal skambju ta' dikjarazzjonijiet, applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet, għandhom isiru elettronikament.*** |
| | ***2. Il-Kummissjoni għandha toħloq is-sistema elettronika msemmija fil-paragrafu 1. Hija għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi:*** |
| | ***— l-arranġamenti għat-tnedija, l-operat u l-manutenzjoni tas-sistema elettronika msemmija fil-paragrafu 1;*** |
| | ***— regoli dettaljati dwar is-sottomissjoni, l-ipproċessar, il-ħżin u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri permezz tas-sistema elettronika.*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Kummissjoni fl-iżvilupp, il-manutenzjoni u t-tħaddim tas-sistema elettronika msemmija fil-paragrafu 1 u fil-ħżin tal-informazzjoni f'konformità ma' dan ir-Regolament.*** |
| | ***3. Fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali fil-qafas ta' dan ir-Regolament, id-dikjaranti u l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1 bis) u r-Regolament (UE) …/… (*)*** |

*(1 bis) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).*

*(*) ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tar-Regolament imsemmi fid-dokument 2017/0003(COD).*

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 6***<br><br>***Kontroll u verifika doganali***<br><br>1. ***Il-liċenzja tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 4 jew id-dikjarazzjoni tal-importatur imsemmija fl-Artikolu 5, skont xi jkun il-każ, għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità doganali kompetenti biex tirrilaxxa l-beni kulturali għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa jew għat-tqegħid tagħhom skont proċedura speċjali għajr it-tranżitu.***<br><br>***2. Fir-rigward tal-beni kulturali li jeħtieġu l-ħruġ ta' liċenzja tal-importazzjoni biex jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni, l-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw jekk il-liċenzja tal-importazzjoni tikkorrispondix mal-beni ppreżentati. Għal dak l-għan, jistgħu jeżaminaw fiżikament il-beni kulturali, fosthom permezz ta' twettieq ta' għarfien espert.***<br><br>***3. Fir-rigward tal-beni kulturali li jeħtieġu l-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-importatur biex jidħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni, l-awtoritajiet doganali għandhom jivverifikaw jekk id-dikjarazzjoni tal-importatur hijiex konformi mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5 jew abbażi tiegħu, u jekk tikkorrispondix mal-beni ppreżentati. Għal dak l-għan, jistgħu jitolbu informazzjoni ulterjuri mingħand id-dikjarant u jeżaminaw fiżikament il-beni kulturali, fosthom permezz tal-esperti. Għandhom jirreġistraw id-dikjarazzjoni tal-importatur billi jagħtuha numru serjali u data ta' reġistrazzjoni, u fil-waqt tar-rilaxx tal-beni, lid-dikjarant jagħtuh kopja tad-dikjarazzjoni tal-importatur irreġistrata.***<br><br>4. ***Meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni għar-rilaxx ta' beni kulturali għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa jew it-tqegħid tagħhom skont proċedura speċjali għajr it-tranżitu, il-kwantità tal-prodotti għandha tiġi indikata permezz ta' unità supplimentari stabbilita fl-Anness.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta*** l-Istati Membri jillimitaw l-għadd ta' uffiċċji doganali kompetenti ***għar-rilaxx*** ta' beni kulturali ***għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa jew it-tqegħid tagħhom skont proċedura speċjali għajr it-tranżitu,*** għandhom jikkomunikaw id-dettalji ta' dawk l-uffiċċji doganali, kif ukoll kwalunkwe tibdil dwarhom lill-Kummissjoni. | L-Istati Membri ***jistgħu*** jillimitaw l-għadd ta' uffiċċji doganali kompetenti ***għall-awtorizzazzjoni tal-importazzjoni*** ta' beni kulturali***. Jekk japplikaw din ir-restrizzjoni, l-Istati Membri*** għandhom jikkomunikaw id-dettalji ta' dawk l-uffiċċji doganali, kif ukoll kwalunkwe tibdil dwarhom lill-Kummissjoni. |

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-awtoritajiet ***doganali*** għandhom jikkonfiskaw u temporanjament iżommu beni kulturali mdaħħla fit-territorju doganali tal-Unjoni ***meta l-beni kulturali inkwistjoni jkunu daħlu fit-territorju doganali tal-Unjoni*** mingħajr ma jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 3. | 1. L-awtoritajiet ***kompetenti*** għandhom jikkonfiskaw u temporanjament iżommu beni kulturali mdaħħla fit-territorju doganali tal-Unjoni mingħajr ma jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 3. ***Jekk jinżammu xi beni kulturali, għandhom jiġu garantiti kundizzjonijiet xierqa għall-konservazzjoni skont il-kundizzjonijiet u r-responsabbiltajiet għall-ħżin temporanju tal-beni kif imsemmi fl-Artikolu 147 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, skont in-natura partikolari tal-beni.*** |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-deċiżjoni amministrattiva msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ***akkumpanjata minn dikjarazzjoni ta’ raġunijiet, li trid tiġi kkomunikata lid-dikjarant, u għandha tkun*** soġġetta ***għal rimedju effettiv skont il-proċeduri previsti fil-liġi nazzjonali***. | 2. Id-deċiżjoni amministrattiva msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun soġġetta ***għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 (7) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013***. |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-perjodu ta’ żamma temporanja għandu jkun limitat strettament għaż-żmien meħtieġ biex l-awtoritajiet doganali jew l-awtoritajiet l-oħrajn tal-infurzar tal-liġi ***sabiex jiġi ddeterminat*** jekk iċ-ċirkustanzi tal-każ jiġġustifikawx iż-żamma skont dispożizzjonijiet oħra ***ta’ liġi tal-Unjoni*** jew ***nazzjonali***. Il-perjodu massimu taż-żamma temporanja skont dan l-Artikolu għandu jkun ta’ sitt xhur. Jekk ma ssirx determinazzjoni dwar żamma itwal tal-beni kulturali f’dak il-perjodu, jew jekk issir determinazzjoni li ***ċ-ċirkostanzi*** tal-każ ma jiġġustifikawx żamma itwal, il-beni kulturali għandhom jingħataw lid-dikjarant. | 3. Il-perjodu ta’ żamma temporanja għandu jkun limitat strettament għaż-żmien meħtieġ biex l-awtoritajiet doganali jew l-awtoritajiet l-oħrajn tal-infurzar tal-liġi ***jiddeterminaw*** jekk iċ-ċirkustanzi tal-każ jiġġustifikawx iż-żamma skont dispożizzjonijiet oħra ***tal-liġi nazzjonali*** jew ***tal-Unjoni***. Il-perjodu massimu taż-żamma temporanja skont dan l-Artikolu għandu jkun ta’ sitt xhur***, bil-possibbiltà li jiġi estiż bi tliet xhur oħra b’deċiżjoni motivata tal-awtoritajiet doganali***. Jekk ma ssirx determinazzjoni dwar żamma itwal tal-beni kulturali f’dak il-perjodu, jew jekk issir determinazzjoni li ***ċ-ċirkustanzi*** tal-każ ma jiġġustifikawx żamma itwal, il-beni kulturali għandhom jingħataw lid-dikjarant. ***L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-mument tar-restituzzjoni tal-beni kulturali lill-pajjiż ta’ oriġini, dan tal-aħħar ma jkunx milqut minn xi kunflitt armat li ma tippermettix li s-sikurezza tal-beni kulturali tkun garantita. F’każ bħal dan, il-beni kulturali għandhom jibqgħu fl-Unjoni sa ma s-sitwazzjoni fil-pajjiż ta’ oriġini tiġi lura għan-normal.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-awtoritajiet doganali għandhom jinnotifikaw immedjatament lill-pajjiż ta' oriġini, jew – f'każijiet fejn il-pajjiż ta' oriġini tal-beni kulturali ma jkunx jista' jiġi stabbilit b'ċertezza – lill-pajjiż terz, kif ukoll lill-EUROPOL u l-INTERPOL, skont il-każ, wara li jkunu ħadu d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1.*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Meta l-awtoritajiet kompetenti jkollhom raġunijiet raġonevoli biex jemmnu li l-beni kulturali fi tranżitu mit-territorju doganali tal-Unjoni setgħu ġew esportati bi ksur tar-regoli u tar-regolamenti tal-pajjiż ta' oriġini, dawn għandhom jordnaw lill-awtoritajiet doganali jikkonfiskaw temporanjament dawk il-beni.*** |

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Kooperazzjoni amministrattiva | Kooperazzjoni amministrattiva ***u użu tas-sistema elettronika*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom imsemmija fl-Artikolu ***3(4)***. | 1. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-kooperazzjoni ***u l-qsim ta' informazzjoni*** bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom imsemmija fl-Artikolu 4***(5)***. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 77**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. ***Tista'*** tiġi żviluppata sistema elettronika għall-ħżin u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-importatur u l-liċenzji tal-importazzjoni. | 2. ***Għandha*** tiġi żviluppata sistema elettronika għall-ħżin u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri ***fil-qafas tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Kwalunkwe sistema ta' dan it-tip għandha tindirizza r-riċezzjoni, l-ipproċessar, il-ħżin u l-iskambju ta' informazzjoni***, b'mod partikolari fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet tal-importatur u l-liċenzji tal-importazzjoni. |

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2a. Is-sistema elettronika msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun tista' tiġi kkonsultata mill-Istati Membri fl-ipproċessar tat-talbiet ippreżentati b'rabta mal-liċenzji tal-esportazzjoni meħtieġa skont ir-Regolament (KE) Nru 116/2009. Dawn it-talbiet ikunu jistgħu jirreferu direttament għall-informazzjoni miżmuma fis-sistema elettronika.*** |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Il-Kummissjoni ***tista'*** tispeċifika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, | Il-Kummissjoni ***għandha*** tispeċifika, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni: |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13. | Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati ***sa … [sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]*** skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13. |

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-ipproċessar tad-data personali abbażi ta' dan ir-Regolament għandu jsir biss għall-finijiet ta' protezzjoni effettiva kontra t-telf ta' beni kulturali, il-preservazzjoni tal-patrimonju kulturali tal-umanità u l-prevenzjoni tal-finanzjament tat-terroriżmu permezz tal-bejgħ – lil xerrejja fl-Unjoni – ta' patrimonju kulturali misruq.*** |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 3b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Id-data personali kollha li tinkiseb skont l-Artikoli 4, 5, u 9 għandha tiġi kkonsultata u pproċessata biss mill-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet u għandha tkun protetta b'mod xieraq kontra l-aċċess u l-komunikazzjoni mhux awtorizzati.*** |

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tal-Artikoli 3, 4 u 5, u b'mod partikolari, ***għad-dikjarazzjonijiet foloz u l-preżentazzjoni*** ta' informazzjoni falza sabiex ***jinkiseb id-dħul tal-beni*** kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni, u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli sa ***18***-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament u għandhom jgħarrfuha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom. | L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tal-Artikoli 3, 4 u 5 u, b'mod partikolari, ***għall-preżentazzjoni*** ta' informazzjoni falza sabiex ***jiġu impurtati beni*** kulturali fit-territorju doganali tal-Unjoni, u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex ***dawk ir-regoli*** jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. ***Għall-finijiet ta' kundizzjonijiet ekwi u approċċ koerenti, l-Istati Membri għandhom japplikaw penali li jkunu simili fin-natura u l-effett.*** L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli sa ***12***-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament u għandhom jgħarrfuha mingħajr dewmien bi kwalunkwe emenda sussegwenti li tolqothom. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu - 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Fil-ħidma preparatorja tagħhom għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-UNESCO, l-Interpol, l-Europol, l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (WCO), iċ-Ċentru Internazzjonali għall-Preservazzjoni u r-Restawr tal-Proprjetà Kulturali (ICCROM) u l-Kunsill Internazzjonali tal-Mużewijiet, biex jiġu żgurati taħriġ, attivitajiet ta' bini tal-kapaċità u kampanji ta' sensibilizzazzjoni effettivi, kif ukoll jiġu kkummissjonati attivitajiet rilevanti ta' riċerka u żvilupp tal-istandards jekk ikun il-każ.*** |

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Istati*** Membri ***għandhom jorganizzaw it-taħriġ u l-attivitajiet*** ta' bini ***ta' kapaċità*** sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tar-Regolament ***mill-awtoritajiet ikkonċernati. Jistgħu wkoll jużaw kampanji ta' ħolqien ta' sensibilizzazzjoni immirati għal xerrejja partikolari tal-beni*** kulturali. | ***Il-Kummissjoni, bil-kooperazzjoni tal-Istati*** Membri***, għandha torganizza:*** |
| | ***i. taħriġ, attivitajiet*** ta' bini ***tal-kapaċità u kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-awtoritajiet, il-punti ta' kuntatt nazzjonali u l-professjonisti kkonċernati*** sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament; |
| | ***ii. azzjonijiet biex titrawwem il-kooperazzjoni effettiva tal-pajjiżi ta' oriġini; u*** |
| | ***iii. skambju tal-aħjar prattiki bil-ħsieb li titrawwem l-implimentazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament, speċjalment il-prattiki rilevanti tal-Istati Membri li diġà jkollhom leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ dwar l-importazzjoni ta' beni*** kulturali ***qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***. |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Tali attivitajiet, kampanji u azzjonijiet għandhom jibnu fuq l-esperjenza tal-programmi eżistenti attwali, inklużi dawk promossi mid-WCO u mill-Kummissjoni.*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 11a***<br>***Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi***<br>***Fi kwistjonijiet koperti mill-attivitajiet tagħha u sa fejn ikun meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tiffaċilita u tħeġġeġ il-kooperazzjoni mil-lat tekniku u operattiv bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi.***<br>***Il-Kummissjoni tista' torganizza attivitajiet ta' taħriġ f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-pajjiżi terzi fit-territorji tagħhom.*** |

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 12 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-setgħa ***għall-adozzjoni*** ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu ***2(2) għandha tiġi konferita fuq il-Kummissjoni*** għal perjodu ta' ***żmien indeterminat*** minn … [***Publications Office is to fill in the date of entry into force of this Act***]. | 2. Is-setgħa ***ta' adozzjoni*** ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu ***2 hija mogħtija lill-Kummissjoni*** għal perjodu ta' ***ħames snin*** minn … [***id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att***]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' … snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*** |

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-informazzjoni dwar il-ksur ta’ dan ir-Regolament; | (b) l-informazzjoni dwar il-ksur ta’ dan ir-Regolament ***u l-penali applikati***; |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tindirizza l-istħarriġ lill-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom sitt xhur biex jikkomunikaw l-informazzjoni mitluba lill-Kummissjoni. | Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tindirizza l-istħarriġ lill-Istati Membri. L-Istati Membri għandhom sitt xhur***, minn meta jirċievu l-istħarriġ,*** biex jikkomunikaw l-informazzjoni mitluba lill-Kummissjoni. |

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Abbażi tat-tweġibiet tal-Istati Membri għall-istħarriġ imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista’ titlob lill-Istati Membri jagħtuha aktar informazzjoni dwar l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tal-liċenzji tal-importazzjoni. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba mingħajr dewmien.*** |

Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament ***tliet snin*** wara d-data tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament u kull ***ħames*** snin ***wara dan***. | 2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament ***sentejn*** wara d-data tal-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament u***, imbagħad,*** kull ***erba’*** snin. ***Dak ir-rapport għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Għandu jinkludi analiżi tal-implimentazzjoni prattika, inkluż l-impatt fuq l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni, b’mod partikolari l-MSMEs. Ir-rapport għandu jqabbel l-implimentazzjoni min-naħa tal-Istati Membri u jinkludi valutazzjoni tal-livell ta’ applikazzjoni uniformi tar-Regolament mid-data tar-rapport preċedenti. Barra minn hekk, dik il-valutazzjoni għandha tikkunsidra d-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-penali kif ukoll l-applikazzjoni tagħhom, u kemm dawn jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri. Jekk ikun hemm bżonn, ir-rapport jista’ jagħmel rakkomandazzjonijiet biex jindirizza l-implimentazzjoni inadegwata ta’ dan ir-Regolament min-naħa tal-Istati Membri.*** |

**Emenda 93**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jikkunsidra l-impatt ta’ dan ir-Regolament fil-prattika, inkluż l-impatt tiegħu fuq l-operaturi ekonomiċi tal-Unjoni, fosthom l-MSMEs. Ir-rapport għandu jagħti evidenza tal-livelli differenti ta’ prestazzjoni minn pajjiż għal ieħor, jinkludi valutazzjoni tal-uniformità tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament fil-perjodu kkonċernat, u jagħti rakkomandazzjonijiet biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni min-naħa tal-Istati Membri.*** |

**Emenda 94**

**Proposta għal regolament**

**Anness I – subintestatura 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Beni kulturali koperti ***mill-Artikolu*** 2(1) | Beni kulturali koperti ***mill-punt (a) tal-Artikolu*** 2(1) |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 95**

**Proposta għal regolament**

**Anness Ia (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | ***Oġġetti arkeoloġiċi li għandhom aktar minn 100 sena u li ġejjin minn:*** | |
| | ***— skavi u sejbiet fuq l-art jew taħt l-ilma*** | **9705 00 00** |
| | ***— siti arkeoloġiċi*** | **9706 00 00** |
| | ***— kollezzjonijiet arkeoloġiċi*** | |
| **2.** | ***Elementi li jiffurmaw parti integrali minn monumenti artistiċi, storiċi jew reliġjużi li jkunu ġew żarmati u li għandhom aktar minn 100 sena*** | **9705 00 00**<br>**9706 00 00** |
| **3.** | ***Stampi u pitturi, ħlief dawk inklużi fil-kategoriji 4 jew 5, magħmula kompletament bl-idejn bi kwalunkwe medium u fuq kwalunkwe materjal*** [1a] | **9701** |
| **4.** | ***Akkwarelli, gwazzi u pastelli magħmula kompletament bl-idejn fuq kwalunkwe materjal*** [1a] | **9701** |
| **5.** | ***Mużajk fuq kwalunkwe materjal magħmul kompletament bl-idejn, ħlief jekk jidħol fil-kategoriji 1 jew 2, u tpinġijiet bi kwalunkwe medium magħmula kompletament bl-idejn fuq kwalunkwe materjal*** [1a] | **6914**<br>**9701** |
| **6.** | ***Inċiżjonijiet, prints, serigrafiji u litografiji oriġinali bil-pjanċi rispettivi tagħhom u posters oriġinali*** [1a] | **Kapitolu 49**<br>**9702 00 00**<br>**8442 50 99** |
| **7.** | ***Skulturi jew statwi oriġinali u kopji magħmula bl-istess proċess bħall-oriġinal*** [1a]***, minbarra dawk fil-kategorija 1*** | **9703 00 00** |
| **8.** | ***Ritratti, films u negattivi tagħhom*** [1a] | ***3704***<br>***3705***<br>***3706***<br>**4911 91 80** |
| **9.** | ***Inkunabula u manuskritti, inklużi mapep u partituri mużikali, waħedhom jew f'kollezzjonijiet*** [1a] | **9702 00 00**<br>**9706 00 00**<br>**4901 10 00**<br>**4901 99 00**<br>**4904 00 00**<br>**4905 91 00**<br>**4905 99 00**<br>**4906 00 00** |

| | | |
|---|---|---|
| *10.* | *Kotba li għandhom aktar minn 100 sena, waħedhom jew f’kollezzjonijiet* | *9705 00 00*<br>*9706 00 00* |
| *11.* | *Mapep stampati li għandhom aktar minn 200 sena* | *9706 00 00* |
| *12.* | *Arkivji, u kwalunkwe element tagħhom, ta’ kwalunkwe tip jew kwalunkwe medium, u li għandhom aktar minn 50 sena* | *3704*<br>*3705*<br>*3706*<br>*4901*<br>*4906*<br>*9705 00 00*<br>*9706 00 00* |
| *13.* | *(a) Kollezzjonijiet[1b] ([1b]) u kampjuni minn kollezzjonijiet żooloġiċi, botaniċi, mineroloġiċi jew anatomiċi;* | *9705 00 00* |
| | *(b) Kollezzjonijiet ([1b]) ta’ interess storiku, paleontoloġiku, etnografiku jew numismatiku* | *9705 00 00* |
| *14.* | *Mezzi ta’ trasport li għandhom aktar minn 75 sena* | *9705 00 00*<br>*Kapitoli 86-89* |
| *15.* | *Kwalunkwe oġġett antik ieħor li mhuwiex inkluż fil-kategoriji minn A.1 sa A.14* | |
| | *(a) bejn 50 u 100 sena* | |
| | *ġugarelli, logħob* | *Kapitolu 95* |
| | *oġġetti tal-ħġieġ* | *7013* |
| | *oġġetti użati mill-arġentiera tad-deheb jew tal-fidda* | *7114* |
| | *għamara* | *Kapitolu 94* |
| | *apparat ottiku, fotografiku jew ċinematografiku* | *Kapitolu 90* |
| | *strumenti mużikali* | *Kapitolu 92* |
| | *arloġġi, arloġġi tal-idejn u komponenti tagħhom* | *Kapitolu 91* |
| | *oġġetti tal-injam* | *Kapitolu 44* |
| | *fuħħar* | *Kapitolu 69* |
| | *arazzi* | *5805 00 00* |
| | *twapet* | *Kapitolu 57* |
| | *wallpaper* | *4814* |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

| | | |
|---|---|---|
| | *armi* | *Kapitolu 93* |
| | *(b) aktar minn 100 sena* | *9706 00 00* |

([1a]) *Li għandhom aktar minn 50 sena u mhumiex proprjetà tal-oriġinaturi tagħhom.*
([1b]) *Kif definiti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha fil-Kawża 252/84, kif ġej: "Biċċiet ta' kolletturi fl-ambitu tas-sinifikat tal-intestatura Nru 97.05 tat-Tariffi Komuni Doganali huma oġġetti li għandhom il-karatteristiċi meħtieġa biex jiddaħħlu f'kollezzjoni, jiġifieri, oġġetti li huma relattivament rari, ma jintużawx normalment għall-iskop oriġinali tagħhom, huma s-suġġett ta' tranżazzjonijiet speċjali 'l barra mill-kummerċ normali ta' oġġetti simili utilitarji u huma ta' valur għoli."*

*Il-beni kulturali fil-kategoriji minn A.1 sa A.15 mhumiex koperti minn dan ir-Regolament ħlief jekk il-valur tagħhom jikkorrispondi għal-limiti finanzjarji msemmija fil-punt B jew jaqbiżhom.*

*B. Il-limiti finanzjarji applikabbli għal ċerti kategoriji fil-punt A (f'euro)*

*Valur:*

*Jkun xi jkun il-valur:*

| | |
|---|---|
| — | *1 (Oġġetti arkeoloġiċi)* |
| — | *2 (Monumenti żarmati)* |
| — | *9 (Inkunabula u manuskritti)* |
| — | *12 (Arkivji)* |

*15 000*

| | |
|---|---|
| — | *5 (Mużajk u tpinġijiet)* |
| — | *6 (Inċiżjonijiet)* |
| — | *8 (Ritratti)* |
| — | *11 (Mapep stampati)* |

*30 000*

| | |
|---|---|
| — | *4 (Akkwarelli, gwazzi u pastelli)* |

*50 000*

| | |
|---|---|
| — | *7 (Statwi)* |
| — | *10 (Kotba)* |
| — | *13 (Kollezzjonijiet)* |
| — | *14 (Mezzi ta' trasport)* |

| | |
|---|---|
| — | ***15 (Kwalunkwe oġġett ieħor)*** |
| ***150 000*** | |
| — | ***3 (Stampi)*** |

***Il-valutazzjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet li jirreferu għall-valur finanzjarju jkunux issodisfati jew le għandha ssir meta tiġi ppreżentata applikazzjoni għal liċenzja tal-esportazzjoni. Il-valur finanzjarju hu dak li l-beni kulturali jkollhom fis-suq internazzjonali.***

***Il-valuri espressi f'euro fl-Anness I għandhom jiġu kkonvertiti u espressi f'muniti nazzjonali bir-rata tal-kambju tal-31 ta' Diċembru 2001 ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej. Dan il-kontravalur f'muniti nazzjonali għandu jiġi rivedut kull sentejn b'effett mill-31 ta' Diċembru 2001. Il-kalkolu ta' dan il-kontravalur għandu jkun ibbażat fuq il-medja tal-valur ta' kuljum ta' dawk il-muniti, espress f'euro, matul l-24 xahar li jagħlqu fl-aħħar jum ta' Awwissu qabel ir-reviżjoni li tidħol fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru. Fil-prinċipju, dan il-metodu ta' kalkolu għandu jiġi rivedut mill-Kumitat Konsultattiv dwar il-Beni Kulturali, fuq proposta tal-Kummissjoni, sentejn wara l-ewwel applikazzjoni. Għal kull reviżjoni, il-valuri espressi f'euro u l-valuri tagħhom f'muniti nazzjonali għandhom jiġu ppubblikati perjodikament fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea fl-ewwel ġranet tax-xahar ta' Novembru qabel id-data li fiha tidħol fis-seħħ ir-reviżjoni.***

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament**

**Anness Ib (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Anness Ib*** |
| | ***Pajjiżi u kategoriji ta' oġġetti li fir-rigward tagħhom jeżisti riskju partikolari ta' traffiku illeċitu*** |
| | ***[Il-lista għandha titfassal mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 2(2a).]*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0420

## L-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju, u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (COM(2014)0557 – C8-0142/2014 – 2014/0256(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2020/C 345/46)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0557),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 114 u 168(4)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0142/2014),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta' Jannar 2015 ([1]),

— wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-13 ta' Ġunju 2018 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0035/2016),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt ([2]);

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P8_TC1-COD(2014)0256

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, ir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku u d-Direttiva 2001/83/KE dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, Regolament (UE) 2019/5.)*

---

([1]) ĠU C 242, 23.7.2015, p. 39.
([2]) Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fl-10 ta' Marzu 2016 (Testi adottati P8_TA(2016)0088).

P8_TA(2018)0421

## Prodotti mediċinali veterinarji ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti mediċinali veterinarji (COM(2014)0558 – C8-0164/2014 – 2014/0257(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2020/C 345/47)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0558),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 114 u 168(4)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0164/2014),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta' Jannar 2015 [1],

— wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2015 dwar kura tas-saħħa aktar sikura fl-Ewropa: it-titjib tas-sikurezza tal-pazjent u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi [2],

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-13 ta' Ġunju 2018 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A8-0046/2016),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt [3];

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## P8_TC1-COD(2014)0257

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodotti mediċinali veterinarji u li jħassar id-Direttiva 2001/82/KE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, Regolament (UE) 2019/6.)*

(1) ĠU C 242, 23.7.2015, p. 54.
(2) ĠU C 353, 27.9.2016, p. 12.
(3) Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fl-10 ta' Marzu 2016 (Testi adottati, P8_TA(2016)0087).

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0422

## Il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf medikat ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf medikat u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/167/KEE (COM(2014)0556 – C8-0143/2014 – 2014/0255(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2020/C 345/48)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0556),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43 u l-Artikolu 168(4)(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8–0143/2014),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta' Jannar 2015 ([1]),

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-8 ta' Mejju 2018 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 39 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0075/2016),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi/tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P8_TC1-COD(2014)0255

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf medikat, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/167/KEE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, Regolament (UE) 2019/4.)*

---

([1]) ĠU C 242, 23.7.2015, p. 54.

P8_TA(2018)0423

# Il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (COM(2017)0275 – C8-0171/2017 – 2017/0114(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2020/C 345/49)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0275),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0171/2017),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mill-Kunsill Federali Awstrijak, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Ottubru 2017 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-1 ta' Frar 2018 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A8-0202/2018),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 81, 2.3.2018, p. 188.
([2]) ĠU C 176, 23.5.2018, p. 66.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**P8_TC1-COD(2017)0114**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Il-progress lejn il-mira, li l-Kummissjoni stabbiliet fil-White Paper tagħha tat-28 ta' Marzu 2011 ([4]), jiġifieri li għandu jsir progress lejn l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipji ta' "min iniġġes iħallas" u "l-utent iħallas", sabiex jiġi ġġenerat id-dħul u jiġi żgurat il-finanzjament għall-investimenti futuri fit-trasport, sar bil-mod ħafna u għad hemm inkonsistenzi fl-applikazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura tat-toroq madwar l-Unjoni.

***(1a) F'dik il-White Paper, il-Kummissjoni stabbiliet skadenza sal-2020 biex "tipproċedi lejn internalizzazzjoni sħiħa u obbligatorja tal-ispejjeż esterni (inklużi l-istorbju, it-tniġġis lokali u l-konġestjoni apparti l-irkupru obbligatorju tal-ispejjeż tat-tkagħbir bl-użu) għat-trasport bit-triq u bil-ferrovija".*** **[Em. 1]**

***(1b) Il-moviment tal-vetturi tal-merkanzija u tal-passiġġieri huwa fattur li jikkontribwixxi għall-emissjoni ta' sustanzi li jniġġsu fl-atmosfera. Tali sustanzi li jniġġsu, li għandhom impatt kbir ħafna fuq is-saħħa tan-nies u jwasslu għad-deterjorament tal-kwalità tal-arja ambjentali fl-Ewropa, jinkludu l-PM2,5, l-$NO_2$ u l-$O_3$. Fl-2014, dawk it-tliet sustanzi li jniġġsu kkaġunaw rispettivament 399 000, 75 000 u 13 600 każ ta' mewt prematur fl-Unjoni minħabba esponiment fit-tul, skont l-estimi tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ippubblikati fl-2017.*** **[Em. 2]**

***(1c) Skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, l-istorbju mit-traffiku fit-toroq waħdu huwa t-tieni fattur ta' stress ambjentali l-aktar dannuż fl-Ewropa, eżatt wara t-tniġġis tal-arja. Mill-inqas 9 000 każ ta' mewt prematur fis-sena jistgħu jiġu attribwiti lill-mard tal-qalb ikkawżat mill-istorbju mit-traffiku.*** **[Em. 3]**

***(1d) Skont ir-rapport tal-2017 tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar il-kwalità tal-arja fl-Ewropa, fl-2015 it-trasport bit-triq kien is-settur bl-aktar emissjonijiet ta' NOx u t-tieni għas-sustanzi li jniġġsu li jkunu ġejjin mill-iswed tal-karbonju.*** **[Em. 4]**

(2) Fil-Komunikazzjoni tagħha dwar Strateġija Ewropea għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi ([5]), il-Kummissjoni ħabbret li se tipproponi r-reviżjoni tad-Direttiva dwar it-tariffi għat-trakkijiet sabiex tippermetti tariffi wkoll abbażi tad-differenzjazzjoni tad-diossidu tal-karbonju, u l-estensjoni ta' xi whud mill-prinċipji tagħha għax-xarabanks u l-kowċis, kif ukoll għall-karozzi tal-passiġġieri u l-vannijiet.

([1]) ĠU C 81, 2.3.2018, p. 188.
([2]) ĠU C 176, 23.5.2018, p. 66.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018.
([4]) Il-White Paper tat-28 ta' Marzu 2011 "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti" (COM(2011)0144).
([5]) COM(2016)0501.

(3) Il-vetturi ~~heavy-duty~~ kollha għandhom impatt sinifikanti fuq l-infrastruttura tat-toroq u jikkontribwixxu għat-tniġġis tal-arja***, u*** ~~filwaqt li~~ l-vetturi ~~light-duty~~ ***ħfief*** huma s-sors tal-maġġoranza tal-impatti ambjentali u soċjali negattivi mit-trasport bit-triq fir-rigward tal-emissjonijiet u l-konġestjoni. Fl-interess tat-trattament ugwali u l-kompetizzjoni ġusta, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-vetturi li sa issa mhumiex koperti mill-qafas stabbilit fid-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), fir-rigward tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti, jiġu inklużi f'dan il-qafas. Għalhekk, jenħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva jiġi estiż għall-vetturi heavy-duty minbarra dawk maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija u għall-vetturi light-duty, ~~inklużi~~ l-karozzi tal-passiġġieri. ***It-tariffi għall-karozzi tal-passiġġieri jistgħu jiġu aġġustati sabiex tiġi evitata penalizzazzjoni eċċessiva tal-utenti frekwenti. Għal raġunijiet ta' trattament ugwali, jenħtieġ li t-tariffi jiġu applikati b'mod mhux diskriminatorju, abbażi tal-kategorija tal-vettura, kif ukoll b'mod differenti, skont l-impatt tal-vettura fuq l-infrastrutturi u fuq l-ambjent u s-soċjetà, u skont il-qagħda soċjoekonomika ta' ċerti utenti li ma jkollhom ebda għażla ħlief li jużaw it-triq biex jaslu fil-post tax-xogħol tagħhom.*** **[Em. 5]**

***(3a) Biex jiġi stabbilit suq intern tat-trasport bit-triq b'kundizzjonijiet ekwi, jenħtieġ li r-regoli jiġu applikati b'mod uniformi. Wieħed mill-għanijiet ewlenin ta' din id-Direttiva huwa l-eliminazzjoni ta' distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn l-utenti. Għaldaqstant, il-vannijiet li jittrasportaw merkanzija bit-triq jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tat-tariffi applikati għall-vetturi heavy-duty.*** **[Em. 6]**

***(3b) Sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità ta' din il-miżura, huwa importanti li jiġu inklużi biss il-vannijiet użati biex jittrasportaw merkanzija bit-triq li huma rregolati bir-Regolamenti (KE) Nru 1071/2009 ([2]) u (KE) Nru 1072/2009 ([3]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u bir-Regolament (UE) Nru 165/2014 ([4]) tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.*** **[Em. 7]**

(4) Il-ħlasijiet fuq l-utenti abbażi tal-ħin, min-natura tagħhom, ma jirriflettux l-ispejjeż tal-infrastruttura li fil-fatt jiġġarbu u, għal raġunijiet simili, mhumiex effikaċi bħala inċentiv għal operazzjonijiet aktar nodfa u aktar effiċjenti, jew it-tnaqqis tal-konġestjoni. ~~Għalhekk~~ ***Għall-vetturi tqal, il-ħlasijiet fuq l-utenti abbażi tal-ħin għalhekk*** jenħtieġ li ~~dawn~~ jitnaqqsu gradwalment b'tariffi abbażi tad-distanza, li jkunu aktar ġusti, aktar effiċjenti u aktar effikaċi. **[Em. 8]**

***(4a) Sabiex ikun żgurat li din is-sostituzzjoni gradwali tal-ħlasijiet fuq l-utenti abbażi tal-ħin bi ħlasijiet abbażi tad-distanza ma ssirx ostaklu ulterjuri għall-aċċess għas-swieq Ewropej ewlenin tat-trasport minn pajjiżi u reġjuni periferiċi, jenħtieġ li mill-iktar fis possibbli titqiegħed fis-seħħ sistema ta' kumpens sabiex tagħmel tajjeb għall-ispejjeż miżjuda u b'hekk jiġi evitat telf sinifikanti ta' kompetittività.*** **[Em. 10]**

***(4b) Sabiex jiġi evitat li t-traffiku jibda juża t-toroq mingħajr ħlas għall-użu tagħhom, li jista' jkollu impatt kbir ħafna fuq is-sikurezza tat-toroq u fuq l-użu ottimali tan-netwerk tat-toroq, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jimponu ħlasijiet għall-użu fit-toroq kollha li jkunu f'kompetizzjoni diretta man-netwerks trans-Ewropej.*** **[Em. 11]**

***(4c) Il-ħlasijiet fuq l-utenti abbażi tal-ħin iħeġġu lis-sewwieqa jivvjaġġaw aktar meta l-vignette tagħhom tkun valida, u b'hekk jiġi applikat b'mod żbaljat il-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" u "min juża jħallas".*** **[Em. 12]**

---

([1]) Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (ĠU L 187, 20.7.1999, p. 42).

*([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51)*

*([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72)*

*([4]) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).*

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

*(4d)* ***Sabiex jiġi żgurat li din id-Direttiva tiġi applikata sew, l-oqfsa kuntrattwali li jirregolaw il-kuntratti ta' konċessjoni fir-rigward tal-ġbir ta' tariffi tat-triq jenħtieġ li, b'kusiderazzjoni xierqa tad-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jiffaċilitaw l-adattabbiltà ta' dawk il-kuntratti skont it-tibdil tal-qafas regolatorju tal-Unjoni.*** **[Em. 13]**

*(4e)* ***F'dan ir-rigward, jenħtieġ li titqies il-possibbiltà li l-ispejjeż miżjuda minħabba l-periferiċità jiġu kkumpensati permezz ta' faċilitajiet fir-rigward tal-aċċess għal flotot aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tal-istabbiliment prijoritarju ta' infrastruttura esklużiva jew ta' teknoloġiji bħal awtostradi elettriċi. Dawk il-faċilitajiet ta' kumpens jistgħu jiffurmaw parti mill-FNE futura wara l-2020.*** **[Em. 14]**

(5) Sabiex tiġi żgurata l-aċċettazzjoni mill-utenti tal-iskemi futuri tal-pedaġġ tat-toroq, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jintroduċu sistemi adegwati għall-ġbir tal-ħlasijiet bħala parti minn pakkett usa' ta' servizzi ta' mobbiltà. Sistemi bħal dawn ~~għandhom~~ ***jenħtieġ li*** jiżguraw distribuzzjoni ġusta tal-ispejjeż tal-infrastruttura u jirriflettu l-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" ***u jinkorporaw arranġamenti għad-delimitazzjoni tal-irċevuti mill-ħlasijiet fuq l-utenti. F'dak ir-rigward, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu liberi wkoll li jimponu ħlasijiet għall-użu fit-toroq li ma jiffurmawx parti min-netwerk ewlieni tat-trasport***. Jenħtieġ li l-Istati Membri li jintroduċu sistema ta' din ix-xorta jiżguraw li din tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). **[Em. 15]**

*(5a)* ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jqisu l-fatturi soċjoekonomiċi meta japplikaw skemi ta' tariffi għall-infrastruttura tat-toroq għall-karozzi tal-passiġġieri*** **[Em. 16]**

*(5b)* ***L-impożizzjoni ta' ħlasijiet fuq l-utenti kollha tat-triq b'mezzi elettroniċi tinvolvi l-ġbir u l-ħżin fuq skala enormi ta' data personali, li tista' tintuża wkoll biex jitfasslu profili komprensivi tal-movimenti. Meta jimplimentaw din id-Direttiva, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jqisu sistematikament il-prinċipji tal-limitazzjoni tal-iskop u tal-minimizzazzjoni tad-data. Għalhekk jenħtieġ li s-soluzzjonijiet tekniċi għal-ġbir ta' data b'rabta mal-impożizzjoni ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq jinkorporaw possibbiltajiet ta' ħlas anonimizzat, kriptat jew bil-quddiem.*** **[Em. 17]**

*(5c)* ***It-taxxi fuq il-vetturi jistgħu jaġixxu bħala ostaklu għall-introduzzjoni ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq. Sabiex tiġi appoġġata l-introduzzjoni tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw aktar lok biex inaqqsu malajr it-taxxi fuq il-vetturi, jiġifieri billi jitnaqqsu kemm jista' jkun malajr ir-rati minimi stipulati fid-Direttiva 1999/62/KE*** **[Em. 18]**

*(5d)* ***Huwa ta' importanza partikolari li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' ħlasijiet ġusta li ma tippenalizzax lill-utenti ta' vetturi privati li, minħabba l-post tar-residenza tagħhom f'żona rurali jew f'żoni li diffiċli li wieħed jaċċedi għalihom jew iżolati, ikollhom bilfors jużaw b'mod aktar regolari toroq prinċipali soġġetti għal ħlasijiet. Skont il-politika ta' żvilupp territorjali, jenħtieġ li l-Istati Membri jimponu ħlasijiet imnaqqsa fuq l-utenti minn żoni bħal dawn.*** **[Em. 20]**

(6) Bħal fil-każ ta' vetturi heavy-duty, huwa importanti li jiġi żgurat li***, jekk l-Istati Membri jintroduċu*** kwalunkwe tariffa abbażi tal-ħin li tiġi applikata għall-vetturi light-duty***, din*** tkun proporzjonata, inkluż fir-rigward ta' perjodi tal-użu ta' iqsar minn sena. F'dak ir-rigward, jeħtieġ li jitqies il-fatt li vetturi light-duty għandhom xejriet tal-użu differenti minn dawk ta' vetturi heavy-duty. Il-kalkolu ta' tariffi proporzjonati abbażi tal-ħin jista' jkun ibbażat fuq ~~id-dejta~~ ***id-data*** disponibbli dwar ix-xejriet tal-vjaġġi***, sakemm jiżgura n-nondiskriminazzjon***. **[Em. 21]**

([1]) Id-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq fil-Komunità (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 124).

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

(7) Skont id-Direttiva 1999/62/KE, tariffa għall-ispejjeż esterni ~~tista'~~ ***konsistenti mal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas" jenħtieġ li*** tiġi imposta fuq livell qrib għall-ispiża marġinali soċjali tal-użu tal-vettura kkonċernata. Intwera li dak il-metodu huwa l-aktar mod ġust u effiċjenti biex jitqiesu l-impatti ambjentali u tas-saħħa negattivi tat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju ġġenerati minn vetturi heavy-duty, u jkun jiżgura kontribuzzjoni ġusta mill-vetturi heavy-duty biex jintlaħqu l-istandards tal-UE għall-kwalità tal-arja [1], kif ukoll kwalunkwe limitu jew mira applikabbli għall-istorbju. Għalhekk, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' tariffi bħal dawn tiġi ffaċilitata. **[Em. 22]**

(8) Għal dan l-għan, jenħtieġ li ***tiġi introdotta l-possibbiltà li tiġi applikata tariffa għall-ispejjeż esterni fuq in-netwerks li mhumiex koperti minn tariffa għall-infrastruttura u*** t-tariffi massimi tal-medja ponderata għall-ispejjeż esterni ~~tiġi ssostitwita mill-valuri ta' referenza~~ ***jenħtieġ li jiġu sostitwiti bil-valuri minimi*** aġġornati fid-dawl tal-inflazzjoni, il-progress xjentifiku li jkun sar biex jiġu stmati l-ispejjeż esterni tat-trasport bit-triq u l-evoluzzjoni tal-kompożizzjoni tal-flotta. **[Em. 23]**

***(8a) Sabiex jintlaħaq l-objettiv tal-White Paper dwar it-Trasport li jkun hemm applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' "min iniġġes iħallas", jenħtieġ li jiġi żgurat li, fin-netwerks koperti minn tariffa għall-infrastruttura, tapplika tariffa għall-ispejjeż esterni għall-vetturi heavy-duty u għall-vannijiet li jittrasportaw merkanzija bit-triq.*** **[Em. 24]**

***(8b) Sabiex jiġi żgurat użu mill-ġdid xieraq tad-dħul mit-tariffi għall-ispejjeż esterni, ikun xieraq li dak id-dħul jerġa' jiġi investit fis-settur tal-infrastruttura tat-trasport sabiex jiġu promossi modi ta' trasport aktar sostenibbli b'impatt ambjentali iżgħar.*** **[Em. 25]**

(9) Il-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura skont il-klassijiet tal-emissjonijiet Euro kkontribwiet għall-użu ta' vetturi aktar nodfa. Madankollu, bit-tiġdid tal-flotot tal-vetturi, huwa mistenni li l-varjazzjoni tat-tariffi fuq din il-bażi fin-netwerk interurban ~~tiskadi~~ ***issir inqas effettiva*** sa tmiem l-2020 u għalhekk jenħtieġ li titneħħa gradwalment sa dak iż-żmien. Mill-istess mument, jenħtieġ li l-impożizzjoni ta' tariffi għall-ispejjeż esterni tiġi applikata b'mod aktar sistematiku bħala mezz immirat lejn l-irkupru tal-ispejjeż esterni fir-rigward ta' sitwazzjonijiet fejn dan huwa tal-ogħla importanza. **[Em. 27]**

(10) Is-sehem tal-emissjonijiet tas-CO2 minn vetturi heavy-duty qiegħed jiżdied. Varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura skont dawn l-emissjonijiet tista' tikkontribwixxi għal titjib f'dan il-qasam u għalhekk jenħtieġ li tiddaħħal.

(11) Il-vetturi light-duty jiġġeneraw żewġ terzi tal-impatti ambjentali negattivi tat-trasport bit-triq fuq l-ambjent u fuq is-saħħa. Għalhekk huwa importanti li jkun hemm inċentiv biex jintużaw il-vetturi l-aktar nodfa u l-aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil permezz tad-differenzjazzjoni tat-tariffi tat-triq abbażi ta' fatturi tal-konformità definiti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/427 [2], ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/646 [3], u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/xxx [4].

(12) Sabiex jitħeġġeġ l-użu tal-vetturi l-aktar nodfa u effiċjenti, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw ħlasijiet għall-użu tat-triq u ħlasijiet fuq l-utenti mnaqqsa ferm għal dawk il-vetturi. ***Sabiex tiġi ffaċilitata u titħaffef l-implimentazzjoni ta' skemi bħal dawn, jenħtieġ li dak it-tnaqqis jiġi applikat indipendentement mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) …/… li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet ta' $CO_2$ u l-konsum tal-fjuwil minn vetturi heavy-duty. Il-vetturi b'żero emissjonijiet jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal xi tariffa għall-ispejjeż esterni relatata mat-tniġġis tal-arja.*** **[Em. 28]**

***(12a) It-tranżitu trans-Alpin jirrappreżenta problema partikolari għar-reġjuni affettwati, fil-forma ta' tniġġis mill-istorbju u tal-arja u ta' tkagħbir bl-użu fuq l-infrastruttura, problema li ssir ferm akbar minħabba l-kompetizzjoni mal-kurituri fil-qrib f'dak li jirrigwarda l-prezzijiet. Għalhekk jenħtieġ li r-reġjuni affettwati u l-Istati Membri jingħataw marġni wiesa' ta' flessibbiltà f'dak li jirrigwarda t-tariffi għall-ispejjeż esterni u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni tat-traffiku, anke bil-għan li jiġu evitati effetti ta' spostament mhux mixtieqa u li t-traffiku jiġi ddevjat bejn il-kurituri.*** **[Em. 29]**

---

(1) Id-Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa, (ĠU L 152, 11.06.2008, p. 1).

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/427 tal-10 ta' Marzu 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 692/2008 fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi ħfief għall-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali (Euro 6) (ĠU L 82, 31.3.2016, p. 1).

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/646 tal-L-Erbgħa, 20 ta' April 2016 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 692/2008 fir-rigward tal-emissjonijiet minn vetturi ħfief għall-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali (Euro 6) (ĠU L 109, 26.4.2016, p. 1).

(4) …

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

(13) Il-konġestjoni tat-toroq, li għaliha jikkontribwixxu l-vetturi bil-mutur kollha bi proporzjonijiet differenti, tirrappreżenta spiża ta' madwar 1 % tal-PDG. Parti sinifikanti ta' din l-ispiża tista' tiġi attribwita lill-konġestjoni interurbana. Għalhekk jenħtieġ li tiġi permessa tariffa speċifika marbuta mal-konġestjoni, bil-kundizzjoni li tiġi applikata għall-kategoriji kollha tal-vetturi. Sabiex tkun effikaċi, ~~u~~ proporzjonata ***u nondiskriminatorja***, jenħtieġ li t-tariffa tiġi kkalkulata abbażi tal-ispiża marġinali tal-konġestjoni u ddifferenzjata skont il-post, il-ħin u l-kategorija tal-vettura. ***Bl-istess mod, jenħtieġ li jinstabu formuli li jibbilanċaw u jikkumpensaw u li ma jiddiskriminawx kontra ħaddiema li jgħixu fil-periferiji tal-bliet, li diġà jkollhom iġarrbu l-ispejjeż kemm tal-ħlasijiet fuq l-utenti kif ukoll tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq.*** Sabiex jiġi massimizzat l-effett pożittiv tat-tariffi għall-konġestjoni, jenħtieġ li d-dħul korrispondenti jiġi allokat għal proġetti li jindirizzaw is-sorsi tal-problema. **[Em. 30]**

***(13a) Sabiex jgħinu fis-salvagwardja tal-wirt awtomobilistiku tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jqiegħdu l-vetturi ta' interess storiku f'kategorija speċjali għall-finijiet tal-aġġustament tad-diversi tariffi li jridu jitħallsu skont din id-Direttiva.*** **[Em. 31]**

(14) Jenħtieġ li t-tariffi għall-konġestjoni jirriflettu l-ispejjeż reali li timponi kull vettura fuq l-utenti l-oħra tat-triq direttament, u indirettament fuq is-soċjetà b'mod ġenerali, b'mod proporzjonat. Sabiex jiġi evitat li dawn ixekklu b'mod sproporzjonat il-moviment ħieles tal-persuni u l-merkanzija, jenħtieġ li jkunu limitati għal ammonti speċifiċi li jirriflettu l-ispiża marġinali tal-konġestjoni fil-kundizzjoni qrib il-kapaċità, jiġifieri meta l-volumi tat-traffiku joqorbu l-livell ta' traffiku li jifilħu t-toroq.

(15) Jenħtieġ li l-varjazzjoni newtrali mil-lat ta' dħul tat-tariffi għall-infrastruttura applikati għall-vetturi tqal tal-merkanzija, strument subottimali għall-fini tat-tnaqqis tal-konġestjoni, titneħħa gradwalment.

***(15a) Minħabba l-livell għoli tal-ispejjeż esterni tal-inċidenti, li jammontaw għal għexieren ta' biljuni ta' euro kull sena, b'rabta mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) rigward il-kalkolu tal-ispiża soċjali medja ta' inċidenti fatali u serji, l-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw il-possibbiltà li jinternalizzaw aħjar l-ispejjeż mhux koperti mill-assigurazzjoni. Parti minn dawk l-ispejjeż tkun imħallsa mill-iskema tas-sigurtà soċjali rilevanti jew mis-soċjetà inġenerali, bħall-ispejjeż amministrattivi tas-servizzi pubbliċi użati, ċerti spejjeż ta' servizzi mediċi użati kif ukoll it-telf ta' kapital uman u l-ispejjeż relatati ma' danni fiżiċi u psikoloġiċi.*** **[Em. 32]**

(16) Il-mark-ups li jiżdiedu mat-tariffa għall-infrastruttura jistgħu jipprovdu wkoll kontribuzzjoni utli biex jiġu indirizzati l-problemi relatati ma' ħsara ambjentali jew konġestjoni sinifikanti li jirriżultaw mill-użu ta' ċerti toroq, mhux biss dawk f'żoni muntanjużi. ~~Għalhekk, jenħtieġ li jitneħħew ir-restrizzjoni attwali tal-mark-ups għal żoni bħal dawn~~ ***Jenħtieġ għalhekk li tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-mark-ups billi jitneħħew ir-restrizzjonijiet attwali li jillimitaw il-mark-ups għal żoni bħal dawn u jiġu trasferiti għal proġetti tan-netwerk ċentrali tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport***. Sabiex jiġi evitat li l-utenti jiġu ċċarġjati darbtejn, jenħtieġ li l-mark-ups ~~jiġu esklużi~~ f'sezzjonijiet tat-triq fejn tiġi applikata t-tariffa tal-konġestjoni ***jiġu limitati b'mod aktar strett. Jenħtieġ ukoll li jiġi aġġustat il-livell massimu applikabbli għal sitwazzjonijiet differenti***. **[Em. 33]**

(17) Fil-każ li Stat Membru jintroduċi sistema ta' tariffi għat-toroq, il-kumpens li jingħata, jista', skont il-każ, jirriżulta f'diskriminazzjoni kontra l-utenti tat-toroq mhux residenti. Għalhekk jenħtieġ li l-possibbiltà li jingħata kumpens f'dawn il-każijiet tkun limitata għal każijiet ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq u ma għandhiex tibqa' disponibbli fil-każ ta' ħlasijiet fuq l-utenti.

***(17a) Bħal fir-rigward tal-vetturi light-duty, huwa importanti li jkun żgurat li din id-Direttiva ma tostakolax il-moviment liberu taċ-ċittadini. Jenħtieġ li l-Istati Membri ma jitħallewx jintroduċu skontijiet u tnaqqis meta l-utenti tat-toroq ikunu affettwati b'mod sproporzjonat mit-tariffi minħabba raġunijiet ġeografiċi jew soċjali.*** **[Em. 34]**

([1]) *Id-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq (ĠU L 319, 29.11.2008, p. 59).*

(18) Sabiex jiġu sfruttati s-sinerġiji potenzjali bejn is-sistemi eżistenti tat-tariffi tat-toroq sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż operattivi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun involuta bis-sħiħ fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri li jkunu beħsiebhom jintroduċu skemi komuni ***u interoperabbli*** tat-tariffi tat-toroq. **[Em. 35]**

(19) It-tariffi tat-triq ~~jistgħu~~ jimmobilizzaw riżorsi li jikkontribwixxu għall-finanzjament ***u għall-finanzjament inkroċjat ta' proġetti ta' infrastruttura ta' trasport alternattiv u*** tal-manutenzjoni u l-iżvilupp ta' infrastruttura ***u servizzi*** tat-trasport ta' kwalità għolja. Huwa għalhekk xieraq ~~li l-Istati~~ ***għall-Istati*** Membri j~~ingħataw inċentiv biex~~ ***li*** jużaw id-dħul mit-tariffi tat-triq għal dan il-għan, u ~~b'hekk li jkun meħtieġ li~~ ***jkunu meħtieġa*** jirrapportaw b'mod adegwat dwar l-użu ta' dħul bħal dan. ***Id-dħul mit-tariffi għall-infrastruttura u t-tariffi għall-ispejjeż esterni għalhekk jenħtieġ li jerġa' jiġi investit fis-settur tat-trasport***. B'mod partikolari, dan għandu jgħin biex jiġu identifikati lakuni li jista' jkun hemm fil-finanzjament u biex itejjeb l-aċċettazzjoni tat-tariffi tat-toroq mill-pubbliku. **[Em. 36]**

(20) B'mod partikolari, l-għan ta' din id-Direttiva huwa li jiġi żgurat li l-iskemi tal-ipprezzar nazzjonali applikati għal vetturi minbarra l-vetturi tqal tal-merkanzija jiġu applikati f'qafas koerenti li jiżgura t-trattament ugwali madwar l-Unjoni. Dan ma jistax jintlaħaq b'mod tajjeb biżżejjed fil-livell tal-Istati Membri iżda minħabba n-natura transfruntiera tat-trasport bit-triq u minħabba l-problemi li din id-Direttiva trid tindirizza, jista' jiġi ttrattat b'mod aħjar fil-livell tal-Unjoni, u għaldaqstant l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv.

(21) Huwa meħtieġ li t-tariffi għall-ispejjeż esterni jkomplu jirriflettu l-ispiża tat-tniġġis tal-arja u l-istorbju ġġenerati mill-vetturi heavy-duty, bl-aktar mod akkurat ~~possibli~~ ***possibbli*** mingħajr ma l-iskema tat-tariffi ssir kumplessa żżejjed, biex jingħata inċentiv għall-vetturi l-aktar effiċjenti fl-użu tal-fjuwil u biex l-inċentivi jibqgħu effikaċi kif ukoll biex id-differenzjazzjoni tat-tariffi tat-triq tibqa' aġġornata. Għalhekk, jenħtieġ li s-setgħa li tadotta l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex il-valuri ~~ta' referenza~~ ***minimi*** jiġu adattati għall-iċċarġjar tal-ispejjeż esterni skont il-progress xjentifiku, biex jiġu definiti l-modalitajiet għall-varjazzjoni newtrali mil-lat tad-dħul tat-tariffi għall-infrastruttura skont l-emissjonijiet tas-CO2 minn vetturi heavy-duty u biex jiġu adattati l-modalitajiet tal-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura għal vetturi ~~light-duty~~ ***ħfief*** skont il-progress tekniku. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 ([1]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u b'mod sistematiku l-esperti tagħhom ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qed jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati. **[Em. 37]**

***(21a) Sa mhux aktar tard minn sentejn wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tippreżenta qafas ġeneralment applikabbli, trasparenti u ċar għall-internalizzazzjoni tal-ispejjeż ambjentali, tal-konġestjoni u tas-saħħa li jifforma l-bażi għal kalkoli futuri tat-tariffi għall-infrastruttura. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tipproponi mudell akkumpanjat b'analiżi tal-impatt fuq l-internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni għall-modi kollha tat-trasport. Fir-rigward tal-proporzjonalità, iridu jitqiesu l-modi kollha b'rabta mal-impożizzjoni ta' tariffi għall-ispejjeż esterni.*** **[Em. 38]**

***(21b) Fl-interess tat-trasparenza, ikun xieraq li l-Istati Membri jiddivulgaw lill-utenti tat-toroq ir-riżultati miksuba mill-investiment mill-ġdid tat-tariffi għall-infrastruttura, it-tariffi għall-ispejjeż esterni u t-tariffi għall-konġestjoni. Għalhekk, jenħtieġ li jħabbru l-benefiċċji miksuba f'termini ta' sikurezza aħjar fit-toroq, tnaqqis tal-impatt ambjentali u tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku.*** **[Em. 39]**

(22) Sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li l-proċedura konsultattiva tintuża għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu sett armonizzat ta' indikaturi għall-evalwazzjoni tal-kwalità tan-netwerks tat-toroq. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

---

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

(23) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 1999/62/KE tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 1999/62/KE hi emendata kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-Direttiva 1999/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1999 dwar il-ħlas li jrid isir ***abbażi tad-distanza*** mill-utenti tal-vetturi għall-użu tal-infrastrutturi tat-toroq"; **[Em. 40]**

(2) L-Artikoli 1 u 2 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tapplika għal:

(a) taxxi tal-vetturi għall-vetturi tqal tal-merkanzija,

(b) ħlasijiet għall-użu tat-triq u ħlasijiet fuq l-utenti imposti fuq l-użu tal-vetturi.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal vetturi li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport esklussivament fit-territorji mhux Ewropej tal-Istati Membri.

3. Din id-Direttiva lanqas ma għandha tapplika għal vetturi rreġistrati fil-Gżejjer Kanarji, f'Ceuta u Melilla, fl-Ażores jew f'Madejra u li jwettqu operazzjonijiet tat-trasport esklużivament f'dawk it-territorji jew bejn dawk it-territorji u, rispettivament, il-partijiet kontinentali ta' Spanja u tal-Portugall.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

(1) 'netwerk trans-Ewropew tat-trasport' tfisser l-infrastruttura tat-trasport bit-triq imsemmija fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) kif jidher fil-mapep fl-Anness I ta' dak ir-Regolament;

(2) 'spejjeż tal-kostruzzjoni' tfisser l-ispejjeż marbuta mal-bini, inkluż, fejn xieraq, l-ispejjeż tal-finanzjament ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) infrastruttura ġdida jew titjib tal-infrastruttura ġdida, inklużi tiswijiet strutturali sinifikanti ***jew infrastruttura tat-trasport alternattiv għal bidla modali***; **[Em. 41]**

(b) infrastruttura jew titjib tal-infrastruttura, inklużi tiswijiet strutturali sinifikanti, li tlestew sa mhux aktar tard minn 30 sena qabel l-10 ta' Ġunju 2008, fejn diġà kienu fis-seħħ arranġamenti għall-ħlas għall-użu tat-triq fl-10 ta' Ġunju 2008, jew li tlestew mhux aktar minn 30 sena qabel l-istabbiliment ta' kwalunkwe arranġament ġdid ta' ħlas għall-użu tat-triq introdott wara l-10 ta' Ġunju 2008;

(c) infrastruttura jew titjib tal-infrastruttura li tlestew qabel l-10 ta' Ġunju 2008 fejn:

(i) Stat Membru jkun stabbilixxa sistema ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq li tipprevedi l-irkupru ta' dawn l-ispejjeż permezz ta' kuntratt ma' operatur tas-sistema tal-ġbir tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq, jew atti legali oħra li għandhom effett ekwivalenti, li daħlu fis-seħħ qabel l-10 ta' Ġunju 2008, jew

(ii) Stat Membru jista' juri li l-każ biex tinbena l-infrastruttura kkonċernata ddependa fuq il-fatt li din għandha ħajja tad-disinn ta' aktar minn 30 sena.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

(3) 'spejjeż tal-finanzjament' tfisser kwalunkwe imgħax fuq is-self u r-redditu fuq kwalunkwe finanzjament tal-ekwità kontribwit mill-azzjonisti;

(4) 'tiswijiet strutturali sinifikanti' tfisser tiswijiet strutturali minbarra dawk it-tiswijiet li ma għandhom l-ebda benefiċċju kurrenti għall-utenti tat-toroq, b'mod partikolari f'każijiet fejn ix-xogħol ta' tiswija jkun ġie ssostitwit minn pavimentar mill-ġdid tat-toroq jew minn xogħol ieħor ta' kostruzzjoni;

(5) 'awtostrada' tfisser triq iddisinjata u mibnija apposta għat-traffiku ta' vetturi bil-mutur, li ma twassalx għal proprjetajiet li jmissu magħha, u li tissodisfa l-kriterji li ġejjin:

(a) hija pprovduta, għajr f'punti speċjali jew b'mod temporanju, b'karreġġati separati għaż-żewġ direzzjonijiet tat-traffiku, separati minn xulxin jew bi strippa diviżorja mhux intenzjonata għat-traffiku jew, b'mod eċċezzjonali, b'mezzi oħra;

(b) ma taqsam, fl-istess livell, ebda triq, linja tal-ferrovija jew tat-tramm, passaġġ għar-roti jew passaġġ għall-mixi;

(c) hija ddeżinjata speċifikament bħala awtostrada;

(6) 'ħlas għall-użu tat-triq' tfisser ammont speċifiku bbażat fuq id-distanza ta' vjaġġ fuq infrastruttura partikolari u fuq it-tip ta' vettura, li l-ħlas tiegħu jikkonferixxi d-dritt biex vettura tuża l-infrastrutturi, u li jinkludi ~~tariffa għall-infrastruttura u, skont il-każ,~~ tariffa ~~tal-konġestjoni inkella~~***waħda jew aktar mit-tariffi li ġejjin:*** tariffa ***għall-infrastruttura, jew*** għall-ispejjeż esterni ~~jew it-tnejn li huma~~**; [Em. 42]**

(7) 'tariffa għall-infrastruttura' tfisser tariffa imposta bl-iskop li jiġu rkuprati l-ispejjeż tal-kostruzzjoni, tal-manutenzjoni, tat-tħaddim u tal-iżvilupp relatati mal-infrastruttura mġarrba fi Stat Membru;

(8) 'tariffa għall-ispejjeż esterni' tfisser tariffa imposta bl-iskop li jiġu rkuprati l-ispejjeż imġarrba fi Stat Membru li huma relatati mat-tniġġis tal-arja jew l-istorbju mit-traffiku, jew it-tnejn li huma;

(9) 'konġestjoni' tfisser sitwazzjoni fejn il-volumi tat-traffiku joqorbu lejn jew jeċċedu l-kapaċità li jifilħu t-toroq;

(10) 'tariffa tal-konġestjoni' tfisser tariffa li tiġi imposta fuq il-vetturi għall-fini li jiġu rkuprati l-ispejjeż tal-konġestjoni mġarrba fi Stat Membru u biex titnaqqas il-konġestjoni;

(11) 'spiża tat-tniġġis tal-arja mit-traffiku' tfisser l-ispiża tal-ħsara ~~kkawżata~~ ***għas-saħħa tal-bniedem u tal-ħsara ambjentali kkawżati*** mir-rilaxx ta' materjal partikulat u ta' prekursuri tal-ożonu, bħall-ossidu tan-nitroġenu u l-komposti organiċi volatili, matul it-tħaddim ta' vettura; **[Em. 43]**

(12) 'spiża tat-tniġġis tal-istorbju mit-traffiku' tfisser l-ispiża tal-ħsara ~~kkawżata~~***għas-saħħa tal-bniedem u tal-ħsara ambjentali kkawżati*** mill-istorbju ġġenerat mill-vetturi jew mill-interazzjoni tagħhom mal-wiċċ tat-toroq; **[Em. 44]**

(13) 'tariffa medja ponderata għall-infrastruttura' tfisser id-dħul totali ta' tariffa għall-infrastruttura fuq perjodu ta' żmien speċifiku diviż bl-għadd ta' kilometri vvjaġġati minn vetturi heavy-duty fuq is-sezzjonijiet tat-toroq soġġetti għat-tariffa matul dak il-perjodu;

(14) 'ħlas għall-utenti' tfisser ħlas ta' ammont speċifikat li jagħti d-dritt biex vettura tuża għal perjodu speċifiku l-infrastrutturi msemmija fl-Artikolu 7(1) u (2);

(15) 'vettura' tfisser vettura motorizzata, b'erba' roti jew aktar, inkella kombinazzjoni artikolata ta' vetturi maħsuba għall-użu jew użata għall-ġarr ta' passiġġieri jew ta' merkanzija bit-triq;

(16) 'vettura heavy-duty' tfisser vettura tqila tal-merkanzija jew kowċ jew xarabank;

(17) 'vettura tqila tal-merkanzija' tfisser vettura maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija u li jkollha massa massima permissibbli ta' aktar minn 3,5 tunnellati;

(18) ‘kowċ jew xarabank’ tfisser vettura maħsuba għall-ġarr ta’ aktar minn 8 passiġġieri, flimkien mas-sewwieq, u li jkollha massa massima permissibbli ta’ aktar minn 3,5 tunnellati;

***(18a) ‘vettura ħafifa’ tfisser vettura light-duty jew karozza tal-passiġġieri;*** **[Em. 46]**

(19) ‘vettura light-duty’ tfisser ~~karozza tal-passiġġieri, minibus~~ ***minibus***, ***vann*** jew vann ***maħsub għat-trasport tal-merkanzija***; **[Em. 47]**

(20) ‘karozza tal-passiġġieri’ tfisser vettura b’erba’ roti maħsuba għall-ġarr tal-passiġġieri iżda mhux aktar minn tmien passiġġieri, flimkien mas-sewwieq;

***(20a) ‘vettura ta’ interess storiku’ tfisser vettura li hija ta’ interess storiku fis-sens tal-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**);*** **[Em. 48]**

(21) ‘minibus’ tfisser vettura maħsuba għall-ġarr ta’ mhux aktar minn tmien passiġġieri, flimkien mas-sewwieq, u li jkollha massa massima permissibbli ta’ mhux aktar minn 3,5 tunnellati;

(22) ‘vann’ tfisser vettura ~~maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija u~~ ***għajr karozza tal-passiġġieri*** li jkollha massa massima permissibbli ta’ mhux aktar minn 3,5 tunnellati; **[Em. 49]**

***(22a) ‘vann maħsub għall-ġarr tal-merkanzija’ tfisser vettura, li tintuża fis-settur tal-operaturi tat-trasport bit-triq kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***), u b’piż massimu permissibbli meta mgħobbija ta’ bejn 2,4 u 3,5 tunnellati u b’għoli ta’ aktar minn 2 metri;*** **[Em. 50]**

***(22b) ‘tħaddim b’żero emissjonijiet’ tfisser vettura li, b’mod verifikabbli, taħdem b’ebda emissjoni mill-egżost fit-totalità tan-netwerk tat-toroq kopert;*** **[Em. 51]**

(23) ‘vettura b’żero emissjonijiet’ tfisser vettura li ma tirrilaxxax emissjonijiet tal-egżost;

***(23a) ‘mutur’ tfisser vettura b’żewġ roti, b’sidecar jew mingħajrha, kif ukoll kwalunkwe triċiklu u kwalunkwe kwadriċiklu fil-kategoriji L3e, L4e, L5e, L6e u L7e, kif imsemmija fir-Regolament (UE) Nru 168/2013;*** **[Em. 52]**

(24) ‘operatur tat-trasport’ tfisser kull impriża li tittrasporta l-merkanzija jew il-passiġġieri bit-triq;

(25) ‘vettura tal-kategorija “EURO 0”, “EURO I”, “EURO II”, “EURO III”, “EURO IV”, “EURO V”, “EURO VI”’ tfisser vettura heavy-duty li tikkonforma mal-limiti tal-emissjonijiet stipulati fl-Anness 0;

(26) ‘tip ta’ vettura’ tfisser kategorija li fiha taqa’ vettura heavy-duty skont l-għadd ta’ fusien, id-dimensjonijiet jew il-piż tagħha, inkella skont fatturi oħra ta’ klassifikazzjoni tal-vetturi li jirriflettu l-ħsara lit-toroq, eż. is-sistema ta’ klassifikazzjoni skont il-ħsara lit-toroq stabbilita fl-Anness IV, bil-kundizzjoni li s-sistema ta’ klassifikazzjoni li tintuża tkun ibbażata fuq il-karatteristiki tal-vettura li jew jidhru fid-dokumentazzjoni tal-vettura użata fl-Istati Membri kollha, inkella li huma viżwalment apparenti;

(27) ‘kuntratt ta’ konċessjoni’ tfisser ~~‘kuntratt pubbliku ta’ xogħlijiet’~~ ***‘konċessjoni’*** kif ~~definit~~ ***definita*** fl-Artikolu ***5 (1)*** tad-Direttiva ~~2014/24/UE~~***2014/23/UE*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (****); **[Em. 53]**

(28) “konċessjoni ta’ ħlas għall-użu tat-triq” tfisser ħlas għall-użu tat-triq impost minn konċessjonarju taħt kuntratt ta’ konċessjoni.

(29) “arranġament ta’ ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ta’ tariffi emendat sostanzjalment” tfisser arranġament ta’ ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ta’ tariffi, li ġie emendat b’tali mod li l-ispejjeż jew id-dħul intlaqtu b’minn tal-anqas 5 % meta mqabbla mas-sena ta’ qabel, wara li ssir korrezzjoni għall-inflazzjoni mkejla permezz tat-tibdiliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur madwar l-UE kollha, u bl-esklużjoni tal-enerġija u tal-ikel mhux ipproċessat, kif ippubblikat mill-Kummissjoni (Eurostat). ***Fil-kuntratti ta’ konċessjoni, modifiki li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 43(1) u (2) tad-Direttiva 2014/23/UE ma għandhomx jitqiesu bħala sostanzjali.*** **[Em. 54]**

***(29a) "finanzjament inkroċjat" tfisser il-finanzjament ta' proġetti ta' infrastruttura tat-trasport alternattiv effiċjenti mid-dħul mill-ħlasijiet għall-użu tat-triq u mit-tariffi għall-infrastruttura fuq infrastruttura tat-trasport eżistenti;*** **[Em. 55]**

***(29b) "Stati Membri" tfisser l-awtoritajiet tal-Istati Membri kollha, i.e. l-awtoritajiet tal-gvern ċentrali tal-Istat, l-awtoritajiet fi stat federali u awtoritajiet territorjali oħra bis-setgħa li jiżguraw il-konformità mad-dritt tal-Unjoni.*** **[Em. 56]**

Għall-finijiet tal-punt 2:

(a) fi kwalunkwe każ, il-proporzjon ta' spejjeż t tal-kostruzzjoni li għandhom jitqiesu ma għandux jaqbeż il-proporzjon tal-perjodu tal-ħajja attwali tad-disinn tal-komponenti tal-infrastrutturi li jkun għad fadal jiskorri fl-10 ta' Ġunju 2008, jew fid-data meta jiddaħħlu l-arranġamenti l-ġodda ta' ħlas għall-użu tat-triq, fejn din tkun id-data aktar tard;

(b) spejjeż tal-infrastruttura jew it-titjib tal-infrastruttura jistgħu jinkludu kwalunkwe nefqa speċifika ~~fuq l-infrastruttura~~***, inkluża dik imġarrba minħabba rekwiżiti regolatorji ġodda,***li tkun iddisinjata biex tnaqqas id-disturbi marbuta mal-istorbju~~inkella~~***, biex tintroduċi teknoloġiji innovattivi jew*** biex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq u l-ħlasijiet reali li jsiru mill-operatur tal-infrastruttura li jikkorrispondu mal-elementi ambjentali oġġettivi bħalma huma l-protezzjoni kontra l-kontaminazzjoni tal-ħamrija."**[Em. 57]**

---

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

***(**) Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).***

***(***) Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51)***

(****) ~~Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65)~~ ***Id-Direttiva 2014/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 1)."***

***(2a) Fl-Artikolu 6(2), jiżdied il-punt li ġej:***

***"(ba) vetturi ta' interess storiku;"*** **[Em. 58]**

(3) l-Artikolu 7 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9 (1a), l-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu ħlasijiet għall-użu tat-triq uħlasijiet fuq l-utenti fuq in-netwerk trans-Ewropew tat-toroq jew fuq ċerti sezzjonijiet ta' dak in-netwerk, u fuq kwalunkwe sezzjoni oħra addizzjonali tan-netwerk tal-awtostradi tagħhom li mhux parti min-netwerk trans-Ewropew tat-toroq skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 3 sa 9 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikoli 7a sa 7k.

2. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri, f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li japplikaw ħlasijiet għall-użu tat-triq u ħlasijiet fuq l-utenti fuq toroq oħra, dment li l-impożizzjoni ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq u ħlasijiet fuq l-utenti fuq toroq oħra bħal dawn ma tiddiskriminax kontra t-traffiku internazzjonali u ma tirriżultax f'distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn l-operaturi. Il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti għal toroq minbarra toroq tan-netwerk trans-Ewropew u minbarra l-awtostradi għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, l-Artikolu 7a u l-Artikolu 7j(1), (2) u (4).

3. L-Istati Membri ma għandhomx jimponu kemm ħlasijiet għall-użu tat-triq kif ukoll ħlasijiet fuq l-utenti fuq kwalunkwe kategorija ta' vetturi għall-użu ta' sezzjoni unika ta' triq. Madankollu, Stat Membru li jimponi tariffa għall-utenti fuq in-netwerk tiegħu jista' jimponi wkoll ħlasijiet għall-użu tat-triq għall-użu ta' pontijiet, mini u passaġġi fuq muntanji.

4. Il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti ma għandhomx jiddiskriminaw, direttament jew indirettament, fuq il-bażi tan-nazzjonalità tal-utent tat-triq, tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz fejn l-operatur tat-trasport ikun stabbilit jew fejn il-vettura tkun irreġistrata, jew l-oriġini jew id-destinazzjoni tal-attività tat-trasport.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

5. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu rati mnaqqsa ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ta' ħlasijiet fuq l-utenti, jew eżenzjonijiet mill-obbligu li jitħallsu ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ħlasijiet fuq l-utenti għall-vetturi heavy-duty eżentati mir-rekwiżit li jinstallaw u jużaw tagħmir ta' reġistrazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), u f'każijiet koperti mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6(2)(a), (b) u (c) ta' din id-Direttiva.

6. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 9, ~~mill-1 ta' Jannar 2018,~~ ***minn [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]***, l-Istati Membri ma għandhomx jintroduċu ħlasijiet fuq l-utenti ta' vetturi heavy-duty ***u l-vannijiet maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija.*** Il-ħlasijiet fuq l-utenti introdotti qabel dik id-data jistgħu jinżammu sal-31 ta' Diċembru ~~2023~~ ***2022 u għandhom jiġu sostitwiti b'tariffi għall-infrastruttura mill-1 ta' Jannar 2023 fin-netwerk tat-toroq kopert b'din id-Direttiva***. **[Em. 59]**

7. Mid-[data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], l-Istati Membri ma għandhomx jintroduċu ħlasijiet fuq l-utenti ta' vetturi light-duty. Il-ħlasijiet fuq l-utenti introdotti qabel dik id-data jistgħu jinżammu sal-31 ta' Diċembru 2027.

8. Sal-31 ta' Diċembru 2019, fir-rigward ta' vetturi heavy-duty, Stat Membru jista' jagħżel li japplika ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ħlasijiet fuq l-utenti ta' vetturi biss li jkollhom piż massimu permissibbli mgħobbija ta' mhux inqas minn 12-il tunnellata jekk iqis li estensjoni għall-vetturi ta' inqas minn 12-il tunnellata:

(a) toħloq effetti avversi sinifikanti fuq iċ-ċirkolazzjoni libera tat-traffiku, l-ambjent, il-livelli ta' storbju, il-konġestjoni, is-saħħa, jew is-sikurezza fit-toroq minħabba d-devjazzjoni tat-traffiku;

(b) tinvolvi spejjeż amministrattivi ta' aktar minn 30 % tad-dħul addizzjonali li jkun ġie ġġenerat b'dik l-estensjoni.

L-Istati Membri li jagħżlu li japplikaw taxxi jew tariffi għall-użu tat-triq biss għal vetturi li jkollhom piż massimu permissibbli meta mgħobbija ta' mhux inqas minn 12-il tunnellata għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom u r-raġunijiet għaliha.

9. Mill-1 ta' Jannar 2020, il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u fuq l-utent applikati għal vetturi heavy-duty għandhom japplikaw għall-vetturi heavy-duty kollha ***u għall-vannijiet maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija***. **[Em. 61]**

10. ***Sal-31 ta' Diċembru 2022,*** ~~Il~~il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u fuq l-utenti għal vetturi heavy-duty ***u għal vannijiet maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija*** minn naħa u għal vetturi light-duty ***għajr il-vannijiet maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija*** min-naħa l-oħra jistgħu jiddaħħlu jew jinżammu b'mod indipendenti minn xulxin. **[Em. 62]**

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).";

(4) l-Artikolu 7a huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7a

1. Il-ħlasijiet fuq l-utenti għandhom ikunu proporzjonati għat-tul tal-użu li jsir mill-infrastruttura.

2. Sa fejn japplikaw il-ħlasijiet fuq l-utenti fir-rigward ta' vetturi heavy-duty, l-użu tal-infrastruttura għandu jkun disponibbli għall-inqas għall-perjodi li ġejjin: jum, ġimgħa, xahar u sena. Ir-rata għal xahar ma għandhiex tkun aktar minn 10 % tar-rata annwali, ir-rata għal ġimgħa ma għandhiex tkun aktar minn 5 % tar-rata annwali u r-rata għal ġurnata ma għandhiex tkun aktar minn 2 % tar-rata annwali.

Stat Membru jista' jiddeċiedi li japplika biss rati annwali għall-vetturi rreġistrati f'dak l-Istat Membru.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-ħlasijiet fuq l-utent, inklużi l-ispejjeż amministrattivi, għall-kategoriji kollha ta' vetturi heavy-duty, f'livell mhux ogħla mir-rati massimi stipulati fl-Anness II.

3. Sa fejn japplikaw il-ħlasijiet fuq l-utenti fir-rigward ta' karozzi tal-passiġġieri, l-użu tal-infrastruttura għandu jkun disponibbli għall-inqas għall-perjodi li ġejjin: ***ġurnata, ġimgħa,*** 10 ijiem, xahar jew xahrejn jew it-tnejn, u sena. Ir-rata għal xahrejn ma għandhiex tkun aktar minn 30 % tar-rata annwali, ir-rata ta' xahar ma għandhiex tkun aktar minn 18 % tar-rata annwali u ~~r-rata~~ ***r-rati*** ta' 10 ijiem, ***ta' ġimgħa u ta' ġurnata*** ma ~~għandhiex tkun~~ ***għandhomx ikunu*** aktar minn 8 % tar-rata annwali. **[Em. 63]**

L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħmlu l-użu tal-infrastruttura disponibbli għal perjodi oħra ta' żmien. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom japplikaw rati skont il-prinċipju tat-trattament ugwali bejn l-utenti, filwaqt li jqisu l-fatturi rilevanti kollha, b'mod partikolari r-rata annwali u r-rati applikati għall-perjodi l-oħra msemmija fl-ewwel subparagrafu, għax-xejriet eżistenti tal-użu għall-ispejjeż amministrattivi.

Fir-rigward ta' skemi ta' ħlasijiet fuq l-utenti adottati qabel il-31 ta' Mejju 2017, l-Istati Membri jistgħu jżommu rati ogħla mil-limiti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, fis-seħħ qabel dik id-data, u rati ogħla korrispondenti għal perjodi oħra ta' użu, f'konformità mal-prinċipju tat-trattament ugwali. Madankollu, għandhom jikkonformaw mal-limiti stabbilti fl-ewwel subparagrafu kif ukoll mat-tieni subparagrafu malli l-arranġamenti ta' ħlas għall-użu tat-triq jew ta' tariffi emendati sostanzjalment jidħlu fis-seħħ, u mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2024.

4. Għall-minibuses***, għall-vannijiet*** u għall-vannijiet ***maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija***, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw jew mal-paragrafu 2 inkella mal-paragrafu 3. Madankollu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ħlasijiet fuq l-utenti ogħla għall-minibuses***, għall-vannijie*** u għall-vannijiet ***maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija*** milli għall-karozzi tal-passiġġieri mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2024."; **[Em. 64]**

***4a. Il-***proporzjonalità ***tal-ħlasijiet fuq l-utenti tista' tqis il-karatteristika speċifika tal-operazzjonijiet tat-trasport li jibdew fi Stat Membru fil-periferija tal-Unjoni.";*** **[Em. 65]**

***(4a) Fl-Artikolu 7b, jiżdied il-paragrafu li ġej:***

***"2a. Is-sezzjonijiet tal-awtostradi li fuqhom tiġi applikata tariffa għall-infrastruttura għandu jkollhom l-infrastruttura neċessarja biex tiġi żgurata s-sikurezza tat-traffiku għall-utenti kollha u jista' jkollhom postijiet tal-parkeġġ sikuri fil-kundizzjonijiet klimatiċi kollha f'konformità mar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 fir-rigward tar-rekwiżiti minimi dwar il-ħinijiet tas-sewqan ta' kuljum u fil-ġimgħa, il-pawżi minimi u l-perjodi ta' mistrieħ ta' kuljum u fil-ġimgħa u r-Regolament (UE) Nru 165/2014 fir-rigward tal-pożizzjonament permezz ta' takografi (2017/0122(COD))."*** **[Em. 66]**

(5) l-Artikolu 7c huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7c

1. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu tariffa għall-ispejjeż esterni, marbuta mal-ispiża tat-tniġġis tal-arja jew tal-istorbju mit-traffiku, jew mat-tnejn li huma.

***It-tariffi*** għall-***ispejjeż esterni jistgħu jiġu introdotti jew jinżammu fuq is-sezzjonijiet tan-netwerk tat-toroq li mhumiex soġġetti għal tariffi għall-infrastruttura.***

~~Għal vetturi heavy-duty,~~ It-tariffa għall-ispejjeż esterni ***għal tniġġis tal-arja jew bl-istorbju minħabba t-traffiku,*** għandha tvarja u tiġi stabbilita f'konformità mar-rekwiżiti minimi u l-metodi msemmija fl-Anness IIIa u għandha ~~tirrispetta l-valuri ta' referenza~~ ***tikkonforma tal-anqas mal-valuri minimi*** msemmija fl-Anness IIIb. **[Em. 67]**

2. l-ispejjeż li jiġu kkunsidrati għandhom ikunu relatati man-netwerk jew mal-parti tan-netwerk li fuqu huma imposti t-tariffi għall-ispejjeż esterni u mal-vetturi li huma soġġetti għalihom. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirkupraw biss perċentwal minn dawk l-ispejjeż

3. It-tariffa għall-ispejjeż esterni marbuta mat-tniġġis tal-arja mit-traffiku ma għandhiex tapplika għal vetturi heavy-duty li jikkonformaw mal-aktar standards stretti tal-emissjonijiet EURO.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

L-ewwel subparagrafu ma għandux jibqa' japplika erba' snin mid-data meta r-regoli li introduċew dawk l-istandards bdew japplikaw.

4. L-ammont tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat. Jekk Stat Membru jaħtar awtorità għal dan l-iskop, l-awtorità għandha tkun legalment u finanzjarjament indipendenti mill-organizzazzjoni responsabbli għall-ġestjoni jew il-ġbir tat-tariffa kollha jew ta' parti minnha.

5. Mill-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri li jimponu l-ħlasijiet għall-użu tat-triq għandhom japplikaw tariffa għall-ispejjeż esterni għal vetturi heavy-duty tal-anqas fuq il-parti tan-netwerk imsemmija fl-Artikolu 7(1) fejn il-ħsara ambjentali ġġenerata mill-vetturi heavy-duty tkun ogħla mill-ħsara ambjentali medja ġġenerata minn vetturi heavy-duty ddefinita skont ir-rekwiżiti rilevanti tar-rappurtar imsemmija fl-Anness IIIa." ***tniġġis tal-arja jew bl-istorbju minħabba t-traffiku għal vetturi*** heavy-duty ***u għal vannijiet maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija fil-partijiet kollha tan-netwerk imsemmija fl-Artikolu 7(1) li jkunu soġġetti għal tariffa għall-infrastruttura***. **[Em. 68]**

***5a. Mill-1 ta' Jannar 2026, għandha tapplika b'mod mhux diskriminatorju tariffa għall-ispejjeż esterni imposta fuq kwalunkwe sezzjoni tan-netwerk tat-toroq imsemmija fl-Artikolu 7(1) għall-kategoriji kollha ta' vetturi.*** **[Em. 69]**

***5b. L-Istati Membri jistgħu japplikaw derogi li jippermettu li t-tariffi għall-ispejjeż esterni jiġu aġġustati għall-vetturi ta' interess storiku."*** **[Em. 70]**

(6) Jiddaħħal l-Artikolu 7da li ġej:

"Artikolu 7da

1. F'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V, l-Istati Membri jistgħu jintroduċu tariffa tal-konġestjoni fuq kwalunkwe sezzjoni tan-netwerk tat-toroq tagħhom li tkun soġġetta għall-konġestjoni. It-tariffa tal-konġestjoni tista' tiġi applikata biss fuq dawk is-sezzjonijiet tat-toroq li jkollhom konġestjoni regolari u biss għal dawk il-perjodi fejn tipikament ikollhom konġestjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu s-sezzjonijiet tat-toroq u l-perjodi ta' ħin imsemmija fil-paragrafu 1 abbażi tal-kriterji oġġettivi marbuta mal-livell ta' esponiment tat-toroq u l-viċinanzi tagħhom għall-konġestjoni, bħal pereżempju d-dewmien medju jew it-tul tas-serbut ta' vetturi wara xulxin.

3. Tariffa tal-konġestjoni imposta fuq kwalunkwe sezzjoni tan-netwerk tat-toroq għandha tapplika b'mod mhux diskriminatorju għall-kategoriji kollha ta' vetturi, f'konformità mal-fatturi ta' ekwivalenza standard stabbiliti fl-Anness V. ***Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżentaw ix-xarabanks u l-kowċis għall-promozzjoni tat-trasport kollettiv u tal-iżvilupp soċjoekonomiku u l-koeżjoni territorjali.*** **[Em. 72]**

4. It-tariffa tal-konġestjoni għandha tirrifletti l-ispejjeż imposti minn vettura fuq utenti oħra tat-toroq, u indirettament fuq is-soċjetà, iżda ma għandhiex tisboq il-livelli massimi stabbiliti fl-Anness VI għal kwalunkwe tip ta' triq.

5. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi xierqa għall-monitoraġġ tal-impatt tat-tariffi tal-konġestjoni u għar-rieżami tagħhom. Għandhom jwettqu rieżami tal-livell ta' tariffi b'mod regolari, tal-anqas kull tliet snin, biex jiżguraw li ma jkunux ogħla mill-ispiża tal-konġestjoni li tokkorri f'dak l-Istat Membru u li hija ġġenerata f'dawk is-sezzjonijiet tat-toroq li huma soġġetti għal tariffa tal-konġestjoni.";

(7) l-Artikoli 7f u 7 g jinbidlu b'dan li ġej:

"Artikolu 7f

1. Wara li jkun informa lill-Kummissjoni, Stat Membru jista' jżid mark-up mat-tariffa tal-infrastruttura imposta fuq sezzjonijiet speċifiċi tat-toroq li jkollhom konġestjoni regolari, jew li l-użu tagħhom mill-vetturi jikkawża ħsara ambjentali partikolari, fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-dħul iġġenerat mill-mark-up jiġi investit biex jiffinanzja l-kostruzzjoni tal-infrastruttura tat-trasport ~~fin-netwerk ewlieni, identifikat skont il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, li tikkontribwixxi direttament biex tittaffa l-konġestjoni jew il-ħsara ambjentali u~~ ***jew tas-servizzi tat-trasport*** li jinsabu fl-istess kuritur bħas-sezzjoni tat-triq li fuqha tiġi applikata l-mark-up; **[Em. 75]**

(b) il-mark-up ma taqbiżx il-15 % tat-tariffa medja ponderata għall-infrastruttura kkalkulata f’konformità mal-Artikolu 7b(1) u l-Artikolu 7e, ħlief fejn ~~id-dħul iġġenerat jiġi investit f’sezzjonijiet transfruntiera tal-kurituri tan-netwerk ewlieni,~~ ***fiż-żoni muntanjużi,*** fejn ***it-tariffi għall-infrastruttura kif ukoll id-danni klimatiċi u ambjentali jkunu akbar*** f’liema każ il-mark-up ma ~~għandhiex taqbeż~~ ***tistax taqbeż*** il-~~25~~***50*** %; **[Em. 76]**

(c) l-applikazzjoni tal-mark-up ma tkunx kawża ta’ trattament inġust tat-traffiku kummerċjali meta mqabbel ma’ utenti oħra tat-toroq;

(d) deskrizzjoni tal-post eżatt ta’ fejn se tiġi imposta l-mark-up u prova ta’ deċiżjoni li tiffinanzja ~~l-kostruzzjoni ta’ kurituri tan-netwerk ewlieni msemmija~~ ***l-infrastruttura tat-trasport jew is-servizzi tat-trasport imsemmija*** fil-punt (a) jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni qabel l-applikazzjoni tal-mark-up; **[Em. 77]**

(e) il-perjodu li għalih għandha tapplika l-mark-up ikun definit u limitat minn qabel u jkun konsistenti, fir-rigward tad-dħul li mistenni jidħol, mal-pjanijiet finanzjarji u mal-analiżi tal-ispejjeż u tal-benefiċċji għall-proġetti kofinanzjati bid-dħul mill-mark-up.

~~1a. Fil-każ ta’ proġetti transfruntiera ġodda, il-mark-ups jistgħu jiżdiedu biss jekk l-Istati Membri kollha involuti f’tali proġett jaqblu.~~ **[Em. 78 u 164]**

2. Mark-up tista’ tiġi applikata fuq tariffa għall-infrastruttura li tkun ġiet varjata skont l-Artikolu 7 g jew 7ga.

3. Wara li tirċievi l-informazzjoni meħtieġa minn Stat Membru li jkollu l-ħsieb li japplika mark-up, il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-membri tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 9c. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-mark-up ippjanata ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1, jew jekk tikkunsidra li l-mark-up ippjanata ser ikollha effetti avversi sinifikanti fuq l-iżvilupp ekonomiku ta’ reġjuni periferiċi, hija tista’, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, tiċħad jew titlob l-emendar tal-pjanijiet għat-tariffi ppreżentati mill-Istat Membru kkonċernat. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 9c(2). ***Meta applikata għas-sistemi ta’ ħlas għall-użu tat-triq imsemmija fl-Artikolu 7e(3), il-mark-up ma għandhiex titqies bħala emenda sostanzjali għall-finijiet ta’ din id-Direttiva.*** **[Em. 79]**

~~4. L-ammont tal-mark-up għandu jitnaqqas mill-ammont tat-tariffa għall-ispejjeż esterni kkalkulat f’konformità mal-Artikolu 7c, ħlief għal vetturi tal-klassijiet tal-emissjonijiet EURO 0, I u II mill-15 ta’ Ottubru 2011, III u IV mill-1 ta’ Jannar 2015, V mill-1 ta’ Jannar 2019 u VI minn Jannar 2023 ’il quddiem. Id-dħul kollu ġġenerat mill-applikazzjoni simultanja tal-mark-up u t-tariffi għall-ispejjeż esterni għandhom jiġu investiti fl-iffinanzjar tal-kostruzzjoni ta’ kurituri tan-netwerk ewlieni elenkati fil-Parti I tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1316/2013.~~ **[Em. 80]**

5. Mark-up ma għandhiex tiġi applikata għal sezzjonijiet tat-toroq fejn tiġi applikata tariffa tal-konġestjoni.

Artikolu 7 g

1. Sal-31 ta’ Diċembru 2021, it-tariffa għall-infrastruttura tista’ tiġi varjata bl-iskop li tonqos il-konġestjoni, tonqos kemm jista’ jkun il-ħsara għall-infrastruttura u jitjieb bl-aħjar mod possibbli l-użu tal-infrastruttura kkonċernata jew tiġi promossa s-sikurezza fit-toroq, fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-varjazzjoni tkun trasparenti, magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti kollha b’termini ugwali;

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

(b) il-varjazzjoni tiġi applikata skont il-ħin tal-jum, it-tip ta' jum jew l-istaġun;

(c) l-ebda tariffa għall-infrastruttura ma tkun aktar minn 175 % 'l fuq mil-livell massimu tat-tariffa medja ponderata għall-infrastruttura kif imsemmi fl-Artikolu 7b;

(d) il-perjodi bl-aktar traffiku li matulhom jiġu imposti tariffi ogħla għall-infrastruttura bl-iskop li tonqos il-konġestjoni ma jkunux itwal minn ħames sigħat kuljum ***jew in-numru ta' sigħat li matulhom il-proporzjon ta' konġestjoni jaqbeż il-100 % tal-kapaċità***; **[Em. 81]**

(e) il-varjazzjoni tkun ippjanata u applikata b'mod trasparenti u newtrali mil-lat tad-dħul f'sezzjoni tat-triq milquta mill-konġestjoni b'mod li toffri rati ta' ħlasijiet għat-trasportaturi li jagħżlu li jivvjaġġaw waqt perjodu bla traffiku u tapplika rati ta' ħlasijiet ogħla għat-trasportaturi li jagħżlu li jivvjaġġaw waqt is-sigħat ta' traffiku intensiv fl-istess sezzjoni tat-triq.

Stat Membru li jkun jixtieq jintroduċi tali varjazzjoni jew ibiddel waħda eżistenti għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dan u jipprovdilha l-informazzjoni neċessarja biex tivvaluta jekk il-kondizzjonijiet humiex issodisfati.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2020, fir-rigward ta' vetturi heavy-duty, l-Istati Membri għandhom ivarjaw it-tariffa għall-infrastruttura skont il-klassi tal-emissjonijiet EURO tal-vettura b'tali mod li l-ebda tariffa għall-infrastruttura ma tkun aktar minn 100 % 'l fuq mill-istess tariffa għal vetturi ekwivalenti li jissodisfaw l-aktar standards stretti tal-emissjonijiet. Il-kuntratti ta' konċessjoni eżistenti huma eżentati min dan ir-rekwiżit sakemm il-kuntratt jiġġedded.

Madankollu Stat Membru jista' jidderoga mir-rekwiżit li jvarja t-tariffa għall-infrastruttura jekk tkun tapplika kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) dan jimmina b'mod serju l-koerenza tas-sistemi tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq fit-territorju tiegħu;

(ii) ma jkunx teknikament prattikabbli li tiġi introdotta din id-differenzjazzjoni fis-sistema ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq ikkonċernata;

(iii) dan iwassal għad-devjazzjoni tal-vetturi li jniġġsu l-aktar b'impatti negattivi fuq is-sikurezza fit-toroq u s-saħħa pubblika;

(iv) il-ħlas għall-użu tat-triq jinkludi tariffa għall-ispejjeż esterni.

Kwalunkwe deroga jew eżenzjoni bħal din għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni.

3. Fejn, f'każ ta' ~~kontoll~~ ***kontroll***, is-sewwieq jew, jekk ikun adattat, l-operatur tat-trasport, ma ~~jkunx jista' jippreżenta d-dokumenti tal-vettura meħtieġa~~ ***jagħmilx ħlasijiet bl-użu ta' sistema elettronika ta' ħlas għall-użu tat-triq jew ma jkollux abbonament validu jew il-vettura tiegħu ma jkollhiex tagħmir abbord approvat mill-operatur tal-ħlas għall-użu tat-triq meħtieġ*** biex jikkonferma l-klassi tal-emissjonijiet tal-vettura għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu japplikaw ħlasijiet għall-użu tat-triq sal-ogħla livell li jista' jiġi impost. **[Em. 82]**

4. Fi żmien sena wara li l-Kummissjoni tippubblika d-dejta uffiċjali dwar l-emissjonijiet tas-CO2 skont ir-Regolament (UE) …/… (*), il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 9e sabiex tiddefinixxi l-valuri ta' referenza tal-emissjonijiet tas-CO2, flimkien ma' kategorizzazzjoni xierqa tal-vetturi heavy-duty kkonċernati***, filwaqt li jitqiesu t-teknoloġiji li jnaqqsu l-emissjonijiet***. **[Em. 83]**.

Fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ tal-att delegat, l-Istati Membri għandhom ivarjaw it-tariffa għall-infrastruttura filwaqt li jqisu l-valuri ta' referenza tal-emissjonijiet tas-CO2 u l-kategorizzazzjoni rilevanti tal-vettura. ~~It-tariffi għandhom jiġu varjati b'tali mod li l-ebda tariffa tal-infrastruttura ma tkun aktar minn 100 % ogħla mill-istess tariffa għall-vetturi ekwivalenti li jkollhom l-aktar emissjonijiet baxxi ta' CO2, iżda mhux f'livell żero. Il-vetturi b'żero emissjonijiet għandhom jibbenefikaw mit-tariffi tal-infrastruttura mnaqqsa b'75 % meta mqabbla mal-ogħla rata.~~ **[Em. 84]**

***4a. Minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-vetturi b'żero emissjonijiet għandhom jibbenefikaw mit-tariffi għall-infrastruttura mnaqqsa b'50 % meta mqabbla mar-rata l-aktar baxxa. . It-tħaddim b'żero emissjonijiet għandu jibbenefika mill-istess tnaqqis, sakemm tkun tista' tingħata prova ta' dan it-tħaddim.*** **[Em. 85]**

***4b. Il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport ta' evalwazzjoni li jivvaluta s-sehem mis-suq ta' vetturi b'żero emissjonijiet u tat-tħaddim b'żero emissjonijiet sa … [ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9e, jekk ikun xieraq, biex tikkalkula mill-ġdid l-iskont applikabbli għall-vetturi b'żero emissjonijiet meta mqabbel mar-rata l-aktar baxxa ta' tariffi għall-infrastruttura.*** **[Em. 86]**

5. Il-varjazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1, 2 u 4 ma għandhomx ikunu maħsuba biex jiġġeneraw dħul addizzjonali mill-ħlasijiet għall-użu tat-triq. Kwalunkwe żieda mhux intenzjonata fid-dħul għandha tiġi kontrobbilanċjata minn bidliet fl-istruttura tal-varjazzjoni li għandhom jiġu implimentati fi żmien sentejn mit-tmiem tas-sena ta' kontabbiltà li fiha jiġi ġġenerat id-dħul addizzjonali.

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) …/… ta' XXX li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 595/2009 fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni tal-emissjonijiet ta' CO2 u l-konsum tal-fjuwil minn vetturi heavy-duty u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L …, …, p. ..).";

(8) jiddaħħal l-Artikolu 7ga li ġej:

"Artikolu 7ga

1. Għal vetturi ~~light-duty~~ ***ħfief***, sal-31 ta' Diċembru 2021, l-Istati Membri jistgħu ivarjaw il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti skont il-prestazzjoni ambjentali tal-vettura. **[Em. 87]**

2. Mill-1 ta' Jannar 2022 l-Istati Membri għandhom ivarjaw il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u, fil-każ ta' ħlasijiet fuq l-utenti, tal-anqas it-tariffi annwali, skont l-emissjonijiet ta' CO2 u ta' sustanzi li jniġġsu mill-vetturi skont ir-regoli stabbiliti fl-Anness VII.

***2a. L-Istati Membri jistgħu jqisu t-titjib tal-prestazzjoni ambjentali tal-vettura li hija marbuta mal-konverżjoni ta' dik il-vettura għal fjuwils alternattivi. Abbonament permanenti jew kwalunkwe mekkaniżmu ieħor approvat mill-operatur tas-sistema tal-ħlas għall-użu tat-triq għandhom jippermettu lill-utenti jibbenefikaw minn varjazzjoni fil-ħlasijiet għall-użu tat-triq li tippremja t-titjib fil-prestazzjoni ambjentali tal-vettura, wara l-konverżjoni.*** **[Em. 88]**

3. Fejn, f'każ ta' ~~kontoll~~ ***kontroll***, is-sewwieq jew, jekk ikun adattat, l-operatur tat-trasport, ***ma jkollux abbonament jew kwalunkwe mekkaniżmu ieħor approvat mill-operatur jew*** ma jkunx jista' jippreżenta d-dokumenti tal-vettura meħtieġa biex jikkonferma l-livelli tal-emissjonijiet tal-vettura (Ċertifikat tal-Konformità) skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) …/… (*), l-Istati Membri jistgħu japplikaw ħlasijiet għall-użu tat-triq jew ħlasijiet annwali għall-utenti sal-ogħla livell li jista' jiġi impost. ***Il-preżentazzjoni sussegwenti tad-dokumenti rilevanti li jippruvaw il-livelli tal-emissjonijiet tal-vettura għandha tirriżulta fir-rimborż ta' kwalunkwe differenza bejn il-ħlasijiet għall-użu tat-triq jew it-tariffi applikati u l-ħlas għall-użu tat-triq jew it-tariffa xierqa għall-vettura kkonċernata.*** **[Em. 89]**

***3a. L-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri eċċezzjonali għall-finijiet tal-impożizzjoni ta' tariffi fuq vetturi ta' interess storiku.*** **[Em. 90]**

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 9e biex jemendaw l-Anness VII biex il-modalitajiet speċifikati fl-Anness jiġu adattati skont il-progress tekniku***, u li tqis ir-rwol tal-komponenti biex isir titjib kemm fis-sikurezza tat-toroq kif ukoll fid-dekarbonizzazzjoni tat-trasport***. **[Em. 91]**

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/xxx ta' XXX li jissupplementa r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 692/2008 (ĠU L xxx) u d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).";

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

(9) l-Artikolu 7h huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem introduttorju huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Tal-inqas sitt xhur qabel l-implimentazzjoni ta' arranġament ġdid jew ta' arranġament sostanzjalment emendat ta' ħlas għall-użu tat-triq b'tariffa għall-infrastruttura, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni:";

***(aa) fl-***Artikolu ***7h, paragrafu 1, punt (a), jiżdied l-inċiż li ġej:***

***"— informazzjoni ċara dwar l-interoperabilità tat-tagħmir abbord li jinġarr abbord il-vetturi biex*** jitħallsu ***l-ħlasijiet fuq l-utenti u l-ħlasijiet għall-użu tat-triq; għandha tiddikjara r-raġunijiet għaliex tagħmir abbord li jintuża fi Stati Membri oħra ma jistax jiġi applikat mill-utenti għal dan l-arranġament ta' ħlas għall-użu tat-triq.";*** **[Em. 92]**

***(ab) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***"1a. Il-qafas kuntrattwali li jirregola r-relazzjonijiet bejn il-konċessjonanti u l-konċessjonarji għandu jkun intiż biex il-kuntratti ta' konċessjoni jsiru konformi mal-bidliet fil-qafas regolatorju tal-Unjoni jew nazzjonali b'rabta mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 7c, 7da, 7 g u 7ga ta' din id-Direttiva.";*** **[Em. 93]**

(b) il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Qabel l-implimentazzjoni ta' arranġament ġdid jew ta' arranġament sostanzjalment emendat ta' ħlas għall-ispejjeż esterni, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar in-netwerk ikkonċernat, ir-rati previsti skont il-kategorija ta' vetturi u l-klassijiet tal-emissjonijiet.";

(c) il-paragrafu 4 jitħassar;

(10) l-Artikolu 7i huwa emendat kif ġej:

***(-a) fil-***paragrafu ***2, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:***

"2. ***Għal vetturi heavy-duty u vannijiet maħsuba għall-ġarr tal-merkanzija,*** l-Istati Membri jistgħu jipprevedu roħs jew tnaqqis fuq it-tariffa għall-infrastruttura bil-kondizzjoni li:"**; [Em. 94]**

(a) fil-paragrafu 2, il-punti (b) u (c) jinbidlu b'dan li ġej:

"(b) roħs jew tnaqqis bħal dan jirrifletti l-iffrankar reali fl-ispejjeż amministrattivi tat-trattament ta' utenti frekwenti meta mqabbla mal-utenti okkażjonali;

(c) roħs jew tnaqqis bħal dan ma jaqbiżx ~~it-13~~***l-20*** % tat-tariffa għall-infrastruttura mħallsa minn vetturi ekwivalenti li mhumiex eliġibbli għar-roħs jew għat-tnaqqis ***u dawk użati għat-trasport lokali jew abitwali, jew it-tnejn li huma***."; **[Em. 95]**

***(aa) jiddaħħal il-paragrafu*** li ***ġej:***

***"2a. Għall-vetturi ħfief, b'mod partikolari għall-utenti frekwenti f'żoni b'insedjamenti iżolati u fil-periferiji tal-bliet, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu skontijiet jew tnaqqis fit-tariffa għall-infrastruttura sakemm:***

***(a) l-istruttura li timponi t-tariffi li tirriżulta tkun proporzjonata, magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti b'termini ugwali u ma twassalx għal spejjeż addizzjonali li jiġu mgħoddija lil utenti oħrajn fl-għamla ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq ogħla;***

***(b) tali skontijiet u tnaqqis jikkontribwixxu***

***(i) għall-koeżjoni soċjali; u/jew***

***(ii) għall-iżgurar tal-mobilità tar-reġjuni periferiċi jew taż-żoni remoti, jew tat-tnejn li huma;";*** **[Em. 96]**

***(ab) jiddaħħal il-paragrafu li ġej***

***"2b. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jintroduċu eżenzjoni b'rata fissa abbażi tal-kilometri fuq sezzjoni speċifika ta' triq, filwaqt li jqisu x-xejriet tal-mobilità u l-interess ekonomiku tar-reġjuni periferiċi, sakemm l-istruttura li timponi t-tariffi li tirriżulta tkun proporzjonata, tkun disponibbli għall-pubbliku u tkun disponibbli għall-utenti b'termini ugwali u ma twassalx għal spejjeż addizzjonali li jiġu mgħoddija lil utenti oħra fil-forma ta' ħlasijiet ogħla għall-użu tat-triq;";*** **[Em. 97]**

(b) il-paragrafu 3 huwa emendat kif ġej:

"3. Soġġetti għall-kondizzjonijiet previsti fl-Artikolu 7 g(1)(b) u (5), ir-rati tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq jistgħu, għal proġetti speċifiċi ta' interess għoli Ewropew identifikati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, ikunu soġġetti għal forom oħrajn ta' varjazzjoni sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà kummerċjali ta' dawn il-proġetti, meta dawn ikunu esposti għal kompetizzjoni diretta ma' modalitajiet oħrajn ta' trasport. L-istruttura li timponi t-tariffi u li tirriżulta għandha tkun ~~lineari, proporzjonata,~~ magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti kollha b'termini ugwali ~~u ma għandhiex twassal biex l-ispejjeż addizzjonali jgħaddu għand utenti oħrajn fl-għamla ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq ogħla~~."; **[Em. 98]**

***(ba) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***"3a. Fiż-żoni muntanjużi u fir-reġjuni periferiċi, l-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jvarjaw ir-rati tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq għall-vetturi tqal skont id-distanza vvjaġġata mill-vetturi li jħallsu għall-użu tat-triq biex jiġu minimizzati l-impatti soċjoekonomiċi, sakemm:***

***(a) il-varjazzjoni skont id-distanza vvjaġġata tqis il-karatteristiċi differenti tat-trasport fuq distanzi qosra u twal, speċjalment l-opzjonijiet disponibbli għal bidla modali għal modi oħra ta' trasport;***

***(b) il-varjazzjoni tkun applikata b'mod mhux diskriminatorju;***

***(c) it-tagħmir tekniku jippermetti l-identifikazzjoni ta' punti ta' dħul u ta' ħruġ tal-vettura bejn fruntieri nazzjonali.";*****[Em. 99]**

(11) l-Artikolu 7j huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, it-tieni sentenza tinbidel b'dan li ġej:

"Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw fl-istabbiliment ta' metodi li jippermettu lill-utenti tat-toroq iħallsu t-tariffi għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti 24 siegħa kuljum, ~~tal-inqas f'punti tal-bejgħ ewlenin,~~ ***kemm fil-fruntiera kif ukoll fi kwalunkwe punt ta' bejgħ ieħor, bl-opzjoni ta' riċevuta***, bl-użu ta' mezzi komuni ta' ħlas, ***inklużi mezzi elettroniċi,*** ġewwa u barra l-Istati Membri fejn ikunu applikati."; **[Em. 100]**

(b) il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Jekk Stat Membru jimponi ħlas għall-użu tat-triq fuq vettura, l-ammont totali tal-ħlas għall-użu tat-triq, l-ammont tat-tariffa għall-infrastruttura, l-ammont tat-tariffa għall-ispejjeż esterni u l-ammont għat-tariffa tal-konġestjoni, fejn jiġu applikati, għandhom jiġu indikati f'irċevuta ~~pprovduta~~ ***fuq talba, ipprovduta*** lill-utent tat-toroq, permezz ta' mezzi elettroniċi, sa fejn ikun possibbli."; **[Em. 101]**

(c) fil-paragrafu 4, l-ewwel sentenza hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Fejn ikun ekonomikament fattibbli, l-Istati Membri għandhom jimponu u jiġbru t-tariffi għall-ispejjeż esterni u t-tariffi tal-konġestjoni permezz ta' sistema elettronika li tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2004/52/KE.";

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

(12) l-Artikolu 7k huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7k

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din id-Direttiva ma taffettwax il-libertà tal-Istati Membri li jintroduċu sistema ta' ħlasijiet għall-użu tat-triq għal kumpens xieraq***, sakemm ma jgħawġux jew sakemm ma jkollhomx impatt negattiv fuq it-trasportaturi lokali jew abitwali, jew fuq it-tnejn li huma***."; **[Em. 102]**

(13) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), ir-referenza għall-"Artikolu 7(7)" hija ssostitwita b'referenza għall-"Artikolu 7a";

(b) fil-punt (b), il-kliem "u (2)" jiddaħħlu wara "Artikolu 7(1)";

***(13a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:***

***"Artikolu 8a***

***Monitoraġġ u rapportar***

***1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità indipendenti ta' superviżjoni tat-tariffi għall-infrastrutturi responsabbli biex tiżgura l-konformità ma' din id-Direttiva.***

***2. L-awtorità ta' superviżjoni għandha twettaq kontrolli ekonomiċi u finanzjarji tal-kuntratti ta' konċessjonijiet, b'mod partikolari biex tiżgura l-konformità mal-Artikolu 7b.***

***3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-ħatra tal-awtorità ta' superviżjoni.";*** **[Em. 103]**

(14) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

***(-a) fl-Artikolu 9(2), il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:***

"2. ~~L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw l-użu ta' dħul iġġenerat minn din id-Direttiva.~~ Biex is-sistema tat-trasport kollha tkun tista' tiġi żviluppata, id-dħul mit-tariffi tal-infrastruttura, jew l-ekwivalenti tiegħu f'valur finanzjarju ta' dan id-dħul għandu jintuża ~~għall-benefiċċju tas-settur tat-trasport~~ ***biex issir manutenzjoni u tinżamm f'kundizzjoni tajba n-netwerk tat-toroq,*** u biex ikun jista' jsir l-aħjar użu mis-sistema kollha tat-trasport. B'mod partikolari, id-dħul iġġenerat mit-tariffi tal-ispejjeż esterni, jew l-ekwivalenti f'valur finanzjarju ta' dak id-dħul, għandu jintuża ħalli jagħmel it-trasport aktar sostenibbli, inkluż wieħed jew aktar minn dan li ġej**:"; [Em. 104]**

***(-aa) fil-paragrafu 2, il-punt b huwa sostitwit b'dan li ġej:***

"(b) ***jitnaqqsu t-tniġġis tal-ajru mit-trasport u t-tniġġis mill-istorbju***;"; **[Em. 105]**

***(-ab) fil-paragrafu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:***

***"(ba) jiġu ffinanzjati modi ta' trasport kollettivi u sostenibbli;";*** **[Em. 106]**

***(-ac) fil-paragrafu 2, il-punt e huwa sostitwit b'dan li ġej:***

"(e) ***jiġu żviluppati infrastrutturi għal fjuwils alternattivi b'konformità mad-Direttiva 2014/94/UE u servizz alternattiv*** għall-utenti tat-trasport u/jew il-kapaċità attwali li qiegħda tespandi;" **[Em. 107]**

***(-ad) fil-paragrafu 2, il-punt f huwa sostitwit b'dan li ġej:***

"(f) jingħata appoġġ lin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport ***u jiġu eliminati l-punti ta' konġestjonijiet***;" **[Em. 108]**

***(-ae) fil-paragrafu 2, il-punt h huwa sostitwit b'dan li ġej:***

"(h) ***tittejjeb*** is-sikurezza fit-toroq ***u tal-infrastruttura tat-toroq***; u"; **[Em. 109]**

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

***(-af) fil-paragrafu 2, il-punt i huwa sostitwit b'dan li ġej:***

"(i) jiġu provduti ***żoni*** tal-parkeġġ sikuri;"; **[Em. 110]**

(a) fil-paragrafu 2, jitħassar it-tieni subparagrafu;

(b) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Id-dħul iġġenerat mit-tariffi tal-konġestjoni, jew l-ekwivalenti f'valur finanzjarju ta' dak id-dħul, għandu jintuża biex tiġi indirizzata l-problema tal-konġestjoni, ~~b'mod partikolari~~ ***pereżempju*** billi: **[Em. 111]**

(a) jiġu appoġġati infrastrutturi u servizzi tat-trasport kollettiv;

(b) jiġu eliminati l-punti ta' konġestjonijiet ***u l-konnessjonijiet neqsin fin-netwerks tagħhom, kull fejn tiġi imposta t-tariffa, u*** fin-netwerk trans-Ewropew tat-trasport; **[Em. 112]**

(c) ~~tiġi żviluppata~~ ***jiġu żviluppati*** infrastruttura alternattiva ***u ċentri multimodali*** għall-utenti tat-trasport."; **[Em. 113]**

***(ba) Jiddaħħal il-paragrafu li ġej:***

***"3a. Id-dħul iġġenerat mit-tariffi għall-infrastruttura u mit-tariffi għall-ispejjeż esterni għandu jintuża fit-territorju li jkun fih is-sezzjoni tat-triq li fuqha huma applikati t-tariffi.";*** **[Em. 114]**

(15) l-Artikoli 9d u 9e jinbidlu b'dan li ġej:

"Artikolu 9d

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9e biex temenda l-Anness 0, l-ammonti fit-Tabelli 1 u 2 fl-Anness IIIb, u l-formuli fit-Taqsimiet 4.1 u 4.2 tal-Anness IIIa sabiex tadattahom skont il-progress xjentifiku u tekniku.

Artikolu 9e

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 7 g(4), l-Artikolu 7ga(4) u l-Artikolu 9d, għal perjodu ta' ~~żmien indeterminat [mid-data~~ ***5 snin minn … [id-data*** tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]. ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 5 snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*** **[Em. 115]**

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 7 g(4), l-Artikolu 7ga(4) u l-Artikolu 9d, tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti maħtura minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill simultanjament.

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 7 g(4), l-Artikolu 7ga(4) u l-Artikolu 9d, għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta’ dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dan iż-żmien, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu informaw it-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b’xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.”;

(16) l-Artikoli 9f u 9 g jitħassru.

(17) l-Artikolu 10a huwa ssostitwit b’dan li ġej:

“1. L-ammonti f’euro kif stabbiliti fl-Anness II u l-ammonti f’ċenteżmi kif stabbiliti fit-Tabelli 1 u 2 fl-Anness IIIb għandhom jiġu adattati kull sentejn sabiex jitqiesu l-bidliet fl-Indiċi Armonizzat tal-Prezzijiet għall-Konsumatur madwar l-UE bl-esklużjoni tal-enerġija u tal-ikel mhux ipproċessat, kif ippubblikat mill-Kummissjoni (Eurostat). L-ewwel adattament għandu jseħħ sal-31 ta’ Marzu [is-sena wara s-sentejn ta’ wara d-dħul fis-seħħ ta’ din id-Direttiva].

L-ammonti għandhom jiġu adattati awtomatikament, billi jiżdied l-ammont bażi f’euro jew f’ċenteżmi bil-perċentwal tal-bidla f’dak l-indiċi. L-ammonti li jirriżultaw għandhom jiġu aġġustati ’l fuq sal-eqreb euro fir-rigward tal-Anness II, jiġu aġġustati ’l fuq sal-eqreb deċimu ta’ ċenteżmu fir-rigward tal-Anness IIIb.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, l-ammonti adattati msemmija fil-paragrafu 1 sal 31 ta’ Marzu tas-sena wara tmiem is-sentejn kalendarji msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-ammonti adattati għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-pubblikazzjoni.”;

(18) l-Artikolu 11 jiġi ssostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 11

***-1. L-Istati*** Membri ***jew l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu informazzjoni bl-aktar mod trasparenti u ċar dwar l-użu tad-dħul iġġenerat mill-utenti tat-toroq.*** **[Em. 116]**

1. Kull sena, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw, f’forma aggregata, rapport dwar il-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utenti imposti fit-territorju tagħhom, inkluża l-informazzjoni dwar l-użu tad-dħul u l-kwalità tat-toroq fejn jiġu applikati l-ħlasijiet għall-użu tat-triq jew it-tariffi oħra għall-utenti, kif speċifikat fil-paragrafi 2 u 3.

2. Ir-rapport ippubblikat skont il-paragrafu 1 għandu jinkludi informazzjoni dwar:

(a) it-tariffa għall-ispejjeż esterni imposta għal kull kombinazzjoni ta’ klassi ta’ vetturi, tip ta’ triq u perjodu ta’ żmien;

(b) il-varjazzjoni tat-tariffi għall-infrastruttura skont it-tip ta’ vetturi;

(c) it-tariffa medja ponderata għall-ispiża tal-infrastruttura u d-dħul totali ġġenerat mit-tariffa għall-infrastruttura, bi speċifikazzjoni ta’ kwalunkwe devjazzjoni possibbli meta mqabbla mal-ispiża reali tal-infrastruttura li jirriżultaw mill-varjazzjoni tat-tariffa għall-infrastruttura;

(d) id-dħul totali ġġenerat mit-tariffi għall-ispejjeż esterni;

(e) id-dħul totali ġġenerat mit-tariffi tal-konġestjoni;

***(ea) id-dħul totali ġġenerat mill-mark-ups u fuq liema sezzjonijiet ta’ toroq ġew imposti.*** **[Em. 117]**

(f) id-dħul totali ġġenerat mill-ħlasijiet għall-użu tat-triq u/jew il-ħlasijiet fuq l-utenti;

(g) informazzjoni dwar l-użu tad-dħul iġġenerat permezz tal-applikazzjoni ta’ din id-Direttiva, u kif dan l-użu jkun ippermetta lill-Istat Membru jilħaq il-miri tiegħu msemmija fl-Artikolu 9(2) u (3);

(h) evalwazzjoni, abbażi ta' kriterji oġġettivi, tal-istat ta' manutenzjoni tal-infrastruttura tat-toroq fit-territorju tal-Istat Membru, u l-evoluzzjoni tiegħu mill-aħħar rapport;

(i) evalwazzjoni tal-livell ta' konġestjoni fuq in-netwerk bi ħlas fil-ħinijiet intensivi, abbażi tal-osservazzjonijiet tat-traffiku fil-ħin reali mwettqa fuq għadd rappreżentattiv ta' meded tat-toroq bil-konġestjoni min-netwerk ikkonċernat u l-evoluzzjoni tiegħu mill-aħħar rapport.

3. L-Istati Membri għandhom jużaw indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni għall-evalwazzjoni tal-kwalità tal-partijiet tan-netwerk tat-toroq fejn il-ħlasijiet għall-użu tat-triq jew il-ħlasijiet fuq l-utenti jiġu applikati. Bħala minimu, dawn l-indikaturi għandhom ikunu marbuta:

(a) mal-kwalità tal-wiċċ tat-toroq;

(b) mas-sikurezza fit-toroq;

(c) mal-livell ta' konġestjoni.

***3a. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku r-riżultati tal-investiment mill-ġdid tat-tariffi għall-infrastruttura u t-tariffi għall-ispejjeż esterni kif ukoll il-benefiċċji f'termini ta' żieda fis-sikurezza tat-toroq, tnaqqis tal-impatt ambjentali u tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku.*** **[Em. 118]**

4. Fi żmien tliet snin wara [id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva reveduta], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni skont il-produra konsultattiva msemmija fl-Artikolu 9c(2), sabiex jiġi definit sett armonizzat ta' indikaturi.

5. Fi żmien sitt snin wara [id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva reveduta], il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ibbażat fuq l-applikazzjoni mill-Istati Membri tal-indikaturi msemmija fil-paragrafu 4.";

***5a. Fi żmien ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar il-bidliet fis-sehem mis-suq tal-vetturi b'żero emissjonijiet u, meta jkun meħtieġ, għandha tirrevedi skont dan it-tnaqqis applikat għal dawk il-vetturi.***";**[Em. 119]**

(19) L-Annessi huma emendati kif ġej:

(a) L-Annessi 0, IIIa, IIIb u IV huma emendati kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva;

(b) L-Annessi V, VI u VII jiddaħħlu kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn …. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi …,

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

ANNESS

(1) L-Annessi 0, III, IIIa, IIIb u IV huma emendati kif ġej:

(a) it-Taqsima 3 tal-Anness 0 hija emendata kif ġej:

(i) l-intestatura tinbidel b’dan li ġej:

“3. Vetturi ‘EURO III’/‘EURO IV’/‘EURO V’”;

(ii) fit-tabella, il-linja li tikkonċerna “vettura EEV” titħassar;

(iii) jiġi miżjud dan li ġej:

“Limiti tal-Emissjonijiet Euro VI

| | Valuri ta’ limitu | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | CO (mg/kWh) | THC (mg/kWh) | NMHC (mg/kWh) | CH4 (mg/kWh) | NOX [1] (mg/kWh) | NH3 (ppm) | Massa ta’ PM (mg/kWh) | Numru PM (#/kWh) |
| WHSC (CI) | 1 500 | 130 | | | 400 | 10 | 10 | 8,0 x 1011 |
| WHTC (CI) | 4 000 | 160 | | | 460 | 10 | 10 | 6,0 x 1011 |
| WHTC (PI) | 4 000 | | 160 | 500 | 460 | 10 | 10 | 6,0 x 1011 |

Nota:
PI = Tqabbid bl-ispark
CI = Tqabbid bil-kompressjoni
([1]) Il-livell ammissibbli tal-komponent NO2 fil-valur ta’ limitu tan-NOx jista’ jiġi definit aktar ’il quddiem.”;

(b) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(i) It-Taqsima 2 hija emendata kif ġej:

— fil-punt 2.1., is-sitt inċiż jinbidel b’dan li ġej:

“— L-ispejjeż għandhom jiġu allokati għal ~~vetturi heavy duty~~ ***kull tip ta’ vettura*** fuq bażi oġġettiva u trasparenti billi jitqies il-proporzjon ta’ traffiku ~~ta’ vetturi heavy-duty~~ ***għal kull tip ta’ vettura*** li ~~jiċċirkola~~ ***tiċċirkola*** fuq in-netwerk u l-ispejjeż marbuta ma’ dan. L-għadd ta’ kilometri tal-vettura vvjaġġati minn vetturi heavy duty, jista’ għal dan l-għan jiġi aġġustat b’“fatturi ta’ ekwivalenza’ oġġettivament ġustifikati bħal dawk stabbiliti fil-punt 4 (*). **[Em. 120]**

(*) L-applikazzjoni ta’ fatturi ta’ ekwivalenza mill-Istati Membri tista’ tqis il-kostruzzjoni tat-toroq żviluppata fuq bażi ta’ fażijiet jew bl-użu ta’ approċċ ta’ ċiklu ta’ ħajja twil.”;

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

— fil-punt 2.2., it-tieni inċiż jinbidel b'dan li ġej:

"— Dawn l-ispejjeż għandhom jiġu allokati bejn il-vetturi heavy duty u ~~traffiku iehor~~***l-vetturi*** ħfief ***abbażi*** ta' ishma reali u mbassra ta' kilometri tal-vettura u jistgħu jiġu aġġustati b'fatturi ta' ekwivalenza ġustifikati b'mod oġġettiv bħal dawk imniżżla fil-punt 4."; **[Em. 121]**

(ii) fit-Taqsima 4, l-intestatura u l-ewwel inċiż jinbidlu b'dan li ġej:

"4. IS-SEHEM TA' TRAFFIKU TA' VETTURI HEAVY DUTY, IL-FATTURI TA' EKWIVALENZA U L-MEKKANIŻMU TA' KORREZZJONI

— Il-kalkolu tal-ħlasijiet għall-użu tat-triq għandu jkun ibbażat fuq ishma reali jew imbassra ta' kilometri tal-vettura vvjaġġati minn vetturi heavy duty, aġġustati, jekk mixtieq, b'fatturi ta' ekwivalenza, biex titqies kif xieraq iż-żieda fl-ispejjeż tal-kostruzzjoni u tat-tiswija tal-infrastruttura għall-użu ta' vetturi heavy duty.";

(c) L-Anness IIIa huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS IIIa

REKWIŻITI MINIMI GĦALL-IMPOŻIZZJONI TA' TARIFFA GĦALL-ISPEJJEŻ ESTERNI

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-impożizzjoni ta' tariffa għall-ispejjeż esterni u, fejn applikabbli għall-kalkolu tat-tariffa massima għall-ispejjeż esterni.

1. Il-partijiet tan-netwerk tat-toroq ikkonċernat

L-Istat Membru għandu jispeċifika b'mod preċiż il-parti jew il-partijiet tan-netwerk tat-toroq tiegħu li għandhom ikunu soġġetti għal tariffa għall-ispejjeż esterni.

~~Fejn Stat Membru jkun beħsiebu jimponi tariffa għall-ispejjeż esterni fuq parti waħda jew fuq xi partijiet biss tan-netwerk tat-toroq mis-sehem tiegħu fin-netwerk trans-Ewropew u l-awtostradi tiegħu, il-parti jew il-partijiet għandhom jintgħażlu wara valutazzjoni li tistabbilixxi li:~~

— ~~l-użu tat-toroq mill-vetturi fejn tapplika t-tariffa għall-ispejjeż esterni, jiġġenera ħsara ambjentali ogħla minn dik iġġenerata fil-medja vvalutata f'konformità mar-rappurtar dwar il-kwalità tal-arja, l-inventarji tal-emissjonijiet nazzjonali, il-volumi tat-traffiku u, għall-istorbju, f'konformità mad-Direttiva 2002/49/KE, jew~~

— ~~l-impożizzjoni ta' tariffa għall-ispiża esterna fuq partijiet oħrajn tan-netwerk tat-toroq ta' dan it-tip jista' jkollha effetti negattivi fuq l-ambjent jew is-sikurezza fit-toroq, jew l-imposta u l-ġbir ta' tariffa għall-ispiża esterna fuqhom tkun tinvolvi spiża sproporzjonata.~~ **[Em. 122]**

2. Il-vetturi, it-toroq u l-perjodu ta' żmien koperti

~~Fejn Stat Membru jkun biħsiebu japplika tariffi ogħla għall-ispejjeż esterni mill-valuri ta' referenza speċifikati fl-Anness IIIb, huwa għandu jgħarraf lill-Kummissjoni dwar il-klassifika tal-vetturi li skontha jvarjaw it-tariffi għall-ispejjeż esterni. Huwa għandu jinnotifika wkoll lill-Kummissjoni dwar il-lok ta' toroq soġġetti għal tariffi ogħla għall-ispiża esterna (minn issa 'l quddiem imsejħa 'toroq suburbani (inklużi l-awtostradi)'), u ta' toroq soġġetti għal tariffi aktar baxxi għall-ispiża esterna (minn issa 'l quddiem imsejħa 'toroq interurbani (inklużi l-awtostradi)').~~

~~Fejn applikabbli, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar il-perjodi ta' żmien eżatti li jikkorrispondu għall-perjodu ta' billejl li matulu tista' tiġi imposta tariffa esterna ogħla għall-istorbju biex tirrifletti fastidji akbar ta' storbju.~~

Il-klassifika tat-toroq bħala toroq suburbani (inklużi l-awtostradi) u toroq interurbani (inklużi l-awtostradi), u d-definizzjoni tal-perjodi ta' żmien għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi relatati mal-livell ta' esponiment tat-toroq u l-viċinati tagħhom għat-tniġġis bħad-densità tal-popolazzjoni, il-medja annwali tat-tniġġis tal-arja (b'mod partikolari għal PM10 u NO2) u l-għadd ta' jiem (għal PM10) u sigħat (għal NO2) li fih l-valuri ta' limitu stabbiliti fid-Direttiva 2008/50/KE jinqabżu. Il-kriterji użati għandhom jiġu inklużi fin-notifika. **[Em. 123]**

3. Ammont tat-tariffa

Din it-taqsima għandha tapplika fejn Stat Membru jkun biħsiebu japplika tariffi ogħla għall-ispejjeż esterni mill-valuri ta' referenza speċifikati fl-Anness IIIb.

Għal kull klassi ta' vettura, tip ta' triq u perjodu ta' żmien, l-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti għandhom jiddeterminaw ammont wieħed speċifiku. L-istruttura tat-tariffi li tirriżulta għandha tkun trasparenti, magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti kollha fuq termini ugwali. Jenħtieġ li l-pubblikazzjoni ssir f'waqtha u qabel l-implimentazzjoni. Għandhom jiġu ppubblikati l-parametri kollha, id-dejta u informazzjoni oħra meħtieġa biex jinftiehem kif jiġu kkalkolati l-elementi varji tal-ispiża esterna.

Fl-istabbiliment tat-tariffi, l-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti għandhom ikunu ggwidati mill-prinċipju tal-ipprezzar effiċjenti jiġifieri prezz li jkun qrib l-ispiża marġinali soċjali tal-użu tal-vettura li fuqha tiġi imposta t-tariffa.

It-tariffa għandha tkun stabbilita wara li jkun ġie kkunsidrat ir-riskju ta' devjazzjoni tat-traffiku flimkien ma' kwalunkwe effett negattiv fuq is-sikurezza fit-toroq, l-ambjent u l-konġestjoni, u kwalunkwe soluzzjoni biex jittaffew dawn ir-riskji.

L-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti, għandhom jimmonitorjaw l-effikaċja tal-iskema li timponi t-tariffi fit-tnaqqis tal-ħsara ambjentali li tirriżulta mit-trasport bit-triq. Fejn xieraq, kull sentejn għandhom jaġġustaw l-istruttura li timponi t-tariffi u l-ammont speċifiku tat-tariffa stabbilita għal klassi partikolari ta' vetturi, tip ta' triq u perjodu ta' żmien skont il-bidliet fil-provvista u fid-domanda tat-trasport.

4. Elementi tal-ispiża esterna

4.1. Spiża għat-tniġġis tal-arja minħabba t-traffiku

Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li japplika tariffi ogħla għall-ispejjeż esterni meta mqabbel mal-valuri ta' referenza speċifikati fl-Anness IIIb, dak l-Istat Membru jew, jekk xieraq, awtorità indipendenti, għandhom jikkalkulaw l-ispiża li għandha tiġi imposta għat-tniġġis tal-arja minħabba t-traffiku billi tiġi applikata l-formula li ġejja:

$$PCV_{ij} = \Sigma_k \, EF_{ik} \times PC_{jk}$$

fejn:

— $PCV_{ij}$ = l-ispejjeż tat-tniġġis tal-arja ta' vettura tal-klassi i fuq tip ta' triq j (euro/kilometru ta' vettura)

— $EF_{ik}$ = il-fattur ta' emissjoni tas-sustanza li tniġġes k u l-klassi ta' vettura i (gramma/kilometru ta' vettura)

— $PC_{jk}$ = l-ispiża monetarja tas-sustanza li tniġġes k għal tip ta' triq j (euro/gramma)

Il-fatturi ta' emissjoni għandhom ikunu l-istess bħal dawk użati mill-Istat Membru biex jistabbilixxi l-inventarji nazzjonali dwar l-emissjonijiet previsti bid-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi (*) (li jeħtieġu l-użu tal-EMEP/EEA air pollutant Emission Inventory Guidebook) (**). L-ispiża monetarja tas-sustanzi li jniġġsu għandu jiġi stmat mill-Istat Membru jew, jekk xieraq, mill-awtorità indipendenti msemmija fl-Artikolu 7c(4), permezz ta' metodi ppruvati xjentifikament.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

L-Istat Membru jew, jekk xieraq, awtorità indipendenti, jistgħu japplikaw metodi alternattivi pprovati xjentifikament biex jiġi kkalkolat il-valur tal-ispejjeż tat-tniġġis tal-arja bl-użu ta' dejta mill-kejl tas-sustanzi li jniġġsu l-arja u l-valur lokali tal-ispiża monetarja tas-sustanzi li jniġġsu l-arja.

4.2. Spiża għat-tniġġis mill-istorbju minħabba t-traffiku

Meta Stat Membru jkollu l-intenzjoni li japplika tariffi ogħla għall-ispejjeż esterni meta mqabbel mal-valuri ta' referenza speċifikati fl-Anness IIIb, l-Istat Membru jew, jekk xieraq, awtorità indipendenti, għandhom jikkalkulaw l-ispiża li għandha tiġi imposta għat-tniġġis mill-istorbju minhabba t-traffiku billi jiġu applikati l-formuli li ġejjin:

$$NCV_j \text{ (daily)} = e \times \Sigma_k \, NC_{jk} \times POP_k / WADT$$

$$NCV_j \text{ (day)} = a \times NCV_j$$

$$NCV_j \text{ (night)} = b \times NCV_j$$

fejn:

— NCVj = l-ispiża għall-istorbju ta' vetturi tqal tal-merkanzija fuq tip ta' triq j (euro/kilometru tal-vettura)

— NCjk = l-ispiża għall-istorbju għal kull persuna esposta fuq tip ta' triq j sa livell ta' storbju k (euro/persuna)

— POPk = il-popolazzjoni esposta għal livell ta' storbju k kuljum għal kull kilometru (persuna/kilometru)

— WADT = il-medja ponderata tat-traffiku ta' kuljum (ekwivalenti għal karozzi tal-passiġġieri)

— a u b huma fatturi ponderati ddeteminati mill-Istat Membru b'tali mod li t-tariffa medja ponderata li tirriżulta għall-istorbju għal kull kilometru ta' vettura tikkorrispondi għal NCVj (kuljum).

It-tniġġis mill-istorbju minħabba t-traffiku hu relatat mal-impatt tal-istorbju fuq is-saħħa taċ-ċittadini viċin it-triq.

Il-popolazzjoni esposta għal-livell tal-istorbju k għandha tittieħed mill-mapep strateġiċi tal-istorbju abbozzati skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***).

L-ispiża għal kull persuna esposta għal-livell ta' storbju k għandu jiġi stmat mill-Istat Membru jew, jekk xieraq minn awtorità indipendenti, bl-użu ta' metodi pprovati xjentifikament.

Il-medja ponderata tat-traffiku ta' kuljum għandha tassumi fattur ta' ekwivalenza "e" bejn vetturi tqal tal-merkanzija u karozzi tal-passiġġieri fuq il-bażi tal-livelli ta' emissjonijiet ta' storbju tal-karozza medja u tal-vetturi tqal medji tal-merkanzija, meta jitqies ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur u s-sostituzzjoni tas-sistemi tas-sajlenser, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttiva 70/157/KEE.

L-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità independenti, jistgħu jistabbilixxu tariffi differenzjati tal-istorbju biex jiġi ppremjat l-użu ta' vetturi aktar silenzjużi, jekk dan ma jirriżultax f'diskriminazzjoni kontra vetturi barranin.

(*) Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

(**) Metodoloġija tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent: http://www.eea.europa.eu//publications/emep-eea-guidebook-2016

(***) Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali (ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12).";

(d) L-Anness IIIb huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS IIIb

VALURI ~~TA' REFERENZA~~ ***MINIMI*** TAT-TARIFFA GĦALL-ISPEJJEŻ ESTERNI

Dan l-Anness jistipula l-valuri ~~ta' referenza~~ ***minimi*** tat-tariffi għall-ispejjeż esterni, inklużi l-ispejjeż tat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju. **[Em. 126]**

Tabella 1: valuri ~~ta' referenza~~ ***minimi*** tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-vetturi tqal tal-merkanzija **[Em. 127]**

| Klassi tal-vettura | ċenteżmu/kilometru ta' vettura | Suburban [1] | Interurban [2] |
|---|---|---|---|
| Vetturi tqal tal-merkanzija li għandhom piż mgħobbi massimu gross permissibbli ta' inqas minn 14-il tunnellata jew li għandhom żewġ fusien | EURO 0 | 13,3 | 8,3 |
| | EURO I | 9,1 | 5,4 |
| | EURO II | 8,8 | 5,4 |
| | EURO III | 7,7 | 4,3 |
| | EURO IV | 5,9 | 3,1 |
| | EURO V | 5,7 | 1,9 |
| | EURO VI | 3,2 | 0,6 |
| | Li jniġġsu inqas mill-EURO VI | 2,5 | 0,3 |
| Vetturi tqal tal-merkanzija li għandhom piż mgħobbi massimu gross permissibbli ta' bejn 14-il u 28 tunnellata jew li għandhom tliet fusien | EURO 0 | 23,3 | 15,1 |
| | EURO I | 16,4 | 10,1 |
| | EURO II | 15,7 | 10,0 |
| | EURO III | 13,5 | 8,2 |
| | EURO IV | 9,5 | 5,7 |
| | EURO V | 8,9 | 3,7 |
| | EURO VI | 3,6 | 0,8 |
| | Li jniġġsu inqas mill-EURO VI | 2,5 | 0,3 |
| Vetturi tqal tal-merkanzija li għandhom piż mgħobbi massimu gross permissibbli ta' bejn 28 u 40 tunnellata jew li għandhom erba' fusien | EURO 0 | 30,4 | 19,7 |
| | EURO I | 22,6 | 13,9 |
| | EURO II | 21,3 | 13,9 |
| | EURO III | 17,8 | 11,2 |
| | EURO IV | 12,2 | 7,7 |
| | EURO V | 9,2 | 4,0 |
| | EURO VI | 3,5 | 0,8 |
| | Li jniġġsu inqas mill-EURO VI | 2,5 | 0,3 |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

| Klassi tal-vettura | ċenteżmu/kilometru ta' vettura | Suburban (1) | Interurban (2) |
|---|---|---|---|
| Vetturi tqal tal-merkanzija li għandhom piż mgħobbi massimu gross permissibbli ta' aktar minn 40 tunnellata jew li għandhom 5 fusien jew aktar | EURO 0 | 43,0 | 28,6 |
| | EURO I | 31,5 | 19,8 |
| | EURO II | 29,2 | 19,4 |
| | EURO III | 24,0 | 15,6 |
| | EURO IV | 16,2 | 10,6 |
| | EURO V | 9,8 | 4,7 |
| | EURO VI | 3,6 | 1,0 |
| | Li jniġġsu inqas mill-EURO VI | 2,5 | 0,3 |

(1) 'Suburbani' tfisser żoni b'densità tal-popolazzjoni ta' bejn 150 u 900 abitant/km2 (densità medjana tal-popolazzjoni ta' 300 abitant/km2).
(2) 'Interurbani' tfisser żoni fejn id-densità tal-popolazzjoni hija inqas minn 150 abitant/km2.

Tabella 2: valuri ~~ta' referenza~~ ***minimi*** tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-kowċis **[Em. 128]**

| Klassi tal-vettura | ċenteżmu/kilometru ta' vettura | Suburban (1) | Interurban (2) |
|---|---|---|---|
| Kowċis li għandhom piż mgħobbi massimu gross permissibbli ta' 18-il tunnellata<br>jew li għandhom żewġ fusien | EURO 0 | 20,3 | 13,1 |
| | EURO I | 16,0 | 10,4 |
| | EURO II | 15,6 | 9,9 |
| | EURO III | 13,9 | 8,5 |
| | EURO IV | 10,0 | 5,7 |
| | EURO V | 9,0 | 5,0 |
| | EURO VI | 2,8 | 0,8 |
| | Li jniġġsu inqas mill-EURO VI | 1,4 | 0,2 |
| Kowċijiet li għandhom piż mgħobbi massimu gross permissibbli ta' aktar minn 18-il tunnellata<br>jew li għandhom tliet fusien jew aktar | EURO 0 | 24,9 | 16,2 |
| | EURO I | 19,2 | 12,3 |
| | EURO II | 18,5 | 12,0 |
| | EURO III | 15,7 | 9,8 |
| | EURO IV | 10,6 | 6,6 |
| | EURO V | 10,2 | 5,2 |
| | EURO VI | 2,8 | 0,8 |
| | Li jniġġsu inqas mill-EURO VI | 1,4 | 0,2 |

(1) 'Suburbani' tfisser żoni b'densità tal-popolazzjoni ta' bejn 150 u 900 abitant/km2 (densità medjana tal-popolazzjoni ta' 300 abitant/km2).
(2) 'Interurbani' tfisser żoni fejn id-densità tal-popolazzjoni hija inqas minn 150 abitant/km2.

Il-valuri tat-Tabelli 1 u 2 jistgħu jiġu mmoltiplikati b'fattur ta' ~~2 jew inqas~~ ***referenza ta' mhux aktar minn 4*** f'żoni muntanjużi u madwar l-agglomerazzjonijiet sa fejn dan ikun ġustifikat minn ~~dispersoni~~ ***dispersjoni*** aktar baxxa, l-inklinazzjoni tat-toroq, l-altitudni jew l-inverżjonijiet tat-temperatura. ***Jekk ikun hemm evidenza xjentifika għal fattur akbar għaż-żoni muntanjużi jew għall-agglomerazzjonijiet, dan il-valur ta' referenza jista' jiżdied abbażi ta' ġustifikazzjoni dettaljata.***"; **[Em. 129]**

***Tabella 3: Valuri minimi tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-vetturi tal-passiġġieri (€ct/vkm)***

| *Vettura* | *Magna* | *Klassi-EURO* | *Suburbana* | *Interurbana* |
|---|---|---|---|---|
| ***Karozzi li jaħdmu bid-diżil*** | ***<1,4l*** | ***Euro 2*** | ***1,9*** | ***0,9*** |
| | | ***Euro 3*** | ***1,6*** | ***0,9*** |
| | | ***Euro 4*** | ***1,3*** | ***0,7*** |
| | | ***Euro 5*** | ***0,9*** | ***0,5*** |
| | | ***Euro 6*** | ***0,6*** | ***0,3*** |
| | ***1,4-2,0l*** | ***Euro 0*** | ***3,6*** | ***1,0*** |
| | | ***Euro 1*** | ***1,9*** | ***0,9*** |
| | | ***Euro 2*** | ***1,8*** | ***0,8*** |
| | | ***Euro 3*** | ***1,7*** | ***0,9*** |
| | | ***Euro 4*** | ***1,4*** | ***0,7*** |
| | | ***Euro 5*** | ***0,9*** | ***0,5*** |
| | | ***Euro 6*** | ***0,6*** | ***0,3*** |
| | ***>2,0l*** | ***Euro 0*** | ***3,9*** | ***1,3*** |
| | | ***Euro 1*** | ***1,9*** | ***0,9*** |
| | | ***Euro 2*** | ***1,8*** | ***0,9*** |
| | | ***Euro 3*** | ***1,7*** | ***0,9*** |
| | | ***Euro 4*** | ***1,4*** | ***0,7*** |
| | | ***Euro 5*** | ***0,9*** | ***0,5*** |
| | | ***Euro 6*** | ***0,6*** | ***0,3*** |
| ***Karozzi li jaħdmu bil-petrol*** | ***<1,4l*** | ***Euro 0*** | ***3,7*** | ***2,4*** |
| | | ***Euro 1*** | ***1,0*** | ***0,4*** |
| | | ***Euro 2*** | ***0,7*** | ***0,3*** |
| | | ***Euro 3*** | ***0,5*** | ***0,2*** |
| | | ***Euro 4*** | ***0,5*** | ***0,2*** |
| | | ***Euro 5*** | ***0,5*** | ***0,2*** |
| | | ***Euro 6*** | ***0,5*** | ***0,2*** |
| | ***1,4-2,0l*** | ***Euro 0*** | ***3,9*** | ***3,0*** |
| | | ***Euro 1*** | ***1,1*** | ***0,4*** |
| | | ***Euro 2*** | ***0,7*** | ***0,3*** |
| | | ***Euro 3*** | ***0,5*** | ***0,2*** |
| | | ***Euro 4*** | ***0,5*** | ***0,2*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

| *Vettura* | *Magna* | *Klassi-EURO* | *Suburbana* | *Interurbana* |
|---|---|---|---|---|
| | | ***Euro 5*** | ***0,4*** | ***0,2*** |
| | | ***Euro 6*** | ***0,4*** | ***0,2*** |
| | ***>2,0l*** | ***Euro 0*** | ***4,0*** | ***3,0*** |
| | | ***Euro 1*** | ***1,0*** | ***0,4*** |
| | | ***Euro 2*** | ***0,5*** | ***0,3*** |
| | | ***Euro 3*** | ***0,5*** | ***0,2*** |
| | | ***Euro 4*** | ***0,5*** | ***0,2*** |
| | | ***Euro 5*** | ***0,4*** | ***0,2*** |
| | | ***Euro 6*** | ***0,4*** | ***0,2*** |

**[Em. 124]**

***Tabella 4: Valuri minimi tat-tariffa għall-ispejjeż esterni għall-vetturi light-duty (€ct/vkm)***

| *Vettura* | *Klassi-EURO* | *Suburbana* | *Interurbana* |
|---|---|---|---|
| ***Vetturi kummerċjali ħfief li jaħdmu bil-petrol*** | ***Euro 1*** | ***2,4*** | ***0,7*** |
| | ***Euro 2*** | ***1,9*** | ***0,4*** |
| | ***Euro 3*** | ***1,8*** | ***0,4*** |
| | ***Euro 4*** | ***1,7*** | ***0,3*** |
| | ***Euro 5*** | ***1,6*** | ***0,3*** |
| | ***Euro 6*** | ***1,6*** | ***0,3*** |
| ***Vetturi kummerċjali ħfief li jaħdmu bid-diżil*** | ***Euro 1*** | ***4,0*** | ***1,7*** |
| | ***Euro 2*** | ***4,1*** | ***1,7*** |
| | ***Euro 3*** | ***3,5*** | ***1,3*** |
| | ***Euro 4*** | ***3,0*** | ***1,1*** |
| | ***Euro 5*** | ***2,2*** | ***0,8*** |
| | ***Euro 6*** | ***1,9*** | ***0,5*** |

**[Em. 125]**

(e) fl-Anness IV, it-tabella bl-intestatura "Taħlitiet ta' vetturi (vetturi artikolati u ferroviji tat-triq)" tinbidel b'dan li ġej:

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

"KOMBINAZZJONIJIET TA' VETTURI (VETTURI ARTIKOLATI U ROAD TRAINS)

| Fusien motorizzati b'sospensjoni tal-arja jew rikonoxxuti bhala ekwivalenti | | Sistemi oħra ta' sospensjoni fuq il-fusien motorizzati | | Klassi ta' ħsara |
|---|---|---|---|---|
| Għadd ta' fusien u l-piż mgħobbi massimu gross permissibbli (f'tunnellati) | | Għadd ta' fusien u l-piż mgħobbi massimu gross permissibbli (f'tunnellati) | | |
| Mhux inqas minn | Inqas minn | Mhux inqas minn | Inqas minn | |
| *2 + fus wieħed* | | | | |
| 7,5 | 12 | 7,5 | 12 | I |
| 12 | 14 | 12 | 14 | |
| 14 | 16 | 14 | 16 | |
| 16 | 18 | 16 | 18 | |
| 18 | 20 | 18 | 20 | |
| 20 | 22 | 20 | 22 | |
| 22 | 23 | 22 | 23 | |
| 23 | 25 | 23 | 25 | |
| 25 | 28 | 25 | 28 | |
| *2 + 2 fusien* | | | | |
| 23 | 25 | 23 | 25 | |
| 25 | 26 | 25 | 26 | |
| 26 | 28 | 26 | 28 | |
| 28 | 29 | 28 | 29 | |
| 29 | 31 | 29 | 31 | II |
| 31 | 33 | 31 | 33 | |
| 33 | 36 | 33 | 36 | III |
| 36 | 38 | | | |
| *2 + 3 fusien* | | | | II |
| 36 | 38 | 36 | 38 | |
| 38 | 40 | | | |
| | | 38 | 40 | III |
| *3 + 2 fusien* | | | | II |
| 36 | 38 | 36 | 38 | |
| 38 | 40 | | | |
| | | 38 | 40 | III |
| | | 40 | 44 | |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

| Fusien motorizzati b'sospensjoni tal-arja jew rikonoxxuti bħala ekwivalenti | | Sistemi oħra ta' sospensjoni fuq il-fusien motorizzati | | Klassi ta' ħsara |
|---|---|---|---|---|
| Għadd ta' fusien u l-piż mgħobbi massimu gross permissibbli (f'tunnellati) | | Għadd ta' fusien u l-piż mgħobbi massimu gross permissibbli (f'tunnellati) | | |
| Mhux inqas minn | Inqas minn | Mhux inqas minn | Inqas minn | |
| 40 | 44 | | | |
| *3 + 3 fusien* | | | | |
| 36<br>38 | 38<br>40 | 36 | 38 | I |
| | | 38 | 40 | II |
| 40 | 44 | 40 | 44 | |
| *7 fusien* | | | | |
| 40 | 50 | 40 | 50 | II |
| 50<br>60 | 60 | 50<br>60 | 60 | III |
| *8 jew 9 fusien* | | | | |
| 40 | 50 | 40 | 50 | I |
| 50 | 60 | 50 | 60 | II |
| 60 | | 60 | | III"; |

(ea) ***fl-Anness IV, jiżdied il-paragrafu li ġej:***

***"Għall-vetturi kollha b'mutur li jaħdmu bi fjuwils alternattivi, il-piż massimu awtorizzat jiżdied minħabba l-piż addizzjonali meħtieġ għat-teknoloġija ta' fjuwils alternattivi b'massimu ta' tunnellata.";*** **[Em. 130]**

(2) jiddaħħlu l-Annessi V, VI u VII li ġejjin:

"L-ANNESS V

REKWIŻITI MINIMI GĦALL-IMPOŻIZZJONI TA' TARIFFA TAL-KONĠESTJONI

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-impożizzjoni ta' tariffa tal-konġestjoni.

1. Il-partijiet tan-netwerk soġġetti għat-tariffi tal-konġestjoni, il-vetturi u l-perjodi koperti

L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw preċiżament:

(a) il-parti jew il-partijiet tan-netwerk tagħhom magħmul mis-sehem tagħhom tan-netwerk trans-Ewropew tat-toroq u l-awtostradi tagħhom imsemmija fl-Artikolu 7(1), li jkunu soġġetti għal tariffa tal-konġestjoni f'konformità mal-Artikolu 7da(1) u (3).

(b) il-klassifikazzjoni ta' sezzjonijiet tan-netwerk li huma soġġetti għal tariffa tal-konġestjoni bħala 'metropolitani' u 'mhux metropolitani'. L-Istati Membri għandhom jużaw il-kriterji stabbiliti fit-Tabella 1 għall-finijiet ta' determinazzjoni tal-klassifikazzjoni ta' kull sezzjoni tat-triq.

Tabella 1: Kriterji għall-klassifikazzjoni tat-toroq fuq in-netwerk imsemmija fil-punti (a) bħala 'metropolitani' u 'mhux metropolitani'

| Kategorija tat-triq | Kriterju ta' klassifikazzjoni |
|---|---|
| 'metropolitani' | Sezzjonijiet tan-netwerk għaddejjin minn agglomerazzjonijiet b'popolazzjoni ta' 250 000 abitant jew aktar |
| 'mhux metropolitani' | Sezzjonijiet tan-netwerk li mhumiex kwalifikati bħala 'metropolitani' |

(c) il-perjodi li matulhom tapplika t-tariffa, għal kull sezzjoni individwali. Meta japplikaw livelli ta' tariffi differenti matul il-perjodu tariffarju, l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw b'mod ċar il-bidu u t-tmiem ta' kull perjodu li matulu tiġi applikata tariffa speċifika.

L-Istati Membri għandhom jużaw il-fatturi ta' ekwivalenza pprovduti fit-Tabella 2 għall-fini ta' stabbiliment tal-proporzjon bejn il-livelli tariffarji għal kategoriji ta' vetturi differenti:

Tabella 2: Fatturi ta' ekwivalenza għall-istabbiliment tal-proporzjon bejn il-livelli tat-tariffi tal-konġestjoni għal kategoriji ta' vetturi differenti

| Kategorija tal-vettura | Fattur ta' ekwivalenza |
|---|---|
| Vetturi light duty | 1 |
| Vetturi heavy duty riġidi | 1,9 |
| Karozzi tal-linja u kowċis | ~~2,5~~***1,5*** |
| Vetturi heavy duty artikolati | 2,9 |

**[Em. 131]**

2. Ammont tat-tariffa

Għal kull kategorija ta' vettura, sezzjoni tat-triq u perjodu ta' ħin, l-Istat Membru jew, fejn xeraq, awtorità indipendenti għandhom jiddeterminaw ammont wieħed speċifiku, stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 1 ta' dan l-Anness, filwaqt li jitqies il-valur massimu korrispondenti stabbilit fit-tabella fl-Anness VI. L-istruttura tat-tariffi li tirriżulta għandha tkun trasparenti, magħmula pubblika u disponibbli għall-utenti kollha fuq termini ugwali.

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

L-Istat Membru għandu jippubblika dawn kollha li ġejjin, fil-ħin, qabel l-implimentazzjoni ta’ tariffa tal-konġestjoni:

(a) il-parametri kollha, id-dejta u informazzjoni oħra meħtieġa biex jinftiehem kif jiġu stabbiliti l-klassifikazzjoni tat-toroq u tal-vetturi u l-perjodi ta’ applikazzjoni tat-tariffi;

(b) id-deskrizzjoni sħiħa tat-tariffi tal-konġestjoni li japplikaw għal kull kategorija ta’ vetturi fuq kull sezzjoni tat-triq u għal kull perjodu ta’ żmien.

L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-informazzjoni kollha li għandha tiġi ppubblikata skont il-punti (a) u (b).

It-tariffa għandha tkun stabbilita biss wara li jkun ġie kkunsidrat ir-riskju ta’ devjazzjoni tat-traffiku flimkien ma’ kwalunkwe effett negattiv fuq is-sikurezza fit-toroq, l-ambjent u l-konġestjoni, u kwalunkwe soluzzjoni biex jittaffew dawn ir-riskji.

L-Istat Membru jew, fejn xieraq, awtorità indipendenti, għandhom jimmonitorjaw l-effikaċja tal-iskema li timponi t-tariffi fit-tnaqqis tal-konġestjoni. Fejn xieraq, kull sena għandhom jaġġustaw l-istruttura tariffarja, il-perjodu/i tariffarju/i u l-ammont speċifiku tat-tariffa stabbilita għal kull kategorija partikolari ta’ vetturi, tip ta’ triq u perjodu ta’ żmien skont il-bidliet fil-provvista u fid-domanda tat-trasport.

ANNESS VI

LIVELL MASSIMU TAT-TARIFFA TAL-KONĠESTJONI

Dan l-Anness jistabbilixxi l-livell massimu tat-tariffa tal-konġestjoni.

Il-livelli massimi previsti fit-tabella hawn taħt għandhom jiġu applikati għal vetturi light duty. It-tariffi għal kategoriji oħra ta’ vetturi għandhom jiġu stabbiliti permezz tal-moltiplikazzjoni tat-tariffa applikata għal vetturi light duty bil-fatturi ta’ ekwivalenza pprovduti fit-tabella fl-Anness V.

Tabella: Livell massimu tat-tariffa tal-konġestjoni għal vetturi light duty

| ċenteżmu/vettura-kilometru | Metropolitani | Mhux metropolitani |
|---|---|---|
| Awtostradi | 67 | 34 |
| Toroq ewlenin | 198 | 66 |

ANNESS VII

VARJAZZJONI TAL-ĦLASIJIET GĦALL-UŻU TAT-TRIQ GĦAL VETTURI LIGHT DUTY

Dan l-Anness jispeċifika l-kategoriji tal-emissjonijiet li skonthom għandhom jiġu ddifferenzjati l-ħlasijiet għall-użu tat-triq u l-ħlasijiet fuq l-utent.

L-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu għandhom jitkejlu skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) …/… (*).

Ir-rati aktar baxxi għandhom japplikaw għal kwalunkwe karozza tal-passiġġieri u vettura kummerċjali ħafifa b’emissjonijiet speċifiċi tas-$CO_2$, kif imkejla skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**), li huma taħt il-livelli li jikkorrispondu għall-miri applikabbli għall-flotta kollha tal-UE stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***) u r-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (****).

Tabella: kategoriji ta' emissjonijiet ta' vetturi light duty

| Fattur ta' konformità | 1,5-2,1 | 1-1,5 | inqas minn 1 | Vetturi b'żero emissjonijiet |
|---|---|---|---|---|
| Tariffa għal kull km | 10 % inqas mill-ogħla rata | 20 % inqas mill-ogħla rata | 30 % inqas mill-ogħla rata | 75 % inqas mill-ogħla rata |

(*) IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) …/… ta' XXX li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/xxx u d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-emissjonijiet f'sewqan reali ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 6) [RDE 3] (ĠU L …,……..2017, p. …).

(**) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).

(***) Ir-Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jistabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karozzi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO 2 minn vetturi ħfief (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1).

(****) Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 11 ta' Mejju 2011 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO 2 minn vetturi ħfief (ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1)".

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0424

# Il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija (COM(2017)0653 – C8-0393/2017 – 2017/0291(COD))** ([1])

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2020/C 345/50)

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Fl-Istrateġija Ewropea għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi ([21]), il-Kummissjoni ħabbret li biex jitwettqu l-impenji li l-Unjoni għamlet waqt il-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-UNFCC), li saret f'Pariġi fl-2015, trid titħaffef id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport u għalhekk jenħtieġ li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja jaqbdu t-triq it-tajba biex sa nofs is-seklu jixxejnu għalkollox. Minbarra dan, hemm bżonn li mingħajr dewmien jonqsu drastikament l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu l-arja mit-trasport li qed jagħmlu l-ħsara lis-saħħa tal-bniedem. Dan jista' jintlaħaq b'għadd ta' inizjattivi ta' politika, fosthom permezz tal-akkwist pubbliku ta' vetturi nodfa.<br><br>([21]) COM(2016)0501 finali. | (2) Fl-Istrateġija Ewropea għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi ([21]), il-Kummissjoni ħabbret li biex jitwettqu l-impenji li l-Unjoni għamlet waqt il-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-UNFCC), li saret f'Pariġi fl-2015, trid titħaffef id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport u għalhekk jenħtieġ li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja jaqbdu t-triq it-tajba biex sa nofs is-seklu jixxejnu għalkollox. Minbarra dan, hemm bżonn li mingħajr dewmien jonqsu drastikament l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu l-arja mit-trasport li qed jagħmlu l-ħsara lis-saħħa tal-bniedem ***u lill-ambjent***. Dan jista' jintlaħaq b'għadd ta' inizjattivi ta' politika, fosthom ***miżuri li jappoġġaw bidla modali lejn it-trasport pubbliku, u*** permezz tal-akkwist pubbliku ta' vetturi nodfa.<br><br>([21]) COM(2016)0501 finali. |

([1]) Il-każ ġie mgħoddi lura għal negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A8-0321/2018).

Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Kif tħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Ewropa Attiva: aġenda għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn mobbiltà kompetittiva, konnessa u mingħajr ħsara għall-ambjent għal kulħadd” ([23]), din il-proposta hi parti mit-tieni pakkett ta’ proposti li se jikkontribwixxi għall-isforz tal-Unjoni għal mobbiltà b’emissjonijiet baxxi. Dan il-pakkett, li qed jiġi ppreżentat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “It-twettiq ta’ mobbiltà b’emissjonijiet baxxi – Unjoni Ewropea li tipproteġi l-pjaneta, tagħti s-setgħa lill-konsumaturi tagħha u tiddefendi l-industrija u lill-ħaddiema tagħha” fih taħlita ta’ miżuri orjentati lejn il-provvista u miżuri orjentati lejn id-domanda ħalli l-UE taqbad ir-ritmu għal mobbiltà b’emissjonijiet baxxi u fl-istess ħin issaħħaħ il-kompetittività tal-ekosistema tal-mobbiltà tal-UE. | (4) Kif tħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “Ewropa Attiva: aġenda għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn mobbiltà kompetittiva, konnessa u mingħajr ħsara għall-ambjent għal kulħadd” ([23]), din il-proposta hi parti mit-tieni pakkett ta’ proposti li se jikkontribwixxi għall-isforz tal-Unjoni għal mobbiltà b’emissjonijiet baxxi. Dan il-pakkett, li qed jiġi ppreżentat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “It-twettiq ta’ mobbiltà b’emissjonijiet baxxi – Unjoni Ewropea li tipproteġi l-pjaneta, tagħti s-setgħa lill-konsumaturi tagħha u tiddefendi l-industrija u lill-ħaddiema tagħha” fih taħlita ta’ miżuri orjentati lejn il-provvista u miżuri orjentati lejn id-domanda ħalli l-UE taqbad ir-ritmu għal mobbiltà b’emissjonijiet baxxi u fl-istess ħin issaħħaħ il-kompetittività tal-ekosistema tal-mobbiltà tal-UE. ***Il-promozzjoni ta’ vetturi sostenibbli jenħtieġ li ssir b’mod parallel mal-iżvilupp ulterjuri tat-trasport pubbliku, bħala l-aktar mod rapidu u kosteffiċjenti biex jitnaqqas l-għadd ta’ vetturi fit-triq u konsegwentement biex tittejjeb il-kwalità tal-arja u jitnaqqsu l-emissjonijiet.*** |
| ([23]) COM (2017)0283 finali. | ([23]) COM(2017)0283 finali. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) L-innovazzjoni tat-teknoloġiji ġodda tgħin biex jonqsu l-emissjonijiet tal-vetturi u tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. ***Jekk tiżdied l-adozzjoni*** ta' vetturi mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi***, aktarx li din iż-żieda*** tnaqqas l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta' ċerti sustanzi li jniġġsu l-arja (materja partikulata, ossidi tan-nitroġenu u idrokarburi tan-nonmetan) u li ***trawwem il-kompetittività*** u t-tkabbir tal-industrija Ewropea fis-swieq globali dejjem jikbru tal-vetturi mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi. | (5) L-innovazzjoni tat-teknoloġiji ġodda tgħin biex jonqsu l-emissjonijiet tal-vetturi, u ***jitnaqqas it-tniġġis akustiku filwaqt li*** tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. ***Żieda fl-adozzjoni*** ta' vetturi mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi ***se*** tnaqqas l-emissjonijiet tas-$CO_2$ u ta' ċerti sustanzi li jniġġsu l-arja (materja partikulata, ossidi tan-nitroġenu u idrokarburi tan-nonmetan) u ***b'hekk ittejjeb il-kwalità tal-arja fil-bliet u f'żoni oħra mniġġsa, filwaqt*** li ***tikkontribwixxi għall-kompetittività*** u t-tkabbir tal-industrija Ewropea fis-swieq globali dejjem jikbru tal-vetturi mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi ***u tiżgura l-iżvilupp ta' infrastrutturi tal-fjuwils alternattivi. Barra minn hekk, il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika jrid ikun il-prinċipju verament bażiku ta' kwalunkwe sforz sabiex jiġi żgurat u stimulat ambjent kompetittiv u jitħeġġu aktar riċerka u innovazzjoni f'dan il-qasam. Sabiex jitnaqqsu t-tniġġis tal-arja u t-tniġġis akustiku u jiġu ssodisfati l-istandards tal-Kwalità tal-Arja tal-UE f'żoni urbani u rurali, huma meħtieġa politiki u miżuri konkreti u ambizzjużi, inkluż l-użu tal-akkwist pubbliku ta' vetturi b'emissjonijiet nodfa.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Stimi għal meta se sseħħ il-parità monetarja tal-prezz bejn vetturi b'magna b'kombustjoni interna (ICEVs) u vetturi elettriċi mħaddma bil-batterija (BEVs) se jvarjaw bejn l-2020 u l-2028. Barra minn hekk, diversi fabbrikanti tat-tagħmir oriġinali (OEMs) iddikjaraw eżempji ta' parità monetarja tal-prezz għal xi mudelli ġodda fl-2020. Abbażi tal-ispejjeż operattivi aktar baxxi ta' BEVs, il-punt tal-parità monetarja tal-ispiża totali tas-sjieda (TCO) se jiġi qabel is-sena tal-parità monetarja tal-prezz tax-xiri, tipikament b'sentejn sa sitt snin.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 5b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(5b)* ***Il-previżjonijiet tas-suq ibassru li l-vetturi nodfa, bħall-karozzi kompletament elettriċi, se jonqsu fil-prezz b'mod sostanzjali u jsiru kompetittivi ħafna u anki irħas biex jitħaddmu minn vetturi konvenzjonali fis-snin wara l-2020, b'mod partikolari meta jitqies il-kost totali tas-sjieda, minħabba l-kost imnaqqas tal-batteriji iżda wkoll tnaqqis ieħor fil-kostijiet li se jirriżulta minħabba kostijiet aktar baxxi tal-fjuwil u kostijiet aktar baxxi ta' manutenzjoni marbuta mat-tħaddim ta' vettura elettrika.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 5c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(5c)* ***Filwaqt li l-Unjoni hija waħda mir-reġjuni fuq quddiem nett fir-riċerka u l-ekoinnovazzjoni ta' valur għoli, ir-Reġjun tal-Asja-Paċifiku qed jospita l-akbar produtturi tax-xarabanks u l-batteriji. Bl-istess mod, l-iżvilupp tas-suq globali f'vetturi elettriċi tal-batterija huma xprunati mis-swieq fiċ-Ċina u fl-Istati Uniti, li flimkien jammontaw għal madwar 60 % tas-suq globali, meta mqabbel ma' 28 % fl-UE. Għalhekk, huwa meħtieġ qafas ta' politika ambizzjuż tal-UE biex tiġi stimulata l-innovazzjoni u jkomplu jiġu promossi l-kompetittività u t-tkabbir tal-industrija Ewropea fis-swieq globali dejjem jikbru għall-vetturi nodfa u l-infrastruttura tat-teknoloġija assoċjata.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 5d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(5d)* ***L-Unjoni jeħtieġ li żżid l-inċentivi li jappoġġaw l-iżvilupp teknoloġiku ta' batteriji sostenibbli u riċiklabbli, li jenħtieġ li jiġu prodotti bil-ħsieb tal-ħtieġa li tkun imminimizzata l-impronta ambjentali tagħhom.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 5e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(5e)* ***Sabiex ikunu konsistenti mal-objettivi tas-sostenibbiltà, il-batteriji jenħtieġ li jkunu prodotti bl-anqas impatti ambjentali ġewwa u barra l-Unjoni, b'mod speċjali f'dak li jirrigwarda l-proċess tal-estrazzjoni tal-materjal użat għall-manifattura tal-batteriji. Waqt il-proċess kollu ta' produzzjoni jenħtieġ li jitqiesu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tressaq, f'konformità mar-reviżjoni tad-Direttiva 2006/66/KE, objettivi ambizzjużi għar-riċiklabbiltà tal-batteriji.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) L-awtoritajiet pubbliċi, permezz tal-politika tal-akkwist tagħhom, jistgħu joħolqu swieq ta' prodotti u servizzi innovattivi, u jappoġġawhom. Id-Direttivi 2014/24/UE ([24]) u 2014/25/UE ([25]) jistabbilixxu regoli armonizzati minimi dwar l-akkwist pubbliku li jarmonizzaw il-mod kif l-awtoritajiet pubbliċi u ċerti operaturi tal-utilitajiet pubbliċi jixtru l-prodotti, ix-xogħlijiet u s-servizzi. B'mod partikolari, dawn jistabbilixxu limiti ġenerali għall-volum ta' kuntratti soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li jkunu japplikaw ukoll għad-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa. | (6) ***B'kunsiderazzjoni tal-fatt li n-nefqa tal-gvern fuq l-oġġetti, ix-xogħlijiet u s-servizzi tirrappreżenta madwar 14 % tal-PDG, li jammonta għal madwar EUR 1,8 triljun kull sena,*** l-awtoritajiet pubbliċi, permezz tal-politika tal-akkwist tagħhom, jistgħu joħolqu swieq ta' prodotti u servizzi innovattivi, u jappoġġawhom. Id-Direttivi 2014/24/UE ([24]) u 2014/25/UE ([25]) jistabbilixxu regoli armonizzati minimi dwar l-akkwist pubbliku li jarmonizzaw il-mod kif l-awtoritajiet pubbliċi u ċerti operaturi tal-utilitajiet pubbliċi jixtru l-prodotti, ix-xogħlijiet u s-servizzi ***f'konformità mar-rekwiżiti ambjentali ta' oġġetti mixtrija (inklużi l-vetturi)***. B'mod partikolari, dawn jistabbilixxu limiti ġenerali għall-volum ta' kuntratti soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, li jkunu japplikaw ukoll għad-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa. ***Sabiex jintlaħaq dan l-għan, jenħtieġ li d-Direttiva tistabbilixxi rekwiżiti ċari u trasparenti u toħloq metodu sempliċi ta' kalkolu għall-miri tal-akkwist.*** |
| ([24]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.<br>([25]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243. | ([24]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65.<br>([25]) ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243. |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 6a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(6a) **Id-disponibbiltà ta’ infrastruttura tal-iċċarġjar u r-riforniment hija prerekwiżit għal kwalunkwe operazzjoni tat-trasport b’vetturi li jaħdmu bi fjuwil alternattiv, inkluż għat-trasport pubbliku. Għalhekk, jenħtieġ li l-aspetti biex titheġġeġ l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi għat-trasport pubbliku jissaħħu fid-Direttiva 2014/94/UE. Fin-nuqqas ta’ reviżjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi pjan ta’ azzjoni għall-infrastruttura tat-trasport pubbliku.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 6b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(6b) **L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jobbligaw lill-operaturi tas-sistema ta’ distribuzzjoni (DSOs) jippossjedu, jiżviluppaw, jimmaniġġjaw u joperaw massa kritika minima ta’ stazzjonijiet tal-iċċarġjar fid-dominju pubbliku b’aċċess b’xejn għall-fornituri tal-elettriku kollha, biex tiġi żgurata disponibbiltà suffiċjenti tal-punti tal-iċċarġjar.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 6c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(6c) **L-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa jesploraw possibbiltajiet biex jappoġġaw it-tħaddim ta’ vetturi b’emissjonijiet estremament baxxi u jnaqqsu l-kostijiet tagħhom fis-servizzi pubbliċi, pereżempju billi jagħtu eżenzjonijiet jew tnaqqis minn taxxi fuq l-enerġija għal vetturi b’emissjonijiet estremament baxxi.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Il-valutazzjoni tal-impatt li saret ***ħarġet fid-dieher*** il-benefiċċji ta' bidla fl-approċċ ta' governanza ġenerali ***għall-akkwist*** tal-vetturi nodfa fil-livell tal-Unjoni. Jekk jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-akkwist, ikun jista' jintlaħaq b'mod effettiv l-għan li jitħalla impatt fuq l-adozzjoni mis-suq tal-vetturi nodfa meta mqabbel mad-dipendenza fuq l-internalizzazzjoni tal-kostijiet esterni fid-deċiżjonijiet ġenerali tal-akkwist, filwaqt li tiġi nnutata r-rilevanza li fid-deċiżjonijiet kollha tal-akkwist jitqiesu l-aspetti ambjentali. Il-benefiċċji fiż-żmien medju u fit-tul għaċ-ċittadini u l-intrapriżi Ewropej jiġġustifikaw bis-sħiħ dan l-approċċ sakemm dan ma jkunx jippreskrivi xi teknoloġija partikolari biex tintuża mill-awtoritajiet, l-entitajiet u l-operaturi kontraenti. | (8) Il-valutazzjoni tal-impatt li saret ***issottolinjat*** il-benefiċċji ta' bidla fl-approċċ ta' governanza ġenerali ***fir-rigward tal-akkwist*** tal-vetturi nodfa ***u effiċjenti fl-enerġija*** fil-livell tal-Unjoni. Jekk jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-akkwist, ikun jista' jintlaħaq b'mod effettiv l-għan li jitħalla impatt fuq l-adozzjoni mis-suq tal-vetturi nodfa meta mqabbel mad-dipendenza fuq l-internalizzazzjoni tal-kostijiet esterni fid-deċiżjonijiet ġenerali tal-akkwist, filwaqt li tiġi nnutata r-rilevanza li fid-deċiżjonijiet kollha tal-akkwist jitqiesu l-aspetti ambjentali. Il-benefiċċji fiż-żmien medju u fit-tul għaċ-ċittadini u l-intrapriżi Ewropej jiġġustifikaw bis-sħiħ dan l-approċċ sakemm dan ma jkunx jippreskrivi xi teknoloġija partikolari biex tintuża mill-awtoritajiet, l-entitajiet u l-operaturi kontraenti. |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Jekk jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva biex ikun jinkludi prattiki bħat-twellija, il-kiri u x-xiri bin-nifs tal-vetturi, kif ukoll kuntratti tas-servizz pubbliku għal servizzi tat-trasport pubbliku bit-triq, għal servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq ***b'għan*** speċjali, għal servizzi tat-trasport tal-passiġġieri mhux ***skedati*** u għall-kiri ta' xarabanks u kowċijiet b'xufier u kif ukoll servizzi tal-posta u l-kurjer speċifiċi u servizzi tar-rimi tal-iskart, ikun żgurat li tkun ***kopreta*** kull prattika rilevanti tal-akkwist. | (9) Jekk jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva biex ikun jinkludi prattiki bħat-twellija, il-kiri u x-xiri bin-nifs ***u l-modifika retroattiva*** tal-vetturi, kif ukoll kuntratti tas-servizz pubbliku għal servizzi tat-trasport pubbliku bit-triq, għal servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq ***għal skopijiet*** speċjali, għal servizzi tat-trasport tal-passiġġieri mhux ***skedat*** u għall-kiri ta' xarabanks u kowċijiet b'xufier u kif ukoll servizzi tal-posta u l-kurjer speċifiċi u servizzi tar-rimi tal-iskart, ikun żgurat li tkun ***koperta*** kull prattika rilevanti tal-akkwist***, filwaqt li kuntratti eżistenti jenħtieġ li ma jiġux affettwati minn din id-Direttiva b'mod retroattiv. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina l-fattibbiltà ta' akkwist nadif f'modi oħra ta' trasport.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) ***Kien hemm appoġġ wiesa' fost il-partijiet konċernati ewlenin għal definizzjoni ta' vetturi nodfa*** li ***tqis ir-rekwiżiti ta'*** tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja minn vetturi ħfief u tqal. Biex ikun żgurat li jingħataw inċentivi xierqa li jappoġġaw l-adozzjoni mis-suq ta' vetturi mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi fl-Unjoni, jenħtieġ li bl-emenda d-dispożizzjonijiet għall-akkwist pubbliku ta' dawn il-vetturi jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-karozzi u l-vannijiet għal wara l-2020 ([26]). Azzjoni mwettqa ***skont id-Direttiva emendata*** se tikkontribwixxi għall-konformità mar-rekwiżiti ta' dawn l-istandards. B'approċċ aktar ambizzjuż għall-akkwist pubbliku ***jista'*** jingħata stimolu addizzjonali importanti lis-suq. | (10) ***Id-Direttiva emendata jenħtieġ*** li ***tikkontribwixxi għal*** tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja minn vetturi ħfief u tqal. Biex ikun żgurat li jingħataw inċentivi xierqa li jappoġġaw l-adozzjoni mis-suq ta' vetturi mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi fl-Unjoni, jenħtieġ li bl-emenda d-dispożizzjonijiet għall-akkwist pubbliku ta' dawn il-vetturi jiġu allinjati mad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tal-karozzi u l-vannijiet għal wara l-2020 ([26]). Azzjoni mwettqa ***b'mod konformi ma' din id-Direttiva*** se tikkontribwixxi ***wkoll*** għall-konformità mar-rekwiżiti ta' dawn l-istandards ***u se tiffaċilita l-installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar marbuta***. B'approċċ aktar ambizzjuż għall-akkwist pubbliku ***se*** jingħata stimolu addizzjonali importanti lis-suq. |
| ([26]) COM(2017)0676. | ([26]) COM(2017)0676. |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Sabiex jinkiseb titjib fil-kwalità tal-arja fil-muniċipalitajiet, huwa kruċjali li l-flotta tat-trasport tiġġedded skont l-istandard ta' vetturi nodfa. Barra minn hekk, il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari jeħtieġu l-estensjoni tal-ħajja tal-prodotti. Għaldaqstant, il-vetturi modifikati retroattivament skont l-istandard ta' vettura nadifa jenħtieġ li jingħaddu wkoll għall-kisba tar-rekwiżiti minimi tal-akkwist stabbiliti fit-Tabelli 4 u 5 fl-Anness.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 10b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(10b)* ***Il-vetturi mingħajr emissjonijiet fl-iżbokk tal-egżost jistgħu wkoll iħallu impronta ambjentali sinifikanti minħabba l-proċess tal-manifattura tal-komponenti u l-livell ta' riċiklabbiltà jew tal-effiċjenza tal-produzzjoni tal-fjuwil. Għaldaqstant, it-teknoloġiji li jindirizzaw din l-isfida, bħall-batteriji sostenibbli u riċiklabbli, jenħtieġ li jirċievu livell ogħla ta' appoġġ f'termini tal-kisba tal-miri minimi tal-akkwist stabbiliti fit-Tabelli 4 u 5 fl-Anness. Ir-riċerka u l-iżvilupp ta' dawk it-teknoloġiji jenħtieġ li jiġu promossi wkoll f'politiki oħra tal-Unjoni.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 10c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(10c)* ***Il-kontabbiltà tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ jenħtieġ li tkun ibbażata fuq approċċ mill-estrazzjoni sal-użu sabiex issir ġustizzja għall-katina ta' provvista kollha tal-fjuwil mill-fażi tal-estrazzjoni għall-iżbokk tal-egżost. Dan jipprovdi kont aktar preċiż tal-emissjonijiet globali ta' vettura partikolari. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi l-metodoloġija għar-reġistrazzjoni ta' emissjonijiet mill-estrazzjoni sal-użu sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (11) ***Peress li l-vetturi*** ħfief u tqal jintużaw għal skopijiet differenti u għandhom livelli differenti ta' maturità tas-suq, hu importanti li d-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku jagħrfu dawn id-differenzi. ***Il-valutazzjoni tal-impatt turi l-valur miżjud jekk jitħaddem approċċ ibbażat fuq il-fjuwils alternattivi sakemm jiġu stabbiliti rekwiżiti teknoloġikament newtrali fil-livell tal-Unjoni għall-emissjonijiet tas-CO2 mill-vetturi tqal, kif il-Kummissjoni beħsiebha tipproponi fil-ġejjieni. Il-Valutazzjoni tal-Impatt tirrikonoxxi wkoll*** li s-swieq tax-xarabanks urbani mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi huma kkaratterizzati minn ***żieda fil-maturità tas-suq***, filwaqt li s-swieq għat-trakkijiet mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi qegħdin fi stadju ***aktar bikri*** ta' żvilupp tas-suq. | (11) ***Il-vetturi b'żewġ jew tliet roti, u dawk*** ħfief u tqal jintużaw għal skopijiet differenti u għandhom livelli differenti ta' maturità tas-suq, ***u*** hu importanti li d-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku jagħrfu dawn id-differenzi. ***Jenħtieġ li jiġi rikonoxxut ukoll*** li s-swieq tax-xarabanks urbani mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi huma kkaratterizzati minn ***progressjoni reċenti***, filwaqt li s-swieq għat-trakkijiet mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi qegħdin fi stadju ***inizjali*** ta' żvilupp tas-suq. |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(11a) Il-potenzjal tat-tnaqqis tal-emissjonijiet permezz tal-akkwist pubbliku biss huwa limitat u t-trasport pubbliku jikkontribwixxi biss sehem żgħir tal-emissjonijiet li joriġinaw mis-settur tat-trasport. L-Istati Membri jenħtieġ għalhekk li jkunu inkoraġġuti jirregolaw ix-xiri ta' vetturi nodfa minn sidien oħra tal-flotta, bħall-kumpaniji tat-taksi, tal-kiri tal-karozzi u ride-pooling.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Jekk jiġu stabbiliti miri minimi għall-akkwist tal-vetturi nodfa sal-2025 u sal-2030 fil-livell tal-Istati Membri, dan jgħin fiċ-ċertezza tal-politika għas-swieq fejn l-investimenti fil-mobbiltà mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi huma ġġustifikati. Il-miri minimi jappoġġaw il-ħolqien tas-swieq madwar l-Unjoni kollha. Dawn jipprovdu żmien għall-aġġustament tal-proċessi tal-akkwist pubbliku u jibagħtu sinjal ċar tas-suq. Il-valutazzjoni tal-impatt tinnota li l-Istati Membri qed kulma jmur jistabbilixxu aktar miri, skont il-kapaċità ekonomika tagħhom u skont is-serjetà tal-problema. Jenħtieġ jiġu stabbiliti miri differenti fi Stati Membri differenti skont il-kapaċità ***ekonimika*** tagħhom (il-prodott domestiku gross għal kull ras) u l-esponiment għat-tniġġis (id-densità tal-popolazzjoni urbana). Jenħtieġ li l-miri minimi tal-akkwist jiġu kkumplimentati bl-obbligu tal-awtoritajiet, l-entitajiet u l-operaturi kontraenti biex fil-proċeduri tal-akkwist tagħhom iqisu l-aspetti enerġetiċi u ambjentali rilevanti kollha. Il-Valutazzjoni tal-Impatt Territorjali ta' din id-Direttiva emendata turi li l-impatt se jitqassam b'mod ekwu fost ir-reġjuni tal-Unjoni. | (12) Jekk jiġu stabbiliti miri minimi għall-akkwist tal-vetturi nodfa ***li jridu jintlaħqu*** sal-2025 u sal-2030 fil-livell tal-Istati Membri, dan jgħin fiċ-ċertezza tal-politika għas-swieq fejn l-investimenti fil-mobbiltà mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi huma ġġustifikati. Il-miri minimi jappoġġaw il-ħolqien tas-swieq madwar l-Unjoni kollha. Dawn jipprovdu żmien għall-aġġustament tal-proċessi tal-akkwist pubbliku u jibagħtu sinjal ċar tas-suq. Il-valutazzjoni tal-impatt tinnota li l-Istati Membri qed kulma jmur jistabbilixxu aktar miri, skont il-kapaċità ekonomika tagħhom u skont is-serjetà tal-problema. Jenħtieġ jiġu stabbiliti miri differenti fi Stati Membri differenti skont il-kapaċità ***ekonomika*** tagħhom (il-prodott domestiku gross għal kull ras) u l-esponiment għat-tniġġis (id-densità tal-popolazzjoni urbana). Jenħtieġ li l-miri minimi tal-akkwist jiġu kkumplimentati bl-obbligu tal-awtoritajiet, l-entitajiet u l-operaturi kontraenti biex fil-proċeduri tal-akkwist tagħhom iqisu l-aspetti enerġetiċi u ambjentali rilevanti kollha. Il-Valutazzjoni tal-Impatt Territorjali ta' din id-Direttiva emendata turi li l-impatt se jitqassam b'mod ekwu fost ir-reġjuni tal-Unjoni. |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 12a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(12a) Fir-rakkomandazzjoni tiegħu tal-4 ta' April 2017 lill-Kunsill u lill-Kummissjoni wara l-inkjesta dwar il-kejl tal-emissjonijiet fis-settur awtomobilistiku*** [10bis]***, il-Parlament Ewropew stieden lill-Istati Membri jħeġġu politiki tal-akkwist pubbliku ekoloġiku permezz tax-xiri ta' vetturi mingħajr emissjonijiet (ZEVs) u vetturi b'emissjonijiet baxxi ħafna (ULEVs) mill-awtoritajiet pubbliċi għall-flotot tagħhom jew għall-programmi ta' car sharing pubbliċi u semipubbliċi u għall-eliminazzjoni gradwali tal-karozzi ġodda b'emissjonijiet ta'*** $CO_2$ ***sal-2035;*** |

(10bis) ***ĠU C 298, 23.8.2018, p. 140.***

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) L-impatt massimu jista' jinkiseb jekk l-akkwist pubbliku tal-vetturi nodfa jiġi mmirat f'oqsma li għandhom livell relattivament għoli ta' tniġġis tal-arja. L-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri huma mħeġġa biex meta jkunu qed jikkonkludu l-implimentazzjoni tal-miri minimi nazzjonali tagħhom jiffukaw l-aktar fuq dawk l-oqsma u biex fir-rappurtar tagħhom skont din id-Direttiva emendata jirriflettu l-azzjoni relatata. | (13) L-impatt massimu jista' jinkiseb jekk l-akkwist pubbliku tal-vetturi nodfa jiġi mmirat f'oqsma li għandhom livell relattivament għoli ta' tniġġis tal-arja ***u tniġġis akustiku***. L-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri huma mħeġġa biex meta jkunu qed jikkonkludu l-implimentazzjoni tal-miri minimi nazzjonali tagħhom jiffukaw l-aktar fuq dawk l-oqsma u biex fir-rappurtar tagħhom skont din id-Direttiva emendata jirriflettu l-azzjoni relatata. ***Sabiex jiġi evitat piż sproporzjonat u r-riżultati potenzjali ta' din id-Direttiva jiġu ottimizzati, jenħtieġ li tiġi pprovduta assistenza teknika xierqa lill-awtoritajiet pubbliċi.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Id-Direttiva emendata jenħtieġ li tikkontribwixxi għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja, u għall-promozzjoni ta' trasport bit-triq pubbliku nadif. Hi jenħtieġ li tevita li tiskoraġġixxi l-iżvilupp ta' trasport nadif mhux bit-triq bħal trammijiet u ferroviji tal-metro.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 13b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13b) Il-limiti stabbiliti f'din id-Direttiva huma diffiċli biex jiġu implimentati mingħajr l-iżvilupp ta' prodotti kummerċjabbli u teknikament maturi. Sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar il-progress tiġi aġġornata regolarment, il-Kummissjoni tintalab tissottometti rapport kull sentejn li fih tivvaluta jekk jeżistux soluzzjonijiet kummerċjabbli għal vetturi nodfa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu kontributi finanzjarji u mhux finanzjarji akbar biex dawn il-vetturi nodfa jiddaħħlu fis-suq aktar malajr.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 13c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(13c)* ***Filwaqt li titqies id-differenza sinifikanti fil-marġini ta' flessibbiltà finanzjarja tal-operaturi tat-trasport privat għall-adozzjoni ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi u li potenzjalment jiswew aktar, iridu jiġu magħmula disponibbli mekkaniżmi sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi bejn l-operaturi tat-trasport pubbliku u privat fi proċessi ta' offerti u ta' akkwist u li l-kostijiet tal-konformità mal-miri minimi tal-akkwist stabbiliti f'din id-Direttiva ma jiġux imgħoddija lill-awtoritajiet lokali, b'mod partikolari fil-każ ta' muniċipalitajiet iżgħar, jew iwasslu għal esternalizzazzjoni ta' kostijiet rikorrenti ogħla permezz ta' prezzijiet ogħla tal-biljetti, taxxi lokali ogħla jew it-tnaqqis ta' servizzi tat-trasport pubbliku.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Ir-rappurtar dwar l-akkwist pubbliku skont din id-Direttiva emendata jenħtieġ jagħti ħarsa ġenerali ċara tas-suq biex isir monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni. Dan jenħtieġ jibda b'rapport ***intermedju*** fl-2023 u jissokta ***brappurtar*** sħiħ fl-2026 dwar l-implimentazzjoni tal-miri minimi, u mbagħad kull tliet snin: Jenħtieġ jiġi ffaċilitat rappurtar sempliċi ħalli jonqos il-piż amministrattiv fuq il-korpi pubbliċi individwali u tinkiseb ħarsa ġenerali effettiva tas-suq. ***Il-Kummissjoni se tiżgura rappurtar sħiħ għall-vetturi mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi jew għal vetturi oħra bi fjuwil alternattiv, fil-kuntest tal-Vokabolarju Komuni tal-Akkwisti tal-Unjoni. Il-kodiċijiet speċifiċi tal-Vokabolarju Komuni tal-Akkwisti se jgħinu r-reġistrazzjoni fil-bażi tad-dejta tal-offerti elettroniċi ta' kuljum, u l-monitoraġġ tagħha.*** | (15) Ir-rappurtar dwar l-akkwist pubbliku skont din id-Direttiva emendata jenħtieġ jagħti ħarsa ġenerali ċara tas-suq biex isir monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni. Dan jenħtieġ jibda b'rapport ***preliminari mill-Istati Membri lill-Kummissjoni*** fl-2023***, ippreżentat fil-qafas tar-rapporti skont l-atti leġiżlattivi tal-Unjoni dwar l-akkwist pubbliku u dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u s-servizzi postali,*** u jissokta ***b'rappurtar*** sħiħ fl-2026 dwar l-implimentazzjoni tal-miri minimi, u mbagħad kull tliet snin. Jenħtieġ jiġi ffaċilitat rappurtar sempliċi ħalli jonqos il-piż amministrattiv fuq il-korpi pubbliċi individwali u tinkiseb ħarsa ġenerali effettiva tas-suq. ***Dawk ir-rapporti jenħtieġ li jkun fihom informazzjoni dwar il-passi meħuda biex tiġi implimentata d-Direttiva 2009/33/KE u jikkonformaw mal-kategoriji li jinsabu fil-Vokabolarju*** Komuni ***tal-Akkwist*** tal-Unjoni ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tressaq rapporti regolari lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta wkoll jekk il-makkinarju tas-sit ta' kostruzzjoni jistax jiġi inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE u jekk ikun xieraq, telabora metodoloġija biex tiddefinixxi "makkinarju tas-sit ta' kostruzzjoni nadif".*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a)*** ***Sabiex tinforma aħjar lil dawk li jfasslu l-politiki futuri fis-settur billi tipprovdilhom kont aktar preċiż tal-emissjonijiet totali ta' vettura partikolari, li jqis il-katina tal-valur kollu, il-Kummissjoni jenħtieġ li tipproponi metodoloġija biex jingħaddu l-emissjonijiet tas-$CO_2$ tul iċ-ċiklu tal-ħajja u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-estrazzjoni sal-użu tal-vetturi. Dawn l-emissjonijiet jenħtieġ li jitqiesu meta l-Kummissjoni twettaq rieżami tad-Direttiva 2009/33/KE u ta' kwalunkwe leġiżlazzjoni rilevanti oħra relatata mal-fjuwil alternattiv.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) L-appoġġ għall-adozzjoni mis-suq tal-vetturi nodfa jista' jiżdied jekk jinħolqu miżuri ta' appoġġ pubbliku mmirat fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni. Dan jinkludi skambju aħjar tal-għarfien u allinjament tal-akkwist ħalli jkunu jistgħu jitwettqu azzjonijiet fuq skala kbira biżżejjed biex jonqsu l-kostijiet u jitħalla impatt fuq is-suq. Il-possibbiltà ta' appoġġ pubbliku favur il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-infrastrutturi meħtieġa għad-distribuzzjoni tal-fjuwils alternattivi hija rikonoxxuta fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija ([27]). Madankollu, ir-regoli tat-Trattat, u b'mod partikolari, l-Artikoli 107 u 108 tiegħu, għandhom ikomplu japplikaw għal dan l-appoġġ pubbliku.<br><br>([27]) ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1. | (16) L-appoġġ għall-adozzjoni mis-suq tal-vetturi nodfa jista' jiżdied jekk jinħolqu miżuri ta' appoġġ pubbliku mmirat fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni. Dan jinkludi skambju aħjar tal-għarfien u allinjament tal-akkwist ħalli jkunu jistgħu jitwettqu azzjonijiet fuq skala kbira biżżejjed biex jonqsu l-kostijiet u jitħalla impatt fuq is-suq. ***Il-proġetti pilota reġjonali huma ugwalment importanti, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mar-rabta bejn iż-żoni rurali u dawk urbani.*** Il-possibbiltà ta' appoġġ pubbliku favur il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-infrastrutturi meħtieġa għad-distribuzzjoni tal-fjuwils alternattivi hija rikonoxxuta fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija ([27]). Madankollu, ir-regoli tat-Trattat, u b'mod partikolari, l-Artikoli 107 u 108 tiegħu, għandhom ikomplu japplikaw għal dan l-appoġġ pubbliku.<br><br>([27]) ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(16a)* ***Sabiex jinkiseb aktar tnaqqis tal-emissjonijiet u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu inkoraġġuti, fejn xieraq, li japplikaw inċentivi u mekkaniżmi differenti għall-iżvilupp tal-flotta f'setturi oħra għajr dawk regolati fid-Direttiva emendata.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 16b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(16b)* ***L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-ispiża tal-konformità mal-miri minimi ta' akkwist pubbliku stabbiliti f'din id-Direttiva ma tiġix mgħoddija lill-awtoritajiet lokali u li riżorsi finanzjarji suffiċjenti jkunu disponibbli għall-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 16c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(16c)* ***Miżuri mmirati ta' appoġġ għall-akkwist ta' vetturi nodfa huma indispensabbli. Sabiex jinkisbu l-objettivi ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jespandu l-inċentivi finanzjarji u mhux finanzjarji tagħhom sabiex iħaffu l-adozzjoni fis-suq ta' vetturi nodfa.*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 16d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16d)*** ***L-impożizzjoni ta' miri minimi tal-akkwist għal vetturi ħfief u tqal b'din id-Direttiva se teħtieġ riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti. Għaldaqstant, il-politika baġitarja u finanzjarja tal-Unjoni wara l-2020 jenħtieġ li tieħu kont ta' dan biex tipprovdi biżżejjed appoġġ finanzjarju għall-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti. Dan jenħtieġ li jiġi rifless fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur u fir-regoli dwar finanzjament sostenibbli u l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 16e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16e)*** ***Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet pubbliċi jkunu inċentivati jixtru vetturi nodfa u l-Istati Membri jinvestu fl-użu tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, iżda wkoll jiġi evitat ir-riskju li xiri bħal dan iwassal għal prezzijiet ogħla għall-passiġġieri, il-politika baġitarja u finanzjarja tal-Unjoni wara l-2020 jenħtieġ li tipprovdi appoġġ lill-entitajiet kontraenti. Dan jenħtieġ li jiġi rifless fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali futur u fir-regoli dwar finanzjament sostenibbli u l-istituzzjonijiet finanzjarji tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jespandu l-inċentivi finanzjarji u mhux finanzjarji u jippjanaw awditi ambjentali, sabiex iħaffu l-adozzjoni mis-suq ta' vetturi nodfa. Dawn l-isforzi se jnaqqsu l-investiment inizjali għoli għall-bidliet infrastrutturali u se jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport.*** |

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 16f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | *(16f)* ***Skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali, l-Unjoni għandha firxa ta’ fondi differenti biex tappoġġa lill-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u l-operaturi kkonċernati fit-tranżizzjoni tagħhom lejn mobbiltà sostenibbli. Matul il-perijodu 2014-2020 l-Unjoni ddedikat EUR 13,7 biljun mill-Fondi Strutturali u ta’ Investiment Ewropej għall-finanzjament tal-mobbiltà urbana. L-Orizzont 2020, il-programm ta’ riċerka tal-Unjoni, se jipprovdi madwar EUR 200 miljun għall-mobbiltà urbana u EUR 650 miljun għall-bliet intelliġenti, u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa se talloka madwar EUR 200 miljun għal sejħiet għal proposti għan-nodi urbani. Skont il-QFP li jmiss, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jkomplu jappoġġaw il-proġetti sostenibbli ta’ mobbiltà urbana u jsaħħu s-sinerġiji meħtieġa bejn id-diversi sorsi u programmi ta’ finanzjament. B’mod partikolari, ir-rabtiet bejn il-mobbiltà urbana, l-Aġenda Diġitali l-ġdida u l-Unjoni tal-Enerġija jeħtieġ li jiġu rinfurzati, bħall-possibbiltà tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) li tiffinanzja proġetti ta’ sinerġija b’rata ta’ kofinanzjament addizzjonali għal proġetti ta’ trasport b’elementi tal-enerġija u tat-telekomunikazzjonijiet li jimplikaw potenzjal enormi għall-proġetti urbani.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 16 g (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(16 g)* ***Jenħtieġ li jiġi promoss użu aktar immirat tal-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni, bħalma huma l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi jew il-Faċilità Ewropea għal Trasport Nadif mill-Bank Ewropew tal-Investiment, li jistgħu jgħinu jiffinanzjaw flotot u tagħmir. Għal dan l-għan, id-disponibbiltà ta' servizzi ta' pariri tekniċi u finanzjarji lill-awtoritajiet lokali u l-operaturi, bħaċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti, JASPERS, JESSICA, jew l-Istrument Finanzjarju (FI) – Compass, jenħtieġ li jiġu msaħħa sabiex isaħħu l-kapaċità istituzzjonali tagħhom, it-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti u jinkiseb l-aħjar użu tal-fondi u l-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni inkluż it-tneħħija tar-riskji għal offerti innovattivi.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 16h (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(16h)* ***Jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi jkunu mħeġġa wkoll jakkwistaw vetturi permezz tal-kriterji tal-aktar offerta ekonomikament vantaġġuża ("MEAT") kif deskritt fl-Artikolu 82 tad-Direttiva 2014/25/UE, b'kunsiderazzjoni tal-kosteffettività matul il-ħajja tal-vettura, kif ukoll l-aspetti ambjentali u soċjali.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 16i (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(16i)** **Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-investimenti, il-mobbiltà u l-ippjanar urban jeħtieġ ikunu kkoordinati aħjar, bħal permezz tal-użu ta' pjanijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli (SUMPs). Is-SUMPs huma pjanijiet li jiġu żviluppati tul il-firxa tal-oqsma ta' politika individwali u b'kooperazzjoni mal-livelli differenti ta' governanza b'kombinament ta' modi differenti ta' trasport, sikurezza fit-toroq, konsenja ta' merkanzija, ġestjoni tal-mobbiltà u sistemi ta' trasport intelliġenti. Is-SUMPs jista' jkollhom rwol importanti fil-kisba tal-miri tal-Unjoni rigward l-emissjonijiet tas-$CO_2$, u t-tnaqqis akustiku u t-tniġġis tal-arja. Għaldaqstant, l-applikazzjoni tal-SUMPs jenħtieġ li tkun element importanti li għandu jiġi kkunsidrat fil-finanzjament tal-proġetti tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport urban, inkluż fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva emendata. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti l-pariri u l-appoġġ tekniku meħtieġa fl-iżvilupp tas-SUMPs, b'kunsiderazzjoni sħiħa tal-prinċipju ta' sussidjarjetà.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 16j (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(16j)** **Minbarra l-appoġġ għall-adozzjoni ta' vetturi nodfa, l-akkwisti pubbliċi jagħtu spinta qawwija lil forom ġodda ta' mobbiltà. Filwaqt li l-vetturi nodfa se jiġu inċentivati u jwasslu għall-użu ta' infrastruttura aċċelerata f'żoni urbani, id-diġitalizzazzjoni se tottimizza l-effiċjenza tat-trasport tal-passiġġieri u l-merkanzija. Il-mobbiltà multimodali u kondiviża, kif ukoll is-soluzzjonijiet ta' biljetti integrati huma strumentali fit-tranżizzjoni lejn Mobbiltà bħala Servizz.*** |

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *(17) **Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta’ din id-Direttiva, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ tingħata lill-Kummissjoni biex taġġorna d-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-vetturi tqal għal perjodu ta’ ħames snin li jibda minn [Please insert the date of entry into force]. Dan il-perjodu jenħtieġ jiġi estiż b’mod taċitu għal perjodi tal-istess tul, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estensjoni. Hu partikolarment importanti li l-Kummissjoni tagħmel konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta’ tħejjija tagħha, anki fil-livell ta’ esperti. Meta tkun qed tħejji u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni jenħtieġ tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 18a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(18a) **F’konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta’ April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([1 bis]), jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lis-segwitu tal-effetti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. L-evalwazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE jenħtieġ li tipprovdi l-bażi għal valutazzjoni tal-impatt tal-alternattivi għal azzjoni ulterjuri. Għalhekk, il-Kummissjoni, abbażi tal-aħjar u l-aħħar evidenza xjentifika disponibbli, jenħtieġ li tivvaluta l-ħtieġa ta’ reviżjoni ta’ din id-Direttiva b’kont meħud tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ tul iċ-ċiklu tal-ħajja u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-estrazzjoni sal-użu tal-vetturi, sabiex tiżgura t-trasparenza u r-responsabilità rigward it-twettiq tal-għanijiet tal-politika, u jenħtieġ li tipproponi t-titjib neċessarju, jekk ikun meħtieġ. Jekk ikun xieraq, il-Kummissjoni jenħtieġ li, f’dan ir-rigward, tirrevedi wkoll leġiżlazzjoni rilevanti oħra relatata mal-fjuwils alternattivi.***<br><br>([1 bis]) *ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.* |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 18b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(18b)* ***Sehem kbir tal-akkwist tat-trasport pubbliku huwa relatat ma' korpi lokali tat-trasport pubbliku li ġeneralment huma f'idejn l-awtoritajiet lokali b'mezzi finanzjarji limitati. Jenħtieġ, għalhekk, li r-regoli dwar l-akkwist ta' vetturi nodfa la joħolqu piż finanzjarju addizzjonali sinifikanti u lanqas ma jwasslu għall-esternalizzazzjoni ta' kostijiet ogħla rikorrenti permezz ta' prezzijiet ogħla tal-biljetti, taxxi lokali ogħla jew it-tnaqqis tat-trasport pubbliku.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 18c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(18c)* ***L-Unjoni jeħtieġ li tipproteġi lill-manifatturi tal-UE minn kompetizzjoni inġusta f'pajjiżi terzi, fejn il-manifatturi tal-Unjoni ma għandhomx aċċess għall-offerti tal-akkwist pubbliku għax-xiri, it-twellija, il-kiri jew ix-xiri bin-nifs ta' vetturi tat-trasport bit-triq. Għaldaqstant, il-Kummissjoni jenħtieġ li tanalizza l-prattiki ta' kompetizzjoni inġusta f'pajjiżi terzi u tieħu l-miżuri xierqa sabiex tiżgura l-protezzjoni tal-industrija Ewropea.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**

Direttiva 2009/33/KE

Titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-Direttiva 2009/33/***UE*** dwar il-promozzjoni tal-vetturi nodfa tat-trasport bit-triq b'appoġġ għall-mobbiltà b'emissjonijiet baxxi | Id-Direttiva 2009/33/***KE*** dwar il-promozzjoni tal-vetturi nodfa tat-trasport bit-triq ***fl-akkwist pubbliku,*** b'appoġġ għall-mobbiltà b'emissjonijiet baxxi |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 1 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) L-Artikolu 1(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| ***Din-Direttiva teħtieġ lill-awtoritajiet*** kontraenti, l-entitajiet kontraenti kif ukoll ċerti operaturi***, iqisu*** l-impatti enerġetiċi u ambjentali ta' tul il-ħajja, inkluż il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet ***ta' $CO_2$*** u ta' ċerti sustanzi li jniġġsu, meta jkunu qed jixtru vetturi ta' trasport ***fuq it-triq***, bl-għanijiet li jiġi promoss u stimulat is-suq għal vetturi nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li jitjieb il-kontribut tas-settur tat-trasport għal-linji politiċi ambjentali, klimatiċi u enerġetiċi ***tal-Komunità***. | ***"Din id-Direttiva tesiġi li l-awtoritajiet*** kontraenti, l-entitajiet kontraenti kif ukoll ċerti operaturi ***jqisu*** l-impatti enerġetiċi u ambjentali ta' tul il-ħajja, inkluż il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet ***tas-$CO_2$*** u ta' ċerti sustanzi li jniġġsu, meta jkunu qed jixtru***, iwellu, jikru jew jixtru bin-nifs jew jimmodifikaw b'mod retroattiv*** vetturi ta' trasport ***bit-triq***, bl-għanijiet li jiġi promoss u stimulat is-suq għal vetturi nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li jitjieb il-kontribut tas-settur tat-trasport għal-linji politiċi ambjentali, klimatiċi u enerġetiċi ***tal-Unjoni***." |

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 2 – paragrafu 1

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva kuntratti għax-xiri ta' vetturi msemmija fl-Artikolu 2 (3) tad-Direttiva 2007/46/KE, li ma jkunux ***suġġetti*** għal approvazzjoni tat-tip jew approvazzjoni individwali fit-territorju tagħhom. | "L-Istati Membri jistgħu jeżentaw mir-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva kuntratti għax-xiri***, it-twellija, ix-xiri bin-nifs jew il-modifika retroattiva*** ta' vetturi msemmija fl-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2007/46/KE, li ma jkunux ***soġġetti*** għal approvazzjoni tat-tip jew approvazzjoni individwali fit-territorju tagħhom." |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Din id-Direttiva għandha tapplika għall-kuntratti tax-xiri, tal-kiri, tat-twellija jew tax-xiri bin-nifs ta' vetturi tat-trasport bit-triq minn: | Din id-Direttiva għandha tapplika għall-kuntratti tax-xiri, tal-kiri, tat-twellija jew tax-xiri bin-nifs ***jew modifika retroattiva*** ta' vetturi tat-trasport bit-triq minn: |

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) L-istituzzjonijiet, l-Aġenziji u l-Korpi tal-Unjoni Ewropea.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. "vetturi nodfa" tfisser | 4. "vetturi nodfa" tfisser ***vettura, irrispettivament mill-kategorija, li hija mħaddma bi fjuwils alternattivi kif definit fil-punt (1) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/94/UE, esklużi bijofjuwils li mhumiex prodotti minn materija prima elenkata fil-parti A tal-Aness IX tad-Direttiva 2018/… (RED II) jew prodotta miż-żejt tal-palm (*), u inklużi l-vetturi ibridi li fihom l-elettriku jintuża biss għal parti mill-użu operazzjonali tal-vettura, vetturi b'emissjonijiet baxxi u vetturi mingħajr emissjonijiet. Għal vetturi b'magna b'kombustjoni interna, emissjonijiet f'sewqan reali (RDE) (**) bħala perċentwal ta' limiti tal-emissjonijiet (***) ma jistgħux jaqbżu t-80 %.*** |

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(a) vettura tal-kategorija M1 jew M2 li għandha emissjoni massima mill-egżost espressa f'CO2 g/km u emissjonijiet tas-sewqan reali li jniġġsu l-arja inqas minn persentaġġ tal-limiti tal-emissjonijiet applikabbli kif imsemmi fit-Tabella 2 tal-Anness, jew;*** | |
| ***(b) vettura tal-kategorija N1 li għandha emissjoni massima mill-egżost espressa f'CO2 g/km u emissjonijiet tas-sewqan reali li jniġġsu l-arja inqas minn persentaġġ tal-limiti tal-emissjonijiet applikabbli kif imsemmi fit-Tabella 2 tal-Anness, jew;*** | |
| ***(c) vettura tal-kategorija M3, N2 jew N3 kif definit fit-Tabella 3 tal-Anness".*** | |
| | ***(*) Dan għandu jintwera b'kuntratt ta' fornitura tal-bijofjuwil jew mezzi oħra ta' aċċess għall-bijofjuwil.*** <br> ***(**) RDE tal-partikuli ultrafini f'#/km (PN) ta' ossidi tan-nitroġenu f'mg/km (NOx) imkejla skont il-verżjoni applikabbli tal-Anness IIIA, ir-Regolament 2017/1151.*** <br> ***(***) Il-limitu tal-emissjonijiet applikabbli huwa msemmi fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. "vettura mingħajr emissjonijiet" tfisser vettura mingħajr emissjonijiet fl-iżbokk tal-egżost ta' $CO_2$, NOx u ta' materja partikolata fina.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. "vettura b'emissjonijiet baxxi" tfisser vettura b'livelli massimi ta' emissjonijiet kif imsemmi fit-Tabella 2 fl-Anness.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 4c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4c. "vettura modifikata retroattivament skont l-istandard ta' vettura nadifa" tfisser vettura b'magna modifikata retroattivament skont l-istandard ta' vettura nadifa kif definit fil-punt 4 tal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu. Fil-każ ta' magna modifikata retroattivament li tuża l-bijofjuwils kif definit fil-punt (i) tal-Artikolu 2 tat-tieni paragrafu tad-Direttiva 2009/28/KE, il-fjuwils sintetiċi jew il-fjuwils paraffiniċi, il-vettura trid tissodisfa l-istandards Euro l-aktar riċenti jew standards suċċessuri.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 4a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(4) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 4a li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***"Artikolu 4a*** | |
| ***Delega tas-setgħat*** | |
| ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 8a biex taġġorna t-Tabella 3 tal-Anness mal-limiti tal-emissjonijiet mill-egżost tas-CO2 u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja għall-vetturi tqal ġaladarba l-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 relatati mal-vetturi tqal ikunu fis-seħħ fil-livell tal-Unjoni."*** | |

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 5 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li x-xiri, il-kiri, it-twellija ***u x-xiri bin-nifs*** tal-vetturi tat-trasport bit-triq, u l-kuntratti tas-servizz pubbliku għal servizzi tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u l-kuntratti tas-servizz pubbliku kif imsemmi fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva jkunu konformi mal-miri minimi tal-akkwist għall-vetturi ħfief ***imsemmija*** fit-Tabella 4 tal-Anness, u għall-vetturi tqal imsemmija fit-Tabella 5 tal-Anness. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li x-xiri, il-kiri, it-twellija***, ix-xiri bin-nifs jew il-modifika retroattiva skont l-istandard ta' vettura nadifa*** tal-vetturi tat-trasport bit-triq, u l-kuntratti tas-servizz pubbliku għal servizzi tat-trasport pubbliku tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u l-kuntratti tas-servizz pubbliku kif imsemmi fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva jkunu konformi mal-miri minimi tal-akkwist għall-vetturi ħfief ***nodfa msemmija*** fit-Tabella 4 tal-Anness, u għall-vetturi tqal imsemmija fit-Tabella 5 tal-Anness. |

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Għall-fini li jiġu kkalkulati r-rekwiżiti minimi tal-akkwist, id-data tal-akkwist pubbliku li għandha titqies hija d-data tat-tlestija tal-proċedura tal-akkwist pubbliku, permezz tal-iffirmar tal-kuntratt.*** |
| | ***Ir-rekwiżiti minimi tal-akkwist għandhom jiġu kkalkulati bħala medja tal-kuntratti kollha ffirmati bejn il-jum wara d-data tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva u l-31 ta' Diċembru 2024 għall-ewwel perjodu ta' referenza, u mill-1 ta' Jannar 2025 u l-31 ta' Diċembru 2029 għat-tieni perjodu ta' referenza.*** |
| | ***F'każ li ma jiġux adottati rekwiżiti ġodda għall-perjodu ta' referenza wara l-1 ta' Jannar 2030, ir-rekwiżiti stabbiliti għall-2030 għandhom ikomplu japplikaw.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 5 – paragrafu 1b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Biex jintlaħqu l-miri tal-akkwist, l-entitajiet kontraenti għandhom jibbażaw l-għoti ta' kuntratti fuq l-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża ("MEAT") kif deskritt fl-Artikolu 82 tad-Direttiva 2014/25/UE. L-ispeċifikazzjonijiet għall-offerti għandhom jiġu definiti mhux biss b'enfasi fuq il-Kost Totali tas-Sjieda (TCO) iżda anki fuq karatteristiċi oħra tal-vetturi bħall-aċċessibbiltà, l-introduzzjoni fil-pajsaġġ urban, il-livelli akustiċi, l-effiċjenza fl-enerġija, ir-riċiklabbiltà tal-batteriji u l-komponenti tal-vetturi.*** |

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 5a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** <br> ***"Artikolu 5a*** <br> ***Riżorsi Finanzjarji*** <br> ***1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli biżżejjed strumenti ta' finanzjament għall-akkwist ta' vetturi nodfa u l-installazzjoni tal-infrastruttura relatata tagħhom fit-territorju tagħhom. L-istabbiliment tal-fondi għandu jsegwi evalwazzjoni bir-reqqa tal-ħtiġijiet finanzjarji tal-awtoritajiet pubbliċi u l-entitajiet kontraenti marbuta mal-miri tal-akkwist stabbiliti fil-livell nazzjonali.*** <br> ***2. L-Unjoni għandha tagħmel disponibbli strumenti ta' finanzjament addizzjonali għall-appoġġ tal-adozzjoni ta' vetturi nodfa u l-installazzjoni tal-infrastruttura relatata tagħhom fl-Istati Membri."*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 5b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 5b*** |
| | ***Pjan ta' azzjoni għal fjuwils alternattivi għat-trasport pubbliku*** |
| | ***1. Sal-31 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill pjan ta' azzjoni biex jitħaffef l-istabbiliment ta' infrastruttura għall-iċċarġjar u r-riforniment tal-fjuwil għall-vetturi tqal li huma proprjetà ta' kumpaniji tat-trasport fil-garaxxijiet u l-postijiet ta' manutenzjoni tagħhom stess kif ukoll fl-ispazju pubbliku.*** |
| | ***2. Dan il-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi informazzjoni dwar strumenti ta' finanzjament disponibbli tal-Unjoni u jistipula b'mod ċar il-proċeduri dwar kif appoġġ bħal dan jista' jingħata, inkluż ir-relazzjoni tiegħu mar-regoli eżistenti Ewropej dwar l-għajnuna mill-Istat.*** |
| | ***3. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll valutazzjoni dwar kif l-istrumenti ta' finanzjament Ewropej jistgħu jiġu riveduti biex tingħata prijorità għall-finanzjament lil kumpaniji tat-trasport pubbliku ta' kull daqs biex jissostitwixxu l-vetturi tagħhom."*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5c (ġdid)**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 5c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5c) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu 5c*** |
| | ***Pjattaforma tal-Unjoni għall-akkwist transfruntier u konġunt ta' vetturi tat-trasport fit-triq b'emissjonijiet baxxi u effiċjenti fl-enerġija*** |
| | ***Sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-miri stabbiliti fl-Anness għal din id-Direttiva u biex jinkisbu ekonomiji ta' skala, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma tal-Unjoni għall-akkwist transfruntier u konġunt ta' vetturi tat-trasport bit-triq b'emissjonijiet baxxi u effiċjenti fl-enerġija. L-awtoritajiet kontraenti, l-entitajiet u l-operaturi msemmija fl-Artikolu 3 jistgħu jipparteċipaw f'din il-pjattaforma biex jakkwistaw il-vetturi b'mod konġunt. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-pjattaforma tkun aċċessibbli għall-pubbliku u tlaqqa' flimkien b'mod effettiv lill-partijiet ikkonċernati kollha fl-akkomunament tar-riżorsi tagħhom. Sabiex jiġi ffaċilitat l-istabbiliment u t-twettiq ta' akkwisti konġunti bħal dawn, il-Kummissjoni għandha tipprovdi assistenza teknika u tiżviluppa mudelli għal ftehimiet ta' kooperazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 8a għat-twaqqif tal-pjattaforma tal-Unjoni għall-akkwist konġunt ta' vetturi tat-trasport bit-triq b'emissjonijiet baxxi u effiċjenti fl-enerġija."*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 8a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(7) Jiddaħħal Artikolu 8a ġdid:*** | ***imħassar*** |
| ***"Artikolu 8a*** | |
| ***Eżerċizzju tad-delega*** | |

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** | |
| ***2. Is-setgħa li tadotta atti delegati kif imsemmi fl-Artikolu 4a għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn [Please insert the date of entry into force]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*** | |
| ***3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 4a tista' tiġi rrevokata f'kull żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.*** | |
| ***4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.*** | |
| ***5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin.*** | |
| ***6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 4a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fi żmien xahrejn wara n-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'[xahrejn] fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."*** | |

**Emenda 61**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-Artikolu 9 ***jinbidel b'dan li ġej:*** | (8) L-Artikolu 9 ***huwa mħassar*** |
| ***"1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat.*** | |
| ***Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** | |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** | |
| ***3. Fejn l-opinjoni tal-kumitat tkun trid tinkiseb permezz tal-proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tittermina mingħajr riżultat fejn, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat hekk jiddeċiedi jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat jitolbu li jsir hekk."*** | |

**Emenda 62**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt a**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 10 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. ***Wara r-rappurtar tal-Istati Membri, kull tliet snin mill-1*** ta' ***Jannar 2027, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew*** u ***lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni*** ta' ***din id-Direttiva*** u ***dwar l-azzjonijiet li jittieħdu minn Stati*** Membri ***individwali għall-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Direttiva***. | 1. ***L-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni*** ta' ***din id-Direttiva bħala parti mir-rapport previst fl-Artikolu 83(3)(2) tad-Direttiva 2014/24/UE*** u ***l-Artikolu 99(3)(2) tad-Direttiva 2014/25/UE sat-18*** ta' ***April 2026,*** u ***kull tliet snin sussegwentement. L-Istati*** Membri ***għandhom jippreżentaw rapport preliminari lill-Kummissjoni sat-18 ta' April 2023***. |
| | ***Dawk ir-rapporti għandu jkollhom informazzjoni dwar il-passi li ttieħdu biex tiġi implimentata din id-Direttiva, fosthom l-għadd u l-kategoriji tal-vetturi akkwistati mill-awtoritajiet u l-entitajiet, u dwar id-djalogu li sar bejn il-livelli differenti ta' governanza, kif ukoll informazzjoni dwar l-intenzjonijiet tal-Istati Membri dwar l-attivitajiet tar-rappurtar imsemmija hawn fuq, u kull informazzjoni siewja oħra.*** |
| | ***L-informazzjoni għandha tikkonforma mal-kategoriji li jinsabu fir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 dwar il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist (CPV) kif imniżżel fit-Tabella 1 tal-Anness.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 63**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt aa (ġdid)**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 10 – paragrafu 2

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(aa)*** ***Il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 2. ***Dawk ir-rapporti għandhom jevalwaw l-effetti tad-Direttiva***, ***speċjalment tal-għażliet imsemmija fl-Artikolu 5(3)***, ***u l-ħtieġa*** ta' ***aktar azzjoni,*** u ***jinkludu proposti kif meħtieġ***. | "2. ***Il-Kummissjoni għandha***, ***sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022***, ***tipproponi metodoloġija għall-għadd tal-emissjonijiet*** ta' ***$CO_2$ taċ-ċiklu tal-ħajja*** u ***l-emissjonijiet ta' $CO_2$ mill-estrazzjoni sal-użu tal-vetturi***. |
| ***F'dawk ir-rapporti***, il-Kummissjoni għandha ***tqabbel iċ-ċifri nominali*** u ***relattivi tal-vetturi mixtrija li jikkorrispondu mal-aqwa alternattiva tas-suq f'termini ta' enerġija*** tul ***il-ħajja operattiva*** u ***tal-impatti ambjentali, f'kull waħda mill-kategoriji*** tal-vetturi ***elenkati fit-Tabella 3 tal-Anness, mas-suq totali għal dawn il-vetturi, u tagħmel stima kif l-għażliet imsemmija fl-Artikolu 5(3) affettwaw is-suq. Il-Kummissjoni għandha tevalwa l-ħtieġa għal iktar azzjoni u tinkludi proposti kif meħtieġ.*** | ***Sa mhux aktar tard mit-18 ta' April 2027***, il-Kummissjoni għandha ***tirrieżamina d-Direttiva 2009/33/KE*** u ***kwalunkwe leġiżlazzjoni rilevanti oħra marbuta mal-fjuwils alternattivi, filwaqt li tqis l-emissjonijiet tas-$CO_2$*** tul ***iċ-ċiklu tal-ħajja*** u ***l-emissjonijiet tas-$CO_2$ mill-estrazzjoni sal-użu*** tal-vetturi." |

**Emenda 64**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – ab (ġdid)**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 10 – paragrafu 3

| *Test fis-seħħ* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ab)*** ***il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| 3. ***Mhux aktar tard mid-data tal-ewwel rapport***, il-Kummissjoni għandha ***teżamina l-għażliet imsemmija fl-Artikolu 5 (3)***, ***tippreżenta evalwazzjoni tal-metodoloġija stipulata fl-Artikolu 6***, ***u tipproponi aġġustamenti adatti jekk meħtieġ***. | "3. ***Sat-18 ta' April 2024, u kull tliet snin wara***, il-Kummissjoni għandha ***tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva li jispeċifika l-azzjonijiet meħuda minn Stati Membri individwali f'dan ir-rigward, u tivvaluta l-ħtieġa ta' azzjoni ulterjuri u fejn ikun xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta biex tiġi emendata din id-Direttiva***." |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 65**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 10 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***4. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva sal-1 ta' Jannar 2026, u mbagħad kull tliet snin. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport intermedju lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2023. Dak ir-rapport għandu jiġbor informazzjoni dwar il-passi li ttieħdu biex titwettaq din id-Direttiva, fosthom l-għadd u l-kategoriji tal-vetturi akkwistati mill-awtoritajiet u l-entitajiet, u dwar id-djalogu li sar bejn il-livelli differenti ta' governanza, kif ukoll informazzjoni dwar l-intenzjonijiet tal-Istati Membri dwar l-attivitajiet tar-rappurtar imsemmija hawn fuq, u kull informazzjoni siewja oħra. L-informazzjoni għandha timxi mal-kategoriji tal-informazzjoni li hemm fir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 dwar il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist (CPV)31 kif imniżżel fl-Anness.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 10 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta linji gwida, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dwar il-kontenut tar-rapporti tal-Istati Membri msemmija ***fil-paragrafu 4***". | 5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta linji gwida, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, dwar il-kontenut tar-rapporti tal-Istati Membri msemmija ***fil-paragrafu 1***". |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 67**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b – punt ba (ġdid)**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 10 – paragrafu 5a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) jiżdied il-paragrafu li ġej:*** <br> ***"5a. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu mekkaniżmi biex jirregolaw ix-xiri ta' vetturi nodfa minn sidien oħra tal-flotta, bħall-kumpaniji tat-taksi, il-car-sharing u r-ride-pooling."*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt bb (ġdid)**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 10 – paragrafu 5b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) jiżdied il-paragrafu li ġej:*** <br> ***"5b. Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni Ewropea għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill pjan ta' azzjoni biex jitħaffef l-istabbiliment ta' infrastruttura tal-iċċarġjar u tal-forniment tal-fjuwil għal HDVs fil-pussess ta' kumpaniji tat-trasport fid-depożiti tagħhom stess u żoni ta' manutenzjoni kif ukoll l-ispazju pubbliku. Dan il-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi informazzjoni dwar strumenti ta' finanzjament tal-Unjoni disponibbli u jistipula kif appoġġ bħal dan jista' jingħata minkejja regoli Ewropej dwar l-għajnuna mill-Istat."*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 69**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt bc (ġdid)**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 10 – paragrafu 5c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bc) jiżdied il-paragrafu li ġej:*** <br> ***"5c. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa li tirrevedi l-leġiżlazzjoni xierqa relatata mal-promozzjoni tat-trasport bit-triq nadif u effiċjenti fl-użu tal-enerġija fir-rigward tal-użu tal-aħjar tajers gradati u dawk maqtugħin mill-ġdid, u fejn xieraq tippreżenta proposta leġislattiva."*** |

**Emenda 70**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt bd (ġdid)**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 10 – paragrafu 5d (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bd) jiżdied il-paragrafu li ġej:*** <br> ***"5d. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida lill-Istati Membri rigward il-fondi differenti tal-UE li jistgħu jintużaw għall-finijiet ta' din id-Direttiva, eż. il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa li tappoġġa l-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej ta' prestazzjoni għolja, sostenibbli, interkonnessi effiċjentement fil-qasam tat-trasport u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi jew il-Faċilità għal Trasport Aktar Nadif li jappoġġaw l-użu ta' vetturi tat-trasport aktar nodfa, u l-ħtiġijiet tagħhom ta' infrastruttura assoċjata jistgħu jiġu mobilizzati."*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 71**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt be (ġdid)**

Direttiva 2009/33/KE

Artikolu 10 – paragrafu 5e (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(be) jiżdied il-paragrafu li ġej:*** <br> ***"5e. Iċ-Ċentri ta' Konsulenza għandu jkollhom rwol ewlieni f'din it-tranżizzjoni billi jiffaċilitaw u jippromwovu l-investimenti u jappoġġaw lill-kapaċitajiet istituzzjonali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ b'mod sostanzjali r-rwol u l-kapaċità taċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti, b'mod partikolari permezz ta' preżenza lokali u rwol proattiv fit-tħejjija tal-proġetti."*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn XXXX [Jekk jogħġbok daħħal id-data***[] 24*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ]. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. | L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn XXXX [Jekk jogħġbok daħħal id-data ***18-il*** xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ]. Dawn għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. |

**Emenda 73**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I**

Direttiva 2009/33/KE

Anness – tabella 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Tabella 1. Il-kodiċijiet tal-Vokabolarju Komuni tal-Akkwisti (CPV) imsemmija fl-Artikolu 3

| Kodiċi CPV | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 60112000-6 | Servizzi pubbliċi tat-trasport bit-triq |
| 60130000-8 | Servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq għal skopijiet speċjali |
| 60140000-1 | Trasport tal-passiġġieri mhux skedat |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

| Kodiċi CPV | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 60172000-3 | Kiri ta' xarabanks u kowċijiet b'xufier |
| 90511000-2 | Servizzi ta' ġbir tal-iskart |
| 60160000-7 | Trasport tal-posta bit-triq |
| 60161000-4 | Servizzi ta' trasport tal-pakketti |

*Emenda*

Tabella 1. Il-kodiċijiet tal-Vokabolarju Komuni tal-Akkwisti (CPV) imsemmija fl-Artikolu 3

| Kodiċi CPV | Deskrizzjoni |
|---|---|
| 60112000-6 | Servizzi pubbliċi tat-trasport bit-triq |
| 60130000-8 | Servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq għal skopijiet speċjali |
| 60140000-1 | Trasport tal-passiġġieri mhux skedat |
| 60172000-3 | Kiri ta' xarabanks u kowċijiet b'xufier |
| 90511000-2 | Servizzi ta' ġbir tal-iskart |
| 60160000-7 | Trasport tal-posta bit-triq |
| 60161000-4 | Servizzi ta' trasport tal-pakketti |
| ***64121100-1*** | ***Servizzi ta' konsenja tal-posta*** |
| ***64121200-2*** | ***Servizzi ta' konsenja tal-pakketti*** |
| ***60170000-0*** | ***Kiri ta' vetturi tat-trasport tal-passiġġieri b'xufier*** |
| ***60171000-7*** | ***Kiri ta' karozzi tal-passiġġieri b'xufier*** |
| ***60181000-0*** | ***Kiri ta' trakkijiet b'xufier*** |
| ***60180000-3*** | ***Kiri ta' vetturi tat-trasport tal-merkanzija b'xufier*** |
| ***90511100-3*** | ***Servizzi ta' ġbir tal-iskart solidu urban*** |

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

| Kodiċi CPV | Deskrizzjoni |
|---|---|
| ***90511200-4*** | ***Servizzi ta’ ġbir tal-iskart domestiku*** |
| ***90511300-5*** | ***Servizzi ta’ ġbir tal-iskart*** |
| ***90511400-6*** | ***Servizzi ta’ ġbir tal-karti*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal direttiva**

**ANNESS I**

Direttiva 2009/33/KE

Anness – tabella 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

Tabella 2: Il-limiti tal-emissjonijiet għall-vetturi ħfief

| Kategoriji ta’ vetturi | 2025 | | 2030 | |
|---|---|---|---|---|
| | $CO_2$ g/km | emissjonijiet RDE ta’ sustanzi li jniġġsu l-arja (*) bħala persentaġġ tal-limiti tal-emissjonijiet (**) | $CO_2$ g/km | emissjonijiet RDE ta’ sustanzi li jniġġsu l-arja (*) bħala persentaġġ tal-limiti tal-emissjonijiet |
| Vetturi M1 | **25** | 80 % | 0 | Mhux applikabbli |
| Vetturi M2 | **25** | 80 % | 0 | Mhux applikabbli |
| Vetturi N1 | **40** | 80 % | 0 | Mhux applikabbli |

(*) Emissjonijiet tas-sewqan reali tal-partikuli ultrafini f’#/km (PN) ta’ ossidi tan-nitroġenu f’mg/km (NOx) imkejla skont il-verżjoni applikabbli tal-Anness IIIA, ir-Regolament 2017/1151.

(**) Il-limitu tal-emissjonijiet applikabbli jinsab fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, jew fis-suċċessuri tiegħu.

*Emenda*

Tabella 2: Il-limiti tal-emissjonijiet għall-vetturi ħfief

| Kategoriji ta’ vetturi | 2025 | | 2030 | |
|---|---|---|---|---|
| | $CO_2$ g/km | emissjonijiet RDE ta’ sustanzi li jniġġsu l-arja (*) bħala persentaġġ tal-limiti tal-emissjonijiet (**) | $CO_2$ g/km | emissjonijiet RDE ta’ sustanzi li jniġġsu l-arja (*) bħala persentaġġ tal-limiti tal-emissjonijiet |
| ***Vetturi L*** | **25** | | | |
| Vetturi M1 | **50** | 80 % | 0 | Mhux applikabbli |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

| Kategoriji ta' vetturi | 2025 | | 2030 | |
|---|---|---|---|---|
| | $CO_2$ g/km | emissjonijiet RDE ta' sustanzi li jniġġsu l-arja (*) bħala persentaġġ tal-limiti tal-emissjonijiet (**) | $CO_2$ g/km | emissjonijiet RDE ta' sustanzi li jniġġsu l-arja (*) bħala persentaġġ tal-limiti tal-emissjonijiet |
| Vetturi M2 | ***50*** | 80 % | 0 | Mhux applikabbli |
| Vetturi N1 | ***50*** | 80 % | 0 | Mhux applikabbli |
| ***Vetturi M3*** | ***Mhux applikabbli*** | | | |
| ***Vetturi N2*** | ***Mhux applikabbli*** | | | |
| ***Vetturi N3*** | ***Mhux applikabbli*** | | | |

(*) Emissjonijiet tas-sewqan reali tal-partikuli ultrafini f'#/km (PN) ta' ossidi tan-nitroġenu f'mg/km (NOx) imkejla skont il-verżjoni applikabbli tal-Anness IIIA, ir-Regolament 2017/1151.

(**) Il-limitu tal-emissjonijiet applikabbli jinsab fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, jew fis-suċċessuri tiegħu.

**Emenda 86**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I**

Direttiva 2009/33/KE

Anness – tabella 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| [.....] | ***imħassar*** |

**Emendi 75 u 85**

**Proposta għal direttiva**

**ANNESS I**

Direttiva 2009/33/KE

Anness – tabella 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

Tabella 4: Mira minima għas-sehem tal-vetturi ħfief ***skont it-Tabella 2*** fl-akkwist pubbliku kollu tal-vetturi ħfief fil-livell tal-Istati Membri (*)

| Stat Membru | 2025 | 2030 |
|---|---|---|
| Il-Lussemburgu | ***35 %*** | ***35 %*** |
| L-Iżvezja | ***35 %*** | ***35 %*** |
| Id-Danimarka | ***34 %*** | ***34 %*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

| Stat Membru | 2025 | 2030 |
|---|---|---|
| Il-Finlandja | ***35 %*** | ***35 %*** |
| Il-Ġermanja | ***35 %*** | ***35 %*** |
| Franza | ***34 %*** | ***34 %*** |
| Ir-Renju Unit | ***35 %*** | ***35 %*** |
| In-Netherlands | ***35 %*** | ***35 %*** |
| L-Awstrija | ***35 %*** | ***35 %*** |
| Il-Belġju | ***35 %*** | ***35 %*** |
| L-Italja | ***35 %*** | ***35 %*** |
| L-Irlanda | ***35 %*** | ***35 %*** |
| Spanja | ***33 %*** | ***33 %*** |
| Ċipru | ***29 %*** | ***29 %*** |
| Rumanija | ***35 %*** | ***35 %*** |
| Il-Portugall | ***27 %*** | ***27 %*** |
| Il-Greċja | ***23 %*** | ***23 %*** |
| Is-Slovenja | ***20 %*** | ***20 %*** |
| Iċ-Ċekja | ***27 %*** | ***27 %*** |
| L-Estonja | ***21 %*** | ***21 %*** |
| Is-Slovakkja | ***20 %*** | ***20 %*** |
| Il-Litwanja | ***19 %*** | ***19 %*** |
| Il-Polonja | ***20 %*** | ***20 %*** |
| Il-Kroazja | ***17 %*** | ***17 %*** |
| L-Ungerija | ***21 %*** | ***21 %*** |
| Il-Latvja | ***20 %*** | ***20 %*** |
| Ir-Rumanija | ***17 %*** | ***17 %*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

| Stat Membru | 2025 | 2030 |
|---|---|---|
| Il-Bulgarija | ***16 %*** | ***16 %*** |

(*) Il-vetturi mingħajr emissjonijiet mill-egżost għandhom jingħaddu bħala vettura waħda (1) li qed tikkontribwixxi għall-mandat. Il-vetturi l-oħra kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-Tabella 2 f'dan l-Anness għandhom jingħaddu bħala 0,5 ta' vettura li qed tikkontribwixxi.

*Emenda*

Tabella 4: Mira minima għas-sehem tal-vetturi tqal fl-akkwist pubbliku kollu tal-vetturi tqal fil-livell tal-Istati Membri ***(1)***· (2)

| | ***Kategorija tal-vettura M1, M2, N1*** | | ***Kategorija tal-vettura L*** | |
|---|---|---|---|---|
| Stat Membru | 2025 | 2030 | 2025 | 2030 |
| ***Istituzzjonijiet, Aġenziji u Korpi tal-UE*** | ***[50 %]*** | ***[50 %]*** | ***[50 %]*** | ***[50 %]*** |
| Il-Lussemburgu | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| L-Iżvezja | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| Id-Danimarka | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| Il-Finlandja | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| Il-Ġermanja | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| Franza | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| Ir-Renju Unit | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| In-Netherlands | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| L-Awstrija | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| Il-Belġju | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| L-Italja | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| L-Irlanda | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| Spanja | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| Ċipru | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| Malta | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| Il-Portugall | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| Il-Greċja | ***35 %*** | ***35 %*** | ***35 %*** | ***35 %*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

| | ***Kategorija tal-vettura M1, M2, N1*** | | ***Kategorija tal-vettura L*** | |
|---|---|---|---|---|
| Stat Membru | 2025 | 2030 | 2025 | 2030 |
| Is-Slovenja | ***35 %*** | ***35 %*** | ***35 %*** | ***35 %*** |
| Iċ-Ċekja | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** | ***50 %*** |
| L-Estonja | ***35 %*** | ***35 %*** | ***35 %*** | ***35 %*** |
| Is-Slovakkja | ***35 %*** | ***35 %*** | ***35 %*** | ***35 %*** |
| Il-Litwanja | ***35 %*** | ***35 %*** | ***35 %*** | ***35 %*** |
| Il-Polonja | ***35 %*** | ***35 %*** | ***35 %*** | ***35 %*** |
| Il-Kroazja | ***25 %*** | ***25 %*** | ***25 %*** | ***25 %*** |
| L-Ungerija | ***25 %*** | ***25 %*** | ***25 %*** | ***25 %*** |
| Il-Latvja | ***25 %*** | ***25 %*** | ***25 %*** | ***25 %*** |
| Ir-Rumanija | ***25 %*** | ***25 %*** | ***25 %*** | ***25 %*** |
| Il-Bulgarija | ***25 %*** | ***25 %*** | ***25 %*** | ***25 %*** |

([1]) ***Mill-inqas 70 % tar-rekwiżiti minimi tal-akkwist għal vetturi ħfief u nodfa fl-ewwel perjodu ta' referenza (sal-2025) għandhom jiġu ssodisfati mill-vetturi mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi u fit-tieni (2025-2030) perjodu u fil-perjodi sussegwenti ta' referenza, mill-vetturi mingħajr emissjonijiet.***

([2]) Il-vetturi mingħajr emissjonijiet mill-egżost għandhom jingħaddu bħala vettura waħda li qed tikkontribwixxi għall-mandat. Il-vetturi ***b'emissjonijiet baxxi jew il-vetturi*** li ***jużaw il-gass naturali, dment li dawn jaħdmu għalkollox bil-bijometanu, li għandu jintwera permezz ta' kuntratt għall-akkwist tal-bijometanu jew mezz ieħor ta' aċċess għall-bijometanu,*** għandhom jingħaddu bħala 0,***66*** ta' vettura li qed tikkontribwixxi ***għall-mandat. Il-bqija tal-vetturi għandhom jingħaddu bħala 0,5 ta' vettura li tikkontribwixxi għall-mandat***.

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva**

**Anness I**

Direttiva 2009/33/KE

ANNESS – Tabella 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

Tabella 5: Mira minima għas-sehem tal-vetturi tqal skont ***it-Tabella 3*** fl-akkwist pubbliku kollu tal-vetturi tqal fil-livell tal-Istati Membri ***(*)***

| Stat Membru | Trakkijiet | | Xarabanks | |
|---|---|---|---|---|
| | 2025 | 2030 | 2025 | 2030 |
| Il-Lussemburgu | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| L-Iżvezja | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

| Stat Membru | Trakkijiet | | Xarabanks | |
|---|---|---|---|---|
| | 2025 | 2030 | 2025 | 2030 |
| Id-Danimarka | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| Il-Finlandja | 9 % | 15 % | 46 % | 69 % |
| Il-Ġermanja | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| Franza | 10 % | 15 % | 48 % | 71 % |
| Ir-Renju Unit | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| In-Netherlands | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| L-Awstrija | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| Il-Belġju | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| L-Italja | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| L-Irlanda | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| Spanja | 10 % | 14 % | 50 % | 75 % |
| Ċipru | 10 % | 13 % | 50 % | 75 % |
| Malta | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| Il-Portugall | 8 % | 12 % | 40 % | 61 % |
| Il-Greċja | 8 % | 10 % | 38 % | 57 % |
| Is-Slovenja | 7 % | 9 % | 33 % | 50 % |
| Ir-Repubblika Ċeka | 9 % | 11 % | 46 % | 70 % |
| L-Estonja | 7 % | 9 % | 36 % | 53 % |
| Is-Slovakkja | 8 % | 9 % | 39 % | 58 % |
| Il-Litwanja | 9 % | 8 % | 47 % | 70 % |
| Il-Polonja | 7 % | 9 % | 37 % | 56 % |
| Il-Kroazja | 6 % | 7 % | 32 % | 48 % |
| L-Ungerija | 8 % | 9 % | 42 % | 63 % |
| Il-Latvja | 8 % | 9 % | 40 % | 60 % |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

| Stat Membru | Trakkijiet | | Xarabanks | |
|---|---|---|---|---|
| | 2025 | 2030 | 2025 | 2030 |
| Ir-Rumanija | 6 % | 7 % | 29 % | 43 % |
| Il-Bulgarija | 8 % | 7 % | 39 % | 58 % |

*(*)* ***Il-vetturi*** mingħajr emissjonijiet ***mill-egżost*** jew ***il-vetturi*** li jużaw il-gass naturali, diment li dawn ikunu jaħdmu għalkollox ***bil-bijometanu***, ***kif jenħtieġ li*** jintwera permezz ta' kuntratt ***għal akkwist tal-bijometanu*** jew ***għal*** mezzi oħra ta' aċċess ***għall-bijometanu, għandhom jingħaddu bħala vettura waħda (1) li qed tikkontribwixxi għall-mandat***. ***Dan il-kalkolu jiġi abbandunat fil-każ ta' dawk l-Istati Membri fejn il-mandat minimu tal-akkwist jaqbeż il-50 % tal-volum totali tal-akkwist pubbliku, b'limitu fil-livell ta' 50 %. Il-vetturi l-oħra kollha li jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-Tabella 2 f'dan l-Anness għandhom jingħaddu bħala 0,5 ta' vettura li qed tikkontribwixxi.***

*Emenda*

Tabella 5: Mira minima għas-sehem tal-vetturi tqal skont ***l-Artikolu 4(4)*** fl-akkwist pubbliku kollu tal-vetturi tqal fil-livell tal-Istati Membri

| Stat Membru | Trakkijiet | | Xarabanks | |
|---|---|---|---|---|
| | 2025 [1] | 2030 [2] | 2025 [1] | 2030 [2] |
| ***Istituzzjonijiet, Aġenziji u Korpi tal-UE*** | ***[10 %]*** | ***[15 %]*** | ***[50 %]*** | ***[75 %]*** |
| Il-Lussemburgu | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| L-Iżvezja | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| Id-Danimarka | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| Il-Finlandja | 9 % | 15 % | 46 % | 69 % |
| Il-Ġermanja | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| Franza | 10 % | 15 % | 48 % | 71 % |
| Ir-Renju Unit | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| In-Netherlands | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| L-Awstrija | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| Il-Belġju | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| L-Italja | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| L-Irlanda | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| Spanja | 10 % | 14 % | 50 % | 75 % |
| Ċipru | 10 % | 13 % | 50 % | 75 % |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

| Stat Membru | Trakkijiet | | Xarabanks | |
|---|---|---|---|---|
| | 2025 ([1]) | 2030 ([2]) | 2025 ([1]) | 2030 ([2]) |
| Malta | 10 % | 15 % | 50 % | 75 % |
| Il-Portugall | 8 % | 12 % | 40 % | 61 % |
| Il-Greċja | 8 % | 10 % | 38 % | 57 % |
| Is-Slovenja | 7 % | 9 % | 33 % | 50 % |
| Ir-Repubblika Ċeka | 9 % | 11 % | 46 % | 70 % |
| L-Estonja | 7 % | 9 % | 36 % | 53 % |
| Is-Slovakkja | 8 % | 9 % | 39 % | 58 % |
| Il-Litwanja | 9 % | 8 % | 47 % | 70 % |
| Il-Polonja | 7 % | 9 % | 37 % | 56 % |
| Il-Kroazja | 6 % | 7 % | 32 % | 48 % |
| L-Ungerija | 8 % | 9 % | 42 % | 63 % |
| Il-Latvja | 8 % | 9 % | 40 % | 60 % |
| Ir-Rumanija | 6 % | 7 % | 29 % | 43 % |
| Il-Bulgarija | 8 % | 7 % | 39 % | 58 % |

([1]) ***Mill-inqas 66 % tal-miri minimi tal-akkwist għal vetturi tqal u nodfa għandhom jiġu ssodisfati mill-vetturi*** mingħajr emissjonijiet jew mill-vetturi li jużaw il-gass naturali, diment li dawn ikunu jaħdmu għalkollox bil-bijometan, ***u dan għandu*** jintwera permezz ta' kuntratt għall-akkwist tal-bijometan jew mezzi oħra ta' aċċess għall-bijometan. ***L-għadd tas-sehem ta' vetturi li joperaw bil-bijometan għas-sottomira għandu jieqaf sa 30 % tas-sottomira.***

([2]) ***Mill-inqas 75 % tal-miri minimi tal-akkwist għal vetturi tqal u nodfa għandhom jiġu ssodisfati mill-vetturi mingħajr emissjonijiet jew mill-vetturi li jużaw il-gass naturali sakemm jaħdmu għalkollox bil-bijometan, u dan għandu jintwera permezz ta' kuntratt għall-akkwist tal-bijometan jew mezzi oħra ta' aċċess għall-bijometan. L-għadd tas-sehem ta' vetturi li joperaw bil-bijometan għas-sottomira għandu jieqaf sa 30 % tas-sottomira.***

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0425

# Pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-ħut fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (COM(2018)0149 – C8-0126/2018 – 2018/0074(COD))** (1)

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2020/C 345/51)

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL | REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL |
| li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet ***tal-ħut*** fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 | li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet ***demersali*** fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1139 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-Baħar Baltiku, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) L-objettivi tal-PKS huma, fost l-oħrajn, li jkun żgurat li s-sajd u l-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli għat-terminu twil ta' żmien, li jiġi applikat l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd, u li jiġi implimentat approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd. | (4) L-objettivi tal-PKS huma, fost l-oħrajn, li jkun żgurat li s-sajd u l-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli għat-terminu twil ta' żmien ***u jkunu ġestiti b'mod konsistenti mal-għanijiet ta' ġenerazzjoni ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, li titnaqqas id-dipendenza tas-suq tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-ikel, li jiġi promoss il-ħolqien dirett u indirett ta' impjiegi u l-iżvilupp ekonomiku taż-żoni kostali***, li jiġi applikat l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd, u li jiġi implimentat approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd. |

(1) Il-każ ġie mgħoddi lura għan-negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A8-0310/2018).

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(4a)* ***Skont il-prinċipji tal-Politika Komuni tas-Sajd u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u kompetizzjoni ġusta bejn il-baċiri tal-baħar, għandu jkun hemm qafas uniformi fil-pjanijiet pluriennali kollha u l-ebda deroga speċifika għall-baċiri tal-baħar fir-rigward tal-prinċipji għall-iffissar tal-kwoti.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-PKS, iridu jiġu adottati għadd ta' miżuri ta' konservazzjoni skont kif ikun xieraq fi kwalunkwe kombinazzjoni, bħal pjanijiet pluriennali, miżuri tekniċi, l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd. | (5) Sabiex jinkisbu l-għanijiet tal-PKS, iridu jiġu adottati għadd ta' miżuri ta' konservazzjoni skont kif ikun xieraq fi kwalunkwe kombinazzjoni, bħal pjanijiet pluriennali, miżuri tekniċi, l-iffissar u l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd ***f'konformità mal-aqwa parir xjentifiku disponibbli***. |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(5a)* ***Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistabbilixxi espressament l-għan li jiġu ripristinati u jinżammu popolazzjonijiet ta' speċijiet li jinstadu 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu rendiment massimu sostenibbli. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistipula li l-istokkijiet kollha, jekk jista' jkun sal-2015 iżda mhux aktar tard mill-2020, jenħtieġ li gradwalment jilħqu l-livell tar-rata tal-qbid li jipproduċi r-rendiment massimu sostenibbli.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-pjanijiet pluriennali jridu jkunu bbażati fuq pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi. Skont dawk id-dispożizzjonijiet, jenħtieġ li dan il-pjan ikun fih l-għanijiet, il-miri kwantifikabbli bi skedi ta' żmien ċari, punti ta' referenza għall-konservazzjoni, salvagwardji u miżuri tekniċi maħsubin biex jevitaw u jnaqqsu l-qabdiet inċidentali. | (6) Skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-pjanijiet pluriennali jridu jkunu bbażati fuq pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi. Skont dawk id-dispożizzjonijiet, jenħtieġ li dan il-pjan ikun fih l-għanijiet, il-miri kwantifikabbli bi skedi ta' żmien ċari, punti ta' referenza għall-konservazzjoni, salvagwardji u miżuri tekniċi maħsubin biex jevitaw u jnaqqsu l-qabdiet inċidentali***, biex jiġi minimizzat l-impatt fuq l-ambjent marittimu, b'mod partikolari d-disturb tal-ħabitat u ta' qiegħ il-baħar, kif ukoll biex jinkisbu l-objettivi soċjali u ekonomiċi***. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikseb l-aħjar parir xjentifiku disponibbli għall-istokkijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-pjan pluriennali. Biex tagħmel dan trid tikkonkludi Memorandi ta' Qbil mal Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Il-parir xjentifiku li jinħareġ mill-ICES ***jeħtieġ*** li jkun ibbażat fuq dan il-pjan pluriennali u li jindika, b'mod partikolari, il-meded tal-$F_{MSY}$ u tal-punti ta' referenza tal-bijomassa, jiġifieri ***l-B***$_{trigger}$ u l-$B_{lim}$. ***Jeħtieġ*** li dawk il-valuri jkunu indikati fil-parir rilevanti għal kull stokk u, meta jkun jixraq, f'kull parir xjentifiku ieħor li jkun disponibbli għall-pubbliku, pereżempju anki fil-pariri dwar is-sajd imħallat li joħroġ l-ICES. | (8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikseb l-aħjar parir xjentifiku disponibbli għall-istokkijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-pjan pluriennali. Biex tagħmel dan, trid tikkonkludi Memorandi ta' Qbil mal Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Il-parir xjentifiku li jinħareġ mill-ICES ***jenħtieġ*** li jkun ibbażat fuq dan il-pjan pluriennali u li jindika, b'mod partikolari, il-meded tal-$F_{MSY}$ u tal-punti ta' referenza tal-bijomassa, jiġifieri ***l-MSY B***$_{trigger}$ u l-$B_{lim}$. ***Jenħtieġ*** li dawk il-valuri jkunu indikati fil-parir rilevanti għal kull stokk u, meta jkun jixraq, f'kull parir xjentifiku ieħor li jkun disponibbli għall-pubbliku, pereżempju anki fil-pariri dwar is-sajd imħallat ***u/jew ta' speċijiet multipli*** li joħroġ l-ICES. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004 ([18]), (KE) Nru 2166/2005 ([19]), (KE) Nru 388/2006 ([20]), (KE) Nru 509/2007 ([21]),(KE) Nru 1300/2008 ([22]) u (KE) Nru 1342/2008 ([23]) jistipulaw ir-regoli għall-isfruttament tal-istokk tal-merluzz fit-Tramuntana, tal-istokkijiet tal-merluzz u tal-iskampu fil-Baħar ta' Cantabria u qrib in-naħa tal-Punent tal-Peniżola Iberika, tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja, tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent, tal-aringi fin-naħa tal-Punent tal-Iskozja u tal-bakkaljaw fil-Kattegat, fin-naħa tal-Punent tal-Iskozja tal-Baħar tat-Tramuntana, u fil-Baħar Irlandiż. Dawn u stokkijiet ta' ħut demersali oħrajn jittieħdu fis-sajd imħallat. Għalhekk jixraq li jiġi stabbilit pjan pluriennali uniku li jqis dawn l-interazzjonijiet tekniċi. | (9) Ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004 ([18]), (KE) Nru 2166/2005 ([19]), (KE) Nru 388/2006 ([20]), (KE) Nru 509/2007 ([21]), (KE) Nru 1300/2008 ([22]) u (KE) Nru 1342/2008 ([23]) jistipulaw ir-regoli għall-isfruttament tal-istokk tal-merluzz fit-Tramuntana, tal-istokkijiet tal-merluzz u tal-iskampu fil-Baħar ta' Cantabria u qrib in-naħa tal-Punent tal-Peniżola Iberika, tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja, tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent, tal-aringi fin-naħa tal-Punent tal-Iskozja u tal-bakkaljaw fil-Kattegat, fin-naħa tal-Punent tal-Iskozja tal-Baħar tat-Tramuntana, u fil-Baħar Irlandiż. Dawn u stokkijiet ta' ħut demersali oħrajn jittieħdu fis-sajd imħallat ***u/jew ta' speċijiet multipli***. Għalhekk jixraq li jiġi stabbilit pjan pluriennali uniku li jqis dawn l-interazzjonijiet tekniċi. |
| ([18]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004 tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi l-miżuri għall-irkupru tal-ħażna ta' marlozz tat-Tramuntana (ĠU L 150, 30.4.2004, p. 1) | ([18]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004 tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi l-miżuri għall-irkupru tal-ħażna ta' marlozz tat-Tramuntana (ĠU L 150, 30.4.2004, p. 1) |
| ([19]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u l-awwista Norveġiża fil-Baħar tal-Kantabrija u l-peniżola tal-Iberja tal-Punent u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' speċijiet zgħar ta' ħlejjaq tal-baħar (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 5) | ([19]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2166/2005 tal-20 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokkijiet tal-merluzz tan-Nofsinhar u l-awwista Norveġiża fil-Baħar tal-Kantabrija u l-peniżola tal-Iberja tal-Punent u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/98 għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' speċijiet ***żgħar*** ta' ħlejjaq tal-baħar (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 5) |
| ([20]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 388/2006 tat-23 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 1) | ([20]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 388/2006 tat-23 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli ta' stokkijiet tal-lingwata fil-Bajja ta' Biskajja (ĠU L 65, 7.3.2006, p. 1) |
| ([21]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-ħażniet tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent (ĠU L 122, 11.5.2007, p. 7) | ([21]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-isfruttament sostenibbli tal-ħażniet tal-lingwata fil-Fliegu tal-Punent (ĠU L 122, 11.5.2007, p. 7) |
| ([22]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokk ta' aringi li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 6) | ([22]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1300/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokk ta' aringi li jinsab fil-Punent tal-Iskozja u għas-sajd li jisfrutta dak l-istokk (ĠU L 344, 20.12.2008, p. 6) |
| ([23]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2004 (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20). | ([23]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 tat-18 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi pjan għal perjodu fit-tul għall-istokkijiet tal-merluzz u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2004 (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 20). |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (11) Xi stokkijiet tal-ħut demersali huma sfruttati kemm fl-Ilmijiet tal-Punent kif ukoll fl-ilmijiet tal-madwar. Għaldaqstant, il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-pjan li għandhom rabta mal-miri u mas-salvagwardji għall-istokkijiet li prinċipalment jiġu sfruttati fl-Ilmijiet tal-Punent ***jeħtieġ*** li jiġi estiż saż-żoni ***'l*** barra mill-Ilmijiet tal-Punent. Barra minn hekk, għall-istokkijiet li jinsabu wkoll fl-Ilmijiet tal-Punent li jiġu sfruttati b'mod prinċipali barra mill-Ilmijiet tal-Punent, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-miri u s-salvagwardji fil-pjanijiet pluriennali għaż-żoni fejn jiġu sfruttati dawk l-istokkijiet, 'il barra mill-Ilmijiet tal-Punent, u jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta'dawk il-pjanijiet biex ikun jinkludi l-Ilmijiet tal-Punent. | (11) Xi stokkijiet tal-ħut demersali huma sfruttati kemm fl-Ilmijiet tal-Punent kif ukoll fl-ilmijiet tal-madwar. Għaldaqstant, il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-pjan li għandhom rabta mal-miri u mas-salvagwardji għall-istokkijiet ***tal-ħut demersali*** li prinċipalment jiġu sfruttati fl-Ilmijiet tal-Punent ***jenħtieġ*** li jiġi estiż saż-żoni ***ta' dawn l-istokkijiet 'il*** barra mill-Ilmijiet tal-Punent***, dment li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi***. Barra minn hekk, għall-istokkijiet li jinsabu wkoll fl-Ilmijiet tal-Punent li jiġu sfruttati b'mod prinċipali barra mill-Ilmijiet tal-Punent, jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-miri u s-salvagwardji fil-pjanijiet pluriennali għaż-żoni fejn jiġu sfruttati dawk l-istokkijiet ***tal-ħut demersali***, 'il barra mill-Ilmijiet tal-Punent, u jiġi estiż il-kamp ta' applikazzjoni ta'dawk il-pjanijiet biex ikun jinkludi l-Ilmijiet tal-Punent. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(11a) Il-pjan ta' ġestjoni jenħtieġ li ma jillimitax ruħu li jikkunsidra mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fuq medda qasira ta' żmien, ħaġa li tiġġenera inċertezza u nuqqas ta' trasparenza għas-settur.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

## Emenda 11

### Proposta għal regolament

### Premessa 12

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) L-ambitu ġeografiku tal-pjan pluriennali ***jeħtieġ*** li jkun ibbażat fuq id-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet indikati fil-parir xjentifiku dwar l-istokkijiet l-aktar riċenti li jingħata mill-ICES. Jistgħu jkunu meħtieġa xi bidliet fid-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet stabbiliti fil-pjan pluriennali, jew għax ikun hemm informazzjoni xjentifika aħjar, jew minħabba l-migrazzjoni tal-istokkijiet. Għalhekk, ***jeħtieġ*** li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati li jaġġustaw id-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet stabbiliti fil-pjan pluriennali jekk il-parir xjentifiku tal-ICES ikun jindika bidla fid-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet rilevanti. | (12) L-ambitu ġeografiku tal-pjan pluriennali ***jenħtieġ*** li jkun ibbażat fuq id-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet indikati fil-parir xjentifiku dwar l-istokkijiet ***tal-ħut demersali*** l-aktar riċenti li jingħata mill-ICES. Jistgħu jkunu meħtieġa xi bidliet fid-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet stabbiliti fil-pjan pluriennali, jew għax ikun hemm informazzjoni xjentifika aħjar, jew minħabba l-migrazzjoni tal-istokkijiet ***tal-ħut demersali***. Għalhekk, ***jenħtieġ*** li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-atti delegati li jaġġustaw id-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet stabbiliti fil-pjan pluriennali jekk il-parir xjentifiku tal-ICES***, jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni u f'dak internazzjonali,*** ikun jindika bidla fid-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet rilevanti. |

## Emenda 12

### Proposta għal regolament

### Premessa 14

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) L-għan ta' dan il-pjan ***irid ikun*** li jgħin biex jinkisbu l-għanijiet tal-PKS, u b'mod partikolari, li ***jintlaħaq*** u ***jinżamm ir-rendiment massimu sostenibbli (MSY) f'dawk l-istokkijiet***, li jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art għall-istokkijiet tal-ħut demersali soġġett għal-limiti ta' qbid, li jiġi promoss livell ta' għajxien diċenti għan-nies li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd, u ma jintnesewx l-aspetti soċjoekonomiċi u s-sajd kostali. ***Irid*** ukoll jimplimenta metodu ta' ġestjoni tas-sajd li jkun ibbażat fuq l-ekosistema biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar. ***Irid ikun*** jaqbel mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-għan li jintlaħaq status ambjentali tajjeb sal-2020 (bi qbil mad-Direttiva 2008/56/KE) u mal-għanijiet tad-Direttiva 2009/147/KE u tad-Direttiva 92/43/KEE. Dan il-pjan ***irid*** ukoll jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-partijiet tal-Unjoni tal-Ilmijiet tal-Punent fir-rigward tal-istokkijiet kollha ta' ***dawk l-ispeċijiet*** li ***japplika*** għalihom l-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. | (14) L-għan ta' dan il-pjan ***jenħtieġ li jkun*** li jgħin biex jinkisbu l-għanijiet tal-PKS, u b'mod partikolari, li ***jintlaħqu*** u ***jinżammu stokkijiet koperti b'dan ir-Regolament 'il fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli***, li jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art għall-istokkijiet tal-ħut demersali soġġett għal-limiti ta' qbid, li jiġi promoss livell ta' għajxien diċenti għan-nies li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd, u ma jintnesewx l-aspetti soċjoekonomiċi u s-sajd kostali. ***Jenħtieġ*** ukoll ***li*** jimplimenta metodu ta' ġestjoni tas-sajd li jkun ibbażat fuq l-ekosistema biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar. ***Jenħtieġ li jkun*** jaqbel mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari mal-għan li jintlaħaq status ambjentali tajjeb sal-2020 (bi qbil mad-Direttiva 2008/56/KE) u mal-għanijiet tad-Direttiva 2009/147/KE u tad-Direttiva 92/43/KEE. Dan il-pjan ***jenħtieġ*** ukoll ***li*** jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-partijiet tal-Unjoni tal-Ilmijiet tal-Punent fir-rigward tal-istokkijiet kollha ta' ***speċijiet*** li ***jinstadu fis-sajd demersali u li*** għalihom ***japplika*** l-obbligu ta' ħatt l-art skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Jixraq li tiġi stabbilita mira għall-mortalità mis-sajd (F) li taqbel mal-għan li jinkiseb u jinżamm rendiment massimu sostenibbli (MSY) fil-forma ta' meded ta' valuri li jkunu konsistenti mal-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli (FMSY). Dawk il-meded, abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, huma meħtieġa biex ikun hemm biżżejjed flessibbiltà biex ikun jista' jsir addattament skont l-iżviluppi fil-parir xjentifiku, biex jgħinu fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art u biex tingħata wisa' għall-karatteristiki tas-sajd imħallat. Il-meded tal-FMSY ***iridu*** jiġu kkalkulati mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), b'mod partikolari fil-parir tiegħu dwar il-qabdiet perjodiċi. Abbażi ta' dan il-pjan dawn il-meded jiġu dderivati biex ma jingħatax aktar minn 5 % tnaqqis fir-rendiment fuq żmien twil meta mqabbel mar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) ([24]). L-ogħla medda għandha limitu massimu biex il-probabbiltà li l-istokk jinżel għal inqas minn Blim ma tkunx ogħla minn 5 %. Dak l-ogħla limitu jikkonforma wkoll mar-regola rakkomandata tal-ICES li tindika li meta l-bijomassa riproduttiva jew l-abbundanza jkunu fi stat ħażin, il-mortalità mis-sajd (F) titnaqqas għal valur li ma jaqbiżx l-ogħla limitu li jkun ugwali għall-valur tal-punt tal-FMSY immultiplikat bil-bijomassa riproduttiva jew bl-abbundanza fis-sena tal-qabda totali permissibbli (TAC) diviż bi MSY Btrigger. L-ICES iqis dawn il-kwistjonijiet u r-regola rakkomandata meta jagħti l-parir xjentifiku dwar il-mortalità mis-sajd u l-għażliet tal-qabdiet.<br><br>([24]) Talba tal-UE lill-ICES biex jipprovdi l-meded tal-FMSY għal stokkijiet magħżulin fis-subżoni 5 sa 10 tal-ICES | (16) Jixraq li tiġi stabbilita mira għall-mortalità mis-sajd (F) li taqbel mal-għan li jinkiseb u jinżamm rendiment massimu sostenibbli (MSY) fil-forma ta' meded ta' valuri li jkunu konsistenti mal-kisba tar-rendiment massimu sostenibbli (FMSY). Dawk il-meded, abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, huma meħtieġa biex ikun hemm biżżejjed flessibbiltà biex ikun jista' jsir addattament skont l-iżviluppi fil-parir xjentifiku, biex jgħinu fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art u biex tingħata wisa' għall-karatteristiki tas-sajd imħallat. Il-meded tal-FMSY ***jenħtieġ li*** jiġu kkalkulati, ***fost l-oħrajn,*** b'mod partikolari mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), b'mod partikolari fil-parir tiegħu dwar il-qabdiet perjodiċi. Abbażi ta' dan il-pjan dawn il-meded jiġu dderivati biex ma jingħatax aktar minn 5 % tnaqqis fir-rendiment fuq żmien twil meta mqabbel mar-rendiment massimu sostenibbli (MSY) ([24]). L-ogħla medda għandha limitu massimu biex il-probabbiltà li l-istokk jinżel għal inqas minn Blim ma tkunx ogħla minn 5 %. Dak l-ogħla limitu jikkonforma wkoll mar-regola rakkomandata tal-ICES li tindika li meta l-bijomassa riproduttiva jew l-abbundanza jkunu fi stat ħażin, il-mortalità mis-sajd (F) titnaqqas għal valur li ma jaqbiżx l-ogħla limitu li jkun ugwali għall-valur tal-punt tal-FMSY immultiplikat bil-bijomassa riproduttiva jew bl-abbundanza fis-sena tal-qabda totali permissibbli (TAC) diviż bi MSY Btrigger. L-ICES iqis dawn il-kwistjonijiet u r-regola rakkomandata meta jagħti l-parir xjentifiku dwar il-mortalità mis-sajd u l-għażliet tal-qabdiet.<br><br>([24]) Talba tal-UE lill-ICES biex jipprovdi l-meded tal-FMSY għal stokkijiet magħżulin fis-subżoni 5 sa 10 tal-ICES |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-mira tal-mortalità mis-sajd (F) bħala li ma taqbiżx ir-rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli. Din ir-rata jenħtieġ li tinkiseb malajr kemm jista' jkun u fuq bażi progressiva u inkrementali sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha li dan ir-Regolament japplika għalihom.*** |

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) ***Għandu*** jkun possibbli li l-qabdiet totali permissibbli (TACs) ***għall-iskampu*** fl-Ilmijiet tal-Punent jiġu ffissati bħala s-somma tal-limiti tal-qbid stabbiliti għal kull unità funzjonali, u s-somma tal-limiti tal-qbid fir-rettangoli statistiċi ’l barra mill-unitajiet funzjonali***, f’dik iż-żona ta’ qabdiet totali permissibbli***. Madankollu, dan ma jipprekludix l-adozzjoni ta’ miżuri biex jiġu protetti unitajiet funzjonali speċifiċi. | (20) ***Jenħtieġ li*** jkun possibbli li l-qabdiet totali permissibbli (TACs) ***għal stokk tal-iskampu*** fl-Ilmijiet tal-Punent jiġu ffissati bħala s-somma tal-limiti tal-qbid stabbiliti għal kull unità funzjonali, u s-somma tal-limiti tal-qbid fir-rettangoli statistiċi ’l barra mill-unitajiet funzjonali ***fiż-żona definita għal dan l-istokk***. Madankollu, dan ma jipprekludix l-adozzjoni ta’ miżuri biex jiġu protetti unitajiet funzjonali speċifiċi. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 21a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti minn issa projbizzjonijiet speċifiċi tas-sajd fir-rigward tal-ispnott u l-pollakkju, partikolarment għall-protezzjoni tal-ġenituri ta’ dawk l-ispeċijiet matul l-istaġun tat-tgħammir. Sabiex jiġu protetti l-livelli dejjem iktar baxxi tal-istokk tal-ispnott u tal-pollakkju, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu miżuri xierqa ta’ rkupru kummerċjali u rikreattiv kif iddeterminat mill-aħjar evidenza xjentifika disponibbli.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) ***Meta l-Kunsill iqis impatt sinifikanti tas-sajd rikreattiv fil-qafas tal-opportunitajiet tas-sajd għal ċertu stokk, irid ikun jista’ jiffissa qabda totali permissibbli għall-qabdiet kummerċjali li tqis il-volum tal-qabdiet rikreattivi u/jew li jadotta miżuri oħrajn li jillimitaw is-sajd rikreattiv, bħalma huma limiti tal-qabdiet u perjodi ta’ għeluq.*** | (22) ***Meta l-mortalità mis-sajd rikreattiv ikollha impatt sinifikanti fuq stokk ġestit abbażi tal-MSY, il-Kunsill għandu jkun jista’ jiffissa opportunitajiet tas-sajd individwali u mhux diskriminatorji għas-sajjieda rikreattivi. Dawk l-opportunitajiet individwali tas-sajd rikreattiv jenħtieġ li jkopru perjodi li ma jistgħux ikunu ta’ anqas minn xahar, f’konformità mar-realtajiet prattiċi u tal-qabdiet fis-sajd rikreattiv. Huwa wkoll xieraq li l-qabdiet rikreattivi ta’ ċerti speċijiet li għandhom valur kummerċjali għoli jkunu karatterizzati minn qtugħ ta’ parti mid-denb, sabiex jiġu limitati l-possibbiltajiet ta’ użu illegali ta’ dawk il-qabdiet fil-kanali kummerċjali tal-ħut.*** |

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Biex jikkonforma mal-obbligu ta’ ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, ***jeħtieġ*** li l-pjan jipprevedi li jerġgħu jiġu speċifikati miżuri ta’ ġestjoni addizzjonali bi qbil mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. | (23) Biex jikkonforma mal-obbligu ta’ ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ***u biex jiġu minimizzati l-impatti negattivi fuq l-ekosistema***, ***jenħtieġ*** li l-pjan jipprevedi li jerġgħu jiġu speċifikati miżuri ta’ ġestjoni addizzjonali***, b’mod partikolari miżuri biex gradwalment jiġi evitat u jiġi eliminat il-qbid skartat u biex jiġi minimizzat l-impatt negattiv tas-sajd fuq l-ekosistema, filwaqt li jitqies l-aqwa parir xjentifiku disponibbli, fejn xieraq,*** bi qbil mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. ***Jenħtieġ ukoll li jiġi speċifikat li l-obbligu ta’ ħatt l-art ma għandux japplika għal sajd rikreattiv. Fin-nuqqas ta’ rakkomandazzjonijiet konġunti, il-Kummissjoni tista’ tadotta atti delegati.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 23a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) Sabiex jiġu protetti speċijiet u ħabitats sensittivi, b’mod partikolari dawk f’periklu kritiku u affettwati minħabba l-pressjoni tas-sajd, il-pjan jenħtieġ li jistabbilixxi miżuri ta’ ġestjoni għas-sajd ikkonċernat, inklużi l-modifika tal-irkaptu tal-bastiment, il-modifika tal-attivitajiet tal-bastiment u modifiki tal-bastiment innifsu. Jenħtieġ li l-pjan jipprevedi li jerġgħu jiġu speċifikati miżuri ta’ ġestjoni addizzjonali bi qbil mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista’ tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxu analiżi tal-baċiri tal-baħar, u l-format u l-iskedi ta’ żmien għas-sottomissjoni u l-approvazzjoni ta’ miżuri ta’ ġestjoni.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 24a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(24a)* ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew dwar l-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli li sar użu minnhom għall-finijiet tal-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd jew l-applikazzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja mill-Kunsill, u li l-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew minn qabel dwar is-sitwazzjonijiet li għalihom il-pariri xjentifiċi jistgħu jwasslu għal bidliet importanti fl-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Biex isir adattament għall-progress tekniku u xjentifiku fil-ħin u b'mod proporzjonat, u biex tkun żgurata l-flessibbiltà u tiġi permessa ***jkunu jistgħu jevolvu*** ċerti miżuri, bi qbil mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***jeħtieġ*** li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-atti dwar is-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fejn għandu x'jaqsam mal-miżuri ta' rimedju u mal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art. Huwa importanti ħafna li waqt ix-xogħol ta' tħejjija l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet ***li hemm bżonn***, anki ma' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru ***skon*** il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar It-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([25]). B'mod partikolari biex tkun aċċertata parteċipazzjoni ekwa fit-tħejjija tal-atti delegati, ***trid tiżgura li l-Parlament*** Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-isess ħin mal-esperti tal-Istati Membri, u li dawn l-esperti jkollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qegħdin ifasslu l-atti delegati. | (26) Biex isir adattament għall-progress tekniku u xjentifiku fil-ħin u b'mod proporzjonat, u biex tkun żgurata l-flessibbiltà u ***biex*** tiġi permessa ***l-evoluzzjonita'*** ċerti miżuri, bi qbil mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***jenħtieġ*** li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-atti dwar is-supplimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fejn għandu x'jaqsam mal-miżuri ta' rimedju u mal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art. Huwa importanti ħafna li waqt ix-xogħol ta' tħejjija l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet ***xierqa mal-Kunsilli Konsultattivi affettwati***, anki ma' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru ***skont*** il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar It-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([25]). B'mod partikolari biex tkun aċċertata parteċipazzjoni ekwa fit-tħejjija tal-atti delegati, ***il-Parlament*** Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-isess ħin mal-esperti tal-Istati Membri, u li dawn l-esperti jkollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jkunu qegħdin ifasslu l-atti delegati. |
| ([25]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1. | ([25]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1. |

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 28**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (28) L-applikazzjoni ta’ referenzi dinamiċi għall-meded tal-$F_{MSY}$ u għall-punti ta’ referenza għall-konservazzjoni tkun tiggarantixxi li dawn il-parametri, li huma essenzjali biex jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd, ma jiskadux, u li l-Kunsill dejjem ikun jista’ juża l-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Barra minn hekk, ***għandu*** jiġi segwit dak l-approċċ li jipprovdi r-referenzi dinamiċi skont l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, għall-ġestjoni tal-istokkijiet fil-Baħar Baltiku. F’dan il-kuntest, “l-aħjar parir xjentifiku” jirreferi għal parir xjentifiku li jkun disponibbli għall-pubbliku ***u*** li ***jkun appoġġat mid-dejta xjentifika*** u ***mill-metodi*** xjentifiċi ***l-aktar riċenti, u li jkun inħareġ jew ġie evalwat minn korp xjentifiku indipendenti li jkun rikonoxxut fl-Unjoni Ewropea jew f’livell internazzjonali. Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/1139 jiġi emendat*** ([27]***).*** | (28) L-applikazzjoni ta’ referenzi dinamiċi għall-meded tal-$F_{MSY}$ u għall-punti ta’ referenza għall-konservazzjoni tkun tiggarantixxi li dawn il-parametri, li huma essenzjali biex jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd, ma jiskadux, u li l-Kunsill dejjem ikun jista’ juża l-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Barra minn hekk, ***jenħtieġ li*** jiġi segwit dak l-approċċ li jipprovdi r-referenzi dinamiċi skont l-aħjar parir xjentifiku disponibbli, għall-ġestjoni tal-istokkijiet fil-Baħar Baltiku***. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tissottometti wkoll rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli li sar użu minnhom, u jenħtieġ li tinforma lill-Parlament bil-quddiem meta pariri xjentifiċi jistgħu jwasslu għal varjazzjonijiet sinifikanti fid-determinazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.*** F’dan il-kuntest, “l-aħjar parir xjentifiku” jirreferi għal parir xjentifiku li jkun disponibbli għall-pubbliku li ***jiġi rivedut minn esperti mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku*** u ***Ekonomiku għas-Sajd (STECF) jew minn korpi*** xjentifiċi ***oħra xierqa***, ***bħall-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Dan irid jkun appoġġat mid-dejta xjentifika u mill-metodi xjentifiċi l-aktar riċenti disponibbli u jrid jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 25 tar-Regolament*** (UE) ***Nru 1380/2013***. |

([27]) ***Ir-Regolament (UE) 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta’ Lulju 2016 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet tal-merluzz, l-aringi u l-laċċ ikħal fil-Baħar Baltiku u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2187/2005 u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1098/2007 (ĠU L 191, 15.7.2016, p. 1).***

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi pjan pluriennali (“il-pjan”) għall-istokkijiet tal-ħut demersali, fosthom ***stokkijiet*** tal-baħar fond, ***li ġejjin,*** fl-Ilmijiet tal-Punent, u ***għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u*** fejn dawk l-istokkijiet ikunu mifruxin ’il barra mill-Ilmijiet tal-Punent, fl-Ilmijiet tal-madwar: | 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi pjan pluriennali (“il-pjan”) għall-istokkijiet tal-ħut demersali ***elenkati hawn taħt***, fosthom ***l-istokkijiet*** tal-baħar fond, fl-Ilmijiet tal-Punent, u fejn dawk l-istokkijiet ikunu mifruxin ’il barra mill-Ilmijiet tal-Punent, fl-ilmijiet ***tagħhom*** tal-madwar ***li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta’ pajjiżi terzi, kif ukoll is-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet***: |

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) L-ispnotta tat-tbajja’ (*Dicentrarchus labrax*) fit-taqsimiet 4b, 4c, 7a, ***u*** 7d–h; | (4) L-ispnotta tat-tbajja’ (*Dicentrarchus labrax*) fit-taqsimiet 4b, 4c, 7a, ***7b,*** 7d–h***, 7j, is-subżona 8 u t-taqsima 9a***; |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt 23 – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — ***Fin-Nofsinhar tal-***Bajja ta’ Biskajja (FU ***25***); | — ***Fil-***Bajja ta’ Biskajja (FU ***23-24***); |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt 24 – inċiż 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — Fil-Galizja tal-Punent (FU 26***-27***); | — Fil-Galizja tal-Punent (FU 26); |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt 24 – inċiż 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| — ***Fl-Ilmijiet Iberiċi (FU 28-29);*** | ***imħassar*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt 24 – inċiż 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | — ***Fit-Tramuntana tal-Portugal (FU 27)*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt 24 – inċiż 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | — ***Ilmijiet Portugiżi (il-Portugall tan-Nofsinhar u l-Algarve) (FU 28–29)*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta ***l-parir*** xjentifiku juri bidla fid-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet elenkati fl-ewwel ***sottoparagrafu*** ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista' tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 15 li jemendaw dan ir-Regolament billi jaġġustaw iż-żoni speċifikati hawn fuq biex dawn jiġu jirriflettu l-bidla. Dawn l-aġġustamenti ma għandhomx ikabbru ż-żoni tal-istokkijiet 'il barra mill-Ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 4 sa 10, u miż-żoni tas-CECAF 34.1.1., 34.1.2, u 34.2.0. | Meta ***l-aqwa parir*** xjentifiku ***disponibbli, b'mod partikolari dak tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES)*** juri bidla fid-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet elenkati fl-ewwel ***subparagrafu*** ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista' tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 15 li jemendaw dan ir-Regolament billi jaġġustaw iż-żoni speċifikati hawn fuq biex dawn jiġu jirriflettu l-bidla. Dawn l-aġġustamenti ma għandhomx ikabbru ż-żoni tal-istokkijiet 'il barra mill-Ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 4 sa 10, u miż-żoni tas-CECAF 34.1.1., 34.1.2, u 34.2.0. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta, abbażi ***tal-parir*** xjentifiku, il-Kummissjoni tkun tal-fehma li l-lista tal-istokkijiet stabbiliti fl-ewwel ***sottoparagrafu*** tal-paragrafu 1 jeħtieġ li tiġi emendata, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta biex dik il-lista tiġi emendata. | 2. Meta, abbażi ***tal-aqwa parir*** xjentifiku ***disponibbli***, il-Kummissjoni tkun tal-fehma li l-lista tal-istokkijiet stabbiliti fl-ewwel ***subparagrafu*** tal-paragrafu 1 jeħtieġ li tiġi emendata, il-Kummissjoni tista' tippreżenta proposta biex dik il-lista tiġi emendata. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Fir-rigward tal-ilmijiet tal-madwar koperti fil-pargrafu 1 ta' dan l-Artikolu, japplikaw biss l-Artikoli 4 u 6 ***u l-miżuri*** b'rabta mal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament. | 3. Fir-rigward tal-ilmijiet tal-madwar koperti fil-pargrafu 1 ta' dan l-Artikolu, japplikaw biss l-Artikoli 4 u 6***, il-miżuri*** b'rabta mal-opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 7***, l-Artikolu 9(3a) u u l-Artikolu 9a*** ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 4. Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-qabdiet inċidentali li jinqabdu fl-Ilmijiet tal-Punent waqt is-sajd tal-istokkijiet elenkati fil-paragrafu 1***. Iżda fejn il-meded tal-$F_{MSY}$ u s-salvagwardji marbutin mal-bijomassa għal dawk l-istokkijiet ikunu stabbiliti f'atti legali oħrajn tal-Unjoni*** li ***jistabbilixxu l-pjanijiet pluriennali***, ***japplikaw dawk il-meded u s-salvagwardji.*** | 4. Dan ir-Regolament japplika wkoll għall-qabdiet inċidentali li jinqabdu fl-Ilmijiet tal-Punent waqt is-sajd tal-istokkijiet ***tal-ħut demersali*** elenkati fil-paragrafu 1 ***u għandu jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin kollha tal-baħar jirripristina u jżomm il-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet maqbuda aktar 'il fuq minn livelli*** li ***jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli***, ***bi qbil mal-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***4a. Dan ir-Regolament jispeċifika wkoll id-dettalji għall-implimentazzjoni ta' miżuri għall-imminimizzar tal-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar, b'mod partikolari l-qabdiet inċidentali ta' speċijiet protetti, fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Ibħra tal-Punent għall-attivitajiet kollha tas-sajd f'dawk l-ilmijiet. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu analiżi tal-baċiri tal-baħar, u l-format u l-iskedi ta' żmien għas-sottomissjoni u l-approvazzjoni ta' miżuri ta' ġestjoni.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Dan ir-Regolament jispeċifika wkoll id-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta’ ħatt l-art fil-partijiet tal-Unjoni tal-Ilmijiet tal-Punent fir-rigward ***tal-istokkijiet kollha*** ta’ dawk l-ispeċijiet li japplika għalihom l-obbligu ta’ ħatt l-art skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. | 5. Dan ir-Regolament jispeċifika wkoll id-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta’ ħatt l-art fil-partijiet tal-Unjoni tal-Ilmijiet tal-Punent fir-rigward ***ta’ stokkijiet*** ta’ dawk l-ispeċijiet li japplika għalihom l-obbligu ta’ ħatt l-art skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013***, u li jinqabdu fis-sajd demersali***. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Dan ir-Regolament jipprevedi miżuri tekniċi, kif stabbilit fl-Artikolu 8, li japplikaw fl-Ilmijiet tal-Punent għal kwalunkwe stokk. | 6. Dan ir-Regolament jipprevedi miżuri tekniċi ***għas-sajd kummerċjali u rikreattiv***, kif stabbilit fl-Artikolu 8, li japplikaw fl-Ilmijiet tal-Punent għal kwalunkwe stokk ***ta’ ħut demersali***. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) “Il-medda tal-$F_{MSY}$” tfisser medda ta’ valuri li jingħataw fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b’mod partikolari dak tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), li fiha l-livelli kollha tal-mortalità mis-sajd jagħtu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY) fuq żmien twil ibbażat fuq mudell tas-sajd eżistenti u f’kundizzjonijiet ambjentali medji, mingħajr ma taffettwa b’xi mod sinifikanti l-proċess tar-riproduzzjoni tal-istokk ikkonċernat. Hija ***dderivata*** biex tagħti mhux aktar minn tnaqqis ta’ 5 % rendiment fuq tul ta’ żmien imqabbel mar-rendiment massimu sostenibbli. Din għandha limitu massimu biex il-probabbiltà li l-istokk jinżel għal inqas mill-punt ta’ referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk ($B_{lim}$) ma tkunx iktar minn 5 %. | (2) “Il-medda tal-$F_{MSY}$” tfisser medda ta’ valuri li jingħataw fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b’mod partikolari dak tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES)***, jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f’dak internazzjonali***, li fiha l-livelli kollha tal-mortalità mis-sajd jagħtu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY) fuq żmien twil ibbażat fuq mudell tas-sajd eżistenti u f’kundizzjonijiet ambjentali medji, mingħajr ma taffettwa b’xi mod sinifikanti l-proċess tar-riproduzzjoni tal-istokk ikkonċernat. Hija ***ġiet determinata*** biex tagħti mhux aktar minn tnaqqis ta’ 5 % rendiment fuq tul ta’ żmien imqabbel mar-rendiment massimu sostenibbli. Din għandha limitu massimu biex il-probabbiltà li l-istokk jinżel għal inqas mill-punt ta’ referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk ($B_{lim}$) ma tkunx iktar minn 5 %. |

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) ***“Il-punt ta’ valur tal-$F_{MSY}$”*** huwa l-valur tal-mortalità mis-sajd stmat li b’mudell tas-sajd partikolari u bil-kundizzjonijiet ambjentali attwali jagħti r-rendiment massimu fuq terminu ta’ żmien twil. | (5) ***“L-$F_{MSY}$”*** huwa l-valur tal-mortalità mis-sajd stmat li b’mudell tas-sajd partikolari u bil-kundizzjonijiet ambjentali attwali jagħti r-rendiment massimu fuq terminu ta’ żmien twil. |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) “$B_{lim}$” tfisser id-daqs tal-punt ta’ referenza tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b’mod partikolari dak tal-ICES, li taħtu tista’ titnaqqas il-kapaċità riproduttiva; | (8) “$B_{lim}$” tfisser id-daqs tal-punt ta’ referenza tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b’mod partikolari dak tal-ICES, ***jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f’dak internazzjonali,*** li taħtu tista’ titnaqqas il-kapaċità riproduttiva; |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) “MSY Btrigger” tfisser il-bijomassa riproduttiva tal-istokk, jew, fil-każ tal-iskampu – il-punt ta’ referenza tal-abbundanza, li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b’mod partikolari dak tal-ICES, li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta’ ġestjoni speċifika u xierqa biex jiġi żgurat li r-rati tal-isfruttament flimkien mal-varjazzjonijiet naturali jirripristinaw l-istokkijiet ’il fuq mil-livelli li jkunu kapaċi jipproduċu l-MSY fuq terminu ta’ żmien twil. | (9) “MSY Btrigger” tfisser il-bijomassa riproduttiva tal-istokk, jew, fil-każ tal-iskampu – il-punt ta’ referenza tal-abbundanza, li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b’mod partikolari dak tal-ICES***, jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f’dak internazzjonali***, li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta’ ġestjoni speċifika u xierqa biex jiġi żgurat li r-rati tal-isfruttament flimkien mal-varjazzjonijiet naturali jirripristinaw l-istokkijiet ’il fuq mil-livelli li jkunu kapaċi jipproduċu l-MSY fuq terminu ta’ żmien twil. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | *(9a)* ***"L-Aqwa parir xjentifiku disponibbli" tirreferi għal parir xjentifiku disponibbli għall-pubbliku li huwa appoġġat mid-dejta u l-metodi xjentifiċi l-aktar aġġornati li nħarġu jew li ġew evalwati minn esperti minn korp xjentifiku internazzjonali indipendenti rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali, bħall-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u l-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), u li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.*** |

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-pjan għandu jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika komuni tas-sajd elenkati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, b'mod partikolari billi jintuża approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd, u għandu jimmira li jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirripristina l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet li jinstadu u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY. | 1. Il-pjan għandu jgħin biex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika komuni tas-sajd elenkati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, b'mod partikolari billi jintuża approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd, u għandu jimmira li jiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jirripristina l-popolazzjonijiet tal-ispeċijiet li jinstadu u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu l-MSY. ***Minbarra li jsegwi s-sostenibbiltà ambjentali, il-pjan għandu jiġi ġestit b'mod konsistenti mal-objettivi ta' ġenerazzjoni ta' benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, filwaqt li jikkontribwixxi għad-disponibbiltà tal-prodotti tal-ikel.***<br><br>***Ir-rata ta' sfruttament tar-rendiment massimu sostenibbli għandha tinkiseb b'mod gradwali għall-istokkijiet kollha, u mhux aktar tard mill-2020, u għandha tinżamm minn hemm 'il quddiem.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-pjan għandu jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tal-iskartar tal-ħut billi kemm jista' jkun jevita u jnaqqas il-qabdiet inċidentali, u jgħin fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 rigward l-ispeċijiet li huma soġġetti għal-limiti tal-qbid u li japplika għalihom dan ir-Regolament. | 2. Il-pjan għandu jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni tal-iskartar tal-ħut billi kemm jista' jkun jevita u jnaqqas il-qabdiet inċidentali, ***inkluż bl-użu ta' rkaptu u tekniki tas-sajd innovattivi u selettivi,*** u jgħin, fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 rigward l-ispeċijiet li huma soġġetti għal-limiti tal-qbid u li japplika għalihom dan ir-Regolament. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Il-pjan għandu jimplimenta metodu ta' ġestjoni tas-sajd li jkun ibbażat fuq l-ekosistema biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar. Għandu jkun jaqbel mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari bl-għan li jikseb status ambjentali tajjeb sal-2020, kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE u fl-għanijiet stabbiliti ***fl-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva*** 2009/147/KE u ***fl-Artikoli 6 u 12 tad-Direttiva*** tal-Kunsill 92/43/KEE. | 3. Il-pjan għandu jimplimenta metodu ta' ġestjoni tas-sajd li jkun ibbażat fuq l-ekosistema biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-impatti negattivi tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistema tal-baħar***, u b'mod partikolari fuq il-ħabitats vulnerabbli u l-ispeċijiet protetti, inklużi l-mammiferi tal-baħar, ir-rettili tal-baħar, l-għasafar tal-baħar, l-ammonti, is-sikek tal-fond u l-ġonna tal-korall jew aggregazzjonijiet ta' sponoż, jiġu minimizzati u preferibbilment jiġu eliminati sabiex jiġi żgurat li s-sajjieda jkomplu jistadu b'mod sostenibbli u selettiv***. Għandu jkun jaqbel mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, b'mod partikolari bl-għan li jikseb status ambjentali tajjeb sal-2020, kif stabbilit fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2008/56/KE u fl-għanijiet stabbiliti ***fid-Direttiva*** 2009/147/KE u ***fid-Direttiva*** tal-Kunsill 92/43/KEE. |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 4 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***jikkontribwixxi*** li ***jinkisbu deskritturi oħrajn rilevanti li jinsabu fl-Anness I tad-Direttiva 2008/56/KE bi proporzjon mal-parti li għandu s-sajd fil-kisba tagħhom***. | (b) ***jiżgura*** li ***l-impatti negattivi tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar jiġu minimizzati, b'mod partikolari fir-rigward ta' ħabitats vulnerabbli u ta' speċijiet protetti, inklużi l-mammiferi tal-baħar u l-għasafar tal-baħar***. |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-miżuri taħt il-pjan jittieħdu bi qbil mal-aħjar parir xjentifiku disponibbli. Fejn ma hemmx biżżejjed dejta, għandu jkun hemm livell komparabbli ta' konservazzjoni għall-istokkijiet rilevanti. | 5. Il-miżuri taħt il-pjan jittieħdu bi qbil mal-aħjar parir xjentifiku disponibbli. ***L-aqwa parir xjentifiku disponibbli għandu jiġi analizzat minn esperti minn korpi xjentifiċi affidabbli u xierqa, bħall-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) jew il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF). Għandu jkun disponibbli għall-pubbliku mhux aktar tard minn meta dawk il-miżuri jiġu proposti mill-Kummissjoni.*** Fejn ma hemmx biżżejjed dejta, għandu jkun hemm livell komparabbli ta' konservazzjoni għall-istokkijiet rilevanti. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dawk il-meded tal-$F_{MSY}$ ibbażati fuq dan il-Pjan għandhom jintalbu mingħand l-ICES. | 2. Dawk il-meded tal-$F_{MSY}$ ibbażati fuq dan il-Pjan għandhom jintalbu mingħand l-ICES***, jew minn korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali***. |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jekk, abbażi tal-parir jew tal-evidenza xjentifiċi ***jkun*** meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 fil-każ tas-sajd imħallat; | (a) jekk, abbażi tal-parir jew tal-evidenza xjentifiċi***, ikun*** meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 fil-każ tas-sajd imħallat ***u/jew tas-sajd ta' speċijiet multipli, b'mod partikolari biex jiġu limitati r-restrizzjonijiet soċjoekonomiċi imposti fuq is-sajd***; |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) biex ikun hemm limitazzjoni fil-varjazzjonijiet fl-opportunitajiet tas-sajd għal mhux inqas minn 20 % minn sena għal sena konsekuttivi. | (c) biex ikun hemm limitazzjoni fil-varjazzjonijiet fl-opportunitajiet tas-sajd għal mhux inqas minn 20 % minn sena għal sena konsekuttivi***, ħlief f'dawk il-każijiet fejn jittaffew sitwazzjonijiet ta' kwoti limitati jew sitwazzjonijiet oħrajn li jipparalizzaw jew jaffettwaw b'mod sinifikanti l-attività ta' xi flotot***. |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Sabiex tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-ġestjoni għal żmien qasir tfixkel l-implimentazzjoni tal-ġestjoni pluriennali u sabiex tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet, għandu jkun possibbli li, fil-qafas ta' dan ir-Regolament, jiġu approvati regoli ta' sfruttament permezz tar-reġjonalizzazzjoni.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dawk l-istokkijiet għandhom jiġu ġestiti skont l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd kif iddefinit fil-punt 8 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 meta ma jkunx hemm biżżejjed informazzjoni xjentifika. | 2. Dawk l-istokkijiet għandhom jiġu ġestiti skont l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd kif iddefinit fil-punt 8 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 meta ma jkunx hemm biżżejjed informazzjoni xjentifika ***u għandhom jiżguraw tal-anqas livell paragunabbli ta' konservazzjoni daqs ir-MSY, kif stabbilit fl-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013***. |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 5 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Bi qbil mal-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-ġestjoni tas-sajd imħallat għall-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament għandha tqis id-diffikultà biex jinstadu l-istokkijiet kollha fil-livell MSY fl-istess ħin, speċjalment f'sitwazzjonijiet meta dan iwassal għall-għeluq qabel il-waqt tas-sajd. | 3. Bi qbil mal-Artikolu 9(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-ġestjoni tas-sajd imħallat ***u/jew ta' speċijiet multipli*** għall-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(4) ta' dan ir-Regolament għandha tqis id-diffikultà biex jinstadu l-istokkijiet kollha fil-livell MSY fl-istess ħin, speċjalment f'sitwazzjonijiet meta dan iwassal għall-għeluq qabel il-waqt tas-sajd. |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-punti ta' referenza għall-konservazzjoni għas-salvagwardja tal-kapaċità ***kollha*** riproduttiva tal-istokkijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(1) li ġejjin se jintalbu mingħand l-ICES ***skont dan il-Pjan***: | Il-punti ta' referenza għall-konservazzjoni għas-salvagwardja tal-kapaċità riproduttiva ***sħiħa*** tal-istokkijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(1) li ġejjin***, abbażi ta' dan il-pjan,*** se jintalbu mingħand l-ICES ***jew mingħand korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali, u bi qbil mad-definizzjoni tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli***: |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta l-parir xjentifiku jindika li għal sena partikolari l-bijomassa riproduttiva, u fil-każ tal-istokkijiet tal-iskampu – l-abbundanza, ta' xi wħud mill-istokkijiet ***imsemmija*** fl-Artikolu 1(1) tkun inqas mil-livell tal-MSY $B_{trigger}$, għandhom jiġu adottati l-miżuri ta' rimedju kollha biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk jew tal-unità funzjonali kkonċernata għal-livelli ogħla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY. B'mod partikolari, permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(3) u (5), l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffissati f'livelli li jkunu konsistenti ma' mortalità mis-sajd li tkun tnaqqset aktar mill-ogħla medda tal-$F_{MSY}$, meta jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa. | 1. Meta l-parir xjentifiku jindika li għal sena partikolari l-bijomassa riproduttiva, u fil-każ tal-istokkijiet tal-iskampu – l-abbundanza, ta' xi wħud mill-istokkijiet ***demersali msemmija*** fl-Artikolu 1(1) tkun inqas mil-livell tal-MSY $B_{trigger}$, għandhom jiġu adottati l-miżuri ta' rimedju kollha biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk jew tal-unità funzjonali kkonċernata għal-livelli ogħla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY. B'mod partikolari, permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(3) u (5), l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ffissati f'livelli li jkunu konsistenti ma' mortalità mis-sajd li tkun tnaqqset aktar mill-ogħla medda tal-$F_{MSY}$, meta jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa. |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta l-parir xjentifiku jindika li l-bijomassa riproduttiva tal-istokk, u fil-każ tal-istokkijiet tal-iskampu – l-abbundanza, ta' xi wħud mill-istokkijiet ***imsemmija*** fl-Artikolu 1(1) tkun inqas mil-livell $B_{lim}$, għandhom jittieħdu aktar miżuri ta' rimedju biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk jew tal-unità funzjonali kkonċernata għal-livelli ogħla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY. B'mod partikolari, dawk il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu, permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(3) u (5), is-sospenzjoni tas-sajd fil-mira għall-istokk jew għall-unità funzjonali kkonċernati u t-tnaqqis xieraq tal-opportunitajiet tas-sajd. | 2. Meta l-parir xjentifiku jindika li l-bijomassa riproduttiva tal-istokk, u fil-każ tal-istokkijiet tal-iskampu – l-abbundanza, ta' xi wħud mill-istokkijiet ***demersali msemmija*** fl-Artikolu 1(1) tkun inqas mil-livell $B_{lim}$, għandhom jittieħdu aktar miżuri ta' rimedju biex jiżguraw ir-ripristinament malajr tal-istokk jew tal-unità funzjonali kkonċernata għal-livelli ogħla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY. B'mod partikolari, dawk il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu, permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(3) u (5), is-sospenzjoni tas-sajd fil-mira għall-istokk jew għall-unità funzjonali kkonċernati u t-tnaqqis xieraq tal-opportunitajiet tas-sajd. |

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati bi qbil mal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament fejn għandu x'jaqsam mal-miżuri tekniċi li ġejjin: | 1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati bi qbil mal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament u mal-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament fejn għandu x'jaqsam mal-miżuri tekniċi li ġejjin ***għas-sajd li jisfrutta l-istokkijiet demersali fl-Ilmijiet tal-Punent***: |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-ispeċifikazzjonijiet tal-karatteristiki tal-irkapti tas-sajd u tar-regoli għall-użu tagħhom biex tiġi żgurata jew titjieb is-selettività, jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali jew jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt negattiv fuq l-ekosistema; | (a) l-ispeċifikazzjonijiet tal-karatteristiki tal-irkapti tas-sajd u tar-regoli għall-użu tagħhom biex tiġi żgurata jew titjieb is-selettività, jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali***, partikolarment tal-ħut żgħir,*** jew jitnaqqas kemm jista' jkun l-impatt negattiv fuq l-ekosistema; |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 3. | 2. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 3 ***u huma applikabbli kemm għas-sajd kummerċjali kif ukoll għal dak rikreattiv***. |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 8a*** <br> ***Projbizzjonijiet spazju-temporali tas-sajd għall-ispnott*** <br> ***1. Is-sajd kummerċjali u s-sajd rikreattiv għall-ispnott huma pprojbiti fl-Ilmijiet tal-Punent u fid-diviżjonijiet tal-ICES 4b u 4c bejn l-1 ta' Frar u t-30 ta' April. Huwa pprojbit li jinżamm abbord, jiġi trażbordat, jiġi rilokat jew jinħatt l-art, kif ukoll li jiġi kkonservat l-ispnott li jinqabad tul il-kosta fiż-żoni msemmija.*** <br> ***2. Huwa pprojbit ukoll li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistadu għall-ispnott fid-diviżjonijiet 7b,7c, 7j u 7k tal-ICES, kif ukoll fl-ilmijiet tad-diviżjonijiet 7a u 7 g tal-ICES li jinstabu iktar 'il bogħod minn 12-il mil nawtiku mil-linji bażi taħt is-sovranità tar-Renju Unit. Għandu jkun ipprojbit li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jżommu abbord, jirrilokaw, jittrażbordaw jew iħottu l-art l-ispnott li jinqabad fiż-żoni msemmija.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-qabda totali permissibbli ***għall-istokkijiet tal-iskampu fl-Ilmijiet tal-Punent*** tista' tkun is-somma tal-limiti tal-qbid tal-unitajiet funzjonali u ***s-somma tal-limiti tal-qbid tar-rettangoli*** statistiċi 'l barra mill-unitajiet funzjonali. | 3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-qabda totali permissibbli ***għal stokk tal-iskampu*** tista' tkun is-somma tal-limiti tal-qbid tal-unitajiet funzjonali u ***r-rettangoli*** statistiċi 'l barra mill-unitajiet funzjonali ***taż-żona definita għal dan l-istokk***. |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Meta l-parir xjentifiku jindika li s-sajd rikreattiv ikollu impatt sinifikanti fuq il-mortalità mis-sajd ta' xi stokk partikolari, il-Kunsill dan għandu jqisu u jista' jillimita s-sajd rikreattiv meta jkun qed jiffissa l-opportunitajiet tas-sajd biex jevita li tinqabeż il-mira totali tal-mortalità mis-sajd.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 9a*** <br><br> ***Sajd rikreattiv*** <br><br> ***1. L-Istati Membri għandhom iqisu l-mortalità mis-sajd rikreattiv meta jallokaw opportunitajiet tas-sajd disponibbli għalihom u li huma msemmija fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, sabiex jiġi evitat li jinqabeż l-objettiv totali fil-mira ta' mortalità mis-sajd.*** <br><br> ***Meta l-pariri xjentifiċi jindikaw li s-sajd rikreattiv ikollu impatt sinifikanti fuq il-mortalità mis-sajd ta' xi stokk imsemmi fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, il-Kunsill jista' jiffissa opportunitajiet individwali tas-sajd li japplikaw b'mod mhux diskriminatorju għas-sajjieda rikreattivi.*** |

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***2. Il-Kunsill jibbaża ruħu fuq kriterji trasparenti u oġġettivi, inklużi dawk ta’ natura ambjentali, soċjali u ekonomika, fl-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd għas-sajd rikreattiv. Il-kriterji użati jistgħu jinkludu l-impatt ambjentali, l-importanza soċjali ta’ din l-attività u l-kontribut tagħha għall-ekonomija tat-territorji kostali.*** |
| | ***3. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa u proporzjonati għall-kontroll u l-ġbir tad-dejta għal stima affidabbli tal-livelli effettivi tal-qabdiet soġġetti għall-paragrafu 1.*** |

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Artikolu 9b*** |
| | ***Immarkar tal-qabdiet tas-sajd rikreattiv*** |
| | ***1. Kampjuni ta’ spnott, bakkaljaw, pollakkju u lingwata maqbuda fiż-żoni tal-istokkijiet korrispondenti msemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom ikunu mmarkati b’referenza meta miżmuma minn sajjied rikreattiv.*** |
| | ***2. Dan l-immarkar għandu jikkonsisti fi qtugħ tal-parti t’isfel jew tal-parti ta’ fuq tad-denb, b’mod madankollu li ma jipprekludix il-kejl tat-tul tal-ħut.*** |
| | ***3. Dan l-immarkar għandu jsir minnufih wara l-qbid u l-qtil, jew fuq ix-xatt, jew inkella wara li jittella’ l-ħut abbord fil-każ ta’ sajd rikreattiv imwettaq minn bastiment. Madankollu, il-kampjuni li jittellgħu abbord bastiment tas-sajd rikreattiv u li jinżammu ħajjin f’kundizzjoni tajba minn qabel ma jiġu rilaxxati m’għandhomx ikunu mmarkati.*** |

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 15 ta’ dan ir-Regolament u skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-istokkijiet kollha tal-ispeċijiet fl-Ilmijiet tal-Punent li japplika għalihom l-obbligu ta’ ħatt l-art skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 1380/2013, biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament billi tispeċifika d-dettalji ta’ dak l-obbligu kif previst fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. | Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 15 ta’ dan ir-Regolament u skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-istokkijiet kollha tal-ispeċijiet ***demersali*** fl-Ilmijiet tal-Punent li japplika għalihom l-obbligu ta’ ħatt l-art skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013***, kif ukoll għall-qbid inċidentali ta’ speċijiet pelaġiċi fis-sajd li jisfrutta l-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) u li għalih japplika l-obbligu ta’ ħatt l-art***, biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament billi tispeċifika d-dettalji ta’ dak l-obbligu kif previst fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 15(5) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-obbligu ta’ ħatt l-art imsemmi fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandux japplika għas-sajd rikreattiv, inkluż f’każijiet fejn il-Kunsill jiffissa opportunitajiet individwali tas-sajd skont l-Artikolu 9a ta’ dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 10a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 10a*** <br> ***Sajd artiġjanali u kostali fir-reġjuni ultraperiferiċi*** <br> ***Dan ir-Regolament għandu jqis ir-restrizzjonijiet relatati mad-daqs tal-bastimenti tas-sajd artiġjanali u kostali użati fir-reġjuni ultraperiferiċi. Il-ħatt l-art ta’ qabdiet inċidentali, sa fejn ma jżidx l-impatt fuq il-bijomassa tal-istokk riproduttiv, għandu għalhekk jiġi permess.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. ***Għal kull waħda miż-żoni*** tal-ICES imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, kull Stat Membru għandu joħroġ l-awtorizzazzjonijiet għas-sajd skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jistadu f'dik iż-żona. ***F'dawn l-awtorizzazzjonijiet għas-sajd, l-Istati Membri jistgħu wkoll jillimitaw il-kapaċità totali espressa f'kW ta' dawn il-bastimenti li jużaw irkaptu speċifiku.*** | 1. ***Għaż-żoni*** tal-ICES imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-Regolament, kull Stat Membru għandu joħroġ l-awtorizzazzjonijiet għas-sajd skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu li jistadu f'dik iż-żona. |

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1a. F'dawn l-awtorizzazzjonijiet għas-sajd imsemmija fl-ewwel paragrafu, l-Istati Membri jistgħu wkoll jillimitaw il-kapaċità totali tal-bastimenti fil-paragrafu msemmi hawn fuq li jużaw irkaptu speċifiku.*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 11 – paragrafu 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***1b. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament u skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 sabiex tistabbilixxi limiti fuq il-kapaċità totali ta' flotot tal-Istati Membri kkonċernati biex tiffaċilita l-ilħiq tal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.*** |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Artikolu 18(1) sa (6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 8 u ***10*** ta' dan ir-Regolament. | 1. L-Artikolu 18(1) sa (6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika għall-miżuri msemmija fl-Artikoli 8***, 10*** u ***11b*** ta' dan ir-Regolament. |

**Emenda 74**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Għall-għan tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fl-Ilmijiet tal-Majjistral u l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fl-Ilmijiet tal-Lbiċ jistgħu jippreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet konġunti skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-ewwel darba mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u minn hemm 'il quddiem tnax-il xahar wara kull preżentazzjoni tal-evalwazzjoni tal-pjan skont l-Artikolu 14. Huma jistgħu wkoll jissottomettu ***tali*** rakkomandazzjonijiet meta ***jqisu li jkunu meħtieġa***, b'mod partikolari fil-każ ta' tibdil ***f'daqqa*** fis-sitwazzjoni għal kwalunkwe ***wieħed*** mill-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament. Ir-rakkomandazzjonijiet konġunti fir-rigward tal-miżuri li jikkonċernaw sena kalendarja partikolari għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju tas-sena preċedenti. | 2. Għall-għan tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fl-Ilmijiet tal-Majjistral u l-Istati Membri li jkollhom interess ta' ġestjoni dirett fl-Ilmijiet tal-Lbiċ jistgħu jippreżentaw ir-rakkomandazzjonijiet konġunti skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għall-ewwel darba mhux aktar tard minn tnax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u minn hemm 'il quddiem tnax-il xahar wara kull preżentazzjoni tal-evalwazzjoni tal-pjan skont l-Artikolu 14. Huma jistgħu wkoll jissottomettu rakkomandazzjonijiet ***ulterjuri*** meta ***jkun meħtieġ***, b'mod partikolari fil-każ ta' tibdil fis-sitwazzjoni għal kwalunkwe mill-istokkijiet li għalihom japplika dan ir-Regolament***, kif ukoll biex jiġi stabbilit pjan li fih miżuri li jimplimentaw approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd fl-Ilmijiet tal-Punent***. Ir-rakkomandazzjonijiet konġunti fir-rigward tal-miżuri li jikkonċernaw sena kalendarja partikolari għandhom jiġu sottomessi sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju tas-sena preċedenti***, jew malajr kemm jista' jkun meta tali rakkomandazzjonijiet konġunti jkollhom l-għan li jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' emerġenza identifikati mill-iktar parir xjentifiku riċenti***. |

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Minkejja l-Artikolu 18(1) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati anki fin-nuqqas ta' rakkomandazzjoni konġunta kif imsemmi f'dawk il-paragrafi.*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 75**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 13a*** |
| | ***Monitoraġġ u informazzjoni minn qabel ta' modifiki għall-parir xjentifiku*** |
| | ***1. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' April ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar l-aħjar pariri xjentifiċi disponibbli li servew ta' bażi għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill b'rabta mal-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd meħuda b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bejn l-1 ta' Frar tas-sena preċedenti u l-31 ta' Jannar tas-sena attwali.*** |
| | ***Għall-istokkijiet u speċijiet tal-ħut kollha kkonċernati, dan ir-rapport isemmi b'mod partikolari l-opportunitajiet tas-sajd iffissati mill-Kunsill skont l-Artikolu 4, l-Artikolu 5, u fejn applikabbli, skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, billi jispeċifika wkoll il-valuri korrispondenti espressi f'mortalità mis-sajd. Dik id-dejta titqabbel mal-pariri xjentifiċi ta' referenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-meded ta' mortalità mis-sajd (MSY*** $F_{lower}$***, FMSY et MSY*** $F_{upper}$ ***u l-korrispondenzi tagħhom f'opportunitajiet tas-sajd) u l-istimi ta' bijomassa tal-istokkijiet li jirriproduċu u l-limiti ta' referenza tal-bijomassa (MSY*** $B_{trigger}$ ***u*** $B_{lim}$***).*** |
| | ***2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, mill-aktar fis possibbli wara li tkun saret taf, u f'kull każ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-Kunsill għad-determinazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd, dwar is-sitwazzjonijiet li għalihom il-valuri l-aktar riċenti tal-FMSY jikkorrispondu għal varjazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd li huma ta' inqas minn 20 % tal-opportunitajiet tas-sajd li tikkorrispondi għall-punt ta' valur tal-FMSY tal-parir xjentifiku li ntuża biex jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-perjodu attwali. Bl-istess mod, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-Kunsill, dwar il-każijiet fejn il-pariri xjentifiċi dwar livelli differenti ta' referenza tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv jiġġustifikaw it-teħid ta' miżuri ta' salvagwardja skont l-Artikolu 7.*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 14 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-evalwazzjoni tal-pjan | L-evalwazzjoni ***u l-implimentazzjoni*** tal-pjan |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 1(1), 8 u 10 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tittawwal b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul, dejjem jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estenzjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu. | 2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 1(1), 8 u 10 ***u 11 (1b),*** għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tittawwal b'mod taċitu għal perjodi tal-istess tul, dejjem jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estenzjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu. |

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 1(1), 8 u 10 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha sseħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ. | 3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 1(1), 8 u 10 ***u 11 (1b),*** tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha sseħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Ma għandha taffettwa l-validità ta' ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ. |

**Emenda 80**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 15 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 1(1), 8 u 10 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx saret oġġezzjoni mingħand il-Parlament Ewropew jew mingħand il-Kunsill qabel ma jintemm perjodu ta' xahrejn wara li tkun saret in-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel tmiem dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex biħsiebhom joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jittawwal b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | 6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 1(1), 8 u 10 ***u 11(1b),*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkunx saret oġġezzjoni mingħand il-Parlament Ewropew jew mingħand il-Kunsill qabel ma jintemm perjodu ta' xahrejn wara li tkun saret in-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel tmiem dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex biħsiebhom joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jittawwal b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 81**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 1**

Ir-Regolament (KE) 2016/1139

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "Il-medda tal-$F_{MSY}$" tfisser medda ta' valuri li jingħataw fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES), li fiha l-livelli kollha tal-mortalità mis-sajd jagħtu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY) fuq żmien twil ibbażat fuq mudell tas-sajd eżistenti u f'kundizzjonijiet ambjentali medji, mingħajr ma taffettwa b'xi mod sinifikanti l-proċess tar-riproduzzjoni tal-istokk ikkonċernat. Hija dderivata biex tagħti mhux aktar minn tnaqqis ta' 5 % rendiment fuq tul ta' żmien imqabbel mar-rendiment massimu sostenibbli. Din għandha limitu massimu biex il-probabbiltà li l-istokk jinżel għal inqas mill-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk ($B_{lim}$) ma tkunx iktar minn 5 %. | (2) "Il-medda tal-$F_{MSY}$" tfisser medda ta' valuri li jingħataw fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES)***, jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali***, li fiha l-livelli kollha tal-mortalità mis-sajd jagħtu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY) fuq żmien twil ibbażat fuq mudell tas-sajd eżistenti u f'kundizzjonijiet ambjentali medji, mingħajr ma taffettwa b'xi mod sinifikanti l-proċess tar-riproduzzjoni tal-istokk ikkonċernat. Hija ***ġiet determinata*** biex tagħti mhux aktar minn tnaqqis ta' 5 % rendiment fuq tul ta' żmien imqabbel mar-rendiment massimu sostenibbli. Din għandha limitu massimu biex il-probabbiltà li l-istokk jinżel għal inqas mill-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk ($B_{lim}$) ma tkunx iktar minn 5 %. |

**Emenda 82**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 1**

Ir-Regolament (KE) 2016/1139

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) "$B_{lim}$" tfisser id-daqs tal-punt ta' referenza tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-ICES, li taħtu tista' titnaqqas il-kapaċità riproduttiva; | (8) "$B_{lim}$" tfisser id-daqs tal-punt ta' referenza tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-ICES, ***jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali,*** li taħtu tista' titnaqqas il-kapaċità riproduttiva; |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 83**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 1**

Ir-Regolament (KE) 2016/1139

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) "MSY $B_{trigger}$" tfisser il-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-ICES, li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa biex jiġi żgurat li r-rati tal-isfruttament flimkien mal-varjazzjonijiet naturali jirripristinaw l-istokkijiet 'il fuq mil-livelli li jkunu kapaċi jipproduċu l-MSY fuq terminu ta' żmien twil; | (9) "MSY $B_{trigger}$" tfisser il-punt ta' referenza tal-bijomassa riproduttiva tal-istokk li jingħata fl-aħjar parir xjentifiku disponibbli, b'mod partikolari dak tal-ICES***, jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali***, li taħtu għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni speċifika u xierqa biex jiġi żgurat li r-rati tal-isfruttament flimkien mal-varjazzjonijiet naturali jirripristinaw l-istokkijiet 'il fuq mil-livelli li jkunu kapaċi jipproduċu l-MSY fuq terminu ta' żmien twil; |

**Emenda 84**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 2**

Ir-Regolament (KE) 2016/1139

Artikolu 4 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dawk il-meded tal-$F_{MSY}$ ibbażati fuq dan il-Pjan għandhom jintalbu mingħand l-ICES. | 2. Dawk il-meded tal-$F_{MSY}$ ibbażati fuq dan il-Pjan għandhom jintalbu mingħand l-ICES***, jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali***. |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 85**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 2**

Ir-Regolament (KE) 2016/1139

Artikolu 4 – paragrafu 5 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) biex ikun hemm limitazzjoni fil-varjazzjonijiet fl-opportunitajiet tas-sajd għal mhux inqas minn 20 % ***minn sena għal sena konsekuttivi***. | (c) biex ikun hemm limitazzjoni fil-varjazzjonijiet fl-opportunitajiet tas-sajd għal mhux inqas minn 20 %***, ħlief f'dawk il-każijiet fejn jittaffew sitwazzjonijiet ta' kwoti limitati jew sitwazzjonijiet oħrajn li jipparalizzaw jew jaffettwaw b'mod sinifikanti l-attività ta' xi flotot***. |

**Emenda 86**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 3**

Ir-Regolament (KE) 2016/1139

Artikolu 4a – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-punti ta' referenza għall-konservazzjoni għas-salvagwardja tal-kapaċità kollha riproduttiva tal-istokkijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(1) li ġejjin se jintalbu mingħand l-ICES skont dan il-Pjan: | Il-punti ta' referenza għall-konservazzjoni għas-salvagwardja tal-kapaċità kollha riproduttiva tal-istokkijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(1) li ġejjin se jintalbu mingħand l-ICES***, jew korp xjentifiku indipendenti simili rikonoxxut fil-livell tal-Unjoni jew f'dak internazzjonali,*** skont dan il-Pjan: |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 17 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**

Ir-Regolament (KE) 2016/1139

Artikolu - 15 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Fil-Kapitolu IX, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***"Artikolu - 15*** |
| | ***Monitoraġġ u informazzjoni minn qabel tal-emendi tal-parir xjentifiku*** |
| | ***1. Sal-1 ta' April ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew dwar l-aħjar pariri disponibbli xjentifiċi li servew ta' referenza għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill b'rabta mal-iffissar tal-opportunitajiet tas-sajd meħuda b'applikazzjoni ta' dan ir-Regolament bejn l-1 ta' Frar tas-sena preċedenti u l-31 ta' Jannar tas-sena attwali.*** |
| | ***Għall-istokkijiet u speċijiet tal-ħut kollha kkonċernati, dan ir-rapport isemmi b'mod partikolari l-opportunitajiet tas-sajd iffissati mill-Kunsill skont l-Artikolu 4, l-Artikolu 5, u fejn applikabbli, skont l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament, billi jispeċifika wkoll il-valuri korrispondenti espressi f'mortalità mis-sajd. Dik id-dejta titqabbel mal-pariri xjentifiċi ta' referenza f'dak li għandu x'jaqsam mal-meded ta' mortalità mis-sajd (MSY $F_{lower}$, FMSY et MSY $F_{upper}$ u l-korrispondenzi tagħhom f'opportunitajiet tas-sajd) u l-istimi ta' bijomassa tal-istokkijiet li jirriproduċu u l-limiti ta' referenza tal-bijomassa (MSY $B_{trigger}$ u $B_{lim}$).*** |
| | ***2. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, mill-aktar fis possibbli wara li tkun saret taf, u f'kull każ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-Kunsill għall-iffissar ta' opportunitajiet tas-sajd, dwar is-sitwazzjonijiet li għalihom il-valuri xjentifiċi l-aktar reċenti tal-FMSY jikkorrispondu għal varjazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd li huma ta' inqas minn 20 % tal-opportunitajiet tas-sajd li tikkorrispondi għall-valur FMSY tal-parir xjentifiku li ntuża biex jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-perjodu attwali. Bl-istess mod, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-Kunsill, dwar il-każijiet fejn il-pariri xjentifiċi dwar livelli differenti ta' referenza tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv li jiġġustifikaw it-teħid ta' miżuri ta' salvagwardja skont l-Artikolu 7.";*** |

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0426

## Il-post tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fir-rigward tal-post tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea (COM(2017)0734 – C8-0420/2017 – 2017/0326(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2020/C 345/52)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0734),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0420/2017),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 295 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, li jissottolinjaw l-impenn favur kooperazzjoni leali u trasparenti tul iċ-ċiklu leġiżlattiv kollu u l-ugwaljanza taż-żewġ koleġiżlaturi;

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati, tad-19 ta' Lulju 2012,

— wara li kkunsidra l-proċedura li wasslet għal deċiżjoni dwar ir-rilokazzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini u l-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) (EBA) fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, approvata fil-marġini tal-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 50 TUE) fit-22 ta' Ġunju 2017;

— wara li kkonsulta mal-Bank Ċentrali Ewropew;

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-17 ta' Jannar 2018 ([1]),

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-17 ta' Ottubru 2018 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A8-0153/2018),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kunsill mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob rieżami immedjat tal-Approċċ Komuni anness mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati, tad-19 ta' Lulju 2012, sabiex jitqies ir-rwol tal-Parlament fil-proċess deċiżjonali dwar is-sede tal-aġenziji fid-dawl tal-prerogattivi tiegħu bħala koleġiżlatur fl-ambitu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja u jitlob, għalhekk, li l-Parlament ikun involut mill-qrib f'dak il-proċess deċiżjonali;

([1]) ĠU C 197, 8.6.2018, p. 72

4. Ifakkar fil-kriterji definiti mill-Kummissjoni u approvati mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern tal-UE27 fil-Kunsill Ewropew (fil-format tal-Artikolu 50 tat-TUE) fit-22 ta' Ġunju 2017 għar-rilokazzjoni tal-aġenziji tal-Unjoni minn Londra fil-kuntest tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, jiġifieri: i. l-assikurazzjoni li l-aġenzija tista' tiġi stabbilita fuq il-post u tibda b'ħidmietha fid-data tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni; ii. l-aċċessibbiltà tas-sit; iii. l-eżistenza ta' faċilitajiet ta' edukazzjoni adegwati għat-tfal tal-persunal tal-aġenzija; iv. aċċess adatt għas-suq tax-xogħol, is-sigurtà soċjali u l-kura medika kemm għat-tfal kif ukoll għall-konjuġi; v. il-kontinwità tal-operat; vi. il-firxa ġeografika;

5. Jiddispjaċih li l-Parlament ma kienx involut fid-definizzjoni u l-ponderazzjoni tal-kriterji biex jintgħażel il-post tas-sede tal-EBA minkejja l-prerogattivi tal-Parlament, li jipprevedu li l-Parlament u l-Kunsill ikunu koleġiżlaturi fuq bażi ugwali fir-rigward tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 ([1]) li jistabbilixxi l-EBA u jiddefinixxi s-sede tagħha;

6. Ifakkar li d-deċiżjoni tal-2010 dwar is-sede tal-EBA, flimkien mad-deċiżjoni dwar is-sede tal-EIOPA u l-ESMA, ġiet konkluża skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja wara proċedura ta' trilogu kompluta; josserva li s-sede tal-aġenzija l-oħra li trid tiġi ttrasferita minn Londra ġiet deċiża permezz ta' ftehim komuni bejn ir-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, li ltaqgħu fil-livell ta' Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern; jirrimarka l-fatt li l-Kunsill (fil-format tal-Artikolu 50 tat-TUE) għażel is-sede l-ġdida tal-EBA abbażi tad-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-aġenziji deċentralizzati tad-19 ta' Lulju 2012, li hija ta' livell ġuridiku aktar baxx meta mqabbla mar-Regolament (UE) Nru 1093/2010;

7. Jiddeplora n-nuqqas ta' trasparenza u responsabbiltà li kkaratterizza l-proċedura tal-votazzjoni fil-Kunsill fl-20 ta' Novembru 2017, meta d-deċiżjonijiet finali spiċċaw ittieħdu bil-polza; jirrimarka l-fatt li bħalissa l-aġenziji huma parzjalment iffinanzjati mill-baġit tal-Unjoni u li anke l-ispejjeż tar-rilokazzjoni, li qegħdin jiġu nnegozjati bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit, jistgħu parzjalment ikollhom jitħallsu mill-baġit tal-Unjoni; jenfasizza, għaldaqstant, il-ħtieġa ta' responsabbiltà demokratika u proċess deċiżjonali trasparenti u komprensibbli fl-interess taċ-ċittadini Ewropej; jitlob aktar dettalji dwar il-ponderazzjoni tal-kriterji applikati mill-Kunsill fil-proċedura tal-għażla tas-sede tal-EBA;

8. Jemmen li l-Parlament għandu jkun involut sistematikament u fuq l-istess livell mal-Kummissjoni u l-Kunsill fid-definizzjoni u l-ponderazzjoni tal-kriterji fl-għażla tas-sede tal-korpi u l-aġenziji kollha tal-Unjoni; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iniedu reviżjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta tad-19 ta' Lulju 2012 dwar l-aġenziji deċentralizzati, bil-ħsieb li jkun żgurat l-involviment qawwi tal-Parlament filwaqt li jiġu rispettati b'mod partikolari s-setgħat ta' kodeċiżjoni tiegħu;

9. Jenfasizza d-diversi kompiti u oqsma ta' kompetenza tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, jiġifieri l-EBA, l-EIOPA u l-ESMA; ifakkar id-deċiżjoni intenzjonali tal-koleġiżlaturi li joħolqu tliet awtoritajiet b'kompiti u oqsma ta' kompetenza separati, waħda għas-settur bankarju, waħda għas-settur tat-titoli u waħda għas-settur tal-assigurazzjoni u l-pensjonijiet; jesiġi li din is-separazzjoni tibqa' tiġi riflessa fil-kompetenzi regolatorji u superviżorji u fil-governanza, l-organizzazzjoni u l-finanzjament prinċipali tal-attivitajiet tal-aġenziji, irrispettivament minn fejn tkun is-sede tagħhom, filwaqt li jitħalla lok għall-kondiviżjoni, jekk ikun il-każ, ta' servizzi ta' appoġġ amministrattiv u ta' ġestjoni tal-faċilitajiet li mhumiex relatati mal-attivitajiet ewlenin, u jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iħarsu l-istruttura attwali tat-tliet awtoritajiet matul u wara r-rilokazzjoni tal-EBA; jitlob aġġornament regolari min-naħa tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward, b'mod partikolari waqt il-proċedura leġiżlattiva li għaddejja dwar ir-rieżami tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (COM(2017)0536); ifakkar li l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 huwa parti mill-proċedura leġiżlattiva ta' rieżami tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (COM(2017)0536);

10. Jissottolinja li r-rilokazzjoni u l-bini l-ġdid jeħtieġ ikunu lesti fid-data li fiha jidħol fis-seħħ il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea;

11. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P8_TC1-COD(2017)0326

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (EU) Nru 1093/2010 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fir-rigward tal-post tas-sede tal-Awtorità Bankarja Ewropea**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, Regolament (UE) 2018/1717.)*

---

**Il-Ħamis 25 ta’ Ottubru 2018**

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠISLATTIVA

**Dikjarazzjoni tal-Kunsill EBA/EMA**

Waqt li jfakkar l-impenn tal-PE, il-Kunsill u l-Kummissjoni għal kooperazzjoni sinċiera u trasparenti, u fid-dawl tal-proċess segwit għar-rilokazzjoni tal-EMA u l-EBA, li kien speċifiku għas-sitwazzjoni u ma jikkostitwixxix preċedent għas-sede ta’ aġenziji fil-futur,

Filwaqt li jfakkar fit-Trattati, il-Kunsill jirrikonoxxi l-valur ta’ skambju ta’ informazzjoni msaħħaħ mill-istadji inizjali ta’ proċessi futuri għas-sede ta’ aġenziji.

Tali skambju ta’ informazzjoni bikri jagħmilha eħfef għat-tliet Istituzzjonijiet biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont it-Trattati permezz ta’ proċeduri relatati.

Il-Kunsill jieħu nota tat-talba mill-PE li tiġi riveduta, mill-aktar fis possibbli, id-Dikjarazzjoni Konġunta u l-Approċċ Komuni dwar Aġenziji deċentralizzati tal-2012. Bħala l-ewwel pass, huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi, sa April 2019, analiżi fil-fond dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta u l-Approċċ Komuni fir-rigward tas-sede ta’ Aġenziji deċentralizzati. Din l-analiżi għandha sservi bħala bażi biex tiġi vvalutata t-triq ’il quddiem fl-involviment mal-proċess ta’ reviżjoni bħal din.

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

P8_TA(2018)0427

## Il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ***I

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (COM(2017)0735 – C8-0421/2017 – 2017/0328(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2020/C 345/53)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2017)0735),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 114 u 168(4)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0421/2017),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-17 ta' Ottubru 2018 li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A8-0063/2018),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt ([1]);

2. Jikkundanna d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati, tad-19 ta' Lulju 2012, u l-Approċċ Komuni mehmuż magħha, u jappella biex il-Parlament Ewropew ikun involut mill-qrib fil-proċess deċiżjonali dwar is-sede u r-rilokazzjoni tal-aġenziji u l-korpi fid-dawl tal-prerogattivi tiegħu bħala koleġiżlatur skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja;

3. Japprova d-dikkjarazzjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

4. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kunsill mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

5. Jiddispjaċih li l-Parlament Ewropew u, fl-aħħar mill-aħħar, ir-rappreżentanti taċ-ċittadini tal-Unjoni, ma kinux involuti bis-sħiħ fil-proċedura tal-għażla tas-sede l-ġdida tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), li finalment ittellgħet bix-xorti, minkejja l-importanza tad-deċiżjoni; deċiżjonijiet relatati mas-sede tal-korpi u l-aġenziji jeħtieġ u, legalment, iridu jittieħdu b'rispett sħiħ tal-prerogattivi tal-Parlament Ewropew skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li tqiegħed lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq l-istess livell bħala koleġiżlaturi;

6. Jiddeplora d-Deċiżjoni tal-Kunsill li twassal biex tkompli tikber l-isproporzjonalità ġeografika, hekk kif 9 biss mis-37 aġenzija deċentralizzata tal-UE għandhom is-sede tagħhom fl-Istati Membri l-ġodda, għall-kuntrarju tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew Nru 5381/04 u Nru 11018/1/08 li t-tnejn jagħtu prijorità lill-Istati Membri l-ġodda;

7. Jistieden lill-awtoritajiet baġitarji u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-ispejjeż relatati mal-bidla fis-sede tal-EMA jkoprihom kompletament il-pajjiż ospitanti attwali; jirrimarka li xi wħud mill-ispejjeż tar-rilokazzjoni mis-sede attwali se jkollhom jiġu ffinanzjati minn qabel mill-baġit tal-Unjoni, qabel is-saldu finanzjarju mal-pajjiż ospitanti attwali;

([1]) Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fil-15 ta' Marzu 2018 (Testi adottati, P8_TA(2018)0086).

8. Jistieden lill-awtoritajiet baġitarji u lill-Kummissjoni jiżguraw li l-ispejjeż addizzjonali relatati mat-trasferiment doppju tas-sede tal-EMA – l-ewwel lejn post temporanju, u mbagħad lejn il-Binja Vivaldi – ikoprihom kompletament il-gvern Netherlandiż u għalhekk ma jaffettwawx b'mod negattiv il-baġit ġenerali tal-Unjoni;

9. Jistieden lill-awtoritajiet baġitarji u lill-Kummissjoni jiżguraw li dan it-trasferiment doppju ma jipperikolax il-ħtiġijiet operattivi normali tal-EMA u jiggarantixxi l-kontinwità tal-operat u l-funzjonament bla xkiel tal-EMA, mingħajr interruzzjonijiet, lil hinn minn Marzu 2019;

10. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

## P8_TC1-COD(2017)0328

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-25 ta' Ottubru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 dwar il-post tas-sede tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, Regolament (UE) 2018/1718.)*

**Il-Ħamis 25 ta' Ottubru 2018**

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠISLATTIVA

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew**

Il-Parlament Ewropew jiddispjaċih li r-rwol tiegħu ta' koleġiżlatur ma ġiex ikkunsidrat peress li ma ġiex involut fil-proċedura li twassal għall-għażla tas-sede l-ġdida tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini.

Il-Parlament Ewropew jixtieq ifakkar il-prerogattivi tiegħu bħala koleġiżlatur u jinsisti fuq ir-rispett sħiħ tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja f'dak li għandu x'jaqsam mal-għażla tas-sede tal-korpi u l-aġenziji.

Bħala l-unika istituzzjoni tal-Unjoni li tiġi eletta direttament u tirrappreżenta ċ-ċittadini tal-Unjoni, il-Parlament Ewropew huwa l-ewwel garanti tar-rispett tal-prinċipju demokratiku fl-Unjoni.

Il-Parlament Ewropew jikkundanna l-proċedura segwita għall-għażla tal-post il-ġdid tas-sede, li de facto ċaħħdet lill-Parlament Ewropew mill-prerogattivi tiegħu peress li ma ġiex involut effettivament fil-proċess, iżda issa qed jiġi mistenni sempliċement jikkonferma l-għażla magħmula għall-post il-ġdid tas-sede permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Il-Parlament Ewropew ifakkar li l-Approċċ Komuni mehmuż mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-aġenziji deċentralizzati, iffirmata fl-2012, mhuwiex vinkolanti – kif rikonoxxut fid-Dikjarazzjoni nfisha – u li l-qbil intlaħaq mingħajr preġudizzju għas-setgħat leġiżlattivi tal-istituzzjonijiet.

Għalhekk, il-Parlament Ewropew jinsisti li l-proċedura segwita għall-għażla tas-sede l-ġdida tal-aġenziji tiġi riveduta u ma tibqax tintuża f'din il-forma fil-futur.

Fl-aħħar nett, il-Parlament Ewropew jixtieq ifakkar ukoll li fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 ([1]), it-tliet istituzzjonijiet impenjaw ruħhom favur kooperazzjoni leali u trasparenti filwaqt li fakkru fl-ugwaljanza taż-żewġ koleġiżlaturi kif minquxa fit-Trattati.

**Abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kunsill EBA/EMA**

Waqt li jfakkar l-impenn tal-PE, il-Kunsill u l-Kummissjoni għal kooperazzjoni sinċiera u trasparenti, u fid-dawl tal-proċess segwit għar-rilokazzjoni tal-EMA u l-EBA, li kien speċifiku għas-sitwazzjoni u ma jikkostitwixxix preċedent għas-sede ta' aġenziji fil-futur,

Filwaqt li jfakkar fit-Trattati, il-Kunsill jirrikonoxxi l-valur ta' skambju ta' informazzjoni msaħħaħ mill-istadji inizjali ta' proċessi futuri għas-sede ta' aġenziji.

Tali skambju ta' informazzjoni bikri jagħmilha eħfef għat-tliet Istituzzjonijiet biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom skont it-Trattati permezz ta' proċeduri relatati.

Il-Kunsill jieħu nota tat-talba mill-PE biex tiġi riveduta, mill-aktar fis possibbli, id-Dikjarazzjoni Konġunta u l-Approċċ Komuni dwar Aġenziji deċentralizzati tal-2012. Bħala l-ewwel pass, huwa jistieden lill-Kummissjoni biex tipprovdi, sa April 2019, analiżi fil-fond dwar l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta u l-Approċċ Komuni fir-rigward tas-sede ta' Aġenziji deċentralizzati. Din l-analiżi għandha sservi bħala bażi biex tiġi vvalutata t-triq 'il quddiem fl-involviment mal-proċess ta' reviżjoni bħal din.

([1]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea
L-2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT